**Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument**

►B

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1321/2014

**tas-26 ta' Novembru 2014**

**dwar il-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiċi, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol**

**(Riformulazzjoni)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(ĠU L 362, 17.12.2014, p. 1)

Emendat minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1088 tat-3 ta' Lulju 2015 | L 176 | 4 | 7.7.2015 |
| ►M2 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1536 tas-16 ta' Settembru 2015 | L 241 | 16 | 17.9.2015 |
| ►M3 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/334 tas-27 ta' Frar 2017 | L 50 | 13 | 28.2.2017 |
| ►M4 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/750 tat-22 ta' Mejju 2018 | L 126 | 1 | 23.5.2018 |
| ►M5 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/1142 tal-14 ta' Awwissu 2018 | L 207 | 2 | 16.8.2018 |
| ►M6 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1383 tat-8 ta' Lulju 2019 | L 228 | 1 | 4.9.2019 |
| ►M7 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1384 tal-24 ta' Lulju 2019 | L 228 | 106 | 4.9.2019 |
| ►M8 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/270 tal-25 ta' Frar 2020 | L 56 | 20 | 27.2.2020 |
| ►M9 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1159 5 ta' Awwissu 2020. | L 257 | 14 | 6.8.2020 |
| ►M10 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/685 tat-22 ta' April 2021 | L 143 | 6 | 27.4.2021 |
| ►M11 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/700 tas-26 ta' Marzu 2021 | L 145 | 20 | 28.4.2021 |
| ►M12 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1963 tat-8 ta' Novembru 2021 | L 400 | 18 | 12.11.2021 |
| ►M13 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/410 tal-10 ta' Marzu 2022 | L 84 | 20 | 11.3.2022 |

Ikkoreġut minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 318, 4.12.2015, p. 73 (1321/2014)

►C2 Emendi, Ġ.U. L 230, 6.9.2019, p. 7 (2019/1383)

▼B

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1321/2014**

**tas-26 ta' Novembru 2014**

**dwar il-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiċi, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol**

**(Riformulazzjoni)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

▼M2

*Artikolu 1*

**Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi komuni u l-proċeduri amministrattivi li jiżguraw:

(a) il-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru, inkluż kull komponent li jiġi installat fuq l-inġenju, li huwa:

(i) irreġistrat fi Stat Membru, sakemm is-sorveljanza tas-sikurezza regolatorja tiegħu tkun ġiet iddelegata lil pajjiż terz u ma jintużax minn operatur ieħor tal-UE; jew

(ii) irreġistrat f'pajjiż terz u użat minn operatur tal-UE, fejn is-sorveljanza tas-sikurezza regolatorja ma tkunx ġiet iddelegata lil Stat Membru;

(b) il-konformità mar-rekwiżiti essenzjali stipulati fir-Regolament (KE) Nru 216/2008 għall-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà ta' inġenji tal-ajru reġistrati f'pajjiż terz u ta' komponenti li jiġu installati fuqhom, li s-sorveljanza tas-sikurezza regolatorja tagħhom ma tkunx ġiet iddelegata lil Stat Membru, li jinkrew mingħajr ekwipaġġ minn trasportatur tal-ajru li ngħata liċenzja skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

▼B

*Artikolu 2*

**Tifsiriet**

Fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (EC) Nru 216/2008 għandhom jgħoddu t-tifsiriet li ġejjin:

(a) "inġenju tal-ajru" tfisser kull makkinarju li jista' jikseb sostenn fl-atmosfera mir-reazzjonijiet tal-arja ħlief reazzjonijiet tal-arja kontra il-wiċċ tal-art;

(b) "persunal li jiċċertifika" tfisser persunal responsabbli għar-rilaxx ta' inġenju tal-ajru jew ta' komponent wara l-manutenzjoni;

(c) "komponent" tfisser kull magna, skrejjen, parti jew tagħmir;

---

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità (ĠU L 293, 31.10.2008, p. 3).

▼B

(d) "kontinwità tal-ajrunavigabbiltà" tfisser il-proċessi kollha li jiżguraw li, f'kull ħin tal-ħajja operattiva tiegħu, inġenju tal-ajru josserva r-rekwiżiti dwar l-ajrunavigabbiltà li jkunu fis-seħħ u jkun f'kondizzjoni ta' operazzjoni mingħajr periklu;

(e) "JAA" tfisser "l-Awtoritajiet Konġunti dwar l-Avjazzjoni";

(f) "JAR" tfisser "ir-Rekwiżiti Konġunti dwar l-Avjazzjoni";

▼M2

(g) "operazzjoni tat-trasport kummerċjali bl-ajru (CAT)" tfisser operazzjoni li ssir b'inġenju tal-ajru sabiex jiġu ttrasportati l-passiġġieri, il-merkanzija jew il-posta bi ħlas jew kumpens ieħor ta' valur;

▼B

(h) "manutenzjoni" tfisser waħda minn dawn li ġejjin jew kombinament tagħhom: l-eżami bir-reqqa, it-tiswija, l-ispezzjoni, is-sostituzzjoni, l-modifika jew ir-rettifika ta' difett ta' inġenju tal-ajru jew komponent, ħlief l-ispezzjoni ta' qabel titjira;

(i) "organizzazzjoni" tfisser persuna fiżika, persuna legali jew parti minn persuna legali. Organizzazzjoni bħal din tista' tkun stabbilita f'aktar minn sit wieħed kemm jekk dan ikun jew ma jkunx fit-territorju tal-Istati Membri;

(j) "spezzjoni ta' qabel titjira" tfisser l-ispezzjoni li ssir qabel it-titjira biex tiżgura li l-inġenju tal-ajru hu kapaċi jagħmel it-titjira maħsuba;

(k) "inġenju tal-ajru ELA1" ifisser l-Inġenji tal-Ajru Ħfief Ewropej bl-ekwipaġġ li ġejjin:

(i) ajruplan bil-mutur b'Massa Massima għat-Tluq (Maximum Take-off Mass — MTOM) ta' 1 200 kg jew inqas li mhuwiex ikklassifikat bħala inġenju tal-ajru kumpless li jaħdem b'mutur;

(ii) glider jew glider bil-mutur b'MTOM ta' 1 200 kg jew anqas;

(iii) ballun b'volum massimu ta' disinn ta' gass għall-irfigħ jew ta' arja sħuna ta' mhux aktar minn 3 400 $m^3$ għal blalen tal-arja sħuna, 1 050 $m^3$ għal blalen tal-gass, 300 $m^3$ għal blalen tal-gass marbutin;

(iv) ġifen tal-ajru maħsub għal mhux aktar minn erba' persuni u b'volum massimu ta' disinn ta' gass għall-irfigħ jew ta' arja sħuna ta' mhux aktar minn 3 400 $m^3$ għal ġifen tal-arja sħuna u 1 000 $m^3$ għal ġifen tal-gass.

▼M1

(ka) "inġenji tal-ajru tat-tip ELA2" tfisser l-inġenji tal-ajru "European Light Aircraft" bl-ekwipaġġi:

(i) ajruplan b'Massa Massima ta' Tluq (take-off) (MTOM) ta' 2 000 kg jew inqas li mhuwiex ikklassifikat bħala inġenju tal-ajru kumpless li jaħdem bil-magni;

(ii) glajder jew glajder bil-mutur b'MTOM ta' 2 000 kg jew inqas;

▼M1

(iii) ballun tal-arja;

(iv) ġifen tal-ajru li jaħdem b'arja sħuna;

(v) ġifen tal-ajru li jaħdem bil-gass li jikkonforma mal-karatteristiċi kollha li ġejjin:

— toqol statiku massimu ta' 3 %,

— forza propulsiva mhix diriġuta (għajr fid-direzzjoni opposta),

— disinn konvenzjonali u sempliċi tal-istruttura, tas-sistema ta' kontroll u tas-sistema "ballonet", u

— kontrolli li ma jaħdmux bil-qawwa;

(vi) Inġenju tal-ajru li jaħdem bir-rotors (Very Light Rotorcraft);

▼B

(l) "Inġenju tal-ajru LSA" (jiġifieri "Ajruplan Ħafif tal-Isports") li għandu dawn il-karatteristiċi kollha:

(i) Massa tat-Tluq Massima (MTOM) ta' mhux aktar minn 600 kg;

(ii) veloċità massima tat-twaqqif tal-magna fil-konfigurazzjoni tal-inżul (VS0) ta' mhux aktar minn 45 knot fil-Veloċità fl-Ajru Kalibrata (CAS) għall-massa tat-tluq massima ċċertifikata u għaċ-ċentru tal-gravità l-aktar kruċjali tal-inġenju tal-ajru;

(iii) kapaċità massima ta' postijiet għal mhux aktar minn żewġ persuni, inkluż il-pilota;

(iv) magna waħda, mingħajr turbina, mgħammra bi skrun;

(v) kabina mhux taħt pressjoni.

(m) "post ewlieni tan-negozju" tfisser is-sede ewlenija jew l-uffiċju rreġistrat tal-impriża li fih jitwettqu l-funzjonijiet finanzjarji ewlenin u l-kontroll operattiv tal-attivitajiet imsemmija f'dan ir-Regolament;

▼M2

(n) "kompitu ta' manutenzjoni kritika" tfisser kompitu ta' manutenzjoni li jinvolvi l-assemblaġġ jew kull disturb ta' sistema jew ta' xi parti fuq inġenju tal-ajru, magna jew skrun li, jekk iseħħ żball waqt l-esekuzzjoni tiegħu, jista' jipperikola b'mod dirett is-sikurezza tat-titjira;

(o) "operazzjonijiet kummerċjali speċjalizzati" tfisser dawk l-operazzjonijiet suġġetti għar-rekwiżiti tal-Parti-ORO, is-Subparti-SPO stabbilita fl-Anness III tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 ([1]);

(p) "operazzjonijiet limitati" tfisser l-operazzjonijiet tal-inġenji tal-ajru ħlief inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-magni għal:

(i) titjiriet bl-ispejjeż maqsumin minn individwi privati, bil-kundizzjoni li l-ispiża diretta tinqasam bejn l-okkupanti kollha tal-inġenju tal-ajru, inkluż il-bdot u li n-numru ta' persuni li qed jaqsmu l-ispejjeż diretti huwa limitat għal sitta;

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. (ĠU L 296, 25.10.2012, p. 1).

▼M2

(ii) titjiriet ta' kompetizzjoni jew wirjiet tat-titjir, bil-kundizzjoni li r-remunerazzjoni jew kwalunkwe kumpens ta' valur mogħtija għat-tali titjiriet ikun limitat għall-irkupru tal-ispejjeż diretti u kontribuzzjoni proporzjonata għall-ispejjeż annwali, kif ukoll premji ta' mhux iktar minn valur speċifikat mill-awtorità kompetenti.

(iii) titjiriet introduttorji, qbiż bil-paraxut, irmunkar ta' glajders jew titjiriet ajrubatiċi mwettqa jew minn organizzazzjoni tat-taħriġ bis-sede prinċipali tagħha fi Stat Membru u approvata skont ir-Regolament (UE) Nru 1178/2011 ([1]), jew minn organizzazzjoni maħluqa bil-għan li tippromwovi sport tal-ajru jew avjazzjoni ta' divertiment, bil-kundizzjoni li l-inġenju tal-ajru jkun operat mill-organizzazzjoni fuq il-bażi ta' sjieda jew kiri mingħajr ekwipaġġ, li t-titjira ma tiġġenerax profitti mqassmin barra l-organizzazzjoni, u li kull meta jkunu involuti persuni li mhumiex membri tal-organizzazzjoni, it-tali titjiriet jirrappreżentaw biss attività marġinali tal-organizzazzjoni;

Għall-fini ta' dan ir-Regolament, "operazzjonijiet limitati" mhumiex meqjusa bħala operazzjonijiet CAT jew operazzjonijiet kummerċjali speċjalizzati;

(q) "titjira introduttorja" tfisser "titjira introduttorja" kif definit fl-Artikolu 2(9) tar-Regolament (UE) Nru 965/2012;

(r) "titjira ta' kompetizzjoni" tfisser "titjira ta' kompetizzjoni" kif definit fl-Artikolu 2(10) tar- Regolament (UE) Nru 965/2012;

(s) "wirja tat-titjir" tfisser "wirja tat-titjir" kif definit fl-Artikolu 2(11) tar-Regolament (UE) Nru 965/2012;

▼M13

(t) "armonizzazzjoni tas-sistema ta' ġestjoni" tfisser il-proċess ikkoordinat li bih is-sistemi ta' ġestjoni ta' żewġ organizzazzjonijiet jew aktar jinteraġixxu u jikkondividu informazzjoni u metodi biex jilħqu objettivi komuni jew konsistenti ta' monitoraġġ tas-sikurezza u l-konformità.

▼M6

▼C2

*Artikolu 3*

**Rekwiżiti tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà**

1. Il-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenji tal-ajru msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 1 u l-komponenti għall-installazzjoni fuqhom għandha tiġi żgurata skont ir-rekwiżiti tal-Anness I (Parti-M), ħlief għal inġenji tal-ajru elenkati fl-ewwel sottoparagrafu tal-paragrafu 2 li għalih għandhom japplikaw ir-rekwiżiti tal-Anness Vb (Parti-ML).

2. Ir-rekwiżiti tal-Anness Vb (Parti-ML) għandhom japplikaw għall-inġenji tal-ajru li ġejjin ħlief inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-magni:

(a) ajruplani b'massa massima waqt it-tlugħ ta' 2 730 kg jew anqas;

(b) inġenji tal-ajru kbar li jaħdmu bir-rotors b'massa massima waqt it-tlugħ ta' 1 200 kg jew anqas, iċċertifikati għal massimu ta' 4 okkupanti;

(c) inġenji tal-ajru oħra ELA2.

---

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011 tat-3 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-ekwipaġġi tal-ajruplani tal-avjazzjoni ċivili skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 311, 25.11.2011, p. 1).

▼C2

Meta l-inġenju tal-ajru msemmi fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel sotto-paragrafu jkun elenkat fiċ-ċertifikat tal-operatur tal-ajru ta' operatur tal-ajru li ngħata l-liċenzja skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti tal-Anness I (Parti-M).

3. Biex jiġu elenkat fiċ-ċertifikat tal-operatur tal-ajru ta' operatur tal-ajru li ngħata l-liċenzja skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008, l-inġenju tal-ajru msemmi fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel sottopara-grafu tal-paragrafu 2 għandu jkun konformi mar-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) il-programm ta' manutenzjoni tal-inġenju tal-ajru tiegħu jkun ġie approvat mill-awtorità kompetenti skont il-punt M.A.302 tal-Anness I (Parti-M);

(b) il-manutenzjoni li għandha ssir u li hi meħtieġa mill-programm ta' manutenzjoni msemmi fil-punt (a) twettqet u ġiet iċċertifikata skont il-punti 145.A.48 u 145.A.50 tal-Anness II (Parti-145);

(c) saret reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà u nħareġ ċertifikat ġdid tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà skont il-punt M.A.901 tal-Anness I (Parti-M).

4. B'deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenji tal-ajru msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 1, li għalihom ikun inħareġ permess għat-titjir, għandha tiġi żgurata abbażi tal-arranġamenti speċifiċi tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà kif iddefinit fil-permess għat-titjir maħruġ skont l-Anness I (Parti-21) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2012 ([1]).

▼M11

5. Il-programmi ta’ manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru għall-inġenji tal-ajru msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 1 li jikkonformaw mar-rekwiżiti speċifikati fil-punt M.A.302 tal-Anness I (Parti-M) applikabbli qabel l-24 ta’ Marzu 2020 għandhom jitqiesu konformi mar-rekwiżiti speċifikati fil-punt M.A.302 tal-Anness I (Parti-M) jew fil-punt ML.A.302 tal-Anness Vb (Parti-ML), skont kif applikabbli, f’konformità mal-paragrafi 1 u 2.

▼C2

6. L-operaturi għandhom jiżguraw il-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenji tal-ajru msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 1 u l-komponenti għall-installazzjoni fuqhom skont ir-rekwiżiti tal-Anness Va (Parti-T).

7. Il-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà ta' ajruplani b'massa ċċertifikata massima waqt it-tlugħ ta' 5 700 kg jew anqas li huma mgħammra b'magni turboprop multipli għandha tiġi żgurata skont ir-rekwiżiti appli-kabbli għal inġenji tal-ajru ħlief inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-magni kif stipulat fil-punti M.A.201, M.A.301, M.A.302, M.A.601 u M.A.803 tal-Anness I (Parti-M), il-punt 145.A.30 tal-Anness II (Parti-145), il-punti 66.A.5, 66.A.30, 66.A.70, l-Appendiċi V u VI tal-Anness III (Part-66), il-punt CAMO.A.315 tal-Anness Vc (Parti-CAMO), il-punt CAO.A.010 u l-Appendiċi I tal-Anness Vd (Parti-CAO) sa fejn dawn japplikaw għal inġenji tal-ajru ħlief inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-magni.

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2012 tat-3 ta' Awwissu 2012 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni għaċ-ċertifikazzjoni tal-airworthiness u ambjentali ta' inġenji tal-ajru u ta' prodotti, partijiet u tagħmir relatati, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni (ĠU L 224, 21.8.2012, p. 1).

▼M11

*Artikolu 4*

**Approvazzjonijiet għall-organizzazzjonijiet involuti fil-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà**

1. L-organizzazzjonijiet involuti fil-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenji tal-ajru u tal-komponenti għall-installazzjoni fuqhom, inkluż il-manutenzjoni, għandhom jiġu approvati, fuq talba tagħhom, mill-awtorità kompetenti f'konformità mar-rekwiżiti tal-Anness II (Parti-145), tal-Anness Vc (Parti-CAMO) jew tal-Anness Vd (Parti-CAO), kif applikabbli għall-organizzazzjonijiet rispettivi.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, sal-24 ta' Settembru 2020 l-organizzazzjonijiet, fuq talba tagħhom, jistgħu jinħarġulhom approvazzjonijiet mill-awtorità kompetenti f'konformità mas-Sottoparti F u mas-Sottoparti G tal-Anness I (Parti-M). L-approvazzjonijiet kollha maħruġa f'konformità mas-Sottoparti F u mas-Sottoparti G tal-Anness I (Parti-M) għandhom ikunu validi sal-24 ta' Marzu 2022.

3. Iċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni maħruġa jew rikonoxxuti minn Stat Membru f'konformità mal-ispeċifikazzjoni taċ-ċertifikazzjoni JAR-145 imsemmija fl-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 ([1]) u validi qabel id-29 ta' Novembru 2003 għandhom jitqiesu li nħarġu f'konformità mar-rekwiżiti tal-Anness II (Parti-145) ta' dan ir-Regolament.

4. L-organizzazzjonijiet li jkollhom ċertifikat validu tal-approvazzjoni tal-organizzazzjonijiet maħruġ f'konformità mas-Sottoparti F jew mas-Sottoparti G tal-Anness I (Parti-M) jew mal-Anness II (Parti-145), fuq talba tagħhom, għandha tinħarġilhom Formola 3-CAO mill-awtorità kompetenti kif stabbilit fl-Appendiċi I tal-Anness Vd (Parti-CAO) u mbagħad jiġu ssorveljati mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-Anness Vd (Parti-CAO).

Il-privileġġi ta' tali organizzazzjoni skont l-approvazzjoni maħruġa f'konformità mal-Anness Vd (Parti-CAO) għandhom ikunu l-istess bħall-privileġġi skont l-approvazzjoni maħruġa f'konformità mas-Sottoparti F jew mas-Sottoparti G tal-Anness I (Parti-M) jew mal-Anness II (Parti-145). Madankollu, dawk il-privileġġi ma għandhomx jeċċedu l-privileġġi ta' organizzazzjoni msemmija fit-Taqsima A tal-Anness Vd (Parti-CAO).

B'deroga mill-punt CAO.B.060 tal-Anness Vd (Parti-CAO), sal-24 ta' Marzu 2022, l-organizzazzjoni tista' tikkoreġi kwalunkwe sejba ta' nuqqas ta' konformità b'rabta mar-rekwiżiti introdotti mill-Anness Vd (Parti-CAO) li mhumiex inklużi fis-Sottoparti F jew fis-Sottoparti G tal-Anness I (Parti-M) jew fl-Anness II (Parti-145).

Jekk wara l-24 ta' Marzu 2022 l-organizzazzjoni ma tkunx għalqet dawn is-sejbiet, iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni għandu jiġi rrevokat, limitat jew sospiż kollu jew parzjalment.

5. L-organizzazzjonijiet li jkollhom ċertifikat validu tal-approvazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà maħruġ f'konformità mas-Sottoparti G tal-Anness I (Parti-M), fuq talba tagħhom, għandu jinħarġilhom ċertifikat tal-approvazzjoni tal-Formola 14 tal-EASA mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-Anness Vc (Parti-CAMO) u mbagħad jiġu ssorveljati mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-Anness Vc (Parti-CAMO).

---

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-armonizzazzjoni tal-ħtiġijiet tekniċi u proċeduri amministrattivi fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili (ĠU L 373, 31.12.1991, p. 4).

▼M11

B'deroga mill-punt CAMO.B.350 tal-Anness Vc (Parti-CAMO), sal-24 ta' Marzu 2022, l-organizzazzjoni tista' tikkoreġi kwalunkwe sejba ta' nuqqas ta' konformità b'rabta mar-rekwiżiti introdotti mill-Anness Vc (Parti-CAMO) u li mhumiex inklużi fis-Sottoparti G tal-Anness I (Parti-M).

Jekk wara l-24 ta' Marzu 2022 l-organizzazzjoni ma tkunx għalqet dawn is-sejbiet, iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni għandu jiġi rrevokat, limitat jew sospiż kollu jew parzjalment.

6. Iċ-ċertifikati u l-approvazzjonijiet tal-programmi ta' manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru maħruġa skont ir-Regolament (UE) Nru 1321/2014 kif applikabbli qabel l-24 ta' Marzu 2020 għandhom jitqiesu li nħarġu f'konformità ma' dan ir-Regolament.

▼B

*Artikolu 5*

**Persunal li jiċċertifika**

▼M11

1. Il-persunal taċ-ċertifikazzjoni għandu jkun kwalifikat f'konformità mar-rekwiżiti tal-Anness III (Parti-66), għajr kif previst fil-punti M.A.606(h), M.A.607(b), M.A.801(c) u M.A.803 tal-Anness I (Parti-M), fil-punti ML.A.801(c) u ML.A.803 tal-Anness Vb (Parti-ML), CAO.A.040(b) u CAO.A.040(c) tal-Anness Vd (Parti-CAO) u fil-punti 145.A.30(j) tal-Anness II (Parti-145) u fl-Appendiċi IV tiegħu.

▼B

2. Kull liċenzja għall-manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru u, jekk ikun hemm, il-limitazzjonijiet tekniċi assoċjati ma' dik il-liċenzja, maħruġa jew rikonoxxuti minn Stat Membru skont ir-rekwiżiti u l-proċeduri JAA u li jkunu validi fil-ħin tal-bidu fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 2042/2003, jitqiesu li jkunu ġew maħruġa skont dan ir-Regolament.

3. Il-persunal li jiċċertifika, li jkollu liċenzja maħruġa f'konformità mal-Anness III (Parti-66) f'kategorija/subkategorija partikolari, huwa meqjus li għandu l-privileġġi deskritti fil-punt 66.A.20(a) ta' l-istess Anness korrispondenti għat-tali kategorija/subkategorija. Ir-rekwiżiti bażiċi tal-għarfien li jikkorrispondu għal dawn il-privileġġi ġodda għandhom jitqiesu li ġew issodisfati għall-fini li tiġi estiża din il-liċenzja għal kategorija/subkategorija ġdida.

4. Il-persunal li jiċċertifika, li jkollu liċenzja li tinkludi inġenji tal-ajru li ma jeħtiġux klassifikazzjoni tat-tip individwali, jista' jkompli jeżerċita l-privileġġi tiegħu sal-ewwel tiġdid jew tibdil, meta l-liċenzja tinqaleb skont il-proċedura deskritta fil-punt 66.B.125 tal-Anness III (Parti-66) għall-klassifikazzjonijiet definiti fil-punt 66.A.45 ta' l-istess Anness.

5. Ir-rapporti ta' tibdil u r-rapport ta' punteġġi ta' eżamijiet konformi mar-rekwiżiti applikabbli qabel ma r-Regolament (UE) Nru 1149/2011 beda japplika għandhom jitqiesu konformi ma' dan ir-Regolament.

▼M5

6. Sakemm rekwiżiti speċifiċi għall-persunal li jiċċertifika l-komponenti jiġu miżjuda ma' dan ir-Regolament, ir-rekwiżiti stabbiliti fil-liġijiet nazzjonali fis-seħħ fl-Istati Membri rilevanti għandhom jibqgħu japplikaw, minbarra fil-każ ta' organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni li jinsabu barra l-Unjoni Ewropea, f'liema każ, ir-rekwiżiti jenħtieġ li jiġu approvati mill-Aġenzija.

▼B

*Artikolu 6*

**Rekwiżiti ta' organizzazzjonijiet li jipprovdu taħriġ**

1. L-organizzazzjonijiet li huma involuti fit-taħriġ ta' persunal imsemmija fl-Artikolu 5 għandhom jiġu approvati skont l-Anness IV (Parti-147) biex ikunu intitolati:

(a) imexxu korsijiet rikonoxxuti ta' taħriġ bażiku; u/jew

(b) imexxu taħriġ ta' tip rikonoxxut; u

(c) jagħmlu eżamijiet; u

(d) joħorġu ċertifikati ta' taħriġ.

2. Kull approvazzjoni għal organizzazzjoni ta' taħriġ fuq il-manutenzjoni maħruġa jew rikonoxxuta minn Stat Membru skont ir-rekwiżiti u l-proċeduri JAA li tkun valida meta jibda jseħħ ir-Regolament (KE) Nru 2042/2003 għandha titqies li tkun ġiet maħruġa skont dan ir-Regolament.

3. Il-korsijiet ta' taħriġ tat-tip approvati qabel l-approvazzjoni tas-sillabu minimu tat-taħriġ dwar il-klassifikazzjoni tat-tip tal-persunal li jiċċertifika fid-dejta tal-adegwatezza operattiva tat-taħriġ għat-tip rilevanti skont ir-Regolament (UE) Nru 748/2012 għandhom jinkludu l-elementi rilevanti definiti fil-parti obbligatorja ta' dik id-dejta tal-adegwatezza operattiva mhux aktar tard mit-18 ta' Diċembru 2017, jew fi żmien sentejn wara li d-dejta tal-adegwatezza operattiva ġiet approvata, skont liema minnhom taħbat l-aħħar.

*Artikolu 7*

Ir-Regolament (KE) Nru 2042/2003 qed jitħassar.

Referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness VI.

▼M6
▼C2

*Artikolu 7a*

**Awtoritajiet kompetenti**

1. Meta Stat Membru jaħtar aktar minn entità waħda bħala awtorità kompetenti bis-setgħat neċessarji u r-responsabbiltajiet allokati għaċ-ċertifikazzjoni u s-sorveljanza ta' persuni u organizzazzjonijiet soġġetti għal dan ir-Regolament, għandu jkun hemm konformità mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) l-oqsma ta' kompetenza ta' kull awtorità kompetenti għandhom jiġu ddefiniti b'mod ċar, b'mod partikolari f'termini tar-responsabbiltajiet u l-limitazzjonijiet ġeografiċi;

(b) għandha tiġi stabbilita koordinazzjoni bejn dawk l-awtoritajiet biex jiġu żgurati ċertifikazzjoni u sorveljanza effettivi tal-organizzazzjonijiet u l-persuni kollha soġġetti għal dan ir-Regolament fil-mandati rispettivi tagħhom.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persunal tal-awtoritajiet kompetenti tagħhom ma jwettaqx attivitajiet ta' ċertifikazzjoni u sorveljanza meta jkun hemm indikazzjonijiet li dawn jistgħu jwasslu, direttament jew indirettament, għal kunflitt ta' interess, b'mod partikolari meta jkunu relatati ma' interess familjari jew finanzjarju.

▼C2

3. Fejn ikun hemm bżonn li jwettqu kompiti ta' ċertifikazzjoni jew sorveljanza skont dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jingħataw is-setgħa biex:

(a) jeżaminaw ir-rekords, id-*data*, il-proċeduri u kwalunkwe materjal ieħor li jkun rilevanti għat-twettiq tal-kompiti ta' ċertifikazzjoni u/jew ta' sorveljanza;

(b) jagħmlu kopji tat-tali rekords, *data*, proċeduri u materjal ieħor, jew jieħdu siltiet minnhom;

(c) jitolbu spjegazzjoni orali fuq il-post mingħand kwalunkwe membru tal-persunal ta' dawk l-organizzazzjonijiet;

(d) jidħlu fil-bini, is-siti operazzjonali jew il-mezzi tat-trasport rilevanti li jkunu proprjetà ta' dawk il-persuni jew li jintużaw minnhom;

(e) iwettqu awditi, investigazzjonijiet, valutazzjonijiet, spezzjonijiet, li jinkludu spezzjonijiet mhux imħabbra, fir-rigward ta' dawk l-organizzazzjonijiet;

(f) jieħdu jew jagħtu bidu għal miżuri ta' infurzar skont kif xieraq.

4. Is-setgħat imsemmija fil-paragrafu 3 għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali tal-Istat Membru rilevanti.

▼B

*Artikolu 8*

**Dħul fis-seħħ**

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma japplikawx:

(a) għall-manutenzjoni ta' ajruplani mingħajr pressa b'magna bil-pistuni ta' 2 000 kg MTOM jew inqas mhux involuti fit-trasport kummerċjali bl-ajru

sat-28 ta' Settembru 2014, ir-rekwiżit li jkun hemm persunal li jiċċertifika kkwalifikat skont l-Anness III (Parti-66) li jinsab f'dawn id-dispożizzjonijiet:

— punti M.A.606(g) u M.A.801(b)2 tal-Anness I (Parti-M),

— punti 145.A.30(g) u (h) tal-Anness II (Parti-145);

▼M5

__________

▼M2

(c) għall-inġenji tal-ajru reġistrati f'pajjiż terz u mikrija mingħajr l-ekwipaġġ minn trasportaturi tal-ajru li ngħataw il-liċenzja skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008, sal-25 ta' Awwissu 2017, ir-rekwiżiti tal-Anness Va.

▼M2

2a. B'deroga mill-paragrafu 1, ir-rekwiżiti għall-inġenji tal-ajru użati għal operazzjonijiet kummerċjali speċjalizzati u operazzjonijiet CAT apparti dawk minn trasportaturi tal-ajru li ngħataw il-liċenzja skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008, stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 965/2012, kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 379/2014 [1], għandhom japplikaw mill-21 ta' April 2017.

Sa dak iż-żmien:

— Id-dispożizzjonijiet tal-Anness I, il-punt M.A.201(f) għandhom japplikaw għall-inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-magni użati mill-operaturi mitlubin minn Stat Membru li jkollhom ċertifikat ta' operazzjonijiet kummerċjali ħlief it-trasportaturi tal-ajru li ngħataw liċenzja skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 u għall-ATOs kummerċjali;

— Id-dispożizzjonijiet tal-Anness I, il-punt M.A.201(h) għandhom japplikaw għall-inġenji tal-ajru ħlief inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-magni, użati mill-operaturi mitlubin minn Stat Membru li jikollhom ċertifikat ta' operazzjonijiet kummerċjali ħlief it-trasportaturi tal-ajru li ngħataw liċenzja skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 u għall-ATOs kummerċjali;

— Id-dispożizzjonijiet tal-Anness I, il-punt M.A.306(a) għandhom japplikaw għall-inġenji tal-ajru użati minn trasportaturi tal-ajru li ngħataw liċenzja skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 u għall-inġenji tal-ajru użati mill-operaturi mitlubin minn Stat Membru li jkollhom ċertifikat ta' operazzjonijiet kummerċjali;

— Id-dispożizzjonijiet tal-Anness I, il-punt M.A.801(c) għandhom japplikaw għall-ELA1 mhux użati minn trasportaturi tal-ajru li ngħataw liċenzja skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 u mhux użati mill-ATOs kummerċjali;

— Id-dispożizzjonijiet tal-Anness I, il-punt M.A.803(b) għandhom japplikaw għall-inġenji tal-ajru mhux kumplessi li jaħdmu bil-magni ta' 2 730 kg MTOM jew inqas, glajder, glajder bil-mutur u ballun, mhux użati minn trasportaturi tal-ajru li ngħataw liċenzja skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008, jew minn operaturi mitlubin minn Stat Membru li jkollhom ċertifikat ta' operazzjonijiet kummerċjali, jew minn ATOs kummerċjali;

— Id-dispożizzjonijiet tal-Anness I, il-punt M.A.901(g) għandhom japplikaw għall-inġenji tal-ajru tal-ELA1 mhux użati minn trasportaturi tal-ajru li ngħataw liċenzja skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008, jew minn operaturi mitlubin minn Stat Membru li jkollhom ċertifikat ta' operazzjonijiet kummerċjali, jew minn ATOs kummerċjali.

▼B

3. Meta Stat Membru jagħmel użu mid-dispożizzjonijiet tal-paragraf 2 għandu javża lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija.

[1] Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 379/2014 tas-7 ta' April 2014 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 123, 24.4.2014, p. 1).

▼B

4. Għall-fini tal-limiti ta' żmien li jinsabu fil-punti 66.A.25, 66.A.30 u fl-Appendiċi III tal-Anness III (Parti-66) relatati mal-eżamijiet ta' għarfien bażiku, l-esperjenza bażika, it-taħriġ teoretiku u l-eżamijiet tat-tip, it-taħriġ u l-evalwazzjoni prattika, l-eżamijiet tat-tip u t-taħriġ fuq ix-xogħol li jitlesta qabel ma ir-►M1 Regolament (UE) Nru 1149/2011 ◄ beda japplika, il-bidu taż-żmien għandu jkun id-data li fiha beda japplika ir-►M1 Regolament (UE) Nru 1149/2011. ◄

▼M5

__________

▼M1

6. Bis-saħħa tad-deroga mill-paragrafu 1:

(a) L-awtoritajiet kompetenti jew, fejn applikabbli, organizzazzjonijiet jistgħu jkomplu joħorġu ċ-ċertifikati, il-ħarġa preċedenti, kif stipulat fl-Appendiċi III tal-Anness I (il-Parti-M) jew l-Appendiċi II u l-Appendiċi III tal-Anness IV (il-Parti-147) tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014, fis-seħħ qabel is-27 ta' Lulju 2015, sal-31 ta' Diċembru 2015.

(b) Iċ-ċertifikati maħruġa qabel l-1 ta' Jannar 2016 jibqgħu validi sa meta jinbidlu, jiġu sospiżi jew revokati.

▼M11

__________

▼M6
▼C2

__________

▼B

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u huwa applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

*ANNESS I*

**(Parti-M)**

▼M6

▼C2

WERREJ

**M.1**

TAQSIMA A — REKWIŻITI TEKNIĊI

SOTTOPARTI A — ĠENERALI

M.A.101 Kamp ta' applikazzjoni

SOTTOPARTI B — RESPONSABBILTÀ

M.A.201 Responsabbiltajiet

M.A.202 Rapportar ta' okkorrenza

SOTTOPARTI C — IL-KONTINWITÀ TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ

M.A.301 Kompiti tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà

M.A.302 Programm ta' manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru

M.A.303 Id-direttivi dwar l-ajrunavigabbiltà

M.A.304 *Data* għal modifiki u tiswijiet

M.A.305 Sistema ta' reġistrazzjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru

M.A.306 Sistema ta' reġistrazzjoni teknika tal-inġenju tal-ajru

M.A.307 Trasferiment ta' rekords tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru

SOTTOPARTI D — STANDARDS TA' MANUTENZJONI

M.A.401 *Data* tal-manutenzjoni

M.A.402 Twettiq tal-manutenzjoni

M.A.403 Difetti tal-inġenju tal-ajru

SOTTOPARTI E — KOMPONENTI

M.A.501 Klassifikazzjoni u installazzjoni

M.A.502 Manutenzjoni tal-komponenti

M.A.503 Parts li jintużaw għal żmien limitat u komponenti kkontrollati biż-żmien

M.A.504 Segregazzjoni tal-komponenti

SOTTOPARTI F — ORGANIZZAZZJONI TAL-MANUTENZJONI

M.A.601 Kamp ta' applikazzjoni

M.A.602 Applikazzjoni

M.A.603 Termini tal-approvazzjoni

M.A.604 Manwal tal-organizzazzjoni tal-manutenzjoni

M.A.605 Faċilitajiet

M.A.606 Rekwiżiti tal-persunal

M.A.607 Il-persunal li jiċċertifika u l-persunal għar-reviżjoni tal-kontinwità fl-ajrunavigabbiltà

M.A.608 Komponenti, tagħmir u għodod

M.A.609 *Data* tal-manutenzjoni

M.A.610 Ordnijiet ta' xogħol ta' manutenzjoni

▼C2

M.A.611 Standards tal-manutenzjoni

M.A.612 Ċertifikat tar-rilaxx għas-servizz għall-inġenji tal-ajru

M.A.613 Ċertifikat għall-komponenti biex jinħarġu għall-użu

M.A.614 Rekords tal-manutenzjoni u tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà

M.A.615 Privileġġi tal-organizzazzjoni

M.A.616 Reviżjoni organizzazzjonali

M.A.617 Bidliet fl-organizzazzjoni approvata tal-manutenzjoni

M.A.618 Validità kontinwata tal-approvazzjoni

M.A.619 Sejbiet

SOTTOPARTI G — ORGANIZZAZZJONI TAL-ĠESTJONI TAL-KONTINWITÀ TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ

M.A.701 Kamp ta' Applikazzjoni

M.A.702 Applikazzjoni

M.A.703 Termini tal-approvazzjoni

M.A.704 Espożizzjoni tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà

M.A.705 Faċilitajiet

M.A.706 Rekwiżiti tal-persunal

M.A.707 Persunal tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà

M.A.708 Ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà

M.A.709 Dokumentazzjoni

M.A.710 Reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà

M.A.711 Privileġġi tal-organizzazzjoni

M.A.712 Sistema tal-kwalità

M.A.713 Bidliet fl-organizzazzjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà approvata

M.A.714 Żamma tar-rekords

M.A.715 Validità kontinwata tal-approvazzjoni

M.A.716 Sejbiet

SOTTOPARTI H — ĊERTIFIKAT TAR-RILAXX GĦAS-SERVIZZ (CRS)

M.A.801 Ċertifikat tar-rilaxx għas-servizz għall-inġenji tal-ajru

M.A.802 Ċertifikat għall-komponenti biex jinħarġu għall-użu

M.A.803 Awtorizzazzjoni għall-bdot-sid

SOTTOPARTI I — ĊERTIFIKAT TAR-REVIŻJONI TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ

M.A.901 Reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru

M.A.902 Validità taċ-ċertifikat tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà

M.A.903 Trasferiment tar-reġistrazzjoni tal-inġenju tal-ajru fi ħdan l-UE

M.A.904 Reviżjoni tan-navigabbiltà tal-inġenju tal-ajru importat fl-UE

M.A.905 Sejbiet

TAQSIMA B — PROĊEDURA GĦALL-AWTORITAJIET KOMPETENTI

SOTTOPARTI A — ĠENERALI

M.B.101 Kamp ta' applikazzjoni

M.B.102 Awtorità kompetenti

▼C2

M.B.103 Sejbiet u miżuri ta' infurzar - il-persuni

M.B.104 Żamma tar-rekords

M.B.105 Skambju reċiproku ta' informazzjoni

SOTTOPARTI B — RESPONSABBILTÀ

M.B.201 Responsabbiltajiet

M.B.202 Informazzjoni lill-Aġenzija

SOTTOPARTI C — IL-KONTINWITÀ TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ

M.B.301 Programm ta' manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru

M.B.302 Eżenzjonijiet

M.B.303 Monitoraġġ tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenji tal-ajru

M.B.304 Ir-revoka, is-sospensjoni u l-limitazzjoni

M.B.305 Sistema ta' reġistrazzjoni teknika tal-inġenju tal-ajru

SOTTOPARTI D — STANDARDS TA' MANUTENZJONI

SOTTOPARTI E — KOMPONENTI

SOTTOPARTI F — ORGANIZZAZZJONI TAL-MANUTENZJONI

M.B.601 Applikazzjoni

M.B.602 Approvazzjoni Inizjali

M.B.603 Ħruġ tal-approvazzjoni

M.B.604 Superviżjoni kontinwa

M.B.605 Sejbiet

M.B.606 Tibdiliet

M.B.607 Ir-revoka, is-sospensjoni u l-limitazzjoni ta' approvazzjoni

SOTTOPARTI G — ORGANIZZAZZJONI TAL-ĠESTJONI TAL-KONTINWITÀ TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ

M.B.701 Applikazzjoni

M.B.702 Approvazzjoni inizjali

M.B.703 Ħruġ tal-approvazzjoni

M.B.704 Superviżjoni kontinwa

M.B.705 Sejbiet

M.B.706 Tibdiliet

M.B.707 Ir-revoka, is-sospensjoni u l-limitazzjoni ta' approvazzjoni

SOTTOPARTI H — ĊERTIFIKAT TAR-RILAXX GĦAS-SERVIZZ (CRS)

SOTTOPARTI I — ĊERTIFIKAT TAR-REVIŻJONI TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ

M.B.901 Valutazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet

M.B.902 Reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà mill-awtorità kompetenti

M.B.903 Sejbiet

M.B.904 Skambju reċiproku ta' informazzjoni

Appendiċi I — Kuntratt ta' ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà

Appendiċi II — Ċertifikat għar-Rilaxx Awtorizzat — Formola 1 tal-EASA

Appendiċi III — Ċertifikat għar-Reviżjoni tal-Ajrunavigabbiltà — Formola 15 tal-EASA

▼C2

Appendiċi IV — Sistema ta' Klassijiet u Klassifikazzjonijiet li għandha tintuża għall-Approvazzjoni tal-Organizzazzjonijiet tal-Manutenzjoni msemmija fl-Anness I (Parti-M) Sottoparti F u fl-Anness II (Parti-145)

Appendiċi V — Ċertifikat tal-Organizzazzjoni tal-Manutenzjoni msemmi fl-Anness I (Parti-M) Sottoparti F – Formola 3 tal-EASA-MF

Appendiċi VI — Ċertifikat tal-organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà msemmi fis-Sottoparti G tal-Anness I (Parti-M) – Formola 14-MG tal-EASA

Appendiċi VII — Kompiti Kumplessi ta' Manutenzjoni

Appendiċi VIII — Manutenzjoni Limitata tal-Bdot-Sid

▼B

**M.1**

Għall-finijiet ta' din il-Parti, l-awtorità kompetenti għandha tkun:

1. għas-sorveljanza tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru individwali u l-ħruġ taċ-ċertifikati tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà, l-awtorità maħtura mill-Istat Membru mir-reġistru;

2. għas-sorveljanza tal-organizzazzjoni kif speċifikata fit-Taqsima A, is-Sottoparti F ta' dan l-Anness (Parti-M):

   (i) l-awtorità maħtura mill-Istat Membru fejn il-post ewlieni tan-negozju tal-organizzazzjoni hu lokalizzat;

   (ii) l-Aġenzija jekk l-organizzazzjoni hi lokalizzata f'pajjiż terz;

▼M6

▼C2

3. għall-approvazzjoni ta' programmi ta' manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru ("AMP"), waħda minn dawn li ġejjin:

   (i) l-awtorità magħżula mill-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tal-inġenju tal-ajru;

   (ii) jekk qabel l-approvazzjoni tal-programm ta' manutenzjoni tal-inġenju tal-ajru l-Istat Membru tar-reġistru jaqbel, waħda minn dawn li ġejjin:

      (a) l-awtorità magħżula mill-Istat Membru fejn l-operatur għandu s-sede prinċipali tiegħu jew, f'każ li l-operatur ma jkollu ebda sede prinċipali, l-awtorità magħżula mill-Istat Membru fejn hu stabbilit l-operatur jew fejn jirresjedi l-operatur;

▼M8

      (b) l-awtorità responsabbli għas-sorveljanza tal-organizzazzjoni li tiġġestixxi l-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru jew li magħha s-sid ikun ikkonkluda kuntratt limitat skont il-punt (i)(3) tal-punt M.A.201;

4. għas-sorveljanza tal-organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà kif speċifikata fis-Sottoparti G tat-Taqsima A ta' dan l-Anness (Parti-M):

   (i) l-awtorità maħtura mill-Istat Membru fejn il-post ewlieni tan-negozju tal-organizzazzjoni hu lokalizzat jekk l-approvazzjoni mhix inkluża fiċ-ċertifikat tal-operatur tal-ajru;

   (ii) l-awtorità maħtura mill-Istat Membru tal-operatur jekk l-approvazzjoni hi inkluża f'ċertifikat tal-operatur tal-ajru;

   (iii) l-Aġenzija jekk l-organizzazzjoni hi lokalizzata f'pajjiż terz.

▼M6

▼C2

__________

▼B

*TAQSIMA A*

**REKWIŻITI TEKNIĊI**

IS-SOTTOPARTI A

*ĠENERALI*

▼M6

▼C2

M.A.101 **Kamp ta' applikazzjoni**

Din it-Taqsima tistabbilixxi l-miżuri li għandhom jittieħdu biex jiġi żgurat li tinżamm l-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru, inkluża l-manutenzjoni tiegħu. Din tispeċifika wkoll l-kondizzjonijiet li jridu jiġu ssodisfati mill-persuni jew l-organizzazzjonijiet involuti fit-tali attivitajiet.

▼B

IS-SOTTOPARTI B

*RESPONSABBILTÀ*

M.A.201 **Responsabbiltajiet**

▼M6

▼C2

(a) Is-sid tal-inġenju tal-ajru għandu jkun responsabbli għall-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru u għandu jiżgura li ma sseħħ l-ebda titjira sakemm ma jiġux issodisfati r-rekwiżiti kollha li ġejjin:

1. l-inġenju tal-ajru hu mantnut f'kundizzjoni tajba għat-titjir;

2. kwalunkwe tagħmir operattiv u ta' emerġenza mwaħħal ikun ġie installat b'mod korrett u jkun ta' tip li jista' jsir servizz fuqu jew ikun identifikat b'mod ċar bħala li ma jistax isir servizz fuqu;

3. iċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà hu validu;

4. il-manutenzjoni tal-inġenju tal-ajru ssir skont l-AMP speċifikat fil-punt M.A.302.

▼B

(b) Meta l-inġenju tal-ajru jinkera, ir-responsabbiltajiet tas-sid jiġu trasferiti lil-lokatarju jekk:

1. il-lokatarju huwa stipulat fid-dokument tar-reġistrazzjoni; jew

2. deskritt b'mod dettaljat fil-kuntratt tal-kiri.

Meta ssir referenza f'din il-Parti għas-“sid”, it-terminu sid ikopri lis-sid jew il-lokatur, kif applikabbli.

(c) Kwalunkwe persuna jew organizzazzjoni li twettaq il-manutenzjoni għandha tkun responsabbli għall-kompiti imwettqa.

▼M6

▼C2

(d) Il-bdot fil-kmand jew, fil-każ ta' inġenju tal-ajru użat mit-trasportaturi tal-ajru li ngħataw il-liċenzja skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008, l-operatur għandu jkun responsabbli għat-twettiq sodisfaċenti tal-ispezzjoni ta' qabel it-titjira. Dik l-ispezzjoni għandha titwettaq mill-bdot jew minn persuna oħra kwalifikata iżda m'għandux ikollha bżonn titwettaq minn organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata jew mill-persunal taċ-ċertifikazzjoni.

▼M8

(e) Fil-każ ta' inġenji tal-ajru użati minn trasportaturi tal-ajru li ngħataw il-liċenzja skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 ([1]), l-operatur għandu jkun responsabbli għall-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenji tal-ajru li jopera u għandu:

(1) jiżgura li ma jsir l-ebda titjir sakemm ma jiġux issodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (a);

(2) jieħu l-passi neċessarji biex jiżgura l-approvazzjoni tiegħu bħala organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà ("CAMO") skont l-Anness Vc (Parti-CAMO) jew is-Sottoparti G ta' dan l-Anness (Parti-M), bħala parti miċ-ċertifikat tal-operatur tal-ajru għall-inġenji tal-ajru li jopera;

(3) jieħu l-passi neċessarji biex jiżgura l-approvazzjoni tiegħu skont l-Anness II (Parti-145) jew jikkonkludi kuntratt bil-miktub skont il-punt CAMO.A.315(c) tal-Anness Vc (Parti-CAMO) jew il-punt M.A.708(c) ta' dan l-Anness (Parti-M) ma' organizzazzjoni li ġiet approvata skont l-Anness II (Parti-145).

▼M13

(ea) B'deroga mill-punt (e)(2), mill-inqas żewġ operaturi li jiffurmaw parti minn raggruppament ta' negozju ta' trasportatur tal-ajru wieħed jistgħu jużaw l-istess CAMO biex jassumu r-responsabbiltà għall-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenji tal-ajru kollha li joperaw, dment li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(1) is-CAMO tkun approvata f'konformità mal-Anness Vc (Parti-CAMO) għall-inġenju tal-ajru li għandu jiġi ġestit;

(2) is-CAMO tifforma parti mill-istess raggruppament tan-negozju tat-trasportatur tal-ajru bħall-operaturi kkonċernati;

(3) ikun stabbilit kuntratt f'konformità mal-Appendiċi I ta' dan l-Anness bejn is-CAMO u d-detentur tal-AOC li ma jkunx hu stess approvat bħala CAMO;

(4) is-CAMO għandha l-post prinċipali tan-negozju tagħha fit-territorju li għalih japplikaw it-Trattati;

(5) is-sistemi individwali ta' ġestjoni tal-organizzazzjonijiet li jikkonkludu kuntratt huma armonizzati ma' xulxin.

(eb) B'deroga mill-punt (e)(2), meta t-terminazzjoni jew ir-revoka ta' ċertifikat ta' operatur tal-ajru tirriżulta f'sitwazzjoni fejn trasportatur tal-ajru liċenzjat f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 u li jifforma parti minn raggruppament ta' negozju ta' trasportatur tal-ajru ma jibqax konformi mal-punt M.A.201(ea), dak it-trasportatur tal-ajru liċenzjat għandu jiddefinixxi u jimplimenta pjan ta' azzjoni għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti biex jikkonforma mal-punt M.A.201(e)(2) hekk kif dan ikun prattikabbli.

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità (ĠU L 293, 31.10.2008, p. 3).

▼M8

(f) Għall-inġenji tal-ajru kumplessi mgħammra b'magna użati għal operazzjonijiet speċjalizzati kummerċjali, għal operazzjonijiet CAT għajr dawk imwettqa minn operaturi tal-ajru li ngħataw il-liċenzja skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 jew minn Organizzazzjonijiet tat-Taħriġ Approvati (ATO) u Organizzazzjonijiet tat-Taħriġ Iddikjarati (DTO) kummerċjali msemmija fl-Artikolu 10a tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011 ([1]), l-operatur għandu jiżgura li:

(1) ma jsir l-ebda titjir sakemm ma jiġux issodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (a);

(2) il-kompiti assoċjati mal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà jitwettqu minn CAMO approvata skont l-Anness Vc (Parti-CAMO) jew is-Sottoparti G ta' dan l-Anness (Parti-M); meta l-operatur ma jkunx CAMO approvata skont l-Anness Vc (Parti-CAMO) jew is-Sottoparti G ta' dan l-Anness (Parti-M), huwa għandu jikkonkludi kuntratt bil-miktub fir-rigward tat-twettiq ta' dawk il-kompiti skont l-Appendiċi I ta' dan l-Anness ma' organizzazzjoni approvata skont l-Anness Vc (Parti-CAMO) jew is-Sottoparti G ta' dan l-Anness (Parti-M);

(3) is-CAMO msemmija fil-punt (2) hi approvata skont l-Anness II (Parti-145) bħala organizzazzjoni biex tikkwalifika għall-ħruġ ta' approvazzjoni għall-manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru u tal-komponenti għall-installazzjoni fuqhom, jew li s-CAMO tkun ikkonkludiet kuntratt bil-miktub skont il-punt CAMO.A.315(c) tal-Anness Vc (Parti-CAMO) jew il-punt M.A.708(c) ta' dan l-Anness (Parti-M) ma' organizzazzjonijiet approvati skont l-Anness II (Parti-145).

(g) Għall-inġenji tal-ajru kumplessi mgħammra b'magna mhux inklużi fil-punti (e) u (f), is-sid għandu jiżgura li:

(1) ma jsir l-ebda titjir sakemm ma jiġux issodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (a);

(2) il-kompiti assoċjati mal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà jitwettqu minn CAMO approvata skont l-Anness Vc (Parti-CAMO) jew is-Sottoparti G ta' dan l-Anness (Parti-M); meta s-sid ma jkunx CAMO approvata skont l-Anness Vc (Parti-CAMO) jew is-Sottoparti G ta' dan l-Anness (Parti-M), huwa għandu jikkonkludi kuntratt bil-miktub fir-rigward tat-twettiq ta' dawk il-kompiti skont l-Appendiċi I ta' dan l-Anness ma' organizzazzjoni approvata skont l-Anness Vc (Parti-CAMO) jew is-Sottoparti G ta' dan l-Anness (Parti-M);

---

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011 tat-3 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-ekwipaġġi tal-ajruplani tal-avjazzjoni ċivili skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 311, 25.11.2011, p. 1).

▼M8

(3) is-CAMO msemmija fil-punt (2) hi approvata skont l-Anness II (Parti-145) bħala organizzazzjoni biex tikkwalifika għall-ħruġ ta' approvazzjoni għall-manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru u tal-komponenti għall-installazzjoni fuqhom, jew li s-CAMO tkun ikkonkludiet kuntratt bil-miktub skont il-punt CAMO.A.315(c) tal-Anness Vc (Parti-CAMO) jew il-punt M.A.708(c) ta' dan l-Anness (Parti-M) ma' organizzazzjonijiet approvati skont l-Anness II (Parti-145).

(h) Għall-inġenji tal-ajru ħlief dawk kumplessi mgħammra b'magna użati għal operazzjonijiet speċjalizzati kummerċjali, għal operazzjonijiet CAT għajr dawk imwettqa minn operaturi tal-ajru li ngħataw il-liċenzja skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 jew minn ATOs u DTOs kummerċjali msemmija fl-Artikolu 10a tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011, l-operatur għandu jiżgura li:

(1) ma jsir l-ebda titjir sakemm ma jiġux issodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (a);

(2) il-kompiti assoċjati mal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà jitwettqu minn CAMO approvata skont l-Anness Vc (Parti-CAMO) jew is-Sottoparti G ta' dan l-Anness (Parti-M), jew minn organizzazzjoni tal-ajrunavigabbiltà kombinata ("CAO") approvata skont l-Anness Vd (Parti-CAO); meta l-operatur ma jkunx CAMO approvata skont l-Anness Vc (Parti-CAMO) jew is-Sottoparti G ta' dan l-Anness (Parti-M), jew CAO approvata skont l-Anness Vd (Parti-CAO), huwa għandu jikkonkludi kuntratt bil-miktub skont l-Appendiċi I ta' dan l-Anness ma' CAMO approvata skont l-Anness Vc (Parti-CAMO) jew is-Sottoparti G ta' dan l-Anness (Parti-M), jew CAO approvata skont l-Anness Vd (Parti-CAO);

▼M11

(3) is-CAMO jew is-CAO msemmija fil-punt (2) hi approvata f'konformità mal-Anness II (Parti-145) jew f'konformità mas-Sottoparti F ta' dan l-Anness (Parti-M) jew bħala CAO bi privileġġi tal-manutenzjoni, jew dik is-CAMO tkun ikkonkludiet kuntratt bil-miktub ma' organizzazzjonijiet approvati f'konformità mal-Anness II (Parti-145) jew f'konformità mas-Sottoparti F ta' dan l-Anness (Parti-M) jew mal-Anness Vd (Parti-CAO) bi privileġġi tal-manutenzjoni.

▼M8

(i) Għall-inġenji tal-ajru ħlief dawk kumplessi mgħammra b'magna mhux inklużi fil-punti (e) u (h), jew użati għal operazzjonijiet limitati, is-sid għandu jiżgura li t-titjir iseħħ biss jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stipulati fil-punt (a). Għal dak l-għan, is-sid għandu:

(1) jattribwixxi l-kompiti tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà msemmija fil-punt M.A.301 lil CAMO jew lil CAO permezz ta' kuntratt bil-miktub konkluż skont l-Appendiċi I; jew

(2) iwettaq dawk il-kompiti hu stess; jew

▼M8

(3) iwettaq dawk il-kompiti hu stess, ħlief il-kompiti tal-iżvilupp u tal-ipproċessar tal-approvazzjoni tal-AMP, u dan biss jekk dawk il-kompiti jitwettqu minn CAMO jew minn CAO permezz ta' kuntratt limitat konkluż skont il-punt M.A.302.

▼M2

(j) Is-sid/l-operatur għandu jiżgura li kwalunkwe persuna awtorizzata mill-awtorità kompetenti tingħata aċċess għal kwalunkwe waħda mill-faċilitajiet, mill-inġenji tal-ajru jew mid-dokumenti tiegħu relatati mal-attivitajiet tiegħu, inkluż kull attività sottokuntrattata, biex tiġi stabbilita l-konformità ma' din il-Parti.

▼M8

(k) Meta inġenju tal-ajru inkluż f'ċertifikat tal-operatur tal-ajru jintuża għal operazzjonijiet mhux kummerċjali jew għal operazzjonijiet speċjalizzati skont il-punt ORO.GEN.310 tal-Anness III jew il-punt NCO.GEN.104 tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 965/2012, l-operatur għandu jiżgura li l-kompiti assoċjati mal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà jitwettqu mis-CAMO approvata skont l-Anness Vc (Parti-CAMO) jew skont is-Sottoparti G ta' dan l-Anness (Parti-M), jew mill-organizzazzjoni tal-ajrunavigabbiltà kombinata (CAO) approvata skont l-Anness Vd (Parti-CAO) tad-detentur taċ-ċertifikat tal-operatur tal-ajru, skont liema minn dawn ikun applikabbli.

▼M6

▼C2

M.A.202 **Rapportar ta' okkorrenza**

(a) Mingħajr ħsara għall-obbligi ta' rapportar stabbiliti fl-Anness II (Parti-145) u fl-Anness Vc (Parti-CAMO), kwalunkwe persuna jew organizzazzjoni responsabbli skont il-punt M.A.201 għandha tirrapporta kwalunkwe kundizzjoni identifikata ta' inġenju tal-ajru jew komponent li tipperikola s-sikurezza tat-titjira:

(1) lill-awtorità kompetenti ddeżinjata mill-Istat Membru tar-reġistru tal-inġenju tal-ajru, u, meta dan ikun differenti mill-Istat Membru tar-reġistru, lill-awtorità kompetenti ddeżinjata mill-Istat Membru tal-operatur;

(2) lill-organizzazzjoni responsabbli għad-disinn tat-tip jew għad-disinn tat-tip supplimentari.

(b) Ir-rapporti msemmija fil-punt (a) għandhom isiru b'mod determinat mill-awtorità kompetenti msemmija fil-punt (a) u għandu jkun fihom l-informazzjoni pertinenti kollha dwar il-kundizzjoni magħrufa għall-persuna jew għall-organizzazzjoni li tagħmel ir-rapport.

(c) Meta l-manutenzjoni jew ir-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru titwettaq fuq il-bażi ta' kuntratt bil-miktub, il-persuna jew l-organizzazzjoni responsabbli għal dawk l-attivitajiet għandha tirrapporta wkoll kwalunkwe kundizzjoni msemmija fil-punt (a) lis-sid u l-operatur tal-inġenju tal-ajru u, meta din tkun differenti, lis-CAMO jew lis-CAO kkonċernata.

(d) Il-persuna jew l-organizzazzjoni għandha tissottometti r-rapporti msemmija fil-punti (a) u (c) mill-aktar fis possibbli, iżda mhux aktar tard minn 72 siegħa mill-mument li fih il-persuna jew l-organizzazzjoni tidentifika l-kundizzjoni li magħha jkun relatat ir-rapport, sakemm ċirkustanzi eċċezzjonali ma jipprevjenuhiex.

(e) Il-persuna jew l-organizzazzjoni tat-taħriġ għandha tissottometti rapport ta' segwitu, li jipprovdi d-dettalji tal-azzjonijiet li dik il-persuna jew l-organizzazzjoni jkun biħsiebha tieħu biex tipprevjeni okkorrenzi simili fil-ġejjieni, malli dawk l-azzjonijiet ikunu ġew identifikati. Ir-rapport ta' segwitu għandu jiġi sottomess fil-forma u l-manjiera stabbiliti mill-awtorità kompetenti.

▼B

IS-SOTTOPARTI C

*IL-KONTINWITÀ TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ*

▼M6

▼C2

M.A.301 **Kompiti tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà**

Il-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru u li t-tagħmir operattiv u ta' emerġenza ikun jista' jissewwa għandhom ikunu żgurati:

(a) bit-twettiq tal-ispezzjonijiet ta' qabel it-titjira;

(b) bir-rettifika ta' kwalunkwe difett u ħsara li jaffettwaw l-operar sikur skont id-*data* speċifikata fil-punti M.A.304 u M.A.401, skont kif applikabbli, filwaqt li jitqiesu l-lista tat-tagħmir minimu (“MEL”) u l-lista ta' devjazzjoni tal-konfigurazzjoni, meta jkunu jeżistu;

(c) bit-tlestija tal-manutenzjoni kollha skont l-AMP imsemmi fil-punt M.A.302;

(d) bit-twettiq tal-manutenzjoni kollha skont is-Sottoparti H;

(e) għall-inġenji kollha tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-magni jew l-inġenji tal-ajru użati mit-trasportaturi tal-ajru li ngħataw il-liċenzja skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008, bl-analiżi tal-effikaċja tal-AMP approvat imsemmi fil-punt M.A.302;

(f) bit-twettiq ta' kwalunkwe minn dawn applikabbli:

(1) bid-direttiva dwar l-ajrunavigabbiltà (AD);

(2) bid-direttiva operattiva tal-impatt tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà;

(3) bir-rekwiżiti tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà stabbiliti mill-Aġenzija;

(4) bil-miżuri meħtieġa mill-awtorità kompetenti b'reazzjoni immedjata għal problema ta' sikurezza;

(g) bit-twettiq tal-modifiki u t-tiswijiet skont l-M.A.304;

(h) bl-għoti lill-bdot fil-kmand, jew lill-operatur fil-każ tat-trasportaturi tal-ajru li ngħataw il-liċenzja skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008, tad-dikjarazzjoni tal-massa u l-bilanċ li tirrifletti l-konfigurazzjoni kurrenti tal-inġenju tal-ajru;

(i) b'titjiriet ta' kontroll tal-manutenzjoni, meta jkunu meħtieġa.

M.A.302 **Programm ta' manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru**

(a) Il-manutenzjoni ta' kull inġenju tal-ajru għandha tkun organizzata skont AMP.

(b) L-AMP u kwalunkwe emenda sussegwenti tiegħu għandhom ikunu approvati mill-awtorità kompetenti.

(c) ►M8 Meta l-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenji tal-ajru tkun ġestita minn CAMO jew minn CAO, jew meta jkun hemm kuntratt limitat bejn is-sid u CAMO jew CAO konkluż skont il-punt M.A.201(i)(3), l-AMP u l-emendi tiegħu jistgħu jiġu approvati permezz ta’ proċedura ta’ approvazzjoni indiretta.

▼C2

F'dak il-każ, il-proċedura ta' approvazzjoni indiretta għandha tiġi stabbilita mis-CAMO jew mis-CAO kkonċernata bħala parti mill-espożizzjoni tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà (CAME) imsemmija fil-punt CAMO.A.300 tal-Anness Vc jew il-punt M.A.704 ta' dan l-Anness, jew bħala parti mill-espożizzjoni tal-ajrunavigabbiltà kombinata ("CAE") imsemmija fil-punt CAO.A.025 tal-Anness Vd u għandha tkun approvata mill-awtorità kompetenti responsabbli għal dik is-CAMO jew is-CAO. ◄

Il-proċedura ta' approvazzjoni indiretta għandha tintuża biss meta s-CAMO jew is-CAO kkonċernata tkun taħt is-sorveljanza tal-Istat Membru tar-reġistru tal-inġenju tal-ajru, sakemm ma jkunx ġie konkluż kuntratt bil-miktub skont il-punt 3 tal-punt M.1 li jittrasferixxi r-responsabbiltà għall-approvazzjoni tal-programm ta' manutenzjoni tal-inġenju tal-ajru lill-awtorità kompetenti responsabbli għas-CAMO jew is-CAO.

(d) L-AMP għandu juri konformità ma':

(1) l-istruzzjonijiet maħruġa mill-awtorità kompetenti;

(2) l-istruzzjonijiet għall-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà:

(i) maħruġa mid-detenturi taċ-ċertifikat tat-tip, iċ-ċertifikat tat-tip ristrett, iċ-ċertifikat tat-tip supplimentari, l-approvazzjoni tad-disinn ta' tiswija maġġuri, l-awtorizzazzjoni tal-ETSO jew ta' kwalunkwe approvazzjoni relevanti oħra maħruġa skont l-Anness I (Parti-21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012;

(ii) inklużi fl-Ispeċifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjoni msemmija fil-punt 21.A.90B jew 21.A.431B tal-Anness I (Parti-21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012, jekk applikabbli;

▼M9

(3) id-dispożizzjonijiet applikabbli tal-Anness I (Parti-26) tar-Regolament (UE) 2015/640.

▼C2

(e) Permezz ta' deroga mill-punt (d), is-sid jew l-organizzazzjoni li jimmaniġġjaw il-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru jistgħu jiddevjaw mill-istruzzjoni msemmija fil-punt (d)(2) u jipproponu intervalli eskalati fl-AMP, fuq il-bażi tad-*data* miksuba minn reviżjonijiet suffiċjenti mwettqa skont il-punt (h). L-approvazzjoni indiretta mhix permessa għall-eskalazzjoni ta' kompiti relatati mas-sikurezza. Is-sid jew l-organizzazzjoni li jimmaniġġjaw il-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru jistgħu jipproponu wkoll struzzjonijiet addizzjonali fl-AMP.

(f) L-AMP għandu jkun fih dettalji tal-manutenzjoni kollha li għandha titwettaq, inklużi l-frekwenza u kwalunkwe kompitu speċifiku marbut mat-tip u mal-ispeċifiċità tal-operazzjonijiet.

(g) Għal inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-magni, meta l-AMP ikun ibbażat fuq loġika tal-grupp ta' tmexxija ta' manutenzjoni jew fuq monitoraġġ tal-kundizzjoni, l-AMP għandu jinkludi programm ta' affidabbiltà.

(h) L-AMP għandu jkun soġġett għal reviżjonijiet perjodiċi u għandu jiġi emendat kif xieraq meta jkun hemm bżonn. Dawk ir-reviżjonijiet għandhom jiżguraw li l-AMP jibqa' aġġornat u validu fid-dawl tal-esperjenza operattiva u tal-istruzzjonijiet mill-awtorità kompetenti, filwaqt li jqis struzzjonijiet ta' manutenzjoni ġodda jew mibdula dwar il-manutenzjoni maħruġa mid-detenturi taċ-ċertifikat tat-tip u ċ-ċertifikat tat-tip supplimentari u kwalunkwe organizzazzjoni oħra li tippubblika *data* bħal din skont l-Anness I (Parti-21) tar-Regolament (UE) 748/2012.

▼B

M.A.303 **Direttivi dwar l-ajrunavigabbiltà**

Kull direttiva dwar l-ajrunavigabbiltà għandha titwettaq fi ħdan ir-rekwiżiti ta' dik id-direttiva dwar in-navigabbiltà, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor mill-Aġenzija.

▼M6

▼C2

M.A.304 ***Data* għal modifiki u tiswijiet**

Persuna jew organizzazzjoni li ssewwi inġenju tal-ajru jew komponent għandha tivvaluta kwalunkwe ħsara. Il-modifiki u t-tiswijiet għandhom jitwettqu billi tintuża, kif xieraq, id-*data* li ġejja:

(a) approvata mill-Aġenzija;

(b) approvata minn organizzazzjoni tad-disinn li tikkonforma mal-Anness I (Parti-21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012;

(c) li tinsab fir-rekwiżiti msemmija fil-punt 21.A.90B jew 21A.431B tal-Anness I (Parti-21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012.

M.A.305 **Sistema ta' reġistrazzjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru**

(a) Mat-tlestija ta' kwalunkwe manutenzjoni, iċ-ċertifikat tar-rilaxx għas-servizz għall-inġenji tal-ajru ("CRS") meħtieġ mill-punt M.A.801 jew il-punt 145.A.50, skont kif applikabbli, għandu jiddaħħal fis-sistema ta' rekords tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru, mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 30 jum wara li titlesta kwalunkwe manutenzjoni.

(b) Is-sistema ta' rekords dwar il-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru għandu jkun fiha dawn li ġejjin:

1. id-data tal-entrata, il-ħajja totali fis-servizz akkumulata fil-parametru applikabbli għall-inġenju tal-ajru, il-magna/i u/jew l-iskrun/iskrejjen;

2. ir-rekords tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru deskritti fil-punti (c) u (d) hawn taħt flimkien mar-rekords dettaljati ta' sostenn dwar il-manutenzjoni deskritti fil-punt (e) hawn taħt;

3. jekk meħtieġa mill-punt M.A.306, ir-reġistrazzjoni teknika tal-inġenju tal-ajru.

(c) Ir-rekords tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru għandhom jinkludu r-rapport dwar il-massa u l-bilanċ kurrenti u l-istatus kurrenti ta':

1. ADs u l-miżuri mandati mill-awtorità kompetenti b'reazzjoni immedjata għal problema ta' sikurezza;

2. modifiki u tiswijiet;

3. il-konformità mal-AMP;

4. il-kompiti differiti tal-manutenzjoni u r-rettifika differita tad-difetti.

▼C2

(d) Ir-rekords tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru għandhom jinkludu l-istatus kurrenti speċifiku għall-komponenti ta':

1. parts li jintużaw għal żmien limitat, inkluża l-ħajja akkumulata minn kull part affettwata b'rabta mal-parametru applikabbli tal-limitazzjoni tal-ajrunavigabbiltà; u

2. komponenti kkontrollati biż-żmien, inkluża l-ħajja akkumulata mill-komponenti affettwati fil-parametru applikabbli, sa mill-aħħar darba li twettqet manutenzjoni skedata, kif speċifikat fl-AMP.

(e) Is-sid jew l-operatur għandu jistabbilixxi sistema biex iżomm id-dokumenti u d-*data* li ġejjin f'forma aċċettabbli għall-awtorità kompetenti u għall-perjodi speċifikati hawn taħt:

1. sistema ta' reġistrazzjoni teknika tal-inġenju tal-ajru: ir-reġistrazzjoni teknika jew *data* oħra ekwivalenti fl-ambitu u fid-dettall, li jkopru l-perjodu ta' 36 xahar qabel l-aħħar entrata,

2. is-CRS u r-rekords dettaljati dwar il-manutenzjoni:

   (i) li juru konformità mal-ADs u l-miżuri mandati mill-awtorità kompetenti b'reazzjoni immedjata għal problema tas-sikurezza applikabbli għall-inġenju tal-ajru, il-magna/i, l-iskrun/iskrejjen u l-komponenti mqabbda magħhom, kif xieraq, sakemm l-informazzjoni li tinsab fihom tiġi sostitwita minn informazzjoni ġdida ekwivalenti fl-ambitu u d-dettall iżda li tkopri perjodu mhux iqsar minn 36 xahar;

   (ii) li juru konformità mad-*data* applikabbli skont il-punt M.A.304 għal modifiki u tiswijiet kurrenti għall-inġenju tal-ajru, il-magna/i, l-iskrun/iskrejjen u kwalunkwe komponent soġġett għal limitazzjonijiet tal-ajrunavigabbiltà; u

   (iii) tal-manutenzjoni skedata kollha jew manutenzjoni oħra meħtieġa għall-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru, il-magna/i, l-iskrun/iskrejjen, kif xieraq, sakemm l-informazzjoni li tinsab fihom tiġi sostitwita minn informazzjoni ġdida ekwivalenti fl-ambitu u d-dettall iżda li tkopri perjodu mhux iqsar minn 36 xahar.

3. *data* speċifika għal ċerti komponenti:

   (i) rekord storiku fis-servizz għal kull part li tintuża għal żmien limitat li fuq il-bażi tiegħu jiġi ddeterminat l-istatus kurrenti tal-konformità mal-limitazzjonijiet tal-ajrunavigabbiltà;

   (ii) is-CRS u r-rekords dettaljati dwar il-manutenzjoni għall-aħħar darba li saret xi manutenzjoni skedata u xi manutenzjoni mhux skedata sussegwenti tal-parts kollha li jintużaw għal żmien limitat u l-komponenti kkontrollati biż-żmien sakemm il-manutenzjoni skedata tiġi sostitwita minn manutenzjoni skedata oħra b'ambitu u dettall ekwivalenti iżda li tkopri perjodu ta' mhux anqas minn 36 xahar;

▼M11

(iii) is-CRS u d-dikjarazzjoni tal-aċċettazzjoni tas-sid għal kwalunkwe komponent li jitqabbad ma' inġenju tal-ajru ELA2 mingħajr Formola 1 tal-EASA f'konformità mal-punt 21.A.307(b)(2) tal-Anness I (Parti 21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012 iżda li jkopru perjodu mhux iqsar minn 36 xahar.

▼C2

4. Il-perjodi ta' żamma ta' rekords meta l-inġenju tal-ajru jiġi rtirat b'mod permanenti mis-servizz:

(i) id-*data* meħtieġa mill-punt (b)(1) tal-punt M.A.305 fir-rigward tal-inġenju tal-ajru, il-magna/i u l-iskrun/iskrejjen li għandha tinżamm għal tal-anqas 12-il xahar;

(ii) l-aħħar status u rapporti effettivi kif identifikati skont il-punti (c) u (d) tal-punt M.A.305 li għandhom jinżammu għal tal-anqas 12-il xahar; u

(iii) l-aktar CRS(s) u rekords dettaljati dwar il-manutenzjoni riċenti kif identifikati skont il-punti (e)(2)(ii) u (e)(3)(i) tal-punt M.A.305 li għandhom jinżammu għal tal-anqas 12-il xahar.

(f) Il-persuna jew l-organizzazzjoni responsabbli mill-kompiti ta' ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà skont il-punt M.A.201 għandha tikkonforma mar-rekwiżiti rigward is-sistema ta' rekords tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru u tippreżenta r-rekords lill-awtorità kompetenti meta mitluba.

(g) L-entrati kollha li jiddaħħlu fis-sistema ta' rekords tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà għandhom ikunu ċari u preċiżi. Meta jinqala' l-bżonn li tiġi kkoreġuta entrata, il-korrezzjoni għandha ssir b'tali mod li turi l-entrata oriġinali.

▼M2

M.A.306 **Sistema ta' reġistrazzjoni teknika tal-inġenju tal-ajru**

▼M6

▼C2

(a) Minbarra r-rekwiżiti tal-punt M.A.305, għal CAT, operazzjonijiet speċjalizzati kummerċjali u operazzjonijiet ATO jew DTO kummerċjali, l-operatur għandu juża sistema ta' reġistrazzjoni teknika li jkun fiha l-informazzjoni li ġejja għal kull inġenju tal-ajru.

▼M2

1. Informazzjoni dwar kull titjira, neċessarja biex tiġi żgurata s-sikurezza kontinwata tat-titjir, u;

2. iċ-ċertifikat attwali tar-rilaxx għas-servizz tal-inġenju tal-ajru, u;

3. id-dikjarazzjoni attwali tal-manutenzjoni li tagħti l-istatus tal-manutenzjoni tal-inġenju tal-ajru dwar liema manutenzjoni hija skedata u liema manutenzjoni barra mill-fażi waslet biex issir ħlief li l-awtorità kompetenti tista' taqbel li d-dikjarazzjoni ta' manutenzjoni tista' tinżamm x'imkien ieħor, u;

4. ir-rettifiki kollha tad-difetti postposti pendenti li jaffettwaw l-operazzojni tal-inġenju tal-ajru, u;

5. kwalunkwe istruzzjoni ta' gwida neċessarja dwar arranġamenti ta' sostenn għall-manutenzjoni.

▼M8

(b) Il-ħruġ inizjali tas-sistema ta' reġistrazzjoni teknika tal-inġenji tal-ajru għandu jkun approvat mill-awtorità kompetenti speċifikata fil-punt CAMO.A.105 tal-Anness Vc (Parti-CAMO), jew fil-punt M.1 ta' dan l-Anness (Parti-M) jew fil-punt CAO.1(1) tal-Anness Vd (Parti-CAO), skont kif ikun applikabbli. Kwalunkwe emenda sussegwenti għal dik is-sistema għandha tkun ġestita skont il-punt CAMO.A.300(c), jew il-punti M.A.704(b) u (c), jew il-punt CAO.A.025(c).

▼M6

▼C2

__________

▼B

M.A.307 **Trasferiment ta' rekords tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru**

▼M6

▼C2

(a) Meta inġenju tal-ajru jiġi ttrasferit b'mod permanenti minn sid jew operatur għal ieħor, is-sid jew l-operatur li jittrasferixxi għandu jiżgura li r-rekords tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà msemmija fil-punt M.A.305 u, jekk applikabbli, is-sistema ta' reġistrazzjoni teknika msemmija fil-punt M.A.306 jiġu ttrasferiti wkoll.

(b) Meta s-sid jagħti b'kuntratt il-kompiti ta' ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà lil CAMO jew CAO, is-sid għandu jiżgura li r-rekords tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà msemmija fil-punt M.A.305 jiġu ttrasferiti lil dik l-organizzazzjoni li ngħatat il-kuntratt.

(c) Il-perjodi ta' żmien għaż-żamma tar-rekords stabbiliti fil-punt (e) tal-punt M.A.305 għandhom jibqgħu japplikaw għas-sid, l-operatur, is-CAMO jew is-CAO il-ġodda.

▼B

IS-SOTTOPARTI D

*STANDARDS TA' MANUTENZJONI*

M.A.401 **Dejta ta' manutenzjoni**

(a) Il-persuna jew l-organizzazzjoni li tagħmel il-manutenzjoni ta' inġenju tal-ajru għandha jkollha aċċess għal u għandha tuża biss dejta tal-manutenzjoni attwali applikabbli fit-twettiq tal-manutenzjoni inklużi modifiki u tiswijiet.

▼M11

(b) Għall-finijiet ta' dan l-Anness, id-*data* tal-manutenzjoni applikabbli hija kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

1. kwalunkwe rekwiżit, proċedura, standard jew informazzjoni applikabbli maħruġa mill-awtorità kompetenti jew mill-Aġenzija;

2. kwalunkwe direttiva applikabbli dwar l-ajrunavigabbiltà;

3. l-istruzzjonijiet applikabbli għall-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà u struzzjonijiet oħra tal-manutenzjoni, maħruġa mid-detentur taċ-ċertifikat tat-tip, mid-detenturi taċ-ċertifikat tat-tip supplimentari u minn kwalunkwe organizzazzjoni oħra li tippubblika tali *data* f'konformità mal-Anness I (Parti 21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012;

4. għall-komponenti approvati għall-installazzjoni mid-detentur tal-approvazzjoni tad-disinn, l-istruzzjonijiet tal-manutenzjoni applikabbli ppubblikati mill-manifatturi tal-komponenti u aċċettabbli għad-detentur tal-approvazzjoni tad-disinn;

5. kwalunkwe *data* applikabbli maħruġa f'konformità mal-punt 145.A.45(d).

▼B

(c) Il-persuna jew l-organizzazzjoni li tagħmel il-manutenzjoni ta' inġenju tal-ajru għandha tiżgura li d-dejta kollha applikabbli tal-manutenzjoni hi attwali u disponibbli mill-ewwel għall-użu jekk tiġi meħtieġa. Il-persuna jew l-organizzazzjoni għandha tistabbilixxi kard tax-xogħol jew sistema ta' dokument tax-xogħol biex tintuża u għandha jew tittraskrivi b'mod preċis d-dejta tal-manutenzjoni fuq tali kards tax-xogħol jew tali dokumenti tax-xogħol jew tagħmel referenza preċiża għal kompitu jew kompiti partikolari ta' manutenzjoni li hemm f'dejta ta' muntenzjoni bħal din.

▼M2

M.A.402 **Twettiq ta' manutenzjoni**

Ħlief għall-manutenzjoni mwettqa minn organizzazzjoni ta' manutenzjoni approvata skont l-Anness II (il-Parti-145), kwalunkwe persuna jew organizzazzjoni li twettaq il-manutenzjoni għandha:

(a) tkun kwalifikata għall-kompiti mwettqa, kif mitlub minn din il-parti;

(b) tiżgura li l-erja li fiha titwettaq il-manutenzjoni tkun organizzata sewwa u nadifa minn kull ħmieġ u kontaminazzjoni;

(c) tuża l-metodi, it-tekniki, l-istandards u l-istruzzjonijiet speċifikati fid-dejta tal-manutenzjoni tal-M.A.401;

(d) tuża l-għodod, it-tagħmir, u l-materjal speċifikati fid-dejta tal-manutenzjoni tal-M.A.401; Fejn hemm bżonn, l-għodda u t-tagħmir għandhom jiġu kkontrollati u kkalibrati skont standard rikonoxxut uffiċjalment;

(e) tiżgura li l-manutenzjoni kollha għandha titwettaq fi kwalunkwe limitazzjoni ambjentali speċifikati fid-dejta tal-manutenzjoni tal-M.A.401;

(f) tiżgura li l-faċilitajiet xierqa jintużaw f'każ ta' temp ħażin u jew manutenzjoni twila;

(g) tiżgura li jiġu minimizzati r-riskju ta' żbalji multipli matul il-manutenzjoni u r-riskju li l-iżbalji jiġu ripetuti f'kompiti ta' manutenzjoni identiċi;

(h) tiżgura li jiġi implimentat metodu li jaqbad l-iżbalji wara t-twettiq ta' kwalunkwe kompitu kritiku ta' manutenzjoni; u

(i) twettaq verifika ġenerali, wara li titlesta l-manutenzjoni, biex jiġi żgurat li l-inġenju tal-ajru jew il-komponent, ma għandu l-ebda għodda, tagħmir u kwalunkwe part jew materjal estranju, u li l-pannelli kollha ta' aċċess maqlugħin, ikunu twaħħlu mill-ġdid.

▼B

M.A.403 **Difetti tal-inġenju tal-ajru**

(a) Għandu jitranġa xi difett tal-inġenju tal-ajru li jipperikola b'mod serju is-sikurezza tat-titjira qabel xi titjira oħra.

▼M12

(b) Huma biss il-persunal li jiċċertifika msemmi fil-punt M.A.801(b)(1) jew fis-Subparti F ta' dan l-Anness jew fl-Anness II (Parti-145) jew fl-Anness Vd (Parti-CAO), jew il-persuna awtorizzata f'konformità mal-punt M.A.801(c) ta' dan l-Anness li jistgħu jiddeċiedu, bl-użu tad-*data* tal-manutenzjoni msemmija fil-punt M.A.401 ta' dan l-Anness, jekk difett fl-inġenju tal-ajru jipperikolax serjament is-sikurezza tat-titjira u għalhekk jiddeċiedu meta u liema azzjoni ta' rettifika għandha tittieħed qabel titjira ulterjuri u liema rettifika tad-difett tista' tiġi differita. Madankollu, dan ma japplikax meta l-MEL tintuża mill-bdot jew mill-persunal li jiċċertifika.

▼M2

(c) Kwalunkwe nuqqas fl-inġenju tal-ajru li ma jpoġġix f'riskju serju s-sikurezza tat-titjira għandu jiġi rettifikat malajr kemm jista' jkun, wara d-data li jkun ġie identifikat l-ewwel id-difett fl-inġenju tal-ajru u fi kwalunkwe limitu speċifikat fid-dejta ta' manutenzjoni jew fil-MEL.

▼M6
▼C2

(d) Kwalunkwe difett mhux rettifikat qabel it-titjira għandu jiġi rreġistrat fis-sistema tar-rekords tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenji tal-ajru msemmija fil-punt M.A.305 jew, jekk applikabbli, fis-sistema ta' reġistrazzjoni teknika tal-inġenju tal-ajru msemmija fil-punt M.A.306.

▼B

IS-SOTTOPARTI E

*KOMPONENTI*

▼M5

M.A.501 **Klassifikazzjoni u installazzjoni**

(a) Il-komponenti kollha għandhom jiġu kklassifikati u ssegregati kif xieraq fil-kategoriji li ġejjin:

▼M11

(1) Komponenti li huma f'kundizzjoni sodisfaċenti, rilaxxati għall-użu b'Formola 1 tal-EASA jew b'formola ekwivalenti u mmarkati f'konformità mas-Sottoparti Q tal-Anness I (Parti 21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fil-punt 21.A.307 tal-Anness I (Parti 21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012, jew f'dan l-Anness (Parti-M) jew fl-Anness Vd (Parti-CAO).

▼M5

(2) Il-manutenzjoni fuq komponenti li ma jistax isir servizz fuqhom għandha ssir skont dan ir-Regolament.

▼M6
▼C2

(3) Komponenti li jiġu kkategorizzati li mhumiex salvabbli minħabba li jkunu laħqu l-limitu ta' żmien obbligatorju tagħhom jew minħabba li jkollhom difett li ma jissewwiex.

▼M5

(4) Partijiet standard użati fuq inġenju tal-ajru, magna, skrun jew xi komponent ieħor ta' inġenju tal-ajru meta jkunu speċifikati fid-dejta tal-manutenzjoni u akkumpanjati b'evidenza ta' konformità traċċabbli mal-istandard applikabbli.

(5) Materjal, bażiku jew konsumabbli, użat matul il-manutenzjoni meta l-organizzazzjoni tkun issodisfata li l-materjal huwa skont l-ispeċifikazzjoni meħtieġa u għandu t-traċċabbiltà xierqa. Il-materjal kollu għandu jkun akkumpanjat minn dokumenti relatati b'mod ċar mal-materjal partikolari u li jinkludu dikjarazzjoni ta' konformità mal-ispeċifikazzjonijiet flimkien mal-oriġini tal-manifattur u tal-fornitur.

(b) Il-komponenti, il-partijiet standard u l-materjal għandhom jiġu installati biss fuq inġenju tal-ajru jew komponent jekk ikunu f'kundizzjoni sodisfaċenti, jekk jappartjenu għal waħda mill-kategoriji elenkati fil-punt (a) u jekk id-dejta tal-manutenzjoni applikabbli tispeċifika l-komponent, parti standard jew materjal partikolari.

▼M11

M.A.502 **Manutenzjoni tal-komponenti**

(a) Il-manutenzjoni tal-komponenti għajr il-komponenti msemmija fil-punti (b)(2) sa (b)(6) tal-punt 21.A.307 tal-Anness I (Parti 21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012 għandha titwettaq minn organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni approvati f'konformità mas-Sottoparti F ta' dan l-Anness jew mal-Anness II (Parti-145) jew mal-Anness Vd (Parti-CAO), skont kif applikabbli.

(b) B'deroga mill-punt (a), meta komponent jitqabbad mal-inġenju tal-ajru, il-manutenzjoni ta' tali komponent tista' titwettaq minn organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata tal-inġenji tal-ajru f'konformità mas-Sottoparti F ta' dan l-Anness jew mal-Anness II (Parti-145) jew mal-Anness Vd (Parti-CAO) jew mill-persunal taċ-ċertifikazzjoni msemmi fil-punt (b)(1) tal-punt M.A.801. Tali manutenzjoni għandha titwettaq f'konformità mad-*data* tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru jew f'konformità mad-*data* tal-manutenzjoni tal-komponenti jekk l-awtorità kompetenti tkun qablet. Tali organizzazzjoni tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru jew il-persunal taċ-ċertifikazzjoni jistgħu jneħħu b'mod temporanju l-komponent għall-manutenzjoni jekk dan ikun neċessarju biex jittejjeb l-aċċess għall-komponent, għajr meta tkun meħtieġa manutenzjoni addizzjonali minħabba t-tneħħija. Il-manutenzjoni tal-komponenti li titwettaq f'konformità ma' dan il-punt ma għandhiex tkun eliġibbli għall-ħruġ ta' Formola 1 tal-EASA u għandha tkun soġġetta għar-rekwiżiti tar-rilaxx għall-użu tal-inġenji tal-ajru previsti fil-punt M.A.801.

(c) B'deroga mill-punt (a), meta komponent jitqabbad mal-magna jew mal-unità ta' potenza awżiljarja (APU), il-manutenzjoni ta' tali komponent tista' titwettaq minn organizzazzjoni tal-manutenzjoni tal-magni li tkun approvata f'konformità mas-Sottoparti F ta' dan l-Anness jew mal-Anness II (Parti-145) jew mal-Anness Vd (Parti-CAO). Tali manutenzjoni għandha titwettaq f'konformità mad-*data* tal-manutenzjoni tal-magna jew tal-APU jew f'konformità mad-*data* tal-manutenzjoni tal-komponent jekk l-awtorità kompetenti tkun qablet. Tali organizzazzjoni bi klassifikazzjoni B tista' tneħħi l-komponent b'mod temporanju għall-manutenzjoni jekk dan ikun neċessarju biex jittejjeb l-aċċess għall-komponent, għajr meta tkun meħtieġa manutenzjoni addizzjonali minħabba t-tneħħija.

(d) Il-manutenzjoni tal-komponenti msemmija fil-punt (b)(2) tal-punt 21.A.307 tal-Anness I (Parti 21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012, meta l-komponent jitqabbad mal-inġenju tal-ajru jew jitneħħa b'mod temporanju biex jittejjeb l-aċċess, għandha titwettaq minn organizzazzjoni tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru li tkun approvata f'konformità mas-Sottoparti F ta' dan l-Anness jew mal-Anness II (Parti-145) jew mal-Anness Vd (Parti-CAO), kif ikun applikabbli, mill-persunal taċ-ċertifikazzjoni msemmi fil-punt (b)(1) tal-punt M.A.801 jew mill-bdot-sid imsemmi fil-punt (b)(2) tal-punt M.A.801. Il-manutenzjoni tal-komponenti li titwettaq f'konformità ma' dan il-punt ma għandhiex tkun eliġibbli għall-ħruġ ta' Formola 1 tal-EASA u għandha tkun soġġetta għar-rekwiżiti tar-rilaxx għall-użu tal-inġenji tal-ajru previsti fil-punt M.A.801.

(e) Il-manutenzjoni tal-komponenti msemmija fil-punti (b)(3) sa (b)(6) tal-punt 21.A.307 tal-Anness I (Parti 21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012 għandha titwettaq mill-organizzazzjoni msemmija fil-punt (a), jew għandha titwettaq minn kwalunkwe persuna jew organizzazzjoni u għandha tiġi rrilaxxata għall-użu b'"dikjarazzjoni li l-manutenzjoni twettqet" maħruġa mill-persuna jew mill-organizzazzjoni li tkun wettqet il-manutenzjoni. Id-"dikjarazzjoni li l-manutenzjoni twettqet" għandu jkun fiha minn tal-inqas id-dettalji bażiċi tal-manutenzjoni li tkun twettqet, id-data meta l-manutenzjoni tlestiet, u l-identifikazzjoni tal-organizzazzjoni jew tal-persuna li toħroġha. Din għandha titqies bħala rekord tal-manutenzjoni u ekwivalenti għal Formola 1 tal-EASA fir-rigward tal-komponent li tkun saritlu l-manutenzjoni.

▼M6

▼C2

M.A.503 **Parts li jintużaw għal żmien limitat u komponenti kkontrollati biż-żmien**

▼M8

(a) Parts installati li jintużaw għal żmien limitat u komponenti installati kkontrollati biż-żmien ma għandhomx jaqbżu l-limitazzjoni approvata kif speċifikata fl-AMP u fl-ADs, ħlief kif previst fil-punt M.A.504(b).

▼C2

(b) Meta tiskadi l-limitazzjoni approvata, il-komponent għandu jitneħħa mill-inġenju tal-ajru għall-manutenzjoni, jew għar-rimi fil-każ ta' parts li jintużaw għal żmien limitat.

▼M5

M.A.504 **Segregazzjoni tal-komponenti**

(a) Il-komponenti li ma jistax isir servizz fuqhom u dawk li ma humiex salvabbli għandhom jiġu ssegregati minn komponenti, partijiet standard u materjali li jista' jsir servizz fuqhom.

▼M6

▼C2

(b) Il-komponenti li mhumiex salvabbli ma għandhomx jitħallew jidħlu mill-ġdid fis-sistema tal-forniment tal-komponenti sakemm il-limitu ta' żmien obbligatorju ma jkunx ġie estiż jew sakemm ma tkunx ġiet approvata soluzzjoni ta' tiswija skont ir-Regolament (UE) Nru 748/2012.

▼B

## IS-SOTTOPARTI F

## *ORGANIZZAZZJONI TAL-MANUTENZJONI*

▼M2

M.A.601 **Kamp ta' applikazzjoni**

Din is-Subparti tistabbilixxi r-rekwiżiti li għandhom jiġu ssodisfati minn organizzazzjoni biex tikkwalifika għall-ħruġ jew il-kontinwazzjoni ta' approvazzjoni għall-manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru ħlief inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-magni u l-komponenti li għandhom jiġi installati fuqhom li ma jintużawx minn trasportaturi tal-ajru li ngħataw liċenzja skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008.

▼B

M.A.602 **Applikazzjoni**

Applikazzjoni għall-ħruġ jew bidla fl-approvazzjoni ta' organizzazzjoni tal-manutenzjoni għandha ssir fuq formola u b'mod stabbiliti mill-awtorità kompetenti.

M.A.603 **Termini tal-approvazzjoni**

▼M6

▼C2

(a) Organizzazzjoni involuta f'attivitajiet soġġetti għal din is-Sottoparti m'għandhiex teżerċita l-attivitajiet tagħha jekk ma tkunx approvata mill-awtorità kompetenti. Għal dak l-għan, l-awtorità kompetenti għandha tuża l-mudell stabbilit fl-Appendiċi V.

(b) L-ambitu tax-xogħol soġġett għall-approvazzjoni għandu jkun speċifikat fil-manwal tal-organizzazzjoni tal-manutenzjoni skont il-punt M.A.604. Il-klassijiet u l-klassifikazzjonijiet li għandhom jintużaw għall-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni huma stabbiliti fl-Appendiċi IV ta' din il-Parti.

▼B

(c) Organizzazzjoni approvata tal-manutenzjoni tista' tiffabbrika, konformi mad-dejta tal-manutenzjoni, firxa ristretta ta' parts għall-użu waqt ix-xogħol li jkun għaddej fil-faċilitajiet tagħha, kif identifikat fil-manwal tal-organizzazzjoni tal-manutenzjoni.

M.A.604 **Manwal tal-organizzazzjoni tal-manutenzjoni**

(a) L-organizzazzjoni tal-manutenzjoni għandha tipprovdi manwal li fih ta' mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

▼M6

▼C2

1. dikjarazzjoni ffirmata mill-maniġer responsabbli maħtur skont il-punt M.A.606, il-punt (a) li jikkonferma li l-organizzazzjoni f'kull ħin se twettaq l-attivitajiet tagħha skont ir-rekwiżiti ta' dan l-Anness (Parti-M) jew l-Anness Vb (Parti-ML), skont kif applikabbli, u skont il-manwal;

▼B

2. l-ambitu tax-xogħol tal-organizzazzjoni, u;

3. It-titl(i) u l-ismi(jiet) tal-persun(i) msemmija fil-punt M.A.606(b), u;

4. ċart tal-organizzazzjoni marbuta mal-ktajjen ta' responsabbiltà bejn il-persun(i) msemmija fil-punt M.A.606(b), u;

▼M8

5. lista ta' persunal taċ-ċertifikazzjoni u, jekk ikun applikabbli, ta' persunal għar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà, bl-ambitu tal-approvazzjoni tagħhom, u;

▼M1

6. lista tal-postijiet fejn issir il-manutenzjoni, flimkien ma' deskrizzjoni ġenerali tal-faċilitajiet, u;

▼B

7. proċeduri li jispeċifikaw kif l-organizzazzjoni tal-manutenzjoni tiżgura l-konformità ma' din il-Parti, u;

8. il-proċedur(i) ta' emendi tal-manwal tal-l-organizzazzjoni tal-manutenzjoni.

(b) Il-manwal tal-organizzazzjoni tal-manutenzjoni u l-emendi tiegħu għandhom ikunu approvati mill-awtorità kompetenti.

(c) Minkejja il-punt (b) emendi minuri fil-manwal jistgħu jkunu approvati permezz ta' proċedura (minn hawn 'il quddiem msejħa approvazzjoni indiretta).

M.A.605 **Faċilitajiet**

L-organizzazzjoni għandha tiżgura li:

(a) Il-faċiltajiet huma provduti għax-xogħol kollu ppjanat, ħwienet tax-xogħol u pjattaformi huma segregati kif xieraq, biex tiġi żgurata l-protezzjoni mill-kontaminazzjoni u l-ambjent.

(b) Tiġi pprovduta akkomodazzjoni ta' uffiċċju għall-maniġment tax-xogħol kollu ppjanat inkluż, b'mod partikoalri, ir-rekords tal-manutenzjoni kompluti.

(c) Jiġu pprovduti faċilitajiet ta' ħżin sikur għall-komponenti, it-tagħmir, l-għodda u l-materjal. Il-kondizzjonijiet tal-ħżin għandhom jiżguraw segregazzjoni ta' komponeneti u materjal mhux tajbin biex jintużaw minn komponeneti, materjal, tagħmir u għodda oħra. Il-kondizzjonijiet tal-ħżin għandhom ikunu f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-manifatturi u l-aċċess għandu jkun ristrett għall-persunal awtorizzat.

M.A.606 **Rekwiżiti tal-persunal**

(a) L-organizzazzjoni għandha taħtar maniġer responsabbli, li għandu l-awtorità tal-ażjenda biex jiżgura li l-manutenzjoni meħtieġa mill-klijent tista' tiġi ffinanzjata u titwettaq skont l-istandard meħtieġ ta' din il-Parti.

(b) Għandha tiġi nominata persuna jew grupp ta' persuni bir-responsabbiltà li tiġi żgurata li l-organizzazzjoni tkun dejjem f'konformità ma' din is-Sottoparti. Fl-aħħar mill-aħħar tali persun(i) għandhom ikunu responsabbli għall-maniġer responsabbli.

▼B

(c) Il-persuni kollha msemmija fil-punt (b) għandhom ikunu kapaċi juru l-għarfien relevanti, l-isfond u l-esperjenza xierqa marbuta mal-manutenzjoni tal-inġenju tal-ajru u/jew il-komponent.

(d) L-organizzazzjoni għandha jkollha persunal xieraq għall-kuntratti tax-xogħol normalment mistennija. L-użu temporanju ta' persunal sottokuntrattat huwa permess fil-każ ta' xogħol kkuntrattat aktar mill normalment mistenni u għall-persunal li ma joħroġx ċertifikat ta' rilaxx għas-servizz.

▼M8

(e) Il-kwalifika tal-persunal kollu involut fir-reviżjonijiet tal-manutenzjoni u tal-ajrunavigabbiltà għandha tintwera u tiġi rreġistrata.

▼B

(f) Il-persunal li jwettaq kompiti speċjalizzati bħalma hu l-welding, ttestjar/spezzjoni mhux distruttiv ħlief għall-kuntrast tal-kuluri għandu jkun kwalifikat f'konformità mal-istandard uffiċjalment rikonoxxut.

▼M5

(g) L-organizzazzjoni tal-manutenzjoni għandu jkollha biżżejjed persunal li jiċċertifika biex jinħarġu ċ-ċertifikati tar-rilaxx għas-servizz lil inġenji tal-ajru u komponenti kif previst fil-punti M.A.612 u M.A.613. Il-persunal għandu jkun konformi ma' dawn ir-rekwiżiti:

1. L-Anness III (Parti-66) fil-każ ta' inġenji tal-ajru;

2. L-Artikolu 5(6) ta' dan ir-Regolament fil-każ ta' komponenti.

▼B

(h) B'deroga mill-punt (g), l-organizzazzjoni tista' tuża persunal li jiċċertifika kkwalifikat skont id-dispożizzjonijiet li ġejjin meta jipprovdu appoġġ ta' manutenzjoni lil operaturi involuti f'operazzjonijiet kummerċjali, suġġetti għall-proċeduri xierqa li jridu jkunu approvati bħala parti mill-manwal tal-organizzazzjoni:

1. Għal direttiva ripetittiva dwar l-adegwatezza għall-avjazzjoni qabel it-titjira li b'mod speċifiku tiddikjara li l-ekwipaġġ tat-titjira jista' jwettaq din id-direttiva dwar il-ajrunavigabbiltà, l-organizzazzjoni tista' toħroġ awtorizzazzjoni limitata ta' persunal li jiċċertifika lill-kmandant tal-inġenju tal-ajru fuq il-bażi tal-liċenzja li jkollu l-ekwipaġġ tat-titjira, sakemm, l-organizzazzjoni tiżgura li twettaq biżżejjed taħriġ prattiku biex ikun żgurat li din il-persuna tista' twettaq id-direttiva tal-adegwatezza għall-avjazzjoni skont l-istandard meħtieġ.

2. Fil-każ ta' inġenju tal-ajru li jopera 'l bogħod minn post appoġġjat, l-organizzazzjoni tista toħroġ awtorizzazzjoni limitata ta' persunal li jiċċertifika lill-kmandant tal-inġenju tal-ajru fuq il-bażi tal-liċenzja li jkollu l-ekwipaġġ tat-titjira, sakemm, l-organizzazzjoni tiżgura li twettaq biżżejjed taħriġ prattiku biex ikun żgurat li din il-persuna tista' twetttaq il-kompitu skont l-istandard meħtieġ.

▼M8

(i) Jekk l-organizzazzjoni twettaq reviżjonijiet tal-ajrunavigabbiltà u toħroġ iċ-ċertifikat korrispondenti tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà għal inġenju tal-ajru ELA1 mhux involut f'operazzjonijiet kummerċjali skont il-punt ML.A.903 tal-Anness Vb (Parti-ML), din għandu jkollha persunal tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà kwalifikat u awtorizzat li jissodisfa r-rekwiżiti kollha li ġejjin:

1. għandu jkollu awtorizzazzjoni ta' persunal taċ-ċertifikazzjoni għall-inġenji tal-ajru korrispondenti;

▼M8

2. għandu jkollu mill-inqas tliet snin esperjenza bħala persunal taċ-ċertifikazzjoni;

3. għandu jkun indipendenti mill-proċess tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenji tal-ajru li jkunu qed jiġu eżaminati jew għandu jkollu l-awtorità kumplessiva fuq il-proċess tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenji tal-ajru kompluti li jkunu qed jiġu eżaminati;

4. għandu jkun kiseb l-għarfien tas-Sottoparti C ta' dan l-Anness (Parti-M) jew tas-Sottoparti C tal-Anness Vb (Parti-ML);

5. għandu jkun kiseb l-għarfien bil-provi tal-proċeduri tal-organizzazzjoni tal-manutenzjoni rilevanti għar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà u għall-ħruġ taċ-ċertifikat tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà;

6. għandu jkun ġie aċċettat formalment mill-awtorità kompetenti wara li jkun wettaq reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà taħt is-superviżjoni tal-awtorità kompetenti jew taħt is-superviżjoni tal-persunal tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà tal-organizzazzjoni skont proċedura approvata mill-awtorità kompetenti;

7. għandu jkun wettaq mill-inqas reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà waħda fl-aħħar perjodu ta' tnax-il xahar.

▼M6

▼C2

___________

▼M1

**M.A.607 L-istaff li jiċċertifika u l-istaff għar-reviżjoni tal-kontinwità fl-ajrunavigabbiltà**

▼B

(a) Minbarra M.A.606(g), il-persunal li jiċċertifika jista' jeżerċita l-privileġġi tiegħu biss jekk l-organizzazzjoni tiżgura:

▼M6

▼C2

1. li l-persunal taċ-ċertifikazzjoni jkun jista' juri li hu jissodisfa r-rekwiżiti tal-punt (b) tal-punt 66.A.20 tal-Anness III (Parti-66) jew, fejn dak l-Anness ikun jeħtieġ hekk, ir-rekwiżiti tal-liġi tal-Istat Membru;

▼B

2. li l-persunal li jiċċertifika għandu għarfien adegwat tal-inġenju tal-ajru u/jew il-komponent(i) tiegħu li għandhom ikunu taħt manutenzjoni flimkien mal-proċeduri assoċjati tal-organizzazzjoni.

(b) Fil-każi mhux previsti li ġejjin, meta inġenju tal-ajru huwa miżmum milli jtir f'post differenti mill-bażi prinċipali fejn ebda persunal li jiċċertifika xieraq mhu disponibbli, l-organizzazzjoni tal-manutenzjoni li għandha l-kuntratt biex tipprovdi appoġġ għall-manutenzjoni tista' toħroġ awtorizzazzjoni ta' ċertifikazzjoni ta' darba:

1. lill-wieħed mill-impjegatli li għandu l-kwalifika tat-tip fuq ingenju tal-ajru b'teknoloġija, kostruzzjoni u sistemi simili; jew

2. lil xi persuna b'mhux inqas minn tliet snin esperjenza fil-manutenzjoni u li għandha liċenzja tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru ICAO valida ggradata għat-tip ta' inġenju tal-ajru li għandu bżonn ċertifikazzjoni sakemm m'hemm ebda organizzazzjoni approvata skont din il-Parti f'dak il-post u l-organizzazzjoni li għandha l-kuntratt għandha evidenza fil-fajl tal-esperjenza u l-liċenzja ta' dik il-persuna.

▼B

►M1 Kull każ bħal dan għandu jkun irrappurtat lill-awtorità kompetenti fi żmien sebat ijiem minn meta ħarġet din l-awtorizzazzjoni ta' ċertifikazzjoni. ◄ L-organizzazzjoni ta' manutenzjoni approvata li toħroġ awtorizzazzjoni ta' ċertifikazzjoni ta' darba għandha tiżgura li kull manutenzjoni bħal din li tista' teffettwa s-sikurezza ta' titjira tkun iċċekkjata.

▼M1

(c) L-organizzazzjoni ta' manutenzjoni approvata għandha tirreġistra d-dettalji kollha rigward l-istaff li jiċċertifika u l-istaff għar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà u għandha żżomm lista attwali tal-istaff kollu li jiċċertifika u l-istaff għar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà, flimkien mal-ambitu tal-approvazzjoni tagħhom bħala parti mill-manwal tal-organizzazzjoni skont il-punt M.A.604(a)5.

▼B

M.A.608 **Komponenti, tagħmir u għodod**

(a) L-organizzazzjoni għandha:

1. iżomm it-tagħmir u l-għodda speċifikata fid-dejta tal-manutenzjoni deskritta fil-punt M.A.609 jew l-ekwivalenti vverifikati kif elenkat fil-manwal tal-organizzazzjoni ta' manutenzjoni kif meħtieġ għall-manutenzjoni ta' kuljum fl-ambitu tal-applikazzjoni tal-approvazzjoni; and,

2. turi li għandha aċeess għat-tagħmir u l-għodod kollha użati biss ta' kultant.

(b) l-għodda u t-tagħmir għandhom jiġu kkontrollati u kkalibrati skont standard uffiċjalment rikonoxxut. Ir-rekords ta' dawn il-kalibrazzjonijiet u l-istandard użat għandhom jinżammu mill-organizzazzjoni.

▼M5

(c) L-organizzazzjoni għandha tispezzjona, tikklassifika u tissegrega b'mod xieraq il-komponeneti, il-partijiet standard u l-materjali kollha li jkunu qed jaslu.

▼M6

▼C2

M.A.609 ***Data* tal-manutenzjoni**

L-organizzazzjoni approvata ta' manutenzjoni għandha żżomm u tuża *data* kurrenti applikabbli tal-manutenzjoni speċifikata fil-punt M.A.401 ta' dan l-Anness jew fil-punt ML.A.401 tal-Anness Vb (Parti-ML), skont kif applikabbli, fit-twettiq tal-manutenzjoni, inklużi l-modifiki u t-tiswijiet. Madankollu, fil-każ ta' *data* tal-manutenzjoni pprovduta mill-klijenti, l-organizzazzjoni għandha żżomm u tuża t-tali *data* biss waqt li tkun għaddejja l-ħidma ta' manutenzjoni.

▼B

M.A.610 **Ordnijiet ta' xogħol ta' manutenzjoni**

Qabel jibda x-xogħol ta' manutenzjoni għandha tkun miftehma ordni ta' xogħol bil-miktub bejn l-organizzazzjoni u l-organizzazzjoni li qed titlob il-manutenzjoni biex ikun stabbilit b'mod ċar ix-xogħol ta' manutenzjoni li għandu jsir.

▼M6

▼C2

M.A.611 **Standards tal-manutenzjoni**

Il-manutenzjoni kollha għandha ssir skont ir-rekwiżiti tas-Sottoparti D, Taqsima A ta' dan l-Anness jew ir-rekwiżiti tas-Sottoparti D, Taqsima A tal-Anness Vb (Parti-ML), kif stipulat fl-Artikolu 3 paragrafu 1.

▼C2

M.A.612 **Ċertifikat tar-rilaxx għas-servizz għall-inġenji tal-ajru**

Malli titlesta l-manutenzjoni meħtieġa kollha tal-inġenji tal-ajru skont din is-Sottoparti, għandu jinħareġ CRS tal-inġenju tal-ajru skont il-punt M.A.801 ta' dan l-Anness jew il-punt ML.A.801 tal-Anness Vb (Parti-ML), kif stipulat fl-Artikolu 3 paragrafu 1.

M.A.613 **Ċertifikat għall-komponenti biex jinħarġu għall-użu**

(a) Malli titlesta l-manutenzjoni meħtieġa kollha tal-komponenti skont din is-Sottoparti, għandu jinħareġ CRS tal-komponent skont il-punt M.A.802 ta' dan l-Anness jew il-punt ML.A.802 tal-Anness Vb (Parti-ML), skont kif applikabbli. Għandha tinħareġ Formola 1 tal-EASA, ħlief għal dawk il-komponenti mantnuti skont il-punti (b) jew (d) tal-punt M.A.502, għal komponenti ffabbrikati skont il-punt (c) tal-punt M.A.603 ta' dan l-Anness u għal komponenti li fir-rigward tagħhom il-punt ML.A.502 tal-Anness Vb (Parti-ML) jipprevedi mod ieħor.

(b) Id-dokument tas-CRS tal-komponenti, il-Formola 1 tal-EASA, jista' jiġi ġġenerat minn sistema tal-kompjuter.

▼M1

M.A.614 **Rekords tar-reviżjoni tal-manutenzjoni u l-ajrunavigabbiltà**

▼M8

(a) L-organizzazzjoni approvata tal-manutenzjoni għandha tirreġistra d-dettalji kollha tax-xogħol imwettaq. Ir-rekords meħtieġa li juru li r-rekwiżiti ġew issodisfati għall-ħruġ taċ-ċertifikat ta’ rilaxx għas-servizz inklużi d-dokumenti ta’ rilaxx tas-sottokuntrattur u għall-ħruġ ta’ kwalunkwe ċertifikat tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà għandhom jinżammu.

(b) L-organizzazzjoni approvata tal-manutenzjoni għandha tipprovdi kopja ta’ kull CRS lis-sid jew lill-operatur tal-inġenji tal-ajru, flimkien ma’ kopja ta’ kwalunkwe rekord dettaljat tal-manutenzjoni assoċjat mal-ħidma mwettqa u li jkun meħtieġ biex tintwera l-konformità mal-punt M.A.305 ta’ dan l-Anness (Parti-M) jew mal-punt ML.A.305 tal-Anness Vb (Parti-ML), skont kif ikun applikabbli.

▼M1

(c) L-organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata għandha żżomm kopja tar-rekords kollha tal-manutenzjoni u kwalunkwe dejta tal-manutenzjoni assoċjata għal tliet snin mid-data marbuta ma' meta l-inġenju tal-ajru jew il-komponent tal-inġenju tal-ajru ġie rilaxxat mill-organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata. ►M8 Barra minn hekk, għandha żżomm kopja tar-rekords kollha marbuta mal-ħruġ taċ-ċertifikati tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà għal tliet snin mid-data tal-ħruġ u għandha tipprovdi kopja tagħhom lil sid l-inġenji tal-ajru. ◄

1. Ir-rekords skont dan il-punt għandhom jinħażnu b'tali mod li jiżgura li jitħarsu mill-ħsara, mit-tibdil jew mis-serq.

2. Il-ħardwer kollu tal-kompjuter użat sabiex isiru kopji “backup” għandu jinżamm f'postijiet differenti minn dawk li fihom id-dejta dwar ix-xogħol, b'tali mod li tkun żgurata l-kondizzjoni tajba tagħhom.

3. Meta organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata ttemm l-operat tagħha, ir-rekords kollha miżmuma tal-manutenzjoni li jkopru l-aħħar tliet snin għandhom jingħataw lill-aħħar sid jew klijent tal-inġenju tal-ajru jew komponent rispettiv jew għandhom jinħażnu kif speċifikat mill-awtorità kompetenti.

▼M6

▼C2

M.A.615 **Privileġġi tal-organizzazzjoni**

L-organizzazzjoni ta' manutenzjoni approvata skont is-Sottoparti F, Taqsima A ta' dan l-Anness, tista':

(a) tmantni kwalunkwe inġenju tal-ajru u/jew komponent li għalih tkun approvata fil-postijiet speċifikati fiċ-ċertifikat tal-approvazzjoni u l-manwal tal-organizzazzjoni tal-manutenzjoni;

(b) torganizza t-twettiq ta' servizzi speċjalizzati taħt il-kontroll tal-organizzazzjoni ta' manutenzjoni f'organizzazzjoni oħra kwalifikata kif xieraq, kif deskritt fil-manwal tal-organizzazzjoni tal-manutenzjoni;

(c) tmantni kwalunkwe inġenju tal-ajru jew komponent li għalih tkun approvata fi kwalunkwe post, fejn il-ħtieġa għal din il-manutenzjoni tirriżulta jew minn qagħda fejn l-inġenju tal-ajru ma jkunx jista' jissewwa jew min-neċessità ta' sostenn għal manutenzjoni okkażjonali u soġġetta għal konformità mal-kundizzjonijiet speċifikati fil-manwal tal-organizzazzjoni tal-manutenzjoni;

(d) toħroġ ċertifikati ta' ħruġ għall-użu mat-tlestija tal-manutenzjoni, skont il-punt M.A.612 jew M.A.613 ta' dan l-Anness;

(e) jekk tkun approvata b'mod speċifiku biex tagħmel dan għal inġenji tal-ajru ELA1 mhux involuti f'operazzjonijiet kummerċjali, twettaq reviżjonijiet tal-ajrunavigabbiltà u toħroġ iċ-ċertifikat tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà korrispondenti skont il-kundizzjonijiet speċifikati fil-punt ML.A.903 tal-Anness Vb (Parti-ML).

L-organizzazzjoni għandha twettaq manutenzjoni biss fuq inġenju tal-ajru jew il-komponent li għalih tkun approvata meta l-faċilitajiet, it-tagħmir, l-għodda, il-materjal, id-*data* tal-manutenzjoni u l-persunal taċ-ċertifikazzjoni kollha jkunu disponibbli.

▼B

M.A.616 **Reviżjoni organizzattiva**

Biex ikun żgurat li l-organizzazzjoni ta' manutenzjoni approvata tkompli tissodisfa r-rekwiżiti ta' din is-Sottoparti, għandha torganizza, fuq bażi regolari, reviżjonijiet organizzattivi.

M.A.617 **Bidliet fl-organizzazzjoni approvata tal-manutenzjoni**

Sabiex l-awtorità kompetenti tkun tista' tiddetermina l-konformità kontinwata ma' din il-Parti, l-organizzazzjoni approvata tal-manutenzjoni għandha tavżaha b'xi proposta biex twettaq it-tibdiliet li ġejjin, qabel tali tibdiliet iseħħu:

1. isem l-organizzazzjoni;

2. Il-lok tal-organizzazzjoni;

3. lokazzjonijiet addizzjonali tal-organizzazzjoni;

4. Il-maniġer responsabbli;

5. Xi wieħed mill-persuni speċifikati fil-punt M.A.606(b);

▼M1

6. Il-faċiltajiet, it-tagħmir, l-għodda, il-materjal, il-proċeduri, l-ambitu tax-xogħol u l-istaff li jiċċertifika u l-istaff għar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà li jistgħu jaffettwaw l-approvazzjoni.

▼B

Fil-każ tat-tibdiliet proposti fil-persunal mhux magħrufa mill-maniġment minn qabel, dawn it-tibdiliet għandhom ikunu notifikati malajr mill-aktar fis possibbli.

▼B

M.A.618 **Validità kontinwata tal-approvazzjoni**

▼M11

(a) Approvazzjoni għandha tibqa' valida sal-24 ta' Marzu 2022, soġġett għal:

▼B

1. l-organizzazzjoni tibqa' konformi ma' din il-Parti, skont id-dispożizzjonijiet marbuta mat-trattament tar-riżultati kif speċifikat skont il-punt M.A.619, u;

2. l-awtorità kompetenti li qed tingħata l-aċċess għall-organizzazzjoni biex tiddetermina l-konformità kontinwata ma' din il-Parti, u;

3. l-approvazzjoni ma tiġix irtirata jew revokata;

(b) Meta jiġi rtirat jew revokat, iċ-ċertifikat ta' approvazzjoni għandu jintbagħat lura lill-awtorità kompetenti.

M.A.619 **Riżultati**

▼M6

▼C2

(a) Sejba tal-livell 1 hi kull sejba ta' nuqqas ta' konformità sinifikanti mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness u l-Anness Vb (Parti-ML) li tbaxxi l-istandard tas-sikurezza u tipperikola serjament is-sigurtà tat-titjira.

(b) Sejba tal-livell 2 hi kull sejba ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness u l-Anness Vb (Parti-ML) li tista' tbaxxi l-istandard tas-sikurezza u tista' tipperikola s-sigurtà tat-titjira.

▼B

(c) Wara li jkun irċieva n-notifika tas-sejbiet skont il-punt M.B.605, id-detentur tal-approvazzjoni tal-organizzazzjoni ta' manutenzjoni għandu jiddefinixxi pjan ta' azzjoni korrettiv u juri azzjoni korrettiva għas-sodisfazzjoni tal-awtorità kompetenti fi żmien perjodu maqbul ma' din l-awtorità.

IS-SOTTOPARTI G

*ORGANIZZAZZJONI TAL-ĠESTJONI TAL-KONTINWITÀ TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ*

M.A.701 **Ambitu**

Din is-Sottoparti tistabbilixxi r-rekwiżiti li għandhom jintleħqu minn organizzazzjoni biex tikkwalifika għall-ħruġ jew il-kontinwazzjoni ta' approvazzjoni għall-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenji tal-ajru.

M.A.702 **Applikazzjoni**

Applikazzjoni għall-ħruġ jew bdil fl-approvazzjoni ta' organizzazzjoni tal- tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà għandha ssir fuq formola u b'mod stabbiliti mill-awtorità kompetenti.

M.A.703 **Termini tal-approvazzjoni**

(a) l-għoti ta' approvazzjoni huwa indikat mill-ħruġ taċ-ċertifikat inkluż fl-Appendiċi VI mill-awtorità kompetenti.

▼M2

(b) Minkejja l-punt (a), għat-trasportaturi tal-ajru li ngħataw liċenzja, skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008, l-approvazzjoni għandha tkun parti miċ-ċertifikat tal-operatur tal-ajru maħruġ mill-awtorità kompetenti, għall-inġenju tal-ajru li qed jiġi operat.

▼B

(c) L-ambitu ta' applikazzjoni tax-xogħol meqjus li jikkostitwixxi l-approvazzjoni għandu jkun speċifikat fl-espożizzjoni tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà skont il-punt M.A. 704.

▼B

M.A.704 **Espożizzjoni tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà**

(a) L-organizzazzjoni tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà għandha tipprovdi espożizzjoni tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà li tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

▼M8

1. dikjarazzjoni ffirmata mill-maniġer responsabbli li tikkonferma li l-organizzazzjoni f'kull ħin se taħdem skont dan l-Anness (Parti-M) u l-Anness Vb (Parti-ML), skont kif ikun applikabbli;

▼B

2. l-ambitu tax-xogħol tal-organizzazzjoni, u;

3. it-titlu(i) u isem(ismijiet) tal-persuna(i) msemmija fil-punti M.A.706(a), M.A.706(c), M.A.706(d) u M.A.706(i); u

4. skema organizzattiva li turi l-ktajjen assoċjati tar-responsabbiltà bejn il-persuni kollha msemmija fil-punti M.A.706(a), M.A.706(c), M.A.706(d) u M.A.706(i), u;

5. lista tal-persunal tal-ajrunavigabbiltà msemmi fil-punt M.A.707, li tispeċifika, fejn applikabbli, il-persunal awtorizzat li joħroġ permessi għat-tajran skont il-punt M.A.711(c), u;

6. deskrizzjoni ġenerali u lokazzjoni tal-faċilitajiet, u;

▼M8

7. il-proċeduri li jispeċifikaw kif l-organizzazzjoni tiżgura l-konformità ma' dan l-Anness (Parti-M) u l-Anness Vb (Parti-ML), skont kif ikun applikabbli, u;

▼B

8. proċeduri tal-emendi tal-espożizzjoni tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà, u;

▼M2

9. il-lista ta' programmi ta' manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru, jew, għall-inġenji tal-ajru mhux użati minn trasportaturi tal-ajru li ngħataw liċenzja skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008, il-lista ta' programmi ta' manutenzjoni "ġeneriċi" u "linja bażi".

▼B

(b) Id-dokumentazzjoni dwar il-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà u l-emendi tagħha għandhom jiġu approvati mill-awtorità kompetenti.

(c) Minkejja l-punt (b), emendi minuri għall-espożizzjoni jistgħu jkunu approvati indirettament permezz ta' proċedura ta' approvazzjoni indiretta. Il-proċedura indiretta għandha tiddefinixxi l-emendi minuri eliġibbli, għandha tkun stabbilita mill-organizzazzjoni tal-ġestjoni tal-adegwatezza għall-avjazzjoni kontinwata kontinwità tal-ajrunavigabbiltà bħala parti mill-espożizzjoni u tkun approvat mill-awtorità kompetenti responsabbli għal dik l-organizzazzjoni tal-ġestjoni tal-adegwatezza għall-avjazzjoni kontinwata.

M.A.705 **Faċilitajiet**

L-organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà għandha tipprovdi akkomodazzjoni tal-uffiċċju xierqa f'postijiet xierqa għall-persunal speċifikat fil-punt M.A. 706.

M.A.706 **Rekwiżiti tal-persunal**

▼M8

(a) L-organizzazzjoni għandha taħtar maniġer responsabbli, li jkollu awtorità korporattiva biex jiżgura li l-attivitajiet kollha ta' ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà jkunu jistgħu jiġu ffinanzjati u mwettqa skont dan l-Anness (Parti-M) u l-Anness Vb (Parti-ML), kif ikun applikabbli.

▼M2

(b) Għat-trasportaturi tal-ajru li ngħataw liċenzja, skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008, il-maniġer responsabbli għandu jkun il-persuna li għandha wkoll l-awtorità korporattiva biex tiżgura li l-operazzjonijiet kollha tal-operatur jistgħu jiġu ffinanzjati u mwettqa skont l-istandard meħtieġ għall-ħruġ ta' ċertifikat tal-operatur tal-ajru.

▼M8

(c) Għandhom jiġu nominati persuna waħda jew grupp ta’ persuni bir-responsabbiltà li jiżguraw li l-organizzazzjoni dejjem tkun konformi mar-rekwiżiti applikabbli tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà, ir-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà u l-permess għat-titjir ta’ dan l-Anness (Parti-M) u l-Anness Vb (Parti-ML). Finalment, tali persuna/i għandha/għandhom taqa’/jaqgħu taħt l-awtorità tal-maniġer responsabbli.

▼M2

(d) Għat-trasportaturi tal-ajru li ngħataw liċenzja, skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008, il-maniġer responsabbli għandu jaħtar detentur tal-post nominat. Din il-persuna għandha tkun responsabbli mill-ġestjoni u s-superviżjoni tal-attivitajiet tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà, skont il-punt (c).

▼B

(e) Il-persuna nominata f'kariga msemmija fil- punt (d) ma għandhiex tiġi impjegata minn organizzazzjoni approvata tal-Parti-145 skont il-kuntratt tal-operatur, sakemm l-awtorità kompetenti speċifikament ma taqbilx dwar dan.

(f) L-organizzazzjoni għandhu jkollha biżżejjed persunal kwalifikat xieraq għax-xogħol mistenni.

(g) Il-persuni kollha tal- punti (c) u (d) għandhom ikunu kapaċi juru l-għarfien rilevanti, sfond u esperjenza xierqa rigward tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà.

(h) Il-kwalifika tal-persunal kollu involut fil-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà għandha tiġi rreġistrata.

▼M8

(i) Għall-organizzazzjonijiet li jestendu ċ-ċertifikati tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà skont il-punti M.A.711(a)(4) u M.A.901 ta’ dan l-Anness (Parti-M) jew il-punt ML.A.901(c) tal-Anness Vb (Parti-ML) skont kif ikun applikabbli, l-organizzazzjoni għandha tinnomina persuni awtorizzati biex jagħmlu dan, soġġett għall-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti.

▼B

(j) L-organizzazzjoni għandha tiddefinixxi u żżomm aġġornat fl-espożizzjoni tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà, it-titlu(i) u isem(ismijiet) tal-persuna(i) msemmija fil-punti M.A.706(a), M.A.706(c), M.A.706(d) and M.A.706(i);

▼M2

(k) Għall-inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-magni u għall-inġenji tal-ajru użati minn trasportaturi tal-ajru li ngħataw liċenzja skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008, l-organizzazzjoni għandha tistabbilixxi u tikkontrolla l-kompetenza tal-persunal involut fil-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà, ir-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà u/jew il-verifiki ta' kwalità skont proċedura u skont standard miftiehem mal-awtorità kompetenti.

▼B

M.A.707 **Persunal għar-reviżjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà**

▼M8

(a) Sabiex tiġi approvata biex twettaq reviżjonijiet tal-ajrunavigabbiltà u, jekk ikun applikabbli, toħroġ permessi għat-titjir, organizzazzjoni approvata tal-ġestjoni tal-manutenzjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà għandu jkollha persunal xieraq tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà biex joħroġ iċ-ċertifikati jew ir-rakkomandazzjonijiet tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà msemmija fis-Sottoparti I tat-Taqsima A tal-Anness I (Parti-M) jew fis-Sottoparti I tat-Taqsima A tal-Anness Vb (Parti-ML) u, jekk ikun applikabbli, biex joħroġ permess għat-titjir skont il-punt M.A.711(c):

▼M2

1. Għall-inġenji tal-ajru użati minn trasportaturi tal-ajru li ngħataw liċenzja, skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008, u għall-inġenji tal-ajru b'MTOM ta' aktar minn 2 730 kg, ħlief għall-blalen, dan l-istaff għandu jkollu:

   (a) ta' mill-inqas ħames snin esperjenza fil-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà, u:

   (b) liċenzja xierqa konformi mal-Anness III (il-Parti-66) jew grad ajrunawtiku jew ekwivalenti nazzjonali, u;

   (c) taħriġ formali fil-manutenzjoni ajrunawtika, u;

   (d) pożizzjoni fl-organizzazzjoni approvata b'responsabbiltajiet xierqa.

   (e) Minkejja l-punti (a) sa (d), ir-rekwiżit stabbilit fil-punt M.A.707(a)1(b) jista' jinbidel ma' ħames snin ta' esperjenza fil-manutenzjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà b'żieda ma' dawk diġà meħtieġa fil-punt M.A.707(a)1(a).

2. Għall-inġenji tal-ajru mhux użati minn trasportaturi tal-ajru li ngħataw liċenzja, skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008, b'MTOM ta' 2 730 kg jew anqas, u għall-blalen, dan l-istaff għandu jkollu:

   (a) mill-inqas tliet snin esperjenza fil-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà, u:

   (b) liċenzja xierqa konformi mal-Anness III (il-Parti-66) jew grad ajrunawtiku jew ekwivalenti nazzjonali, u;

   (c) taħriġ formali xieraq fil-manutenzjoni ajrunawtika, u;

   (d) pożizzjoni fl-organizzazzjoni approvata b'responsabbiltajiet xierqa;

   (e) Minkejja l-punti (a) sa (d), ir-rekwiżit stabbilit fil-punt M.A.707(a)2(b) jista' jinbidel ma' erba' snin esperjenza fil-manutenzjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà b'żieda ma' dawk diġà meħtieġa fil-punt M.A.707(a)2(a).

▼M1

(b) L-istaff tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà maħtur mill-organizzazzjoni approvata tal-kontinwità fl-ajrunavigabbiltà jista' jinħariġlu biss awtorizzazzjoni mill-organizzazzjoni approvata tal-kontinwità fl-ajrunavigabbiltà meta tiġi aċċettata formalment mill-awtorità kompetenti wara t-tlestija sodisfaċenti ta' reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà taħt is-superviżjoni tal-awtorità kompetenti jew taħt is-superviżjoni tal-istaff tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà tal-organizzazzjoni skont proċedura approvata mill-awtorità kompetenti.

▼B

(c) L-organizzazzjoni għandha tiżgura li l-persunal għar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru jista' juri esperjenza ta' ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà riċenti xierqa.

▼B

(d) Il-persunal għar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà għandu jiġi identifikat billi kull persuna tiġi elenkata fid-dokumentazzjoni dwar il-ġestjoni tal-kontinwità ajrunavigabbiltà flimkien mar-referenza ta' awtorizzazzjoni tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà tagħhom.

(e) L-awtorità kompetenti għandha żżomm rekord tal-persunal kollu għar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà, li għandu jinkludi d-dettalji ta' kwalunkwe kwalifika adegwata li jkollu l-persunal flimkien ma' sommarju tal-esperjenza u t-taħriġ rilevanti fil-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà u kopja tal-awtorizzazzjoni. Dan ir-rekord għandu jinżamm sa sentejn wara li l-persunal għar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà jkun ħalla l-organizzazzjoni.

M.A.708 **Ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà**

▼M8

(a) L-organizzazzjoni għandha tiżgura li l-ġestjoni kollha tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà titwettaq skont it-Taqsima A tas-Sottoparti C ta' dan l-Anness (Parti-M), u t-Taqsima A tas-Sottoparti C tal-Anness Vb (Parti-ML), skont kif applikabbli.

▼B

(b) Għal kull inġenju tal-ajru ġestit, l-organizzazzjoni tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà approvata għandha:

▼M8

1. tiżgura li jiġi żviluppat u kkontrollat programm ta' manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru li jinkludi kull programm tal-affidabbiltà applikabbli, kif meħtieġ mill-punt M.A.302 ta' dan l-Anness (Parti-M) jew minn ML.A.302 tal-Anness Vb (Parti-ML), skont kif applikabbli,

2. għal inġenji tal-ajru li ma jintużawx minn operaturi tal-ajru li ngħataw il-liċenzja skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008, tipprovdi kopja tal-programm ta' manutenzjoni tal-inġenju tal-ajru lis-sid jew lill-operatur responsabbli skont il-punt M.A.201 ta' dan l-Anness (Parti-M) jew ML.A.201 tal-Anness Vb (Parti-ML), skont kif applikabbli,

▼B

3. tamministra l-approvazzjoni tal-modifiki u t-tiswijiet,

▼M8

4. tiżgura li l-manutenzjoni kollha titwettaq skont il-programm ta' manutenzjoni approvat u maħruġ skont it-Taqsima A tas-Sottoparti H ta' dan l-Anness (Parti-M) jew it-Taqsima A tas-Sottoparti H tal-Anness Vb (Parti-ML), skont kif applikabbli,

▼B

5. tiżgura li d-direttivi dwar l-ajrunavigabbiltà u d-direttivi operazzjonali kollha applikabbli ma' impatt tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà, jiġu applikati,

6. tiżgura li d-difetti kollha skoperti matul il-manutenzjoni skedata jew irrappurtati jiġu kkoreġuti minn organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata kif xieraq,

7. tiżgura li meta huwa meħtieġ l-inġenju tal-ajru jittieħed għand organizzazzjoni ta' manutenzjoni approvata kif xieraq,

8. tikkoordina l-manutenzjoni skedata, l-applikazzjoni tad-direttivi dwar l-ajrunavigabbiltà, il-bdil ta' partijiet li jistgħu jintużaw għal żmien limitat, u twettaq spezzjonijiet tal-komponenti sabiex tiżgura li x-xogħol jitwettaq kif xieraq,

▼B

9. timmaniġġja u tarkivja r-rekords tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà kollha u/jew ir-reġistru tekniku tal-operatur.

10. tiżgura li d-dikjarazzjoni dwar il-massa u l-bilanċ tirrifletti l-istat attwali tal-inġenju tal-ajru.

▼M8

(c) Fil-każ ta' inġenji tal-ajru kumplessi mgħammra b'magna jew inġenji tal-ajru użati għal CAT, jew inġenji tal-ajru użati għal operazzjonijiet kummerċjali speċjalizzati jew għal operazzjonijiet kummerċjali ta' ATO jew ta' DTO, meta l-CAMO ma tkunx approvata b'mod xieraq skont l-Anness II (Parti-145) jew is-Sottoparti F ta' dan l-Anness (Parti-M) jew l-Anness Vd (Parti-CAO), l-organizzazzjoni għandha, f'konsultazzjoni mal-operatur, tistabbilixxi kuntratt ta' manutenzjoni bil-miktub ma' organizzazzjoni approvata skont l-Anness II (Parti-145) jew is-Sottoparti F ta' dan l-Anness (Parti-M) jew l-Anness Vd (Parti-CAO) jew ma' operatur ieħor, li jiddeskrivi l-funzjonijiet speċifikati fil-punti M.A.301(b), M.A.301(c), M.A.301(f) u M.A.301 (g) ta' dan l-Anness (Parti-M), jew il-punti ML.A.301(b) sa (e) tal-Anness Vb (Parti-ML), li jiżgura li l-manutenzjoni kollha tiġi finalment imwettqa minn organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata skont l-Anness II (Parti-145) jew is-Sottoparti F ta' dan l-Anness (Parti-M) jew l-Anness Vd (Parti-CAO) u li jiddefinixxi l-appoġġ tal-funzjonijiet ta' kwalità msemmija fil-punt M.A.712(b) ta' dan l-Anness (Parti-M).

(d) Minkejja l-punt (c), il-kuntratt jista' jkun fil-forma ta' ordnijiet ta' xogħol individwali indirizzati lill-organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata skont l-Anness II (Parti-145) jew is-Sottoparti F ta' dan l-Anness (Parti-M) jew l-Anness Vd (Parti-CAO) fil-każ ta':

1. inġenju tal-ajru li jeħtieġ manutenzjoni bil-linja mhux skedata;

2. manutenzjoni tal-komponenti, inkluża manutenzjoni tal-magni.

M.A.709 **Dokumentazzjoni**

(a) L-organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà għandha żżomm u tuża *data* kurrenti applikabbli tal-manutenzjoni skont il-punt M.A.401 ta' dan l-Anness (Parti-M) jew il-punt ML.A.401 tal-Anness Vb (Parti-ML), skont kif applikabbli, għat-twettiq ta' kompiti tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà msemmija fil-punt M.A.708 ta' dan l-Anness (Parti-M). Dik id-*data* għandha tkun ipprovduta mis-sid jew mill-operatur, sakemm ikun stabbilit kuntratt xieraq ma' dan is-sid jew operatur. F'każ bħal dan, l-organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà ikollha bżonn iżżomm dik id-*data* biss għat-tul tal-kuntratt, minbarra meta meħtieġ mill-punt M.A.714 ta' dan l-Anness (Parti-M).

(b) Għall-inġenji tal-ajru mhux użati minn trasportaturi tal-ajru li ngħataw liċenzja skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008, l-organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà approvata tista' tiżviluppa programmi ta' manutenzjoni "linji bażi" jew "ġeneriċi", jew it-tnejn li huma, biex tippermetti l-approvazzjoni inizjali jew l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' approvazzjoni mingħajr ma jkollha l-kuntratti msemmija fl-Appendiċi I ta' dan l-Anness (Parti-M), jew fl-Appendiċi I tal-Anness Vb (Parti-ML), skont kif ikun applikabbli. Madankollu, dawk il-programmi ta' manutenzjoni "linja bażi" u "ġeneriċi" ma jipprekludux il-ħtieġa li jiġi stabbilit Programm ta' Manutenzjoni tal-Inġenji tal-Ajru xieraq f'konformità mal-punt M.A.302 ta' dan l-Anness (Parti-M) jew ma' ML.A.302 tal-Anness Vb (Parti-ML), skont kif applikabbli, fi żmien xieraq qabel l-eżerċizzju tal-privileġġi msemmija fil-punt M.A.711 ta' dan l-Anness (Parti-M).

▼M8

M.A.710 **Reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà**

Meta l-organizzazzjoni approvata skont il-punt M.A.711(b) ta’ dan l-Anness (Parti-M) twettaq reviżjonijiet tal-ajrunavigabbiltà, dawn għandhom jitwettqu skont il-punt M.A.901 ta’ dan l-Anness (Parti-M) jew il-punt ML.A.903 tal-Anness Vb (Parti-ML), skont kif applikabbli.

▼B

M.A.711 **Privileġġi tal-organizzazzjoni**

(a) L-organizzazzjoni ta' manutenzjoni tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà approvata skont is-Sezzjoni A, Sottoparti G ta' dan l-Anness (Parti-M), tista':

▼M2

1. jimmaniġġja l-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenji tal-ajru, ħlief għal dawk użati minn trasportaturi tal-ajru li ngħataw liċenzja skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008, kif imniżżel fiċ-ċertifikat ta' approvazzjoni;

2. jimmaniġġja l-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenji tal-ajru użati minn trasportaturi tal-ajru li ngħataw liċenzja skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008, kif imniżżel fiċ-ċertifikat ta' approvazzjoni u fiċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru (AOC);

▼B

3. tirranġa biex twettaq kompiti tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà limitati ma' kwalunkwe organizzazzjoni subappaltata, li tkun qiegħda taħdem skont is-sistema tal-kwalità tagħha, kif elekat fiċ-ċertifikat tal-approvazzjoni;

▼M8

4. testendi, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt M.A.901(f) ta’ dan l-Anness (Parti-M) jew fil-punt ML.A.901(c) tal-Anness Vb (Parti-ML), skont kif applikabbli, ċertifikat tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà li jkun inħareġ mill-awtorità kompetenti jew minn organizzazzjoni jew persuna oħra, skont kif applikabbli;

5. tapprova l-AMP, skont il-punt (b)(2) tal-punt ML.A.302, għal inġenji tal-ajru ġestiti skont l-Anness Vb (Parti-ML).

▼B

(b) Organizzazzjoni tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà approvata reġistrata f'wieħed mill-Istati Membri tista' barra minn hekk, tkun approvata biex twettaq reviżjonijet tal-adegwatezza għall-avjazzjoni msemmija fil-punt M.A.710 u;

▼M8

1. toħroġ iċ-ċertifikat relatat tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà u testendih fi żmien xieraq skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti M.A.901(c)(2) jew M.A.901(e)(2) ta’ dan l-Anness (Parti-M) jew fil-punt ML.A.901(c) tal-Anness Vb (Parti-ML), skont kif applikabbli; u,

▼B

2. tagħmel rakkomandazzjoni għal reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni.

(c) Organizzazzjoni tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà li l-approvazzjoni tagħha tinkludi l-privileġġi msemmija fil-punt M.A.711(b) tista' addizzjonalment tiġi approvata biex toħroġ permess tat-tajran skont il-puntA.711(d) tal-Anness I (Parti-21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012 għall-inġenju tal-ajru partikolari li għalih l-organizzazzjoni ġiet approvata biex toħroġ iċ-ċertifikat tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà, meta l-organizzazzjoni tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tkun qed tattesta l-konformità ma' kundizzjonijiet approvati tat-tajran, soġġett għal proċedura approvata xierqa fil-preżentazzjoni msemmija fil-punt M.A.704.

▼B

M.A.712 **Sistema tal-kwalità**

(a) Sabiex tiżgura li l-organizzazzjoni tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà approvata tkompli tilħaq ir-rekwiżiti ta' din is-Sottoparti, għandha tistabbilixxi sistema tal-kwalità u taħtar maniġer tal-kwalità biex jissorvelja l-konformità ma', u l-adegwatezza ta' proċeduri meħtieġa biex ikunu żgurati inġenji tal-ajru ajrunavigabbli Il-sorveljanza tal-konformità għandu jinkludi sistema ta' feedback għall-maniġer responsabbli biex jiżgura li tittieħed azzjoni korrettiva kif xieraq.

(b) Is-sistema tal-kwalità għandha tissorvelja l-attivitajiet imwettqa skont it-Taqsima A, is-Sottoparti G ta' dan l-Anness (Parti M). Għandha tinkludi tal-anqas il-funzjonijiet li ġejjin:

1. tissorvelja l-attivitajiet kollha mwettqa fit-Taqsima A tas-Sottoparti G ta' dan l-Anness (Parti M) sabiex tiżgura li qed jitwettqu f'konformità mal-proċeduri approvati, u;

2. tissorvelja biex tiżgura li l-manutenzjoni titwettaq f'konformità mal-kuntratt, u;

3. tissorvelja l-konformità kontinwata mar-rekwiżiti ta' din il-Parti.

(c) Ir-rekords ta' dawn l-attivitajiet għandhom jinħażnu tal-anqas għal sentejn.

(d) Fejn l-organizzazzjoni tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà approvata hija approvata f'konformità ma' Parti oħra, is-sistema tal-kwalità tista' tiġi kkombinata ma' dik meħtieġa mill-Parti l-oħra.

▼M2

(e) Għat-trasportaturi tal-ajru li ngħataw liċenzja skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 s-sistema ta' kwalità tas-Suparti G tal-M.A. għandha tkun parti integrata tas-sistema ta' kwalità tal-operatur.

(f) Fil-każ ta' organizzazzjoni żgħira li ma għandhiex il-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenji tal-ajru użati minn trasportaturi tal-ajru li ngħataw liċenzja skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008, reviżjonijiet organizzazzjonali soġġetti għall-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti jistgħu jieħdu post is-sistema ta' kwalità, minbarra meta l-organizzazzjoni toħroġ ċerti-fikat ta' reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà għall-inġenji tal-ajru b'MTOM ta' aktar minn 2 730 kg barra l-blalen. Fil-każ fejn m'hemmx sistema ta' kwalità, l-organizzazzjoni ma għandhiex tagħmel kuntratti ta' kompiti ta' ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà lill-partijiet oħra.

▼B

M.A.713 **Bidliet fl-organizzazzjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà approvata**

Sabiex tippermetti lill-awtorità kompetenti tiddetermina l-konformità kontinwata ma' din il-Parti, l-organizzazzjoni tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà approvata għandha tinnotifikaha b'kull proposta biex twettaq kwalunkwe waħda mill-bidliet li ġejjin, qabel ma tali bidliet iseħħu:

1. isem l-organizzazzjoni.

2. is-sit tal-organizzazzjoni;

3. siti addizzjonali tal-organizzazzjoni.

4. il-maniġer responsabbli.

▼B

5. kwalunkwe persuna speċifikata f'M.A.706(c).

6. il-faċilitajiet, il-proċeduri, l-ambitu tax-xogħol u l-persunal li jistgħu jaffettwaw l-approvazzjoni.

Fil-każ tat-tibdiliet proposti fil-persunal, li ma jkunx jaf bihom il-maniġment qabel, dawn it-tibdiliet għandhom jiġu nnotifikati mill-aktar fis possibbli.

M.A.714 **Żamma tar-rekords**

▼M8

(a) L-organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà għandha tirreġistra d-dettalji kollha tax-xogħol imwettaq. Ir-rekords meħtieġa skont il-punt M.A.305 ta' dan l-Anness (Parti-M) jew MLA.305 tal-Anness Vb (Parti-ML), skont kif applikabbli u, jekk applikabbli, il-punt M.A.306 ta' dan l-Anness (Parti-M), għandhom jinżammu.

▼B

(b) Jekk l-organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà jkollha l-privileġġ imsemmi fil-punt M.A.711(b), hija għandha żżomm kopja ta' kull ċertifikat u rakkomandazzjoni ta' reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà maħruġ jew, jekk ikun applikabbli, estiż, flimkien mad-dokumenti ta' sostenn kollha. Barra minn hekk, l-organizzazzjoni għandha żżomm kopja ta' kull ċertifikat tal-ġestjoni tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà li tkun estendiet bil-privileġġ imsemmi fil-punt M.A.711(a)4.

(c) Sabiex l-organizzazzjoni tal-ġestjoni tal-manutenzjoni tal-ajrunavigabbiltà jkollha l-privileġġ imsemmi fil-punt M.A.711(c), għandha żżomm kopja ta' kull permess għat-tajran maħruġ skont id-dispożizzjonijiet tal-punt 21A.729 tal-Anness I (Parti-21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012.

(d) L-organizzazzjoni tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà għandha żżomm kopja tar-rekords kollha msemmija fil-punti (b) u (c) sa sentejn wara li l-inġenju tal-ajru jkun tneħħa permanentament mis-servizz.

(e) Ir-rekords għandhom jinħażnu b'tali mod li jiżgura li jitħarsu mill-ħsara, it-tibdil jew is-serq.

(f) Il-hardware kollu tal-kompjuter użat sabiex isiru kopji backup għandu jinżamm f'postijiet differenti minn dawk li fihom id-dejta dwar ix-xogħol, b'tali mod li tkun żgurata ż-żamma tajba tagħhom.

(g) Meta l-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà ta' inġenju tal-ajru tkun ġiet trasferita lil organizzazzjoni jew persuna oħra, ir-rekords kollha miżmuma għandhom jiġu trasferiti lil din l-organizzazzjoni jew persuna. Il-perjodi ta' żmien preskritti għażżamma tar-rekords għandhom ikomplu japplikaw għal din l-organizzazzjoni jew persuna

(h) Meta organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà ta' inġenju ttemm l-operat tagħha, ir-rekords kollha miżmuma għandhom jiġu ttrasferiti lil sid l-inġenju tal-ajru.

M.A.715 **Validità kontinwata tal-approvazzjoni**

▼M11

(a) Approvazzjoni għandha tibqa' valida sal-24 ta' Marzu 2022, soġġett għal:

▼B

1. l-organizzazzjoni tibqa' konformi mal-Anness II (Parti-145), skont id-dispożizzjonijiet marbuta mat-trattament tar-riżultati kif speċifikat skont il-punt M.B.705 u;

2. l-awtorità kompetenti li qed tingħata aċċess għall-organizzazzjoni biex tiddetermina l-konformità kontinwata ma' din il-Parti, u;

3. l-approvazzjoni ma tiġix irtirata jew revokata.

▼B

(b) Meta jiġi ċedut jew revokat, iċ-ċertifikat ta' approvazzjoni għandu jintbagħat lura lill-awtorità kompetenti.

M.A.716 **Sejbiet**

▼M8

(a) Sejba tal-livell 1 hi kull nuqqas ta’ konformità sinifikanti mar-rekwiżiti ta’ dan l-Anness (Parti-M) jew l-Anness Vb (Parti-ML), skont kif applikabbli, li tbaxxi l-istandard tas-sikurezza u tipperikola serjament is-sikurezza tat-titjira;

(b) Sejba tal-livell 2 hi kull nuqqas ta’ konformità mar-rekwiżiti ta’ dan l-Anness (Parti-M) jew l-Anness Vb (Parti-ML), skont kif applikabbli, li tista’ tbaxxi l-istandard tas-sikurezza u tista’ tipperikola s-sikurezza tat-titjira;

▼B

(c) Wara li jirċievi n-notifika tas-sejbiet skont il-punt M.B.705, id-detentur tal-approvazzjoni tal-organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà għandu jispjega pjan ta' azzjoni korrettiv u juri azzjoni korrettiva għas-sodisfazzjoni tal-awtorità kompetenti fi żmien perjodu maqbul minn din l-awtorità.

IS-SOTTOPARTI H

*ĊERTIFIKAT TAR-RILAXX GĦAS-SERVIZZ — CRS*

▼M6

▼C2

M.A.801 **Ċertifikat tar-rilaxx għas-servizz għall-inġenji tal-ajru**

(a) Ħlief għal inġenji tal-ajru rilaxxati għas-servizz minn organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata skont l-Anness II (Parti-145), is-CRS għandu jinħareġ skont din is-Sottoparti.

(b) Ebda inġenju tal-ajru m'għandu jiġi rilaxxat għas-servizz sakemm ma jinħariġx CRS meta l-kompiti ta' manutenzjoni kollha jkunu twettqu kif xieraq. Is-CRS għandu jinħareġ minn persunal awtorizzat taċ-ċertifikazzjoni tal-organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata skont is-Sottoparti F ta' dan l-Anness jew l-Anness Vd (Parti-CAO), ħlief għal kompiti ta' manutenzjoni għajr dawk il-kompiti ta' manutenzjoni kumplessi elenkati fl-Appendiċi VII għal dan l-Anness meta jinħareġ is-CRS, b'mod alternattiv minn:

1. persunal taċ-ċertifikazzjoni indipendenti li jaġixxi skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament;

2. il-bdot-sid li jaġixxi skont il-punt M.A.803 ta' dan l-Anness.

(c) B'deroga mill-punt (b), fil-każ ta' sitwazzjonijiet imprevisti, meta inġenju tal-ajru ma jitħalliex itir f'post fejn ma jkun hemm ebda organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata skont dan l-Anness, l-Anness II (Parti-145) jew l-Anness Vd (Parti-CAO) u ebda persunal taċ-ċertifikazzjoni indipendenti disponibbli, is-sid jista' jawtorizza lil kwalunkwe persuna, b'mhux anqas minn 3 snin esperjenza xierqa fil-manutenzjoni u li jkollha liċenzja ta' manutenzjoni valida konformi mal-Anness 1 tal-ICAO għat-tip ta' inġenju tal-ajru li jeħtieġ iċ-ċertifikazzjoni jew awtorizzazzjoni tal-persunal taċ-ċertifikazzjoni valida għall-ħidma li teħtieġ ċertifikazzjoni maħruġa minn organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata skont l-Anness 6 tal-ICAO biex tmantni l-inġenju tal-ajru skont l-istandards stabbiliti fis-Sottoparti D ta' dan l-Anness u tirrilaxxah għas-servizz. F'dak il-każ, is-sid għandu:

▼C2

1. jikseb u jżomm fl-inġenju tal-ajru rekords li jispeċifikaw id-dettalji tal-manutenzjoni mwettqa u tal-kwalifiki tal-persuna li toħroġ is-CRS;

2. jiżgura li kwalunkwe tali manutenzjoni aktar tard tiġi vverifikata u li jinħareġ CRS ġdid minn persuna awtorizzata kif xieraq imsemmija fil-punt (b) jew organizzazzjoni approvata skont is-Sottoparti F ta' dan l-Anness, l-Anness II (Parti-145) jew l-Anness Vd (Parti-CAO), mill-aktar fis possibbli u fi kwalunkwe każ fi żmien 7 ijiem tal-kalendarju mill-ħruġ ta' CRS mill-persuna awtorizzata mis-sid;

3. jinnotifika lill-organizzazzjoni responsabbli għall-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru, meta mogħtija l-kuntratt, jew l-awtorità kompetenti fin-nuqqas ta' kuntratt bħal dan, fi żmien 7 ijiem mill-ħruġ tat-tali awtorizzazzjoni.

▼M11

(d) F’każ ta’ rilaxx għas-servizz f’konformità mal-punt (b)(1), il-persunal taċ-ċertifikazzjoni jista’ jkun megħjun fit-twettiq tal-kompiti tal-manutenzjoni minn persuna waħda jew iktar soġġetta/i għall-kontroll dirett u kontinwu tiegħu.

▼C2

(e) CRS għandu jinkludi minn tal-anqas:

1. id-dettalji bażiċi tal-manutenzjoni mwettqa;

2. id-data li fiha tkun tlestiet il-manutenzjoni;

3. l-identità tal-organizzazzjoni jew il-persuna li toħroġ is-CRS, inklużi, b'mod alternattiv:

(i) ir-referenza tal-approvazzjoni tal-organizzazzjoni tal-manutenzjoni u l-persunal taċ-ċertifikazzjoni li joħroġ is-CRS;

(ii) fil-każ imsemmi fil-punt (b)(2), l-identità u, fejn applikabbli, in-numru tal-liċenzja tal-persunal taċ-ċertifikazzjoni li joħroġ is-CRS;

4. il-limitazzjonijiet tal-ajrunavigabbiltà jew tal-operazzjoni, jekk hemm.

(f) B'deroga mill-punt (b) u minkejja l-punt (g), meta l-manutenzjoni meħtieġa ma tkunx tista' titlesta, CRS jista' jinħareġ bil-limitazzjonijiet approvati tal-inġenju tal-ajru. F'dak il-każ, iċ-ċertifikat għandu jindika li l-manutenzjoni ma setgħetx titlesta, kif ukoll jindika kwalunkwe limitazzjoni applikabbli fl-ajrunavigabbiltà jew fl-operazzjonijiet, bħala parti mill-informazzjoni meħtieġa mill-punt (e)(4).

(g) CRS m'għandux jinħareġ fil-każ ta' kwalunkwe nuqqas ta' konformità magħruf li jipperikola s-sigurtà tat-titjira;

M.A.802 **Ċertifikat tar-rilaxx għas-servizz għall-komponenti**

▼M11

(a) Għajr għall-komponenti rrilaxxati għas-servizz minn organizzazzjoni tal-manutenzjoni li tkun approvata f’konformità mal-Anness II (Parti-145) u għall-każijiet koperti mill-punt (e) tal-punt M.A.502, għandu jinħareġ CRS malli jitlesta kwalunkwe xogħol tal-manutenzjoni li jkun twettaq fuq komponent tal-inġenji tal-ajru f’konformità mal-punt M.A.502.

▼C2

(b) Iċ-ċertifikat tar-rilaxx awtorizzat identifikat bħala l-Formola 1 tal-EASA jikkostitwixxi s-CRS tal-komponent, ħlief meta t-tali manutenzjoni fuq il-komponenti tal-inġenji tal-ajru tkun twettqet skont il-punt (b) jew (d) tal-punt M.A.502 f'liema każ il-manutenzjoni tkun soġġetta għall-proċeduri ta' rilaxx tal-inġenji tal-ajru skont il-punt M.A.801.

▼B

M.A.803 **Awtorizzazzjoni għall-pilota-sid**

(a) Biex persuna tikkwalifika bħala pilota-sid, għandha:

1. ikollha liċenzja ta' pilota valida (jew l-ekwivalenti) maħruġa u vvalidata minn Stat Membru għat-tip jew rata tal-klassi tal-inġenju tal-ajru u; u

2. tkun proprjetarja ta' inġenju tal-ajru, waħedha jew ma ħadd ieħor; dan is-sid għandu jkun:

(i) wieħed mill-persuni fiżiċi fil-formola tar-reġistrazzjoni; jew

(ii) membru ta' entità ġuridika rikreattiva mingħajr skop ta' lukru, fejn l-entità ġuridika tkun speċifikata fid-dokument tar-reġistrazzjoni bħala s-sid jew l-operatur, u dak il-membru jkun involut direttament fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-entità ġuridika u nnominat minn dik l-entità ġuridika biex iwettaq il-manutenzjoni tal-pilota-sid.

▼M6

▼C2

(b) Għal kwalunkwe inġenju tal-ajru għajr inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-magna b'MTOM ta' 2 730 kg u anqas, li ma jintużawx f'operazzjonijiet CAT, f'operazzjonijiet speċjalizzati kummerċjali jew f'operazzjonijiet kummerċjali minn ATOs jew DTOs, il-bdot-sid jista' joħroġ CRS wara li jkun wettaq il-manutenzjoni limitata tal-bdot-sid kif speċifikat fl-Appendiċi VIII għal dan l-Anness.

▼B

(c) L-ambitu tal-applikazzjoni tal-manutenzjoni limitata mill-pilota-sid għandu jkun speċifikat fil-programm ta' manutenzjoni għal inġenju tal-ajru kif imsemmi fil-punt M.A.302.

▼M6

▼C2

(d) Is-CRS irid jiddaħħal fis-sistema ta' rekords tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru u jkun fih id-dettalji bażiċi dwar il-manutenzjoni mwettqa, id-*data* użata fil-manutenzjoni, id-data meta tlestiet din il-manutenzjoni, kif ukoll l-identità, il-firma u n-numru tal-liċenzja tal-bdot, tal-bdot-sid li ħareġ tali ċertifikat.

▼B

IS-SOTTOPARTI I

*ĊERTIFIKATI TA' REVIZJONI TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ*

▼M6

▼C2

M.A.901 **Reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru**

Biex tkun żgurata l-validità ta' ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà ta' inġenju tal-ajru, minn żmien għall-ieħor trid titwettaq reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru u tar-rekords tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tiegħu.

(a) Ċertifikat ta' reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà jinħareġ skont l-Appendiċi III (Formola 15a jew 15b tal-EASA) għal dan l-Anness meta titlesta reviżjoni sodisfaċenti tal-ajrunavigabbiltà. Iċ-ċertifikat tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà għandu jkun validu għal sena (1);

▼C2

(b) Inġenju tal-ajru f'ambjent ikkontrollat hu inġenju tal-ajru li, matul it-12-il xahar preċedenti:

1. kellu l-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tiegħu ġestita minn CAMO jew CAO unika;

2. ikun ġie mantnut minn organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata skont is-Sottoparti F ta' dan l-Anness, l-Anness II (Parti-145) jew l-Anness Vd (Parti-CAO), inklużi l-każijiet li fihom il-kompiti ta' manutenzjoni msemmija fil-punt (b) tal-punt M.A.803 jitwettqu u jiġu rilaxxati għas-servizz skont il-punt (b)(1) jew (b)(2) tal-punt M.A.801 ta' dan l-Anness.

(c) ►M8 Għall-inġenji tal-ajru kollha użati mit-trasportaturi tal-ajru li ngħataw il-liċenzja skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008, u għall-inġenji tal-ajru b'MTOM ta' aktar minn 2 730 kg li jkunu f'ambjent ikkontrollat, l-organizzazzjoni msemmija fil-punt (b)(1) li tiġġestixxi l-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru, f'konformità mal-punt CAMO.A.125(e) tal-Anness Vc jew mal-punt M.A.711(b) ta' dan l-Anness jew mal-punt CAO.A.095(c)(1) tal-Anness Vd, skont kif applikabbli, u soġġett għall-konformità mal-punt (j), tista': ◄

1. toħroġ iċ-ċertifikat tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà skont il-punt M.A.901;

2. testendi mhux aktar minn darbtejn il-validità taċ-ċertifikat tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà li tkun ħarġet, għal perjodu ta' sena (1) kull darba, meta l-inġenju tal-ajru kkonċernat ikun baqa' fi ħdan ambjent ikkontrollat.

(d) Iċ-ċertifikat tar-reviżjoni tal-inġenju tal-ajru għandu jinħareġ mill-awtorità kompetenti wara valutazzjoni sodisfaċenti bbażata fuq rakkomandazzjoni magħmula minn CAMO jew CAO, mibgħuta flimkien mal-applikazzjoni mis-sid jew l-operatur għall-inġenji tal-ajru kollha użati mill-operaturi tal-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008, u għal inġenji tal-ajru b'MTOM ta' aktar minn 2 730 kg li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet alternattivi li ġejjin:

1. mhumiex f'ambjent ikkontrollat;

2. il-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tagħhom hi ġestita minn organizzazzjoni li m'għandhiex il-privileġġ li twettaq reviżjonijiet tal-ajrunavigabbiltà.

Ir-rakkomandazzjoni msemmija fl-ewwel sottoparagrafu għandha tkun ibbażata fuq reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà mwettqa skont il-punt M.A.901.

▼M11

(e) Għall-inġenji tal-ajru b'MTOM ta' 2 730 kg u inqas mhux użati mit-trasportaturi tal-ajru li ngħataw il-liċenzja f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1008/2008, kwalunkwe CAMO jew CAO magħżula mis-sid jew mill-operatur, f'konformità mal-punt CAMO.A.125(e) tal-Anness Vc jew mal-punt M.A.711(b) ta' dan l-Anness jew mal-punt CAO.A.095(c) tal-Anness Vd, skont kif applikabbli, u soġġett għall-konformità mal-punt (j), tista':

▼C2

1. toħroġ iċ-ċertifikat tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà skont il-punt M.A.901;

2. testendi mhux aktar minn darbtejn il-validità taċ-ċertifikat tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà li tkun ħarġet, għal perjodu ta' sena (1) kull darba, meta l-inġenju tal-ajru ikun baqa' fi ħdan ambjent ikkontrollat taħt il-ġestjoni tagħha.

▼C2

(f) B'deroga mill-punti (c)(2) u (e)(2) tal-punt M.A.901, għal inġenji tal-ajru li huma f'ambjent ikkontrollat, l-organizzazzjoni msemmija fil-punt (b)(1) li timmaniġġja l-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru tista', soġġetta għall-konformità mal-punt (j), testendi mhux aktar minn darbtejn il-validità ta' ċertifikat tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà li l-awtorità kompetenti jew CAMO jew CAO oħra tkun ħarġet, għal perjodu ta' sena (1) kull darba.

(g) Kull fejn iċ-ċirkustanzi juru l-eżistenza ta' riskju potenzjali għas-sikurezza tal-avjazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha twettaq reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà u toħroġ iċ-ċertifikat tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà hi stess.

(h) Mingħajr ħsara għall-punt (g), l-awtorità kompetenti tista' twettaq reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà u toħroġ iċ-ċertifikat tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà fil-każijiet li ġejjin:

1. meta l-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru tkun ġestita minn CAMO jew CAO li jkollha s-sede prinċipali tagħha li tinsab f'pajjiż terz;

2. għal kwalunkwe inġenju tal-ajru ieħor b'MTOM ta' 2 730 kg u anqas, jekk is-sid jitlob hekk.

(i) Meta l-awtorità kompetenti toħroġ iċ-ċertifikat tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà hi stess skont il-punti (g) jew (h) jew wara li tivvaluta r-rakkomandazzjonijiet skont il-punt M.B.901, is-sid jew l-operatur tal-inġenju tal-ajru għandu, fejn ikun hemm bżonn għal dawk l-għanijiet, jipprovdi lill-awtorità kompetenti:

1. bi kwalunkwe dokumentazzjoni meħtieġa mill-awtorità kompetenti;

2. b'akkomodazzjoni xierqa għall-persunal tagħha fil-post xieraq;

3. bl-appoġġ tal-persunal taċ-ċertifikazzjoni.

(j) Ċertifikat tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà m'għandux jinħareġ, u lanqas m'għandu jiġi estiż, jekk ikun hemm evidenza jew indikazzjonijiet li l-inġenju tal-ajru mhuwiex ajrunavigabbli.

(k) Ir-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru għandha tinkludi reviżjoni dokumentata sħiħa tar-rekords tal-inġenju tal-ajru li tistabbilixxi li ġew issodisfati r-rekwiżiti li ġejjin:

1. is-sigħat ta' titjir u ċ-ċikli tat-titjir assoċjati tal-qafas, il-magna u l-iskrejjen ikunu ġew irreġistrati kif suppost;

2. il-manwal tat-titjir ikun applikabbli għall-konfigurazzjoni tal-inġenju tal-ajru u jirrifletti l-aħħar status tar-reviżjoni;

3. il-manutenzjoni kollha li għandha ssir lill-inġenju tal-ajru skont l-AMP approvat tkun saret;

4. id-difetti magħrufa kollha ġew ikkoreġuti jew, fejn applikabbli, riportati b'mod ikkontrollat skont M.A.403;

5. l-ADs applikabbli kollha jkunu ġew applikati u rreġistrati kif suppost;

6. il-modifiki u t-tiswijiet kollha applikati għall-inġenju tal-ajru ġew irreġistrati u huma konformi mal-punt M.A.304;

▼C2

7. kull part li tintuża għal żmien limitat u kull komponent ikkontrollat biż-żmien installati fuq l-inġenju tal-ajru huma identifikati u rreġistrati kif xieraq u ma qabżux il-limitazzjoni tagħhom;

8. il-manutenzjoni kollha twettqet skont dan l-Anness;

9. id-dikjarazzjoni attwali dwar il-massa u l-bilanċ tirrifletti l-konfigurazzjoni attwali tal-inġenju tal-ajru u hi valida;

10. l-inġenju tal-ajru jikkonforma mal-aħħar reviżjoni tad-disinn tat-tip tiegħu approvat mill-Aġenzija;

11. jekk meħtieġ, l-inġenju tal-ajru jkollu ċertifikat akustiku li jikkorrispondi għall-konfigurazzjoni attwali tal-inġenju tal-ajru f'konformità mas-Sottoparti I tal-Anness (Parti-21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012.

(l) Ir-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru għandha tinkludi stħarriġ fiżiku tal-inġenju tal-ajru. Għal dak l-istħarriġ, il-persunal tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà li mhuwiex ikkwalifikat kif xieraq skont l-Anness III (Parti-66) għandu jkun assistit minn dan il-persunal kwalifikat.

(m) Permezz tal-istħarriġ fiżiku tal-inġenju tal-ajru, il-persunal tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà għandu jiżgura li:

1. il-marki u l-pjanċi kollha meħtieġ jkunu installati korrettament;

2. l-inġenju tal-ajru jikkonforma mal-manwal approvat tat-tajran tiegħu;

3. il-konfigurazzjoni tal-inġenju tal-ajru tikkonforma mad-dokumentazzjoni approvata, u

4. ma jinstab l-ebda difett evidenti li ma jkunx ġie indirizzat skont il-punt M.A.403;

5. ma tkun tista' tinstab ebda inkonsistenza bejn l-inġenju tal-ajru u r-reviżjoni ddokumentata tar-rekords imsemmija fil-punt (k).

(n) B'deroga mill-punt (a), ir-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà tista' tiġi antiċipata b'perjodu massimu ta' 90 jum mingħajr telf ta' kontinwità tax-xejra tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà, biex tkun tista' ssir ir-reviżjoni fiżika waqt verifika ta' manutenzjoni.

(o) Iċ-ċertifikat tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà (Formola 15b tal-EASA) jew ir-rakkomandazzjoni għall-ħruġ taċ-ċertifikat tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà (Formola 15a tal-EASA) imsemmi fl-Appendiċi III għal dan l-Anness jista' jinħareġ biss:

1. minn persunal awtorizzat tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà f'isem l-organizzazzjoni approvata;

2. jekk ir-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà twettqet fis-sħuħija tagħha.

(p) Kopja ta' kwalunkwe ċertifikat tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà maħruġ jew estiż għal inġenju tal-ajru għandu jintbagħat lill-Istat Membru tar-reġistru tal-inġenju tal-ajru kkonċernat fi żmien 10 ijiem.

▼C2

(q) Il-kompiti tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà m'għandhomx jingħataw b'sottokuntratt.

(r) Jekk l-eżitu tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà jkun inkonklużiv, l-organizzazzjoni li tkun wettqet ir-reviżjoni għandha tinforma lill-awtorità kompetenti mill-aktar fis possibbli u fi kwalunkwe każ fi żmien 72 siegħa mill-mument li fih l-organizzazzjoni tidentifika r-raġuni li għaliha r-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà hi inkonkluživa.

(s) Iċ-ċertifikat tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà ma jistax jinħareġ qabel ma s-sejbiet kollha jkunu ġew konklużi.

▼B

M.A.902 **Validità taċ-ċertifikat tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà**

(a) Ċertifikat tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà jsir invalidu jekk:

1. jiġi sospiż jew revokat; jew

2. iċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà jiġi sospiż jew revokat; jew

3. l-inġenju tal-jaru mhux fuq ir-reġistru tal-inġenji tal-ajru ta' Stat Membru; jew

4. iċ-ċertifikat tat-tip li skontu ċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà jinħareġ jiġi sospiż jew revokat.

(b) Inġenju tal-ajru ma għandux itir jekk iċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà tiegħu jkun invalidu jew jekk:

1. il-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru jew kwalunkwe komponent tal-inġenju tal-ajru ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' din il-Parti; jew

2. l-inġenju tal-ajru ma jibqax jikkonforma mad-disinn tat-tip approvat mill-Aġenzija; jew

3. l-inġenju tal-ajru jkun ġie operat iżjed mil-limiti tal-manwal tat-titjiriet approvati jew iċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà, mingħajr ma tittieħed azzjoni xierqa; jew

4. l-inġenju tal-ajru jkun involut f'aċċident jew inċident li jaffettwa l-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru, mingħajr ma tittieħed azzjoni sussegwenti xierqa biex jerġa' jsir ajrunavigabbli; jew

▼M6

▼C2

5. modifika jew tiswija mhix konformi mal-punt M.A.304.

▼B

(c) Hekk kif jiġi irtirat jew revokat, iċ-ċertifikat tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà għandu jiġi ritornat lill-awtorità kompetenti

M.A.903 **Trasferiment tar-reġistrazzjoni tal-inġenju tal-ajru fi ħdan l-UE**

(a) Meta reġistrazzjoni tal-inġenju tal-ajru tiġi trasferita fi ħdan l-UE, l-applikant għandu:

1. Jinforma lill-Istat Membru preċedenti f'liema Stat Membru se jkun irreġistra, u mbagħad;

2. japplika għall-ħruġ ta' ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà ġdid f'konformità mal-Anness I (Parti-21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012 mill-Istat Membru l-ġdid.

(b) Minkejja l-punt M.A.902(a)(3), iċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà preċedenti għandu jibqa' validu sad-data tal-iskadenza tiegħu.

▼M6
▼C2

M.A.904 **Reviżjoni tan-navigabbiltà tal-inġenju tal-ajru importat fl-UE**

(a) Meta jimporta inġenju tal-ajru f'reġistru ta' Stat Membru minn pajjiż terz jew minn sistema regolatorja fejn ma japplikax ir-Regolament (UE) 2018/1139, l-applikant għandu:

1. jitlob lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni għall-ħruġ ta' ċertifikat tal-kapaċità li l-inġenju tal-ajru jintuża fl-ajru ġdid skont l-Anness I (Parti-21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012;

2. għall-inġenji tal-ajru li mhumiex ġodda, għandha ssir reviżjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà skont il-punt M.A.901;

3. titwettaq il-manutenzjoni kollha biex ikun konformi mal-AMP approvat skont il-punt M.A.302.

(b) Meta tkun sodisfatta li l-inġenju tal-ajru hu konformi mar-rekwiżiti rilevanti, l-organizzazzjoni li twettaq ir-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà, jekk japplika, għandha tibgħat rakkomandazzjoni ddokumentata għall-ħruġ ta' ċertifikat tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistru.

(c) Is-sid tal-inġenju tal-ajru għandu jkollu aċċess għall-inġenju tal-ajru għall-ispezzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistru.

(d) L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistru għandha toħroġ ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà meta tkun sodisfatta li l-inġenju tal-ajru jikkonforma mar-rekwiżiti tal-Anness I (Parti-21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012.

(e) L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru għandha toħroġ ukoll iċ-ċertifikat tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà. Iċ-ċertifikat għandu jkun validu sa sena (1), sakemm l-awtorità kompetenti ma tiddeċidix li tnaqqas il-perjodu ta' validità għal raġunijiet ta' sikurezza tal-avjazzjoni.

▼B

M.A.905 **Sejbiet**

▼M6
▼C2

(a) Sejba tal-livell 1 hi kull sejba ta' nuqqas ta' konformità sinifikanti mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness li tbaxxi l-istandard tas-sikurezza u tipperikola serjament is-sigurtà tat-titjira.

(b) Sejba tal-livell 2 hi kull sejba ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness li tista' tbaxxi l-istandard tas-sikurezza u tista' tipperikola s-sigurtà tat-titjira.

▼B

(c) Wara li tkun waslet in-notifika tas-sejbiet skont il-punt M.B.903, il-persuna jew l-organizzazzjoni responsabbli msemmija fil-punt M.A.201 għandha tiddefinixxi plan ta' azzjoni korrettiva u turi azzjoni korrettiva għas-sodisfazzjoni tal-awtorità kompetenti fi żmien perjodu maqbul ma' din l-awtorità inkluża azzjoni korrettiva xierqa li żżomm milli terġa' sseħħ l-okkorrenza tar-riżultat u l-kawża tal-qofol tiegħu.

▼B

*TAQSIMA B*

**PROĊEDURI GĦALL-AWTORITAJIET KOMPETENTI**

IS-SOTTOPARTI A

*ĠENERALI*

M.B.101 **Ambitu**

Din it-Taqsima tistabbilixxi r-rekwiżiti amministrattivi li jridu jiġu segwiti mill-awtoritajiet kompetenti inkarigati mill-applikazzjoni u l-infurzar tat-Taqsima A ta' din il-Parti.

M.B.102 **Awtorità kompetenti**

(a) Ġenerali

Stat Membru għandu jaħtar lil awtorità kompetenti b'responsabbiltajiet allokati għall-ħruġ, il-kontinwazzjoni, il-bidla, is-sospensjoni jew ir-revoka ta' ċertifikati u għas-sorveljanza tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà. Din l-awtorità kompetenti għandi tistabbilixi proċeduri ddokumentati u struttura organizzattiva.

(b) Riżorsi

In-numru tal-persunal għandu jkun xieraq biex ir-rekwiżiti kif spjegati f'din it-Taqsima jitwettqu.

(c) Kwalifiki u taħriġ

Il-persunal kollu involut fl-attivitajiet tal-ittrattati f'dan l-Anness għandu jkun kwalifikat kif xieraq u jkollu għarfien, esperjenza, taħriġ inizjali u taħriġ ta' kontinwazzjoni xierqa sabiex iwettaq il-kompiti allokati lilu.

(d) Proċeduri

L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi proċeduri ddokumentati li jiddeskrivu fid-dettall kif tintlaħaq il-konformità ma' dan l- Anness (Parti-M).

Dawn il-proċeduri għandhom jiġu riveduti u emendati sabiex jiżguraw konformità kontinwata.

▼M6

▼C2

M.B.103 **Sejbiet u miżuri ta' infurzar — il-persuni**

Jekk, matul is-sorveljanza jew b'xi mezz ieħor, l-awtorità kompetenti responsabbli għas-sorveljanza skont dan l-Anness issib evidenza li turi nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti applikabbli tar-Regolament (UE) 2018/1139, minn persuna li jkollha liċenzja, ċertifikat, klassifikazzjoni jew attestazzjoni maħruġa skont ir-Regolament (UE) 2018/1139, l-awtorità kompetenti li tidentifika n-nuqqas ta' konformità għandha tieħu kwalunkwe miżura ta' infurzar neċessarja biex tipprevjeni l-issoktar ta' dak in-nuqqas ta' konformità.

M.B.104 **Żamma tar-rekords**

(a) L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu sistema ta' żamma tar-rekords li tippermetti traċċabbiltà adegwata tal-proċess biex toħroġ, tivvalida mill-ġdid, tibdel, tissospendi jew tirrevoka kull ċertifikat.

(b) Ir-rekords għas-sorveljanza tal-organizzazzjonijiet approvati skont dan l-Anness għandhom jinkludu bħala minimu:

1. l-applikazzjoni għal approvazzjoni ta' organizzazzjoni;

2. iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni ta' organizzazzjoni li jinkludi kwalunkwe tibdil;

▼C2

3. kopja tal-programm tal-awditjar li jelenka d-dati meta għandhom isiru l-awditi u meta twettqu l-awditi;

4. ir-rekords tal-kontinwità tas-sorveljanza tal-awtorità kompetenti li jinkludu r-rekords tal-awditi kollha;

5. kopji tal-korrispondenza relevanti kollha;

6. dettalji ta' kwalunkwe azzjoni ta' eżenzjoni u infurzar;

7. kwalunkwe rapport minn awtoritajiet kompetenti oħra relatat mas-sorveljanza tal-organizzazzjoni;

8. espożizzjoni jew manwali tal-organizzazzjoni u l-emendi;

9. kopja ta' kull dokument ieħor approvat direttament mill-awtorità kompetenti.

(c) Il-perjodu taż-żamma għar-rekords tal-punt (b) għandu jkun ta' tal-anqas 5 snin.

(d) Ir-rekords minimi għas-sorveljanza ta' kull inġenju tal-ajru għandhom jinkludu, tal-anqas, kopja ta':

1. iċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru;

2. ċertifikati tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà;

▼M8

3. rakkomandazzjonijiet tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà maħruġa mis-CAO jew mis-CAMO;

▼C2

4. ir-rapporti mir-reviżjonijiet tal-ajrunavigabbiltà mwettqa direttament mill-awtorità kompetenti;

5. kull korrispondenza rilevanti relatata mal-inġenju tal-ajru;

6. id-dettalji dwar kull eżenzjoni u azzjoni ta' infurzar;

7. kwalunkwe dokument approvat mill-awtorità kompetenti skont dan l-Anness jew l-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 965/2012 (Parti-ARO).

(e) Ir-rekords speċifikati fil-punt (d) għandhom jinżammu sa sentejn (2) wara li l-inġenju tal-ajru jiġi rtirat b'mod permanenti mis-servizz.

(f) Ir-rekords kollha għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni fuq talba minn Stat Membru ieħor jew l-Aġenzija.

▼B

M.B.105 **Skambju reċiproku ta' informazzjoni**

▼M8

(a) Sabiex jikkontribwixxu għat-titjib fis-sikurezza tal-ajru, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jipparteċipaw fi skambju reċiproku ta’ kull informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 72 tar-Regolament (UE) 2018/1139.

▼B

(b) Bla ħsara għall-kompetenzi tal-Istati Membri, fil-każ ta' theddida potenzjali għas-sikurezza li tinvolvi lil bosta Stati Membri, l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati għandhom jgħinu lil xulxin fit-twettiq tal-azzjoni ta' sorveljanza meħtieġa.

▼B

IS-SOTTOPARTI B

*RESPONSABBILTÀ*

▼M6

▼C2

M.B.201 **Responsabbiltajiet**

L-awtoritajiet kompetenti kif speċifikat fil-punt M.1 huma responsabbli li jwettqu awditi, spezzjonijiet u investigazzjonijiet biex jivverifikaw li hemm konformità mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness.

M.B.202 **Informazzjoni lill-Aġenzija**

(a) L-awtorità kompetenti għandha tavża lill-Aġenzija, mingħajr dewmien żejjed, f'każ ta' xi problema sinifikanti bl-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/1139.

(b) L-awtorità kompetenti għandha tipprovdi lill-Aġenzija bl-informazzjoni sinifikanti għas-sikurezza li toħroġ mir-rapporti ta' okkorrenza li tkun irċeviet skont il-punt M.A.202.

▼B

IS-SOTTOPARTI C

*IL-KONTINWITÀ TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ*

▼M6

▼C2

M.B.301 **Programm ta' manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru**

(a) L-awtorità kompetenti għandha tivverifika li l-AMP hu konformi mal-punt M.A.302.

(b) Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor fil-punt (c) tal-punt M.A.302, l-AMP u l-emendi tiegħu għandhom ikunu approvati direttament mill-awtorità kompetenti. L-awtorità kompetenti għandu jkollha aċċess għad-*data* kollha meħtieġa mill-punti (d), (e) u (f) tal-punt M.A.302.

▼M8

(c) Fil-każ ta’ approvazzjoni indiretta kif previst fil-punt M.A.302(c), l-awtorità kompetenti għandha tapprova l-proċedura ta’ approvazzjoni tal-AMP tas-CAO jew tas-CAMO permezz tal-espożizzjoni ta’ dik l-organizzazzjoni msemmija fil-punt CAO.A.025 tal-Anness Vd, fil-punt M.A.704 ta’ dan l-Anness, jew fil-punt CAMO.A.300 tal-Anness Vc, skont kif applikabbli.

M.B.302 **Eżenzjonijiet**

L-eżenzjonijiet kollha mogħtija skont l-Artikolu 71 tar-Regolament (UE) 2018/1139 għandhom jiġu rreġistrati u jinżammu mill-awtorità kompetenti.

▼M2

M.B.303 **Monitoraġġ tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenji tal-ajru**

(a) L-awtorità kompetenti għandha tiżviluppa programm ta' stħarriġ fuq approċċ ibbażat fuq ir-riskji sabiex tissorvelja l-qagħda tal-ajrunavigabbiltà tal-flotta tal-inġenji tal-ajru fir-reġistru tagħha.

(b) Il-programm ta' stħarriġ għandu jinkludi kampjuni ta' stħarriġ fuq il-prodotti tal-inġenji tal-ajru u għandu jkopri l-aspetti kollha tal-elementi tar-riskji ewlenin tal-ajrunavigabbiltà.

(c) L-istħarriġ fuq il-prodotti għandu jieħu kampjuni tal-istandards tal-ajrunavigabbiltà miksubin, fuq il-bażi tar-rekwiżiti applikabbli, u għandu jidentifika kwalunkwe sejba.

▼M2

(d) Kwalunkwe sejba identifikata għandha tiġi kategorizzata skont ir-rekwiżiti ta' din il-Parti u għandha tiġi kkonfermata bil-miktub lill-persuna jew l-organizzazzjoni responsabbli skont l-M.A.201. L-awtorità kompetenti għandu jkollha proċess fis-seħħ sabiex tanalizza s-sejbiet għall-importanza tagħhom għas-sikurezza.

(e) L-awtorità kompetenti għandha tirreġistra s-sejbiet u l-azzjonijiet ta' għeluq kollha.

(f) Jekk matul l-istħarriġiet tal-inġenji tal-ajru tinstab evidenza li turi nuqqas ta' konformità ma' din il-Parti jew ma' kwalunkwe Parti oħra, is-sejba għandha tiġi indirizzata kif preskritt mill-Parti rilevanti.

(g) Jekk tkun meħtieġa tiżgura azzjoni xierqa ta' infurzar, l-awtorità kompetenti għandha tiskambja informazzjoni dwar nuqqasijiet ta' konformità identifikati skont il-punt (f) ma' awtoritajiet kompetenti oħrajn.

M.B.304 **Revoka u sospensjoni**

L-awtorità kompetenti għandha:

(a) tissospendi ċertifikat ta' reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà għal raġunijiet raġonevoli fil-każ ta' periklu potenzjali għas-sikurezza, jew;

(b) tissospendi jew tirrevoka ċertifikat ta' reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà skont l-M.B.903(1).

▼M6

▼C2

M.B.305 **Sistema ta' reġistrazzjoni teknika tal-inġenju tal-ajru**

(a) L-awtorità kompetenti għandha tapprova s-sistema inizjali ta' reġistrazzjoni teknika tal-inġenju tal-ajru meħtieġa mill-punt M.A.306.

▼M8

(b) Biex l-organizzazzjoni tkun tista’ timplimenta tibdiliet fis-sistema ta’ reġistrazzjoni teknika tal-inġenju tal-ajru mingħajr approvazzjoni minn qabel mill-awtorità kompetenti, l-awtorità kompetenti għandha tapprova l-proċedura rilevanti msemmija fil-punt CAMO.A.300(c) tal-Anness Vc, jew il-punt M.A.704(c) ta’ dan l-Anness jew il-punt CAO.A.025(c) tal-Anness Vd.

▼B

IS-SOTTOPARTI D

*STANDARDS TA' MANUTENZJONI*

(trid tiġi żviluppata skont kif inhu xieraq)

IS-SOTTOPARTI E

*KOMPONENTI*

(trid tiġi żviluppata skont kif inhu xieraq)

▼B

IS-SOTTOPARTI F

*ORGANIZZAZZJONI TAL-MANUTENZJONI*

M.B.601 **Applikazzjoni**

Fejn il-faċilitajiet ta' manutenzjoni jinsabu f'aktar minn Stat Membru wieħed l-investigazzjoni u s-sorveljanza kontinwa tal-approvazzjoni għandhom jitwettqu flimkien mal-awtoritajiet kompetenti maħtura mill-Istati Membri li fit-territorju tagħhom jinsabu l-faċilitajiet ta' manutenzjoni l-oħra.

M.B.602 **Approvazzjoni Inizjali**

(a) Dejjem jekk ikun hemm konformità mar-rekwiżiti tal-punti M.A.606(a) u (b), l-awtorità għandha formalment tindika bil-miktub lill-applikant li aċċettat il-persunal tal-M.A.606(a) u (b).

▼M6
▼C2

(b) L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi li l-proċeduri speċifikati fil-manwal tal-organizzazzjoni tal-manutenzjoni huma konformi mas-Sottoparti ta' dan l-Anness, u għandha tiżgura li l-maniġer responsabbli jiffirma d-dikjarazzjoni tal-impenn.

(c) L-awtorità kompetenti għandha tivverifika li l-organizzazzjoni tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fis-Sottoparti F ta' dan l-Anness.

▼B

(d) Tal-anqas darba matul l-investigazzjoni għall-approvazzjoni għandha ssir laqgħa mal-maniġer responsabbli, sabiex jiġi żgurat li hu jifhem kompletament is-sinifikat tal-approvazzjoni u r-raġuni għall-iffirmar tal-impenn għall-organizzazzjoni f'konformità mal-proċeduri speċifikati fil-manwal.

(e) Is-sejbiet kollha għandhom jiġu kkonfermati bil-miktub lill-organizzazzjoni tal-applikant.

(f) L-awtorità kompetenti għandha tirreġistra s-sejbiet, l-azzjonijiet ta' għeluq (azzjonijiet meħtieġa biex tingħalaq sejba) u r-rakkomandazzjonijiet kollha.

(g) Għall-approvazzjoni inizjali s-sejbiet kollha għandhom jiġu kkoreġuti mill-organizzazzjoni u jingħalqu mill-awtorità kompetenti qabel ma tinħareġ din l-approvazzjoni.

M.B.603 **Ħruġ tal-approvazzjoni**

▼M6
▼C2

(a) L-awtorità kompetenti għandha toħroġ ċertifikat ta' approvazzjoni tal-Formola 3 tal-EASA (l-Appendiċi V għal dan l-Anness), li jinkludi t-termini tal-approvazzjoni, meta l-organizzazzjoni ta' manutenzjoni tkun konformi mal-punti applikabbli ta' dan l-Anness.

▼B

(b) L-awtorità kompetenti għandha tindika l-kundizzjonijiet mehmuża mal-approvazzjoni fuq iċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tal-Formola 3 tal-EASA.

(c) In-numru ta' referenza għandu jiġi inkluż fiċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tal-Formola 3 tal-EASA bil-mod speċifikat mill-Aġenzija.

▼B

M.B.604 **Sorveljanza kontinwata**

▼M6
▼C2

(a) L-awtorità kompetenti għandha żżomm u taġġorna lista tal-programmi, għal kull organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata skont is-Sottoparti F tat-Taqsima B ta' dan l-Anness taħt is-superviżjoni tagħha, id-dati meta ż-żjarat tal-awditi huma dovuti u meta t-tali żjarat jitwettqu.

▼B

(b) Kull organizzazzjoni għandha tiġi vverifikata kompletament f'perjodi li ma jaqbuż l-24 xahar.

(c) Is-sejbiet kollha għandhom jiġu kkonfermati bil-miktub lill-organizzazzjoni li qed tapplika.

(d) L-awtorità kompetenti għandha tirreġistra s-sejbiet, l-azzjonijiet tal-għeluq (azzjonijiet meħtieġa biex tingħalaq sejba) u r-rakkomandazzjonijiet kollha.

(e) Darba kull 24 xahar għandha ssir laqgħa mal-maniġer responsabbli sabiex jiġi żgurat li hu jibqa' informat bi kwistjonijiet sinifkanti li jirriżultaw matul il-verifiki.

M.B.605 **Sejbiet**

▼M6
▼C2

(a) Meta matul l-awditi jew permezz ta' mezzi oħra, tinstab evidenza li turi n-nuqqas ta' konformità ma' rekwiżit stabbilit f'dan l-Anness jew l-Anness Vb (Parti-ML), l-awtorità kompetenti għandha tieħu l-azzjonijiet li ġejjin:

▼B

1. Għal sejbiet ta' livell 1, l-awtorità kompetenti għandha tieħu azzjoni immedjata biex tirrevoka, tillimita jew tissospendi kompletament jew parzjalment, jiddependi mill-kobor tas-sejba ta' livell 1, l-approvazzjoni tal-organizzazzjoni ta' manutenzjoni, sakemm l-organizzazzjoni jirnexxilha twettaq l-azzjonijiet korrettivi.

2. Għal sejbiet ta' livell 2, l-awtorità kompetenti għandha tippermetti perjodu għall-azzjoni korrettiva, li jkun xieraq għan-natura tas-sejba u li ma jkunx itwal minn tliet xhur. F'ċerti ċirkustanzi, fit-tmiem ta' dan l-ewwel l-perjodu u skont in-natura tas-sejba, l-awtorità kompetenti tista' testendi l-perjodu ta' tliet xhur, dejjem jekk ikun hemm pjan sodisfaċenti ta' azzjonijiet korrettivi.

(b) L-awtorità kompetenti għandha tieħu azzjoni biex tissospendi l-approvazzjoni kollha, jew parzjalment, f'każ li ma tiġix rispettata l-iskeda mogħtija mill-awtorità kompetenti.

M.B.606 **Bidliet**

(a) L-awtorità kompetenti għandha tkun konformi mal-elementi applikabbli tal-proċess inizjali għal kull bidla fl-organizzazzjoni nnotifikata skont il-punt M.A.617.

(b) L-awtorità kompetenti tista' tippreskrivi l-kundizzjonijiet li bihom l-organizzazzjoni ta' manutenzjoni approvata tista' topera matul dawn il-bidliet sakemm ma tiddeċidix li l-approvazzjoni għandha tiġi sospiża minħabba n-natura u l-firxa tal-bidliet.

▼M6
▼C2

(c) Għal kwalunkwe bidla fil-manwal tal-organizzazzjoni ta' manutenzjoni:

1. fil-każ ta' approvazzjoni diretta tat-tibdiliet skont il-punt (b) tal-punt M.A.604, l-awtorità kompetenti għandha tivverifika li l-proċeduri speċifikati fil-manwal huma konformi ma' dan l-Anness qabel ma tinnotifika formalment lill-organizzazzjoni approvata dwar l-approvazzjoni;

2. fil-każ ta' approvazzjoni indiretta tat-tibdiliet skont il-punt (c) tal-punt M.A.604, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li:

(i) it-tibdiliet jibqgħu minuri;

(ii) ikollha kontroll adegwat fuq l-approvazzjoni tat-tibdiliet biex tiżgura li dawn jibqgħu konformi mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness.

▼B

M.B.607 **Ir-revoka, is-sospensjoni u l-limitazzjoni ta' approvazzjoni**

L-awtorità kompetenti għandha:

(a) tissospendi approvazzjoni għal raġunijiet validi fil-każ ta' theddida potenzjali lis-sikurezza, jew;

(b) tissospendi, tirrevoka jew tillimita approvazzjoni skont il-punt M.B.605.

IS-SOTTOPARTI G

*ORGANIZZAZZJONI TAL-ĠESTJONI TAL-KONTINWITÀ TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ*

M.B.701 **Applikazzjoni**

▼M2

(a) Għat-trasportaturi tal-ajru li ngħataw liċenzja, skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 l-awtorità kompetenti għandha tirċievi għall-approvazzjoni bl-applikazzjoni inizjali għaċ-ċertifikat tal-operatur tal-ajru, fejn applikabbli, kull varjazzjoni applikata għal kull tip ta' inġenju tal-ajru li għandu jiġi operat:

1. l-espożizzjoni tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà;

2. il-programmi ta' manutenzjoni tal-inġenju tal-ajru tal-operatur;

3. ir-reġistrazzjoni teknika tal-inġenju tal-ajru;

4. fejn xieraq, l-ispeċifikazzjoni teknika tal-kuntratti ta' manutenzjoni bejn il-CAMO u l-organizzazzjoni ta' manutenzjoni approvata tal-Parti-145.

▼B

(b) Meta faċilitajiet ikunu jinsabu f'aktar minn Stat Membru wieħed l-investigazzjoni u s-sorveljanza kontinwata tal-approvazzjoni għandhom jitwettqu flimkien mal-awtoritajiet kompetenti maħtura mill-Istati Membri li fit-territorju tagħhom jinsabu l-faċilitajiet l-oħra.

M.B.702 **Approvazzjoni inizjali**

(a) Dejjem jekk ikun hemm konformità mar-rekwiżiti tal-punti M.A.706(a), (c), (d) u M.A.707, l-awtorità kompetenti għandha formalment tindika bil-miktub lill-applikant l-aċċettazzjoni tagħha tal-persunal M.A.706(a), (c), (d) u M.A.707.

▼B

(b) L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi li l-proċeduri speċifikati fl-espożizzjoni tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà jikkonformaw mat- Taqsima A tas-Sottoparti G ta' dan l-Anness (Parti M)

(c) L-awtorità kompetenti għandha tivverifika l-konformità tal-organizzazzjoni mar-rekwiżiti ta' stabbiliti fit-Taqsima A, is-Sottoparti G ta' dan l-Anness (Parti M).

(d) Tal-anqas darba matul l-investigazzjoni għall-approvazzjoni għandha ssir laqgħa mal-maniġer responsabbli biex jiġi żgurat li hu jifhem is-sinifikat tal-approvazzjoni u r-raġuni għall-iffirmar tal-impenn tal-espożizzjoni tal-organizzazzjoni għall-konformità mal-proċeduri speċifikati fl-espożizzjoni tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà.

(e) Is-sejbiet kollha għandhom jiġu kkonfermati bil-miktub lill-organizzazzjoni li qed tapplika.

(f) L-awtorità kompetenti għandha tirreġistra s-sejbiet, l-azzjonijiet ta' għeluq (azzjonijiet meħtieġ biex tingħalaq sejba) u r-rakkomandazzjonijiet kollha.

(g) Għall-approvazzjoni inizjali, is-sejbiet kollha għandhom jiġu kkoreġuti mill-organizzazzjoni u jingħalqu mill-awtorità kompetenti qabel mal-approvazzjoni tkun tista' tinħareġ.

▼M8

M.B.703 **Ħruġ tal-approvazzjoni**

(a) L-awtorità kompetenti għandha toħroġ lill-applikant ċertifikat ta’ approvazzjoni tal-Formola 14-MG tal-EASA (l-Appendiċi VI ta’ dan l-Anness) li jinkludi t-termini tal-approvazzjoni, meta l-organizzazzjoni ta’ ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà hija f’konformità mat-Taqsima A tas-Sottoparti G ta’ dan l-Anness (Parti M).

(b) L-awtorità kompetenti għandha tindika l-validità tal-approvazzjoni fuq iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tal-Formola 14-MG tal-EASA.

(c) In-numru ta’ referenza għandu jkun inkluż fuq iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tal-Formola 14-MG b’mod speċifikat mill-Aġenzija.

(d) Fil-każ tat-trasportaturi tal-ajru li ngħataw liċenzja, skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008, l-informazzjoni fil-Formola 14-MG tal-EASA se tiġi inkluża fuq iċ-ċertifikat tal-operatur tal-ajru.

▼B

M.B.704 **Sorveljanza kontinwata**

(a) L-awtorità kompetenti għandha żżomm u taġġorna l-elenkar tal-programm għal kull organizzazzjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà approvata skont it-Taqsima A, is-Sottoparti G tal-Annessi (Parti-M) taħt is-superviżjoni tagħhha, id-dati ta' meta għandhom isiru l-viżti tal-verifika u meta tali viżti twettqu.

(b) Kull organizzazzjoni għandhom ikunu kompletament verifikati f'perjodu li ma jaqżbux l-24 xahar.

(c) Kampjun rilevanti tal-inġenju tal-ajru ġestit mill- organizzazzjoni approvata skont it-Taqsima B, is-Sottoparti G ta' dan l-Anness (Parti M) għandu jiġi ssorveljat f'kull perjodu ta' 24 xahar. Id-daqs tal-kampjun jiġi deċiż mill-awtorità kompetenti abbażi tar-riżultat tal-verifiki preċedenti u stħarriġiet dwar il-prodott li twettqu qabel.

▼B

(d) Is-sejbiet kollha għandhom jiġu kkonfermati mil-miktub lill-organizzazzjoni li qed tapplika.

(e) L-awtorità kompetenti għandha tirreġistra s-sejbiet, l-azzjonijiet ta' għeluq (azzjonijiet meħtieġa biex tingħalaq sejba) u r-rakkomandazzjonijiet kollha.

(f) Tal-anqas darba kull 24 xahar għandha ssir laqgħa mal-maniġer responsabbli biex jiġi żgurat li hu jibqa' infurmat bi kwistjonijiet sinifikanti li jirriżultaw matul il-verifiki.

M.B.705 **Sejbiet**

▼M8

(a) Meta matul l-awditi jew permezz ta' mezzi oħra, tinstab evidenza li turi n-nuqqas ta' konformità ma' rekwiżit stabbilit f'dan l-Anness (Parti-M) jew l-Anness Vb (Parti-ML), skont kif applikabbli, l-awtorità kompetenti għandha tieħu l-azzjonijiet li ġejjin:

▼B

1. Għal sejbiet ta' livell 1, għandha tittieħed azzjoni immedjata mill-awtorità kompetenti biex tirrevoka, tillimita jew tissospendi kompletament jew parzjalment, jiddependi fuq id-daqs tas-sejba ta' livell 1, l-approvazzjoni tal-organizzazzjoni tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà, sakemm tkun ittieħdet azzjoni korrettiva mill-organizzazzjoni.

2. Għal sejbiet ta' livell 2, l-awtorità kompetenti għandha tagħti perjodu għall-azzjoni korrettiva, li jkun xieraq għan-natura tas-sejba u li ma jkunx itwal minn tliet xhur. F'ċerti ċirkustanzi, fit-tmiem ta' dan il-perjodu u skont in-natura tas-sejbiet, l-awtorità kompetenti tista' testendi l-perjodu ta' tliet xhur, dejjem jekk ikun hemm pjan sodisfaċenti ta' azzjonijiet korrettivi.

(b) L-awtorità kompetenti għandha tieħu azzjoni biex tissospendi l-approvazzjoni kollha, jew parti minnha, f'każ li ma tiġix rispettata l-iskeda mogħtija mill-awtorità kompetenti.

M.B.706 **Bidliet**

(a) L-awtorità kompetenti għandha tkun konformi mal-elementi applikabbli tal-proċess inizjali għal kull bidla fl-organizzazzjoni nnotifikata skont il-punt M.A.713.

(b) L-awtorità kompetenti tista' tippreskrivi l-kundizzjonijiet li bihom l-organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà approvata tista' topera matul dawn il-bidliet sakemm ma tiddeċiedix li l-approvazzjoni għandha tiġi sospiża minħabba n-natura u l-firxa tal-bidliet.

▼M8

(c) Għal kwalunkwe bidla fl-espożizzjoni tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà:

1. Fil-każ ta' approvazzjoni diretta tat-tibdiliet skont il-punt M.A.704(b) ta' dan l-Anness (Parti-M), l-awtorità kompetenti għandha tivverifika li l-proċeduri speċifikati fl-espożizzjoni huma konformi ma' dan l-Anness (Parti-M) jew mal-Anness Vb (Parti-ML), skont kif applikabbli, qabel ma tinnotifika b'mod formali lill-organizzazzjoni approvata dwar l-approvazzjoni.

2. Fil-każ li tintuża proċedura ta' approvazzjoni indiretta għall-approvazzjoni tat-tibdiliet skont il-punt M.A.704(c) ta' dan l-Anness (Parti-M), l-awtorità kompetenti għandha tiżgura dan kollu li ġej:

   (i) li t-tibdiliet jibqgħu minuri;

▼M8

(ii) li jkollha kontroll xieraq fuq l-approvazzjoni tat-tibdiliet biex tiżgura li dawn jibqgħu konformi mar-rekwiżiti ta’ dan l-Anness (Parti-M) jew tal-Anness Vb (Parti-ML), skont kif applikabbli.

▼B

M.B.707 **Ir-revoka, is-sospensjoni u l-limitazzjoni ta' approvazzjoni**

L-awtorità kompetenti għandha:

(a) tissospendi approvazzjoni għal raġunijiet validi fil-każ ta' theddida potenzjali lis-sikurezza, jew;

(b) tissospendi, tirrevoka jew tillimita approvazzjoni skont il-punt M.B.705.

IS-SOTTOPARTI H

*ĊERTIFIKAT TAR-RILAXX GĦAS-SERVIZZ — CRS*

(trid tiġi żviluppata skont kif inhu xieraq)

IS-SOTTOPARTI I

*ĊERTIFIKATI TA' REVIZJONI TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ*

M.B.901 **Valutazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet**

Hekk kif tasal applikazzjoni u rakkomandazzjoni taċ-ċertifikat tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà assoċjata f'konformità mal- punt M.A.901:

▼M6
▼C2

1. Il-persuna kwalifikat kif xieraq tal-awtorità kompetenti għandu jivverifika li d-dikjarazzjoni ta' konformità fir-rakkomandazzjoni turi li twettqet reviżjoni kompluta tal-ajrunavigabbiltà skont il-punt M.A.901.

▼B

2. L-awtorità kompetenti għandha tinvestiga u tista' titlob aktar informazzjoni biex issostni l-valutazzjoni tar-rakkomandazzjoni.

M.B.902 **Reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà mill-awtorità kompetenti**

▼M6
▼C2

(a) Meta awtorità kompetenti twettaq reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà u toħroġ iċ-ċertifikat ta' reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà (Appendiċi III (Formola 15a tal-EASA) għal dan l-Anness), l-awtorità kompetenti għandha twettaq reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà f'konformità mal-punt M.A.901.

(b) L-awtorità kompetenti għandu jkollha staff adegwat għar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà biex iwettaq ir-reviżjonijiet tal-ajrunavigabbiltà.

1. Għal kull inġenju tal-ajru użat mill-operaturi tal-ajru li ngħataw il-liċenzja skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008, u għal inġenju tal-ajru b'MTOM ta' aktar minn 2 730 kg, it-tali persunal għandu:

(a) ikollu tal-anqas 5 snin esperjenza fil-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà;

(b) ikollu liċenzja xierqa f'konformità mal-Anness III (Parti-66) jew kwalifika tal-persunal ta' manutenzjoni rikonoxxuta f'livell nazzjonali xierqa skont il-kategorija tal-inġenju tal-ajru (fejn l-Artikolu 5(6) jirreferi għar-regoli nazzjonali) jew lawrja ajrunawtika jew ekwivalenti;

▼C2

(c) ikun irċieva taħriġ formali fil-manutenzjoni ajrunawtika;

(d) ikun żamm kariga b'responsabbiltajiet xierqa.

Minkejja l-punti (a) sa (d), ir-rekwiżit stabbilit fil-punt (b)(1)(b) tal-punt M.B.902 jista' jinbidel ma' 5 snin esperjenza fil-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà b'żieda ma' dawk diġà meħtieġa mill-punt (b)(1)(a) tal-punt M.B.902.

2. Għal inġenji tal-ajru użati mill-operaturi tal-ajru li ngħataw il-liċenzja skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008, u għal inġenju tal-ajru b'MTOM ta' 2 730 kg u anqas, it-tali persunal għandu:

(a) ikollu tal-anqas 3 snin esperjenza fil-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà;

(b) ikollu liċenzja xierqa f'konformità mal-Anness III (Parti-66) jew kwalifika tal-persunal ta' manutenzjoni rikonoxxuta f'il-livell nazzjonali xierqa skont il-kategorija tal-inġenju tal-ajru fejn l-Artikolu 5(6) jirreferi għar-regoli nazzjonali, jew lawrja ajrunawtika jew ekwivalenti;

(c) ikun irċieva taħriġ xieraq fil-manutenzjoni ajrunawtika;

(d) ikun żamm kariga b'responsabbiltajiet xierqa.

Minkejja l-punti (a) sa (d), ir-rekwiżit stabbilit fil-punt (b)(2)(b) tal-punt M.B.902 jista' jinbidel ma' 4 snin esperjenza fil-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà b'żieda ma' dawk diġà meħtieġa mill-punt (b)(2)(a) tal-punt M.B.902.

▼B

(c) L-awtorità kompetenti għandha żżomm rekord tal-persunal kollu tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà, li għandu jinkludi d-dettalji ta' kwalunkwe kwalifika adegwata li jkollu l-persunal flimkien ma' sommarju tal-esperjenza u t-taħriġ rilevanti fil-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà.

(d) L-awtorità kompetenti għandu jkollha aċċess għad-dejta applikabbli kif speċifikat fil-punti M.A.305, M.A.306 u M.A.401 fit-twettiq tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà.

(e) Il-persunal li jwettaq ir-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà għandu joħroġ il-Formola 15a wara t-tlestija sodisfaċenti tar-reviżjoni tal-adegwatezza għall-avjazzjoni.

M.B.903 **Sejbiet**

Jekk waqt l-istħarriġ tal-inġenju tal-ajru jew permezz ta' mezzi oħra tinstab evidenza li hemm nuqqas ta' konformità mar-rekwiżit tal-Parti-M, l-awtorità kompetenti għandha tieħu l-azzjonijiet li ġejjin:

1. għal sejbiet ta' livell 1, l-awtorità kompetenti għandha tieħu azzjoni korrettiva qabel tittieħed azzjoni immedjata u tat-titjira mill-awtorità kompetenti biex tirrevoka jew tissospendi ċ-ċertifikat tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà.

2. għal sejbiet ta' livell 2, l-azzjoni korrettiva meħtieġa mill-awtorità kompetenti għandha tkun xierqa għan-natura tas-sejba.

▼M6

▼C2

M.B.904 **Skambju reċiproku ta' informazzjoni**

Malli tirċievi notifika ta' trasferiment ta' inġenju tal-ajru bejn l-Istati Membri skont il-punt M.A.903, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn l-inġenju tal-ajru jkun irreġistrat dak il-ħin għandha tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn se jiġi rreġistrat l-inġenju tal-ajru dwar kwalunkwe problema magħrufa bl-inġenju tal-ajru li jkun qed jiġi ttrasferit. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn se jiġi rreġistrat l-inġenju tal-ajru għandha tiżgura li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn l-inġenju tal-ajru jkun irreġistrat dak il-ħin tkun ġiet innotifikata b'mod xieraq dwar it-trasferiment.

▼C2

*Appendiċi I*

**Kuntratt ta' ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà**

1. Meta sid jew operatur jagħti kuntratt skont il-punt M.A.201 lil CAMO jew lil CAO biex twettaq kompiti tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà, fuq talba tal-awtorità kompetenti, kopja tal-kuntratt iffirmat miż-żewġ partijiet għandha tintbagħat mis-sid jew l-operatur lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistru.

2. Il-kuntratt għandu jiġi żviluppat filwaqt li jqis ir-rekwiżiti ta' dan l-Anness u għandu jiddefinixxi l-obbligi tal-firmatarji fir-rigward tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru.

3. Għandu jkollu tal-anqas l-informazzjoni li ġejja:

— ir-reġistrazzjoni, it-tip u n-numru tas-serje tal-inġenju tal-ajru;

— l-isem tas-sid jew tal-lokatarju irreġistrat tal-inġenju tal-ajru jew id-dettalji tal-kumpanija, inkluż l-indirizz,

— dettalji tas-CAMO jew is-CAO mogħtija l-kuntratt, inkluż l-indirizz, u

— it-tip ta' operazzjoni.

▼M13

4. Għandu jiddikjara dan li ġej:

Is-sid jew l-operatur jinkariga lis-CAMO jew lis-CAO bil-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru, inkluż iżda mhux limitat għall-iżvilupp ta' AMP li għandu jiġi approvat mill-awtorità kompetenti kif spjegat fil-punt M.1, u l-organizzazzjoni tal-manutenzjoni tal-inġenju tal-ajru skont it-tali AMP.

Skont dan il-kuntratt, iż-żewġ firmatarji jintrabtu li jsegwu l-obbligi rispettivi ta' dan il-kuntratt.

Is-sid jew l-operatur jiddikjara, skont l-aħjar għarfien tiegħu, li l-informazzjoni kollha mogħtija lis-CAMO jew is-CAO dwar il-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru hi u se tkun preċiża u li l-inġenju tal-ajru mhux se jiddewwa jew jiġi mmodifikat mingħajr il-ftehim minn qabel tas-CAMO jew is-CAO.

F'każ ta' kwalunkwe nuqqas ta' konformità ma' dan il-kuntratt, minn wieħed mill-firmatarji, is-CAMO jew is-CAO u s-sid jew l-operatur għandhom jivvalutaw jekk dan għandux impatt fuq il-kontinwazzjoni tal-kuntratt u għandhom jinfurmaw lill-awtorità(jiet) kompetenti tat-tali organizzazzjonijiet. Il-valutazzjoni mwettqa mill-organizzazzjonijiet għandha tqis is-sinifikat tas-sikurezza tan-nuqqas ta' konformità u jekk tkunx ta' natura ripetittiva. Jekk wara din il-valutazzjoni wieħed mill-firmatarji jikkonkludi li ma jistax jissodisfa r-responsabbiltajiet tiegħu minħabba l-limitazzjonijiet tiegħu stess jew minħabba n-nuqqasijiet tal-firmatarju, il-kuntratt għandu jitħassar u l-awtorità(jiet) kompetenti tal-organizzazzjonijiet għandhom jiġu infurmati minnufih. F'tali każ, is-sid jew l-operatur jibqa' responsabbli għal kull kompitu marbut mal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru, u fi żmien ġimagħtejn (2) jinformaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistru dwar it-tali nuqqas ta' konformità mal-kuntratt. Fil-każ ta' kuntratt konkluż skont M.A.201(ea), l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni għandha tiġi infurmata minnufih.

▼C2

5. ►M13 Meta sid jew operatur jikkuntratta CAMO jew CAO f'konformità mal-punt M.A.201, il-kuntratt għandu jispeċifika l-obbligi ta' kull parti kif ġej: ◄

5.1. Obbligi tas-CAMO jew is-CAO:

1. ikollha t-tip ta' inġenju tal-ajru inkluż fit-termini tal-approvazzjoni tagħha;

▼C2

2. tirrispetta l-kundizzjonijiet elenkati hawn taħt fir-rigward tal-manutenzjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru:

(a) tiżviluppa AMP għall-inġenju tal-ajru, li jinkludi kwalunkwe programm ta' affidabbiltà żviluppat, jekk applikabbli;

(b) tiddikjara l-kompiti ta' manutenzjoni (fl-AMP) li jistgħu jitwettqu mill-bdot-sid skont il-punt (c) tal-punt M.A.803;

(c) torganizza l-approvazzjoni tal-AMP;

(d) ladarba jiġi approvat, tipprovdi lis-sid jew lill-operatur b'kopja tal-AMP;

▼M13

(e) jistabbilixxi u jordna l-manutenzjoni meħtieġa biex jiġi żgurat kollegament xieraq mal-programm ta’ manutenzjoni preċedenti tal-inġenju tal-ajru;

▼C2

(f) torganizza biex il-manutenzjoni kollha li titwettaq minn organizzazzjoni ta' manutenzjoni approvata;

(g) torganizza biex jiġu applikati l-ADs applikabbli kollha;

(h) torganizza biex id-difetti kollha li jkunu nkixfu matul manutenzjoni skedata, reviżjonijiet tal-adegwatezza għall-avjazzjoni ajrunavigabbiltà jew irrapportati mis-sid jiġu rettifikati minn organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata;

▼M13

(i) jikkoordina t-twettiq tal-manutenzjoni skedata, inkluż l-ispezzjoni tal-komponenti, il-bdil ta’ partijiet għal żmien limitat u t-twettiq ta’ kwalunkwe AD applikabbli, u jiżgura l-konformità mar-rekwiżiti operattivi li jkollhom impatt fuq l-ajrunavigabbiltà kontinwa, ir-rekwiżiti tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà stabbiliti mill-Aġenzija u l-miżuri meħtieġa mill-awtorità kompetenti b’reazzjoni immedjata għal problema ta’ sikurezza;

(j) jinforma lis-sid jew lill-operatur kull darba li l-inġenju tal-ajru għandu jittieħed għand organizzazzjoni ta’ manutenzjoni approvata;

(k) jimmaniġġja u jarkivja r-rekords tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru;

(l) jikkoordina mal-operatur jew mas-sid fuq kwalunkwe talba lill-awtorità kompetenti rilevanti għal kwalunkwe devjazzjoni mill-programm ta’ manutenzjoni tal-inġenju tal-ajru;

(m) jappoġġa lill-operatur jew lill-pilota-sid fir-rigward tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru meta jwettqu titjiriet ta’ kontroll tal-manutenzjoni.

▼C2

3. torganizza l-approvazzjoni ta' kwalunkwe modifika fl-inġenju tal-ajru skont l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 748/2012 (Parti-21) qabel ma tiġi inkorporata;

4. torganizza l-approvazzjoni ta' kwalunkwe tiswija fl-inġenju tal-ajru skont l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 748/2012 (Parti-21) qabel ma din titwettaq;

5. tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni kull meta l-inġenju tal-ajru ma jiġix ippreżentat mis-sid lill-organizzazzjoni ta' manutenzjoni approvata kif mitlub mill-organizzazzjoni approvata;

6. tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni kull meta dan il-kuntratt mhuwiex irrispettat;

7. tiżgura li r-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru titwettaq meta jkun meħtieġ u tiżgura li jinħareġ iċ-ċertifikat tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà jew li tintbagħat rakkomandazzjoni lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistru;

8. tibgħat fi żmien għaxart ijiem (10) kopja ta' kwalunkwe ċertifikat tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà maħruġ jew estiż lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistru;

▼C2

9. twettaq ir-rapportar ta' kull okkorrenza b'mandat mir-regolamenti applikabbli;

10. għandu jinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni meta l-kuntratt jiġi denunzjat minn kwalunkwe parti.

5.2. L-obbligi tas-sid jew tal-operatur:

1. ikollu fehim ġenerali dwar l-AMP approvat;

2. ikollu fehim ġenerali dwar dan l-Anness;

3. għandu jippreżenta l-inġenju tal-ajru lill-organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata miftiehma mas-CAMO jew is-CAO meta jkun xieraq kif indikat fit-talba tas-CAMO jew is-CAO;

4. ma jagħmilx tibdiliet fl-inġenju tal-ajru mingħajr ma jikkonsulta minn qabel mas-CAMO jew is-CAO;

5. jinforma lis-CAMO jew is-CAO dwar il-manutenzjoni kollha mwettqa bħala eċċezzjoni mingħajr l-għarfien u l-kontroll tas-CAMO jew is-CAO;

6. jirrapporta d-difetti kollha misjuba matul l-operazzjonijiet lis-CAMO jew is-CAO permezz tal-ġurnal ta' abbord;

7. għandu jinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni kull meta dan il-kuntratt jiġi denunzjat minn kwalunkwe parti;

8. għandu jinforma lis-CAMO jew is-CAO u lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni kull meta jinbiegħ l-inġenju tal-ajru;

9. iwettaq ir-rapportar ta' kull okkorrenza b'mandat mir-regolamenti applikabbli;

10. jinforma fuq bażi regolari lis-CAMO jew is-CAO dwar is-sigħat tat-tajran tal-inġenju tal-ajru u kwalunkwe *data* oħra dwar l-utilizzazzjoni, kif miftiehem mas-CAMO jew is-CAO;

11. idaħħal is-CRS fil-ġurnali ta' abbord kif imsemmi fil-punt (d) tal-punt M.A.803 meta jwettaq manutenzjoni tal-bdot-sid mingħajr ma jaqbeż il-limiti tal-lista ta' kompiti ta' manutenzjoni kif iddikjarati fl-AMP approvat kif stabbilit fil-punt (c) tal-punt M.A.803;

12. jinforma lis-CAMO jew is-CAO sa mhux aktar tard minn 30 jum wara t-tlestija ta' kwalunkwe kompitu ta' manutenzjoni tal-bdot-sid skont il-punt (a) tal-punt M.A.305;

▼M13

13. jiżgura l-konformità mal-programm ta' manutenzjoni approvat u jikkoordina mas-CAMO jew mas-CAO fuq kwalunkwe talba lill-awtorità kompetenti rilevanti għal kwalunkwe estensjoni ta' darba għal intervall ta' programm ta' manutenzjoni;

14. jinforma lis-CAMO jew lis-CAO dwar kwalunkwe nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti operattivi li jista' jaffettwa l-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru;

15. jinforma lis-CAMO jew lis-CAO dwar kwalunkwe rekwiżit operazzjonali (eż. approvazzjonijiet speċifiċi) meħtieġ li jiġi ssodisfat sabiex l-inġenju tal-ajru jinżamm fil-konfigurazzjoni meħtieġa.

▼C2

6. Meta sid jew operatur jagħti kuntratt lil CAMO jew CAO skont il-punt M.A.201, l-obbligi ta' kull parti fir-rigward tar-rapportar obbligatorju u volontarju ta' okkorrenzi skont ir-Regolament (UE) Nru 376/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) għandhom ikunu speċifikati b'mod ċar.

▼M13

7. Rekwiżiti addizzjonali fil-każ tal-applikazzjoni tal-punt M.A.201(ea)

Minbarra r-rekwiżiti u l-obbligi elenkati hawn fuq fil-punti 5.1 u 5.2, meta jiġi konkluż kuntratt bejn is-CAMO u l-operatur f'konformità mal-punt M.A.201(ea), il-kuntratt tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà għandu jikkonforma wkoll mar-rekwiżiti tal-punti minn 7.1 sa 7.3.

Qabel ma jiġi ffirmat il-kuntratt, l-operatur għandu jivvaluta s-CAMO biex jiżgura li s-CAMO jkollha l-ħila u l-kapaċità li tikkonforma mal-kuntratt.

7.1. Eliġibbiltà

Il-kuntratt tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà f'konformità mal-punt M.A.201(ea) għandu jiġi konkluż biss jekk it-trasportatur tal-ajru kkonċernat ikun liċenzjat f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 u s-CAMO tifforma parti mill-istess raggruppament tan-negozju tat-trasportatur tal-ajru. Il-kuntratt tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà għandu jkun fih deskrizzjoni ċara ta' kif il-kundizzjonijiet spjegati f'M.A.201(ea) ikunu ssodisfati. B'mod partikolari għandu jiddeskrivi kif is-sistemi tal-organizzazzjonijiet ikunu armonizzati bejniethom.

7.2. Obbligi addizzjonali tas-CAMO:

1. issir infurmata dwar il-proċedura tal-operatur relatata mal-monitoraġġ tal-kuntratt;

2. tikseb il-ftehim mill-operatur qabel ma jissottokuntratta l-kompiti tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà;

3. tinforma minnufih lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni kull meta l-inġenju tal-ajru ma jiġix ippreżentat mill-operatur lill-organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata kif mitlub mis-CAMO, meta l-kuntratt preżenti ma jiġix irrispettat jew meta l-kuntratt jiġi ddenunzjat minn xi waħda mill-partijiet;

4. tipprovdi taħriġ għall-persunal tal-operatur biex tiżgura li huma jifhmu:

   (a) il-politiki u l-proċeduri, ir-responsabbiltajiet, l-obbligi, id-dmirijiet u l-oqsma ta' interfaċċa tas-CAMO;

   (b) il-linji ta' komunikazzjoni (pereżempju rekords tal-inġenji tal-ajru, skambju ta' informazzjoni preċiża dwar l-ajrunavigabbiltà fil-ħin inkluż barra s-sigħat normali tax-xogħol) tas-CAMO;

   (c) il-proċeduri li jappartjenu speċifikament għas-CAMO bħall-użu personalizzat tas-software, il-monitoraġġ tal-affidabbiltà, l-użu tas-sistema ta' reġistrazzjoni teknika tal-inġenji tal-ajru, u d-dispożizzjonijiet dwar l-interoperabbiltà.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 376/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar ir-rappurtar, l-analiżi u s-segwitu ta' okkorrenzi fl-avjazzjoni ċivili, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 996/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva 2003/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1321/2007 u (KE) Nru 1330/2007 (ĠU L 122, 24.4.2014, p. 18).

▼M13

7.3. Obbligi addizzjonali tal-operatur:

1. jiżviluppa proċeduri ta' interfaċċa mas-CAMO biex jindirizza l-ħruġ u t-tiġdid taċ-ċertifikat tar-rieżami tal-ajrunavigabbiltà;

2. f'każ ta' ħtiġijiet ta' manutenzjoni mhux mistennija f'postijiet fejn l-ebda organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata f'konformità mal-Anness II (Parti-145) ta' dan ir-Regolament ma tkun ikkuntrattata, jinforma minnufih lis-CAMO;

3. jinforma minnufih lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni meta l-kuntratt jiġi denunzjat minn kwalunkwe parti;

4. jipprovdi taħriġ għall-persunal tas-CAMO sabiex jiġi żgurat li jifhem:

(a) il-politiki u l-proċeduri, ir-responsabbiltajiet, l-obbligi, id-dmirijiet u l-oqsma ta' interfaċċa tal-operatur;

(b) il-linji ta' komunikazzjoni tal-operatur;

(c) il-proċeduri li jappartjenu speċifikament għall-operatur bħal proċeduri operazzjonali, użu ta' software personalizzat, użu tas-sistema ta' reġistrazzjoni teknika tal-inġenji tal-ajru, u dispożizzjonijiet dwar l-interoperabbiltà tal-operatur.

▼B

*Appendiċi II*

**Ċertfikat għar-Rilaxx Awtorizzat — Formola 1 tal-EASA**

Dawn l-istruzzjonijiet jirrigwardaw biss l-użu tal-Formola 1 tal-EASA għal għanijiet ta' manutenzjoni. Tinġibed l-attenzjoni għall-Appendiċi I tal-Anness (Parti-21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012 li jkopri l-użu tal-Formola 1 tal-EASA għal għanijiet ta' produzzjoni.

1. **GHAN U UŻU**

1.1. L-għan primarju taċ-Ċertifikat huwa li jiddikjara l-ajrunavigabbiltà tax-xogħol ta' manutenzjoni mwettaq fuq prodotti, parts jew apparat (minn issa 'l quddiem "oġġett(i)").

1.2. Trid tiġi stabbilita korrelazzjoni bejn iċ-Ċertifikat u l-oġġett(i). L-oriġinatur għandu jżomm Ċertifikat f'forma li tippermetti l-verifika tad-dejta orġinali.

1.3. Iċ-Ċertifikat huwa aċċettabbli għal bosta awtoritajiet tal-ajrunavigabbiltà, iżda jista' jkun dipendenti fuq l-eżistenza ta' ftehimiet bilaterali u/jew il-politika tal-awtorità tan-navigabbiltà. Id-"dejta approvata tad-disinn" imsemmija f'dan iċ-Ċertfikat għalhekk tfisser li approvata mill-awtorità tal-ajrunavigabbiltà tal-pajjiż importatur.

1.4. Iċ-Ċertifikat mhuwiex nota ta' kunsinna jew ta' trasport.

1.5. L-inġenji tal-ajru m'għandhomx jiġu rrilaxxati permezz ta' dan iċ-Ċertifikat.

1.6. Iċ-Ċertifikat ma jikkostitwix approvazzjoni għall-installazzjoni tal-oġġett fuq inġenju tal-ajru, magna jew skrejjen partikolari, iżda jgħin lill-utent aħħari jiddetermina l-istatus tal-approvazzjoni tal-ajrunavigabbiltà.

1.7. Mhix permessa fuq l-istess ċertifikat taħlita ta' oġġetti rilaxxati mill-produzzjoni u mill-manutenzjoni.

2. **FORMAT ĠENERALI**

2.1. Iċ-Ċertifikat għandu jkun konformi mal-format mehmuż inklużi n-numri tal-kaxex u l-pożizzjoni ta' kull kaxxa. Il-qisien tal-kaxxa jistgħu mandakollu jvarjaw skont l-applikazzjoni individwali, iżda mhux sal-punt fejn iċ-Ċertifikat ma jkunx jingħaraf.

2.2. Iċ-Ċertifikat għandu jkun orjentat orizzontalment fuq il-karta (format "landscape") iżda d-daqs kumplessiv jista' jitkabbar jew jitnaqqas b'mod konsistenti sakemm iċ-Ċertfikat jibqa' jingħaraf u jinqara sew. F'dubju, ikkonsulta mal-Awtorità Kompetenti.

2.3. Id-dikjarazzjoni ta' responsabbiltà tal-Utent/Installatur tista' titqiegħed fuq kwalunkwe naħa tal-formola.

2.4. L-istampar kollu jrid ikun ċar u jinqara faċilment.

2.5. Iċ-Ċertifikat jista' jew ikun stampat minn qabel jew inkella ġġenerat minn kompjuter iżda f'kull każ l-istampar tal-linji u l-karattri jrid ikun ċar u leġibbli u skont il-format definit.

2.6. Iċ-Ċertifikat għandu jkun bl-Ingliż, u fejn xieraq, bi lsien ieħor jew aktar.

▼B

2.7. Id-dettalji li għandhom jiddaħħlu fiċ-Ċertfikat jistgħu jkunu jew stampati b'magna/kompjuter jew miktubin bl-idejn b'ittri kapitali b'tali mod li jinqraw faċilment.

2.8. Żomm għall-minimu l-użu tat-taqsiriet, għal raġunijiet ta' ċarezza.

2.9. L-ispazju li jibqa' fuq in-naħa ta' wara taċ-Ċertfikat jista' jintuża mill-oriġinatur għal kwalunkwe informazzjoni addizzjonali iżda ma jista' jinkludi l-ebda dikjarazzjoni ta' ċertifikazzjoni. Kwalunkwe użu tan-naħa ta' wara taċ-Ċertifikat għandu jkun refereznjat fil-kaxxa xierqa fuq il-parti ta' quddiem taċ-ċertifikat.

3. **KOPJI**

3.1. Ma hemmx restrizzjoni fuq l-għadd ta' kopji taċ-Ċertifikat mibgħut lill-klijent jew miżmum mill-oriġinatur.

4. **ŻBALJI FUQ ĊERTIFIKAT**

4.1. Jekk utent aħħari jsib żball fuq Ċertifikat, għandu jidentifikah bil-miktub lill-oriġinatur. L-oriġinatur jista' joħroġ Ċertifikat ġdid biss jekk l-iżball jista' jiġi vverifikat u kkoreġġut.

4.2. Iċ-Ċertifikat il-ġdid għandu jkollu numru tal-intraċċar ġdid, firma u data.

4.3. It-talba għal Ċertfikat ġdid għandha tiġi onorata mingħajr verifika mill-ġdid tal-kundizzjoni tal-oġġett(i). Iċ-Ċertifikat il-ġdid mhuwiex dikjarazzjoni ta' kundizzjoni kurrenti u għandu jirreferi għaċ-Ċertifikat preċedenti fil-kaxxa 12 b'din id-dikjarazzjoni: "Dan iċ-Ċertifikat jikkoreġi l-iżball(ji) fil-kaxxa(i) [daħħal il-kaxxi kkoreġġuti] taċ-Ċertifikat [daħħal in-numru oriġinal tat-traċċar] bid-data [daħħal id-data oriġinali tal-ħruġ] u ma jkoprix il-konformità/kundizzjoni/rilaxx għas-servizz". Iż-żewġ Ċertifikati jridu jinżammu skont il-perjodu taż-żamma assoċjat ma' tal-ewwel.

5. **IL-MILI TAĊ-ĊERTIFIKAT MILL-ORIĠINATUR**

*Kaxxa 1 Awtorità Kompetenti tal-Approvazzjoni/Pajjiż*

Iddikjara l-isem u l-pajjiż tal-awtorità kompetenti li taħt il-ġuriżdizzjoni tagħha ħareġ iċ-Ċertifikat. When the competent authority is the Agency, only "EASA" must be stated.

*Kaxxa 2 Intestatura tal-Formola 1 tal-EASA*

**"ĊERTIFIKAT TAR-RILAXX AWTORIZZAT**

**FORMOLA 1 TAL-EASA"**

*Kaxxa 3 Numru tal-Intraċċar tal-Formola*

Daħħal in-numru uniku stabbilit mis-sistema/proċedura tan-numerar tal-organizzazzjoni identifikata fil-kaxxa 4; dan jista' jinkludi karattri alfanume-riċi.

*Kaxxa 4 Isem u Indirizz tal-Organizzazzjoni*

Daħħal l-isem u l-indirizz sħaħ tal-organizzazzjoni approvata (irreferi għall-Forma 3 tal-EASA) li qed tirrilaxxa x-xogħol kopert minn dan iċ-Ċertifikat. Logos, eċċ, huma permessi jekk il-logo joqgħod fil-kaxxa.

*Kaxxa 5 Ordni ta' Xogħol/Kuntratt/Fattura*

Sabiex tiġi ffaċilitata t-traċċabbiltà tal-oġġett(i), daħħal in-numru tal-ordni tax-xogħol, in-numru tal-kuntratt, in-numru tal-fattura, jew numru simili ta' referenza.

▼B

*Kaxxa 6 Oġġett*

Daħħal in-numru tal-oġġett skont il-linja meta jkun hemm aktar minn oġġett wieħed fil-linja. Din il-kaxxa tippermetti referenzjar inkroċjat faċli għall-kaxxa 12 tar-Rimarki.

*Kaxxa 7 Deskrizzjoni*

Daħħal l-isem jew id-deskrizzjoni tal-oġġett. Għandha tingħata preferenza lit-terminu użat fl-istruzzjonijiet għall-manutenzjoni tal-ajrunavigabbiltà jew id-dejta tal-manutenzjoni (eż. Katalgu Illustrat tal-Parts, Manwal tal-Manutenzjoni tal-Inġenju tal-Ajru, Bullettin tas-Servizz, Manwal tal-Manutenzjoni tal-Komponenti).

*Kaxxa 8 Numru tal-Part*

Daħħal in-numru tal-part kif jidher fuq l-oġġett jew fuq it-tikketta/il-pakkett. Fil-każ ta' magna jew skrejjen, tista' tintuża t-tismija tat-tip.

*Kaxxa 9 Kwantità*

Iddikjara l-kwantità tal-oġġetti.

*Kaxxa 10 Numru tas-Serje*

Jekk l-oġġett huwa meħtieġ mir-regolamenti li jiġi identifikat b'numru tas-serje, daħħlu hawn. Barra minn dan, jista' wkoll jiddaħħal kwalunkwe numru ieħor tas-serje mhux meħtieġ mir-regolament. Jekk mhemmx numru tas-serje identifikat fuq l-oġġett, daħħal “N/A”.

*Kaxxa 11 Status/Xogħol*

Dan li ġej jiddeskrivi l-entrati permissibbli għall-kaxxa 11. Daħħal wieħed biss minn dawn it-termini — fejn jista' jkun applikabbli iktar minn wieħed, uża dak li jiddeskrivi bl-aktar mod preċiż il-biċċa l-kbira tax-xogħol imwettaq u/jew l-istatus tal-oġġett.

| | | | |
|---|---|---|---|
| (i) | Żarmat | . | Tfisser proċess li jiżgura li l-oġġett huwa f'konformità totali mat-tolleranzi applikabbli kollha tas-servizz speċifikati fl-istruzzjonijiet tad-detentur taċ-ċertifikat jew tal-manifattur tat-tagħmir għall-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà, jew fid-dejta li hija approvata jew aċċettata mill-Awtorità. L-oġġett ikun mill-inqas żarmat, imnaddaf, imsewwi kif meħtieġ, immuntat mill-ġdid u ttestjat skont id-dejta speċifikata fuq. |
| (ii) | Imsewwi | . | Rettifika tad-difett(i) bl-użu ta' standard applikabbli ([1]). |
| (iii) | Spezzjonat/ Ittestjat. | . | Eżami, kejl, eċċ. skont standard applikabbli ([1]) (eż. spezzjoni viżiva, test funzjonali, test fuq punt fiss, eċċ.). |
| (iv) | Immodifikat | . | Alterazzjoni ta' oġġett biex jikkonforma ma' standard applikabbli ([1]). |

([1]) Standard applikabbli tfisser standard, metodu, teknika jew prattika ta' manifattura/disinn/manutenzjoni/kwalità approvata minn jew aċċettabbli għall-Awtorità Kompetenti. L-istandard applikabbli għandu jiġi deskritt fil-kaxxa 12.

*Kaxxa 12 Rimarki*

Iddeskrivi x-xogħol identifikat fil-Kaxxa 11, jew direttament jew b'referenza għad-dokumentazzjoni anċillari, neċċessarja għall-utent jew għall-installatur biex jiddetermina l-ajrunavigabbiltà l-oġġett(i) b'relazzjoni max-xogħol li qed jiġi ċċertifikat. Jekk meħtieġ, tista' tintuża folja separata u rreferenzjata mill-Formola 1 ewlenija tal-EASA. Kull dikjarazzjoni trid tidentifika b'mod ċar liema oġġett(i) fil- Kaxxa 6 tirreferi għalihom.

Eżempji ta' informazzjoni li għandhom jiddaħħlu fil-kaxxa 12 huma:

(i) Id-dejta tal-manutenzjoni użata, inkluż l-istatus tar-reviżjoni u r-referenza.

▼B

(ii) Konformità ma' direttivi tal-ajrunavigabbiltà jew bulettini tas-servizz.

(iii) Tiswijiet imwettqa.

(iv) Modifiki mwettqa.

(v) Parts ta' sostituzzjoni installati.

(vi) Status tal-parts bi żmien limitat tal-użu.

(vii) Diskrepanzi fir-rigward tal-ordni tax-xogħol tal-klijent.

(viii) Dikjarazzjonijiet tar-rilaxx sabiex jiġi sodisfatt rekwiżit tal-manutenzjoni minn Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili barranija.

(ix) Informazzjoni meħtieġa sabiex tappoġġ

▼M6
▼C2

(x) Għal organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni approvati skont is-Sottoparti F tal-Anness I (Parti-M) jew l-Anness Vd (Parti-CAO), id-dikjarazzjoni tas-CRS tal-komponent imsemmija fil-punt M.A.613 u CAO.A.070, kif applikabbli:

"Jiċċertifika li, sakemm mhux speċifikat mod ieħor f'dan il-blokk, ix-xogħol identifikat fil-blokk 11 u deskritt f'dan il-blokk twettaq skont ir-rekwiżiti tat-Taqsima A, is-Sottoparti F tal-Anness I (Parti-M) jew l-Anness Vd (Parti-CAO) tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014 u fir-rigward ta' dak ix-xogħol, l-oġġett jitqies bħala lest biex jinħareġ għall-użu. DAN MHUX RILAXX SKONT L-ANNESS II (PARTI-145) TAR-REGOLAMENT (UE) Nru 1321/2014."

Jekk tkun qed tiġi stampata *data* mill-format elettroniku tal-Formola 1 tal-EASA, kwalunkwe *data* li mhix xierqa għall-blokks l-oħra trid tiddaħħal f'dan il-blokk.

▼B

Jekk tkun qed tiġi stampata dejta mill-format elettroniku tal-Formola 1 tal-EASA, kwalunkwe dejta li mhix xierqa għall-kaxex l-oħra trid tiddaħħal f'din il-kaxxa.

*Kaxxa 13a-13e*

Rekwiżiti Ġenerali għall-kaxex 13a-13e: Mhux użat għar-rilaxx mill-manutenzjoni. Ħażżeż, skura jew immarka mod ieħor sabiex tipprekludi użu involontarju jew mhux awtorizzat.

▼M6
▼C2

*Blokk 14a*

Immarka l-kaxxa/kaxex ix-xierqa billi tindika liema regolamenti japplikaw għax-xogħol imlesti. Jekk il-kaxxa "regolamenti oħra speċifikati fil-blokk 12" tkun immarkata, ir-regolamenti tal-awtorità/ajiet l-oħra tal-ajrunavigabbiltà jridu jiġu identifikati fil-blokk 12. Trid tiġi mmarkata mill-inqas kaxxa waħda, jew jistgħu jiġu mmarkati żewġ kaxxi, kif xieraq.

Għall-manutenzjoni kollha mwettqa minn organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni approvati skont it-Taqsima A, is-Sottoparti F tal-Anness I (Parti M) jew l-Anness Vd (Parti-CAO) tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014, il-kaxxa "regolament ieħor speċifikat fil-blokk 12" għandha tiġi mmarkata u d-dikjarazzjoni tas-CRS tiddaħħal fil-blokk 12. F'dak il-każ, id-dikjarazzjoni taċ-ċertifikazzjoni "sakemm mhux speċifikat mod ieħor f'dan il-blokk" hi maħsuba biex tindirizza l-każijiet li ġejjin:

(a) meta l-manutenzjoni ma setgħetx titlesta;

(b) fejn il-manutenzjoni kienet differenti mill-istandard mitlub mill-Anness I (Parti M) jew l-Anness Vd (Parti-CAO);

▼C2

(c) fejn il-manutenzjoni twettqet skont rekwiżit differenti minn dak speċifikat fl-Anness I (Parti M) jew l-Anness Vd (Parti-CAO); f'dan il-każ il-blokk 12 għandu jispeċifika r-regolament nazzjonali partikolari.

Għall-manutenzjoni kollha mwettqa minn organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni approvati skont it-Taqsima A tal-Anness II (Parti-145) tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014, id-dikjarazzjoni taċ-ċertifikazzjoni "ħlief jekk speċifikat fil-kaxxa 12" hi maħsuba biex tindirizza l-każijiet li ġejjin:

(a) meta l-manutenzjoni ma setgħetx titlesta;

(b) fejn il-manutenzjoni kienet differenti mill-istandard mitlub mill-Anness II (Parti-145);

(c) fejn il-manutenzjoni twettqet skont rekwiżit differenti minn dak speċifikat fl-Anness II (Parti-145); f'dan il-każ il-blokk 12 għandu jispeċifika r-regolament nazzjonali partikolari.

▼B

*Kaxxa 14b Firma Awtorizzata*

Dan l-ispazju għandu jimtela bil-firma tal-persuna awtorizzata. Għandhom permess jiffirmaw din il-kaxxa biss il-persuni awtorizzati speċifikament mir-regoli u l-politiki tal-Awtorità Kompetenti. Sabiex ikun hemm rikonoxximent aħjar, jista' jiżdied numru uniku li jidentifika l-persuna awtorizzata.

*Kaxxa 14c Numru taċ-Ċertifikat/Approvazzjoni*

Daħħal in-numru/referenza taċ-Ċertifikat/Approvazzjoni In-numru jew referenza jinħareġ mill-Awtorità Kompetenti.

*Kaxxa 14d Isem*

Daħħal isem il-persuna li qed tiffirma l-kaxxa 14b b'mod li jista' jinqara.

*Kaxxa 14e Data*

Daħħal id-data li fiha ġiet iffirmata l-kaxxa 14b, id-data trid tkun fil-format jj = jum b'żewġ ċifri, xxx = l-ewwel 3 ittri tax-xahar, ssss = sena b'4 ċifri

*Responsabbiltajiet tal-Utent/Installatur*

Daħħal id-dikjarazzjoni li ġejja fuq iċ-Ċertifikat sabiex tgħarraf lill-utenti aħħarin li mhumiex eżentati mir-responsabbiltajiet tagħhom fir-rigward tal-istallazzjoni u l-użu ta' kwalunkwe oġġett akkumpanjat minn din il-formola:

"DAN IĊ-ĊERTIFIKAT MA JIKKOSTITWIX AWTOMATIKAMENT L-AWTORITÀ GĦALL-INSTALLAZZJONI.

META L-UTENT/INSTALLATUR IWETTAQ XOGĦOL SKONT IR-REGOLAMENT TA' AWTORITÀ TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ DIFFERENTI MINN DIK L-AWTORITÀ TAN-NAVIGABBILTÀ SPEĊIFIKATA FIL-KAXXA 1, HUWA ESSENZJALI LI L-UTENT/INSTALLATUR JIŻGURA LI L-AWTORITÀ TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ TIEGĦU/TAGĦHA TAĊĊETTA OĠĠETTI MILL-AWTORITÀ TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ SPEĊIFIKATA FIL-KAXXA 1.

DIKJARAZZJONIJIET FIL-KAXEX 13A U 14A MA JIKKOSTITWIXXUX ĊERTIFIKAZZJONI TAL-INSTALLAZZJONI. FI KWALUNKWE KAŻ, IR-REKORDS TAL-MANUTENZJONI TAL-INĠENJI TAL-AJRU GĦANDU JKOLLHOM ĊERTIFIKAT TAL-INSTALLAZZJONI MAĦRUĠ MILL-UTENT/INSTALLATUR SKONT IR-REGOLAMENTI NAZZJONALI, QABEL MA L-INĠENJI TAL-AJRU JKUNU JISTGĦU JITTAJRU."

▼B

<table>
<tr><td colspan="2">1. L-Awtorità Kompetenti/il-Pajjiż tal-Approvazzjoni</td><td colspan="3">2. ĊERTIFIKAT TAR-RILAXX AWTORIZZAT<br>FORMOLA 1 TAL-EASA</td><td>3. Numru tal-Intraċċar tal-Formola</td></tr>
<tr><td colspan="5">4. Isem u Indirizz tal-Organizzazzjoni:</td><td>5. Ordni tax-Xogħol/Kuntratt/Fattura</td></tr>
<tr><td>6. Oġġett</td><td>7. Deskrizzjoni</td><td>8. Nru tal-Parti</td><td>9. Kwantità.</td><td>10. Nru tas-Serje</td><td>11. Status/Xogħol</td></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td colspan="6">12. Rimarki</td></tr>
<tr><td colspan="3">13a. Jiċċertifika li l-oġġetti identifikati hawn fuq ġew manifatturati f'konformità ma':<br>□ dejta approvata tad-disinn u huma f'kundizzjoni ta' tħaddim sikur<br>□ dejta tad-disinnmhux approvata speċifikata fil-kaxxa 12</td><td colspan="3">14 a. □ Il-Parti 145.A.50 Rilaxx għall-Użu Regolament ieħor □ speċifikat fil-kaxxa 12<br>Jiċċertifika li sakemm mhux speċifikat mod ieħor fil-kaxxa 12, ix-xogħol identifikat fil-kaxxa 11 u deskritt fil-kaxxa 12, sar skont il-Parti 145 u fir-rigward ta' dak ix-xogħol huwa kkunsidrat li l-oġġetti huma lesti biex jiġu rilaxxati għall-użu.</td></tr>
<tr><td colspan="2">13b. Firma Awtorizzata</td><td>13c. Numru tal-Approvazzjoni/ Awtorizzazzjoni</td><td colspan="2">14b. Firma Awtorizzata</td><td>14c. Nru ta' Ref. taċ-Ċertifikat/tal-Approvazzjoni</td></tr>
<tr><td colspan="2">13d. Isem</td><td>13e. Data (jj xxx ssss)</td><td colspan="2">14d. Isem</td><td>14e. Data (jj xxx ssss)</td></tr>
<tr><td colspan="6">RESPONSABILITAJIET TAL-UTENT/INSTALLATUR<br>Dan iċ-ċertifikat ma jagħtix awtomatikament l-awtorità biex jiġu installati l-oġġett(i)<br>Meta l-utent/installatur jagħmel xogħol skont ir-regolamenti ta' awtorità tal-ajrunavigabbiltà differenti mill-awtorità tal-ajrunavigabbiltà speċifikata fil-kaxxa 1, huwa essenzjali li l-utent/installatur jiżgura li l-awtorità tal-ajrunavigabbiltà tiegħu taċċetta oġġetti mill-awtorità tal-ajrunavigabbiltà speċifikata fil-kaxxa 1.<br>Dikjarazzjonijiet fil-kaxxi 13a u 14a ma jikkostitwixxux ċertifikat ta' installazzjoni. Fil-każijiet kollha r-rekords tal-manteniment tal-inġenju tal-ajru jrid ikun fihom ċertifikat ta' installazzjoni maħruġ mill-utent/installatur skont ir-regolamenti nazzjonali, qabel ma l-inġenju tal-ajru jkun jista' jittajjar.</td></tr>
</table>

►M6 ►C2 Formola 1 tal-EASA — MF/CAO/145 Ħarġa 3 ◄ ◄

▼M6
▼C2

*Appendiċi III*

**Ċertifikat tar-Reviżjoni tal-Ajrunavigabbiltà - Il-Formola 15 tal-EASA**

[L-ISTAT MEMBRU]

Stat Membru tal-Unjoni Ewropea (*)

**ĊERTIFIKAT TAR-REVIŻJONI TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ (ARC)**

Ir-referenza ARC: .........................

►(1) Skont ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-organizzazzjoni li ġejja, approvata f'konformità mat-Taqsima A tal-Anness Vc (Parti-CAMO) jew mat-Taqsima A tas-Sottoparti G tal-Anness I (Parti-M) jew mat-Taqsima A tal-Anness Vd (Parti-CAO) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014,

[L-ISEM U L-INDIRIZZ TAL-ORGANIZZAZZJONI APPROVATA]

[IR-REFERENZA TAL-APPROVAZZJONI]

b'dan tiċċertifika li wettqet reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà f'konformità mal-punt M.A.901 tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014 fuq l-inġenji tal-ajru li ġejjin: ◄

Manifattur tal-inġenju tal-ajru:.........................................................................................................................................

Deżinjazzjoni tal-manifattur: .............................................................................................................................................

Reġistrazzjoni tal-inġenju tal-ajru: .....................................................................................................................................

Numru tas-serje tal-inġenju tal-ajru: ..................................................................................................................................

u fil-mument tar-reviżjoni dan l-inġenju tal-ajru jitqies ajrunavigabbli.

Data tal-ħruġ: .................................................................... Data ta' skadenza: ............................................................

Is-sigħat ta' titjir tal-ajruplan (FH) fid-data tal-ħruġ (**): .....................................................................................................

Iffirmata: ........................................................................... In-Numru tal-Awtorizzazzjoni: ...........................................

L-ewwel estensjoni: L-inġenju tal-ajru baqa' f'ambjent ikkontrollat skont il-punt M.A.901 tal-Anness I (Parti-M) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014 għas-sena li għaddiet. Fil-mument tal-ħruġ l-inġenju tal-ajru jitqies ajrunavigabbli.

Data tal-ħruġ: .................................................................... Data ta' skadenza: ............................................................

Is-Sigħat tat-Titjir (FH) tal-Ajruplan fid-data tal-ħruġ (**):...................................................................................................

Iffirmata: ........................................................................... In-Numru tal-Awtorizzazzjoni: ...........................................

Isem il-kumpanija: ............................................................ Ir-referenza tal-approvazzjoni: ..........................................

It-tieni estensjoni: L-inġenju tal-ajru baqa' f'ambjent ikkontrollat skont il-punt M.A.901 tal-Anness I (Parti-M) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014 għas-sena li għaddiet. Fil-mument tal-ħruġ l-inġenju tal-ajru jitqies ajrunavigabbli.

Data tal-ħruġ: .................................................................... Data ta' skadenza: ............................................................

Is-sigħat ta' titjir tal-ajruplan (FH) fid-data tal-ħruġ (**):.....................................................................................................

Iffirmata: ........................................................................... In-Numru tal-Awtorizzazzjoni: ...........................................

Isem il-kumpanija: ............................................................ Ir-referenza tal-approvazzjoni: ..........................................

(*) Ħassar meta l-Istat ma jkunx Stat Membru tal-UE

Formola 15b tal-EASA ►(2) Verżjoni 6 ◄

(*) Ħassar għal pajjiżi li mhumiex Stati Membri tal-UE.

(**) Ħlief għal iġfna tal-ajru.

►(1) M11

►(2) M8

▼C2

[L-ISTAT MEMBRU]

Membru tal-Unjoni Ewropea (*)

**ĊERTIFIKAT TAR-REVIŻJONI TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ (ARC)**

Ir-referenza ARC: .........................

Skont ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-[AWTORITÀ KOMPETENTI TAL-ISTAT MEMBRU] b'dan tiċċertifika li l-inġenju tal-ajru li ġej:

Manifattur tal-inġenju tal-ajru:..........................................................................................................................................

Deżinjazzjoni tal-manifattur: ..............................................................................................................................................

Reġistrazzjoni tal-inġenju tal-ajru:.....................................................................................................................................

Numru tas-serje tal-inġenju tal-ajru: .................................................................................................................................

fil-mument tar-reviżjoni jitqies ajrunavigabbli.

Data tal-ħruġ:.................................................................... Data ta' skadenza:............................................................

Is-sigħat ta' titjir tal-ajruplan (FH) fid-data tal-ħruġ (**):......................................................................................................

Iffirmata: .......................................................................... In-Numru tal-Awtorizzazzjoni: ..........................................

L-ewwel estensjoni: L-inġenju tal-ajru baqa' f'ambjent ikkontrollat skont il-punt M.A.901 tal-Anness I (Parti-M) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014 għas-sena li għaddiet. Fil-mument tal-ħruġ l-inġenju tal-ajru jitqies ajrunavigabbli.

Data tal-ħruġ:.................................................................... Data ta' skadenza:............................................................

Is-sigħat ta' titjir (FH) tal-ajruplan fid-data tal-ħruġ (**):......................................................................................................

Iffirmata: ........................................................................... In-Numru tal-Awtorizzazzjoni:...........................................

Isem il-kumpanija: ............................................................ Ir-referenza tal-approvazzjoni:..........................................

It-tieni estensjoni: L-inġenju tal-ajru baqa' f'ambjent ikkontrollat skont il-punt M.A.901 tal-Anness I (Parti-M) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014 għas-sena li għaddiet. Fil-mument tal-ħruġ l-inġenju tal-ajru jitqies ajrunavigabbli.

Data tal-ħruġ:.................................................................... Data ta' skadenza:............................................................

Is-sigħat ta' titjir (FH) tal-ajruplan fid-data tal-ħruġ (**):......................................................................................................

Iffirmata: ........................................................................... In-Numru tal-Awtorizzazzjoni:...........................................

Isem il-kumpanija: ............................................................ Ir-referenza tal-approvazzjoni:..........................................

Formola 15a tal-EASA Ħarġa 5

(*) Ħassar għal pajjiżi li mhumiex Stati Membri tal-UE.

(**) Ħlief għal iġfna tal-ajru.

▼B

*Appendiċi IV*

**Sistema ta' Klassijiet u Kategoriji użati għall-Approvazzjoni tal-Organizzazzjonijiet tal-Manutenzjoni msemmija fl-Anness I (Parti-M) Sottoparti F u fl-Anness II (Parti-145)**

1. Ħlief jekk iddikjarat mod ieħor għall-iżgħar organizzazzjonijiet fil-punt 12, it-tabella msemmija fil-punt 13 tipprovdi s-sistema standard għall-approvazzjoni tal-organizzazjoni tal-manutenzjoni taħt is-Sottoparti F (Parti-M) u l-Anness II (Parti-145) Organizzazzjoni għandha tingħata approvazzjoni fuq medda minn klassi u valutazzjoni unika b'limitazzjonijiet sal-klassijiet u l-valutazzjonijiet kollha b'limitazzjonijiet.

2. Minbarra t-tabella msemmija fil-punt 13, l-organizzazzjoni approvata tal-manutenzjoni meħtieġa tindika l-ambitu ta' xogħolha fil-manwal/preżentazzjoni tagħha tal-organizzazzjoni tal-manutenzjoni. Ara wkoll il-punt 11

3. Fi ħdan il-klassi(jiet) u l-valutazzjoni(jiet) mogħtija mill-awtorità kompetenti, l-ambitu tax-xogħol speċifikat fil-preżentazzjoni tal-organizzazzjoni tal-manutenzjoni jiddefinixxi l-limiti eżatti tal-approvazzjoni. Huwa għalhekk essezjali li l-klassi(jiet) u l-valutazzjoni(jiet) tal-approvazzjoni u l-ambitu tax-xogħol tal-organizzazzjonijiet ikunu jaqblu.

4. *Valutazzjoni ta' klassi A* tfisser li l-organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata tista' twettaq manutenzjoni fuq inġenji tal-ajru u kull komponent (inklużi magni u/jew ġeneratur awżiljari (APUs)) skont id-dejta tal-manutenzjoni tal-inġenju tal-ajru jew, bi qbil mal-awtorità kompetenti, skont id-dejta tal-manutenzjoni tal-komponenti, biss sakemm dawn il-komponenti jkunu mmuntati fuq l-inġenju tal-ajru. Madankollu, din l-organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata vvalutata b'A tista' temporanjament tneħħi komponent għall-manutenzjoni, biex ittejjeb l-aċċess għal dak il-komponent, ħlief meta din it-tneħħija tiġġenera l-ħtieġa għal manutenzjoni addizzjonali li ma tkunx eliġibbli għad-dispożizzjonijiet ta' dan il-punt. Dan se jkun suġġett għal proċedura ta' kontroll fil-preżentazzjoni tal-organizzazzjoni tal-manutenzjoni li għandha tiġi approvata mill-awtorità kompetenti. It-taqsima ta' limitazzjoni se tispeċifika l-ambitu tal-applikazzjoni ta' din il-manutenzjoni biex b'hekk tindika t-termini tal-approvazzjoni.

5. *Valutazzjoni ta' klassi B* tfisser li organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata tista' twettaq manutenzjoni fuq magni u/jew APU u komponenti tal-magna/APU mhux installati, skont id-dejta tal-manutenzjoni tal-magna/APU jew, bi qbil mal-awtorità kompetenti, skont id-dejta tal-manutenzjoni tal-komponenti, biss sakemm dawn il-komponenti jkunu mmuntati mal-magni u/jew l-APU. Madankollu, din l-organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata kklassifikata B tista' temporanjament tneħħi komponent għall-manutenzjoni, biex ittejjeb l-aċċess għal dak il-komponent, ħlief meta din it-tneħħija tiġġenera l-ħtieġa għal manutenzjoni addizzjonali li ma tkunx eliġibbli għad-dispożizzjonijiet ta' dan il-punt. It-taqsima ta' limitazzjoni se tispeċifika l-ambitu tal-applikazzjoni ta' din il-manutenzjoni biex b'hekk tindika t-termini tal-approvazzjoni. Organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata kklassifikata f'kategorija B tista' wkoll twettaq manutenzjoni fuq magna installata waqt manutenzjoni tal-“bażi” u tal-“linja” suġġetta għal proċedura ta' kontroll fl-espożizzjoni tal-organizzazzjoni ta' manutenzjoni li għandha tiġi approvata mill-awtorità kompetenti. L-ambitu tal-applikazzjoni tax-xogħol tal-espożizzjoni tal-organizzazzjoni ta' manutenzjoni għandu jirrifletti din l-attività fejn dan ikun permess mill-awtorità kompetenti.

6. *Valutazzjoni ta' klassi C* tfisser li l-organizzazzjoni approvata tal-manutenzjoni tista' twettaq manutenzjoni fuq komponenti mhux installati (esklużi magni u APUs) maħsuba għall-immuntar fuq l-inġenju tal-ajru jew il-magna/APU. It-taqsima ta' limitazzjoni se tispeċifika l-ambitu tal-applikazzjoni ta' din il-manutenzjoni biex b'hekk tindika t-termini tal-approvazzjoni. Organizzazzjoni tal-manutenzjoni kklassifikata f'kategorija C tista' wkoll twettaq manutenzjoni fuq komponent installat waqt manutenzjoni tal-“bażi” u tal-“linja” jew f'faċilità tal-manutenzjoni ta' magna/APU suġġetta għal proċedura ta' kontroll fl-espożizzjoni tal-organizzazzjoni ta' manutenzjoni li għandha tiġi approvata mill-awtorità kompetenti. L-ambitu tal-applikazzjoni tax-xogħol tal-espożizzjoni tal-organizzazzjoni ta' manutenzjoni għandu jirrifletti din l-attività fejn dan ikun permess mill-awtorità kompetenti.

▼B

7. *Valutazzjoni ta' klassi D* hija klassi għaliha mhux neċessarjament marbuta ma' inġenju tal-ajru, magna jew komponent speċifiku. Il-klassifikazzjoni D1 — Non Destructive Testing (NDT) hija biss meħtieġa għal organizzazzjoni approvata tal-manutenzjoni li twettaq NDT bħala kompitu partikolari għal organizzazzjoni oħra. Organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata b'valutazzjoni ta' kategorija ta' A jew B jew C tista' twettaq NDT fuq prodotti li tkun qed tagħmlilhom suġġett għall-preżentazzjoni tal-organizzazzjoni tal-manutenzjoni li jkun fiha proċeduri NDT, mingħajr il-ħtieġa ta' valutazzjoni ta' kategorija D1.

8. Fil-każ ta' organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni approvati skont l-Anness II (Parti-145), *valutazzjonijiet ta' klassi A* jinqasmu f'manutenzjoni "Bażi" jew "Linja". Organizzazzjoni bħal din tista' tiġi approvata għal manutenzjoni "Bażi" jew "Linja" jew għat-tnejn. Ta' min jinnota li faċilità "Linja" misjuba fuq faċilità ewlenija ta' bażi teħtieġ approvazzjoni tal-manutenzjoni "Linja".

9. It-Taqsima tal-*limitazzjoni* maħsuba biex tagħti lill-awtoritajiet kompetenti l-flessibbiltà li jadattaw l-approvazzjoni għal kwalunkwe organizzazjoni partikolari. Il-valutazzjonijiet għandhom jissemmew fuq l-approvazzjoni biss meta jkunu limitati kif xieraq. It-tabella msemmija fil-punt 13 tispeċifika t-tip ta' limitazzjoni possibbli. Filwaqt l-manutenzjoni hija elenkata l-aħħar f'kull valutazzjoni ta' klassi, huwa aċċettabbli li wieħed jisħaq dwar il-kompitu ta' manutenzjoni aktar milli l-inġenju tal-ajru jew it-tip ta' magna jew il-manifattur, jekk dan huwa aktar xieraq għall-organizzazzjoni (eżempju jista' jkun installazzjonijiet ta' sistemi avjoniċi u manutenzjoni relatata). Meta din tissemma fit-Taqsima tal-limitazzjoni, tkun tindika li l-organizzazzjoni tal-manutenzjoni hija approvata biex twettaq manutenzjoni sa u inkluż dan it-tip/il-kompitu partikolari.

10. Meta ssir referenza għal *serje, tip u grupp* fis-sezzjoni tal-limitazzjoni ta' klassi A u B, serje tfisser serje ta' tip speċifiku bħal Airbus 300 jew 310 jew 319 jew serje Boeing 737-300 jew serje RB211-524 jew Cessna 150 jew Cessna 172 jew serjeBeech 55 jew serje kontinentali O-200 eċċ; tip tfisser tip jew mudell speċifiku bħal tip Airbus 310-240 jew tip RB 211-524 B4 jew tip Cessna 172RG; jista' jiġi kkwotat kwalunkwe numru ta' tipi jew serje; grupp tfisser perżempju inġenju tal-ajru Cessna b'ċilindru wieħed jew magni biċ-ċilindri mhux pressurizzati Lycoming eċċ.

11. Meta tintuża *lista twila ta' kompetenzi* li taf tkun soġġetta għal emendi spiss, dawn l-emendi jistgħu jkunu skont il-proċeduri ta' approvazzjoni indiretta imsemmija fil-punti M.A.604(c) u M.B.606(c) jew 145.A.70(c) u 145.B.40, kif applikabbli.

12. *Organizzazzjoni tal-manutenzjoni li timpjega persuna* waħda biss biex sew tippjana u sew twettaq il-manutenzjoni kollha jista' jkollha biss ambitu limitat ta' kategorija tal-approvazzjoni. Il-limiti massimi permissibbli huma:

| KLASSI | KATEGORIJA | LIMITAZZJONI |
|---|---|---|
| KLASSI INĠENJU TAL-AJRU | AJRUPLANI TA' KLASSI A2 TA' 5 700 KG JEW INQAS | MAGNA BIĊ-ĊILINDRI 5 700 KG JEW INQAS |
| KLASSI INĠENJU TAL-AJRU | ĦELIKOPTERS TA' KLASSI A3 | MAGNA B'ĊILINDRU WIEĦED 3 175 KG JEW INQAS |
| KLASSI INĠENJU TAL-AJRU | INĠENJU TAL-AJRU KLASSI A4 GĦAJR A1, A2, U A3 | EBDA LIMITAZZJONI |
| KLASSI MAGNI | KLASSI B2 PISTUN | ANQAS MINN 450 HP |

▼B

| KLASSI | KATEGORIJA | LIMITAZZJONI |
|---|---|---|
| KLASSI KOMPONENTI GĦAJR MAGNI KOMPLUTI JEW APUs | C1 SA C22 | SKONT IL-LISTA TAL-KOMPETENZI |
| KLASSI XOGĦLIJIET SPEĊJLAIZZATI | D1 NDT | METODI NDT LI GĦANDHOM JIĠU SPEĊIFIKATI |

Ta' min wieħed jinnota li organizzazzjoni bħal din tista' tkun ulterjorment limitata mill-awtorità kompetenti fl-ambitu tal-approvazzjoni abbażi tal-kompetenza ta' dik l-organizzazjoni partikolari.

13. Tabella

| KLASSI | KATEGORIJA | LIMITAZZJONI | BAŻI | LINJA |
|---|---|---|---|---|
| ▼M1 | | | | |
| INĠENJI TAL-AJRU | Ajruplani A1 ta' aktar minn 5 700 kg | [Kategorija riżervata għall-Organizzazzjonijiet ta' Manutenzjoni approvati skont l-Anness II (il-Parti-145)]<br>[Għandu jiddikjara l-manifattur tal-ajruplan jew il-grupp jew is-serje jew it-tip u/jew il-kompiti ta' manutenzjoni]<br>Eżempju: Airbus serje A320 | [IVA/LE] (*) | [IVA/LE] (*) |
| ▼M8 | | | | |
| | A2 Ajruplani ta' 5 700 kg u inqas | [Għandu jiddikjara l-manifattur tal-ajruplan jew il-grupp jew is-serje jew it-tip u/jew il-kompiti ta' manutenzjoni]<br>*Eżempju: DHC-6 Serje Twin Otter*<br>Indika jekk il-ħruġ ta' ċertifikati tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà huwiex awtorizzat jew le | [IVA/LE] (*) | [IVA/LE] (*) |
| ▼M1 | | | | |
| | Ħelikopters A3 | [Għandu jiddikjara l-manifattur tal-ħelikopter jew il-grupp jew is-serje jew it-tip u/jew il-kompiti ta' manutenzjoni]<br>Eżempju: Robinson R44 | [IVA/LE] (*) | [IVA/LE] (*) |
| ▼M8 | | | | |
| | A4 Inġenju tal-ajru għajr A1, A2, u A3 | [Għandu jiddikjara l-kategorija (glider, ballun tal-ajru, ġifen tal-ajru, eċċ.), il-manifattur jew il-grupp jew is-serje jew it-tip u/jew il-kompitu/i ta' manutenzjoni]<br>Indika jekk il-ħruġ ta' ċertifikati tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà huwiex awtorizzat jew le | [IVA/LE] (*) | [IVA/LE] (*) |

▼B

| KLASSI | KATEGORIJA | LIMITAZZJONI | BAŻI | LINJA |
|---|---|---|---|---|
| MAGNI | Turbina B1 | [Għandu jiddikjara s-serje tal-magna u jew it-tip u/jew il-kompiti ta' manutenzjoni]<br>*Eżempju: Serje PT6A* | | |
| | B2 pistun | [Għandu jiddikjara l-manifattur tal-magna jew il-grupp jew is-serje jew it-tip u/jew il-kompiti ta' manutenzjoni] | | |
| | B3 APU | [Għandu jiddikjara l-manifattur tal-magna jew is-serje jew it-tip u/jew il-kompiti ta' manutenzjoni] | | |
| KOMPONENTI GĦAJR MAGNI KOMPLUTI JEW APUs | C1 Arja kkundizzjonata u pressurizzazzjoni | [Għandu jiddikjara t-tip ta' inġenju tal-ajru jew il-manifattur tal-inġenju tal-ajru jew il-manifattur tal-komponent jew il-komponent partikolari u/jew jagħmel referenza inkroċjata għal lista ta' kompetenzi fil-preżentazzjoni u/jew il-kompiti ta' manutenzjoni]<br>*Eżempju: Kontroll tal-Fjuwil PT6A* | | |
| | C2 Pilota awtomatiku | | | |
| | C3 Komunikazzjoni u Navigazzjoni | | | |
| | C4 Bibien — Sportelli | | | |
| | C5 Elettriku u dwal | | | |
| | C6 Tagħmir | | | |
| | C7 Magna — APU | | | |
| | C8 Apparat tal-kontroll tat-tajran | | | |
| | C9 Fjuwil | | | |
| | C10 Ħelikopters — Skrejjen | | | |
| | C11 Ħelikopters — Trażmissjoni | | | |
| | C12 Enerġija idrawlika | | | |
| | C13 Sistema ta' indikazzjoni — reġistrazzjoni | | | |
| | C14 Tagħmir għall-inżul | | | |
| | C15 Ossiġenu | | | |
| | C16 Skrejjen | | | |
| | C17 Sistema pnewmatiku u vakum | | | |
| | C18 Protezzjoni mis-silġ/xita/nar | | | |
| | C19 Twieqi | | | |
| | C20 Strutturali | | | |

▼B

| KLASSI | KATEGORIJA | LIMITAZZJONI | BAŻI | LINJA |
|---|---|---|---|---|
| | C21 Żborra tal-ilma | | | |
| | C22 Awment tal-Propulsjoni | | | |
| SERVIZZI SPEĊJALIZZATI | D1 Non Destructive Testing | [Metodi NDT partikolari għandhom jiġu speċifikati] | | |

▼M1

(*) Ħassar kif xieraq.

▼**M11**

*Appendiċi V*

**Iċ-Ċertifikat tal-Organizzazzjonijiet tal-Manutenzjoni msemmi fl-Anness I (Parti-M) fis-Sottoparti F – il-Formola 3-MF tal-EASA**

Paġna 1 minn 2

[STAT MEMBRU (*)]

Membru tal-Unjoni Ewropea (**)

**ĊERTIFIKAT TAL-ORGANIZZAZZJONIJIET TAL-MANUTENZJONI**

Referenza: [KODIĊI TAL-ISTAT MEMBRU (*)].MF.[XXXX]

Skont ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014 u soġġett għall-kundizzjonijiet speċifikati hawn taħt, l-[AWTORITÀ KOMPETENTI TAL-ISTAT MEMBRU (*)] b'dan tiċċertifika:

[L-ISEM U L-INDIRIZZ TAL-KUMPANIJA]

bħala organizzazzjoni tal-manutenzjoni f'konformità mat-Taqsima A, is-Sottoparti F tal-Anness I (Parti-M) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014, approvata biex twettaq manutenzjoni tal-prodotti, tal-partijiet u tat-tagħmir elenkati fit-termini tal-approvazzjoni mehmuża u biex toħroġ ċertifikati tar-rilaxx għas-servizz bl-użu tar-referenzi ta' hawn fuq u, meta stipulat, ċertifikati tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà wara li tkun saret reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà kif speċifikat fil-punt ML.A.903 tal-Anness Vb (Parti-ML) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014 għal dawk l-inġenji tal-ajru elenkati fl-iskeda tal-approvazzjoni mehmuża.

KUNDIZZJONIJIET:

1. Dan iċ-ċertifikat huwa limitat għal dak li huwa speċifikat fl-ambitu tat-taqsima tax-xogħol tal-manwal tal-organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni approvati kif imsemmi fit-Taqsima A, is-Sottoparti F tal-Anness I (Parti-M) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014; u

2. Dan iċ-ċertifikat jirrikjedi l-konformità mal-proċeduri speċifikati fil-manwal tal-organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni approvati; u

3. Dan iċ-ċertifikat huwa validu diment li l-organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata tibqa' f'konformità mal-Anness I (Parti-M) u mal-Anness Vb (Parti-ML) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014.

4. Soġġett għall-konformità mal-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq, dan iċ-ċertifikat għandu jibqa' validu sal-24 ta' Marzu 2022 sakemm iċ-ċertifikat ma jiġix ċedut, sostitwit, sospiż jew irrevokat qabel dik id-data.

Data tal-ħruġ oriġinali: ..........

Data ta' din ir-reviżjoni: ..........

Nru tar-reviżjoni: ..........

Iffirmat: ..........

Għall-awtorità kompetenti: [AWTORITÀ KOMPETENTI TAL-ISTAT MEMBRU (*)]

Ħarġa 6 tal-Formola 3-MF tal-EASA

(*) Jew "EASA", jekk l-EASA hija l-awtorità kompetenti.

(**) Ħassar għall-Istati Membri mhux tal-UE jew għall-EASA.

▼M11

Paġna 2 minn 2

TERMINI TAL-APPROVAZZJONI TAL-ORGANIZZAZZJONIJIET TAL-MANUTENZJONI

Referenza: [KODIĊI TAL-ISTAT MEMBRU (*)].MF.XXXX

Organizzazzjoni: [L-ISEM U L-INDIRIZZ TAL-KUMPANIJA]

| KLASSI | KLASSIFIKAZZJONI | LIMITAZZJONI |
|---|---|---|
| INĠENJU TAL-AJRU (**) | (***) | (***) |
| | (***) | (***) |
| MAGNI (**) | (***) | (***) |
| | (***) | (***) |
| KOMPONENTI GĦAJR MAGNI KOMPLUTI JEW APUs (**) | (***) | (***) |
| | (***) | (***) |
| | (***) | (***) |
| | (***) | (***) |
| | (***) | (***) |
| | (***) | (***) |
| **SERVIZZI SPEĊJALIZZATI** (**) | (***) | (***) |
| | (***) | (***) |

Dawn it-termini tal-approvazzjoni huma limitati għall-prodotti, għall-partijiet u għat-tagħmir kif ukoll għall-attivitajiet speċifikati fl-ambitu tat-taqsima tax-xogħol tal-manwal tal-organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni approvati.

Referenza tal-Manwal tal-Organizzazzjonijiet tal-Manutenzjoni: ....................................................................................

Data tal-ħruġ oriġinali: ..........................................................................................................................................................

Data tal-aħħar reviżjoni approvata: ................................................. Nru tar-reviżjoni: .................................................

Iffirmat: ........................................................................................................................................................................

Għall-awtorità kompetenti:[AWTORITÀ KOMPETENTI TAL-ISTAT MEMBRU (*)]

Ħarġa 6 tal-Formola 3-MF tal-EASA

(*) Jew "EASA", jekk l-EASA hija l-awtorità kompetenti.

(**) Ħassar kif jixraq jekk l-organizzazzjoni mhijiex approvata.

(***) Imla bil-klassifikazzjoni u bil-limitazzjoni xierqa.

(****) Imla bil-limitazzjoni xierqa u ddikjara jekk il-ħruġ tar-rakkomandazzjonijiet u taċ-ċertifikati tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà huwiex awtorizzat jew le (possibbli biss għall-inġenji tal-ajru ELA1 mhux involuti f'operazzjonijiet kummerċjali meta l-organizzazzjoni twettaq ir-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà flimkien mal-ispezzjoni annwali inkluża fl-AMP).

▼**M11**

*Appendiċi VI*

**Iċ-ċertifikat tal-organizzazzjonijiet tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà msemmi fl-Anness I (Parti-M) fis-Sottoparti G – il-Formola 14-MG tal-EASA**

[STAT MEMBRU (*)]

Stat Membru tal-Unjoni Ewropea (**)

ĊERTIFIKAT TAL-

ORGANIZZAZZJONI TAL-ĠESTJONI TAL-KONTINWITÀ TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ

Referenza: [KODIĊI TAL-ISTAT MEMBRU (*)].MG.XXXX (ref. AOC XX.XXXX)

Skont ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014 li għalissa huma fis-seħħ u soġġett għall-kundizzjoni speċifikata hawn taħt, l-[AWTORITÀ KOMPETENTI TAL-ISTAT MEMBRU (*)] b'dan tiċċertifika:

**[L-ISEM U L-INDIRIZZ TAL-KUMPANIJA]**

bħala organizzazzjoni tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà f'konformità mat-Taqsima A, is-Sottoparti G tal-Anness I (Parti-M) tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014, approvata biex tiġġestixxi l-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenji tal-ajru elenkati fit-termini tal-approvazzjoni mehmuża u, meta stipulat, biex toħroġ ir-rakkomandazzjonijiet u ċ-ċertifikati tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà wara li tkun saret reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà kif speċifikat fil-punt M.A.901 tal-Anness I (Parti-M) jew ML.A.901 tal-Anness Vb (Parti-ML), u, meta stipulat, biex toħroġ permessi għat-titjir kif speċifikat fil-punt M.A.711(c) tal-Anness I (Parti-M) ta' dak ir-Regolament.

KUNDIZZJONIJIET

1. Dan iċ-ċertifikat huwa limitat għal dak li huwa speċifikat fl-ambitu tat-taqsima tax-xogħol tal-espożizzjoni tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà approvata kif imsemmi fit-Taqsima A, is-Sottoparti G tal-Anness I (Parti-M) tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014.
2. Dan iċ-ċertifikat jirrikjedi l-konformità mal-proċeduri speċifikati fl-espożizzjoni tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà approvata f'konformità mas-Sottoparti G tal-Anness I (Parti-M) tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014.
3. Dan iċ-ċertifikat huwa validu diment li l-organizzazzjoni tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà approvata tibqa' f'konformità mal-Anness I (Parti-M) u, jekk applikabbli, mal-Anness Vb (Parti-ML) tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014.
4. Meta l-organizzazzjoni tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tikkuntratta taħt is-Sistema tal-Kwalità tagħha s-servizz ta' organizzazzjoni jew ta' diversi organizzazzjonijiet, dan iċ-ċertifikat jibqa' validu soġġett li tali organizzazzjoni(jiet) jissodisfa(w) l-obbligi kuntrattwali applikabbli.
5. Soġġett għall-konformità mal-kundizzjonijiet 1 sa 4 ta' hawn fuq, dan iċ-ċertifikat għandu jibqa' validu sal-24 ta' Marzu 2022, sakemm iċ-ċertifikat ma jkunx ġie ċedut, sostitwit, sospiż jew irrevokat preċedentement.

   Jekk il-formola tintuża wkoll għat-trasportaturi tal-ajru bil-liċenzja f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1008/2008, għandu jiżdied numru taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru (AOC) mar-referenza, flimkien man-numru standard, u l-kundizzjoni 5 għandha tiġi sostitwita bil-kundizzjonijiet 6, 7 u 8 addizzjonali li ġejjin:
6. Dan iċ-ċertifikat ma jikkostitwix awtorizzazzjoni biex jitħaddmu t-tipi ta' inġenji tal-ajru msemmija fil-kundizzjoni 1. L-awtorizzazzjoni biex jitħaddmu l-inġenji tal-ajru hija l-AOC.
7. It-terminazzjoni, is-sospensjoni jew ir-revoka tal-AOC awtomatikament tinvalida dan iċ-ċertifikat b'rabta mar-reġistrazzjonijiet tal-inġenji tal-ajru speċifikati fl-AOC, sakemm ma jiġix iddikjarat espliċitament mod ieħor mill-awtorità kompetenti.
8. Soġġett għall-konformità mal-kundizzjonijiet 1 sa 4, 6 u 7, dan iċ-ċertifikat għandu jibqa' validu sal-24 ta' Marzu 2022, sakemm iċ-ċertifikat ma jkunx ġie ċedut, sostitwit, sospiż jew irrevokat preċedentement.

Data tal-ħruġ oriġinali: ..........

Iffirmat: ..........

Data ta' din ir-reviżjoni: .......... Nru tar-reviżjoni: ..........

Għall-Awtorità Kompetenti: [AWTORITÀ KOMPETENTI TAL-ISTAT MEMBRU (*)]

Paġna 1 minn 2

Ħarġa 6 tal-Formola 14-MG tal-EASA

▼M11

Paġna 2 minn 2

**TERMINI TAL-APPROVAZZJONI**

**TAL-ORGANIZZAZZJONIJIET TAL-ĠESTJONI TAL-KONTINWITÀ TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ**

Referenza: [KODIĊI TAL-ISTAT MEMBRU (*)].MG.XXXX

(ref. AOC XX.XXXX)

Organizzazzjoni: [L-ISEM U L-INDIRIZZ TAL-KUMPANIJA]

| Tip/serje/grupp tal-inġenju tal-ajru | Reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà awtorizzata | Permessi awtorizzati għat-titjir | Organizzazzjoni(jiet) li taħdem/jaħdmu taħt sistema tal-kwalità |
|---|---|---|---|
| | [IVA/LE] (***) | [IVA/LE] (***) | |
| | [IVA/LE] (***) | [IVA/LE] (***) | |
| | [IVA/LE] (***) | [IVA/LE] (***) | |
| | [IVA/LE] (***) | [IVA/LE] (***) | |

Dawn it-termini tal-approvazzjoni huma limitati għal dak li huwa speċifikat fl-ambitu tax-xogħol inkluż fit-taqsima tal-Espożizzjoni tal-Ġestjoni tal-Kontinwità tal-Ajrunavigabbiltà approvata ..................................................................

Referenza tal-Espożizzjoni tal-Ġestjoni tal-Kontinwità tal-Ajrunavigabbiltà: ................................................................

Data tal-ħruġ oriġinali: ..........................................................................................................................................

Iffirmati: ..................................................................................................................................................

Data ta' din ir-reviżjoni: .......................................................... Nru tar-reviżjoni: ..........................................................

Għall-Awtorità Kompetenti: [AWTORITÀ KOMPETENTI TAL-ISTAT MEMBRU *]

Ħarġa 6 tal-Formola 14-MG tal-EASA

(*) Jew EASA, jekk l-EASA hija l-awtorità kompetenti.

(**) Ħassar għal Stat Membru mhux tal-UE jew għall-EASA.

(***) Ħassar kif jixraq jekk l-organizzazzjoni mhijiex approvata.

▼B

*Appendiċi VII*

**Kompiti Kumplessi ta' Manutenzjoni**

▼M12

Dan li ġej jikkostitwixxi l-kompiti ta’ manutenzjoni kumplessi msemmija fil-punt M.A.801(b):

▼B

1. Il-modifika, it-tiswija jew bdil permezz ta' irbattir, twaħħil, laminar, jew iwweldjar ta' kwalunkwe mill-partijiet tal-qafas tal-inġenju tal-aru li ġejjin:

   (a) travu kwadru;

   (b) virga tal-ġewnaħ jew element tal-membratura;

   (c) spar;

   (d) flanġ tal-ispar;

   (e) element ta' travu kompost;

   (f) l-ispalla ta' travu;

   (g) element tal-propella jew tas-sinsla (chine) ta' buq ta' żgiċċ jew flowt;

   (h) element ta' kompressjoin ta' folja mmewġa;

   (i) kustilja prinċipali tal-ġewnaħ;

   (j) puntal tal-wiċċ tal-ġewnaħ jew tad-denb;

   (k) muntatura tal-magna;

   (f) longeron ta' żaqq l-ajruplan;

   (m) element ta' puntal tal-ġenb, puntal orizzonali jew paratija;

   (n) brace jew brakit li tirfed is-siġġu;

   (o) sostituzzjoni tal-binarji tas-siġġijiet;

   (p) attrezzatura għall-inżul b'tirant jew puntal;

   (q) fus;

   (r) rota; u

   (s) ski jew pedestall ski, minbarra s-sostituzzjoni ta' kisja ta' frizzjoni baxxa.

2. Il-modifika jew it-tiswija ta' kwalunkwe mill-partijiet li ġejjin:

   (a) kisja tal-inġenju tal-ajru, jew kisja tal-flowt tal-ajruplan, jekk ix-xogħol jeħtieġ l-użu ta' irfid, ġig jew attrezzatura;

   (b) kisja tal-inġenju tal-ajru li hija soġġetta għal tagħbijiet ta' pressurizzazzjoni, jekk il-ħsara lill-kisja tkun akbar minn 15 cm (sitt pulzieri) fi kwalunkwe direzzjoni;

   (c) parti soġġetta għat-tagħbija f'sistema ta' kontroll, inkluż kolonna ta' kontroll, pedala, xaft, kwadrant, krank qanpiena, tubu tat-torque, ħorn tal-kontroll u brakit fonduta, iżda esklużi

▼B

(i) it-tgħawwiġ ta' ċombar ta' tiswija jew iffittjar ta' kejbil, u

(ii) is-sostituzzjoni tal-agganċ terminali ta' tubu push-pull li jitwaħħal bl-irbattir; u

(d) kull struttura oħra, li mhix elenkata f'(1), li manifattur identifika bħala struttura primarja fil-manwal ta' manutenzjoni, il-manwal ta' tiswija strutturali jew l-istruzzjonijiet għall-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà.

3. It-twettiq tal-manutenzjoni li ġejja fuq magna bil-pistuni:

(a) żarmar u armar mill-ġdid sussegwenti ta' magna bil-pistuni ħlief (i) biex jinkiseb aċċess għall-immontaturi tal-pistuni/ċilindri; jew (ii) biex jitneħħa l-għatu tal-aċċessorji ta' wara għal spezzjoni u/jew il-bdil tal-immontaturi tal-pompa taż-żejt, fejn xogħol bħal dan ma jinvolvix it-tneħħija u t-twaħħil mill-ġdid ta' gerijiet interni;

(b) żarmar u armar mill-ġdid sussegwenti ta' gerijiet ta' tnaqqis;

(c) iwweldjar u bbrejżjar ta' ġonot, barra minn tiswijiet minuri bil-welding f'unitajiet tal-egżost imwettqa minn welder approvat jew awtorizzat kif jixraq imma mhux it-tibdil ta' komponenti;

(d) it-taħwid ta' partijiet individwali ta' unitajiet li huma fornuti bħala unitajiet ittestjati fuq il-bank tax-xogħol, minbarra t-tibdil jew l-aġġustament ta' oġġetti li normalment jinbidlu jew ikunu aġġustati waqt l-użu.

4. L-ibbilanċjar tal-iskrun, ħlief

(a) għaċ-ċertifikazzjoni ta' bbilanċjar statiku fejn meħtieġ mill-manwal tal-manutenzjoni;

(b) ibbilanċjar dinamiku fuq skrejjen imwaħħla bl-użu ta' tagħmir għall-ibbilanċjar elettroniku fejn ikun permess mill-manwal tal-manutenzjoni jew dejta oħra tal-ajrunavigabbiltà approvata;

5. Kwalunkwe kompitu addizzjonali li jeħtieġ:

(a) għodda, tagħmir jew faċilitajiet speċjalizzati; jew

(b) proċeduri ta' koordinament sinifikanti minħabba ż-żmien imtawwal tal-kompiti u l-involviment ta' diversi persuni.

▼B

*Appendiċi VIII*

**Manutenzjoni Limitata tal-Pilota-Sid**

B'żieda mar-rekwiżiti stabbilit fl-Anness I (Parti-M), il-prinċipji bażiċi li ġejjin għandhom ikunu sodisfatti qabel jitwettaq kull kompitu ta' manutenzjoni skont il-kundizzjonijiet tal-manutenzjoni tal-pilota-sid:

(a) Kompetenza u responsabbiltà

1. Il-pilota-sid huwa dejjem responsabbli għal kull manutenzjoni li jwettaq.

2. Qabel iwettaq kull kompitu ta' manutenzjoni pilota-sid, il-pilota-sid għandu jissodisfa lilu nnifsu li huwa kompetenti biex iwettaq ix-xogħol. Hija r-responsabbiltà tal-piloti-sidien li jiffamiljarizzaw ruħhom mal-prattiki standard ta' manutenzjoni għall-inġenji tal-ajru tagħhom u mal-programm ta' manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru. Jekk il-pilota-sid ma jkunx kompetenti għax-xogħlijiet li jridu jitwettqu, ix-xogħlijiet ma jistgħux jinħarġu mill-pilota-sid.

▼M8

3. Is-sid li jkun bdot (jew is-CAMO jew is-CAO kkuntrattata tiegħu) huwa responsabbli għall-identifikazzjoni tal-kompiti tas-sid li jkun bdot skont dawn il-prinċipji bażiċi fil-programm ta’ manutenzjoni u għall-iżgurar li d-dokument jiġi aġġornat fil-ħin.

▼B

4. L-approvazzjoni tal-programm ta' manutenzjoni għandha titwettaq skont il-punt M.A.302.

(b) Kompiti

Il-pilota-sid jista' jwettaq spezzjonijiet jew operazzjonijiet viżivi sempliċi biex jikkontrolla l-kundizzjoni ġenerali u għal ħsara evidenti u l-operat normali tal-qafas tal-ajruplan, il-magni, is-sistemi u l-komponenti.

Ix-xogħlijiet ta' manutenzjoni m'għandhomx jitwettqu mill-pilota-sid meta x-xogħol:

▼M2

1. huwa kompitu ta' manutenzjoni kritika

▼B

2. jeħtieġ t-tneħħija ta' komponenti ewlenin jew armar ewlieni u/jew;

3. jitwettaq f'konformità mad-Direttiva dwar tal-Ajrunavigabbiltà jew Oġġett ta' Limitazzjoni l- tal-Ajrunavigabbiltà, ħlief meta permess b'mod speċifiku fl-AD jew l-ALI u/jew;

4. jeħtieġ l-użu ta' għodda speċjali, għodda kkalibrati (minbarra t-torque wrench u crimping tool) u/jew;

5. jeħtieġ l-użu ta' tagħmir għat-testijiet jew testijiet speċjali (per eżempju NDT, testijiet tas-sistema jew testijiet operattivi ta' tagħmir avjoniku) u/jew;

6. ikun kompost minn xi spezzjonijiet speċjali mhux skedati (per eżempju test ta' nżul f'daqqa) u/jew;

7. qed jolqot sistemi essenzjali għall-operazzjonijiet IFR u/jew;

8. ikun elenkat fl-Appendiċi VII ta' dan l-Anness jew ikun xogħol ta' manutenzjoni ta' komponenti skont il-punt M.A.502(a), (b), (c) jew (d).

▼M6

▼C2

___

▼M1

Il-kriterji 1 sa 9 ma jistgħux jingħelbu minn struzzjonijiet anqas ristrettivi maħruġa skont "il-Programm ta' Manutenzjoni tal-M.A.302(d)"

▼B

Kull xogħol deskritt fil-manwal tat-titjir ta' inġenju tal-ajru li jħejji l-inġenju tal-ajru għat-titjir (Eżempju: it-twaħħil tal-ġwienaħ tal-sailplane jew ix-xogħol ta' qabel it-titjir), jitqies bħala xogħol tal-pilota u mhux meqjus bħala xogħol ta' manutenzjoni ta' pilota-sid u għaldaqstant ma jirrikjedix Ċertifikat ta' Ħruġ għall-Użu.

(c) Twettiq tal-manutenzjoni tal-kompiti u tar-rekords ta' pilota-sid

Id-dejta tal-manutenzjoni kif speċifikata fil-punt M.A.401 trid tkun dejjem disponibbli matul it-twettiq tal-manutenzjoni tal-pilota-sid u trid tkun sodisfatta. Id-dettalji tad-dejta msemmija fit-twettiq ta' manutenzjoni ta' pilota-sid iridu jkunu inklużi fiċ-Ċertifikat ta' Ħruġ għall-Użu skont il-punt M.A.803(d).

Il-pilota-sid għandu jinforma lill-organizzazzjoni tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà approvata responsabbli għall-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà, mhux aktar tard minn 30 jum wara t-tlestija ta' kull xogħol ta' manutenzjoni magħmul mill-Pilota-sid skont il-punt M.A. 305(a).

▼B

*ANNESS II*

**(Parti-145)**

WERREJ

145.1 **Ġeneral**

TAQSIMA A — REKWIŻITI TEKNIĊI

145.A.10 Ambitu

145.A.15 Applikazzjoni

145.A.20 Termini tal-approvazzjoni

145.A.25 Rekwiżiti tal-faċilitajiet

145.A.30 Rekwiżiti tal-persunal

145.A.35 Persunal li jiċċertifika u persunal ta' appoġġ

▼M1

145.A.36 Rekords tal-istaff għar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà

▼M5

145.A.40 Tagħmir u għodod

145.A.42 Komponenti

▼B

145.A.45 Dejta tal-manutenzjoni

145.A.47 Ippjanar tal-produzzjoni

▼M2

145.A.48 Twettiq tal-manutenzjoni

▼B

145.A.50 Ċertifikazzjoni tal-manutenzjoni

▼M1

145.A.55 Rekords tar-reviżjoni tal-manutenzjoni u l-ajrunavigabbiltà

▼B

145.A.60 Rappurtar tal-okkorrenzi

145.A.65 Politika tas-sigurtà u tal-kwalità, proċeduri ta' manutenzjoni u sistema tal-kwalità

145.A.70 Espożizzjoni tal-organizzazzjoni tal-manutenzjoni

145.A.75 Privileġġi tal-organizzazzjoni

145.A.80 Limitazzjonijiet tal-organizzazzjoni

145.A.85 Tibdiliet għall-organizzazzjoni

145.A.90 Validità sostnuta

145.A.95 Sejbiet

TAQSIMA B — PROĊEDURI GĦALL-AWTORITAJIET KOMPETENTI

145.B0.1 Ambitu

145.B.10 Awtorità kompetenti

145.B.15 Organizzazzjonijiet li jinsabu f'bosta Stati Membri

145.B.20 Approvazzjoni inizjali

145.B.25 Ħruġ tal-approvazzjoni

145.B.30 Kontinwazzjoni ta' approvazzjoni

145.B.35 Tibdiliet

145.B.40 Tibdiliet għall-Espożizzjoni ta' Organizzazzjoni ta' Manutenzjoni

145.B.45 Revoka, sospensjoni u limitazzjoni ta' approvazzjoni

145.B0.50 Sejbiet

▼B

145.B.55 Żamma ta' rekords

145.B.60 Eżenzjonijiet

Appendiċi I — Ċertifikat ta' Rilaxx Awtorizzat Formola 1 tal-EASA

Appendiċi II — Sistema ta' Klassijiet u Kategorijiużata għall-Approvazzjoni tal-Organizzazzjonijiet tal-Manutenzjoni msemmija fl-Anness I (Parti-M) Sotto-parti F u fl-Anness II (Parti-145)

Appendiċi III — Ċertifikat tal-Organizzazzjoni tal-Manutenzjoni — Formola 3-145 tal-EASA

Appendiċi IV — Kundizzjonijiet għall-użu tal-persunal mhux ikkwalifikat skont l-Anness III (Parti-66) li hemm referenza għalihom fil-punti 145.A.30(j) 1 u 2

*145.1* ***Ġenerali***

Għall-finijiet ta' din il-Parti, l-awtorità kompetenti għandha tkun:

1. għal organizzazzjonijiet li l-post ewlieni tan-negozju tagħhom jinsab fi Stat Membru, l-awtorità maħtura mill-istess Stat Membru, jew;

2. għal organizzazzjonijiet li l-post ewlieni tan-negozju tagħhom jinsab f'pajjiż terz, l-Aġenzija;

*TAQSIMA A*

**REKWIŻITI TEKNIĊI**

145.A.10 **Ambitu**

Din it-Taqsima tistabbilixxi r-rekwiżiti li jridu jiġu ssodisfati minn organizzazzjoni biex tikkwalifika għall-ħruġ jew il-kontinwazzjoni ta' approvazzjoni għall-manutenzjoni ta' inġenju tal-ajru u l-komponeneti.

145.A.15 **Applikazzjoni**

Applikazzjoni għall-ħruġ jew għall-bidla ta' approvazzjoni għandha ssir lill-awtorità kompetenti f'forma u manjiera stabbilita minn awtorità bħal din.

145.A.20 **Termini tal-approvazzjoni**

L-organizzazzjoni għandha tispeċifika fil-preżentazzjoni tagħha l-ambitu tax-xogħol meqjus li jikkostitwixxi approvazzjoni (l-Appendiċi IV tal-Anness I (Parti-M) fih tabella bil-klassijiet u l-kategoriji kollha).

145.A.25 **Rekwiżiti tal-faċilitajiet**

L-organizzazzjoni għandha tiżgura li:

(a) l-faċilitajiet jiġu pprovduti dak kollu li hu xieraq għax-xogħol ippjanat, u b'mod partikolari tiżgura l-ħarsien mill-elementi tat-temp. Workshops u pjattaformi huma segregati kif xieraq, biex ikun żgurat li l-kontaminazzjoni ambjentali u ta' ħidma ma jkunx faċli li jseħħu.

1. Għall-manutenzjoni bażika tal-inġenji tal-ajru, il-ħangars tal-inġenji tal-ajru huma disponibbli u kbar biżżejjed biex jakkomodaw l-inġenju tal-ajru fuq manutenzjoni bażika ppjanata;

2. Għall-manutenzjoni tal-komponenti, il-workshops tal-komponenti huma kbar biżżejjed biex jakkomodaw il-komponenti fuq manutenzjoni ppjanata.

▼B

(b) L-akkomodazzjoni tal-uffiċċju hija pprovduta mill-maniġment tax-xogħol ippjanat imsemmi fil- punt (a), u persunal iċċertifikat sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti ddeżinjati lilhom b'tali mod li jikkontribwixxu għal standards ta' manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru tajba.

(c) L-ambjent tax-xogħol jinkludi ħangars tal-inġenji tal-ajru, workshops tal-komponenti u akkomodazzjoni tal-uffiċċju hija xierqa għall-kompitu li qed jitwettaq u b'mod partikolari jiġu osservati rekwiżiti speċjali. Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor mill-ambjent tal-kompitu partikolari, l-ambjent tax-xogħol irid ikun wieħed li fih l-effettività tal-persunal ma tiġix imxekkla.

1. jinżammu temperaturi li jippermettu lill-persunal iwettaq il-kompiti mitlub mingħajr skumdità.

2. trab u kull kontaminazzjoni fl-arja tinżamm f'livell minimu kemm jista' jkun possibbli u ma titħalliex tilħaq livell fiż-żona tax-xogħol fejn kontaminazzjoni ta' wiċċ viżibbli tal-komponent/tal-inġenju tal-ajru hija evidenti. Fejn trab/kontaminazzjoni oħra fl-arja twassal għal kontaminazzjoni ta' wiċċ viżibbli, is-sistemi suxxettibbli kollha jiġu ssiġillati sakemm jerġgħu jiġu stabbiliti kundizzjonijiet aċċettabbli.

3. id-dawl ikun tajjeb biżżejjed biex kull spezzjoni u kompitu ta' manutenzjoni jkun jista' jitwettaq b'mod effettiv.

4. il-ħoss ma jfixkilx il-persunal milli jwettaq il-kompiti ta' spezzjoni. Fejn mhux prattiku li s-sors tal-ħoss jiġi kkontrollat, tali persunal għandu jiġi fornut b'tagħmir tal-persunal meħtieġ li jwaqqaf il-ħoss li jikkawża d-distrazzjoni matul il-kompiti ta' spezzjoni.

5. fejn kompitu ta' manutenzjoni partikolari jitlob l-applikazzjoni ta' kundizzjonijiet ambjentali speċifiċi differenti minn ta' qabel, mela dawn il-kundizzjonijiet jiġu osservati. Kundizzjonijiet speċifiċi huma identifikati fid-dejta ta' manutenzjoni.

6. l-ambjent tax-xogħol għall-manutenzjoni bil-linja jkun tali li l-kompitu ta' manutenzjoni jew spezzjoni partikolari jkun jista' jitwettaq mingħajr distrazzjoni żejda. Għalhekk fejn l-ambjent tax-xogħol jiddeterjora għal livell mhux aċċettabbli fir-rigward tat-temperatura, l-umdità, il-boċoċ tas-silġ, is-silġ, ir-riħ, id-dawl, it-trab/kontaminazzjoni oħra fl-arja, il-kompiti ta' manutenzjoni jew spezzjoni partikolari jridu jiġu sospiżi sakemm kundizzjonijiet sodisfaċenti jiġu stabbiliti mill-ġdid.

(d) Faċilitajiet ta' ħżin sikura huma pprovduti għall-komponenti, it-tagħmir, l-għodda u l-materjal. Kundizzjonijiet tal-ħżin sikuri jiżguraw is-segragazzjoni ta' komponenti u materjal li jista' jsir servizz fuqhom minn komponenti, materjal, tagħmir u għodda li ma jistax isir servizz fuqhom. Il-kundizzjonijiet għall-ħżin huma f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-manifattur biex tiġi evitata d-deterjorazzjoni u l-ħsara lil oġġetti maħżuna. Aċċess għal faċilitajiet ta' ħżin huwa restritt għal persunal awtorizzat.

145.A.30 **Rekwiżiti tal-persunal**

(a) L-organizzazzjoni għandha taħtar maniġer responsabbli li jkollu l-awtorità korporattiva biex jiżgura li l-manutenzjoni kollha meħtieġa mill-konsumatur tista' tiġi ffinanzjata u titwettaq skont l-istandard mitlub minn din il-Parti. Il-maniġer responsabbli għandu:

▼B

1. jiżgura li r-riżorsi kollha meħtieġa jkunu disponibbli biex iwettaq il-manutenzjoni f'konformità mal-punt 145.A.65(b), biex tiġi jappoġġja l-approvazzjoni tal-organizzazzjoni.

2. jistabbilixxi u jippromwovi l-politika tas-sikurezza u l-kwalità speċifikati fil-punt 145.A.65(a).

3. ikollu għarfien ġenerali ta' dan l-Annex (Parti-145).

(b) L-organizzazzjoni għandha taħtar persuna jew grupp ta' persuni, li r-responsabbiltajiet tagħhom jinkludu li jiżguraw li l-organizzazzjoni tikkonforma ma' din il-Parti. It-tali persuna(i) għandha/għandhom fl-aħħar mill-aħħar jaqgħu taħt l-awtorità tal-maniġer responsabbli.

1. Il-persuna jew il-persuni maħtura għandhom jirrappreżentaw l-istruttura tal-ġestjoni tal-manutenzjoni tal-organizzazzjoni u jkunu responsabbli mill-funzjonijiet speċifikati f'din il-Parti.

2. Il-persuna jew il-persuni nnominati għandhom jiġu identifikati u l-kredenzjali tagħhom jiġu sottomessi f'forma u b'mod stabbilit mill-awtorità kompetenti.

3. Il-persuna jew il-persuni maħtura għandhom ikunu kapaċi juru għarfien rilevanti, sfond u esperjenza sodisfaċenti marbuta mal-manutenzjoni tal-inġenju tal-ajru jew tal-komponent u juru għarfien tajjeb ħafna ta' din il-Parti.

4. Il-proċeduri għandhom jagħmluha ċara min jopera f'isem persuna partikolari f'każ li din tkun assenti għal żmien twil.

(c) Il-maniġer responsabbli skont il- punt (a) għandu jaħtar persuna responsabbli mill-monitoraġġ tas-sistema ta' kwalità, inkluż is-sistema ta' rispons assoċjat kif mitlub mill-punt 145.A.65(c). Il-persuna maħtura għandu jkollha aċċess dirett għall-maniġer responsabbli milli jiżgura li l-maniġer responsabbli jinżamm infurmat kif xieraq dwar kwistjonijiet ta' kwalità u konformità.

(d) L-organizzazzjoni għandu jkollha pjan ta' manutenzjoni kull siegħa li juri li l-organizzazzjoni għandha biżżejjed persunal biex tippjana, twettaq, tissorvelja, tispezzjoni u twettaq monitoraġġ tal-kwalità fuq l-organizzazzjoni f'konformità mal-approvazzjoni. Barra minn hekk, l-organizzazzjoni għandu jkollha proċedura li tivvaluta mill-ġdid ix-xogħol maħsub biex jitwettaq meta d-disponibbiltà tal-persuna attwali tkun anqas mil-livell tal-persuna ippjanat għal kwalunkwe xift jew perjodu tax-xogħol partikolari.

(e) ►M8 L-organizzazzjoni għandha tistabbilixxi u tikkontrolla l-kompetenza tal-persunal involut fi kwalunkwe manutenzjoni, reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà, u awditi tal-ġestjoni u/jew tal-kwalità f'konformità ma' proċedura u ma' standard maqbula mill-awtorità kompetenti. ◄ Barra mill-ispeċjalizzazzjoni meħtieġa marbuta mal-funzjoni tal-impjieg, il-kompetenza trid tinkludi għarfien tal-applikazzjoni tal-fatturi umani u tal-kwistjonijiet tal-prestazzjoni umana xierqa għall-funzjoni ta' dik il-persuna fl-organizzazzjoni. "Fatturi umani" tfisser prinċipji li japplikaw għad-disinn, it-taħriġ, iċ-ċertifikazzjoni, it-taħriġ, l-operat u l-manutenzjoni tal-ajrunawtika u li jimmiraw għal interfaċċja sikura bejn il-komponenti umani u dawk ta' sistemi oħrajn b'konsiderazzjoni f'lokha għall-prestazzjoni umana. "Il-prestazzjoni umana" tfisser il-kapaċitajiet umani u l-limitazzjonijiet li għandhom impatt fuq is-sikurezza u l-effiċjenza ta' operazzjonijiet tal-ajrunawtika.

▼M5

(f) L-organizzazzjoni għandha tiżgura li l-persunal li jwettaq jew li jikkontrolla test mhux distruttiv tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-istrutturi u/jew tal-komponenti tal-inġenju tal-ajru jkun ikkwalifikat kif xieraq għat-test mhux distruttiv partikolari f'konformità mal-istandard Ewropew jew ma' standard ekwivalenti rikonoxxut mill-Aġenzija. Il-persunal li jwettaq kwalunkwe kompitu speċjalizzat ieħor għandu jkun kwalifikat kif xieraq f'konformità mal-istandards rikonoxxuti uffiċjalment. B'deroga minn dan il-punt, il-persunal imsemmi fil-punt (g) u fil-punti (h)(1) u (h)(2), ikkwalifikat fil-kategorija B1, B3 jew L skont l-Anness III (Parti-66) jista' jwettaq u/jew jikkontrolla t-testijiet b'kuntrast tal-kulur ta' kulurant penetrant.

(g) Kwalunkwe organizzazzjoni li tagħmel manutenzjoni fuq inġenji tal-ajru, għajr fejn iddikjarat mod ieħor fil-punt (j), għandha fil-każ ta' manutenzjoni ta' linja ta' inġenji tal-ajru, ikollha persunal li jiċċertifika kkwalifikat b'mod xieraq għat-tip ta' inġenju tal-ajru fil-kategoriji B1, B2, B2L, B3 u L, skont l-Anness III (Parti-66) u l-punt 145.A.35.

Barra minn hekk, dawn l-organizzazzjonijiet jistgħu jużaw ukoll persunal li jiċċertifika mħarreġ fuq il-kompitu b'mod xieraq, li jkollu l-privileġġi stipulati fil-punti 66.A.20(a)(1) u 66.A.20(a)(3)(ii) u kkwalifikat skont l-Anness III (Parti-66) u l-punt 145.A.35 sabiex iwettaq manutenzjoni tal-linja skedata minuri u korrezzjoni ta' difetti sempliċi. Id-disponibbiltà ta' dan il-persunal li jiċċertifika ma għandhiex tissostitwixxi l-ħtieġa għal persunal li jiċċertifika fil-kategorija B1, B2, B2L, B3 u L, kif xieraq.

(h) Kwalunkwe organizzazzjoni li tagħmel il-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru, ħlief fejn hu ddikjarat mod ieħor fil-punt (j), għandha:

1. fil-każ ta' manutenzjoni bażika ta' inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-magni, jkollha persunal li jiċċertifika kkwalifikat b'mod xieraq għat-tip ta' inġenju tal-ajru fil-kategorija C skont l-Anness III (Parti-66) u l-punt 145.A.35. Barra minn hekk, l-organizzazzjoni għandu jkollha biżżejjed persunal ikkwalifikat b'mod xieraq għat-tip ta' inġenju tal-ajru fil-kategoriji B1 u B2, kif xieraq, skont l-Anness III (Parti-66) u l-punt 145.A.35 biex jappoġġja lill-persunal li jiċċertifika fil-kategorija C.

   (i) Il-persunal ta' appoġġ għall-kategoriji B1 u B2 għandu jiżgura li l-kompiti jew spezzjonijiet rilevanti kollha jkunu twettqu skont l-istandard meħtieġ qabel ma l-persunal li jiċċertifika fil-kategorija C joħroġ iċ-ċertifikat tar-rilaxx għas-servizz.

   (ii) L-organizzazzjoni għandha żżomm reġistru ta' tali persunal ta' appoġġ fil-kategoriji B1 u B2.

   (iii) Il-persunal li jiċċertifika fil-kategorija C għandu jiżgura li tinkiseb il-konformità mal-punt (i) u li x-xogħol kollu meħtieġ mill-klijent ikun twettaq matul il-kontroll li jsir jew il-pakkett ta' xogħol ta' manutenzjoni bażika partikolari, u għandu wkoll jivvaluta l-impatt ta' kwalunkwe xogħol mhux imwettaq, bil-ħsieb jew li jenħtieġ li x-xogħol jitwettaq jew li jilħaq qbil mal-operatur biex dan ix-xogħol jiġi diferit għal kontroll speċifiku ieħor jew għal limitu ta' żmien ieħor.

2. fil-każ tal-manutenzjoni bażi ta' inġenji tal-ajru għajr inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-magni, dawn għandu jkollhom wieħed minn dawn:

   (i) persunal li jiċċertifika kkwalifikat b'mod xieraq għat-tip ta' inġenju tal-ajru fil-kategoriji B1, B2, B2L, B3 u L, skont l-Anness III (Parti-66) u l-punt 145.A.35;

▼M5

(ii) persunal li jiċċertifika kkwalifikat għat-tip ta' inġenju tal-ajru kklassifikat xieraq fil-kategorija C megħjun minn persunal ta' appoġġ, kif stipulat fil-punt 145.A.35(a)(i).

(i) Il-persunal li jiċċertifika l-komponenti għandu jkun ikkwalifikat skont l-Artikolu 5(6) u l-punt 145.A.35.

▼B

(j) B'deroga għall- punti (g) u (h), fir-rigward tal-obbligu għall-konformità mal-Anness III (Parti-66), l-organizzazzjoni tista' tuża l-persunal ikkwalifikat biex jiċċertifika f'konformità mad-dispożizzjonijiet li ġejjin:

1. Għal faċilitajiet tal-organizzazzjoni li jinsabu barra mit-territorju tal-Komunità, persunal li jiċċertifika jista' jkun iċċertifikat f'konformità mar-regolamenti tal-avjazzjoni nazzjonali tal-Istati li fih il-faċilità tal-organizzazzjoni hija rreġistrata soġġetta għall-kundizzjonijiet speċifikati fl-Appendiċi IV ta' din il-Parti.

2. Għal manutenzjoni bil-linja mwettqa fi stazzjoni bil-linja ta' organizzazzjoni li tinsab barra mit-territorju tal-Komunità, il-persunal li jiċċertifika jista' jkun ikkwalifikat f'konformità mar-regolamenti ta' avvjazzjoni nazzjonali tal-Istat li fih ikun ibbażat l-istazzjoni bil-linja, soġġett għall-kundizzjonijiet speċifikati fl-Appendiċi IV ta' din il-Parti.

3. Għal direttiva tal-ajrunavigabbiltà ta' qabel it-titjira repetittiva, li speċifikament tiddikjara li l-ekwipaġġ tat-titjira jista' jwettaq tali direttiva dwar l-ajrunavigabbiltà, l-organizzazzjoni tista' toħroġ awtorizzazzjoni ta' ċertifikazzjoni limitata għall-kmandant tal-inġenju tal-ajru u/jew l-inġinier tat-titjira abbażi tal-liċenzja tal-ekwipaġġ tat-titjira li jħaddan. Madanakollu, l-organizzazzjoni għandha tiżgura li taħriġ prattiku suffiċjenti jkun twettaq sabiex jiġi żgurat li tali kmandant tal-inġenji tal-ajru jew inġinier tat-titjira jkun jista' iwettaq id-direttiva dwar l-ajrunavigabbiltà mal-istandard meħtieġ.

4. Fil-każ ta' inġenju tal-ajru li jopera 'l bogħod minn post appoġġjat, l-organizzazzjoni tista' toħrġ awtorizzazzjoni ta' ċertifikazzjoni limitata lill-kmandant u/jew l-inġinier tat-titjira abbażi tal-liċenzja tal-ekwipaġġ tat-titjira, sakemm, l-organizzazzjoni tiżgura li twettaq biżżejjed taħriġ prattiku biex ikun żgurat li din il-peruna tista' twetttaq il-kompitu speċifikat skont l-istandard meħtieġ. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-punt għandhom jiġu ddettaljati fil-proċedura ta' espożizzjoni.

5. Fil-każijiet mhux previsti li ġejjin, meta inġenju tal-ajru huwa miżmum milli jtir f'post differenti mill-bażi prinċipali fejn ebda persunal li jiċċertifika xieraq mhu disponibbli, l-organizzazzjoni tal-manutenzjoni li għandha l-kuntratt biex tipprovdi appoġġ għall-manutenzjoni tista' toħroġ awtorizzazzjoni ta' ċertifikazzjoni ta' darba:

(i) lil wieħed mill-impjegat tagħha li li għandu l-kwalifika tat-tip fuq inġenju tal-ajru b'teknoloġija, kostruzzjoni u sistemi simili; or

(ii) lil kull persuna b'mhux inqas minn ħames snin esperjenza fil-manutenzjoni u li għandha liċenzja tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru ICAO valida ggradata għat-tip ta' inġenju tal-ajru li għandu bżonn ċertifikazzjoni sakemm m'hemm ebda organizzazzjoni approvata kif xieraq skont din il-Parti f'dak il-post u l-organizzazzjoni kuntrattata għandha evidenza fil-fajl tal-esperjenza u l-liċenzja ta' dik il-persuna.

▼B

►M1 Kull każ bħal dan kif speċifikat f'dan il-punt għandu jkun irrappurtat lill-awtorità kompetenti fi żmien sebat ijiem minn meta ħarġet din l-awtorizzazzzjoni ta' ċertifikazzjoni. ◄ L-organizzazzjoni ta' manutenzjoni approvata li toħroġ awtorizzazzjoni ta' darba għandha tiżgura li kull manutenzjoni li tista' teffettwa s-sikurezza ta' titjira tiġi vverifikata mill-ġdid minn organizzazzjoni approvata kif xieraq.

▼M8

(k) Jekk l-organizzazzjoni twettaq reviżjonijiet tal-ajrunavigabbiltà u toħroġ iċ-ċertifikat korrispondenti tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà skont il-punt ML.A.903 tal-Anness Vb (Parti-ML), din għandu jkollha persunal tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà kwalifikat u awtorizzat li jissodisfa r-rekwiżiti kollha li ġejjin:

1. għandu jkollu awtorizzazzjoni ta' persunal taċ-ċertifikazzjoni għall-inġenji tal-ajru korrispondenti;

2. għandu jkollu mill-inqas tliet snin esperjenza bħala persunal taċ-ċertifikazzjoni;

3. għandu jkun indipendenti mill-proċess tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru li jkun qed jiġi eżaminat jew għandu jkollu l-awtorità kumplessiva fuq il-proċess tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru komplut li jkun qed jiġi eżaminat;

4. għandu jkun kiseb l-għarfien tas-Sottoparti C ta' dan l-Anness (Parti-M) jew tas-Sottoparti C tal-Anness Vb (Parti-ML);

5. għandu jkun kiseb l-għarfien bil-provi tal-proċeduri tal-organizzazzjoni tal-manutenzjoni rilevanti għar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà u għall-ħruġ taċ-ċertifikat tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà;

6. għandu jkun ġie aċċettat formalment mill-awtorità kompetenti wara li jkun wettaq reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà taħt is-superviżjoni tal-awtorità kompetenti jew taħt is-superviżjoni tal-persunal tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà tal-organizzazzjoni skont proċedura approvata mill-awtorità kompetenti;

7. għandu jkun wettaq mill-inqas reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà waħda fl-aħħar perjodu ta' tnax-il xahar.

▼M6
▼C2

---

▼B

145.A.35 **Persunal li jiċċertifika u persunal ta' appoġġ**

▼M5

(a) Minbarra r-rekwiżiti tal-punti 145.A.30(g) u (h), l-organizzazzjoni għandha tiżgura li l-persunal li jiċċertifika u l-persunal ta' appoġġ ikollhom fehim adegwat tal-inġenji tal-ajru u/jew tal-komponenti rilevanti li għandha ssirilhom manutenzjoni u tal-proċeduri tal-organizzazzjoni assoċjati. Fil-każ tal-persunal li jiċċertifika, dan għandu jseħħ qabel il-ħruġ jew il-ħruġ mill-ġdid tal-awtorizzazzjoni taċ-ċertifikazzjoni.

1. "Persunal ta' appoġġ" tfisser dak il-persunal li jkollu liċenzja għall-manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru skont l-Anness III (Parti-66) fil-kategorija B1, B2, B2L, B3 u/jew L bil-klassifikazzjonijiet tal-inġenju tal-ajru xierqa, li jaħdem fl-ambjent tal-manutenzjoni bażika filwaqt li mhux neċessarjament ikollu l-privileġġi taċ-ċertifikazzjoni.

2. "Inġenji tal-ajru u/jew komponenti rilevanti", tfisser dawk l-inġenji tal-ajru jew komponenti speċifikati fl-awtorizzazzjoni taċ-ċertifikazzjoni partikolari.

▼M5

3. “Awtorizzazzjoni taċ-ċertifikazzjoni” tfisser l-awtorizzazzjoni maħruġa mill-organizzazzjoni lill-persunal li jiċċertifika u li tispeċifika l-fatt li dak il-persunal jista' jiffirma ċ-ċertifikati ta' rilaxx għas-servizz fil-limitazzjonijiet iddikjarati f'tali awtorizzazzjoni f'isem l-organizzazzjoni approvata.

(b) Għajr għall-każijiet elenkati fil-punti 145.A.30(j) u 66.A.20(a)3(ii), l-organizzazzjoni tista' toħroġ biss awtorizzazzjoni taċ-ċertifikazzjoni lill-persunal li jiċċertifika fir-rigward tal-kategoriji jew tas-subkategoriji bażiċi u, għajr għal-liċenzji tal-kategorija A, kwalunkwe klassifikazzjoni tat-tip elenkata fuq il-liċenzja għall-manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru meħtieġa mill-Anness III (Parti-66), bil-kundizzjoni li l-liċenzja tibqa' valida tul il-perjodu ta' validità kollu tal-awtorizzazzjoni u li l-persunal ta' ċertifikazzjoni jibqa' konformi mal-Anness III (Parti-66).

▼B

(c) L-organizzazzjoni għandha tiżgura li l-persunal kollu li jiċċertifika u l-persunal ta' appoġġ kollu jkun involut f'mill-inqas sitt xhur ta' esperjenza ta' manutenzjoni attwali tal-inġenji tal-ajru jew komponenti rilevanti fi kwalunkwe perjodu ta' sentejn konsekuttivi.

Għall-iskop ta' dan il-punt, “involuti f'manutenzjoni attwali tal-inġenji tal-ajru jew komponenti rilevanti” tfisser li l-persuna tkun ħadmet f'ambjent ta' manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru jew ta' komponenti u/jew eżerċitat il-privileġġi tal-awtorizzazzjoni taċ-ċertifikazzjoni u/jew effettivament wettqet manutenzjoni fuq għallinqas uħud mis-sistemi tat-tipi ta' inġenji tal-ajru jew tal-gruppi tal-inġenji tal-ajru speċifikati fl-awtorizzazzjoni taċ-ċertifikazzjoni partikolari.

(d) L-organizzazzjoni għandha tiżgura li l-persunal kollu li jiċċertifika u l-persunal ta' appoġġ jirċievu taħriġ ta' kontinwazzjoni suffiċjenti f'kull perjodu ta' sentejn biex jiżguraw li kull persunal ikollu għarfien aġġornat rigward it-teknoloġija rilevanti, il-proċeduri tal-organizzazzjoni u l-kwistjonijiet marbuta mal-element uman.

(e) L-organizzazzjoni għandha tistabbilixxi programm għal taħriġ ta' kontinwità għal persunal li jiċċertifika u persunal ta' appoġġ, inkluż proċedura li tiżgura l-konformità mal- punti rilevanti ta' 145.A.35 bħala bażi għall-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni skont din il-Parti għal persunal li jiċċertifika, u proċedura biex tiġi żgurata l-konformità mal-Anness III (Parti 66).

(f) Ħlief fejn japplika kull każ mhux previst tal-punt 145.A.30(j)(5), l-organizzazzjoni għandha tivvaluta l-persunal li jiċċertifika kollu prospettiv għall-kompetenza, il-kwalifiki u l-kapaċità tiegħu li jwettaq dmiritjietu f'konformità ma' proċedura kif speċifikat fl-espożizzjoni qabel il-ħruġ jew il-ħruġ mill-ġdid ta' awtorizzazzjoni taċ-ċertifikazzjoni skont din il-Parti.

(g) Meta l-kundizzjonijiet tal- punti (a), (b), (d), (f) u, fejn applikabbli, il-punt (c) jkunu ġew issodisfati mill-persunal li jiċċertifika, l-organizzazzjoni għandha toħroġ awtorizzazzjoni taċ-ċertifikazzjoni li tispeċifika b'mod ċar il-firxa u l-limiti ta' tali awtorizzazzjoni. Validità kontinwatà tal-awtorizzazzjoni taċ-ċertifikazzjoni tiddependi fuq konformità kontinwata mal- punti (a), (b), (d), u fejn applikabbli, (c).

▼B

(h) L-awtorizzazzjoni taċ-ċertifikazzjoni trid tkun magħmula b'tali mod li l-iskop tagħha jkun ċar għall-persunal li jiċċertifika u għal kull persuna kkwalifikata li jista' jkun li jkollha bżonn teżamina l-awtorizzazzjoni. Fejn jintużaw kodiċi biex jiġi spjegat l-iskop, l-organizzazzjoni għandha tipprovdi traduzzjoni tal-kodiċi. "Persuna awtorizzata" tfisser l-uffiċjali tal-awtoritajiet kompetenti, l-Aġenzija u l-Istat Membru responsabbli mis-sorveljanza tal-inġenju tal-ajru jew il-komponent taħt manutenzjoni.

(i) Il-persuna responsabbli mis-sistema tal-kwalità għandha tibqa' wkoll responsabbli f'isem l-organizzazzjoni għall-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni għall-persunal li jiċċertifika. Tali persuna tista' tinnomina persuni oħra biex dawn joħorġu jew jirrevokaw l-awtorizzazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni f'konformità ma' proċedura kif speċifikat fl-espożizzjoni.

(j) L-organizzazzjoni għandha żżomm reġistru tal-persunal kollu taċ-ċertifikazzjoni u persunal ta' appoġġ, li għandu jkollu fih:

1. id-dettalji ta' kull liċenjza tal-manutenzjoni ta' inġenju tal-ajru miżmuma skont l-Anness III (Parti-66); u

2. kull taħriġ ikkompletat; u

3. l-ambitu tal-awtorizzazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni maħruġa, fejn rilevanti; u

4. id-dettalji tal-persunal b'awtorizzazzjonijiet limitati jew ta' darba.

L-organizzazzjoni għandha żżomm reġistru għall-aħħar tliet snin tal-persunal imsemmi fil-punt li jkun temm l-impjieg mal-organizzazzjoni jew malli tkun ġiet irtirata l-awtorizzazzjoni. Barra minn hekk, fuq talba, l-organizzazzjoni tal-manutenzjoni għandha tforni lill-persunal imsemmi f'dan il-punt b'kopja tar-resġistru personali tagħhom meta jħallu l-organizzazzjoni.

Il-persunal imsemmi f'dan il-punt għandu jingħata l-aċċess fuq talba għar- rekords personali kif spjegat fuq.

(k) L-organizzazzjoni għandha tipprovdi lill-persunal li jiċċertifika kopja tal-awtorizzazzjoni taċ-ċertifikazzjoni tagħhom jew f'format stampat jew elettroniku.

(l) Persunal li jiċċertifika għandhom jippreżentaw l-awtorizzazzjoni taċ-ċertifikazzjoni tagħhom lil kwalunkwe persuna awtorizzata fi żmien 24 siegħa.

(m) L-età minima għall-persunal li jiċċertifika u l- persunal ta' appoġġ hi 21 sena.

(n) Id-detentur ta' liċenzja tal-ajruplani tal-kategorija A jista' jeżerċita biss il-privileġġi ta' ċertifikazzjoni fuq tip ta' inġenju tal-ajru speċifiku wara li jkun temm b'suċċess it-taħriġ tal-kompitu tal-inġenju tal-ajru tal-kategorija A relevanti mwettaq minn organizzazzjoni approvat kif dovut skont l-Anness II (Parti-145) jew l-Anness IV (Parti-147). Dan it-taħriġ għandu jinkludi taħriġ prattiku u taħriġ teoriku kif xieraq għal kull kompitu awtorizzat. It-twettiq b'suċċess tat-taħriġ għandu jintwera b'eżami jew b'valutazzjoni fuq il-post tax-xogħol imwettqa mill-organizzazzjoni.

▼B

(o) Id-detentur ta' liċenzja ta' manutenzjoni ta' inġenju tal-ajru tal-kategorija B2 jista' jeżerċita biss il-privileġġi ta' ċertifikazzjoni deskritti fil-punt 66.A.20(a)(3)(ii) tal-Anness III (Parti-66) wara li jkun temm b'suċċess (i) it-taħriġ tal-kompitu tal-inġenju tal-ajru tal-kategorija A relevanti u (ii) sitt xhur ta' esperjenza prattika ddokumentata li tkopri l-ambitu tal-awtorizzazzjoni li mbagħad tinħareġ. It-taħriġ tal-kompitu għandu jinkludi taħriġ prattiku u taħriġ teoriku kif xieraq għal kull kompitu awtorizzat. It-twettiq b'suċċess tat-taħriġ għandu jintwera b'eżami jew b'valutazzjoni fuq il-post tax-xogħol. It-taħriġ tal-kompitu u l-eżami/valutazzjoni għandhom jitwettqu mill-organizzazzjoni ta' manutenzjoni li toħroġ l-awtorizzazzjoni tal-persunal li jiċċertifika. L-esperjenza prattika għandha tinkiseb fi ħdan tali organizzazzjoni ta' manutenzjoni.

▼M1

145.A.36 **Rekords tal-istaff għar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà**

L-organizzazzjoni għandha tirreġistra d-dettalji kollha rigward l-istaff li jiċċertifika u għandha żżomm lista attwali tal-membri kollha tal-istaff li jiċċertifika, flimkien mal-ambitu tal-approvazzjoni tagħhom bħala parti mill-espożizzjoni tal-organizzazzjoni skont il-punt 145.A.70(a)6.

L-organizzazzjoni għandha żżomm ir-rekord għall-aħħar tliet snin tal-istaff imsemmi f'dan il-punt li jkun temm l-impjieg (jew l-impenn bħala kuntrattur jew voluntier) mal-organizzazzjoni jew malli tkun ġiet irtirata l-awtorizzazzjoni. Barra minn hekk, fuq talba, l-organizzazzjoni tal-manutenzjoni għandha tforni lill-membri tal-istaff imsemmi f'dan il-punt b'kopja tar-reġistru personali tagħhom meta jħallu l-organizzazzjoni.

L-istaff imsemmi f'dan il-punt għandu jingħata l-aċċess wara talba għar-rekords personali tagħhom kif spjegat hawn fuq.

▼M5

145.A.40 **Tagħmir u għodod**

(a) L-organizzazzjoni għandu jkollha disponibbli u tuża t-tagħmir u l-għodod meħtieġa biex twettaq l-ambitu tax-xogħol approvat.

(i) Meta l-manifattur jispeċifika għodda jew tagħmir partikolari, l-organizzazzjoni għandha tuża dik l-għodda jew tagħmir, sakemm l-awtorità kompetenti ma tkunx ftiehmet dwar l-użu ta' għodda jew tagħmir alternattiv permezz ta' proċeduri speċifikati fl-espożizzjoni (manwal).

(ii) It-tagħmir u l-għodda għandhom ikunu disponibbli b'mod permanenti, għajr fil-każ ta' kwalunkwe għodda jew tagħmir li tant ma jintużax li d-disponibbiltà permanenti tiegħu ma tkunx meħtieġa. Tali każijiet għandhom ikunu ddettaljati fi proċedura tal-manwal.

(iii) Organizzazzjoni approvata għall-manutenzjoni bażika għandu jkollha tagħmir suffiċjenti għall-aċċess ta' inġenji tal-ajru u pjattaformi/dokks ta' spezzjoni sabiex l-inġenju tal-ajru jkun jista' jiġi spezzjonat kif xieraq.

▼B

(b) L-organizzazzjoni għandha tiżgura li l-għodda, it-tagħmir u b'mod partikolari t-tagħmir tal-laboratorju kollha, jiġu kkontrollati u kkalibrati kif xieraq skont standard rikonoxxut b'mod uffiċjali bi frekwenza li tiżgura s-servizzjar u l-preċiżjoni. L-organizzazzjoni għandha żżomm tali rekords ta' kalibrazzjonijiet u traċċabbiltà mal-istandard.

▼M5

145.A.42 **Komponenti**

(a) Klassifikazzjoni tal-komponenti. Il-komponenti kollha għandhom jiġu kklassifikati u ssegregati kif xieraq fil-kategoriji li ġejjin:

▼M11

(i) Komponenti li huma f'kundizzjoni sodisfaċenti, rilaxxati għall-użu b'Formola 1 tal-EASA jew b'formola ekwivalenti u mmarkati f'konformità mas-Sottoparti Q tal-Anness I (Parti 21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fil-punt 21.A.307 tal-Anness I (Parti 21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012, fil-punt M.A.502 tal-Anness I (Parti-M), fil-punt ML.A.502 tal-Anness III (Parti-ML), jew f'dan l-Anness (Parti-145).

▼M5

(ii) Komponenti li ma jistax isir servizz fuqhom li l-manutenzjoni tagħhom għandha ssir skont dan ir-Regolament.

▼M6
▼C2

(iii) Komponenti kkategorizzati bħala li ma humiex salvabbli minħabba li jkunu laħqu l-limitazzjoni ta' żmien obbligatorja tagħhom jew ikollhom difett li ma jissewwiex

▼M5

(iv) Partijiet standard użati fuq inġenju tal-ajru, magna, skrun jew xi komponent ieħor ta' inġenju tal-ajru meta jkunu speċifikati fid-dejta tal-manutenzjoni u akkumpanjati b'evidenza ta' konformità traċċabbli mal-istandard applikabbli.

(v) Materjal, bażiku jew konsumabbli, użat matul il-manutenzjoni meta l-organizzazzjoni tkun issodisfata li l-materjal huwa skont l-ispeċifikazzjoni meħtieġa u għandu t-traċċabbiltà xierqa. Il-materjal kollu għandu jkun akkumpanjat minn dokumenti relatati b'mod ċar mal-materjal partikolari u li jinkludu dikjarazzjoni ta' konformità mal-ispeċifikazzjonijiet kif ukoll l-oriġini tal-manifattur u tal-fornitur.

(b) Komponenti, partijiet standard u materjali għall-installazzjoni

(i) L-organizzazzjoni għandha tistabbilixxi proċeduri għall-aċċettazzjoni tal-komponenti, tal-partijiet standard u tal-materjali għall-installazzjoni sabiex jiġi żgurat li l-komponenti, il-partijiet standard u l-materjali jkunu f'kundizzjoni sodisfaċenti u jissodisfaw ir-rekwiżiti applikabbli tal-punt (a).

(ii) L-organizzazzjoni għandha tistabbilixxi proċeduri sabiex tiżgura li komponenti, partijiet standard u materjali jiġu installati fuq inġenju tal-ajru jew komponent biss jekk ikunu f'kundizzjoni sodisfaċenti, jekk jissodisfaw ir-rekwiżiti applikabbli tal-punt (a) u jekk id-dejta tal-manutenzjoni applikabbli tispeċifika l-komponent, parti standard jew materjal partikolari.

(iii) L-organizzazzjoni tista' tiffabrika firxa ristretta ta' partijiet biex jintużaw waqt ix-xogħol li jkun għaddej fil-faċilitajiet tagħha, dejjem jekk il-proċeduri jkunu identifikati fl-espożizzjoni (manwal).

▼M11

(iv) Il-komponenti msemmija fil-punt (b)(2) tal-punt 21.A.307 tal-Anness I (Parti 21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012 għandhom jiġu installati biss jekk jitqiesu eliġibbli għall-installazzjoni minn sid l-inġenju tal-ajru fl-inġenju tal-ajru tiegħu stess.

▼M5

(c) Segregazzjoni tal-komponenti

(i) Il-komponenti li ma jistax isir servizz fuqhom u dawk li ma humiex salvabbli għandhom jiġu ssegregati minn komponenti, partijiet standard u materjali li jista' jsir servizz fuqhom.

▼M6

▼C2

(ii) Il-komponenti li ma humiex salvabbli ma għandhomx jitħallew jidħlu mill-ġdid fis-sistema tal-forniment tal-komponenti sakemm il-limitazzjoni ta' żmien obbligatorja tagħhom ma tkunx ġiet estiża jew sakemm ma tkunx ġiet approvata soluzzjoni ta' tiswija skont ir-Regolament (UE) Nru 748/2012.

▼B

145.A.45 **Dejta tal-manutenzjoni**

(a) L-organizzazzjoni għandha żżomm u tuża dejta ta' manutenzjoni attwali u applikabbli fit-twettiq tal-manutenzjoni, inkluż modifiki u tiswijiet.“Applikabbli” tfisser rilevanti għal kull inġenju tal-ajru, komponent jew proċess speċifikat fl-iskeda tal-gradazzjoni tal-klassi tal-approvazzjoni tal-organizzazzjoni u fi kwalunkwe lista tal-kapaċità assoċjata.

Fil-każ ta' dejta ta' manutenzjoni pprovduta minn operatur jew konsumatur, l-organizzazzjoni għandha żżomm tali dejta meta x-xogħol ikun għaddej, bl-eċċezzjoni tal-ħtieġa li tikkonforma mal-punt 145.A.55(c).

▼M11

(b) Id-*data* tal-manutenzjoni applikabbli hija d-*data* speċifikata fil-punt M.A.401(b) tal-Anness I (Parti-M) jew fil-punt M.A.401(b) tal-Anness Vb (Parti-ML), kif ikun applikabbli.

▼B

(c) L-organizzazzjoni għandha tistabbilixxi proċeduri biex tiżgura li jekk fid-dejta tal-manutenzjoni użata mill-persunal tal-manutenzjoni tinstab kwalunkwe proċedura, prattika, informazzjoni jew struzzjoni għall-manutenzjoni mhix preċiża, mhix kompluta jew ambigwa, din tiġi rreġistrata u nnotifikata lill-awtur tad-dejta tal-manutenzjoni.

(d) L-organizzazzjoni tista' timmodifika biss struzzjonijiet tal-manutenzjoni skont il-proċedura speċifikata fl-espożizzjoni tal-organizzazzjoni tal-manutenzjoni. Fir-rigward ta' dawk it-tibdiliet, l-organizzazzjoni għandha turi li jirriżultaw fi standards ta' manutenzjoni ekwivalenti jew imtejba u li għandha tinforma lid-detentur taċ-ċertifikat tat-tip b'tali bidliet. L-istruzzjonijiet tal-manutenzjoni għall-għanijiet ta' dan il- punt jfissru struzzjonijiet dwar kif jitwettaq il-kompitu ta' manutenzjoni partikolari: se jeskludu d-disinn tal-inġinerija ta' tiswijiet u modifiki.

▼B

(e) L-organizzazzjoni għandha tipprovdi karta tal-ħidma komuni u sistema ta' worksheet biex jintużaw mill-partijiet rilevanti tal-organizzazzjoni. Barra minn hekk, l-organizzazzjoni għandha tittraskrivi b'mod preċiż id-dejta tal-manutenzjoni inkluża fil-punti (b) u (d) dwar tali karti tal-ħidma jew worksheets jew tagħmel referenza preċiża għall-kompitu ta' manutenzjoni partikolari jew kompiti inklużi f'tali dejta ta' manutenzjoni. Karti tal-ħidma u worksheets jistgħu jiġu ġġenerati permezz tal-kompjuter u jinżammu fuq bażi ta' dejta elettroniku soġġett għal salvagwardji adegwati kontra tibdil mhux awtorizzat u bażi ta' dejta elettroniku għall-back-up li għandu jiġi aġġornat fi żmien 24 siegħa mid-dħul ta' kwalunkwe entrata li ssir fil-bażi ta' dejta elettroniku ewlieni. Kompiti ta' manutenzjoni kumplessi għandhom jiġu transkritti fuq il-karti tal-ħidma jew il-worksheets u suddiviżi fi stadji ċari biex jiġi żgurat rekord tat-twettiq tal-kompitu tal-manutenzjoni komplet.

Fejn l-organizzazzjoni tipprovdi servizz ta' manutenzjoni lil operatur ta' inġenju tal-ajru li jeħtieġ li l-karta tal-ħidma jew is-sistema tal-worksheets tiegħu tintuża, mela tali karta tal-ħidma jew sistema tal-worksheets għandha tintuża. F'dan il-każ, l-organizzazzjoni għandha tistabbilixxi proċedura biex tiżgura t-tlestija korretta tal-karti tal-ħidma jew il-worksheets tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru.

(f) L-organizzazzjoni għandha tiżgura li d-dejta tal-manutenzjoni applikabbli kollha hija diġà disponibbli għall-użu meta meħtieġa mill-persunal tal-manutenzjoni.

(g) L-organizzazzjoni għandha tistabbilixxi proċedura biex tiżgura li d-dejta tal-manutenzjoni li tikkontrolla tinżamm aġġornata. Fil-każ ta' dejta tal-manutenzjoni kkontrollata jew ipprovduta minn operatur/-konsumatur, l-organizzazzjoni għandha tkun tista' turi li għandha konferma bil-miktub mill-operatur/konsumatur li tali dejta tal-manutenzjoni kollha hija aġġornata jew li għandha ordnijiet tax-xogħol li jispeċifikaw li l-istatus tal-emenda tad-dejta tal-manutenzjoni li għandha tintuża, jew tkun tista' turi li tinsab fuq il-lista tal-emendi tad-dejta tal-manutenzjoni tal-operatur/konsumatur.

145.A.47 **Ippjanar tal-produzzjoni**

(a) L-organizzazzjoni għandu jkollha sistema xierqa għall-ammont u l-kumplessità tax-xogħol biex tippjana d-disponibbiltà tal-persunal, l-għodda, it-tagħmir, il-materjal, id-dejta tal-manutenzjoni u l-faċilitajiet kollha meħtieġa sabiex tiżgura t-tlestija sikura tax-xogħol tal-manutenzjoni.

(b) L-ippjanar tal-kompiti tal-manutenzjoni, u l-organizzazzjoni tax-xifts, għandu jieħu inkonsiderazzjoni l-limitazzjonijiet tal-prestazzjoni umana.

(c) Meta jkun meħtieġ li l-kontinwazzjoni jew it-tlestija ta' kompiti ta' manutenzjoni għal raġunijiet ta' bdil tax-xift jew bdil fil-persunal tgħaddi minn persuna għal oħra, l-informazzjoni rilevanti għandha tiġi kkomunikata b'mod adegwat bejn il-persunal li jkun ħiereġ u dak li jkun dieħel.

▼M2

145.A.48 **Twettiq tal-manutenzjoni**

L-organizzazzoni għandha tistabbilixxi proċeduri sabiex jiġi żgurat li:

(a) wara li titlesta l-manutenzjoni kollha għandha titwettaq verifika ġenerali biex jiġi żgurat li l-inġenju tal-ajru jew il-komponent, ma għandu l-ebda għodda, tagħmir u kwalunkwe part jew materjal estranju, u li l-pannelli kollha ta' aċċess maqlugħin, ikunu twaħħlu mill-ġdid.

(b) jiġi implimentat metodu li jaqbad l-iżbalji wara t-twettiq ta' kwalunkwe kompitu ta' manutenzjoni kritika;

▼M2

(c) ir-riskju ta' żbalji multipli waqt il-manutenzjoni u r-riskju tal-iżbalji ripetuti f'kompiti identiċi ta' manutenzjoni jiġu minimizzati; u

▼M8

(d) il-ħsara tiġi vvalutata u l-modifiki u t-tiswijiet isiru bl-użu tad-*data* speċifikata fil-punt M.A.304 tal-Anness I (Parti-M) jew fil-punt ML.A.304 tal-Anness Vb (Parti-ML), skont kif ikun applikabbli.

▼B

145.A.50 **Ċertifikazzjoni tal-manutenzjoni**

(a) Ċertifikat ta' ħurġ għall-użu għandu jkun maħruġ minn persunal li jiċċertifika awtorizzat għan-nom tal-organizzazzjoni meta dawn ikunu ċċekkjaw li l-manutenzjoni kollha mitluba twettqet sew mill-organizzazzjoni skont il-proċedura speċifikati fil-punt 145.A.70, u b'kunsiderazzjoni għad-dejta tal-manutenzjoni disponibbli u l-użu tagħha kif speċifikat fil-punt 145.A.45 u li m'hemm ebda nuqqas ta' konformità li hu magħruf li jpoġġi s-sikurezza tat-titjira fil-periklu.

(b) Ċertifikat għar-rilaxx għas-servizz għandu jinħareġ qabel titjira mat-tlestija ta' kwalunkwe manutenzjoni.

(c) L-operatur tal-inġenju tal-ajru għandu jiġi mgħarraf b'difetti ġodda jew ordnijiet tax-xogħol tal-manutenzjoni mhux kompluti, identifikati matul il-manutenzjoni hawn fuq, għar-raġuni speċifika biex jinkiseb ftehim biex jiġu retifikati tali difetti jew biex jitlestew l-elementi nieqsa tal-ordni tax-xogħol tal-manutenzjoni. Fil-każ fejn operatur ta' inġenju tal-ajru jirrifjuta milli jwettaq tali manutenzjoni skont il- punt, il-punt (e) huwa applikabbli.

▼M6
▼C2

(d) Ċertifikat tar-rilaxx għas-servizz għandu jinħareġ wara li ssir il-manutenzjoni meħtieġa fuq komponent waqt li ma jkunx qiegħed fuq l-inġenju tal-ajru. ►M8 Iċ-ċertifikat tar-rilaxx awtorizzat tal-"Formola 1 tal-EASA" msemmi fl-Appendiċi II tal-Anness I (Parti-M) jikkostitwixxi ċ-ċertifikat tar-rilaxx għas-servizz tal-komponenti għajr jekk speċifikat mod ieħor fil-punt M.A.502 tal-Anness I (Parti-M) jew fil-punt ML.A.502 tal-Anness Vb (Parti-ML), skont kif ikun applikabbli. ◄ Meta organizzazzjoni tagħmel manutenzjoni fuq komponent għall-użu tagħha stess, il-Formola 1 tal-EASA tista' ma tkunx meħtieġa, skont il-proċeduri interni tal-ħruġ tal-organizzazzjoni definiti fil-preżentazzjoni.

▼B

(e) B'deroga għall- punt (a), meta organizzazzjoni ma tkunx kapaċi tlesti l-manutenzjoni kollha ordnata, din sita' toħroġ ċertifikat għar-rilaxx għas-servizz fil-limiti tal-inġenju tal-ajru approvati. L-organizzazzjoni għandha tniżżel tali fatt fiċ-ċertifikat għar-rilaxx għas-servizz tal-inġenju tal-ajru, qabel ma dan iċ-ċertifikat jinħareġ.

(f) B'deroga għall- punti (a) u 145.A.42, meta inġenju tal-ajru jibqa' l-art f'post minbarra l-istazzjon bil-linja ewlieni jew il-bażi għall-manutenzjoni ewlenija minħabba n-nuqqas ta' disponibbiltà ta' komponent b'ċertifikat għar-rilaxx xieraq, huwa permess li temporanjament jitwaħħal komponent mingħajr iċ-ċertifikat għar-rilaxx xieraq għal massimu ta' 30 siegħa ta' titjira jew sakemm l-ewwel inġenju tal-ajru jirritorna lura l-istazzjon bil-linja ewlieni jew il-bażi għall-manutenzjoni, skont liema waħda minnhom tkun l-eqreb, soġġett għall-ftehim tal-operatur tal-inġenju tal-ajru u li dan il-komponent ikollu ċertifikat għar-rilaxx xieraq, iżda li xorta huwa konformi mal-manutenzjoni applikabbli u r-rekwiżiti operazzjonali kollha. Tali komponenti għandhom jitneħħew sal-limitu ta' żmien preskritt hawn fuq, sakemm sadanittant ma jinkisibx ċertifikat għar-rilaxx xieraq skont il- punti (a) u 145.A.42.

▼M1

145.A.55 **Rekords tar-reviżjoni tal-manutenzjoni u l-ajrunavigabbiltà**

▼M8

(a) L-organizzazzjoni għandha tirreġistra d-dettalji kollha tax-xogħol ta' manutenzjoni mwettaq. Bħala minimu, l-organizzazzjoni għandha żżomm ir-rekords meħtieġa bħala prova li r-rekwiżiti kollha għall-ħruġ taċ-ċertifikat tar-rilaxx għas-servizz ġew issodisfati, inkluż id-dokumenti għar-rilaxx tas-sottokuntrattur, u għall-ħruġ ta' kwalunkwe ċertifikat tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà.

(b) L-organizzazzjoni għandha tipprovdi kopja ta' kull ċertifikat tar-rilaxx għas-servizz lis-sid jew lill-operatur tal-inġenju tal-ajru, flimkien ma' kopja ta' kwalunkwe rekord dettaljat tal-manutenzjoni assoċjat mal-ħidma mwettqa u meħtieġ biex tintwera l-konformità mal-punt M.A.305 tal-Anness I (Parti-M) jew mal-punt ML.A.305 tal-Anness Vb (Parti-ML), skont kif ikun applikabbli.

▼M6
▼C1

(c) ►M8 L-organizzazzjoni għandha żżomm kopja tar-rekords dettaljati kollha tal-manutenzjoni u kwalunkwe *data* tal-manutenzjoni assoċjata għal tliet snin mid-data ta' meta l-organizzazzjoni tkun ħarġet iċ-ċertifikat tar-rilaxx għas-servizz għall-inġenju tal-ajru jew għall-komponent tal-inġenju tal-ajru li fuqu jkun sar ix-xogħol. Barra minn hekk, għandha żżomm kopja tar-rekords kollha marbuta mal-ħruġ taċ-ċertifikati tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà għal tliet snin mid-data tal-ħruġ u għandha tipprovdi kopja tagħhom lil sid l-inġenju tal-ajru. ◄

1. Ir-rekords skont dan il-punt għandhom jinħażnu b'tali mod li jiżgura li jitħarsu mill-ħsara, it-tibdil jew is-serq.

2. Il-ħardwer kollu tal-kompjuter użat sabiex isiru kopji backup għandu jinżamm f'postijiet differenti minn dawk li fihom id-*data* dwar ix-xogħol, b'tali mod li tkun żgurata l-kondizzjoni tajba tagħhom.

3. Meta organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata skont dan l-Anness ittemm l-operazzjonijiet tagħha, ir-rekords kollha tal-manutenzjoni mill-perjodu tal-aħħar tliet snin qabel it-tlestija tax-xogħlijiet għandhom jingħataw lill-aħħar sid jew klijent tal-inġenju tal-ajru jew tal-komponent rispettiv jew għandhom jinħażnu skont kif jiġi speċifikat mill-awtorità kompetenti.

▼B

145.A.60 **Rappurtar ta' okkorrenzi**

(a) L-organizzazzjoni għandha tirrapporta lill-awtorità kompetent lill-istat tar-reġistru u lill-organizzazzjoni responsabbli mid-disinn tal-inġenju tal-ajru jew il-komponent, kull kundizzjoni tal-inġenju tal-ajru jew komponent identifikat mill-organizzazzjoni li rriżultat jew jista' jirriżulta f'kundizzjoni mhux sikura li tipperikola serjament is-sikurezza tat-titjira.

(b) L-organizzazzjoni għandha tistabbilixxi sistema ta' rappurtat ta' okkorrenza interna kif dettaljat fl-espożizzjoni li tippermetti l-ġbir u l-evalwazzjoni ta' tali rapporti, inkluż il-valutazzjoni u l-estrazzjoni ta' dawk l-okkorrenzi biex jiġu rrappurtati skont il-punt (a). Din il-proċedura għandha tidentifika xejriet kuntrarji, azzjonijiet korrettivi meħuda jew li għandhom jittieħdu mill-organizzazzjoni biex tindirizza d-defiċenzi u tinkludi l-evalwazzjoni tal-informazzjoni rilevanti kollha magħrufa għal tali okkorrenzi u metodu għaċ-ċirkolazzjoni tal-informazzjoni kif meħtieġ.

(c) L-organizzazzjoni għandha tagħmel tali rapporti f'forma u b'mod stabbiliti mill-Aġenzija u tiżgura li dawn ikunu jinkludu l-informazzjoni pertinenti kollha dwar ir-riżultati tal-kunduzzjoni u l-evalwazzjoni li taf bihom l-organizzazzjoni.

▼B

(d) Fejn l-organizzazzjoni hija kkuntrattata minn operatur kummerċjali biex twettaq manutenzjoni, l-organizzazzjoni għandha tirraporta wkoll kull kundizzjoni bħal din li qed taffettwa l-inġenju tal-ajru jew komponent tal-operatur.

(e) L-organizzazzjoni għandha tipproduċi u tissottometti tali rapporti malajr kemm jista' jkun iżda fi żmien 72 siegħa minn meta l-organizzazzjoni tidentifika l-kundizzjoni li hu marbuta magħha r-rapport.

145.A.65 **Politika tas-sikurezza u tal-kwalità, proċeduri ta' manutenzjoni u sistema tal-kwalità**

(a) L-organizzazzjoni għandha tistabbilixxi politika tas-sikurezza u tal-kwalità biex tiġi inkluża fl-espożizzjoni taħt il-punt 145.A.70.

▼M2

(b) L-organizzazzjoni għandha tistabbilixxi proċeduri miftiehma mill-awtorità kompetenti li jqisu l-fatturi umani u l-prestazzjoni umana sabiex ikunu żgurati prattiki tajbin ta' manutenzjoni u konformità mar-rekwiżiti applikabbli stabbiliti fil-punt 145.A.25 sa 145.A.95. Il-proċeduri skont dan il-punt għandhom:

1. jiżguraw li kien hemm qbil dwar ordni tax-xogħol jew kuntratt ċar bejn l-organizzazzjoni u l-organizzazzjoni li qed titlob il-manutenzjoni biex jiġi stabbilit b'mod ċar ix-xogħol ta' manutenzjoni li għandu jsir sabiex l-inġenju tal-ajru u l-komponenti jistgħu jiġu rilaxxati għall-użu skont il-punt 145.A.50; u,

2. ikopru l-aspetti kollha tat-twettiq tal-manutenzjoni, inklużi l-forniment u l-kontroll tas-servizzi speċjalizzati u l-iffissar tal-istandards li l-organizzazzjoni beħsiebha taħdem bihom.

▼B

(c) L-organizzazzjoni għandha tistabbilixxi sistema tal-kwalità li tindkludi dan li ġej:

1. Verifiki indipendenti sabiex tissorvelja l-konformità mal-istandards tal-inġenji tal-ajru/komponenti tal-inġenji tal-ajru u l-adegwatezza mal-proċeduri biex tiżgura li tali proċeduri jinvokaw prattiki ta' manutenzjoni tajba u komponenti tal-inġenji tal-ajru/inġenji tal-ajru ajrunavigabbli. Fl-iżgħar organizzazzjonijiet il-parti ta' verifika indipendenti tas-sistema tal-kwalità tista' tiġi kkuntrattata lil organizzazzjoni oġra approvata skont din il-Parti jew persuna bl-għarfien tekniku xieraq u l-esperjenza ta' verifika sodisfaċenti ppruvata; u

2. sistema tar-rappurtar tar-rispons tal-kwalità lill-persuna jew il-grupp ta' persuni speċifikati fil-punt 145.A.30(b) u fl-aħħar mill-aħħar lill-maniġer responsabbli li jiżgura li tittieħed azzjoni korrettiva xierqa u fil-ħin bi tweġiba għar-rapporti li jirriżultaw mill-verifiki indipendenti stabbiliti biex jissodisfaw il- punt (1).

145.A.70 **Espożizzjoni tal-organizzazzjoni tal-manutenzjoni**

(a) "Espożizzjoni tal-organizzazzjoni tal-manutenzjoni" tfisser id-dokument jew id-dokumenti li jinkludu l-materjal li jispeċifika l-ambitu tax-xogħol li meqjus li jikkostitwixxi approvazzjoni u juri kif l-organizzazzjoni beħsiebha tikkonforma ma' dan l-Anness (Parti-145). L-organizzazzjoni għandha tipprovdi lill-awtorità kompetenti bl-espożizzjoni tal-organizzazzjoni tal-manutenzjoni, li tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

▼B

1. Dikjarazzjoni ffirmata mill-manager responsabbli li fiha jikkonferma li f'kull ħin se jkun hemm konformità mal-espożizzjoni tal-organizzazzjoni tal-produzzjoni u kwalunkwe manwali assoċjati li jiddefinixxu l-konformità tal-organizzazzjoni approvata ma' dan l-Anness (Parti-145). Meta maniġer responsabbli ma jkunx l-uffiċjal kap eżekuttiv tal-organizzazzjoni, tali uffiċjal kap eżekuttiv għandu jikkontrofirma din id-dikjarazzjoni;

2. il-politika dwar is-sikurezza u l-kwalità tal-organizzazzjoni kif speċifikat fil-punt 145.A.65;

3. it-titlu(i) u l-isem/ismijiet tal-persuni nnominati skont il-punt 145.A.30(b);

4. id-dmirijiet u r-responsabilitajiet tal-persuni nnominati skont il-punt 145.A.145(c)(2), inklużi l-materji li fuqhom dawn jistgħu jittrattaw direttament mal-awtorità kompetenti f'isem l-organizzazzjoni;

5. krta tal-organizzazzjoni li turi l-ktajjen assoċjati tar-responsabbiltà bejn il-persuni nnominati skont il-punt 45.A.30(b);

▼M6
▼C2

6. lista ta' persunal li jiċċertifika, persunal ta' appoġġ u, jekk applikabbli, persunal għar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà, bl-ambitu tal-approvazzjoni tagħhom;

▼B

7. deskrizzjoni ġenerali tar-riżorsi umani;

8. deskrizzjoni ġenerali tal-faċilitajiet li hemm f'kull indirizz speċifikat fiċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tal-organizzazzjoni;

9. speċifikazzjoni tal-ambitu tax-xogħol tal-organizzazzjoni rilevanti għat-termini tal-approvazzjoni;

10. il-proċedura ta' notifika tal-punt 145.A.85 għal bidliet tal-organizzazzjoni;

11. il-proċedura ta' emenda tal-espożizzjoni tal-organizzazzjoni tal-manutenzjoni;

▼M8

12. il-proċeduri u s-sistema tal-kwalità stabbiliti mill-organizzazzjoni skont il-punti 145.A.25 sa 145.A.90 ta’ dan l-Anness (Parti-145) u kwalunkwe proċedura addizzjonali segwita skont l-Anness I (Parti-M) u l-Anness Vb (Parti-ML), skont kif ikun applikabbli;

▼B

13. lista ta' operaturi kummerċjali, fejn applikabbli, li lilhom l-organizzazzjoni tipprovdi servizz ta' manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru;

14. lista ta' organizzazzjonijiet subkuntrattati, fejn applikabbli, kif speċifikat fil-punt 145.A.75(b);

15. lista ta' stazzjonijiet bil-linja, fejn applikabbli, kif speċifikat fil-punt 145.A.75(d);

16. lista ta' organizzazzjonijiet kuntrattati, fejn applikabbli.

(b) L-espożizzjoni għandha tiġi emendata kif meħtieġ biex tibqa' deskrizzjoni aġġornata tal-organizzazzjoni. L-espożizzjoni u kull emenda sussegwenti għandhom jiġu approvati mill-awtorità kompetenti.

(c) Minkejja l- punt (b), emendi minuri għall-espożizzjoni jistgħu jiġu approvati indirettament permezz ta' proċedura ta' espożizzjoni (minn issa 'l quddiem tissejjaħ approvazzjoni indiretta).

▼B

145.A.75 **Privileġġi tal-organizzazzjoni**

F'konformita mal-espożizzjoni, l-organizzazzjoni għandha tkun intitolata twettaq il-kompiti li ġejjin:

(a) Tkompli manutenzjoni fuq kull inġenju tal-ajru u/jew komponent li għaliha tkun approvata fil-postijiet identifikati fiċ-ċertifikat ta' approvazzjoni u fl-espożizzjoni;

(b) tħejji għall-manutenzjoni ta' kull inġenju tal-ajru jew komponent li għaliha tkun approvata f'organizzazzjoni oħra li qed taħdem skont is-sistema tal-kwalità tal-organizzazzjoni. Dan jirreferi għax-xogħol li qed jitwettaq minn organizzazzjoni li mhix approvata kif xieraq biex twettaq tali manutenzjoni skont din il-Parti u hija limitata għall-ambitu tax-xogħol permess skont il-proċeduri stabbiliti fil-punt 145.A.65(b). Dan l-ambitu tax-xogħol ma għandux jinkludi verifika ta' manutenzjoni bażi ta' inġenju tal-ajru jew verifika ta' manutenzjoni ta' workshop sħiħa jew bidla ta' magna jew modulu ta' magna;

(ċ) tkompli manutenzjoni fuq kull inġenju tal-ajru jew komponent li għalih tkun approvata fi kwalunkwe post suġġetta għall-ħtieġa li din il-manutenzjoni tirriżulta jew minn qagħda fejn l-inġenju tal-ajru ma jkunx jista' jissewwa jew min-neċessità li okkażjonalment jingħata appoġġ għal manutenzjoni bil-linja, suġġett għall-kundizzjonijiet speċifikati fl-espożizzjoni;

(d) tkompli manutenzjoni fuq kull inġenju tal-ajru u/jew komponent li għalih tkun approvata f'post identifika bħala post ta' manutenzjoni bil-linja kapaċi li jsostni manutenzjoni minuri u biss jekk l-espożizzjoni tal-organizzazzjoni tippermetti tali attività u telenka tali postijiet;

(e) toħroġ ċertifikati għar-rilaxx għas-servizz fir-rigward tat-tlestija tal-manutenzjoni f'konformità mal-punt 145.A.50;

▼M6
▼C2

(f) Jekk tkun approvata b'mod speċifiku biex tagħmel dan għall-inġenji tal-ajru koperti bl-Anness Vb (Parti-ML), tista' twettaq reviżjonijiet tal-ajrunavigabbiltà u toħroġ iċ-ċertifikat ta' reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà korrispondenti skont il-kundizzjonijiet speċifikati fil-punt MLA.903 tal-Anness Vb (Parti-ML) ta' dan ir-Regolament;

___

▼B

145.A.80 **Limitazzjonijiet tal-organizzazzjoni**

L-organizzazzjoni għandha twettaq manutenzjoni biss fuq inġenju tal-ajru jew komponent li għalih tkun approvata meta l-faċilitajiet, it-tagħmir, l-għodda, il-materja, id-dejta tal-manutenzjoni u l-persunal li jiċċertifika kollha jkunu disponibbli.

145.A.85 **Tibdiliet għall-organizzazzjoni**

L-organizzazzjoni għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti bi kwalunkwe proposta biex twettaq il-bidliet li ġejjin qabel tali bidliet jidħlu fis-seħħ, biex tippermetti lill-awtorità kompetenti tiddetermina l-konformità kontinwata ma' din il-Parti u biex jekk meħtieġ, temenda ċ-ċertifikat tal-approvazzjoni, ħlief fil-każ ta' bidliet proposti fil-persunal li l-maniġment ma jkunx jaf bihom qabel, u li jridu jiġu nnotifikati malajr kemm jista' jkun possibbli.

1. isem l-organizzazzjoni;

▼B

2. il-post ewlieni tal-organizzazzjoni;

3. postijiet addizzjonali tal-organizzazzjoni;

4. il-maniġer responsabbli;

5. kull persuna maħtura skont il-punt 145.A.30(b);

▼M1

6. il-faċiltajiet, it-tagħmir, l-għodda, il-materjal, il-proċeduri, l-ambitu tax-xogħol u l-istaff li jiċċertifika u l-istaff għar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà li jistgħu jaffettwaw l-approvazzjoni.

▼B

145.A.90 **Validità kontinwata**

(a) Għandha tinħareġ approvazzjoni għal perjodu ta' żmien mhux limitat. Din għandha tibqa' valida bil-kundizzjoni li:

1. l-organizzazzjoni tibqa' konformi mal-Anness II (Parti-145), skont id-dispożizzjonijiet marbuta mat-trattament tas-sejbiet kif speċifikat skont il-punt 145.B.50; u

2. l-awtorità kompetenti li qed tingħata aċċess għall-organizzazzjoni biex tiddetermina l-konformità kontinwata ma' din il-Parti; u

3. iċ-ċertifikat ma jiġix ċedut jew irrevokat.

(b) Meta jiġi ċedut jew revokat, iċ-ċertifikat għandu jintbagħat lura lill-awtorità kompetenti.

145.A.95 **Sejbiet**

▼M6
▼C2

(a) Sejba tal-livell 1 hi kwalunkwe sejba ta' nuqqas ta' konformità sinifikanti mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness li jnaqqas l-istandard ta' sikurezza u jpoġġi f'riskju serju s-sikurezza tat-titjira.

(b) Sejba tal-livell 2 hi kwalunkwe sejba ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness li jista' jnaqqas l-istandard ta' sikurezza u jista' jpoġġi f'riskju s-sikurezza tat-titjira.

▼B

(c) Wara li d-detentur tal-approvazzjoni tal-organizzazzjoni tal-manutenzjoni jirċievi n-notifika tas-sejbiet skont il-punt 145.B.50, dan għandu jiddefinixxi pjan ta' azzjoni korrettiv u juri azzjoni korrettiva għas-sodsfazzjoni tal-awtorità kompetenti fi żmien perjodu maqbul ma' din l-awtorità.

*IT-TAQSIMA B*

**PROĊEDURI GĦALL-AWTORITAJIET KOMPETENTI**

145.B.01 **Ambitu**

Din it-taqsima tistabbilixxi l-proċeduri amministrattivi li l-awtorità kompetenti għandha ssegwi meta teżerċita l-kompiti u r-responsabbiltajiet tagħha rigward il-ħruġ, il-kontinwazzjoni, il-bdil, is-sospensjoni jew ir-revoka tal-approvazzjonijiet tal- tal-organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni taħt dan l-Anness (Parti-145).

▼B

145.B.10 **L-Awtorità kompetenti**

1. Ġenerali

L-Istat Membru għandu jaħtar awtorità kompetenti b'responsabbiltajiet allokati għall-ħruġ, il-kontinwazzjoni, il-bdil, is-sospensjoni jew ir-revoka ta' approvazzjoni ta' manutenzjoni. Din l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixi proċeduri ddokumentati u struttura organizzattiva.

2. Riżorsi

In-numru ta' persunal irid ikun xieraq biex iwettaq ir-rekwiżti kif iddettaljati f'din it-Taqsima.

3. Kwalifika u taħriġ

Il-persunal kollu involut fl-approvazzjonijiet tal- taħt dan l-Anness (Parti-145) irid:

(a) ikun kwalifikat kif xieraq u jkollu l-għarfien, l-esperjenza u t-taħriġ kollu meħtieġ biex iwettaq il-kompiti allokati lilu.

(b) ikun irċieva taħriġ/ taħriġ ta' kontinwazzjoni dwar dan l-Anness (il-Part-145) fejn rilevanti, inkluż it-tifsira u l-istandard maħsuba għalih.

4. Proċeduri

L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi proċeduri li jiddeskrivu fid-dettall kif tintlaħaq il-konformità ma' din it-Taqsima B.

Dawn il-proċeduri għandhom jiġu riveduti u emendati sabiex jiżguraw konformità kontinwata.

145.B.15 **Organizzazzjonijiet li jinsabu f'bosta Stati Membri**

Fejn il-faċilitajiet ta' manutenzjoni jinsabu f'aktar minn Stat Membru wieħed l-investigazzjoni u s-sorveljanza kontinwata tal-approvazzjoni għandhom jitwettqu flimkien mal-awtoritajiet kompetenti maħtura mill-Istati Membri li fit-territorju tagħhom jinsabu l-faċilitajiet ta' manutenzjoni l-oħra.

145.B.20 **Approvazzjoni inizjali**

1. Sakemm ikun hemm konformità mar-rekwiżiti tal-punti 145.A.30(a) u (b), l-awtorità kompetenti għandha tindika formalment l-aċċettazzjoni tagħha tal-persunal, speċifikata fil-punti 145.A.30(a) u (b), lill-applikant bil-miktub.

2. L-awtorità kompetenti għandha tivverifika li l-proċeduri speċifikati fl-espożizzjoni tal-organizzazzjoni ta' manutenzjoni jikkonformaw ma' dan l-Annex (Parti-145) u tivverifika li l-maniġer responsabbli jiffirma d-dikjarazzjoni tal-impenn.

3. L-awtorità kompetenti għandha tivverifika li l-organizzazzjoni hija konformi mar-rekwiżiti ta' danl-Annex (Parti-145).

4. Tal-anqas darba matul l-investigazzjoni għall-approvazzjoni għandha ssir laqgħah mal-maniġer responsabbli biex jiġi żgurat li hu jifhem kompletament is-sinifikat tal-approvazzjoni u r-raġuni għall-iffirmar tal-impenn tal-espożizzjoni tal-organizzazzjoni għall-konformità mal-proċeduri speċifikati f'din l-espożizzjoni.

5. Is-sejbiet kollha jridu jiġu kkonfermati bil-miktub lill-organizzazzjoni.

▼B

6. L-awtorità kompetenti għandha tirreġistra s-sejbiet, l-azzjonijiet ta' għeluq (azzjonijiet meħtieġa biex tingħalaq sejba) u r-rakkomandazzjonijiet kollha

7. Għal approvazzjoni inizjali, is-sejbiet kollha jridu jiġu kkoreġuti qabel ma l-approvazzjoni tkun tista' tinħareġ.

145.B.25 **Ħruġ tal-approvazzjoni**

1. L-awtorità kompetenti għandha tapprova formalment l-espożizzjoni u toħroġ ċertifikat ta' approvazzjoni tal-Formola 3 lill-applikant, li jinkludi l-klassifikazzjonijiet ta' approvazzjoni. L-awtorità kompetenti għandha toħroġ biss ċertifikat meta l-organizzazzjoni tkun f'konformità ma' dan l-Anness (Parti-145).

2. L-awtorità kompetenti għandha tindika l-kundizzjonijiet tal-approvazzjoni fuq iċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tal-Formola 3.

3. In-numru ta' referenza għandu jiġi inkluż fiċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tal-Formola 3 b'tali mod speċifikat mill-Aġenzija.

145.B.30 **Kontinwazzjoni ta' approvazzjoni**

Il-kontinwazzjoni ta' approvazzjoni għandha tiġi ssorveljata f'konformità mal-proċess ta' 'approvazzjoni inizjali' taħt il-punt 145.B.20. Barra minn hekk:

1. L-awtorità kompetenti għandha żżomm u taġġorna programm li jelenka l-organizzazzjonijiet ta' manutenzjoni approvati taħt is-superviżjoni tagħha, id-dati taż-żjariet ta' verifika u meta tali żjariet twettqu.

2. Kull organizzazzjoni trid tkun kompletament eżaminata għall-konformità ma' dan l-Anness (Parti-145) f'perjodi li ma jaqbżux l-24 xahar.

3. Tal-anqas darba kull 24 xahar għandha ssir laqgħa mal-maniġer responsabbli biex ikun żgurat li hu jibqa' infurmat bi kwistjonijiet sinifikanti li jirriżultaw matul il-verifiki.

145.B.35 **Tibdiliet**

1. L-awtorità kompetenti għandha tirċievi notifika mill-organizzazzjoni rigward kwalunkwe tibdila proposta kif elenkat fil-punt 145.A.85.

   L-awtorità kompetenti għandha tikkonforma mal-elementi applikabbli tal- punti ta' proċess inizjali għal kull tibdila lill-organizzazzjoni.

2. L-awtorità kompetenti tista' tippreskrivi l-kundizzjonijiet skont liema l-organizzazzjoni tista' topera matul tali bidliet sakemm ma tiddeterminax li l-approvazzjoni għandha tiġi sospiża.

145.B.40 **Tibdiliet għall-Espożizzjoni ta' Organizzazzjoni ta' Manutenzjoni**

Għal kwalunkwe bidla fil-Preżentazzjoni tal-Organizzazzjoni ta' Manutenzjoni (MOE):

1. Fil-każ ta' approvazzjoni diretta tal-bidliet skont il-punt M.A.145.A.70(b), l-awtorità kompetenti għandha tivverifika li l-proċeduri speċifikati fl-espożizzjoni huma konformi ma' dan l-Anness (Parti 145) qabel ma tinnotifika formalment lill-organizzazzjoni approvata dwar l-approvazzjoni.

▼B

2. Fil-każ li proċedura ta' approvazzjoni indiretta tintuża għall-approvazzjoni tal-bidliet skont il-punt 145.A.70(c), l-awtorità kompetenti għandha tiżgura (i) li l-bidliet jibqgħu minuri u (ii) li għandha kontroll adegwat fuq l-approvazzjoni tal-bidliet biex tiżgura li jibqgħu f'konformità mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness (Parti-145).

145.B.45 **Revoka, sospensjoni u limitazzjoni tal-approvazzjoni**

L-awtorità kompetenti għandha:

(a) tissospendi approvazzjoni għal raġunijiet validi fil-każ ta' theddida potenzjali lis-sikurezza; jew

(b) tissospendi, tirrevoka jew tillimita approvazzjoni skont il-punt 145.B.50.

145.B0.50 **Sejbiet**

(a) Meta matul il-verifiki jew permezz ta' mezz ieħor tinstab evidenza li turi nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness (Parti-145), l-awtorità kompetenti għandha tieħu l-azzjonijiet li ġejjin:

1. Għal sejbiet ta' livell 1, l-awtorità kompetenti għandha tieħu azzjoni immedjata biex tirrevoka, tillimita jew tissospendi kompletament jew parzjalment, jiddependi mid-daqs tas-sejba ta' livell 1, l-approvazzjoni tal-organizzazzjoni ta' manutenzjoni, sakemm l-organizzazzjoni jirnexxilha twettaq l-azzjonijiet korrettivi.

2. Għal sejbiet ta' livell 2, il-perjodu ta' azzjoni korrettiva mogħti mill-awtorità kompetenti jrid ikun adattat skont in-natura tas-sejba, iżda fi kwalunkwe każ fil-bidu inizjalment dan ma jridx ikun aktar minn tliet xhur. F'ċerti ċirkostanzi u soġġett għan-natura tas-sejba, l-Awtorità Kompetenti tista' testendi l-perjodu ta' tliet xhur, soġġett għal pjan sodisfaċenti ta' azzjoni korrettiva li dwaru jrid ikun hemm ftehim mal-Awtorità Kompetenti.

(b) L-awtorità kompetenti għandha tieħu azzjoni biex tissospendi l-approvazzjoni kollha, jew parti minnha, f'każ li ma tiġix rispettata l-iskeda mogħtija mill-awtorità kompetenti.

145.B.55 **Żamma ta' rekords**

1. L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi sistema għaż-żamma ta' rekords bi kriterji minimi taż-żamma li tippermetti t-traċċabbiltà adegwata tal-proċess tal-ħruġ, taż-żamma, tal-emenda, tas-sospensjoni jew tar-revoka ta' kull approvazzjoni ta' organizzazzjoni individwali.

2. Ir-rekords bħala minimu għandhom jinkludu:

(a) l-applikazzjoni għal approvazzjoni ta' organizzazzjoni, inkluż il-kontinwazzjoni tagħha.

(b) il-programm ta' sorveljanza kontinwata tal-awtorità kompetenti inklużi r-rekords kollha tal-verifiki.

(c) iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tal-organizzazzjoni inkluż kwalunkwe tibdila li ssirlu.

(d) kopja tal-programm ta' verifika li jelenka d-dati meta l-verifiki huma dovuti u meta l-verifiki twettqu.

▼B

(e) kopji tal-korrispondenza formali kollha inkluż il-Formola 4 jew l-ekwivalenti.

(f) dettalji ta' kwalunkwe azzjoni(jiet) ta' eżenzjoni u infurzar.

(g) kwalunkwe formola tar-rapport ta' verifika tal-awtorità kompetenti.

(h) espożizzjonijiet tal-organizzazzjoni tal-manutenzjoni.

3. Il-perjodu minimu taż-żamma għar-rekords hawn fuq għandu jkun ta' erba' snin.

4. L-awtorità kompetenti tista' tagħżel li tuża sistema tal-kompjuter jew bil-karti jew taħlita tat-tnejn, soġġetta għal kontrolli xierqa.

▼M6
▼C2

145.B.60 **Eżenzjonijiet**

Meta Stat Membru jagħti eżenzjoni mir-rekwiżiti ta' dan l-Anness skont l-Artikolu 71 tar-Regolament (UE) 2018/1139, l-awtorità kompetenti għandha tirreġistra l-eżenzjoni. Għandha żżomm dawk ir-rekords għall-perjodu previst fil-punt (3) tal-punt 145.B.55.

▼B

*Appendiċi I*

**Ċertifikat ta' Rilaxx Awtorizzat — Formola 1 tal-EASA**

Id-dispożizzjonijet tal-Appendiċi II tal-Anness I (Parti-M) japplikaw.

▼B

*Appendiċi II*

**Sistema ta' Klassijiet u Kategorijiużata għall-Approvazzjoni tal-Organizzazzjonijiet tal-Manutenzjoni msemmija fl-Anness I (Parti-M) Sottoparti F u fl-Anness II (Parti-145)**

Id-dispożizzjonijiet tal-Appendiċi IV tal-Anness I (Parti-M) japplikaw.

▼M6
▼C2

*Appendiċi III*

**Ċertifikat tal-Organizzazzjoni tal-Manutenzjoni — Formola 3-145 tal-EASA**

Paġna 1 minn 2

**[STAT MEMBRU (*)]**

**Membru tal-Unjoni Ewropea** (**)

**ĊERTIFIKAT TAL-ORGANIZZAZZJONI TAL-MANUTENZJONI**

Referenza: [KODIĊI TAL-ISTAT MEMBRU (*)].145.XXXX

►(1) Skont ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014 u soġġett għall-kundizzjonijiet speċifikati hawn taħt, l-[AWTORITÀ KOMPETENTI TAL-ISTAT MEMBRU (*)] b'dan tiċċertifika:

**[L-ISEM U L-INDIRIZZ TAL-KUMPANIJA]**

bħala organizzazzjoni tal-manutenzjoni f'konformità mat-Taqsima A tal-Anness II (Parti-145) tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014, approvata biex tagħmel manutenzjoni fuq il-prodotti, il-partijiet u t-tagħmir elenkati fit-termini tal-approvazzjoni mehmuża u biex toħroġ ċertifikati tar-rilaxx għas-servizz relatati bl-użu tar-referenzi ta' hawn fuq u, meta jkun stipulat, biex toħroġ ċertifikati tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà wara reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà kif speċifikat fil-punt ML.A.903 tal-Anness Vb (Parti-ML) ta' dak ir-Regolament għal dawk l-inġenji tal-ajru elenkati fit-termini tal-approvazzjoni mehmuża ◄

KUNDIZZJONIJIET:

1. L-approvazzjoni hija limitata għal dak li hemm speċifikat fit-taqsima tal-ambitu tax-xogħol tal-espożizzjoni tal-organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata kif imsemmi fit-Taqsima A tal-Anness II (Parti-145), u

2. Din l-approvazzjoni teħtieġ konformità mal-proċeduri speċifikati fl-espożizzjoni tal-organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata, u

3. Din l-approvazzjoni hi valida sakemm l-organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata tibqa' f'konformità mal-Anness II (Parti-145) tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014.

4. Soġġett għal konformità mal-kundizzjonijiet imsemmija qabel, din l-approvazzjoni għandha tibqa' valida għal żmien bla limitu sakemm l-approvazzjoni ma tkunx preċedentement ġiet ċeduta, sostitwita, sospiża jew irrevokata.

Id-data tal-ħruġ oriġinali: ........................................

Id-data ta' din ir-reviżjoni: ........................................

In-Numru tar-Reviżjoni: ........................................

Iffirmata: ........................................

Għall-awtorità kompetenti: [AWTORITÀ KOMPETENTI TAL-ISTAT MEMBRU (*)]

Il-Formola 3-145 tal-EASA Ħarġa 4

(*) Jew l-EASA, jekk l-EASA hija l-awtorità kompetenti

(**) Ħassar meta l-Istat ma jkunx Stat Membru tal-UE jew l-EASA.

►(1) M8

▼C2

Paġna 2 minn 2

**ORGANIZZAZZJONI TAL-MANUTENZJONI**

**TERMINI TAL-APPROVAZZJONI**

Referenza: [KODIĊI TAL-ISTAT MEMBRU (*)].145.[XXXX]

Organizzazzjoni: [L-ISEM U L-INDIRIZZ TAL-KUMPANIJA]

| KLASSI | KATEGORIJA | LIMITAZZJONI | BAŻI | LINJA |
|---|---|---|---|---|
| **INĠENJI TAL-AJRU** (**) | (***) | ►(1) (****) | [IVA/LE] (**) | [IVA/LE] (**) |
| | (***) | (****) | [IVA/LE] (**) | [IVA/LE] (**) |
| | (***) | (****) | [IVA/LE] (**) | [IVA/LE] (**) |
| | (***) | (****) ◄ | [IVA/LE] (**) | [IVA/LE] (**) |
| **MAGNI** (**) | (***) | (***) | | |
| | (***) | (***) | | |
| **KOMPONENTI GĦAJR MAGNI KOMPLUTI JEW APUs** (**) | (***) | (***) | | |
| | (***) | (***) | | |
| | (***) | (***) | | |
| | (***) | (***) | | |
| | (***) | (***) | | |
| | (***) | (***) | | |
| **SERVIZZI SPEĊJALIZ-ZATI** (**) | (***) | (***) | | |
| | (***) | (***) | | |

Dawn it-termini ta' approvazzjoni huma limitati għal dawk il-prodotti, il-partijiet u t-tagħmir u l-attivitajiet speċifikati fit-taqsima tal-ambitu tax-xogħol tal-espożizzjoni tal-organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata,

Referenza tal-Espożizzjoni tal-Organizzazzjoni tal-Manutenzjoni: ......................................................................................

Id-data tal-ħruġ oriġinali: ......................................................................................................................................................

Id-data tal-aħħar reviżjoni approvata: .................................. In-Numru tar-Reviżjoni: .....................................................

Iffirmata: ..............................................................................................................................................................................

Għall-awtorità kompetenti: [AWTORITÀ KOMPETENTI TAL-ISTAT MEMBRU (*)]

Il-Formola 3-145 tal-EASA Ħarġa 4

(*) Jew l-EASA, jekk l-EASA hija l-awtorità kompetenti

(**) Ħassar kif ikun xieraq jekk l-organizzazzjoni mhijiex approvata.

(***) Imla billi ddaħħal il-kategorija u l-limitazzjoni xierqa

(****) Imla billi ddaħħal il-limitazzjoni xierqa u ddikjara jekk il-ħruġ ta' ċertifikati tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà huwiex awtorizzat jew le

►(1) M8

▼B

*Appendiċi IV*

**Kundizzjonijiet għall-użu tal-persunal mhux ikkwalifikat skont l-Anness III (Parti-66) li hemm referenza għalihom fil-punti 145.A.30(j) 1 u 2**

1. Il-persunal li jiċċertifika f'konformità mal-kundizzjonijiet kollha li ġejjin huwa meqjus li jissodisfa l-għanijiet ta' punt 145.A.30(j)(1) u (2):

(a) Il-persuna għandu jkollha liċenzja jew awtorizzazzjoni tal-persunal li jiċċertifika maħruġa skont regolamenti nazzjonali f'konformità sħiħa mal-Anness 1 tal-ICAO.

(b) L-ambitu tax-xogħol tal-persuna ma għandux jaqbeż l-ambitu definit mil-liċenzja nazzjonali jew mill-awtorizzazzjoni tal-persunal li jiċċertifika, tkun liema tkun l-iktar waħda restrittiva.

(c) Il-persuna għandha turi li rċeviet it-taħriġ fuq fatturi umani u fuq il-leġiżlazzjoni dwar l-avjazzjoni li hemm referenza għalih fil-moduli 9 u 10 tal-Appendiċi I tal-Anness III (Parti-66).

(d) Il-persuna għandha turi ħames snin ta' esperjenza fuq il-manutenzjoni għal persunal li jiċċertifika ta' manutenzjoni tal-linja u tmien snin għal persunal li jiċċertifika ta' manutenzjoni bażi. Madankollu, dawk il-persuni li l-kompiti tagħhom ma jaqbżux dawk tal-persunal li jiċċertifika tal-kategorija A tal-Parti-66, jeħtieġu juru tliet snin esperjenza fil-manutenzjoni biss.

(e) Persunal li jiċċertifika ta' manutenzjoni tal-linja u persunal ta' appoġġ ta' manutenzjoni bażi għandu juri li rċieva taħriġ tat-tip u għadda minn eżami fil-livell ta' kategorija B1, B2 jew B3, kif applikabbli, li hemm referenza għalih fl-Appendiċi III għall-Anness III (Parti-66) għal kull tip ta' inġenju tal-ajru fl-ambitu tax-xogħol li hemm referenza għalih fil-punt (b). Dawk il-persuni li l-ambitu tax-xogħol tagħhom ma jaqbiżx dak tal-persunal li jiċċertifika ta' kategorija A, jistgħu madankollu jirċievu taħriġ fuq il-kompitu minflok taħriġ sħiħ tat-tip.

(f) Persunal li jiċċertifika ta' manutenzjoni bażi għandu juri li rċieva taħriġ tat-tip u għadda minn eżami fil-livell ta' kategorija Ċ li hemm referenza għalih fl-Appendiċi III għall-Anness III (Parti-66) għal kull tip ta' inġenju tal-ajru fl-ambitu tax-xogħol li hemm referenza għalih fil-punt (b), għajr għall-fatt li għall-ewwel tip ta' inġenju tal-ajru, it-taħriġ u l-eżami għandhom ikunu fil-livell ta' kategorija B1, B2 jew B3 tal-Appendiċi III.

2. Drittijiet protetti

(a) Il-persunal li jkollu privileġġi qabel id-dħul fis-seħħ tar-rekwiżiti relevanti tal-Anness III (Parti-66) jista' jibqa' jeżerċitahom mingħajr ma jkollu għalfejn jikkonforma mal-punti 1(c) sa 1(f).

(b) Madankollu, wara dik id-data, kull persunal li jiċċertifika li jkun jixtieq jestendi l-ambitu tal-awtorizzazzjoni tiegħu sabiex jinkludi privileġġi addizzjonali għandu jikkonforma mal-punt 1.

(c) Minkejja l-punt 2(b) ta' hawn fuq, fil-każ ta' taħriġ tat-tip addizzjonali, il-konformità mal-punti 1(c) u 1(d) mhijiex meħtieġa.

▼B

*ANNESS III*

**(Parti-66)**

WERREJ

66.1. Awtorità kompetenti

TAQSIMA A — REKWIŻITI TEKNIĊI

SOTTOPARTI A — LIĊENZJA TA' MANUTENZJONI TA' INĠENJI TAL-AJRU

66.A.1 Ambitu

66.A.3 Kategoriji u subkategoriji ta' liċenzji

66.A.5 Gruppi ta' inġenji tal-ajru

66.A.10 Applikazzjoni

66.A.15 Eliġibbiltà

66.A.20 Privileġġi

66.A.25 Rekwiżiti ta' għarfien bażiku

66.A.30 Rekwiżit ta' esperjenza bażika

66.A.40 Validità ssuktata tal-liċenzja tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru

66.A.45 Konformità mal-klassifikazzjonijiet tal-inġenji tal-ajru

66.A.50 Limitazzjonijiet

66.A.55 Evidenza tal-kwalifiki

66.A.70 Dispożizzjonijiet tat-tibdil

TAQSIMA B — PROĊEDURI GĦALL-AWTORITAJIET KOMPETENTI

SOTTOPARTI A — ĠENERALI

66.B.1 Ambitu

66.B.10 Awtorità kompetenti

66.B.20 Żamma ta' rekords

66.B.25 Skambju reċiproku ta' informazzjoni

66.B.30 Eżenzjonijiet

SOTTOPARTI B — ĦRUĠ TA' LIĊENZJA TA' MANUTENZJONI TA' INĠENJI TAL-AJRU

66.B.100 Proċedura għall-ħruġ ta' liċenzja ta' manutenzjoni ta' inġenju tal-ajru mill-awtorità kompetenti

66.B.105 Proċedura għall-ħruġ ta' liċenzja ta' manutenzjoni ta' inġenju tal-ajru permezz tal-organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata skont Parti-145

66.B.110 Proċedura għall-bidla ta' liċenzja tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru sabiex tiġi inkluża kategorija bażika addizzjonali jew subkategorija

▼B

66.B.115 Proċedura għall-bidla ta' liċenzja tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru sabiex tiġi inkluża klassifikazzjoni ta' inġenju tal-ajru jew biex jitneħħew il-limitazzjonijiet

66.B.120 Proċedura għat-tibdil ta' liċenzji nkluż il-klassifikazzjonijiet ta' grupp

66.B.125 Proċedura għall-konverżjoni tal-liċenzji, inklużi klassifikazzjonijiet ta' gruppi

66.B.130 Proċedura għall-approvazzjoni diretta tat-taħriġ tat-tip tal-inġenji tal-ajru

SOTTOPARTI C — EŻAMIJIET

66.B.200 Examination by the competent authority

SOTTOPARTI D — TIBDIL TAL-KWALIFIKI TA' PERSUNAL LI JIĊĊERTIFIKA

66.B.300 Ġenerali

66.B.305 Rapport tat-tibdil għal kwalifiki nazzjonali

66.B.310 Rapport tat-tibdil għall-awtorizzazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet ta' manutenzjoni approvati

SOTTOPARTI E — KREDITS TAL-EŻAMIJIET

66.B.400 Ġenerali

66.B.405 Rapport tal-kredits tal-eżami

66.B.410 Il-validità tal-kredits tal-eżamijiet

SOTTOPARTI F — ŻBALL MHUX INTENZJONAT ISSOKTAT

66.B.500 Revoka, sospensjoni jew limitazzjoni tal-liċenzja tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru

APPENDIĊI

Appendiċi I — Rekwiżiti ta' Għarfien Bażiku (għajr għal liċenzja tal-kategorija L)

Appendiċi II — Standard tal-Eżami Bażiku (għajr għal liċenzja tal-kategorija L)

Appendiċi III — Standard ta' taħriġ u eżami tat-tip ta' inġenju tal-ajru. Taħriġ prattiku

Appendiċi IV — Rekwiżiti tal-esperjenza għall-estensjoni ta' liċenzja għall-manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru skont il-Parti-66

Appendiċi V — Il-Formola tal-Applikazzjoni – Il-Formola 19 tal-EASA

Appendiċi VI — Liċenzja għall-Manutenzjoni ta' Inġenji tal-Ajru msemmija fl-Anness III (Parti-66) – Formola 26 tal-EASA

▼M5

Appendiċi VII — Rekwiżiti ta' għarfien bażiku għal liċenzja għall-manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru tal-kategorija L

Appendiċi VIII — Standard ta' eżami bażiku għal liċenzja għall-manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru tal-kategorija L

▼B

### *66.1* ***Awtorità kompetenti***

(a) Għall-għanijiet ta' dan l-Anness (Parti-66), l-awtorità kompetenti għandha tkun:

1. l-awtorità maħtura mill-Istat Membru fejn il-persuna tapplika l-ewwel darba biex tinħariġilha liċenzja ta' manutenzjoni ta' inġenju tal-ajru; jew

▼B

2. l-awtorità maħtura minn Stat Membru ieħor, fil-każ li dan ikun differenti, soġġett għal ftehim mal-awtorità li hemm referenza għaliha fil-punt 1. F'dak il-każ, il-liċenzja li hemm referenza għaliha fil-punt 1 għandha tiġi revokata, ir-rekords kollha li hemm referenza għalihom fil-punt 66.B.20 għandhom jiġu ttrasferuti u għandha tinħareġ liċenzja ġdida fuq il-bażi ta' dawn ir-rekords.

(b) L-Aġenzija għandha tkun responsabbli għad-definizzjoni ta':

1. il-lista tat-tipi ta' inġenji tal-ajru; u

2. liema qafas tal-ajru/magna għandhom jiġu inklużi f'kull klassifikazzjoni ta' tip ta' inġejnu tal-ajru partikolari.

*TAQSIMA A*

**REKWIŻITI TEKNIĊI**

IS-SOTTOPARTI A

*LIĊENZJA TAL-MANUTENZJONI TAL-INĠENJI TAL-AJRU*

66.A.1 **Ambitu**

Din is-sezzjoni tiddefinixxi l-liċenzja ta' manutenzjoni ta' inġenju tal-ajru u tistabbilixxi r-rekwiżiti għall-applikazzjoni, ħruġ u kontinwazzjoni tal-validità tagħha.

▼M5

66.A.3 **Kategoriji u subkategoriji ta' liċenzji**

Il-liċenzji għall-manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru jinkludu dawn il-kategoriji li ġejjin u, fejn ikun applikabbli, is-subkategoriji u l-klassifikazzjonijiet ta' sistemi:

(a) Kategorija A, maqsuma fis-subkategoriji li ġejjin:

— A1 Ajruplani bit-Turbini;

— A2 Ajruplani bil-Pistuni;

— A3 Ħelikopters bit-Turbini;

— A4 Ħelikopters bil-Pistuni.

(b) Kategorija B1, maqsuma fis-subkategoriji li ġejjin:

— B1.1 Ajruplani bit-Turbini;

— B1.2 Ajruplani bil-Pistuni;

— B1.3 Ħelikopters bit-Turbini;

— B1.4 Ħelikopters bil-Pistuni.

(c) Kategorija B2

Il-liċenzja B2 hija applikabbli għall-inġenji tal-ajru kollha.

(d) Kategorija B2L

Il-liċenzja B2L hija applikabbli għall-inġenji tal-ajru kollha għajr dawk tal-Grupp 1 kif stipulat fil-Punt 66.A.5(1) u hija maqsuma fil-"klassifikazzjonijiet ta' sistemi" li ġejjin:

— komunikazzjoni/navigazzjoni (com/nav),

— strumenti,

— awtotitjir,

▼M5

— sorveljanza,

— sistemi ta' qafas tal-inġenju tal-ajru.

Liċenzja B2L għandu jkollha, bħala minimu, klassifikazzjoni ta' sistemi waħda.

(e) Kategorija B3

Il-liċenzja B3 hija applikabbli għall-ajruplani mhux pressurizzati b'magni bil-pistuni u b'Massa Massima tat-Tluq (MTOM) ta' 2 000 kg u inqas.

(f) Kategorija L, maqsuma fis-subkategoriji li ġejjin:

— L1C: glajders komposti,

— L1: glajders,

— L2C: glajders komposti li jaħdmu bil-magni u ajruplani ELA1 komposti,

— L2: glajders li jaħdmu bil-magni u ajruplani ELA1,

— L3H: blalen tal-arja sħuna,

— L3G: blalen tal-gass,

— L4H: iġfna tal-ajru tal-arja sħuna,

— L4G: iġfna tal-ajru tal-gass ELA2,

— L5: iġfna tal-ajru tal-gass għajr ELA2.

(g) Kategorija C

Il-liċenzja C hija applikabbli għall-ajruplani u l-ħelikopters.

66.A.5 **Gruppi ta' inġenji tal-ajru**

Għall-fini tal-klassifikazzjoni tal-liċenzji għall-manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru, l-inġenji tal-ajru għandhom jiġu kklassifikati fil-gruppi li ġejjin:

(1) Grupp 1: inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-magni, ħelikopters b'magni multipli, ajruplani b'altitudni massima ta' tħaddim iċċertifikata ta' aktar minn FL290, inġenju tal-ajru mgħammar b'sistemi fly-by-wire, iġfna tal-ajru tal-gass għajr ELA2 u inġenji tal-ajru oħrajn li jeħtieġu klassifikazzjoni tat-tip ta' inġenju tal-ajru meta definiti tali mill-Aġenzija.

L-Aġenzija tista' tiddeċiedi li tikklassifika fi Grupp 2, Grupp 3 jew Grupp 4, kif ikun xieraq, inġenju tal-ajru li jissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fl-ewwel subparagrafu, jekk hija tqis li l-kumplessità aktar baxxa tal-inġenju partikolari tiġġustifika li jsir hekk.

(2) Grupp 2: inġenji tal-ajru għajr dawk fi Grupp 1 li jappartjenu għassubgruppi li ġejjin:

(i) subgrupp 2a:

— ajruplani b'magna waħda turboprop,

▼M5

— dawk l-ajruplani turbojet u multiple-turboprop ikklassifikati mill-Aġenzija f'dan is-subgrupp minnħabba l-kumplessità aktar baxxa tagħhom.

(ii) subgrupp 2b:

— ħelikopters b'magna waħda bit-turbini,

— dawk il-ħelikopters b'magni multipli bit-turbini kklassifikati mill-Aġenzija f'dan is-subgrupp minnħabba l-kumplessità aktar baxxa tagħhom.

(iii) subgrupp 2c:

— ħelikopters b'magna waħda bil-pistuni,

— dawk il-ħelikopters b'magni multipli bil-pistuni ikklassifikati mill-Aġenzija f'dan is-subgrupp minnħabba l-kumplessità aktar baxxa tagħhom.

(3) Grupp 3: ajruplani b'magna bil-pistuni għajr dawk fil-Grupp 1.

(4) Grupp 4: glajders, glajders li jaħdmu bil-magni, blalen u iġfna tal-ajru, għajr dawk fil-Grupp 1.

▼B

66.A.10 **Applikazzjoni**

(a) Applikazzjoni għal liċenzja ta' manutenzjoni ta' inġenju tal-ajru jew għal bidla għal tali liċenzja għandha ssir fuq il-Formola 19 tal-EASA (ara l-Appendiċi V) b'mod stabbilit mill-awtorità kompetenti u għandha tintbagħat lilha.

(b) Applikazzjoni għall-bidla għal liċenzja ta' manutenzjoni ta' inġenju tal-ajru għandha ssir lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jkun ħareġ il-liċenzja ta' manutenzjoni ta' inġenju tal-ajru.

(c) Apparti d-dokumenti meħtieġa fil-punti 66.A.10(a), 66.A.10(b) u 66.B.105, kif xieraq, l-applikant għal kategoriji jew subkategoriji bażiċi addizzjonali għal liċenzja ta' manutenzjoni ta' inġenju tal-ajru għandu jissottometti l-liċenzja ta' manutenzjoni ta' inġenju tal-ajru oriġinali attwali tiegħu lill-awtorità kompetenti flimkien mal-Formola 19 tal-EASA.

(d) Meta l-applikant għal bidla tal-kategoriji bażiċi jikkwalifika għal tali bidla permezz tal-proċedura li hemm referenza għaliha fil-punt 66.B.100 fi Stat Membru li mhuwiex l-Istat Membru li ħareġ il-liċenzja, l-applikazzjoni għandha tintbagħat lill-awtorità kompetenti li hemm referenza għaliha fil-punt 66.1.

(e) Meta l-applikant għal bidla tal-kategoriji bażiċi jikkwalifika għal tali bidla permezz tal-proċedura li hemm referenza għaliha fil-punt 66.B.105 fi Stat Membru li mhuwiex l-Istat Membru li ħareġ il-liċenzja, l-organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata skont l-Anness II (Parti-145) għandha tibgħat il-liċenzja ta' manutenzjoni ta' inġenju tal-ajru flimkien mal-Formola 19 tal-EASA lill-awtorità kompetenti li hemm referenza għaliha fil-punt 66.1 għal timbru u firma tal-bidla jew ħruġ mill-ġdid tal-liċenzja, kif jixraq.

(f) Kull applikazzjoni għandha tkun appoġġata minn dokumentazzjoni li turi l-konformità mal-għarfien teoretiku applikabbli, ir-rekwiżiti tat-taħriġ prattiku u tal-esperjenza fil-waqt tal-applikazzjoni.

66.A.15 **Eliġibbiltà**

Applikant għal liċenzja ta' manutenzjoni ta' inġenju tal-ajru għandu jkollu mill-inqas 18-il sena.

▼B

66.A.20 **Privileġġi**

(a) Għandhom japplikaw il-privileġġi li ġejin:

1. Liċenzja ta' manutenzjoni ta' inġenju tal-ajru ta' kategorija A tippermetti lid-detentur sabiex joħroġ ċertifikati ta' rilaxx għas-servizz wara manutenzjoni tal-linja skedata minuri u rettifika ta' difett sempliċi fi ħdan il-limiti tad-dmirijiet approvati speċifikament fuq l-awtorizzazzjoni taċ-ċertifikazzjoni li hemm referenza għaliha fil-punt 145.A.35 tal-Anness II (Parti-145). Il-privileġġi taċ-ċertifikazzjoni għandhom ikunu ristretti għal xogħol li d-detentur tal-liċenzja jkun wettaq personalment fl-organizzazzjoni tal-manutenzjoni li tkun ħarġet l-awtorizzazzjoni taċ-ċertifikazzjoni.

2. Liċenzja ta' manutenzjoni ta' inġenju tal-ajru ta' kategorija B1 għandha tippermetti lid-detentur sabiex joħroġ ċertifikati ta' rilaxx għas-servizz u sabiex jaġixxi bħala persunal ta' appoġġ B1 wara:

   — manutenzjoni mwettqa fuq struttura ta' inġenju tal-ajru, powerplant u sistemi mekkaniċi u elettriċi,

   — xogħol fuq is-sistemi avjoniċi li jirrikjedu biss testijiet sempliċi biex ikun ippruvat li jistgħu jissewwew u li ma jirrikjedux l-identifikazzjoni ta' problemi u soluzzjonijiet.

   Kategorija B1 tinkludi s-subkategorija A korrispondenti.

3. Liċenzja ta' manutenzjoni ta' inġenju tal-ajru ta' kategorija B2 għandha tippermetti lid-detentur:

   (i) sabiex joħroġ ċertifikati ta' rilaxx għas-servizz u sabiex jaġixxi bħala persunal ta' appoġġ B2 għal dawn li ġejjin:

      — manutenzjoni mwettqa fuq sistemi avjoniċi u elettriċi; u

      — kompiti elettriċi u tal-avjonika fi ħdan is-sistema tal-powerplant u s-sistema mekkanika, li jeħtieġu biss testijiet sempliċi sabiex tingħata prova ta' kemm jista' jingħatalhom servis; u

   (ii) biex joħroġ ċertifikati ta' rilaxx għal servis wara manutenzjoni tal-linja skedata minuri u korrezzjoni ta' difetti sempliċi fi ħdan il-limiti tad-dmirijiet approvati speċifikament fuq l-awtorizzazzjoni taċ-ċertifikazzjoni li hemm referenza għaliha fil-punt 145.A.35 tal-Anness II (Parti-145). Dan il-privileġġ ta' ċertifikazzjoni għandu jkun ristrett għal xogħol li d-detentur tal-liċenzja jkun wettaq personalment fl-organizzazzjoni tal-manutenzjoni li tkun ħarġet l-awtorizzazzjoni taċ-ċertifikazzjoni u limitat għall-klassifikazzjonijiet li jkunu approvati diġà fil-liċenzja B2.

   Il-liċenzja ta' kategorija B2 ma tinkludix kwalunwke subkategorija A.

▼M5

4. Liċenzja għall-manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru ta' kategorija B2L għandha tippermetti lid-detentur sabiex joħroġ ċertifikati ta' rilaxx għas-servizz u sabiex jaġixxi bħala persunal ta' appoġġ tal-kategorija B1 għal:

   — manutenzjoni mwettqa fuq sistemi elettriċi;

   — manutenzjoni mwettqa fuq sistemi tal-avjonika fil-limiti tal-klassifikazzjonijiet tas-sistemi approvati speċifikament fuq il-liċenzja, u

▼M5

— meta jkunu qed jitwettqu l-klassifikazzjoni tas-‘sistema ta' qafas tal-inġenju tal-ajru’, it-twettiq tal-kompiti elettriċi u tal-avjonika fis-sistema tal-powerplant u s-sistema mekkanika, li jeħtieġu biss testijiet sempliċi sabiex tintwera s-servizzibbiltà tagħhom.

5. Liċenzja għall-manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru ta' kategorija B3 għandha tippermetti lid-detentur sabiex joħroġ ċertifikati ta' rilaxx għas-servizz u sabiex jaġixxi bħala persunal ta' appoġġ tal-kategorija B1 għal:

— manutenzjoni mwettqa fuq l-istruttura, powerplant u sistemi mekkaniċi u elettriċi ta' ajruplan; kif ukoll

— xogħol fuq sistemi tal-avjonika li jirrikjedu biss testijiet sempliċi sabiex tintwera s-servizzibbiltà tagħhom u li ma jirrikjedux l-identifikazzjoni ta' problemi u soluzzjonijiet.

6. Liċenzja għall-manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru ta' kategorija L għandha tippermetti lid-detentur sabiex joħroġ ċertifikati ta' rilaxx għas-servizz u sabiex jaġixxi bħala persunal ta' appoġġ tal-kategorija L għal:

— manutenzjoni mwettqa fuq l-istruttura, il-powerplant u s-sistemi mekkaniċi u elettriċi ta' inġenju tal-ajru;

— xogħol fuq radju, Transmitter għas-Sejbien waqt Emerġenza (Emergency Locator Transmitters /ELT) u sistemi tat-transponder; kif ukoll

— xogħol fuq sistemi tal-avjonika oħra li jirrikjedu biss testijiet sempliċi sabiex tintwera s-servizzibbiltà tagħhom.

Is-subkategorija L2 tinkludi s-subkategorija L1. Kwalunkwe limitazzjoni għas-subkategorija L2 skont il-punt 66.A.45(h) issir applikabbli wkoll għas-subkategorija L1.

Is-subkategorija L2C tinkludi s-subkategorija L1C.

7. Liċenzja għall-manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru ta' kategorija C għandha tippermetti lid-detentur sabiex joħroġ ċertifikati ta' rilaxx għas-servizz wara manutenzjoni bażika fuq l-inġenju tal-ajru. Il-privileġġi japplikaw għall-inġenju tal-ajru kollu kemm hu.

▼B

(b) Id-detentur ta' liċenzja ta' manutenzjoni ta' inġenju tal-ajru ma jistax jeżerċita l-privileġġi tiegħu sakemm:

▼M11

1. f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli tal-Anness I (Parti-M), tal-Anness II (Parti-145), tal-Anness Vb (Parti-ML) u tal-Anness Vd (Parti-CAO); kif ukoll

▼B

2. fil-perjodu ta' sentejn preċedenti, huwa kellu sitt xhur ta' esperjenza fuq il-manutenzjoni skont il-privileġġi mogħtija mil-liċenzja ta' manutenzjoni ta' inġenju tal-ajru jew, issodisfa d-dispożizzjoni għall-ħruġ tal-privileġġi x-xierqa; u

3. għandu kompetenza adegwata biex jiċċertifika manutenzjoni fuq l-inġenju tal-ajru korrespondenti; u

4. huwa kapaċi jaqra, jikteb u jikkomunika f'livell li jiftiehem fil-lingwa/i li biha huwa/huma miktubin id-dokumentazzjoni teknika u l-proċeduri meħtieġa biex jappoġġaw il-kwistjoni taċ-ċertifikat ta' rilaxx għas-servizz.

▼B

66.A.25 **Rekwiżiti ta' għarfien bażiku**

▼M5

(a) ►M11 Għal liċenzji għajr dawk tal-kategorija L, applikant għal liċenzja għall-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru, jew għaż-żieda ta' kategorija jew ta' sottokategorija f'tali liċenzja, għandu juri, b'eżami, li jkollu livell ta' għarfien fil-moduli tas-suġġetti xierqa f'konformità mal-Appendiċi I tal-Anness III (Parti-66). ◄ L-eżami għandu jkun konformi mal-istandard stipulat fl-Appendiċi II tal-Anness III (Parti-66) u għandu jitwettaq jew minn organizzazzjoni tat-taħriġ approvata b'mod xieraq skont l-Anness IV (Parti-147), jew mill-awtorità kompotenti.

(b) Applikant għal liċenzja għall-manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru fil-kategorija L li jkun f'subkategorija partikolari, jew għaż-żieda ta' subkategorija differenti, għandu juri, b'eżami, livell ta' għarfien fil-moduli tas-suġġetti xierqa f'konformità mal-Appendiċi VII tal-Anness III (Parti-66). L-eżami għandu jkun konformi mal-istandard stipulat fl-Appendiċi VIII tal-Anness III (Parti-66) u għandu jitwettaq jew minn organizzazzjoni tat-taħriġ approvata b'mod xieraq skont l-Anness IV (Parti-147), jew mill-awtorità kompotenti jew kif ikun miftiehem bi qbil mal-awtorità kompetenti.

Id-detentur ta' liċenzja għall-manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru fis-subkategorija B1.2 jew fil-kategorija B3 huwa meqjus li jissodisfa r-rekwiżiti ta' għarfien bażiku għal liċenzja fis-subkategoriji L1C, L1, L2C u L2.

Ir-rekwiżiti ta' għarfien bażiku għas-subkategorija L4H jinkludu r-rekwiżiti ta' għarfien bażiku għas-subkategorija L3H.

Ir-rekwiżiti ta' għarfien bażiku għas-subkategorija L4G jinkludu r-rekwiżiti ta' għarfien bażiku għas-subkategorija L3G.

(c) Applikant għal liċenzja għall-manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru fil-kategorija B2L għal 'klassifikazzjoni ta' sistemi' partikolari, jew għaż-żieda ta' 'klassifikazzjoni ta' sistemi' oħra, għandu juri, b'eżami, livell ta' għarfien fil-moduli tas-suġġetti xierqa f'konformità mal-Appendiċi I tal-Anness III (Parti-66). L-eżami għandu jkun konformi mal-istandard stipulat fl-Appendiċi II tal-Anness III (Parti-66) u għandu jitwettaq jew minn organizzazzjoni tat-taħriġ approvata b'mod xieraq skont l-Anness IV (Parti-147), jew mill-awtorità kompotenti.

(d) L-applikant għandu jkun għamel il-korsijiet ta' taħriġ u għadda mill-eżamijiet sa minn għaxar snin qabel l-applikazzjoni għal liċenzja għall-manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru jew għaż-żieda ta' kategorija jew ta' subkategorija fit-tali liċenzja. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-kredits tal-eżami jistgħu jinkisbu skont il-punt (e).

(e) L-applikant jista' japplika għand l-awtorità kompetenti għal kredits tal-eżami, sħaħ jew parzjali, għar-rekwiżiti ta' għarfien bażiku għal:

(i) eżamijiet ta' għarfien bażiku li ma jissodisfawx ir-rekwiżit stipulat fil-punt (d) ta' hawn fuq;

(ii) kwalunkwe kwalifika teknika oħra meqjusa mill-awtorità kompetenti bħala ekwivalenti għall-istandard ta' għarfien tal-Anness III (Parti-66).

Il-kredits għandhom jingħataw skont is-Subparti E tas-Sezzjoni B ta' dan l-Anness (Parti-66).

(f) Il-kredits jiskadu 10 snin wara li jingħataw lill-applikant mill-awtorità kompetenti. L-applikant jista' japplika għal kredits ġodda wara li jiskadu.

▼B

66.A.30 **Rekwiżiti ta' esperjenza bażika**

(a) Applikant għal liċenzja tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru jrid ikun kiseb:

1. għall-kategorija A, is-subkategoriji B1.2 u B1.4 u l-kategorija B3:

(i) tliet (3) snin esperjenza ta' manutenzjoni prattika fuq inġenji tal-ajru li joperaw, jekk l-applikant ma għandu ebda taħriġ tekniku rilevanti preċedenti; jew

(ii) sentejn (2) esperjenza ta' manutenzjoni prattika fuq inġenji tal-ajru li joperaw u taħriġ komplut meqjus bħala rilevanti mill-awtorità kompetenti bħala ħaddiem tas-sengħa, f'sengħa teknika; jew

(iii) sena (1) esperjenza ta' manutenzjoni prattika fuq inġenji tal-ajru li joperaw u twettiq ta' kors ta' taħriġ bażiku approvat skont l-Anness IV (Parti-147);

2. għall-kategorija B2 u s-subkategoriji B1.1 u B1.3:

(i) ħames (5) snin ta' esperjenza ta' manutenzjoni prattika fuq inġenji tal-ajru li joperaw, jekk l-applikant ma għandu ebda taħriġ tekniku rilevanti preċedenti; jew

(ii) tliet (3) snin ta' esperjenza ta' manutenzjoni prattika fuq inġenji tal-ajru li joperaw u taħriġ komplut meqjus bħala rilevanti mill-awtorità kompetenti bħala ħaddiem tas-sengħa, f'sengħa teknika; jew

(iii) sentejn (2) ta' esperjenza ta' manutenzjoni prattika fuq inġenji tal-ajru li joperaw u twettiq ta' kors ta' taħriġ bażiku approvat skont l-Anness IV (Parti-147);

▼M5

2a. għall-kategorija B2L:

(i) tliet (3) snin esperjenza ta' manutenzjoni prattika fuq inġenji tal-ajru operattivi, li tkopri l-klassifikazzjoni(jiet) ta' sistemi korrispondenti, jekk l-applikant ma għandu l-ebda taħriġ tekniku rilevanti preċedenti; jew

(ii) sentejn (2) esperjenza ta' manutenzjoni prattika fuq inġenji tal-ajru operattivi, li tkopri l-klassifikazzjoni(jiet) ta' sistemi korrispondenti, u taħriġ komplut meqjus bħala rilevanti mill-awtorità kompetenti bħala ħaddiem tas-sengħa, f'sengħa teknika; jew

(iii) sena (1) esperjenza ta' manutenzjoni prattika fuq inġenji tal-ajru operattivi, li tkopri l-klassifikazzjoni(jiet) ta' sistemi korrispondenti, u kors ta' taħriġ bażiku komplut approvat skont il-Parti-147.

Għaż-żieda ta' klassifikazzjoni(jiet) ta' sistemi ġodda f'liċenzja B2L eżistenti, tliet (3) xhur esperjenza ta' manutenzjoni prattika rilevanti għall-klassifikazzjoni(jiet) ta' sistemi ġodda għandha tkun meħtieġa għal kull klassifikazzjoni ta' sistemi miżjuda.

2b. għall-kategorija L:

(i) sentejn (2) esperjenza ta' manutenzjoni prattika fuq inġenji tal-ajru operattivi li tkopri parti rappreżentattiva tal-attivitajiet ta' manutenzjoni fis-subkategorija korrispondenti;

▼M5

(ii) b'deroga mill-punt (i), sena (1) esperjenza ta' manutenzjoni prattika fuq inġenji tal-ajru operattivi li tkopri parti rappreżentattiva tal-attivitajiet ta' manutenzjoni fis-subkategorija korrispondenti, suġġett għall-introduzzjoni tal-limitazzjoni prevista fil-punt 66.A.45(h)(ii)(3).

Għall-inklużjoni ta' subkategorija addizzjonali f'liċenzja L eżistenti, l-esperjenza meħtieġa skont il-punti (i) u (ii) għandha tkun ta' 12-il xahar u 6 xhur rispettivament.

Id-detentur ta' liċenzja għall-manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru fil-kategorija/subkategorija B1.2 jew B3 huwa meqjus li jissodisfa r-rekwiżiti ta' għarfien bażiku għal liċenzja fis-subkategoriji L1C, L1, L2C u L2.

▼M2

3. għall-kategorija C fir-rigward ta' inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-magni:

(i) tliet snin esperjenza jeżerċita l-privileġġi tal-kategorija B1.1, B1.3 jew B2 fuq inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-magni jew bħala staff ta' appoġġ skont il-punt 145.A.35, jew, kombinazzjoni tat-tnejn; jew

(ii) ħames snin esperjenza jeżerċita l-privileġġi tal-kategorija B1.2 jew B1.4 fuq inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-magni jew bħala staff ta' appoġġ skont il-punt 145.A.35, jew, kombinazzjoni tat-tnejn;

4. għall-kategorija C fir-rigward ta' inġenji tal-ajru ħlief inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-magni: tliet snin esperjenza jeżerċita privileġġi tal-kategorija B1 jew B2 fuq inġenji tal-ajru ħlief inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-magni jew bħala staff ta' appoġġ skont il-punt 145.A.35(a), jew kombinazzjoni tat-tnejn;

▼B

5. għall-kategorija C miksuba mir-rotta akkademika: applikant li għandu degree akkademiku f'dixxiplina teknika, minn università jew istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla oħra rikonoxxuta mill-awtorità kompetenti, tliet snin esperjenza xogħol f'ambjent ta' manutenzjoni ta' inġenju tal-ajru ċivili fuq għażla rappreżentattiva ta' kompiti assoċjati direttament mal-manutenzjoni ta' inġenju tal-ajru inkluż sitt xhur ta' osservazzjoni ta' kompiti ta' manutenzjoni bażi.

(b) Applikant għal estensjoni għal liċenzja ta' manutenzjoni ta' inġenju tal-ajru għandu jkollu rekwiżit ta' esperjenza minima fil-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru ċivili xierqa għall-kategorija jew subkategorija tal-liċenzja li għaliha saret applikazzjoni kif definit fl-Appendiċi IV għal dan l-Anness (Parti-66).

(c) L-esperjenza għandha tkun prattika u għandha tinvolvi sezzjoni trasversali rappreżentattiva tal-kompiti ta' manutenzjoni fuq inġenju tal-ajru.

(d) Tal-inqas sena (1) mill-esperjenza neċessarja għandha tkun esperjenza ta' manutenzjoni reċenti fuq inġenji tal-ajru tal-kategorija/subkategorija li għaliha hi mitluba l-liċenzja inizjali ta' manutenzjoni tal-inġenju tal-ajru. Għal żidiet ta' kategoriji/subkategoriji sussegwenti fuq il-liċenzja eżistenti tal-manutenzjoni tal-inġenju tal-ajru, l-esperjenza ta' manutenzjoni reċenti addizzjonali meħtieġa tista' tkun ta' inqas minn sena, iżda għandha tkun tal-inqas ta' tliet xhur. L-esperjenza meħtieġa għandha tkun dipendenti fuq id-differenza bejn il-kategorija/subkategorija tal-liċenzja fil-pussess u li għaliha saret l-applikazzjoni. Esperjenza miżjuda ta' dan it-tip għandha tkun tipika tal-kategorija/subkategorija ġdida mitluba.

▼B

(e) Minkejja l-punt (a), esperjenza ta' manutenzjoni fuq inġenji tal-ajru miksuba barra ambjent ta' manutenzjoni fuq inġenji tal-ajru ċivili għandha tkun aċċettata meta tali manutenzjoni tkun ekwivalenti għal dik mitluba minn dan l-Anness (Parti-66) kif stabbilit mill-awtorità kompetenti. Esperjenza addizzjonali ta' manutenzjoni fuq inġenji tal-ajru ċivili għandha, madanakollu, tkun meħtieġa sabiex ikun żgurat fehim adegwat tal-ambjent ta' manutenzjoni fuq inġenji tal-ajru ċivili.

(f) L-esperjenza għandha tkun inkisbet fi żmien għaxar snin qabel l-applikazzjoni għal-liċenzja ta' manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru jew iż-żieda ta' kategorija jew subkategorija mat-tali liċenzja.

66.A.40 **Validità kontinwata tal-liċenzja ta' manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru**

(a) Il-liċenzja ta' manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru ssir invalida ħames (5) snin wara l-aħħar ħarġa jew bidla tagħha, sakemm id-detentur ma jissottomettix il-liċenzja tiegħu ta' manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru lill-awtorità kompetenti li ħarġitha, sabiex ikun verifikat li l-informazzjoni li tinsab fil-liċenzja hi l-istess bħal dik li tinsab fir-rekords tal-awtorità kompetenti, skont il-punt 66.B.120.

(b) Id-detentur ta' liċenzja ta' manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru għandu jimla l-partijiet relevanti tal-Formola 19 tal-EASA (ara l-Appendiċi V) u jissottomettiha mal-kopja tal-liċenzja tad-detentur lill-awtorità kompetenti li ħarġet il-liċenzja oriġinali ta' manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru, sakemm id-detentur ma jaħdimx f'organizzazzjoni ta' manutenzjoni approvata skont l-Anness II (Parti-145) li għandha proċedura fil-preżentazzjoni tagħha fejn tali organizzazzjoni tista' tissottometti d-dokumentazzjoni neċessarja f'isem id-detentur tal-liċenzja ta' manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru.

(c) Kull privileġġ ta' ċertifikazzjoni bbażat fuq liċenzja ta' manutenzjoni ta' inġenju tal-ajru jsir invalidu hekk kif il-liċenzja ta' manutenzjoni ta' inġenju tal-ajru ssir invalida.

(d) Il-liċenzja ta' manutenzjoni ta' inġenju tal-ajru hija valida biss (i) meta maħruġa u/jew tinbidel mill-awtorità kompetenti u (ii) meta d-detentur iffirma d-dokument.

▼M5

66.A.45 **Approvazzjoni bi klassifikazzjonijiet tal-inġenji tal-ajru**

(a) Sabiex ikun intitolat jeżerċita privileġġi ta' ċertifikazzjoni fuq tip ta' inġenju tal-ajru speċifiku, id-detentur ta' liċenzja għall-manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru jeħtieġ li jkollu l-liċenzja tiegħu approvata bil-klassifikazzjonijiet rilevanti tal-inġenju tal-ajru:

— Għall-kategorija B1, B2 jew C, il-klassifikazzjonijiet rilevanti tal-inġenju tal-ajru huma kif ġej:

(i) għal inġenji tal-ajru tal-Grupp 1, il-klassifikazzjoni tat-tip ta' inġenju tal-ajru x-xierqa.

(ii) għal inġenji tal-ajru tal-Grupp 2, il-klassifikazzjonixierqa tat-tip ta' inġenju tal-ajru, tas-subgrupp tal-manifattur jew tas-subgrupp sħiħ;

(iii) għal inġenji tal-ajru tal-Grupp 3, il-klassifikazzjoni xierqa tat-tip ta' inġenju tal-ajru jew tal-grupp sħiħ;

(iv) għal inġenji tal-ajru tal-Grupp 4, għal-liċenzja tal-kategorija B2, il-klassifikazzjoni tal-grupp sħiħ.

— Għall-kategorija B2L, il-klassifikazzjonijiet rilevanti tal-inġenju tal-ajru huma kif ġej:

▼M5

(i) għal inġenji tal-ajru tal-Grupp 2, il-klassifikazzjoni xierqa tas-subgrupp tal-manifattur jew tal-grupp sħiħ;

(ii) għal inġenji tal-ajru tal-Grupp 3, il-klassifikazzjoni tal-grupp sħiħ;

(iii) għal inġenji tal-ajru tal-Grupp 4, il-klassifikazzjoni tal-grupp sħiħ.

— Għall-kategorija B3, il-klassifikazzjoni rilevanti hija "ajruplani mhux pressurizzati b'magni bil-pistuni b'MTOM ta' 2 000 kg u inqas".

— Għall-kategorija L, il-klassifikazzjonijiet rilevanti tal-inġenji tal-ajru huma kif ġej:

(i) għas-subkategorija L1C, il-klassifikazzjoni "glajders komposti";

(ii) għas-subkategorija L1, il-klassifikazzjoni "glajders";

(iii) għas-subkategorija L2C, il-klassifikazzjoni "glajders li jaħdmu bil-magni komposti";

(iv) għas-subkategorija L2, il-klassifikazzjoni "glajders li jaħdmu bil-magni u ajruplani ELA1";

(v) għas-subkategorija L3H, il-klassifikazzjoni "blalen tal-arja sħuna";

(vi) għas-subkategorija L3G, il-klassifikazzjoni "blalen tal-gass";

(vii) għas-subkategorija L4H, il-klassifikazzjoni "iġfna tal-ajru tal-arja sħuna";

(viii) għas-subkategorija L4G, il-klassifikazzjoni "iġfna tal-ajru tal-gass";

(ix) għas-subkategorija L5, il-klassifikazzjoni xierqa tal-iġfna tal-ajru.

— Għall-kategorija A, l-ebda klassifikazzjoni ma hija meħtieġa, suġġett għall-konformità mar-rekwiżiti tal-punt 145.A.35 tal-Anness II (Parti-145).

(b) L-approvazzjoni tal-klassifikazzjonijiet tat-tip ta' inġenju tal-ajru teħtieġ li jiġi komplut wieħed minn dawn it-tipi ta' taħriġ:

— it-taħriġ rilevanti dwar it-tip ta' inġenji tal-ajru tal-kategorija B1, B2 jew C f'konformità mal-Appendiċi III tal-Anness III (Parti-66);

— fil-każ ta' klassifikazzjonijiet tat-tip ta' iġfna tal-ajru tal-gass f'liċenzja B2 jew L5, taħriġ dwar it-tip approvat mill-awtorità kompetenti skont il-punt 66.B.130.

(c) Għal-liċenzji għajr dawk tal-kategorija C, minbarra r-rekwiżiti tal-punt (b), l-approvazzjoni tal-ewwel klassifikazzjoni tat-tip ta' inġenju tal-ajru f' kategorija/subkategorija partikolari teħtieġ it-taħriġ komplet fuq il-post tax-xogħol korrispondenti. Dan it-taħriġ fuq il-post tax-xogħol għandu jkun konformi mal-Appendiċi III tal-Anness III (Parti-66), għajr fil-każ ta' iġfna tal-ajru tal-gass, fejn għandu jiġi approvat direttament mill-awtorità kompetenti.

▼M6

▼C2

(d) B'deroga mill-punti (b) u (c), għal inġenji tal-ajru tal-Grupp 2 u 3, il-klassifikazzjonijiet tat-tip ta' inġenju tal-ajru jistgħu wkoll jiġu approvati fil-liċenzja wara li jitlestew il-passi li ġejjin:

— it-twettiq sodisfaċenti tal-eżami tat-tip ta' inġenju tal-ajru tal-kategorija B1, B2 jew C rilevanti f'konformità mal-Appendiċi III ta' dan l-Anness (Parti-66);

— fil-każ ta' kategorija B1 u B2, it-turija ta' esperjenza prattika fuq it-tip ta' inġenju tal-ajru. F'dak il-każ, l-esperjenza prattika għandha tinkludi parti rappreżentattiva tal-attivitajiet ta' manutenzjoni rilevanti għall-kategorija tal-liċenzja.

Fil-każ ta' klassifikazzjoni ta' kategorija C, għal persuna kkwalifikata permezz tar-rotta akkademika kif imsemmija fil-punt (a)(5) tal-punt 66.A.30, l-ewwel eżami tat-tip ta' inġenju tal-ajru rilevanti għandu jkun fil-livell tal-kategorija B1 jew B2.

▼M5

(e) Għall-inġenji tal-ajru tal-Grupp 2:

(i) l-approvazzjoni tal-klassifikazzjonijiet ta' subgrupp tal-manifattur għad-detenturi ta' liċenzja tal-kategorija B1 u C teħtieġ il-konformità mar-rekwiżiti ta' klassifikazzjoni tat-tip ta' inġenju tal-ajru ta' mill-inqas żewġ tipi ta' inġenji tal-ajru mill-istess manifattur, li flimkien huma rappreżentattivi tas-subgrupp tal-manifattur applikabbli;

(ii) l-approvazzjoni tal-klassifikazzjonijiet ta' subgrupp sħiħ għad-detenturi ta' liċenzji tal-kategorija B1 u C teħtieġ il-konformità mar-rekwiżiti ta' klassifikazzjoni tat-tip ta' inġenju tal-ajru ta' mill-inqas tliet tipi ta' inġenji tal-ajru minn manifatturi differenti, li flimkien huma rappreżentattivi tas-subgrupp applikabbli;

(iii) l-approvazzjoni ta' klassifikazzjonijiet ta' subgrupp tal-manifatturi u ta' subgrupp sħiħ għad-detenturi ta' liċenzji tal-kategorija B2 u B2L teħtieġ it-turija ta' esperjenza prattika li għandha tinkludi parti rappreżentattiva tal-attivitajiet ta' manutenzjoni rilevanti għall-kategorija tal-liċenzja u għas-subgrupp ta' inġenji tal-ajru applikabbli u, fil-każ tal-liċenzja B2L, rilevanti għall-klassifikazzjoni(jiet) ta' sistemi applikabbli;

(iv) b'deroga mill-punt (e)(iii), id-detentur ta' liċenzja B2 jew B2L, approvata b'subgrupp 2b sħiħ, huwa intitolat li jiġi approvat b'subgrupp 2c sħiħ.

(f) Għall-inġenji tal-ajru tal-Gruppi 3 u 4:

(i) l-approvazzjoni tal-klassifikazzjoni tal-Grupp 3 sħiħ għad-detenturi ta' liċenzji ta' kategorija B1, B2, B2L u C u l-approvazzjoni tal-klassifikazzjoni tal-Grupp 4 sħiħ għad-detenturi ta' liċenzji ta' kategorija B2 u B2L teħtieġ it-turija ta' esperjenza prattika, li għandha tinkludi parti rappreżentattiva tal-attivitajiet ta' manutenzjoni rilevanti għall-kategorija tal-liċenzja u għall-Grupp 3 jew 4, kif ikun applikabbli;

(ii) għall-kategorija B1, sakemm l-applikant ma jipprovdix evidenza ta' esperjenza xierqa, il-klassifikazzjoni tal-Grupp 3 għandha tiġi suġġetta għal-limitazzjonijiet li ġejjin, li għandhom ikunu approvati fuq il-liċenzja:

— ajruplani bi pressjoni,

▼M5

— ajruplani bi struttura tal-metall,

— ajruplani bi struttura komposta,

— ajruplani bi struttura tal-injam,

— ajruplani bi struttura ta' tubi tal-metall miksijin bit-tessuti;

(iii) b'deroga mill-punt (f)(i), id-detentur ta' liċenzja B2L, approvata b'subgrupp 2a jew 2b sħiħ, huwa intitolat li jiġi approvat bil-Gruppi 3 u 4.

(g) Għal-liċenzja B3:

(i) l-approvazzjoni tal-klassifikazzjoni "ajruplani mhux pressurizzati b'magni bil-pistuni b'MTOM ta' 2 000 kg u inqas" teħtieġ it-turija ta' esperjenza prattika, li għandha tinkludi parti rappreżentattiva tal-attivitajiet ta' manutenzjoni rilevanti għall-kategorija tal-liċenzja;

(ii) sakemm l-applikant ma jipprovdix evidenza ta' esperjenza xierqa, il-klassifikazzjoni msemmija fil-punt (i) għandha tiġi suġġetta għal-limitazzjonijiet li ġejjin, li għandhom ikunu approvati fuq il-liċenzja:

— ajruplani bi struttura tal-injam,

— ajruplani bi struttura ta' tubi tal-metall miksijin bit-tessuti,

— ajruplani bi struttura tal-metall,

— ajruplani bi struttura komposta.

(h) Għas-subkategoriji tal-liċenzja L kollha, għajr għal L5:

(i) l-approvazzjoni tal-klassifikazzjonijiet teħtieġ it-turija ta' esperjenza prattika, li għandha tinkludi parti rappreżentattiva tal-attivitajiet ta' manutenzjoni rilevanti għas-subkategorija tal-liċenzja;

(ii) sakemm l-applikant ma jipprovdix evidenza ta' esperjenza xierqa, il-klassifikazzjonijiet għandhom jiġu suġġetti għal-limitazzjonijiet li ġejjin, li għandhom ikunu approvati fuq il-liċenzja:

(1) għall-klassifikazzjonijiet "glajders" u "glajders li jaħdmu bil-magni u ajruplani ELA1";

— inġenji tal-ajru bi struttura tal-injam miksi bit-tessuti,

— inġenji tal-ajru bi struttura ta' tubi tal-metall miksijin bit-tessuti,

— inġenji tal-ajru bi struttura tal-metall,

— inġenji tal-ajru bi struttura komposta,

(2) għall-klassifikazzjoni "blalen tal-gass":

— għajr blalen tal-gass ELA1; kif ukoll

▼M5

(3) f'każ li l-applikant jipprovdi evidenza ta' esperjenza ta' sena skont id-deroga inkluża fil-punt 66.A.30(a)(2b)(ii), din il-limitazzjoni ta' hawn taħt għandha tkun approvata fuq il-liċenzja:

"kompiti ta' manutenzjoni kumplessi previsti fl-Appendiċi VII tal-Anness I (Parti-M), tibdil standard previst fil-punt 21.A.90B tal-Anness I (Parti-21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012 u tiswijiet standard previsti fil-punt 21.A.431B tal-Anness I (Parti-21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012."

Id-detentur ta' liċenzja għall-manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru tas-subkategorija B1.2 approvata bil-klassifikazzjoni ta' Grupp 3, jew fil-kategorija B3 approvata bil-klassifikazzjoni "ajruplani mhux pressurizzati b'magni bil-pistuni b'MTOM ta' 2 000 kg u inqas", huwa meqjus li jissodisfa r-rekwiżiti għall-ħruġ ta' liċenzja fis-subkategoriji L1 u L2 bil-klassifikazzjonijiet sħaħ korrispondenti u bl-istess limitazzjonijiet tal-liċenzja B1.2/B3 fil-pussess tiegħu.

▼B

66.A.50 **Limitazzjonijiet**

▼M5

(a) Il-limitazzjonijiet introdotti fuq liċenzja għall-manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru huma esklużjonijiet mill-privileġġi ta' ċertifikazzjoni u, fil-każ tal-limitazzjonijiet imsemmija fil-punt 66.A.45, jaffettwaw lill-inġenju tal-ajru kollu kemm hu.

▼B

(b) Għal-limitazzjonijiet li hemm referenza għalihom fil-punt 66.A.45, il-limitazzjonijiet għandhom jitneħħew malli:

1. tintwera esperjenza xierqa; jew

2. wara valutazzjoni prattika sodisfaċenti mwettqa mill-awtorità kompetenti.

(c) Għal-limitazzjonijiet li hemm referenza għalihom fil-punt 66.A.70, il-limitazzjonijiet għandhom jitneħħew malli jsir b'suċċess l-eżami fuq dawk il-moduli/suġġetti definiti fir-rapport ta' konverżjoni applikabbli li hemm referenza għalih fil-punt 66.B.300.

66.A.55 **Evidenza tal-kwalifiki**

Persunal li jeżerċita privileġġi ta' ċertifikazzjoni kif ukoll persunal ta' appoġġ għandu juri liċenzja, bħala prova tal-kwalifiki, fi żmien 24 siegħa minn meta jintalbu jagħmlu dan minn persuna awtorizzata.

66.A.70 **Dispożizzjonijiet ta' konverżjoni**

(a) Id-detentur ta' kwalifika ta' persunal li jiċċertifika valida fi Stat Membru, qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Anness III (Parti-66) għandu jinħareġ b'liċenzja ta' manutenzjoni ta' inġenju tal-ajru mill-awtorità kompetenti ta' dan l-Istat Membru mingħajr aktar eżaminazzjoni soġġett għall-kundizzjonijiet speċifikati fit-Taqsima B is-Sottoparti D.

(b) Persuna li tkun għaddejja mill-proċess ta' kwalifikazzjoni tal-persunal li jiċċertifika validu fi Stat Membru, qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Anness III (Parti-66) tista' tkompli tkun ikkwalifikata. Id-detentur ta' kwalifika ta' persunal li jiċċertifika miksuba wara tali proċess għandu jinħareġ b'liċenzja ta' manutenzjoni ta' inġenju tal-ajru mill-awtorità kompetenti ta' dan l-Istat Membru mingħajr aktar eżaminazzjoni soġġett għall-kundizzjonijiet speċifikati fit-Taqsima B is-Sottoparti D.

▼M5

(c) Fejn meħtieġ, il-liċenzja għall-manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru għandha tinkludi limitazzjonijiet skont il-punt 66.A.50 li jirriflettu d-differenzi bejn:

(i) l-ambitu tal-kwalifikazzjoni tal-persunal li jiċċertifika valida fl-Istat Membru qabel id-dħul fis-seħħ tal-kategorija jew tas-subkategorija tal-liċenzja applikabbli prevista f'dan l-Anness (Parti-66);

(ii) ir-rekwiżiti ta' għarfien bażiku u l-istandards tal-eżami bażiku stipulati fl-Appendiċi I u II ta' dan l-Anness (Parti-66).

(d) B'deroga mill-punt (c), għall-inġenji tal-ajru li ma jintużawx minn trasportaturi tal-ajru liċenzjati skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008, għajr għal inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-magni, u għal blalen, glajders u glajders u iġfna tal-ajru li jaħdmu bil-magni, il-liċenzja tal-manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru għandu jkun fiha limitazzjonijiet skont il-punt 66.A.50 sabiex ikun żgurat li l-privileġġi tal-persunal li jiċċertifika validi fl-Istat Membru qabel id-dħul fis-seħħ tal-kategorija/subkategorija ta' liċenzja applikabbli skont il-Parti-66 u l-privileġġi tal-liċenzja għall-manutenzjoni ta' inġenju tal-ajru skont il-Parti-66 maqluba jibqgħu l-istess.

▼B

*TAQSIMA B*

## PROĊEDURI GĦALL-AWTORITAJIET KOMPETENTI

### IS-SOTTOPARTI A

*ĠENERALI*

66.B.1 **Ambitu**

Din it-taqsima tistabblixxi l-proċeduri inkluż ir-rekwiżiti amministrattivi li għandhom jiġu segwiti mill-awtoritajiet kompetenti responsabbli mill-implimentazzjoni u mill-infurzar tat-Taqsima A ta' dan l-Anness (Parti-66).

66.B.10 **Awtorità kompetenti**

(a) Ġenerali

L-Istat Membru għandu jaħtar lil awtorità kompetenti b'responsabbilta-jiet allokati għall-ħruġ, kontinwazzjoni, bidla, sospensjoni jew revoka ta' liċenzji ta' manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru.

Din l-awtorità kompetenti għandha tistabblixxi struttura organizzattiva adegwata biex tiżgura konformità ma' dan l-Anness (Parti-66).

(b) Riżorsi

L-awtorità kompetenti għandu jkollha biżżejjed riżorsi biex tiżgura l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti ta' dan l-Anness (Parti-66).

(c) Proċeduri

L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi proċeduri ddokumentati li jiddeskrivu fid-dettall kif tintlaħaq il-konformità ma' dan l-Anness (Parti-66). Dawn il-proċeduri għandhom jiġu riveduti u emendati sabiex jiżguraw konformità ssoktata.

66.B.20 **Żamma ta' rekords**

(a) L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi sistema għaż-żamma ta' rekords li tippermetti traċċabbiltà adegwata tal-proċess biex toħroġ, tivvalida mill-ġdid, tibdel, tissospendi jew tirrevoka kull liċenzja ta' manutenzjoni ta' inġenju tal-ajru.

▼B

(b) Dawn ir-rekords għandhom jinkludu għal kull liċenzja:

1. l-applikazzjoni għal liċenzja ta' manutenzjoni ta' inġenju tal-ajru jew bidla għal dik il-liċenzja, inkluż id-dokumentazzjoni ta' appoġġ kollha;

2. kopja tal-liċenzja ta' manutenzjoni ta' inġenju tal-ajru inkluż kwalunkwe tibdil;

3. kopji tal-korrispondenza relevanti kollha;

4. dettalji ta' kwalunkwe azzjoni ta' eżenzjoni u infurzar;

5. kwalunkwe rapport minn awtoritajiet kompetenti li għandu x'jaqsam mad-detenetur tal-liċenzja ta' manutenzjoni ta' inġenju tal-ajru;

6. ir-rekords ta' eżamijiet imwettqa mill-awtorità kompetenti;

7. ir-rapport ta' konverżjoni applikabbli użat għall-konverżjoni;

8. ir-rapport tal-kredits applikabbli użat għall-ħruġ ta' kredits.

(c) Rekords li hemm referenza għalihom fil-punti 1 sa 5 tal-punt (b) għandhom jinżammu għal mill-inqas ħames snin wara t-tmiem tal-validità tal-liċenzja.

(d) Rekords li hemm referenza għalihom fil-punti 6, 7 u 8 tal-punt (b) għandhom jinżammu għal perjodu ta' żmien bla limitu.

66.B.25 **Skambju reċiproku ta' informazzjoni**

▼M6
▼C2

(a) L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipparteċipaw fi skambju reċiproku ta' informazzjoni skont l-Artikolu 72(1) tar-Regolament (UE) 2018/1139.

▼B

(b) Without prejudice to the competencies of the Member States, in the case of a potential safety threat involving several Member States, the concerned competent authorities shall assist each other in carrying out the necessary oversight action.

▼M6
▼C2

66.B.30 **Eżenzjonijiet**

L-eżenzjonijiet kollha mogħtija skont l-Artikolu 71(1) tar-Regolament (UE) 2018/1139 għandhom jiġu rreġistrati u miżmuma mill-awtorità kompetenti.

▼B

IS-SOTTOPARTI B

*ĦRUĠ TA' LIĊENZJA TA' MANUTENZJONI TA' INĠENJU TAL-AJRU*

Din is-Sottoparti tipprovdi l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti mill-awtorità kompetenti biex toħroġ, tibdel jew tissokta liċenzja ta' manutenzjoni ta' inġenju tal-ajru.

66.B.100 **Proċedura għall-ħruġ ta' liċenzja ta' manutenzjoni ta' inġenju tal-ajru mill-awtorità kompetenti**

(a) Malli tirċievi l-Formola 19 tal-EASA u kwalunkwe dokumentazzjoni ta' appoġġ, l-awtorità kompetenti għandha tivverifika l-Formola 19 tal-EASA għall-kompletezza u għandha tiżgura li l-esperjenza ddikjarata tissodisfa r-rekwiżit ta' dan l-Anness (Parti-66).

▼M5

(b) L-awtorità kompetenti għandha tivverifika l-istatus tal-eżamijiet ta' applikant u/jew tikkonferma l-validità ta' kwalunkwe kredit biex tiżgura li r-rekwiżiti tal-moduli kollha tal-Appendiċi I jew tal-Appendiċi VII, kif ikun applikabbli, ikunu ġew issodisfati kif meħtieġ minn dan l-Anness (Parti-66).

▼B

(c) Meta, wara li tkun ivverifikat l-identità u d-data tat-twelid tal-applikant u wara li tkun issodisfata li l-applikant jissodisfa l-istandards ta' għarfien u esperjenza meħtieġa b'dan l-Anness (Parti-66), l-awtorità kompetenti għandha toħroġ il-liċenzja ta' manutenzjoni ta' inġenju tal-ajru relevanti lill-applikant. L-istess informazzjoni għandha tinżamma fuq ir-rekords tal-awtorità kompetenti.

(d) Fil-każ li tipi jew gruppi ta' inġenji tal-ajru jkunu approvati fil-ħin tal-ħruġ tal-ewwel liċenzja ta' manutenzjoni ta' inġenju tal-ajru, l-awtorità kompetenti għandha tivverifika l-konformità mal-punt 66.B.115.

**66.B.105 Proċedura għall-ħruġ ta' liċenzja ta' manutenzjoni ta' inġenju tal-ajru permezz ta' organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata skont l-Anness II (Parti-145)**

(a) Organizzazzjoni ta' manutenzjoni approvata skont l-Anness II (Parti-145), meta awtorizzata biex twettaq din l-attività mill-awtorità kompetenti, tista' (i) tħejji l-liċenzja ta' manutenzjoni ta' inġenju tal-ajru f'isem l-awtorità kompetenti jew (ii) tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-awtorità kompetenti fir-rigward tal-applikazzjoni minn individwu għal liċenzja ta' manutenzjoni ta' inġenju tal-ajru sabiex dik l-awtorità kompetenti tkun tista' tħejji u toħroġ tali liċenzja.

(b) Organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni li hemm referenza għalihom fil-punt (a) għandhom jiżguraw il-konformità mal-punti 66.B.100 (a) u (b).

(c) Fil-każijiet kollha, il-liċenzja ta' manutenzjoni ta' inġenju tal-ajru tista' tinħareġ biss lill-applikant mill-awtorità kompetenti.

▼M5

**66.B.110 Proċedura għat-tibdil ta' liċenzja għall-manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru sabiex tinkludi kategorija jew subkategorija bażika addizzjonali**

(a) Mat-tlestija tal-proċeduri speċifikati fil-punti 66.B.100 jew 66.B.105, l-awtorità kompetenti għandha tapprova l-kategorija jew subkategorija bażika addizzjonali, jew, għall-kategorija B2L, il-klassifikazzjoni(jiet) ta' sistemi, fuq il-liċenzja għall-manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru permezz ta' timbru u firma jew għandha toħroġ il-liċenzja mill-ġdid.

(b) Is-sistema ta' reġistrazzjonijiet tal-awtorità kompotenti għandha tinbidel skont dan.

(c) Fuq talba mill-applikant, l-awtorità kompotenti għandha tibdel liċenzja fil-kategorija B2L b'liċenzja fil-kategorija B2 approvata bl-istess klassifikazzjoni(jiet) tal-inġenji tal-ajru meta d-detentur ikun wera dawn iż-żewġ elementi:

(i) b'eżami, id-differenzi bejn l-għarfien bażiku korrispondenti għal-liċenzja B2L fil-pussess tiegħu u l-għarfien bażiku tal-liċenzja B2, kif stipulat fl-Appendiċi I;

(ii) l-esperjenza prattika meħtieġa fl-Anness IV.

(d) Fil-każ ta' detentur ta' liċenzja għall-manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru tas-subkategorija B1.2 approvata bil-klassifikazzjoni ta' Grupp 3, jew fil-kategorija B3 approvata bil-klassifikazzjoni "ajruplani mhux pressurizzati b'magni bil-pistuni b'MTOM ta' 2 000 kg u inqas", l-awtorità kompetenti għandha toħroġ, meta ssir applikazzjoni, liċenzja bil-klassifikazzjonijiet kompluti fis-subkategoriji L1 u L2, u bl-istess limitazzjonijiet tal-liċenzja B1.2/B3 fil-pussess tiegħu.

▼B

**66.B.115 Proċedura għall-bidla ta' liċenzja tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru sabiex tiġi inkluża klassifikazzjoni ta' inġenju tal-ajru jew biex jitneħħew il-limitazzjonijiet**

(a) Meta tirċievi Formola 19 tal-EASA sodisfaċenti u kwalunkwe dokumentazzjoni ta' appoġġ li turi konformità mar-rekwiżiti tal-klassifikazzjoni applikabbli flimkien mal-liċenzja tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru li takkumpanjaha, l-awtorità kompetenti għandha jew:

1. tapprova l-liċenzja tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru tal-applikant bil-klassifikazzjoni applikabbli tal-inġenju tal-ajru; jew

2. terġa' toħroġ il-liċenzja msemmija sabiex tinkludi l-klassifikazzjoni applikabbli tal-inġenju tal-ajru; jew

3. tneħħi l-limitazzjonijiet applikabbli skont il-punt 66.A.50.

Is-sistema ta' reġistrazzjonijiet tal-awtorità kompetenti għandha tinbidel kif jixraq.

(b) F'każ li t-taħriġ tat-tip komplet ma jsirx minn organizzazzjoni ta' taħriġ fil-manutenzjoni approvata kif xieraq skont l-Anness IV (Parti-147), l-awtorità kompetenti għandha tkun sodisfatta li r-rekwiżiti kollha tat-taħriġ tat-tip ġew irrispettati qabel tinħareġ il-klassifikazzjoni tat-tip.

(c) F'każ fejn it-Taħriġ fuq ix-Xogħol ma jkunx meħtieġ, il-klassifikazzjoni tat-tip tal-inġenju tal-ajru għandha tiġi approvata fuq il-bażi ta' Ċertifikat ta' Rikonoxximent maħruġ minn organizzazzjoni ta' taħriġ fil-manutenzjoni approvata skont l-Anness IV (Parti-147)

(d) F'każ fejn it-taħriġ tat-tip tal-inġenju tal-ajru ma jkunx kopert minn kors wieħed, l-awtorità kompetenti għandha tkun sodisfatta, qabel tiġi approvata l-klassifikazzjoni tat-tip, li l-kontenut u t-tul tal-korsijiet jissodisfaw bis-sħiħ l-ambitu tal-kategorija tal-liċenzja u li ż-żoni tal-interface ġew indirizzati kif xieraq.

(e) F'każ ta' taħriġ fid-differenzi, l-awtorità kompetenti għandha tkun sodisfatta li (i) il-kwalifika preċedenti tal-applikant, supplimentata minn (ii) jew kors approvat skont l-Anness IV (Parti-147) jew inkella kors approvat direttament mill-awtorità kompetenti, huma aċċettabbli għal approvazzjoni tal-klassifikazzjoni tat-tip.

▼M5

(f) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-konformità mal-elementi prattiċi tat-taħriġ dwar it-tip tintwera permezz ta' waħda minn dawn l-alternattivi:

(i) permezz tal-provvista ta' rekords dettaljati ta' taħriġ prattiku jew ġurnal ta' abbord ipprovdut mill-organizzazzjoni li tkun tat il-kors bl-approvazzjoni diretta tal-awtorità kompetenti skont il-punt 66.B.130;

(ii) fejn applikabbli, permezz ta' ċertifikat tat-taħriġ li jkopri l-element ta' taħriġ prattiku, maħruġ minn organizzazzjoni ta' taħriġ fil-manutenzjoni approvata kif xieraq skont l-Anness IV (Parti-147).

▼B

(g) L-approvazzjoni tat-tip tal-inġenju tal-ajru għandha tuża l-klassifikazzjonijiet tat-tip tal-inġenju tal-ajru speċifikati mill-Aġenzija.

**66.B.120 Proċedura għat-tiġdid tal-validità ta' liċenzja tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru**

(a) L-awtorità kompetenti għandha tqabbel il-liċenzja għall-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru tad-detentur mar-rekords tal-awtorità kompetenti u tivverifika kwalunkwe azzjoni pendenti ta' revoka, sospensjoni jew bidla skont il-punt 66.B.500. Jekk id-dokumenti jkunu identiċi u ma jkun hemm ebda azzjoni pendenti skont il-punt 66.B.500, il-kopja tad-detentur għandha tiġġedded għal ħames snin u l-fajl jiġi approvat kif xieraq.

▼B

(b) Jekk ir-rekords tal-awtorità kompetenti jkunu differenti mil-liċenzja tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru miżmuma mid-detentur tal-liċenzja:

1. l-awtorità kompetenti għandha tinvestiga r-raġunijiet għal dawn id-differenzi u tista' tagħżel li ma ġġeddidx il-liċenzja tal-manutenzjoni tal-inġenju tal-ajru.

▼M11

2. l-awtorità kompetenti għandha tinforma lid-detentur tal-liċenzja u lil kwalunkwe organizzazzjoni tal-manutenzjoni magħrufa li tkun approvata f'konformità mas-Sottoparti F tal-Anness I (Parti-M) jew mal-Anness II (Parti-145) jew mal-Anness Vd (Parti-CAO) li jistgħu jiġu affettwati direttament minn tali fatt.

▼B

3. l-awtorità kompetenti għandha, jekk meħtieġ, tieħu azzjoni skont il-punt 66.B.500 biex tirrevoka, tissospendi jew tibdel il-liċenzja inkwistjoni.

66.B.125 **Proċedura għall-konverżjoni tal-liċenzji, inklużi klassifikazzjonijiet ta' gruppi**

(a) Il-klassifikazzjonijiet tat-tip individwali tal-inġenji tal-ajru li diġà ġew approvati għal-liċenzja tal-manutenzjoni ta' inġenju tal-ajru msemmija fil-punt 4 tal-Artikolu 5 għandhom jibqgħu fuq il-liċenzja u ma għandhomx jiġu konvertiti għal klassifikazzjonijiet ġodda sakemm id-detentur tal-liċenzja ma jissodisfax b'mod sħiħ ir-rekwiżiti għall-approvazzjoni definiti fil-punt 66.A.45 ta' dan l-Anness (Parti-66) għall-klassifikazzjonijiet tal-grupp/subgrupp korrispondenti.

(b) Il-konverżjoni għandha ssir skont it-tabella ta' konverżjoni li ġejja:

▼M5

1. għall-kategorija B1 jew C:

— magna bil-pistuni ta' ħelikopter, grupp sħiħ: maqluba għal "subgrupp 2c sħiħ" flimkien mal-klassifikazzjonijiet tat-tip ta' inġenju tal-ajru għal dawk il-ħelikopters b'magna waħda bil-pistuni li huma fil-Grupp1;

— magna bil-pistuni ta' ħelikopter, grupp tal-manifattur: maqluba għas-"subgrupp 2b sħiħ" korrispondenti flimkien mal-klassifikazzjonijiet tat-tip tal-inġenji tal-ajru għal dawk il-ħelikopters b'magna waħda bil-pistuni ta' dak il-manifattur li huma fil-Grupp 1;

— magna bit-turbini ta' ħelikopter, grupp sħiħ: maqluba għal "subgrupp 2b sħiħ" flimkien mal-klassifikazzjonijiet tat-tip tal-inġenji tal-ajru għal dawk il-ħelikopters b'magna waħda bit-turbini li huma fil-Grupp 1;

— magna bit-turbini ta' ħelikopter, grupp tal-manifattur: maqluba għas-"subgrupp 2b tal-manifattur" korrispondenti flimkien mal-klassifikazzjonijiet tat-tip tal-inġenji tal-ajru għal dawk il-ħelikopters b'magna waħda bit-turbini ta' dak il-manifattur li huma fil-Grupp 1.

— magna waħda bil-pistuni ta' ajruplan — struttura tal-metall, grupp sħiħ jew grupp tal-manifattur: maqluba għal "grupp 3 sħiħ". Għal-liċenzja B1, għandhom jiġu inklużi l-limitazzjonijiet li ġejjin: ajruplani bi struttura komposta, ajruplani bi struttura tal-injam, u ajruplani bi struttura ta' tubi tal-metall miksijin bit-tessuti;

— ajruplani b'magni multipli bil-pistuni — struttura tal-metall, grupp sħiħ jew grupp tal-manifattur: maqluba għal "subgrupp 3 sħiħ" flimkien mal-klassifikazzjonijiet tat-tip ta' inġenju tal-ajru għal dawk l-ajruplani b'magni multipli bil-pistuni tal-grupp sħiħ/tal-manifattur korrispondenti li huma fil-Grupp1. Għal-liċenzja B1, għandhom jiġu inklużi l-limitazzjonijiet li ġejjin: ajruplani bi struttura komposta, ajruplani bi struttura tal-injam, u ajruplani bi struttura ta' tubi tal-metall miksijin bit-tessuti;

▼M5

— ajruplani b'magna waħda bil-pistuni — struttura tal-injam, grupp sħiħ jew grupp tal-manifattur: maqluba għal "grupp 3 sħiħ". Għal-liċenzja B1, għandhom jiġu inklużi l-limitazzjonijiet li ġejjin: ajruplani bi pressjoni, ajruplani bi struttura tal-metall, u ajruplani bi struttura komposta u ajruplani bi struttura ta' tubi tal-metall miksijin bit-tessuti;

— ajruplani b'magni multipli bil-pistuni — struttura tal-injam, grupp sħiħ jew grupp tal-manifattur: maqluba għal "grupp 3 sħiħ". Għal-liċenzja B1, għandhom jiġu inklużi l-limitazzjonijiet li ġejjin: ajruplani bi pressjoni, ajruplani bi struttura tal-metall, u ajruplani bi struttura komposta u ajruplani bi struttura ta' tubi tal-metall miksijin bit-tessuti;

— ajruplani b'magna waħda bil-pistuni — struttura komposta, grupp sħiħ jew grupp tal-manifattur: maqluba għal "grupp 3 sħiħ". Għal-liċenzja B1, għandhom jiġu inklużi l-limitazzjonijiet li ġejjin: ajruplani bi pressjoni, ajruplani bi struttura tal-metall, u ajruplani bi struttura tal-injam u ajruplani bi struttura ta' tubi tal-metall miksijin bit-tessuti;

— ajruplani b'magni multipli bil-pistuni — struttura komposta, grupp sħiħ jew grupp tal-manifattur: maqluba għal "grupp 3 sħiħ". Għal-liċenzja B1, għandhom jiġu inklużi l-limitazzjonijiet li ġejjin: ajruplani bi pressjoni, ajruplani bi struttura tal-metall, u ajruplani bi struttura tal-injam u ajruplani bi struttura ta' tubi tal-metall miksijin bit-tessuti;

— ajruplani bit-turbini — b'magna waħda, grupp sħiħ: maqluba għal "subgrupp 2a sħiħ" flimkien mal-klassifikazzjonijiet tat-tip tal-inġenji tal-ajru għal dawk l-ajruplani b'magna waħda turboprop li ma kinux jirrikjedu klassifikazzjoni tat-tip tal-inġenji tal-ajru fis-sistema preċedenti u huma fil-Grupp 1;

— ajruplani bit-turbini — b'magna waħda, grupp tal-manifattur: maqluba għas-"subgrupp 2a tal-manifattur" korrispondenti flimkien mal-klassifikazzjonijiet tat-tip tal-inġenji tal-ajru għal dawk l-ajruplani b'magna waħda turboprop li ma kinux jirrikjedu klassifikazzjoni tat-tip tal-inġenji tal-ajru fis-sistema preċedenti u huma fil-Grupp 1;

— ajruplani bit-turbini — b'magni multipli, grupp sħiħ: maqluba għall-klassifikazzjonijiet tat-tip tal-inġenji tal-ajru għal dawk l-ajruplani b'magni multipli turboprop li ma kinux jirrikjedu klassifikazzjoni tat-tip tal-inġenji tal-ajru fis-sistema preċedenti.

▼B

2. għall-kategorija B2:

— ajruplan: maqluba għal "subgrupp 2a sħiħ" u "grupp 3 sħiħ", flimkien mal-klassifikazzjonijiet tat-tip tal-inġenji tal-ajru għal dawk l-ajruplani li ma kinux jirrikjedu klassi-fikazzjoni tat-tip tal-inġenji tal-ajru fis-sistema preċedenti u huma fil-grupp 1,

— ħelikopter: maqluba għal "subgruppi 2b u 2c sħaħ", flimkien mal-klassifikazzjonijiet tat-tip tal-inġenji tal-ajru għal dawk il-ħelikopters li ma kinux jirrikjedu klassifikazzjoni tat-tip tal-inġenji tal-ajru fis-sistema preċedenti u huma fil-grupp 1;

▼B

3. għall-kategorija C:

— ajruplan: maqluba għal "subgrupp 2a sħiħ" u "grupp 3 sħiħ", flimkien mal-klassifikazzjonijiet tat-tip tal-inġenji tal-ajru għal dawk l-ajruplani li ma kinux jirrikjedu klassifikazzjoni tat-tip tal-inġenji tal-ajru fis-sistema preċedenti u huma fil-grupp 1,

— ħelikopter: maqluba għal "subgruppi 2b u 2c sħaħ", flimkien mal-klassifikazzjonijiet tat-tip tal-inġenji tal-ajru għal dawk il-ħelikopters li ma kinux jirrikjedu klassifikazzjoni tat-tip tal-inġenji tal-ajru fis-sistema preċedenti u huma fil-grupp 1.

(c) Jekk il-liċenzja kienet soġġetta għal limitazzjonijiet wara l-proċess tal-konverżjoni msemmi fil-punt 66.A.70, dawn il-limitazzjonijiet għandhom jibqgħu fuq il-liċenzja, sakemm ma jitneħħewx skont il-kundizzjonijiet definiti fir-rapport tal-konverżjoni rilevanti msemmi fil-punt 66.B.300.

▼M5

66.B.130 **Proċedura għall-approvazzjoni diretta ta' taħriġ skont it-tip ta' inġenji tal-ajru**

(a) Fil-każ tat-taħriġ skont it-tip għall-inġenji tal-ajru għajr iġfna tal-ajru, l-awtorità kompetenti tista' tapprova taħriġ skont it-tip ta' inġenji tal-ajru li ma jitwettaqx minn organizzazzjoni ta' taħriġ fil-manutenzjoni approvata skont l-Anness IV (Parti-147), skont il-punt 1 tal-Appendiċi III ta' dan l-Anness (Parti-66). F'tali każ, l-awtorità kompetenti għandu jkollha proċedura fis-seħħ biex tiżgura li t-taħriġ skont it-tip ta' inġenji tal-ajru jkun konformi mal-Appendiċi III ta' dan l-Anness (Parti-66).

(b) Fil-każ ta' taħriġ skont it-tip għal iġfna tal-ajru tal-Grupp 1, il-korsijiet għandhom ikunu dejjem approvati direttament mill-awtorità kompetenti. L-awtorità kompetenti għandu jkollha proċedura sabiex tiżgura li s-sillabu tat-taħriġ dskont it-tip għall-iġfna tal-ajru jkopri l-elementi kollha inklużi fid-dejta tal-manutenzjoni mid-Detentur tal-Approvazzjoni tad-Disinn (Design Approval Holder/DAH).

▼B

IS-SOTTOPARTI C

*EŻAMIJIET*

Din is-Sottoparti tipprovdi l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti għall-eżamijiet imwettqa mill-awtorità kompetenti.

66.B.200 **Eżami mill-awtorità kompetenti**

(a) Il-mistoqsijiet kollha tal-eżamijiet għandhom jinżammu b'mod sigur qabel eżami, sabiex ikun żgurat li l-kandidati ma jkunux jafu liema mistoqsijiet partikolari ser jifformaw il-bażi tal-eżami.

(b) L-awtorità kompetenti għandha tinnomina:

1. persuni li jikkontrollaw il-mistoqsijiet li jridu jintużaw għal kull eżami.

2. eżaminaturi li għandhom ikunu preżenti matul l-eżamijiet kollha sabiex tiġi żgurata l-integrità tal-eżami.

▼M5

(c) L-eżamijiet bażiċi għandhom isegwu l-istandard speċifikat fl-Appendiċi I u II jew fl-Appendiċi VII u VIII ta' dan l-Anness (Parti-66), kif applikabbli.

▼B

(d) L-eżamijiet tat-taħriġ tat-tip u l-eżamijiet tat-tip għandhom isegwu l-istandard speċifikat fl-Appendiċi III għal dan l-Anness (Parti-66).

▼B

(e) Għandhom jitħejjew komponimenti ġodda mill-inqas kull sitt xhur u l-mistoqsijiet li diġà ntużaw għandhom jiġu rtirati jew mistrieħa mill-użu. Għandu jinżamm rekord tal-mistoqsijiet użati fir-reġistri għal referenza.

(f) Il-karti kollha tal-eżamijiet għandhom jitqassmu lill-kandidat fil-bidu tal-eżami u jinġabru lura mill-eżaminatur fl-aħħar tal-perjodu tal-ħin allokat għall-eżami. L-ebda karta tal-eżami ma tista' titneħħa mill-kamra tal-eżami matul il-perjodu tal-ħin allokat għall-eżami.

(g) Minbarra d-dokumentazzjoni speċifika meħtieġa għall-eżamijiet tat-tip, hija biss il-karta tal-eżami li tista' tkun disponibbli għall-kandidat matul l-eżami.

(h) Waqt l-eżamijiet, il-kandidati għandhom ikunu separati minn xulxin sabiex ma jkunux jistgħu jaqraw il-karti tal-eżami ta' xulxin. Huma ma jistgħu jitkellmu ma' ebda persuna oħra għajr l-eżaminatur.

(i) Kandidati li jinqabdu jqarrqu għandhom jiġu pprojbiti milli jpoġġu għal xi eżami ieħor fi żmien 12-il xahar mid-data tal-eżami li fih instabu jqarrqu.

IS-SOTTOPARTI D

*KONVERŻJONI TAL-KWALIFIKI TAL-PERSUNAL LI JIĊĊERTIFIKA*

Din is-Sottoparti tipprovdi l-proċeduri għall-konverżjoni tal-kwalifiki tal-persunal li jiċċertifika msemmija fil-punt 66.A.70 għal liċenzji tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru.

66.B.300 **Ġenerali**

(a) L-awtorità kompetenti tista' taqleb biss kwalifiki (i) miksuba fl-Istat Membru li għalih hija kompetenti, mingħajr preġudizzju għal ftehimiet bilaterali u (ii) validi qabel id-dħul fis-seħħ tar-rekwiżiti applikabbli ta' dan l-Anness (Parti-66).

(b) L-awtorità kompetenti tista' twettaq il-konverżjoni biss skont rapport tal-konverżjoni stabbilit skont il-punti 66.B.305 jew 66.B.310, kif applikabbli.

(c) Ir-rapporti tal-konverżjoni għandhom ikunu jew (i) żviluppati mill-awtorità kompetenti jew inkella (ii) approvati mill-awtorità kompetenti sabiex tiżgura l-konformità ma' dan l-Anness (Parti-66).

(d) Ir-rapporti tal-konverżjoni flimkien ma' kwalunkwe bidla fihom għandhom jinżammu fir-reġistru mill-awtorità kompetenti skont il-punt 66.B.20.

66.B.305 **Rapport tal-konverżjoni għal kwalifiki nazzjonali**

(a) Ir-rapport tal-konverżjoni għall-kwalifiki nazzjonali tal-persunal li jiċċertifika għandu jiddeskrivi l-ambitu ta' kull tip ta' kwalifika, inkluża l-liċenzja nazzjonali assoċjata, jekk hemm, il-privileġġi assoċjati u jinkludi kopja tar-regolamenti nazzjonali rilevanti li jiddefinixxu lil dawn.

(b) Ir-rapport tal-konverżjoni għandu juri għal kull tip ta' kwalifika msemmija fil-punt (a):

1. għal liema liċenzja ta' manutenzjoni ta' inġenju tal-ajru sejra tinqaleb; u

2. liema limitazzjonijiet għandhom jiżdiedu skont il-punti 66.A.70(c) jew (d), kif applikabbli; u

▼B

3. il-kundizzjonijiet biex jitneħħew il-limitazzjonijiet, li jispeċifikaw il-modulu/suġġetti li fuqhom hija meħtieġa l-eżaminazzjoni sabiex jitneħħew il-limitazzjonijiet u biex tinkiseb liċenzja sħiħa tal-manutenzjoni tal-inġenju tal-ajru, jew biex tiġi inkluża (sub)kategorija addizzjonali. Dan għandu jinkludi l-moduli definiti fl-►M5 Appendiċi I ◄ għal dan l-Anness (Parti-66) mhux koperti mill-kwalifika nazzjonali.

66.B.310 **Rapport tal-konverżjoni għal awtorizzazzjonijiet approvati tal-organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni**

(a) Għal kull organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata kkonċernata, ir-rapport tal-konverżjoni għandu jiddeskrivi l-ambitu ta' kull tip ta' awtorizzazzjoni maħruġa mill-organizzazzjoni tal-manutenzjoni u jinkludi kopja tal-proċeduri approvati rilevanti tal-organizzazzjoni tal-manutenzjoni għall-kwalifikazzjoni u l-awtorizzazzjoni tal-persunal li jiċċertifika li fuqhom huwa bbażat il-proċess tal-konverżjoni.

(b) Ir-rapport tal-konverżjoni għandu juri għal kull tip ta' awtorizzazzjoni msemmija fil-punt (a):

1. għal liema liċenzja ta' manutenzjoni ta' inġenju tal-ajru sejra tinqaleb, u

2. liema limitazzjonijiet għandhom jiżdiedu skont il-punti 66.A.70(c) jew (d), kif applikabbli, u

3. il-kundizzjonijiet biex jitneħħew il-limitazzjonijiet, li jispeċifikaw il-modulu/suġġetti li fuqhom hija meħtieġa l-eżaminazzjoni sabiex jitneħħew il-limitazzjonijiet u biex tinkiseb liċenzja sħiħa tal-manutenzjoni tal-inġenju tal-ajru, jew biex tiġi inkluża (sub)kategorija addizzjonali. Dan għandu jinkludi l-moduli definiti fl-Appendiċi III għal dan l-Anness (Parti-66) mhux koperti mill-kwalifika nazzjonali.

IS-SOTTOPARTI E

*KREDITS TAL-EŻAMIJIET*

▼M11

Din is-Sottoparti tipprovdi l-proċeduri għall-għoti tal-krediti tal-eżamijiet imsemmija fil-punt 66.A.25(e).

▼B

66.B.400 **Ġenerali**

(a) L-awtorità kompetenti tista' tagħti biss kreditu fuq il-bażi ta' rapport tal-kredits imħejji skont il-punt 66.B.405.

(b) Ir-rapport tal-kredits għandu jkun jew (i) żviluppat mill-awtorità kompetenti jew inkella (ii) approvat mill-awtorità kompetenti sabiex tiżgura l-konformità ma' dan l-Anness (Parti-66).

(c) Ir-rapporti tal-kredits flimkien ma' kwalunkwe bidla fihom għandhom jiġu datati u jinżammu fir-reġistru mill-awtorità kompetenti skont il-punt 66.B.20.

▼M5

66.B.405 **Rapport tal-kredits tal-eżami**

(a) Ir-rapport tal-kredits għandu jinkludi paragun bejn:

(i) il-moduli, is-submoduli, is-suġġetti u l-livelli ta' għarfien inklużi fl-Appendiċi I jew VII ta' dan l-Anness (Parti-66), kif applikabbli;

(ii) is-sillabu tal-kwalifika teknika konċernata, rilevanti għall-kategorija partikolari li trid tinkiseb.

▼M5

Dan il-paragun għandu jiddikjara jekk hijiex qiegħda tintwera konformità u għandu jinkludi l-ġustifikazzjonijiet għal kull dikjarazzjoni.

(b) Il-kredits għall-eżamijiet, għajr għall-eżamijiet ta' għarfien bażiku mwettqa fl-organizzazzjonijiet ta' taħriġ fil-manutenzjoni approvati skont l-Anness IV (Parti-147), jistgħu jingħataw biss mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn tkun inkisbet il-kwalifika, sakemm ma jkunx jeżisti xi ftehim formali ma' dik l-awtorità kompetenti li jgħid mod ieħor.

(c) Ma jista' jingħata l-ebda kredit sakemm ma jkunx hemm dikjarazzjoni tal-konformità għal kull modulu u submodulu, li tindika fejn l-istandard ekwivalenti jista' jinstab fil-kwalifika teknika.

(d) L-awtorità kompetenti għandha tiċċekkja, fuq bażi regolari, jekk dawn l-elementi li ġejjin ikunux inbidlu:

(i) l-istandard tal-kwalifiki nazzjonali;

(ii) l-Appendiċi I jew VII ta' dan l-Anness (Parti-66), kif applikabbli.

L-awtorità kompetenti għandha tevalwa wkoll jekk ikunx meħtieġ tibdil konsegwenti fir-rapport tal-kredits. Dan it-tibdil għandu jiġi ddokumentat, iddatat u rreġistrat.

▼B

66.B.410 **Il-validità tal-kredits tal-eżamijiet**

(a) L-awtorità kompetenti għandha tinnotifika lill-applikant bil-miktub dwar kwalunkwe kredits mogħtija flimkien mar-referenza għar-rapport tal-kredits użat.

(b) Il-kredits għandhom jiskadu wara għaxar snin li jingħataw.

▼M5

(c) Malli l-kredits jiskadu, l-applikant jista' japplika għal kredits ġodda. L-awtorità kompetenti għandha testendi l-validità tal-kredits għal perjodu addizzjonali ta' għaxar snin mingħajr aktar kunsiderazzjoni jekk ir-rekwiżiti ta' għarfien bażiku definiti fl-Appendiċi I jew VII ta' dan l-Anness (Parti-66), kif applikabbli, ma jkunux inbidlu.

▼B

IS-SOTTOPARTI F

*SORVELJANZA KONTINWA*

Din is-Sottoparti tiddeskrivi l-proċeduri għas-sorveljanza kontinwa tal-liċenzja tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru u b'mod partikolari għar-revoka, is-sospensjoni jew il-limitazzjoni tal-liċenzja tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru.

66.B.500 **Revoka, sospensjoni jew limitazzjoni tal-liċenzja tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru**

L-awtorità kompetenti għandha tissospendi, tillimita jew tirrevoka l-liċenzja tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru meta tkun identifikat kwistjoni ta' sikurezza jew jekk ikollha evidenza ċara li l-persuna wettqet jew kienet involuta f'waħda jew aktar mill-attivitajiet li ġejjin:

1. kisbet il-liċenzja tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru u/jew il-privileġġi taċ-ċertifikazzjoni permezz ta' falsifikazzjoni ta' evidenza dokumentarja.

2. naqset milli twettaq il-manutenzjoni mitluba u naqset milli tirrapporta tali fatt lill-organizzazzjoni jew persuna li talbet il-manutenzjoni.

▼B

3. naqset milli twettaq il-manutenzjoni meħtieġa li tirriżulta minn spezzjoni proprja u naqset milli tirrapporta tali fatt lill-organizzazzjoni jew persuna li għaliha kienet intiża li titwettaq il-manutenzjoni.

4. manutenzjoni negliġenti.

5. falsifikazzjoni tar-reġistru tal-manutenzjoni.

6. ħarġet ċertifikat ta' rilaxx għas-servizz minkejja li kienet taf li l-manutenzjoni speċifikata fuq iċ-ċertifikat ta' rilaxx għas-servizz ma kinitx twettqet jew mingħajr ma vverifikat li tali manutenzjoni twettqet.

7. wettqet manutenzjoni jew ħarġet ċertifikat ta' rilaxx għas-servizz meta l-persuna kienet affettwata ħażin mill-alkoħol jew mid-drogi.

▼M11

8. il-ħruġ ta’ ċertifikat tar-rilaxx għas-servizz minkejja li ma jkunx hemm konformità ma’ dan ir-Regolament.

▼M5

*Appendiċi I*

**RekwiżiSTI ta' Għarfien Bażiku**

**(għajr għal liċenzja tal-kategorija L)**

1. **Livelli ta' għarfien għal-liċenzja għall-manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru tal-kategorija A, B1, B2, B2L, B3 u C**

L-għarfien bażiku għall-kategoriji A, B1, B2, B2L u B3 huwa indikat permezz tal-livelli ta' għarfien (1, 2 jew 3) għal kull suġġett applikabbli. L-applikanti tal-kategorija C għandhom jilħqu l-livelli ta' għarfien bażiku tal-kategorija B1 jew tal-kategorija B2.

▼B

L-indikaturi tal-livell tal-għarfien huma definiti fuq 3 livelli kif ġej:

— *LIVELL 1: Familjarizzazzjoni mal-elementi prinċipali tas-suġġett.*

Objettivi:

(a) L-applikant għandu jkun familjari mal-elementi bażiċi tas-suġġett.

(b) L-applikant għandu jkun kapaċi jagħti deskrizzjoni sempliċi tas-suġġett kollu, billi juża kliem u eżempji komuni.

(c) L-applikant għandu jkun kapaċi juża termini tipiċi.

— *LIVELL 2: Għarfien ġenerali tal-aspetti teoretiċi u prattiċi tas-suġġett u abbiltà li japplika dak l-għarfien.*

Objettivi:

(a) L-applikant għandu jkun kapaċi jifhem il-prinċipji fundamentali teoretiċi tas-suġġett.

(b) L-applikant għandu jkun kapaċi jagħti deskrizzjoni ġenerali tas-suġġett, billi juża, kif xieraq, eżempji tipiċi.

(c) L-applikant għandu jkun kapaċi juża formuli matematiċi b'rabta mal-liġijiet fiżiċi li jiddeskrivu s-suġġett.

(d) L-applikant għandu jkun kapaċi jaqra u jifhem abbozzi, disinji u dijagrammi skematiċi li jiddeskrivu s-suġġett.

(e) L-applikant għandu jkun kapaċi japplika l-għarfien tiegħu b'mod prattiku billi juża proċeduri dettaljati.

— *LIVELL 3: Għarfien dettaljat tal-aspetti teoretiċi u prattiċi tas-suġġett u kapaċità li l-elementi separati tal-għarfien jiġu kkombinati u applikati b'mod loġiku u komprensiv.*

Objettivi:

(a) L-applikant għandu jkun jaf it-teorija tas-suġġett u r-relazzjonijiet interni ma' suġġetti oħrajn.

(b) L-applikant għandu jkun kapaċi jagħti deskrizzjoni dettaljata tas-suġġett billi juża prinċipji fundamentali teoretiċi u eżempji speċifiċi.

(c) L-applikant għandu jifhem u jkun kapaċi juża formuli matematiċi relatati mas-suġġett.

▼B

(d) L-applikant għandu jkun kapaċi jaqra, jifhem u jħejji abbozzi, disinji sempliċi u dijagrammi skematiċi li jiddeskrivu s-suġġett.

(e) L-applikant għandu jkun kapaċi japplika l-għarfien tiegħu b'mod prattiku billi juża l-istruzzjonijiet tal-produttur.

(f) L-applikant għandu jkun kapaċi jinterpreta r-riżultati minn sorsi u kejl differenti u japplika azzjoni korrettiva meta jkun xieraq.

▼M5

2. **Modularizzazzjoni**

Il-kwalifikazzjoni fir-rigward ta' suġġetti bażiċi għal kull kategorija jew subkategorija tal-liċenzja għall-manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru għandha tkun skont il-matriċi li ġejja, fejn is-suġġetti applikabbli jkunu indikati b'"X":

Għall-kategoriji A, B1 u B3:

| Modulu tas-suġġett | Ajruplan A jew B1 li jkollu: | | Ħelikopter A jew B1 li jkollu: | | B3 |
|---|---|---|---|---|---|
| | Magna/i bit-turbini | Magna/i bil-pistuni | Magna/i bit-turbini | Magna/i bil-pistuni | Ajruplani mhux pressurizzati b'magni bil-pistuni b'MTOM ta' 2 000 kg u inqas |
| 1 | X | X | X | X | X |
| 2 | X | X | X | X | X |
| 3 | X | X | X | X | X |
| 4 | X | X | X | X | X |
| 5 | X | X | X | X | X |
| 6 | X | X | X | X | X |
| 7A | X | X | X | X | |
| 7B | | | | | X |
| 8 | X | X | X | X | X |
| 9A | X | X | X | X | |
| 9B | | | | | X |
| 10 | X | X | X | X | X |
| 11 A | X | | | | |
| 11 B | | X | | | |
| 11C | | | | | X |
| 12 | | | X | X | |
| 13 | | | | | |
| 14 | | | | | |
| 15 | X | | X | | |
| 16 | | X | | X | X |
| 17 A | X | X | | | |
| 17 B | | | | | X |

▼**M5**

Għall-kategoriji B2 u B2L:

| Modulu/submoduli tas-suġġett | B2 | B2L |
|---|---|---|
| 1 | X | X |
| 2 | X | X |
| 3 | X | X |
| 4 | X | X |
| 5 | X | X |
| 6 | X | X |
| 7A | X | X |
| 7B | | |
| 8 | X | X |
| 9A | X | X |
| 9B | | |
| 10 | X | X |
| 11A | | |
| 11B | | |
| 11C | | |
| 12 | | |
| 13.1 u 13.2 | X | X |
| 13.3(a) | X | X (għall-klassifikazzjoni ta' sistemi "Awtotitjir") |
| 13.3(b) | X | |
| 13.4(a) | X | X (għall-klassifikazzjoni ta' sistemi "Com/Nav") |
| 13.4(b) | X | X (għall-klassifikazzjoni ta' sistemi "Sorveljanza") |
| 13.4(c) | X | |
| 13.5 | X | X |
| 13.6 | X | |
| 13.7 | X | X (għall-klassifikazzjoni ta' sistemi "Awtotitjir") |
| 13.8 | X | X (għall-klassifikazzjoni ta' sistemi "Strumenti") |
| 13.9 | X | X |
| 13.10 | X | |
| 13.11 sa 13.18 | X | X (għall-klassifikazzjoni ta' sistemi "Sistemi ta' qafas tal-inġenju tal-ajru") |
| 13.19 sa 13.22 | X | |
| 14 | X | X (għall-klassifikazzjonijiet ta' sistemi "Strumenti" u "Sistemi ta' qafas tal-inġenju tal-ajru") |
| 15 | | |
| 16 | | |
| 17A | | |
| 17B | | |

▼B

MODULU 1. MATEMATIKA

| | | LIVELL | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | A | B1 | ►M5 B2 B2L ◄ | B3 |
| 1.1 | *Aritmetika* | 1 | 2 | 2 | 2 |
| | It-termini u s-sinjali aritmetiċi, il-metodi ta' multiplikazzjoni u diviżjoni, frazzjonijiet u deċimali, fatturi u multipli, il-piżijiet, il-qisien u l-fatturi tal-konverżjoni, il-proporzjon, medji u perċentwali, l-erja u l-volum, kwadri, kubi, square roots u cube roots. | | | | |
| 1.2 | *Alġebra* | | | | |
| | (a) Evalwazzjoni ta' espressjonijiet alġebrajċi sempliċi, l-għadd, it-tnaqqis, multiplikazzjoni u diviżjoni, l-użu tal-parentesi, frazzjonijiet alġebrajċi sempliċi; | 1 | 2 | 2 | 2 |
| | (b) Ekwazzjonijiet lineari u s-soluzzjonijiet tagħhom;<br>L-indiċi u l-powers, l-indiċi negattivi u frazzjonali;<br>Sistemi f'format binary u sistemi oħrajn applikabbli ta' nnumerar;<br>Ekwazzjonijiet simultanji u ekwazzjonijiet tat-tieni grad b'terminu wieħed mhux magħruf;<br>Il-logarittmi. | — | 1 | 1 | 1 |
| 1.3 | *Ġeometrija* | | | | |
| | (a) Kostruzzjonijiet ġeometriċi sempliċi; | — | 1 | 1 | 1 |
| | (b) Rappreżentazzjoni grafika; in-natura u l-użu tal-graffs, graffs ta' ekwazzjonijiet/funzjonijiet; | 2 | 2 | 2 | 2 |
| | (c) Trigonometrija sempliċi; relazzjonijiet trigonometriċi, l-użu tat-tabelli u koordinati rettangolari u polari. | — | 2 | 2 | 2 |

MODULU 2. FIŻIKA

| | | LIVELL | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | A | B1 | ►M5 B2 B2L ◄ | B3 |
| 2.1 | *Materja* | 1 | 1 | 1 | 1 |
| | In-natura tal-materja: l-elementi kimiċi, l-istruttura tal-atomi, il-molekuli; | | | | |
| | Komposti kimiċi; | | | | |
| | L-istati: solidi, likwidi u gassużi; | | | | |
| | It-tibdil bejn l-istati. | | | | |
| 2.2 | *Mekkanika* | | | | |
| 2.2.1 | *Statika* | 1 | 2 | 1 | 1 |
| | Il-forzi, il-moments u l-couples, ir-rappreżentazzjoni bħala vekters; | | | | |
| | Iċ-ċentru tal-gravità; | | | | |
| | L-elementi tat-teorija tal-istress, l-istrejn u l-elastiċità: it-tensjoni, il-kompressjoni, shear u t-torsjoni; | | | | |
| | In-natura u l-karatteristiċi ta' solidu, fluwidu u gass; | | | | |
| | Il-pressjoni u l-kapaċità li żżomm fil-wiċċ fil-likwidi (il-barometri). | | | | |
| 2.2.2 | *Kinetika* | 1 | 2 | 1 | 1 |
| | Moviment lineari: moviment uniformi f'linja dritta, moviment b'aċċelerazzjoni kostanti (moviment taħt l-effett tal-gravità); | | | | |
| | Moviment rotazzjonali: moviment ċirkolari uniformi (forzi ċentrifugali/ċentripetali); | | | | |

▼B

| | | LIVELL | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | A | B1 | ►M5 B2 B2L ◄ | B3 |
| | Moviment perjodiku: moviment pendolari; | | | | |
| | It-teorija sempliċi tal-vibrazzjoni, l-armoniċi u r-reżonanza; | | | | |
| | Il-proporzjon tal-veloċità, il-vantaġġ mekkaniku u l-effiċjenza. | | | | |
| 2.2.3 | *Dinamika* | | | | |
| | (a) Massa;<br>Il-forza, l-inerzja, ix-xogħol, il-power, l-enerġija (l-enerġija potenzjali, kinetika u totali), is-sħana, l-effiċjenza; | 1 | 2 | 1 | 1 |
| | (b) Il-momentum, il-konservazzjoni tal-momentum;<br>L-impuls;<br>Prinċipji ġiroskopiċi;<br>Il-frizzjoni: in-natura u l-effetti, il-koeffiċjent tal-frizzjoni (reżistenza rolling). | 1 | 2 | 2 | 1 |
| 2.2.4 | *Dinamika tal-fluwidi* | | | | |
| | (a) Il-gravità speċifika u d-densità. | 2 | 2 | 2 | 2 |
| | (b) Il-viskożità, ir-reżistenza tal-fluwidi, l-effetti ta' streamlining;<br>L-effetti tal-kompressibilità fuq il-fluwidi;<br>Il-pressjoni statika, dinamika u totali: it-teorema ta' Bernoulli, il-venturi. | 1 | 2 | 1 | 1 |
| 2.3 | *Termodinamika* | | | | |
| | (a) It-temperatura: it-termometri u l-iskali tat-temperatura: Celsius, Fahrenheit u Kelvin; Id-definizzjoni tas-sħana; | 2 | 2 | 2 | 2 |
| | (b) Il-kapaċità tas-sħana, is-sħana speċifika;<br>It-trasferiment tas-sħana: konvezzjoni, radjazzjoni u konduzzjoni;<br>L-espansjoni volumetrika;<br>L-ewwel u t-tieni liġi tat-termodinamika;<br>Il-gassijiet: liġijiet ideali tal-gassijiet; is-sħana speċifika f'volum kostanti u taħt pressjoni kostanti, ix-xogħol imwettaq minn gass li jespandi;<br>Espansjoni u kompressjoni isotermali u adjabatika, iċ-ċikli tal-magna, il-volum kostanti u l-pressjoni kostanti, ir-refriġeraturi u l-pompi tas-sħana;<br>Sħana rieqda tal-fużjoni u l-evaporazzjoni, l-enerġija termali, is-sħana tal-kombustjoni. | — | 2 | 2 | 1 |
| 2.4 | *Ottika (Id-Dawl)* | — | 2 | 2 | — |
| | In-natura tad-dawl; il-veloċità tad-dawl; | | | | |
| | Il-liġijiet tar-riflessjoni u r-rifrazzjoni: riflessjoni fuq uċuħ ċatti, riflessjoni minn mirja sferiċi, ir-rifrazzjoni, il-lentijiet; | | | | |
| | Il-fibra ottika. | | | | |
| 2.5 | *Il-Moviment tal-Mewġ u l-Ħoss* | — | 2 | 2 | — |
| | Il-moviment tal-mewġ: mewġ mekkaniku, il-moviment tal-mewġ sinusojdali, il-fenomeni tal-interferenza, il-mewġ permanenti; | | | | |
| | Il-ħoss: il-veloċità tal-ħoss, il-produzzjoni tal-ħoss, l-intensità, it-ton u l-kwalità, l-effett Doppler. | | | | |

▼B

MODULU 3. PRINĊIPJI FUNDAMENTALI TAL-ELETTRIKU

| | | LIVELL | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | A | B1 | ►M5 B2 B2L ◄ | B3 |
| 3.1 | *Teorija tal-Elettron* | 1 | 1 | 1 | 1 |
| | L-istruttura u d-distribuzzjoni taċ-ċarġ tal-elettriku fi ħdan: l-atomi, il-molekuli, il-joni, il-komposti; | | | | |
| | L-istruttura molekulari tal-kondutturi, is-semikondutturi u l-iżolaturi. | | | | |
| 3.2 | *Elettriċità Statika u Konduzzjoni* | 1 | 2 | 2 | 1 |
| | L-elettriċità statika u d-distribuzzjoni taċ-ċarġis elettrostatiċi; | | | | |
| | Il-liġijiet elettrostatiċi tal-attrazzjoni u r-ripulsjoni; | | | | |
| | L-unitajiet taċ-ċarġ, il-Liġi ta' Coulomb; | | | | |
| | Il-konduzzjoni tal-elettriku fis-solidi, il-likwidi, il-gassijiet u l-vakwu. | | | | |
| 3.3 | *Terminoloġija tal-Elettriċità* | 1 | 2 | 2 | 1 |
| | It-termini li ġejjin, l-unitajiet tagħhom u fatturi li jaffettwawhom: id-differenza potenzjali, il-forza elettromottiva, il-vultaġġ, il-kurrent, ir-reżistenza, il-konduttività, iċ-ċarġ, il-fluss konvenzjonali tal-kurrent, il-fluss tal-elettrons. | | | | |
| 3.4 | *Ġenerazzjoni tal-Elettriku* | 1 | 1 | 1 | 1 |
| | Il-produzzjoni tal-elettriku bil-metodi li ġejjin: id-dawl, is-sħana, il-frizzjoni, il-pressjoni, l-azzjoni kimika, il-manjetiżmu u l-moviment. | | | | |
| 3.5 | *Sorsi DC tal-Elettriku* | 1 | 2 | 2 | 2 |
| | Il-kostruzzjoni u l-azzjoni kimika bażika ta': iċ-ċelloli primarji, iċ-ċelloli sekondarji, iċ-ċelloli taċ-ċomb u l-aċidu, iċ-ċelloli tan-nikil u l-kadmju, iċ-ċelloli alkalini oħrajn; | | | | |
| | Iċ-ċelloli mqabbda f'serje u paralleli; | | | | |
| | Ir-reżistenza interna u l-effett tagħha fuq il-batterija; | | | | |
| | Il-kostruzzjoni, il-materjali u t-tħaddim tal-termokoppji; | | | | |
| | It-tħaddim tal-fotoċelloli. | | | | |
| 3.6 | *Ċirkwiti DC* | — | 2 | 2 | 1 |
| | Il-Liġi ta' Ohm, il-Liġi ta' Kirchoff dwar il-Vultaġġ u l-Liġijiet tal-Kurrent; | | | | |
| | Il-kalkoli permezz tal-liġijiet ta' hawn fuq biex tinstab ir-reżistenza, il-vultaġġ u l-kurrent; | | | | |
| | Is-sinifikat tar-reżistenza interna tal-provvista. | | | | |
| 3.7 | *Reżistenza/Reżister* | | | | |
| | (a) Ir-reżistenza u l-fatturi li jaffettwawha;<br>Reżistenza speċifika;<br>Il-kodiċi bil-kulur tar-reżisters, il-valuri u t-tolleranzi, il-valuri ppreferuti, il-klassifikazzjonijiet tal-wattage;<br>Ir-reżisters imqabbda f'serje u b'mod parallel;<br>Il-kalkolazzjoni tar-reżistenza totali bl-użu ta' kombinazzjonijiet f'serje, paralleli u serje paralleli;<br>It-tħaddim u l-użu tal-potenzjometri u r-reostati;<br>It-tħaddim tal-Pont ta' Wheatstone. | — | 2 | 2 | 1 |

▼B

| | | LIVELL | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | A | B1 | ►M5 B2 B2L ◄ | B3 |
| | (b) Il-konduttività tal-koeffiċjenti pożittivi u negattivi tat-temperatura;<br>Reżisters fissi, l-istabilità, it-tolleranza u l-limitazzjonijiet, il-metodi tal-kostruzzjoni;<br>Ir-resistors varjabbli, it-termisters, ir-reżisters dipendenti fuq il-vultaġġ;<br>Il-kostruzzjoni tal-potenzjometri u r-reostati;<br>Il-kostruzzjoni tal-Pont ta' Wheatstone; | — | 1 | 1 | — |
| 3.8 | *Enerġija (power)*<br>L-enerġija (power), ix-xogħol u l-enerġija (kinetika u potenzjali);<br>Il-ħela tal-enerġija (power) minn reżister;<br>Il-formula tal-enerġija (power);<br>Il-kalkolazzjonijiet li jinvolvu l-enerġija (power), ix-xogħol u l-enerġija. | — | 2 | 2 | 1 |
| 3.9 | *Kapaċitanza/Kondensers*<br>It-tħaddim u l-funzjoni ta' kondenser;<br>Il-fatturi li jaffettwaw iż-żona tal-kapaċitanza tal-pjanċi, id-distanza bejn il-pjanċi, in-numru tal-pjanċi, id-dielettriki u d-dielettriki; Il-kostanti, il-vultaġġ tax-xogħol, il-klassifikazzjoni tal-vultaġġ;<br>It-tipi, il-kostruzzjoni u l-funzjoni tal-kondensers;<br>Il-kodiċi bil-kulur tal-kondensers;<br>Il-kalkolazzjonijiet tal-kapaċitanza u tal-vultaġġ f'ċirkwiti f'serje u ċirkwiti paralleli;<br>Iċ-ċarġ u l-ħruġ ta' ċarġ esponenzjali ta' kondenser, il-kostanti tal-ħin;<br>L-ittestjar tal-kondensers. | — | 2 | 2 | 1 |
| 3.10 | *Manjetiżmu* | | | | |
| | (a) It-teorija tal-manjetiżmu;<br>Il-karatteristiċi ta' kalamita;<br>L-azzjoni ta' kalamita mdendla fil-qasam manjetiku tad-Dinja;<br>Il-manjetizzazzjoni u d-demanjetizzazzjoni;<br>Ilqugħ (shielding) manjetiku;<br>Diversi tipi ta' materjal manjetiku;<br>Il-kostruzzjoni u l-prinċipji tat-tħaddim tal-elettrokalamiti;<br>Ir-regoli tal-ponn tal-id il-leminija biex ikun stabbilit: il-kamp manjetiku madwar konduttur li jġorr il-kurrent; | — | 2 | 2 | 1 |
| | (b) Il-forza manjetomottiva, is-saħħa tal-kamp, id-densità tal-fluss manjetiku, il-permeabilità, is-sekwenza tal-istereżi, il-kapaċità taż-żamma, ir-riluttanza tal-forza li tisforza, il-punt tas-saturazzjoni, it-tidwir tal-kurrenti;<br>Il-prekawzjonijiet għall-ħażna bil-galbu tal-kalamiti. | — | 2 | 2 | 1 |
| 3.11 | *Inductance/Inductor*<br>Ir-Regola ta' Faraday;<br>L-azzjoni tal-induzzjoni tal-vultaġġ f'konduttur li jiċċaqlaq f'kamp manjetiku;<br>Il-prinċipji tal-induzzjoni;<br>L-effetti ta' dawn li ġejjin fuq il-kobor tal-vultaġġ indott: is-saħħa tal-kamp manjetiku, ir-rata tat-tibdil tal-fluss, in-numru tad-dawriet tal-konduttur;<br>Induzzjoni miż-żewġ naħat;<br>L-effett li għandha r-rata tal-bidla tal-kurrent primarju u l-induzzjoni miż-żewġ naħat fuq il-vultaġġ indott; | — | 2 | 2 | 1 |

▼B

| | | LIVELL | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | A | B1 | ►M5 B2 B2L ◄ | B3 |
| | Il-fatturi li jaffettwaw l-induzzjoni miż-żewġ naħat: in-numru tad-dawriet fil-kojl, id-daqs fiżiku tal-kojl, il-permeabilità tal-kojl, il-pożizzjoni tal-kojls fir-rigward ta' xulxin;<br><br>Il-liġi ta' Lenz u r-regoli tad-determinazzjoni tal-polarità;<br><br>Forza elettro-mottiva kuntrarja, awtoinduzzjoni;<br><br>Il-punt tas-saturazzjoni;<br><br>L-użu prinċipali tal-indutturi. | | | | |
| 3.12 | *Teorija tal-Mutur/Ġeneratur DC*<br><br>It-teorija bażika tal-mutur u l-ġeneratur;<br><br>Il-kostruzzjoni u l-għan tal-komponenti f'ġeneratur DC;<br><br>It-tħaddim ta', u l-fatturi li jaffettwaw il-produzzjoni u d-direzzjoni tal-fluss tal-kurrent f'ġeneraturi DC;<br><br>It-tħaddim ta', u l-fatturi li jaffettwaw l-enerġija (power) tal-produzzjoni, it-torque, il-veloċità u direzzjoni tar-rotazzjoni tal-muturi DC;<br><br>Muturi b'winding f'serje, b'winding shunt u komposti;<br><br>Il-kostruzzjoni ta' Ġeneratur Starter. | — | 2 | 2 | 1 |
| 3.13 | *It-Teorija tal-AC*<br><br>Il-forma ta' mewġa tat-tip sinusojdali: il-fażijiet, il-perjodu, il-frekwenza, iċ-ċiklu;<br><br>Il-valuri ta' kurrent istantanju, medju, root mean square, tal-ogħla konsum, mill-ogħla punt sal-ogħla punt tal-konsum u l-kalkolazzjonijiet ta' dawn il-valuri, fir-rigward tal-vultaġġ, il-kurrent u l-enerġija (power);<br><br>Il-mewġ Trijangulari/Kwadri;<br><br>Il-prinċipji tal-kurrent single/3 phase. | 1 | 2 | 2 | 1 |
| 3.14 | *Ċirkwiti Reżistivi (R), Kapaċittivi (c) u Induttivi (L)*<br><br>Ir-relazzjoni tal-fażi tal-vultaġġ u l-kurrent fiċ-ċirkwiti L, C u R, paralleli, f'serje u f'serje paralleli;<br><br>Il-ħela tal-enerġija (power) fiċ-ċirkwiti L, C u R;<br><br>Il-kalkolazzjonijiet tal-impedenza, l-angolu tal-fażi, il-fattur tal-enerġija (power) u l-kurrent;<br><br>Il-kalkolazzjonijiet tal-enerġija (power) vera, l-enerġija (power) apparenti u l-enerġija (power) reattiva. | — | 2 | 2 | 1 |
| 3.15 | *Trasformaturi*<br><br>Il-prinċipji tal-kostruzzjoni u t-tħaddim tat-trasformaturi;<br><br>It-telf minn trasformatur u l-metodi biex jingħeleb;<br><br>L-azzjoni tat-transformatur fil-kundizzjonijiet meta jingħata u ma jingħatax il-kurrent;<br><br>It-trasferiment tal-enerġija (power), l-effiċjenza, il-marki tal-polarità;<br><br>Il-kalkolazzjoni tal-vultaġġi u l-kurrenti tal-linja u l-phase;<br><br>Il-kalkolazzjoni tal-enerġija (power) f'sistema three phase;<br><br>Il-kurrenti Primarji u Sekondarji, il-vultaġġ, il-proporzjon tad-dawriet, l-enerġija (power), l-effiċjenza;<br><br>Awtotrasformaturi. | — | 2 | 2 | 1 |

▼B

| | | LIVELL | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | A | B1 | ►M5 B2 B2L ◄ | B3 |
| 3.16 | *Filtri* | — | 1 | 1 | — |
| | It-tħaddim, l-applikazzjoni u l-użu tal-filtri li ġejjin: low pass, high pass, band pass, band stop. | | | | |
| 3.17 | *Ġeneraturi AC* | — | 2 | 2 | 1 |
| | Ir-rotazzjoni tas-sekwenza fil-kamp manjetiku u l-forma tal-mewġ prodott; | | | | |
| | It-tħaddim u l-kostruzzjoni ta' ġeneraturi AC bl-armature iddur u l-kamp idur; | | | | |
| | Olternejters single phase, two phase u three phase; | | | | |
| | Il-vantaġġi u l-użu tal-konnessjonijiet stilla tat-three phase u delta; | | | | |
| | Ġeneraturi bil-Kalamiti Permanenti. | | | | |
| 3.18 | *Muturi AC* | — | 2 | 2 | 1 |
| | Il-kostruzzjoni, il-prinċipji tat-tħaddim u l-karatteristiċi ta': muturi AC sinkroniċi u induttivi muturi kemm single phase kif ukoll polyphase; | | | | |
| | Il-metodi tal-kontroll tal-veloċità u d-direzzjoni tar-rotazzjoni; | | | | |
| | Il-metodi tal-produzzjoni ta' kamp li jdur: il-kapasiter, l-induttur, shaded jew split pole. | | | | |

MODULU 4. IL-PRINĊIPJI FUNDAMENTALI ELETTRONIĊI

| | | LIVELL | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | A | B1 | ►M5 B2 B2L ◄ | B3 |
| 4.1 | *Semikondutturi* | | | | |
| 4.1.1 | *Diodes* | | | | |
| | (a) Is-simboli tad-diodes;<br>Il-karatteristiċi tad-diodes;<br>Id-diodes f'serje u paralleli;<br>Il-karatteristiċi ewlenin u l-użu ta' rettifikaturi ikkontrollati bis-silikon (thyristors), diodes li jemettu d-dawl (LEDs), diode konduttiv għad-dawl, il-varistor, id-diodes tar-rettifikaturi;<br>It-testijiet funzjonali tad-diodes. | — | 2 | 2 | 1 |
| | (b) Il-materjali, il-konfigurazzjoni tal-elettroni, il-karatteristiċi tal-elettriku;<br>Il-materjali tat-tip P u N: l-effetti tal-impuritajiet fuq il-konduzzjoni, il-karattri tal-maġġoranza u l-minoranza;<br>Il-PN junction f'semikonduttur, l-iżvilupp ta' potenzjal f'PN junction f'kundizzjonijiet mingħajr preġudizzju, ippreġudikati 'l quddiem u ppreġudikati lura;<br>Il-parametri tad-diodes: vultaġġ invers massimu, il-kurrent 'l quddiem massimu, it-temperatura, il-frekwenza, it-tnixxija tal-kurrent, il-ħela tal-enerġija (power);<br>It-tħaddim u l-funzjoni tad-diodes fiċ-ċirkwiti li ġejjin: clippers, clampers, rettifikaturi full u half wave, ir-rettifikaturi bridge, id-doublers u t-triplers tal-vultaġġ;<br>It-tħaddim dettaljat u l-karatteristiċi tat-tagħmir li ġej: ir-rettifikaturi ikkontrollati bis-silikon (thyristors), diodes li jemettu d-dawl, id-diode Schottky, id-diode konduttiv għad-dawl, id-diode varactor, il-varistor, id-diodes tar-rettifikaturi, id-diode Zener. | — | — | 2 | — |

▼B

| | LIVELL | | | |
|---|---|---|---|---|
| | A | B1 | ►M5 B2 B2L ◄ | B3 |
| 4.1.2 *Tranżisters* | | | | |
| (a) Is-simboli tat-tranżisters;<br>Id-deskrizzjoni u l-orjentazzjoni tal-komponent;<br>Il-karatteristiċi tat-tranżisters. | — | 1 | 2 | 1 |
| (b) Il-kostruzzjoni u t-tħaddim ta' tranżisters PNP u NPN;<br>Il-konfigurazzjonijiet tal-bażi, il-kollettur u l-emittur;<br>L-ittestjar tat-tranżisters;<br>L-apprezzament bażiku ta' tipi oħrajn ta' tranżisters u l-użu tagħhom;<br>L-applikazzjoni tat-tranżisters: il-kategoriji tal-amplifikaturi (A, B, C);<br>Iċ-ċirkwiti sempliċi li jinkludu: bias, decoupling, feedback u stabbilizzazzjoni;<br>Il-prinċipji ta' ċirkwiti multistadji: cascades, push-pull, oxxillaturi, multivibraturi, ċirkwiti flip-flop. | — | — | 2 | — |
| 4.1.3 *Ċirkwiti Integrati* | | | | |
| (a) Id-deskrizzjoni u t-tħaddim ta' ċirkwiti loġiċi u ċirkwiti lineari/amplifikaturi operattiv; | — | 1 | — | 1 |
| (b) Id-deskrizzjoni u t-tħaddim ta' ċirkwiti loġiċi u ċirkwiti lineari;<br>L-introduzzjoni għat-tħaddim u l-funzjoni ta' amplifikatur operattiv użat bħala: integrejter, differentiator, voltage follower, kumparatur;<br>L-istadji tat-tħaddim u l-amplifikazzjoni li jgħaqqdu l-metodi: resistive capacitive, inductive (transformer), inductive resistive (IR), dirett;<br>Il-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' feedback pożittiv u negattiv. | — | — | 2 | — |
| 4.2 *Bords taċ-Ċirkwiti Stampati* | — | 1 | 2 | — |
| Id-deskrizzjoni u l-użu tal-bords taċ-ċirkwiti stampati. | | | | |
| 4.3 *Servomekkaniżmi* | | | | |
| (a) Il-fehim tat-termini li ġejjin: Sistemi ta' sekwenza miftuħa u magħluqa, il-feedback, is-segwitu, it-transdusers analogue;<br>Il-prinċipji tat-tħaddim u l-użu tal-komponenti/aspetti tas-sistema sinkro li ġejja: ir-risolvers, id-differenxjal, il-kontroll u t-torque, it-transformers, it-trażmettituri tal-induktanza u l-kapaċitanza; | — | 1 | — | — |
| (b) Il-fehim tat-termini li ġejjin: sekwenza miftuħa u magħluqa, is-segwitu, il-mekkaniżmu servo, analogue, it-transdusers, in-null, id-damping, il-feedback, id-deadband;<br>Il-kostruzzjoni, it-tħaddim u l-użu tal-komponenti ta' sistema sinkro li ġejjin: ir-risolvers, id-differenxjal, il-kontroll u t-torque, it-transformers E u I, it-trażmettituri tal-induktanza, it-trażmettituri tal-kapaċitanza, it-trażmettituri sinkroniċi;<br>Id-difetti ta' mekkaniżmu servo, l-inverżjoni tas-sinkro leads, il-hunting. | — | — | 2 | — |

▼B

MODULU 5. TEKNIKI DIĠITALI/SISTEMI TA' STRUMENTI ELETTRONIĊI

| | | LIVELL | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | A | B1-1 B1-3 | B1-2 B1-4 | ►M5 B2 B2L ◄ | B3 |
| 5.1 | *Sistemi ta' Strumenti Elettroniċi* | 1 | 2 | 2 | 3 | 1 |
| | L-arranġamenti tipiċi tas-sistemi u t-tifsila tal-kokpit tas-sistemi tal-istrumenti elettroniċi. | | | | | |
| 5.2 | *Sistemi ta' Nnumerar* | — | 1 | — | 2 | — |
| | Is-sistemi tal-innumerar: binarji, ottali u ħeksadeċimali; | | | | | |
| | Il-wiri ta' konverżjonijiet bejn is-sistemi deċimali u l-binarji, l-ottali u l-ħeksadeċimali u viċi-versa. | | | | | |
| 5.3 | *Konverżjoni tad-Dejta* | — | 1 | — | 2 | — |
| | Id-Dejta Analogue, id-Dejta Diġitali; | | | | | |
| | It-tħaddim u l-applikazzjoni ta' konverters mill-analogue għad-diġitali, u mid-diġitali għall-analogue, it-tidħil u l-ħruġ, il-limitazzjonijiet tat-tipi differenti. | | | | | |
| 5.4 | *Buses tad-Dejta* | — | 2 | — | 2 | — |
| | It-tħaddim tal-buses tad-dejta fis-sistemi tal-inġenji tal-ajru, li jinkludi l-għarfien tal-ARINC u speċifikazzjonijiet oħra. | | | | | |
| | Netwerk/Ethernet tal-Inġenji tal-Ajru. | | | | | |
| 5.5 | *Ċirkwiti Loġiċi* | | | | | |
| | (a) L-identifikazzjoni tas-simboli tal-gejts loġiċi, it-tabelli u ċ-ċirkwiti ekwivalenti;<br>L-applikazjonijiet użati għas-sistemi tal-inġenji tal-ajru, id-dijagrammi skematiċi. | — | 2 | — | 2 | ►M5 — ◄ |
| | (b) L-interpretazzjoni tad-dijagrammi loġiċi. | — | — | — | 2 | — |
| 5.6 | *Struttura Bażika tal-Kompjuter* | | | | | |
| | (a) It-terminoloġija tal-kompjuter (inklużi l-bit, il-byte, is-softwer, it-tagħmir, is-CPU, l-IC, u l-istrumenti tal-memorji differenti bħar-RAM, ir-ROM, il-PROM);<br>It-teknoloġija tal-kompjuter (kif applikata fis-sistemi tal-inġenji tal-ajru). | 1 | 2 | — | — | — |
| | (b) It-terminoloġija relatata mal-kompjuter;<br>It-tħaddim, it-tqassim u l-interfejs tal-komponenti maġġuri f'mikrokompjuter inklużi s-sistemi tal-buses assoċjati tagħhom;<br>L-informazzjoni li tinsab fil-kliem ta' struzzjoni uniki u multindirizz;<br>It-termini assoċjati mal-memorja;<br>It-tħaddim tal-istrumenti tal-memorja tipiċi;<br>It-tħaddim, il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tas-sistemi ta' ħażna tad-dejta differenti. | — | — | — | 2 | — |
| 5.7 | *Mikroproċessuri* | — | — | — | 2 | — |

▼B

4. **L-istandard tal-valutazzjoni u tal-eżami tat-taħriġ tat-tip**

4.1. Standard tal-eżami b'element teoriku

Wara li titlesta l-parti teorika tat-taħriġ tat-tip ta' inġenju tal-ajru, għandu jitwettaq eżami bil-miktub, li jrid ikun konformi ma' dawn li ġejjin:

(a) Il-format tal-eżami huwa dak ta' mistoqsijiet b'għażla ta' tweġibiet. Kull mistoqsija b'għażla ta' tweġibiet irid ikollha 3 tweġibiet alternattivi li waħda minnhom biss trid tkun it-tweġiba korretta. Il-ħin totali huwa bbażat fuq in-numru totali tal-mistoqsijiet u l-ħin għat-tweġib tal-mistoqsijiet huwa bbażat fuq medja nominali ta' 90 sekonda għal kull mistoqsija.

(b) L-alternattivi li mhumiex korretti jridu jidhru ugwalment plawsibbli għal kull min ma jkunx jaf is-suġġett. L-alternattivi kollha għandhom ikunu relatati b'mod ċar mal-mistoqsija u jkollhom vokabularju, kostruzzjoni grammatikali u tul simili.

(c) F'mistoqsijiet numeriċi, it-tweġibiet li mhumiex korretti għandhom jikkorrispondu għal żbalji proċedurali bħalma huwa l-użu ta' sens żbaljat (+ kontra -) jew unitajiet ta' kejl li mhumiex korretti. Dawn mgħandhomx ikunu sempliċiment numri magħżula bix-xorti.

(d) Il-livell tal-eżami għal kull kapitolu [1] għandu jkun dak definit fil-punt 2 "Livelli tat-taħriġ tat-tip ta' inġenju tal-ajru". Madankollu, l-użu ta' numru limitat ta' mistoqsijiet f'livell aktar baxx huwa aċċettabli.

(e) L-eżami għandu jkun tat-tip ta' ktieb magħluq. Ma huwa permess l-ebda materjal ta' referenza. Sejra ssir eċċezzjoni fil-każ tal-eżami tal-abbiltà ta' kandidat fil-kategorija B1 jew B2 li jinterpreta dokumenti tekniċi.

(f) In-numru ta' mistoqsijiet għandu jkun ta' mill-inqas mistoqsija waħda għal kull siegħa ta' tagħlim. In-numru ta' mistoqsijiet għal kull kapitolu u livell għandu jkun proporzjonat għal:

— is-sigħat ta' taħriġ effettiv użati għat-tagħlim f'dak il-kapitolu u livell;

— l-objettivi tat-tagħlim kif mogħtija mill-analiżi tal-ħtiġijiet tat-taħriġ.

Meta tapprova l-kors, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru għandha tevalwa n-numru u l-livell tal-mistoqsijiet.

(g) Il-marka minima biex wieħed jgħaddi mill-eżami hija ta' 75 %. Meta l-eżami tat-taħriġ tat-tip jinqasam f'diversi eżamijiet, wieħed irid jgħaddi minn kull eżami b'marka ta' mill-inqas 75 %. Sabiex ikun possibbli li wieħed jikseb eżattament il-marka ta' 75 % sabiex jgħaddi mill-eżami, in-numru ta' mistoqsijiet fl-eżami jrid ikun multiplu ta' 4.

(h) M'għandux jintuża mmarkar b'penali (punti negattivi għal tweġibiet żbaljati).

(i) L-eżamijiet ta' tmiem il-fażi tal-modulu ma jistgħux jintużaw bħala parti mill-eżami finali sakemm ma jkollhomx in-numru u l-livell korrett ta' mistoqsijiet meħtieġa.

4.2. Standard tal-valutazzjoni b'element prattiku

Wara li jitlesta l-element prattiku tat-taħriġ tat-tip ta' inġenju tal-ajru, għandha titwettaq valutazzjoni, li trid tkun konformi ma' dawn li ġejjin:

(a) Il-valutazzjoni għandha ssir minn assessuri maħtura li jkunu kkwalifikati kif xieraq.

(b) Il-valutazzjoni għandha tevalwa l-għarfien u l-ħiliet tal-persuna li qiegħda titħarreġ.

[1] Għall-iskop ta' dan il-punt 4, "kapitolu" tfisser kull waħda mir-ringieli li quddiemhom hemm numru fit-tabella li hemm fil-punt 3.1(e).

▼B

5. **L-istandard tal-eżami tat-tip**

L-eżami tat-tip għandu jsir minn organizzazzjonijiet tat-taħriġ approvati kif xieraq skont il-Parti-147 jew mill-awtorità kompetenti.

L-eżami għandu jkun orali, bil-miktub jew ibbażat fuq valutazzjoni prattika, jew kombinazzjoni tagħhom u jrid ikun konformi mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) Il-mistoqsijiet tal-eżami orali jridu jkunu miftuħa.

(b) Il-mistoqsijiet tal-eżami bil-miktub iridu jkunu t-tip ta' komponiment jew mistoqsijiet b'għażla ta' tweġibiet.

(c) L-evalwazzjoni prattika għandha tiddetermina l-kompetenza ta' persuna biex twettaq kompitu.

(d) L-eżamijiet għandhom ikunu fuq kampjun tal-kapitoli [1] meħud mis-sillabu tat-taħriġ tat-tip/eżami tal-paragrafu 3, fil-livell indikat.

(e) L-alternattivi li mhumiex korretti jridu jidhru ugwalment plawsibbli għal kull min ma jkunx jaf is-suġġett. L-alternattivi kollha għandhom ikunu relatati b'mod ċar mal-mistoqsija u jkollhom vokabularju, kostruzzjoni grammatikali u tul simili.

(f) F'mistoqsijiet numeriċi, it-tweġibiet li mhumiex korretti għandhom jikkorrispondu għal żbalji proċedurali bħal korrezzjonijiet applikati fis-sens żbaljat jew konverżjonijiet ta' unitajiet li mhumiex korretti: dawn mgħandhomx ikunu sempliċiment numri magħżula bix-xorti.

(g) L-eżami għandu jiżgura li jiġu ssodisfati l-objettivi li ġejjin:

1. L-inġenju tal-ajru u s-sistemi tiegħu jkunu ġew diskussi sewwa b'kunfidenza.

2. Ikun żgurat it-twettaq sikur tal-manutenzjoni, l-ispezzjonijiet u x-xogħol ta' rutina skont il-manwal tal-manutenzjoni u struzzjonijiet u kompiti rilevanti oħrajn skont kif jixraq għat-tip tal-inġenju tal-ajru, pereżempju l-identifikazzjoni tal-problemi u s-soluzzjonijiet, it-tiswijiet, l-aġġustamenti, it-tibdil, ir-rigging u l-kontrolli funzjonali bħall-prova tal-magni, eċċ, jekk ikun meħtieġ.

3. Il-letteratura u d-dokumentazzjoni teknika kollha tal-inġenju tal-ajru jintużaw b'mod korrett.

4. L-għodda speċjalizzata/speċjali u t-tagħmir tat-testijiet jintużaw b'mod korrett, titwettaq it-tneħħija u t-tibdil ta' komponenti u moduli uniki għat-tip, inkluża kwalunkwe attività ta' manutenzjoni fuq il-ġwienaħ.

(h) Il-kundizzjonijiet li ġejjin japplikaw għall-eżami:

1. L-għadd massimu ta' tentattivi konsekuttivi huwa tlieta. Settijiet oħrajn ta' tliet tentattivi huma permessi b'sena bħala perjodu ta' stennija bejn is-settijiet. Huwa meħtieġ perjodu ta' stennija ta' 30 jum wara l-ewwel tentattiv bla suċċess fi ħdan sett wieħed, u huwa meħtieġ perjodu ta' stennija ta' 60 jum wara t-tieni tentattiv bla suċċess.

   L-applikant għandu jikkonferma bil-miktub lill-organizzazzjoni tat-taħriġ fil-manutenzjoni jew lill-awtorità kompetenti li japplika għandha għall-eżami, l-għadd u d-dati tat-tentattivi matul l-aħħar sena u l-organizzazzjoni tat-taħriġ fil-manutenzjoni jew l-awtorità kompetenti fejn seħħu dawn it-tentattivi. L-organizzazzjoni tat-taħriġ fil-manutenzjoni jew l-awtorità kompetenti hija responsabbli biex tikkontrolla l-għadd ta' tentattivi fi ħdan l-iskedi applikabbli.

[1] Għall-iskop ta' dan il-punt 5, "kapitolu" tfisser kull waħda mir-ringieli li quddiemhom hemm numru fit-tabelli li hemm fil-punti 3.1(e) u 3.2(b).

▼B

2. L-eżami tat-tip irid jingħadda b'suċċess u l-esperjenza prattika meħtieġa trid titlesta fit-tliet snin li jippreċedu l-applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-klassifikazzjoni fil-liċenzja tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru.

3. L-eżami tat-tip għandu jitwettaq b'mill-inqas eżaminatur wieħed preżenti. L-eżaminatur(i) mgħandux/mgħandhomx ikun(u) involut(i) fit-taħriġ tal-applikant.

(i) Irid isir rapport bil-miktub u ffirmat mill-eżaminatur(i) biex jispjega għaliex il-kandidat għadda jew weħel mill-eżami.

6. **Taħriġ fix-Xogħol**

It-Taħriġ fix-Xogħol (OJT) għandu jiġi approvat mill-awtorità kompetenti li tkun ħarġet il-liċenzja.

L-OJT għandu jitwettaq għand u taħt il-kontroll ta' organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata kif jixraq għall-manutenzjoni tat-tip ta' inġenju tal-ajru partikolari u għandu jiġi vvalutat minn assessuri maħtura li jkunu kkwalifikati kif jixraq.

Huwa għandu jkun beda u tlesta fit-tliet snin li jippreċedu l-applikazzjoni għal approvazzjoni tal-klassifikazzjoni tat-tip.

(a) L-objettiv:

L-objettiv tal-OJT huwa li jikseb il-kompetenza u l-esperjenza meħtieġa fit-twettiq ta' manutenzjoni sikura.

(b) Il-kontenut:

L-OJT għandu jkopri kampjun rappreżentattiv tal-kompiti aċċettabbli għall-awtorità kompetenti. Il-kompiti tal-OJT li jridu jitlestew għandhom ikunu rappreżentattivi tal-inġenju tal-ajru u tas-sistemi kemm fir-rigward tal-kumplessità kif ukoll fl-input tekniku meħtieġ biex jitlesta dak il-kompitu. Waqt li jistgħu jiġu inklużi kompiti relattivament sempliċi, għandhom jiġu inkorporati wkoll kompiti oħrajn aktar kumplessi tal-manutenzjoni, li għandhom jitwettqu kif jixraq għal dak it-tip ta' inġenju tal-ajru.

Wara li jitlesta, kull kompitu għandu jiġi ffirmat mill-istudent u kontroffirmat minn superviżur maħtur. Il-kompiti elenkati għandhom jirreferu għal jobcard/worksheet attwali, eċċ.

Il-valutazzjoni finali tal-OJT komplut hija mandatorja u għandha ssir minn assessur maħtur li jkun ikkwalifikat kif xieraq.

Id-data li ġejja għandha tiġi indirizzata fuq il-worksheets/ġurnal ta' abbord tal-OJT:

1. L-isem tal-persuna li qiegħda titħarreġ;

2. Id-Data tat-Twelid;

3. L-Organizzazzjoni tal-Manutenzjoni Approvata;

4. Il-Lokazzjoni;

5. L-isem tas-superviżur(i) u l-assessur (inkluż in-numru tal-liċenzja, jekk applikabbli);

6. Id-data tat-tlestija tal-kompitu;

▼B

7. Id-deskrizzjoni tal-kompitu u l-job card/ordni tax-xogħol/ġurnal ta' abbord tekniku, eċċ;

8. It-tip tal-inġenju tal-ajru u r-reġistrazzjoni tal-inġenju tal-ajru;

9. Il-klassifikazzjoni tal-inġenju tal-ajru li għaliha saret l-applikazzjoni.

Sabiex tiġi ffaċilitata l-verifikazzjoni mill-awtorità kompetenti, il-wiri tal-OJT għandu jikkonsisti minn (i) worksheets/ġurnal ta' abbord dettaljati u (ii) rapport ta' konformità li juri kif l-OJT jissodisfa r-rekwiżit ta' din il-Parti.

▼M5

*Appendiċi IV*

**Rekwiżiti tal-esperjenza għall-estensjoni ta' liċenzja għall-manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru skont il-Parti-66**

It-tabella ta' hawn taħt turi r-rekwiżiti tal-esperjenza għaż-żieda ta' kategorija jew subkategorija ġdida mal-liċenzja eżistenti skont il-Parti-66.

L-esperjenza għandha tkun esperjenza ta' manutenzjoni prattika fuq inġenji tal-ajru operattiv fis-subkategorija rilevanti għall-applikazzjoni.

Ir-rekwiżit tal-esperjenza għandu jitnaqqas b'50 % jekk l-applikant ikun lesta kors approvat skont il-Parti-147 rilevanti għas-subkategorija.

| Għal<br>Minn | A1 | A2 | A3 | A4 | B1.1 | B1.2 | B1.3 | B1.4 | B2 | B2L | B3 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| A1 | — | 6 xhur | 6 xhur | 6 xhur | Sentejn (2) | 6 xhur | Sentejn (2) | Sena (1) | Sentejn (2) | Sena (1) | 6 xhur |
| A2 | 6 xhur | — | 6 xhur | 6 xhur | Sentejn (2) | 6 xhur | Sentejn (2) | Sena (1) | Sentejn (2) | Sena (1) | 6 xhur |
| A3 | 6 xhur | 6 xhur | — | 6 xhur | Sentejn (2) | Sena (1) | Sentejn (2) | 6 xhur | Sentejn (2) | Sena (1) | Sena (1) |
| A4 | 6 xhur | 6 xhur | 6 xhur | — | Sentejn (2) | Sena (1) | Sentejn (2) | 6 xhur | Sentejn (2) | Sena (1) | Sena (1) |
| B1.1 | Xejn | 6 xhur | 6 xhur | 6 xhur | — | 6 xhur | 6 xhur | 6 xhur | Sena (1) | Sena (1) | 6 xhur |
| B1.2 | 6 xhur | Xejn | 6 xhur | 6 xhur | Sentejn (2) | — | Sentejn (2) | 6 xhur | Sentejn (2) | Sena (1) | Xejn |
| B1.3 | 6 xhur | 6 xhur | Xejn | 6 xhur | 6 xhur | 6 xhur | — | 6 xhur | Sena (1) | Sena (1) | 6 xhur |
| B1.4 | 6 xhur | 6 xhur | 6 xhur | Xejn | Sentejn (2) | 6 xhur | Sentejn (2) | — | Sentejn (2) | Sena (1) | 6 xhur |
| B2 | 6 xhur | 6 xhur | 6 xhur | 6 xhur | Sena (1) | Sena (1) | Sena (1) | Sena (1) | — | — | Sena (1) |
| B2L | 6 xhur | 6 xhur | 6 xhur | 6 xhur | Sena (1) | Sena (1) | Sena (1) | Sena (1) | Sena (1) | — | Sena (1) |
| B3 | 6 xhur | Xejn | 6 xhur | 6 xhur | Sentejn (2) | 6 xhur | Sentejn (2) | Sena (1) | Sentejn (2) | Sena (1) | — |

▼M5

*Appendiċi V*

**Formola tal-Applikazzjoni — Formola 19 tal-EASA**

1. Dan l-Appendiċi fih eżempju tal-formola użata għall-applikazzjoni tal-liċenzja għall-manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru msemmija fl-Anness III (Parti-66).

▼M11

2. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tista’ timmodifika l-Formola 19 tal-EASA biex tinkludi biss informazzjoni addizzjonali meħtieġa biex ikun appoġġat il-każ meta r-rekwiżiti nazzjonali jippermettu jew jirrikjedu li l-liċenzja għall-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru maħruġa f’konformità mal-Anness III (Parti-66) tintuża barra mill-kuntest tar-rekwiżiti ta’ dan ir-Regolament.

▼M5

| APPLIKAZZJONI GĦAL LIĊENZJA INIZJALI/EMENDA TA' LIĊENZJA/TIĠDID TA' LIĊENZJA TAL-MANUTENZJONI TA' INĠENJI GĦALL-AJRU SKONT IL-PARTI-66 (AML) | IL-FORMOLA 19 TAL-EASA |
|---|---|

DETTALJI TAL-APPLIKANT:

Isem: ..........

Indirizz: ..........

Tel: .......... Posta elettronika: ..........

Nazzjonalità: .......... Data u Post tat-Twelid: ..........

DETTALJI tal-AML PARTI-66 (jekk applikabbli)

Liċenzja Nru: .......... Data tal-Ħruġ: ..........

DETTALJI TAL-IMPJEGATUR:

Isem: ..........

Indirizz: ..........

..........

Referenza tal-Approvazzjoni tal-Organizzazzjoni tal-Manutenzjoni: ..........

Tel: .......... Fax: ..........

APPLIKAZZJONI GĦAL: (Immarka fil-kaxxi rilevanti)

AML inizjali ☐ Emenda ta' AML ☐ Tiġdid ta' AML ☐

| (Sub)kategoriji | A | B1 | B2 | B2L | B3 | C | L (ara hawn taħt) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Ajruplani bit-Turbini | ☐ | ☐ | | | | | |
| Ajruplani bil-Pistuni | ☐ | ☐ | | | | | |
| Ħelikopter bit-Turbini | ☐ | ☐ | | | | | |
| Ħelikopter bil-Pistuni | ☐ | ☐ | | | | | |
| Avjonika | | | ☐ | ☐ Ara l-klassifikazzjonijiet ta' sistemi ta' hawn taħt | | | |
| Ajruplani mhux pressurizzati b'magni bil-pistuni b'MTOM ta' 2t u inqas | | | | | ☐ | | |
| Inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-magni | | | | | | ☐ | |
| Inġenji tal-ajru għajr inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-magni | | | | | | | ☐ |

**Klassifikazzjonijiet ta' sistemi għal liċenzja B2L:**

1. awtotitjir, ☐
2. strumenti ☐
3. com/nav ☐
4. sorveljanza ☐
5. sistemi ta' qafas tal-inġenju tal-ajru ☐

**Subkategoriji ta' liċenzja L:**

L1C: Glajders komposti. ☐

L1: Glajders. ☐

L2C: Glajders komposti li jaħdmu bil-magni u ajruplani ELA1 komposti ☐

L2: Glajders bil-magni u ajruplani ELA1 ☐

L3H: Blalen tal-arja sħuna ☐

L3G: Blalen tal-gass ☐

L4H: Iġfna tal-ajru tal-arja sħuna ☐

L4G: Iġfna tal-ajru tal-gass ELA2 ☐

L5: Iġfna tal-ajru tal-gass għajr ELA2 ☐

Approvazzjonijiet tat-tip/Approvazzjonijiet tal-klassifikazzjoni/Tneħħija tal-limitazzjoni (jekk applikabbli):

..........

▼M5

| |
|---|
| Nixtieq napplika għal AML inizjali / emenda ta' AML / tiġdid ta' AML skont il-Parti-66, kif indikat u nikkonferma li l-informazzjoni li fiha din il-formola kienet korretta fi żmien l-applikazzjoni.<br><br>B'dan nikkonferma li:<br><br>1. Jiena ma għandi l-ebda AML tal-Parti-66, maħruġa minn Stat Membru ieħor;<br><br>2. Jiena ma applikajtx għal xi AML skont il-Parti-66 fi Stat Membru ieħor; kif ukoll<br><br>3. Qatt ma kelli xi AML skont il-Parti-66 maħruġa fi Stat Membru ieħor li ġiet revokata jew sospiża f'xi Stat Membru ieħor.<br><br>Jiena nifhem ukoll li kwalunkwe informazzjoni żbaljata tista' tiskwalifikani milli nżomm AML skont il-Parti-66.<br><br>Iffirmata: ................................................ Isem: ................................................<br><br>Data: ................................................ |
| Jien nixtieq nikklejmja l-kredits li ġejjin (jekk applikabbli):<br><br>................................................<br>................................................<br>................................................<br><br>Kredits tal-esperjenza minħabba t-taħriġ tal-Parti-147<br><br>................................................<br>................................................<br>................................................<br><br>Kredits tal-eżami minħabba ċertifikati ta' eżamijiet ekwivalenti<br><br>................................................<br>................................................<br>................................................<br><br>Jekk jogħġbok ehmeż iċ-ċertifikati rilevanti |
| Rakkomandazzjoni (jekk applikabbli): Bil-preżenti huwa ċċertifikat li l-applikant issodisfa r-rekwiżiti rilevanti tal-għarfien u l-esperjenza tal-manutenzjoni tal-Parti-66 u huwa rrakkomandat li l-awtorità kompetenti tagħti jew tapprova l-AML skont il-Parti-66.<br><br>Iffirmata: ................................................ Isem: ................................................<br><br>Kariga: ................................................ Data: ................................................ |

Formola 19 tal-EASA Ħarġa 5

▼M5

*Appendiċi VI*

**Liċenzja għall-Manutenzjoni ta' Inġenji tal-Ajru msemmija fl-Anness III (Parti-66) – Formola 26 tal-EASA**

1. Eżempju tal-liċenzja għall-manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru li hemm referenza għaliha fl-Anness III (Parti-66) jista' jinstab fil-paġni li ġejjin.

2. Id-dokument irid ikun stampat fil-forma standardizzata murija, iżda jista' jiċċekken fid-daqs biex ikun jista' jiġi ġġenerat bil-kompjuter. Meta jiċċekken id-daqs, dan irid isir bil-galbu biex ikun żgurat li jkun hemm biżżejjed spazju disponibbli f'dawk il-postijiet fejn huma meħtieġa s-siġilli jew it-timbri uffiċjali. Id-dokumenti ġġenerati bil-kompjuter mhemmx bżonn li jkollhom il-kaxxi kollha inkorporati meta kwalunkwe tali kaxxa tibqa' vojta sakemm id-dokument ikun jista' jiġi rikonoxxut b'mod ċar bħala l-liċenzja għall-manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru maħruġa skont l-Anness III (Parti-66).

3. Id-dokument jista' jimtela jew bl-Ingliż jew bil-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru tal-awtorità kompetenti. F'dan il-każ, it-tieni kopja bl-Ingliż għandha tiġi mehmuża mad-dokument sabiex jiġi żgurat li jinftiehem b'mod reċiproku meta kwalunkwe detentur ta' liċenzja jkun jeħtieġ li juża l-liċenzja barra dak l-Istat Membru.

4. Kull detentur ta' liċenzja jrid ikollu numru ta' detentur ta' liċenzja uniku, stabbilit abbażi ta' identifikatur nazzjonali u deżinjatur alfa-numeriku.

5. Id-dokument jista' jkollu l-paġni f'ordni differenti minn dik ta' dan l-eżempju u jista' ma jkunx fih linji diviżorji, jew xi wħud minnhom, sakemm l-informazzjoni li jkun fih tkun ippożizzjonata b'tali mod li kull tifsila tal-paġna tkun tista' tiġi identifikata b'mod ċar mal-format tal-eżempju tal-liċenzja għall-manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru li hawn hawnhekk.

6. Id-dokument għandu jiġi preparat mill-awtorità kompetenti. Madankollu, jista' jiġi preparat ukoll minn kwalunkwe organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata skont l-Anness II (Parti-145) jekk l-awtorità kompetenti taqbel ma' dan u l-preparazzjoni ssir skont proċedura stabbilita fil-manwal tal-organizzazzjonu tal-manutenzjoni msemmi fil-punt 145.A.70 tal-Anness II (Parti-145). F'kull każ, l-awtorità kompetenti għandha toħroġ id-dokument.

7. Il-preparazzjoni ta' kwalunkwe bidla f'liċenzja eżistenti għall-manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru għandha titwettaq mill-awtorità kompetenti. Madankollu, tista' tiġi preparata wkoll minn kwalunkwe organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata skont l-Anness II (Parti-145) jekk l-awtorità kompetenti taqbel ma' dan u l-preparazzjoni ssir skont proċedura stabbilita fil-manwal tal-organizzazzjoni tal-manutenzjoni msemmi fil-punt 145.A.70 tal-Anness II (Parti-145). F'kull każ, l-awtorità kompetenti għandha tibdel id-dokument.

8. Id-detentur tal-liċenzja għall-manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru għandu jżommha f'kundizzjoni tajba u għandu jiżgura li fiha ma tiddaħħal ebda annotazzjoni mhux awtorizzata. In-nuqqas ta' konformità ma' din ir-regola jista' jtellef il-validità tal-liċenzja jew iwassal biex id-detentur ma jitħalla jżomm ebda privileġġ ta' ċertifikazzjoni. Dan jista' wkoll iwassal għat-teħid ta' proċeduri kriminali skont il-liġi nazzjonali.

9. Il-liċenzja għall-manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru maħruġa skont l-Anness III (Parti-66) għandha tiġi rikonoxxuta fl-Istati Membri kollha u l-iskambju tad-dokument mhux meħtieġ meta wieħed jaħdem fi Stat Membru ieħor.

10. L-Anness għall-Formola 26 tal-EASA huwa fakultattiv u jista' jintuża biss biex jinkludi l-privileġġi nazzjonali, fejn tali privileġġi jkunu koperti mil-liġi nazzjonali li tmur lil hinn mill-ambitu tal-Anness III (Parti-66).

▼**M5**

11. Fir-rigward tal-paġna tal-klassifikazzjoni tat-tip tal-inġenji tal-ajru tal-liċenzja għall-manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru, l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li ma toħroġx din il-paġna sakemm l-ewwel klassifikazzjoni tat-tip tal-inġenji tal-ajru tkun teħtieġ li tiġi approvata, u jista' jseħħ li tkun trid toħroġ aktar minn paġna waħda tal-klassifikazzjoni tat-tip tal-inġenji tal-ajru skont in-numru ta' klassifikazzjonijiet tat-tip li jridu jiġu elenkati.

12. Minkejja l-punt 11, kull paġna maħruġa għandha tkun fil-format ta' dan l-eżempju u għandu jkun fiha l-informazzjoni speċifikata għal dik il-paġna.

13. Il-liċenzja għall-manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru għandha tindika b'mod ċar li l-limitazzjonijiet huma esklużjonijiet mill-privileġġi taċ-ċertifikazzjoni. Jekk mhemmx limitazzjonijiet applikabbli, fil-paġna tal-LIMITAZZJONIJIET għandu jiġi indikat “L-ebda limitazzjoni”.

14. Meta jintuża format stampat minn qabel għall-ħruġ ta' liċenzja għall-manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru, kwalunkwe kaxxa tal-klassifikazzjoni ta' kategorija, subkategorija jew tip li ma jkunx fiha annotazzjoni ta' klassifikazzjoni għandha tkun immarkata biex turi li l-klassifikazzjoni mhijiex miżmuma.

▼M5

**I.**

**L-UNJONI EWROPEA** (*)

**[STAT]**

**[ISEM u LOGO TAL-AWTORITÀ]**

**II.**

**LIĊENZJA GĦALL-MANUTENZJONI**

**TA' INĠENJI TAL-AJRU**

**SKONT IL-PARTI-66**

**III.**

**Liċenzja Nru [KODIĊI**

**TAL-ISTAT MEMBRU].66.[XXXX]**

FORMOLA 26 TAL-EASA Ħarġa 5"

IVa. Isem sħiħ tad-detentur:

IVb. Data u post tat-twelid:

V. Indirizz tad-detentur:

VI. Nazzjonalità tad-detentur:

VII. Firma tad-detentur:

III. Liċenzja Nru:

VIII. KUNDIZZJONIJIET:

Din il-liċenzja għandha tiġi ffirmata mid-detentur u tkun akkumpanjata minn dokument tal-identità li jkun fih ritratt tad-detentur ta' liċenzja.

L-approvazzjoni biss ta' kwalunkwe kategorija fil-paġna/i intitolati "KATEGORIJI tal-Parti-66", ma tippermettix lid-detentur li joħroġ ċertifikat tar-rilaxx għas-servizz lil inġenju tal-ajru.

Din il-liċenzja, meta tkun approvata bi klassifikazzjoni ta' inġenji tal-ajru, tissodisfa l-intenzjoni tal-Anness I tal-ICAO.

Il-privileġġi ta' dan id-detentur ta' liċenzja huma stipulati bir-Regolament (UE) Nru 1321/2014 u b'mod partikulari bl-Anness III (Parti-66) tiegħu.

Din il-liċenzja tibqa' valida sad-data speċifikata fuq il-paġna tal-limitazzjoni sakemm ma tkunx sospiża jew revokata qabel.

Il-privileġġi ta' din il-liċenzja ma jistgħux jiġu eżerċitati jekk fil-perjodu ta' sentejn preċedenti, id-detentur ma kellux sitt xhur esperjenza tal-manutenzjoni skont il-privileġġi mogħtija mil-liċenzja jew ma ssodisfax id-dispożizzjonijiet għall-ħruġ tal-privileġġi xierqa.

III. Liċenzja Nru:

IX. KATEGORIJI tal-Parti-66

| VALIDITÀ | A | B1 | B2 | B2L | B3 | L | C |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Ajruplani bit-Turbini | | | m/a | | m/a | m/a | m/a |
| Ajruplani bil-Pistuni | | | m/a | | m/a | m/a | m/a |
| Ħelikopters bit-Turbini | | | m/a | | m/a | m/a | m/a |
| Ħelikopters bil-Pistuni | | | m/a | | m/a | m/a | m/a |
| Avjonika | m/a | m/a | | | m/a | m/a | m/a |
| Inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-magni | m/a | m/a | m/a | | m/a | m/a | |
| Inġenji tal-ajru għajr inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-magni | m/a | m/a | m/a | | m/a | m/a | |
| Glajders, glajders li jaħdmu bil-magni, ajruplani ELA1, blalen u iġfna tal-ajru | m/a | m/a | m/a | | m/a | | m/a |
| Ajruplani mhux bil-pressjoni b'magni bil-pistuni b'MTOM ta' 2 000 kg u inqas | m/a | m/a | m/a | | | m/a | m/a |

X. Firma tal-uffiċjal emittent u d-data:

XI. Siġill jew timbru tal-awtorità emittenti:

III. Liċenzja Nru:

▼M5

| XII. KLASSIFIKAZZJONIJIET TAL-PARTI-66 | | |
|---|---|---|
| Klassifikazzjoni tal-inġenju tal-ajru Klassifikazzjonijiet ta' sistemi | Kategorija/Subkategorija | Timbru u Data |
| | | |
| III. Liċenzja Nru: | | |

| XIII. LIMITAZZJONIJIET TAL-PARTI-66 |
|---|
| Valida sa: |
| III. Liċenzja Nru: |

| **Anness tal-FORMOLA 26 TAL-EASA**<br>XIV. PRIVILEĠĠI NAZZJONALI lil hinn mill-ambitu tal-Parti-66, skont il-[Leġislazzjoni Nazzjonali] (Validi biss fi [Stat Membru]) |
|---|
| |
| Timbru uffiċjali u Data |
| III. Liċenzja Nru: |

| |
|---|
| SPAZJU MĦOLLI VOJT INTENZJONALMENT |

Formola 26 tal-EASA Ħarġa 5

▼M5

*Appendiċi VII*

**Rekwiżiti ta' għarfien bażiku għal liċenzja għall-manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru tal-kategorija L**

Id-definizzjonijiet tal-livelli differenti ta' għarfien meħtieġa fl-Appendiċi huma l-istess bħal dawk inklużi fil-punt 1 tal-Appendiċi I tal-Anness III (Parti-66).

| Subkategoriji | Moduli meħtieġa għal kull subkategorija (ara t-tabella tas-sillabu ta' hawn taħt) |
|---|---|
| L1C: glajders komposti | 1L, 2L, 3L, 5L, 7L u 12L |
| L1: glajders | 1L, 2L, 3L, 4L, 5L, 6L, 7L u 12L |
| L2C: glajders komposti li jaħdmu bil-magni u ajruplani ELA1 komposti | 1L, 2L, 3L, 5L, 7L, 8L u 12L |
| L2: glajders li jaħdmu bil-magni u ajruplani ELA1 | 1L, 2L, 3L, 4L, 5L, 6L, 7L, 8L u 12L |
| L3H: blalen tal-arja sħuna | 1L, 2L, 3L, 9L u 12L |
| L3G: blalen tal-gass | 1L, 2L, 3L, 10L u 12L |
| L4H: iġfna tal-ajru tal-arja sħuna | 1L, 2L, 3L, 8L, 9L, 11L u 12L |
| L4G: iġfna tal-ajru tal-gass ELA2 | 1L, 2L, 3L, 8L, 10L, 11L u 12L |
| L5: iġfna tal-ajru tal-gass ta' klassifikazzjoni ogħla minn ELA2 | Rekwiżiti ta' għarfien bażiku għal kwalunkwe subkategorija B1<br>kif ukoll<br>8L (għal B1.1 u B1.3), 10L, 11L u 12L |

WERREJ:

| Deżinjazzjoni tal-modulu |
|---|
| 1L “Għarfien bażiku” |
| 2L “Fatturi umani” |
| 3L “Leġiżlazzjoni tal-avjazzjoni” |
| 4L “Qafas tal-inġenju tal-ajru tal-injam/tubi tal-metall miksijin bit-tessuti” |
| 5L “Qafas tal-inġenju tal-ajru kompost” |
| 6L “Il-metall tal-qafas tal-inġenju tal-ajru” |
| 7L “Qafas tal-inġenju tal-ajru ġenerali” |
| 8L “Powerplant” |
| 9L “Ballun/Ġifen tal-ajru tal-arja sħuna” |
| 10L “Ballun/Ġifen tal-ajru tal-gass (liberu/irmiġġat)” |
| 11L “Iġfna tal-ajru tal-arja sħuna/tal-gass” |
| 12L “Radio Com/ELT/Transponder/Strumenti” |

▼M5

MODULU 1L — GĦARFIEN BAŻIKU

| | Livell |
|---|---|
| 1L.1 Matematika<br>Aritmetika<br>— Temini u sinjali aritmetiċi;<br>— Metodi ta' multiplikazzjoni u diviżjoni;<br>— Frazzjonijiet u deċimali;<br>— Fatturi u multipli;<br>— Piżijiet, qisien u fatturi ta' konverżjoni;<br>— Proporzjon;<br>— Medji u perċentwali;<br>— Erjas u volumi, kwadrati, kubi.<br>Alġebra<br>— Valutazzjoni ta' espressjonijiet alġebrajċi sempliċi: addizzjoni, tnaqqis, multiplikazzjoni u diviżjoni;<br>— Użu tal-parentesi;<br>— Frazzjonijiet alġebrajċi sempliċi.<br>Ġeometrija<br>— Kostruzzjonijiet ġeometriċi sempliċi;<br>— Rappreżentazzjoni grafika: natura u użi tal-graffs. | 1 |
| 1L.2 Fiżika<br>Materja<br>— Natura tal-materja: l-elementi kimiċi;<br>— Komposti kimiċi;<br>— Stati: solidi, likwidi u gassużi;<br>— Tibdil minn stat għal ieħor.<br>Mekkanika<br>— Forzi, moments u couples, rappreżentazzjoni bħala vektors;<br>— Ċentru tal-gravità;<br>— Tensjoni, kompressjoni, shear u torsjoni;<br>— Natura u karatteristiċi ta' solidi, fluwidi u gassijiet.<br>Temperatura<br>— Termometri u skali tat-temperatura: Celsius, Fahrenheit u Kelvin;<br>— Definizzjoni tas-sħana. | 1 |
| 1L.3 Elettriku<br>Ċirkwiti DC<br>— Ir-regola ta' Ohm, ir-regoli ta' Kirchoff dwar il-vultaġġ u l-kurrent;<br>— Sinifikat tar-reżistenza interna tal-provvista;<br>— Reżistenza/reżister;<br>— Kodiċi bil-kulur tar-reżisters, valuri u tolleranzi, valuri preferuti, klassifikazzjonijiet tal-wattage;<br>— Reżisters imqabbda f'serje u b'mod parallel. | 1 |
| 1L.4 Ajrudinamika/ajrustatika<br>Atmosfera Standard Internazzjonali (ISA), applikazzjoni għall-ajrudinamika u l-ajrustatika. | 1 |

▼M5

| | Livell |
|---|---|
| Ajrudinamika<br>— Fluss tal-arja madwar korp;<br>— Saff limitu (boundary layer), fluss laminari u turbulenti;<br>— Thrust, piż, riżultant ajrudinamiku;<br>— Ġenerazzjoni tal-irfigħ u tad-drag; angolu ta' inċidenza, kurva polari, stall tal-kurva.<br>AjrustatikaEffetti fuq l-envelopes, effetti tar-riħ, tal-altitudni u tat-temperatura. | |
| 1L.5 Sikurezza fuq il-post tax-xogħol u protezzjoni ambjentali<br>— Prattiċi tax-xogħol sikuri u prekawzjonijiet li għandhom jittieħdu meta jsir xogħol bl-użu ta' elettriku, gassijiet (speċjalment l-ossiġnu), żjut u kimiċi;<br>— Tikkettar, ħżin u rimi ta' materjali perikolużi (għas-sikurezza u għall-ambjent);<br>— Azzjoni rimedjali fil-każ ta' nirien jew xi aċċident ieħor b'wieħed jew aktar minn dawn il-perikli li tinkludi l-għarfien dwar l-aġenti tat-tifi. | 2 |

MODULU 2L - FATTURI UMANI

| | Livell |
|---|---|
| 2L.1 Ġenerali<br>— Il-ħtieġa li jitqiesu l-fatturi umani;<br>— Inċidenti attribwibbli għall-fatturi umani/żbalji umani;<br>— Ir-Regola ta' Murphy. | 1 |
| 2L.2 Prestazzjoni u limitazzjonijiet umani<br>Vista, smigħ, proċessar tal-informazzjoni, attenzjoni u perċezzjoni, memorja. | 1 |
| 2L.3 Psikoloġija soċjali<br>Responsabbiltà, motivazzjoni, pressjoni mill-pari, ħidma f'tim. | 1 |
| 2L.4 Fatturi li jaffettwaw il-prestazzjoni<br>Saħħa, stress, irqad, għeja, alkoħol, mediċini, abbuż mid-droġi. | 1 |
| 2L.5 Ambjent fiżiku<br>Ambjent tax-xogħol (klima, storbju, dawl). | 1 |

MODULU 3 - LEĠIŻLAZZJONI TAL-AVJAZZJONI

| | Livell |
|---|---|
| 3L.1 Qafas regolatorju<br>— Rwol tal-Kummissjoni Ewropea, tal-EASA u tal-Awtoritajiet Nazzjonali tal-Avjazzjoni (NAAs);<br>— Partijiet applikabbli tal-Parti-M u tal-Parti-66. | 1 |
| 3L.2 Tiswijiet u modifiki<br>— Approvazzjoni ta' tibdil (tiswijiet u modifiki);<br>— Tibdil standard u tiswijiet standard. | 2 |
| 3L.3 Dejta tal-manutenzjoni<br>— Direttivi dwar l-Ajrunavigabbiltà (ADs), Struzzjonijiet għall-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà (ICA) (AMM, IPC, eċċ.);<br>— Manwal tat-Titjira;<br>— Reġistrazzjoni tal-manutenzjoni. | 2 |

▼M5

MODULU 4L — QAFAS TAL-INĠENJU TAL-AJRU TAL-INJAM/TUBI TAL-METALL MIKSIJIN BIT-TESSUTI

| | Livell |
|---|---|
| 4L.1 Qafas tal-inġenju tal-ajru tal-injam/kombinazzjoni ta' tubi tal-metall miksijin bit-tessuti<br>— Injam, plywood, adeżivi, preservazzjoni, power line, proprjetajiet, tiswir bl-għodda (machining);<br>— Kisi (materjali ta' kisi, adeżivi u finituri, materjali u adeżivi ta' kisi naturali u sintetiċi);<br>— Proċessi ta' żebgħa, assemblaġġ u tiswija;<br>— Rikonoxximent ta' ħsarat minn stress żejjed fuq strutturi tal-injam/tubi tal-metall miksijin bit-tessuti;<br>— Deterjorament ta' komponenti u kisi tal-injam;<br>— Test tat-tixqiq (proċedura ottika, eż., lenti) ta' komponenti tal-metall. Korrużjoni u metodi ta' prevenzjoni. Protezzjoni għas-saħħa u sigurtà min-nirien. | 2 |
| 4L.2 Materjal<br>— Tipi ta' njam, stabbiltà, u proprjetajiet ta' machining;<br>— Tubi u fittings magħmulin mill-azzar u minn liga ħafifa, spezzjonijiet għall-qsim ta' fissuri wweldjati;<br>— Materjali tal-plastik (ħarsa ġenerali, fehim tal-proprjetajiet);<br>— Żebgħa u tneħħija taż-żebgħa;<br>— Kolol, adeżivi;<br>— Materjali u teknoloġiji tal-kisi (polimeri naturali u sintetiċi). | 2 |
| 4L.3 Identifikazzjoni tal-ħsara<br>— Stress żejjed fuq strutturi tal-injam/tubi tal-metall miksijin bit-tessuti;<br>— Trasferimenti ta' tagħbija;<br>— Testijiet tar-reżistenza għar-reħja u tat-tixqiq. | 3 |
| 4L.4 Twettiq tal-attivitajiet prattiċi<br>— Illokkjar tal-pins, viti, skorfini kastellati, tensuri (turnbuckles);<br>— Thimble splice;<br>— Tiswijiet ta' Nicopress u Talurit;<br>— Tiswija ta' kisjiet;<br>— Tiswija ta' trasparenzi;<br>— Eżerċizji ta' tiswija (plywood, vireg, poġġamani, qxur);<br>— Rigging tal-Inġenji tal-Ajru. Kalkolu tal-bilanċ tal-massa tas-superfiċe ta' kontroll u tal-medda ta' moviment tas-superfiċji ta' kontroll, kejl tal-forzi operattivi;<br>— Twettiq ta' spezzjonijiet ta' 100 siegħa/sena fuq qafas tal-inġenju tal-ajru tal-injam jew ta' kombinazzjoni ta' tubi tal-metall miksijin bit-tessuti. | 2 |

MODULU 5L — QAFAS TAL-INĠENJU TAL-AJRU KOMPOST

| | Livell |
|---|---|
| 5L.1 Qafas tal-inġenju tal-ajru tal-plastik rinfurzat bil-fibri (FRP)<br>— Prinċipji bażiċi għall-kostruzzjoni bl-FRP;<br>— Reżini (reżina epossida, reżina tal-poliesteru, reżina fenolika, reżini tal-vinil-esteru);<br>— Materjali ta' rinfurzar, ħġieġ, fibri aramidi u fibri tal-karbonju, aspetti karatteristiċi;<br>— Mili;<br>— Mili ta' appoġġ (balsa, honeycombs, foamed plastics);<br>— Kostruzzjonijiet, trasferimenti ta' tagħbija (qoxra solida tal-FRP, sandwiches); | 2 |

▼M5

| | Livell |
|---|---|
| — Identifikazzjoni ta' ħsara waqt li jkun hemm stress żejjed fuq il-komponenti;<br>— Proċedura għall-proġetti FRP (skont il-Manwal tal-Organizzazzjoni tal-Manutenzjoni), inkluż il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-materjal. | |
| 5L.2 Materjal<br>— Sustanzi termoplastiċi, polimeri termoplastiċi, katalizzaturi;<br>— Fehim tal-proprjetajiet, teknoloġiji ta' machining, detaching, bonding, welding;<br>— Reżini għall-FRP: reżini epossidi, reżini tal-poliesteru, reżini tal-vinil-esteru, reżini fenoliċi;<br>— Materjali tar-rinfurzar:<br>— Minn fibri elementari sa filamenti (aġent ta' rilaxx, finituri), nisġiet;<br>— Proprjetajiet tal-materjali tar-rinfurzar individwali (fibri tal-ħġieġ-E, fibri aramidi, fibri tal-karbonju);<br>— Problema b'sistemi ta' materjali multipli, matriċi;<br>— Adeżjoni/koeżjoni, imġiba varja tal-materjali tal-fibra;<br>— Materjali tal-mili u pigmenti;<br>— Rekwiżiti tekniċi għall-materjali tal-mili;<br>— Tibdil fil-proprjetajiet tal-kompożizzjoni tar-reżina minħabba l-użu ta' ħġieġ-E, micro balloon, aerosols, qoton, minerali, trab tal-metall, sustanzi organiċi;<br>— Teknoloġiji taż-żebgħa, l-assemblaġġ u t-tiswija;<br>— Materjali tal-irfid;<br>— Honeycombs (tal-karta, tal-FRP, tal-metall), injam balsa, Divinycell (Contizell), tendenzi ta' żvilupp ġdid. | 2 |
| 5L.3 Assemblaġġ ta' oqfsa tal-inġenji tal-ajru bi struttura komposta rinfurzati bil-fibri<br>— Qoxra solida;<br>— Sandwiches;<br>— Assemblaġġ tal-ajrufojls, tal-fuselages tal-ajruplan, tas-superfiċe ta' kontroll. | 2 |
| 5L.4 Identifikazzjoni tal-ħsara<br>— L-imġiba tal-komponenti tal-FRP f'każ li jiġu stressjati ż-żejjed;<br>— Identifikazzjoni ta' delaminazzjonijiet, bonds laxki;<br>— Frekwenza tal-vibrazzjoni tal-liwi fl-ajrufojls;<br>— Trasferiment ta' tagħbija;<br>— Konnessjoni frizzjonali u llokkjar pożittiv;<br>— Reżistenza għar-reħja u korrużjoni ta' partijiet tal-metall;<br>— Bonding tal-metall, finitura tas-superfiċe ta' komponenti tal-azzar u tal-aluminju waqt il-bonding mal-FRP. | 3 |
| 5L.5 Produzzjoni tal-forom<br>— Forom tal-ġibs, forom taċ-ċeramika;<br>— Forom tal-GFK, Gel-coat, materjali tar-rinfurzar, problemi ta' riġidità;<br>— Forom tal-metall;<br>— Forom maskili u femminili (jiġifieri, li jidħlu f'xulxin). | 2 |
| 5L.6 Twettiq tal-attivitajiet prattiċi<br>— Illokkjar tal-pins, viti, skorfini kastellati, tensuri (turnbuckles);<br>— Thimble splice;<br>— Tiswijiet ta' Nicopress u Talurit;<br>— Tiswija ta' kisjiet;<br>— Tiswija ta' qxur tal-FRP solidi; | 2 |

▼M5

| | Livell |
|---|---|
| — Fabrikazzjoni/formazzjoni tal-forom ta' komponent (eż., il-ponta taż-żaqq tal-ajruplan, il-landing gear fairing, il-ponta tal-ġewnaħ u t-tarf tal-ġewnaħ);<br>— Tiswija tal-qoxra sandwich meta jkun hemm ħsara fis-saff intern jew estern;<br>— Tiswija tal-qoxra sandwich billi tiġi ppressata b'borza tal-vakwu;<br>— Tiswija ta' trasparenzi (PMMA) b'adeżiv ta' komponent wieħed jew ta' żewġ komponenti;<br>— Bonding tat-trasparenza mal-qafas tal-canopy<br>— Temprar ta' trasparenzi u komponenti oħra;<br>— Twettiq ta' tiswija fuq qoxra sandwich (tiswija żgħira ta' inqas minn 20 cm);<br>— Rigging tal-Inġenji tal-Ajru. Kalkolu tal-bilanċ tal-massa tas-superfiċe ta' kontroll u tal-medda ta' moviment tas-superfiċji ta' kontroll, kejl tal-forzi operattivi;<br>— Twettiq ta' spezzjonijiet ta' 100 siegħa/sena fuq qafas tal-inġenju tal-ajru tal-FRP. | |

MODULU 6L — IL-METALL TAL-QAFAS TAL-INĠENJU TAL-AJRU

| | Livell |
|---|---|
| 6L.1 Il-metall tal-qafas tal-inġenju tal-ajru<br>— Materjali tal-metall u prodotti nofshom maħduma, metodi ta' machining;<br>— Testijiet tar-reżistenza għar-reħja u tat-tixqiq;<br>— Assemblaġġ ta' komponenti tal-metall, ġonot rivitjati, ġonot adeżivi;<br>— Identifikazzjoni ta' ħsara fuq komponenti stressjati ż-żejjed, effetti ta' korrużjoni;<br>— Protezzjoni għas-saħħa u min-nirien. | 2 |
| 6L.2 Materjal<br>— Azzar u l-ligi tiegħu;<br>— Metalli ħfief u l-ligi tagħhom;<br>— Materjali tar-rivits;<br>— Plastiks;<br>— Kuluri u żebgħa;<br>— Adeżivi tal-metall;<br>— Tipi ta' korrużjoni;<br>— Materjali u teknoloġiji tal-kisi (naturali u sintetiċi). | 2 |
| 6L.3 Identifikazzjoni tal-ħsara<br>— Oqfsa tal-inġenji tal-ajru tal-metall stressjati ż-żejjed, livellar, kejl tas-simmetrija;<br>— Trasferimenti ta' tagħbija;<br>— Testijiet tar-reżistenza għar-reħja u tat-tixqiq;<br>— Identifikazzjoni ta' ġonot rivitjati laxki. | 3 |
| 6L.4 Assemblaġġ ta' oqfsa tal-inġenji tal-ajru tal-metall u ta' kompożizzjoni komposta<br>— Qxur;<br>— Oqfsa;<br>— Stringers u longerons;<br>— Kostruzzjoni tal-qafas;<br>— Problemi f'sistemi ta' materjali multipli. | 2 |
| 6L.5 Qfiel<br>— Klassifikazzjonijiet ta' fits u clearances;<br>— Sistemi ta' kejl metriku u ta' kejl imperjali;<br>— Bolt kbir wisq. | 2 |

▼M5

| | Livell |
|---|---|
| 6L.6 Twettiq tal-attivitajiet prattiċi<br>— Illokkjar tal-pins, viti, skorfini kastellati, tensuri (turnbuckles);<br>— Thimble splice;<br>— Tiswijiet ta' Nicopress u Talurit;<br>— Tiswija ta' kisjiet, ħsara fis-superfiċe, waqfien ta' tekniki ta' perforazzjoni;<br>— Tiswija ta' trasparenzi;<br>— Qtugħ ta' folji tal-metall (aluminju u legi ħfief, azzar u legi tiegħu);<br>— Liwi, tgħawwiġ, iffurmar ta' burduri, iċċattjar, illixxjar, dekorazzjoni;<br>— Tiswija ta' rivitjar tal-oqfsa tal-inġenji tal-ajru tal-metall skont l-istruzzjonijiet u l-illustrazzjonijiet tat-tiswija;<br>— Evalwazzjoni ta' rivitjar ħażin;<br>— Rigging tal-Inġenji tal-Ajru. Kalkolu tal-bilanċ tal-massa tas-superfiċe ta' kontroll u tal-medda ta' moviment tas-superfiċji ta' kontroll, kejl tal-forzi operattivi;<br>— Twettiq ta' spezzjonijiet ta' 100 siegħa/sena fuq qafas tal-inġenju tal-ajru tal-metall. | 2 |

MODULU 7L — QAFAS TAL-INĠENJU TAL-AJRU ĠENERALI

| | Livell |
|---|---|
| 7L.1 Sistema tal-kontroll tat-titjira<br>— Kontrolli tal-kokpit: kontrolli fil-kokpit, immarkar bil-kuluri, forom tal-iswiċċis;<br>— Superfiċji tal-kontrolli tat-titjira, flaps, superfiċji tal-air brakes, kontrolli, berings, brackets, tubi push-pull, bell cranks, horns, poleġġi, kejbils, ktajjen, tubi, rollers, tracks, jack screws, superfiċji, movementi, lubrikazzjoni, stabbilizzaturi, bilanċ tal-kontrolli;<br>— Kombinazzjoni ta' kontrolli: flap ailerons, flap air brakes;<br>— Sistemi tal-finitura. | 3 |
| 7L.2 Qafas tal-inġenju tal-ajru<br>— Tagħmir tal-inżul: karatteristiċi tat-tagħmir tal-inżul u tax-shock absorber strut, estensjoni, brejkijiet, drum, diski, roti, tajers, mekkaniżmu ta' retrazzjoni, retrazzjoni elettrika, emerġenza;<br>— Mill-ġewnaħ sal-punti tal-immuntar taż-żaqq tal-ajruplan, mis-sistema tal-assemblaġġ tad-denb (stabilizzatur u denb) sal-punti tal-immuntar taż-żaqq tal-ajruplan, il-punti tal-immuntar tas-superfiċji ta' kontroll;<br>— Miżuri ta' manutenzjoni permissibbli;<br>— Irmonk: tagħmir/mekkaniżmu ta' rmonk/irfigħ;<br>— Kabina: seats u harness tas-sigurtà, arranġament tal-kabina, windskrins, twieqi, pjanċi, kompartiment tal-bagoll, sistema tal-arja tal-kabina, blower;<br>— Saborra tal-ilma reservoirs tal-ilma, linji, valvi, drains, ventijiet, testijiet;<br>— Sistema tal-fjuwil: tankijiet, linji, filtri, ventijiet, drains, mili, valv selettur, pompi, indikazzjoni, testijiet, bonding;<br>— Sistemi idrawliċi: tqassim tas-sistema, akkumulaturi, distribuzzjoni tal-pressjoni u tal-enerġija, indikazzjoni;<br>— Sistemi ta' likwidu u ta' gass: fluwidu idrawliku, fluwidi oħra, livelli, reservoir, linji, valvi, filtru;<br>— Sistemi ta' protezzjoni; firewalls, protezzjoni min-nirien, bonding għall-protezzjoni minn impatt ta' sajjetta, tensuri, apparati tal-illokkjar, dischargers. | 2 |
| 7L.3 Qfiel<br>— Affidabbiltà tal-pins, rivits, viti;<br>— Kejbils tal-kontroll, tensuri;<br>— Couplings li jinħallu malajr (L'Hotellier, SZD, Poland). | 2 |

▼M5

| | Livell |
|---|---|
| 7L.4 Tagħmir tal-illokkjar<br>— Ammissibilità ta' metodi tal-illokkjar, locking pins, pins b'molla tal-azzar, locking wire, stop nuts, żebgħa;<br>— Couplings li jinħallu malajr. | 2 |
| 7L.5 Livellar tal-massa u tal-bilanċ | 2 |
| 7L.6 Sistemi ta' salvataġġ | 2 |
| 7L.7 Moduli abbord<br>— Sistema Pitot-statika, sistema tal-vakwu/dinamika, test idrostatiku;<br>— Strumenti tat-titjir: indikatur tal-veloċità ajrudinamika, altimetru, indikatur tal-veloċità vertikali, konnessjoni u funzjonament, immarkar;<br>— Arranġament u display, panil, wajers tal-elettriku;<br>— Ġiroskopi, filtri, strumenti ta' indikazzjoni; ittestjar tal-funzjoni;<br>— Boxxla manjetika; installazzjoni u kumpens tal-boxxla;<br>— Glajders: indikatur akustiku tal-veloċità vertikali, reġistratur tat-titjira;<br>— Sistema tal-ossiġnu. | 2 |
| 7L.8 Installazzjoni u konnessjonijiet ta' moduli abbord<br>— Strumenti tat-titjir, rekwiżiti ta' mmuntar (kundizzjonijiet ta' nżul ta' emerġenza skont CS-22);<br>— Wajers tal-elettriku, sorsi ta' enerġija, tipi ta' akkumulaturi, parametri elettriċi, ġeneratur elettriku, circuit breaker, bilanċ tal-enerġija, earth/ground, konnetturi, terminali, twissijiet, fusijiet, fanali, tidwil, swiċċis, voltometri, amperometri, gauges tal-elettriku. | 2 |
| 7L.9 Propulsjoni b'magna bil-pistuni<br>Interfaċċa bejn il-powerplant u l-qafas tal-inġenju tal-ajru. | 2 |
| 7L.10 Skrun<br>— Spezzjoni;<br>— Sostituzzjoni;<br>— Bilanċjar. | 2 |
| 7L.11 Sistema ta' retrazzjoni<br>— Kontroll tal-pożizzjoni tal-iskrun;<br>— Sistema ta' retrazzjoni tal-magna u/jew ta' retrazzjoni tal-iskrun | 2 |
| 7L.12 Proċeduri tal-ispezzjoni fiżika<br>— Tindif, użu ta' tidwil u mirja;<br>— Strumenti tal-kejl;<br>— Kejl tad-deflessjoni tal-kontrolli;<br>— Torque tal-viti u tal-boltijiet;<br>— Tekil tal-berings;<br>— Tagħmir tal-ispezzjoni;<br>— Kalibrazzjoni tal-istrumenti tal-kejl. | 2 |

MODULU 8L — POWERPLANT

| | Livell |
|---|---|
| 8L.1 Limiti tal-istorbju<br>— Spjegazzjoni tal-kunċett ta' "livell tal-istorbju";<br>— Ċertifikat tal-istorbju;<br>— Iżolament tal-ħsejjes imtejjeb;<br>— Tnaqqis possibbli tal-emissjonijiet tal-ħsejjes. | 1 |

▼M5

| | Livell |
|---|---|
| 8L.2 Magni bil-pistuni<br>— Magna ta' ignition bl-ispark four-stroke, magna mkessħa bl-arja, magna mkessħa bi fluwidu;<br>— Magna two-stroke;<br>— Magna bil-pistuni rotanti;<br>— effiċjenza u fatturi li jinfluwenza (dijagramma ta' pressjoni–volum, kurva tal-potenza);<br>— Apparati ta' kontroll tal-istorbju. | 2 |
| 8L.3 Skrun<br>— Pala, spinner, kontrapjanċa, pressjoni tal-akkumulatur, hub;<br>— Tħaddim tal-iskrejjen;<br>— Skrejjen bil-pitch varjabbli, skrejjen aġġustabbli fl-art jew waqt it-titjira, b'mod mekkaniku, elettriku jew idrawliku;<br>— Bilanċjar (statiku, dinamiku);<br>— Problemi tal-istorbju. | 2 |
| 8L.4 Apparati ta' kontroll tal-magna<br>— Apparati ta' kontroll mekkaniku;<br>— Apparati ta' kontroll elettriku;<br>— Displays tat-tank;<br>— Funzjonijiet, karatteristiċi, żbalji tipiċi u indikazzjonijiet ta' żbalji. | 2 |
| 8L.5 Hosepipes<br>— Materjal u machining tal-hoses tal-fjuwil u taż-żejt;<br>— Kontroll tal-limitu ta' żmien. | 2 |
| 8L.6 Aċċessorji<br>— Tħaddim tal-magneto ignition;<br>— Kontroll tal-limiti tal-manutenzjoni;<br>— Tħaddim tal-karburaturi;<br>— Struzzjonijiet tal-manutenzjoni dwar aspetti karatteristiċi;<br>— Pompi tal-fjuwil elettriċi;<br>— Tħaddim tal-kontrolli tal-iskrun;<br>— Kontroll tal-iskrun imħaddem b'mod elettriku;<br>— Kontroll tal-iskrun imħaddem b'mod idrawliku; | 2 |
| 8L.7 Sistema tal-ignition<br>— Kostruzzjonijiet: coil ignition, magneto ignition, u thyristor ignition;<br>— Effiċjenza tas-sistema tal-ignition u preheating;<br>— Moduli tas-sistema tal-ignition u preheating;<br>— Spezzjoni u ttestjar tal-ispark plug. | 2 |
| 8L.8 Sistemi tal-induzzjoni u tal-egżost<br>— Tħaddim u assemblaġġ;<br>— Installazzjonijiet ta' silencers u heaters;<br>— Gondoli u cowlings;<br>— Spezzjoni u test;<br>— Test tal-emissjoni ta' CO. | 2 |

▼M5

| | Livell |
|---|---|
| 8L.9 Fjuwils u lubrikanti<br>— Karatteristiċi tal-fjuwil;<br>— Tikkettar, ħżin li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent;<br>— Żjut lubrikanti minerali u sintetiċi u l-parametri tagħhom: tikkettar u karatteristiċi, applikazzjoni;<br>— Ħżin li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent u rimi xieraq ta' żejt użat. | 2 |
| 8L.10 Dokumentazzjoni<br>— Dokumenti tal-manifattur għall-magna u l-iskrun;<br>— Struzzjonijiet għall-Ajrunavigabbiltà Kontinwa (ICA);<br>— Manwali tat-Titjira tal-Inġenju tal-Ajru (AFMs) u Manwali tal-Manutenzjoni tal-Inġenju tal-Ajru (AMMs);<br>— Intervall taż-Żmien bejn kull Tiġdid Maġġuri (TBO);<br>— Direttivi dwar l-Ajrunavigabbiltà (ADs), noti tekniċi u bulletini tas-servizz. | 2 |
| 8L.11 Materjal illustrattiv<br>— Unità ta' ċilindru b'valv;<br>— Karburatur;<br>— High-tension magneto;<br>— Differential-compression tester għaċ-ċilindri;<br>— Pistuni sħan iż-żejjed/bi ħsara;<br>— Spark plugs ta' magni li tħaddmu b'mod differenti. | 2 |
| 8L.12 Esperjenza prattika<br>— Sikurezza tax-xogħol/prevenzjoni ta' aċċidenti (immaniġġjar ta' fjuwils u lubrikanti, tqabbid ta' magni);<br>— Vireg tal-kontroll għar-regolazzjoni tal-magna u Bowden cables;<br>— Issettjar tal-veloċità mingħajr tagħbija;<br>— Verifika u ssettjar tal-ignition point;<br>— Test tat-taħaddim ta' magnetos;<br>— Verifika tas-sistema tat-tqabbid;<br>— Ittestjar u tindif tal-ispark plugs;<br>— Twettiq tal-kompiti tal-magna fl-ispezzjoni ta' 100 siegħa/sena fuq ajruplan;<br>— Test tal-kompressjoni taċ-ċilindru;<br>— Test statiku u evalwazzjoni tal-prova tal-magna;<br>— Dokumentazzjoni tax-xogħol tal-manutenzjoni, inkluż is-sostituzzjoni ta' komponenti. | 2 |
| 8L.13 Skambju tal-gass f'magni b'kombustjoni interna<br>— Magna bil-pistuni b'moviment rotattiv four-stroke u unitajiet ta' kontroll;<br>— Telf ta' enerġija;<br>— Timing tal-ignition;<br>— Imġiba ta' fluss dirett tal-unitajiet ta' kontroll;<br>— Magna Wankel u unitajiet ta' kontroll;<br>— Magna two-stroke u unitajiet ta' kontroll;<br>— Scavenging<br>— Scavenging blower;<br>— Medda tat-tħaddim tal-magna mhux ingranata u medda tal-potenza. | 2 |

▼M5

| | Livell |
|---|---|
| 8L.14 Ignition, kombustjoni u karburazzjoni<br>— Ignition;<br>— Spark plugs;<br>— Sistema tal-Ignition;<br>— Proċess ta' kombustjoni;<br>— Kombustjoni normali;<br>— Effiċjenza u pressjoni medja;<br>— Indiċi tad-detonazzjoni u indiċi tal-ottan tal-magna;<br>— Forom tal-kompartiment tal-kombustjoni;<br>— Taħlita ta' fjuwil/arja fil-karburatur;<br>— Prinċipju tal-karburatur, ekwazzjoni tal-karburatur;<br>— Karburatur sempliċi;<br>— Problemi tal-karburatur sempliċi u s-soluzzjonijiet tagħhom;<br>— Mudelli tal-karburatur;<br>— Taħlita ta' fjuwil/arja waqt l-injezzjoni;<br>— Injezzjoni kontrollata mekkanikament;<br>— Injezzjoni kontrollata elettronikament;<br>— Injezzjoni kontinwa;<br>— Paragun karburatur-injezzjoni. | 2 |
| 8L.15 Strumenti tat-titjira f'inġenji tal-ajru b'magni bl-injezzjoni<br>— Strumenti tat-titjira speċjali (magna bl-injezzjoni);<br>— Interpretazzjoni tal-indikazzjonijiet f'test statiku;<br>— Interpretazzjoni tal-indikazzjonijiet f'titjira f'diversi livelli ta' titjir. | 2 |
| 8L.16 Manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru b'magni bl-injezzjoni<br>— Dokumentazzjoni, dokumenti tal-manifattur, eċċ.;<br>— Struzzjonijiet tal-manutenzjoni ġenerali (spezzjonijiet ta' kull siegħa);<br>— Testijiet funzjonali;<br>— Prova fl-art;<br>— Titjira ta' prova;<br>— Individwazzjoni ta' soluzzjoni f'każ ta' ħsarat fis-sistema tal-injezzjoni u t-tiswija tagħhom. | 2 |
| 8L.17 Sikurezza fuq il-post tax-xogħol u dispożizzjonijiet tas-sikurezza<br>Sikurezza tax-xogħol u dispożizzjonijiet tas-sikurezza għal xogħol fuq sistemi tal-injezzjoni. | 2 |
| 8L.18 Għajnuniet viżwali::<br>— Karburatur;<br>— Komponenti tas-sistema tal-injezzjoni;<br>— Inġenji tal-ajru b'magna bl-injezzjoni;<br>— Għadda għal xogħol fuq sistemi tal-injezzjoni. | 2 |
| 8L.19 Propulsjoni elettrika<br>— Sistema tal-eneġija, akkumulaturi, installazzjoni;<br>— Mutur elettriku;<br>— Verifiki tas-sħana, storbju u vibrazzjoni;<br>— Windings tal-ittestjar;<br>— Wiring elettriku u sistemi ta' kontroll; | 2 |

▼M5

| | Livell |
|---|---|
| — Pylon, sistemi ta' estensjoni u retrazzjoni;<br>— Sistemi tal-ibbrejkjar tal-mutur/skrun;<br>— Sistemi tal-ventilazzjoni tal-mutur;<br>— Esperjenza prattika ta' spezzjonijiet ta' 100 siegħa/sena. | |
| 8L.20 Propulsjoni ġett<br>— Installazzjoni tal-magna;<br>— Pylon, sistemi ta' estensjoni u retrazzjoni;<br>— Protezzjoni min-nirien;<br>— Sistemi tal-fjuwil, inkluż lubrikazzjoni;<br>— Sistemi tat-tqabbid tal-magna, gas assist;<br>— Valutazzjoni tal-ħsara lill-magna;<br>— Servizz lill-magna;<br>— Tneħħija / refit u ttestjar tal-magna;<br>— Esperjenza prattika ta' spezzjonijiet tal-kundizzjoni / tal-ħin tat-tħaddim / annwali;<br>— Spezzjonijiet tal-kundizzjoni | 2 |
| 8L.21 Kontroll diġitali tal-magna b'awtorità sħiħa (FADEC - Full Authority Digital Engine Control) | 2 |

MODULU 9L — BALLUN/AIRSHIP TAL-ARJA SĦUNA

| | Livell |
|---|---|
| 9L.1 Prinċipji bażiċi u assemblaġġ ta' blalen/iġfna tal-ajru tal-arja sħuna<br>— Assemblaġġ u partijiet individwali;<br>— Envelopes;<br>— Materjali tal-Envelopes;<br>— Sistemi tal-Envelopes;<br>— Forom konvenzjonali u speċjali;<br>— Sistema tal-Fjuwil;<br>— Berner, qafas tal-berner u vireg riffieda tal-berner;<br>— Ċilindri u pajpijiet flessibbli tal-gass ikkumpressat;<br>— Basket u apparati alternattivi (seats);<br>— Aċċessorji tal-irbit;<br>— Kompiti ta' manutenzjoni u servizz;<br>— Spezzjoni ta' 100 siegħa/sena;<br>— Ġurnali ta' Abbord:<br>— Manwali tat-Titjira tal-Inġenju tal-Ajru (AFMs) u Manwali tal-Manutenzjoni tal-Inġenju tal-Ajru (AMMs);<br>— Irbit u tħejjija tal-varar (restrizzjoni tal-varar);<br>— Varar: | 3 |
| 9L.2 Taħriġ prattiku<br>Kontrolli tat-tħaddim, manutenzjoni u xogħol ta' servizz (skont il-manwal tat-titjira). | 3 |
| 9L.3 Envelope<br>— Tessuti;<br>— Ħjatat;<br>— Load tapes, rip stoppers;<br>— Crown rings; | 3 |

▼M5

| | Livell |
|---|---|
| — Valv tal-paraxut u sistema ta' deflazzjoni rapida;<br>— Ripping panel;<br>— Turning vent;<br>— Dijaframmi/katenarji (forom speċjali u iġfna tal-ajru);<br>— Rombli, poleġġi;<br>— Kejbils ta' kontroll u ta' sospensjoni;<br>— Għoqod;<br>— Tikketta li tindika t-temperatura, indikatur bandiera tat-temperatura, termometru tal-envelope;<br>— Flying wires;<br>— Fittings, karabiners. | |
| 9L.4 Berner u sistema tal-fjuwil<br>— Kojls tal-berner;<br>— Valvi tal-blast, tal-likwidu jew tal-immanuvrar;<br>— Berners/ġettijiet;<br>— Dwal tal-immanuvrar/vaporizzaturi/ġettijiet;<br>— Qafas tal-berner;<br>— Linji/pajpijiet flessibbli tal-fjuwil;<br>— Ċilindri tal-fjuwil, valvi u fittings. | 3 |
| 9L.5 Basket u sospensjoni tal-basket (inklużi, apparati alternattivi)<br>— Tipi ta' basktijiet (inklużi, apparati alternattivi);<br>— Materjali tal-basket: qasab u għeruq taż-żafżafa, ġilda, materjali tal-finitura, kejbils tas-sospensjoni;<br>— Seats, roller berings;<br>— Karabiner, xikel u pinnijiet;<br>— Vireg riffieda tal-berner;<br>— Ċineg li jorbtu ċ-ċilindru tal-fjuwil;<br>— Aċċessorji. | 3 |
| 9L.6 Tagħmir<br>— Apparat tat-tifi tan-nar, kutra ta' protezzjoni min-nar;<br>— Strumenti (singoli jew ikkombinati). | 3 |
| 9L.7 Tiswijiet żgħar<br>— Ponti meħjutin;<br>— Bonding;<br>— Tiswijiet tal-ġilda/finitura tal-basket | 3 |
| 9L.8 Proċeduri għall-ispezzjoni fiżika<br>— Tindif, użu ta' tidwil u mirja;<br>— Strumenti tal-kejl;<br>— Kejl tad-deflessjoni tal-kontrolli (iġfna tal-ajru biss);<br>— Torque tal-viti u tal-boltijiet;<br>— Tekil tal-berings (iġfna tal-ajru biss);<br>— Tagħmir tal-ispezzjoni;<br>— Kalibrazzjoni tal-istrumenti tal-kejl;<br>— Fabric Grab Test. | 2 |

▼M5

MODULI 10L — BALLUN/AIRSHIP TAL-GASS (LIBERU/IRMIĠĠAT)

| | Livell |
|---|---|
| 10L.1 Prinċipji bażiċi u assemblaġġ ta' blalen/iġfna tal-ajru tal-gass<br>— Assemblaġġ ta' partijiet individwali;<br>— Materjal tal-envelope u tan-netting;<br>— Envelope, ripping panel, ftuħ ta' emerġenza, kordi u ċinturini;<br>— Valv tal-gass riġidu;<br>— Valv tal-gass flessibbli (paraxut);<br>— Netting;<br>— Load ring;<br>— Basket u aċċessorji (inklużi, apparati alternattivi);<br>— Mogħdijiet tad-disċarġ elettrostatiku;<br>— Ħabel tal-irmiġġ u tranja;<br>— Manutenzjoni u servizz;<br>— Spezzjoni annwali;<br>— Dokumenti tat-titjira;<br>— Manwali tat-Titjira tal-Inġenju tal-Ajru (AFMs) u Manwali tal-Manutenzjoni tal-Inġenju tal-Ajru (AMMs);<br>— Tħejjija tal-irbit u tal-varar;<br>— Varar. | 3 |
| 10L.2 Taħriġ prattiku<br>— Kontrolli tat-tħaddim;<br>— Xogħolijiet ta' manutenzjoni u servizz (skont l-AMM u l-AFM);<br>— Regoli tas-sikurezza meta jintuża l-idroġenu jew xi gass tat-tlugħ. | 3 |
| 10L.3 Envelope<br>— Tessuti;<br>— Arbli u r-rinforzament tal-arbli;<br>— Ripping panel u kordi;<br>— Kejbils tal-paraxut u tas-sospensjoni;<br>— valvi u kordi;<br>— Għonq tat-tank, Poeschel-ring u kordi;<br>— Mogħdijiet tad-disċarġ elettrostatiku. | 3 |
| 10L.4 Valv<br>— Molol;<br>— Gaskits;<br>— Ġonot rivitjati;<br>— Linji tal-kontroll;<br>— Mogħdijiet tad-disċarġ elettrostatiku. | 3 |
| 10L.5 Netting jew irbit (mingħajr netting)<br>— Tipi ta' netting u linji oħra;<br>— Daqsijiet u angoli tal-malji tan-netting;<br>— Ċirku tan-netting;<br>— Metodi tal-iffurmar tal-għoqod;<br>— Mogħdijiet tad-disċarġ elettrostatiku. | 3 |

▼M5

| | Livell |
|---|---|
| 10L.6 Load ring | 3 |
| 10L.7 Basket (inklużi, apparati alternattivi)<br>— Tipi ta' basktijiet (inklużi, apparati alternattivi);<br>— Stroppi u kavilji;<br>— Sistema ta' saborra (boroż u rfid);<br>— Mogħdijiet tad-disċarġ elettrostatiku. | 3 |
| 10L.8 Ripping cord u kordi tal-valv | 3 |
| 10L.9 Ħabel tal-irmiġġ u tranja | 3 |
| 10L.10 Tiswijiet żgħar<br>— Bonding;<br>— Ħbula tal-qanneb għall-impalellar. | 3 |
| 10L.11 Tagħmir<br>Strumenti (singoli jew ikkombinati). | 3 |
| 10L.12 Kejbil tal-irmiġġ (blalen tal-gass irmiġġati (TGB) biss)<br>— Tipi ta' kejbils;<br>— Ħsara ta' kejbil aċċettabbli;<br>— Tornikett tal-kejbil;<br>— Klamps tal-kejbil. | 3 |
| 10L.13 Vinċ (blalen tal-gass irmiġġati biss)<br>— Tipi ta' ċinċijiet;<br>— Sistema mekkanika;<br>— Sistema elettrika;<br>— Sistema ta' emerġenza;<br>— Ankrar mal-art/ballast tal-vinċ. | 3 |
| 10L.14 Proċeduri għall-ispezzjoni fiżika<br>— Tindif, użu ta' tidwil u mirja;<br>— Strumenti tal-kejl;<br>— Kejl tad-deflessjoni tal-kontrolli (iġfna tal-ajru biss);<br>— Torque tal-viti u tal-boltijiet;<br>— Tekil tal-berings (iġfna tal-ajru biss);<br>— Tagħmir tal-ispezzjoni;<br>— Kalibrazzjoni tal-istrumenti tal-kejl;<br>— Fabric Grab Test. | 2 |

MODULI 11L — AIRSHIPS TAL-ARJA SĦUNA/TAL-GASS'

| | Livell |
|---|---|
| 11L.1 Prinċipji bażiċi u assemblaġġ ta' iġfna tal-ajru żgħar<br>— Envelope, ballonnets (blalen ta' kumpens);<br>— Valvi, ftuħ;<br>— Gondola;<br>— Propulsjoni;<br>— Manwali tat-Titjira tal-Inġenju tal-Ajru (AFMs) u Manwali tal-Manutenzjoni tal-Inġenju tal-Ajru (AMMs);<br>— Tħejjija tal-irbit u tal-varar. | 3 |

▼M5

| | Livell |
|---|---|
| 11L.2 Taħriġ prattiku<br>— Kontrolli tat-tħaddim;<br>— Xogħolijiet ta' manutenzjoni u servizz (skont l-AMM u l-AFM). | 3 |
| 11L.3 Envelope<br>— Tessuti;<br>— Ripping panel u ripping cords;<br>— Valvi;<br>— Sistema katenarja. | 3 |
| 11L.4 Gondola (inklużi, apparati alternattivi)<br>— Tipi ta' gondoli (inklużi, apparati alternattivi);<br>— Tipi u materjali tal-qafas tal-inġenju tal-ajru;<br>— Identifikazzjoni tal-ħsara. | 3 |
| 11L.5 Sistema elettrika<br>— Kunċetti bażiċi dwar iċ-ċirkwiti abbord;<br>— Sorsi tal-elettriku (akkumulaturi, twaħħil, ventilazzjoni, korrużjoni);<br>— Akkumulaturi taċ-ċomb, tan-nikil-kadmju (NiCd) u akkumulaturi oħra, batteriji mingħajr likwidi;<br>— Ġeneraturi;<br>— Wiring, konnessjonijiet elettriċi;<br>— Fjusijiet;<br>— Sors tal-enerġija estern;<br>— Bilanċ tal-enerġija. | 3 |
| 11L.6 Propulsjoni<br>— Sistema tal-fjuwil: tankijiet, linji, filtri, ventijiet, drains, mili, valv selettur, pompi, indikazzjoni, testijiet, bonding;<br>— Strumenti tal-propulsjoni;<br>— Kunċetti bażiċi dwar il-kejl u l-istrumenti;<br>— Kejl ta' revoluzzjonijiet;<br>— Kejl tal-pressjoni;<br>— Kejl tat-temperatura;<br>— Kejn ta' fjuwil/enerġija disponibbli. | 3 |
| 11L.7 Tagħmir<br>— Apparat tat-tifi tan-nar, kutra ta' protezzjoni min-nar;<br>— Strumenti (singoli jew ikkombinati). | 3 |

MODULU 12L — RADIO COM/ELT/TRANSPONDER/STRUMENTI

| | Livell |
|---|---|
| 12L.1 Radio Com/ELT<br>— Spazjar tal-kanali;<br>— Test funzjonali bażiku;<br>— Batteriji;<br>— Rekwiżiti tal-ittestjar u tal-manutenzjoni. | 2 |

▼M5

| | Livell |
|---|---|
| 12L.2 Transponder<br>— Tħaddim bażiku;<br>— Konfigurazzjoni portabbli tipika, inkluż l-antenna;<br>— Spjegazzjoni tal-Moduli A, C, S;<br>— Rekwiżiti tal-ittestjar u tal-manutenzjoni. | 2 |
| 12L.3 Strumenti<br>— Altimetri/varjometri;<br>— Batteriji;<br>— Test funzjonali bażiku. | 2 |

▼M5

*Appendiċi VIII*

**Standard ta' eżami bażiku għal liċenzja għall-manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru tal-kategorija L**

(a) Il-bażi tal-istandardazzjoni għall-eżamijiet relatati mar-rekwiżiti ta' għarfien bażiku tal-Appendiċi VII għandha tkun kif ġej:

(i) l-eżamijiet kollha għandhom jitwettqu bl-użu tal-format ta' mistoqsijiet b'għażla ta' tweġibiet kif speċifikat fil-punt (ii). L-alternattivi li mhumiex korretti jridu jidhru ugwalment plawsibbli għal kull min ma jkunx jaf is-suġġett. L-alternattivi kollha għandhom ikunu relatati b'mod ċar mal-mistoqsija u jkollhom vokabularju, kostruzzjoni grammatikali u tul simili. F'mistoqsijiet numeriċi, it-tweġibiet li mhumiex korretti għandhom jikkorrispondu għal żbalji proċedurali bħal korrezzjonijiet applikati fis-sens żbaljat jew konverżjonijiet ta' unitajiet li mhumiex korretti: dawn ma għandhomx ikunu sempliċiment numri aleatorji.

(ii) kull mistoqsija b'għażla ta' tweġibiet għandu jkollha tliet tweġibiet alternattivi li minnhom waħda biss trid tkun it-tweġiba t-tajba u l-kandidat irid jingħata ħin għal kull modulu abbażi ta' medja nominali ta' 75 sekonda għal kull mistoqsija.

(iii) il-marka minima meħtieġa għal kull modulu hija ta' 75 %;

(iv) ma għandux jintuża mmarkar b'penali (punti negattivi għal tweġibiet żbaljati);

(v) il-livell ta' għarfien meħtieġ mill-mistoqsijiet għandu jkun proporzjonali għal-livell tat-teknoloġija tal-kategorija tal-inġenju tal-ajru.

(b) L-għadd ta' mistoqsijiet għal kull modulu għandu jkun kif ġej:

(i) modulu 1L "Għarfien bażiku": 12-il mistoqsija. Ħin permess: 15-il minuta;

(ii) modulu 2L "Fatturi umani": 8 mistoqsijiet. Ħin permess: 10 minuti;

(iii) modulu 3L "Leġiżlazzjoni tal-avjazzjoni": 24 mistoqsija. Ħin permess: 30 minuta;

(iv) modulu 4L "Qafas tal-inġenju tal-ajru tal-injam/tubi tal-metall miksijin bit-tessuti": 32 mistoqsija. Ħin permess: 40 minuta;

(v) modulu 5L "Qafas tal-inġenju tal-ajru kompost":32 mistoqsija. Ħin permess: 40 minuta;

(vi) modulu 6L "Il-metall tal-qafas tal-inġenju tal-ajru": 32 mistoqsija. Ħin permess: 40 minuta;

(vii) modulu 7L "Qafas tal-inġenju tal-ajru ġenerali": 64 mistoqsija. Ħin permess: 80 minuta;

(viii) modulu 8L "Powerplant": 48 mistoqsija. Ħin permess: 60 minuta;

(ix) modulu 9L "Ballun/Ġifen tal-ajru tal-arja sħuna": 36 mistoqsija. Ħin permess: 45 minuta;

(x) modulu 10L "Ballun/Ġifen tal-ajru tal-gass (liberu/irmiġġat)": 40 mistoqsija. Ħin permess: 50 minuta;

(xi) modulu 11L "Iġfna tal-ajru tal-arja sħuna/tal-gass": 36 mistoqsija. Ħin permess: 45 minuta;

(xii) Modulu12L "Radio Com/ELT/transponder/strumenti": 16-il mistoqsija. Ħin permess: 20 minuta.

▼B

*ANNESS IV*

**(Parti-147)**

WERREJ

**147.1**

TAQSIMA A — REKWIŻITI TEKNIĊI

SOTTOPARTI A — ĠENERALI

147.A.05 Ambitu

147.A.10 Ġenerali

147.A.15 Applikazzjoni

SOTTOPARTI B — REKWIŻITI TAL-ORGANIZZAZZJONI

147.A.100 Rekwiżiti tal-faċilitajiet

147.A.105 Rekwiżiti tal-persunal

147.A.110 Rekords tal-istrutturi, l-eżaminaturi u l-assessuri

147.A.115 Tagħmir istruttiv

147.A.120 Materjal tat-taħriġ tal-manutenzjoni

147.A.125 Rekords

147.A.130 Proċeduri ta' taħriġ u sistema tal-kwalità

147.A.135 Eżamijiet

147.A.140 Espożizzjoni tal-organizzazzjoni tat-taħriġ fil-manutenzjoni

147.A.145 Privileġġi tal-organizzazzjoni tat-taħriġ tal-manutenzjoni

147.A.150 Tibdil fl-organizzazzjoni tat-taħriġ fil-manutenzjoni

147.A.155 Validità sostnuta

147.A.160 Sejbiet

SOTTOPARTI C — KORS TA' TAĦRIĠ BAŻIKU APPROVAT

147.A.200 Il-kors ta' taħriġ bażiku approvat

147.A.205 Eżamijiet fl-għarfien bażiku

147.A.210 Valutazzjoni ta' prattika bażika

SOTTOPARTI D — TIP TA' INĠENJU TAL-AJRU/TAĦRIĠ TAL-KOMPITU

147.A.300 Tip ta' inġenju tal-ajru/Taħriġ bl-inkarigi tal-kompitu

147.A.305 Eżamijiet tat-tip tal-inġenju tal-ajru u valutazzjonijiet tal-inkarigi

▼B

TAQSIMA B — PROĊEDURI GĦALL-AWTORITAJIET KOMPETENTI

SOTTOPARTI A — ĠENERALI

147.B.05 Ambitu

147.B.10 Awtorità kompetenti

147.B.20 Żamma ta' rekords

147.B.25 Eżenzjonijiet

SOTTOPARTI B — ĦARĠA TA' APPROVAZZJONI

147.B.110 Proċeduri ta' approvazzjoni u bidliet fl-approvazzjoni

147.B.120 Proċedura ta' validità sostnuta

147.B.125 Ċertifikat ta' approvazzjoni tal-organizzazzjoni tat-taħriġ fil-muntenzjoni

147.B.130 Sejbiet

SOTTOPARTI C — REVOKA, SOSPENSJONI U LIMITAZZJONI TAL-APPROVAZZJONI TA' ORGANIZZAZZJONI TA' TAĦRIĠ FIL-MANUTENZJONI

147.B.200 Revoka, sospensjoni u limitazzjoni tal-approvazzjoni tal-organizzazzjoni ta' taħriġ fil-manutenzjoni

Appendiċi I — Tul tal-Kors ta' Taħriġ Bażiku

Appendiċi II — Approvazzjoni tal-Organizzazzjoni ta' Taħriġ fil-Manutenzjoni — Formola 11 tal-EASA

Appendiċi III — Ċertifikati ta' Rikonoxximent li hemm referenza għalihom fl-Anness IV (Parti-147) — fil-Formoli 148 u 149 tal-EASA

**147.1**

Għall-finijiet ta' din il-Parti, l-awtorità kompetenti għandha tkun:

1. għal organizzazzjonijiet li l-post ewlieni tan-negozju tagħhom jinsab fi Stat Membru, l-awtorità maħtura mill-istess Stat Membru;

2. għal organizzazzjonijiet li l-post ewlieni tan-negozju tagħhom jinsab f'pajjiż terz, l-Aġenzija.

*TAQSIMA A*

**REKWIŻITI TEKNIĊI**

IS-SOTTOPARTI A

*ĠENERALI*

147.A.05 **Ambitu**

Din it-taqsima tistabbilixxi r-rekwiżiti li jridu jiġu sodisfatti mill-organizzazzjonijiet li qed jitolbu l-approvazzjoni li jwettqu taħriġ u eżamijiet kif speċifikati fl-Anness III (Parti-66).

147.A.10 **Ġenerali**

Organizzazzjoni tat-taħriġ għandha tkun organizzazzjoni jew parti minn organizzazzjoni reġistrata bħala entità legali.

▼B

147.A.15 **Applikazzjoni**

(a) Applikazzjoni għall-approvazzjoni jew bidla ta' approvazzjoni eżistenti għandha ssir fuq formola u b'mod stabbilit mill-awtorità kompetenti.

(b) Applikazzjoni għal approvazzjoni jew bidla ta' approvazzjoni għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

1. l-isem u l-indirizz irreġistrat tal-applikant;

2. l-indirizz tal-organizzazzjoni li teħtieġ l-approvazzjoni jew il-bidla fl-approvazzjoni,

3. l-ambitu maħsub tal-approvazzjoni jew il-bidla fl-ambitu tal-approvazzjoni,

4. l-isem u l-indirizz tal-amministratur responsabbli,

5. id-data tal-applikazzjoni.

IS-SOTTOPARTI B

*REKWIŻITI ORGANIZZATTIVI*

147.A.100 **Rekwiżiti tal-faċilitajiet**

(a) Id-daqs u l-istruttura tal-faċilitajiet għandhom jiżguraw il-ħarsien mill-elementi tat-temp prevalenti u l-operazzjoni xierqa tat-taħriġ u l-eżaminazzjoni ppjanata kollha fi kwalunkwe jum partikolari.

(b) Akkomodazzjoni xierqa magħluqa kompletament u separata minn faċilitajiet oħra għandha tiġi pprovduta għat-tagħlim tat-teorija u u biex fiha jsiru eżaminazzjonijiet tal-għarfien.

1. In-numru massimu ta' studenti li jkunu qed jitħarrġu fl-għarfien matul kors ta' taħriġ ma għandux jaqbeż it-28.

2. Id-daqs tal-akkomodazzjoni għal finijiet ta' eżami għandu jkun wieħed li ma jippermettix lill-istudent, minn fejn ikun qiegħed bilqiegħda, li jaqra x-xogħol fuq il-karta jew fuq l-iskrin tal-kompjuter ta' kwalunkwe student ieħor matul l-eżamijiet.

(c) L-ambjent tal-akkomodazzjoni tal- punt (b) għandu jinżamm b'tali mod li l-istudenti jkunu jistgħu jiffukaw fuq l-istudji jew l-eżamijiet tagħhom kif xieraq, mingħajr distrazzjoni jew skumdità żejda.

(d) Fil-każ ta' kors ta' taħriġ bażiku, għandu jiġu pprovdi workshops ta' taħriġ bażiku u/jew il-faċilitajiet ta' manutenzjoni, separati mill-klassijiet tat-taħriġ għat-tagħlim prattiku xieraq għall-kors tat-taħriġ ippjanat. Madanakollu, jekk l-organizzazzjoni ma tkunx kapaċi tipprovdi tali faċilitajiet, jistgħu jsiru ftehimiet ma' organizzazzjoni oħra biex tipprovdi tali workshops u/jew faċilitajiet ta' manutenzjoni, u li fil-każ għandu jsir ftehim bil-miktub ma' tali organizzazzjoni li jispeċifika l-kundizzjonijiet ta' aċċess u l-użu tagħhom. L-awtorità kompetenti għandha tkun teħtieġ aċċess għal kwalunkwe organizzazzjoni kkuntrattata bħal din u l-ftehim bil-miktub għandu jispeċifika dan l-aċċess.

(e) Fil-każ kors dwar it-tip ta' inġenju tal-ajru/taħriġ tal-kompitu, l-aċċess għandu jiġi pprovdut għal faċilitajiet li jinkludu eżempji tat-tip tal-inġenju tal-ajru kif speċifikat fil-punt 147.A.115(d).

▼B

(f) In-numru massimu ta' studenti li jkunu qed jitħarrġu b'mod prattiku matul kwalunkwe kors ta' taħriġ ma għandux jaqbeż il-15 għal kull superviżur jew assessur.

(g) L-akkomodazzjoni tal-uffiċċju għandha tiġia pprovdutia għall-għalliema, l-eżaminaturi tal-għarfien u l-assessuri tal-prattika ta' standard biex ikun żgurat li huma jistgħu jħejju għad-dmirijiet tagħhom mingħajr distrazzjoni jew skumdità żejda.

(h) Għandhom jiġu pprovduti faċilitajiet ta' ħżin sikur għall-karti tal-eżami u r-rekords tat-taħriġ. L-ambjent tal-ħżin għandu jkun tali li d-dokumenti jibqgħu f'kundizzjoni tajba għall-perjodu taż-żamma, kif speċifikat fil-punt 147.A.125. Il-faċilitajiet tal-ħżin u l-akkomodazzjoni tal-uffiċju jistgħu jiġu kkombinati, skont is-sikurezza adegwata.

(i) Għandha tiġi pprovduta librerija li tinkludi l-materjal tekniku kollu xieraq għall-ambitu u l-livel tat-taħriġ imwettaq.

147.A.105 **Rekwiżiti tal-persunal**

(a) L-organizzazzjoni għandha taħtar maniġer responsabbli li jkollu l-awtorità korporattiva biex jiżgura li l-impenji tat-taħriġ kollha jistgħu jiġu ffinanzjati u mwettqa skont l-istandard mitlub minn din il-Parti

(b) Għandha tiġi nnominata persuna jew grupp ta' persuni, li r-responsabbiltajiet tagħhom jinkludu li jiżguraw li l-organizzazzjoni għat-taħriġ tal-manutenzjoni hija f'konformità mar-rekwiżiti ta' din il-Parti. It-tali persuna(i) għandha/-għandhom fl-aħħar mill-aħħar jaqgħu taħt l-awtorità tal-maniġer responsabbli. Il-persuna superjuri jew persuna mill-grupp ta' persuni jista' jkun il-maniġer responsabbli soġġett għall-ilħiq tar-rekwiżiti għall-maniġer responsabbli kif definit fil- punt (a).

(c) L-organizzazzjoni għat-taħriġ tal-manutenzjoni għandha tikkuntratta persunal suffiċjenti biex tippjana/ twettaq taħriġ tal-għarfien u prattiku, twettaq eżamijiet tal-għarfien u valutazzjonijiet prattiċi f'konformità mal-approvazzjoni.

(d) B'deroga għall- punt (c), meta organizzazzjoni oħra tintuża biex tipprovdi taħriġ u valutazzjonijiet prattiċi, il-persunal ta' tali organizzazzjoni oħra jista' jinħatar biex iwettaq taħriġ u valutazzjonijiet prattiċi.

(e) Kwalunke persuna tista' twettaq kwalunkwe kombinazzjoni tal-irwoli ta' għalliem, eżaminatur u assessur, soġġetta għall-konformità mal- punt (f).

(f) L-esperjenza u l-kwalifiki tal-għalliema, l-eżaminaturi tal-għarfien u l-assessuri prattiċi għandhom jiġu stabbiliti skont il-kriterji ppubblikati jew skont proċedura u sa standard maqbul mill-awtorità kompetenti.

(g) L-eżaminaturi tal-għarfien u l-assessuri prattiċi għandhom jiġu speċifikati fl-espożizzjoni tal-organizzazzjoni għall-aċċettazzjoni ta' tali persunal.

▼B

(h) L-eżaminaturi tal-għarfien u l-assessuri prattiċi għandhom isegwu taħriġ ta' aġġornament kull 24 xahar rilevanti għat-teknoloġija attwali, il-ħiliet prattiċi, il-fatturi umani u l-aħħar tekniki tat-taħriġ xierqa għall-għarfien li għalih qegħdin jitħarrġu jew eżaminati.

147.A.110 **Rekords tal-istrutturi, l-eżaminaturi u l-assessuri**

(a) L-organizzazzjoni għandha żżomm reġistru tal-għalliema, l-eżaminaturi tal-għarfien u l-assessuri prattiċi kollha. Dawn ir-rekords għandhom jirriflettu l-esperjenza u l-kwalifiki, l-istorja tat-taħriġ u kull taħriġ sussegwenti li jittieħed.

(b) Għandhom jinħolqu termini ta' referenza għall-għalliema, l-eżaminaturi tal-għarfien u l-assessuri prattiċi kollha.

147.A.115 **Tagħmir istruttiv**

(a) Kull klassi għandu jkollha t-tagħmir xieraq għall-preżentazzjonijiet, li jkun ta' standard li jiżgura li l-istudenti, ikunu fejn ikunu bilqiegħda fil-klassi, jistgħu jaqraw faċilment it-test/it-tpinġijiet/id-dijagrammi u l-figuri tal-preżentazzjoni.

It-tagħmir tal-preżentazzjoni għandu jinkludi apparat għat-taħriġ sintetiku rappreżentattiv biex jgħin lill-istudenti jifhmu l-materja tas-suġġett inkwistjoni meta tali apparat ikun meqjus ta' benefiċċju għal dawn l-għanijiet.

(b) Il-workshops ta-taħriġ u/jew il-faċilitajiet ta' manutenzjoni bażiċi, kif speċifikat fil-punt 147.A.100(d) irid ikollhom l-għodda u t-tagħmir meħtieġ biex l-ambitu approvat tat-taħriġ jitwettaq.

(c) Il-workshops tat-taħriġ u/jew il-faċilitajiet ta' manutenzjoni bażiċi, kif speċifikat fil-punt 147.A.100(d) irid ikollhom l-għodda u t-tagħmir meħtieġ biex l-ambitu approvat tat-taħriġ jitwettaq.

(d) L-organizzazzjoni tat-taħriġ tat-tip ta' inġenju tal-ajru kif speċifikat fil-punt 147.A.100(e) irid ikollha aċċess għat-tip ta' inġenju tal-ajru xieraq. Apparat tat-taħriġ sintentiku jista' jintuża meta tali apparat jiżgura standards tat-taħriġ adegwati.

147.A.120 **Materjal tat-taħriġ tal-manutenzjoni**

(a) Il-materjal tal-kors tat-taħriġ tal-manutenzjoni għandu jiġi pprovdut lill-istudent, u se jkopri kif inhu applikabbli:

1. is-sillabu tal-għarfien bażiku speċifikat fl-Anness III (Parti-66) għall-kategorija jew is-subkategorija tal-liċenzja tal-manutenzjoni għall-inġenju tal-ajru rilevanti u,

2. il-kontenut tal-kors tat-tip meħtieġ mill-Anness III (Parti-66) għall-kategorija jew is-subkategorija tal-liċenzja tal-manutenzjoni għall-inġenju tal-ajru u t-tip ta' inġenju tal-ajru rilevanti.

(b) L-isduenti għandu jkollhom aċċes għall-eżempji ta' dokumentazzjoni ta' manutenzjoni u informazzjoni teknika tal-librerija kif speċifikat fil-punt 147.A.100(i).

147.A.125 **Rekords**

L-organizzazzjoni għandha żżomm ir-rekords kollha tat-taħriġ tal-istudenti, l-eżamijiet u l-assessments għal *perjodu mhux limitat*

▼B

147.A.130 **Proċeduri ta' taħriġ u sistema tal-kwalità**

(a) L-organizzazzjoni għandha tistabbilixi proċeduri aċċettabbli għall-awtorità kompetenti biex tiżgura standards tat-taħriġ xierqa u konformità mar-rekwiżiti rilevanti kollha f'din il-Parti.

(b) L-organizzazzjoni għandha tistabbilixi sistema tal-kwalità li tinkludi:

1. funzjoni ta' verifika indipendenti biex tissorvelja l-istandards tat-taħriġ, l-integrità tal-eżamijiet tal-għarfien u tal-valutazzjonijiet prattiċi, il-konformità mal-proċeduri u l-adegwatezza tagħhom, u

2. sistema ta' rispons ta' sejbiet ta' verifiki għall-persuna/i u fl-aħħar nett għall-maniġer responsabbli msemmi fil-punt 147.A.105(a) biex jiżgura azzjoni korrettiva, kif meħtieġ.

147.A.135 **Eżamijiet**

(a) Il-persunal tal-eżami għandu jiżgura s-sikurezza tal-mistoqsijiet kollha.

(b) Kull student li matul eżami tal-għarfien jinqabad ifotti jew ikollu fil-pussess tiegħu materjal marbut mas-suġġett tal-eżami minbarra l-karti tal-eżami u d-dokumentazzjoni awtorizzata assoċjata għandu jiġi skwalifikat milli jagħmel l-eżami u ma jistax jagħmel l-eżami tal-anqas qabel 12-il xahar wara d-data tal-inċident. L-awtorità kompetenti għandha tiġi informata meta jseħħ inċident bħal dan, u għandha tingħata d-dettalji ta' kwalunkwe inkjesta fi żmien xahar kalendarju wieħed.

(c) Kull eżaminatur li waqt l-eżami jinqabad jagħti risposti lil kwalunkwe student li qed jiġi eżaminat għandu jiġi skwalifikat milli jaġixxi ta' eżaminatur u l-eżami jiġi ddikjarat null. L-awtorità kompetenti trid tiġi infurmata b'tali okkorrenzi fi żmien xahar kalendarju wieħed.

147.A.140 **Espożizzjoni tal-organizzazzjoni tat-taħriġ tal-manutenzjoni**

(a) L-organizzazzjoni għandha tipprovdi espożizzjoni għall-użu mill-organizzazzjoni li tiddeskrivi l-organizzazzjoni u l-proċeduri tagħha u tinkldui l-informazzjoni li ġejja:

1. dikjarazzjoni ffirmata mill-maniġer responsabbli li fiha jikkonferma li l-espożizzjoni tal-organizzazzjoni tat-taħriġ tal-manutenzjoni u kwalunkwe manwali assoċjati jiddefinixxu l-konformità tal-organizzazzjoni tat-taħriġ tal-manutenzjoni ma' din il-Parti, u għandha tinżamm il-konformità magħhom f'kull ħin.

2. It-titlu(i) u l-isem/ismijiet tal-persuna/i maħtura f'konformità mal-punt 147.A.105(b).

3. id-dmirijiet u r-responsabilitajiet tal-maniġer(s) kif meħtieġ mill- punt 2.A.145(c)(2), inklużi l-materji li fuqhom dawn jistgħu jittrattaw direttament mal-awtorità kompetenti f'isem l-organizzazzjoni tat-taħriġ tal-manutenzjoni.

4. karta tal-organizzazzjoni tat-taħriġ tal-manutenzjoni li turi l-ktajjen assoċjati tar-responsabbiltà tal-persuni/i speċifikati fil- punt (a)(2).

5. lista tal-għalliema tat-taħriġ. l-eżaminaturi tal-għarfien u l-assessuri prattiċi.

▼B

6. deskrizzjoni ġenerali tal-faċilitajiet tat-taħriġ u l-eżamijiet li jinsabu f'kull indirizz speċifikat fuq iċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tal-organizzazzjoni tat-taħriġ, u jekk xieraq fi kwalunkwe post xieraq ieħor, kif meħtieġ mill-punt 147.A.145(b).

7. lista ta' korsijiet tat-taħriġ tal-manutenzjoni li jiffurmaw it-termini tal-approvazzjoni.

8. il-proċedura ta' emenda tal-espożizzjoni tal-organizzazzjoni tat-taħriġ tal-manutenzjoni.

9. il-proċeduri tal-organizzazzjoni tat-taħriġ tal-manutenzjoni, kif mitlub mill-punt 147.A.130(a).

10. il-proċedura ta' kontroll tal-organizzazzjoni tat-taħriġ tal-manutenzjoni, kif mitlub minn 147.A.145(c), meta awtorizzata biex twettaq taħriġ, eżami u valutazzjonijiet f'postijiet differenti minn dawk speċifikati fil-punt 147.A.145(b).

11. lista ta' postijiet skont il-punt 147.A.145(b).

12. lista ta' organizzazzjonijiet, jekk xieraq, kif speċifikat fil-punt 147.A.145(d).

(b) Il-programm ta' manutenzjoni u kull emenda sussegwenti għadhom ikunu approvati mill-awtorità kompetenti.

(c) Minkejja l- punt (b) emendi minuri fil-manwal jistgħu jkunu approvati permezz ta' poċedura ta' espożizzjoni (minn hawn 'il quddiem msejħa approvazzjoni indiretta).

147.A.145 **Privileġġi tal-organizzazzjoni tat-taħriġ tal-manutenzjoni**

▼M5

(a) L-organizzazzjoni ta' taħriġ tal-manutenzjoni tista' twettaq dan li ġej, kif permess minn u skont l-espożizzjoni tal-organizzazzjoni ta' taħriġ fil-manutenzjoni:

(i) korsijiet ta' taħriġ bażiku għas-sillabu tal-Anness III (Parti-66), jew parti minnu;

(ii) korsijiet ta' taħriġ tat-tipi/tal-kompiti tal-inġenju tal-ajru skont l-Anness III (Parti-66);

(iii) l-eżaminażżjoni ta' studenti li attendew il-kors tat-taħriġ bażiku jew tat-tip tal-inġenju tal-ajru fl-organizzazzjoni ta' taħriġ fil-manutenzjoni;

(iv) l-eżaminażżjoni ta' studenti li ma attendewx il-kors tat-taħriġ tat-tip tal-inġenju tal-ajru fl-organizzazzjoni ta' taħriġ fil-manutenzjoni;

(v) l-eżaminażżjoni ta' studenti li ma attendewx il-kors tat-taħriġ bażiku fl-organizzazzjoni ta' taħriġ fil-manutenzjoni, sakemm:

(1) l-eżaminazzjoni ssir f'wieħed mill-postijiet identifikati fiċ-ċertifikat tal-approvazzjoni, jew

(2) jekk issir f'postijiet mhux identifikati fiċ-ċertifikat tal-approvazzjoni, kif permess skont il-punti (b) u (c), jew

▼M5

— l-eżaminazzjoni għandha ssir permezz ta' Bank Ċentrali Ewropew tal-Mistoqsijiet (ECQB), jew

— fin-nuqqas ta' ECQB, l-awtorità kompetenti għandha tagħżel il-mistoqsijiet għall-eżami;

(vi) il-ħruġ ta' ċertifikati skont l-Appendiċi III wara t-tlestija b'suċċess tal-korsijiet ta' taħriġ bażiku jew tat-tip ta' inġenju tal-ajru approvati u l-eżamijiet speċifikati fil-punti (a)(i), (a)(ii), (a)(iii), (a)(iv) u (a)(v), kif applikabbli.

▼B

(b) It-taħriġ, l-eżamijiet tal-għarfien u l-valutazzjonijiet prattiċi jistgħu jitwettqu biss f'postijiet identifikati fiċ-ċertifikat tal-approvazzjoni u/jew fi kwalunkwe post speċifikat fl-espożizzjoni tal-organizzazzjoni tat-taħriġ tal-manutenzjoni.

(c) B'dergoga għall- punt (b), l-organizzazzjoni tat-taħriġ tal-manutenzjoni tista' twettaq taħriġ, eżamijiet tal-għarfien u valutazzjonijiet prattiċi f'postijiet differenti mill-postijiet tal-punt (b) skont proċedura tal-kontroll speċifikata fl-espożizzjoni tal-organizzazzjoni tat-taħriġ tal-manutenzjoni. Tali postijiet ma jeħtieġx li jitniżżlu fl-espożizzjoni tal-organizzazzjoni tat-taħriġ tal-manutenzjoni.

(d) 1. L-organizzazzjoni tat-taħriġ tal-manutenzjoni tista' tisubkuntrattata t-twettiq tat-taħriġ teoretiku, it-taħriġ tat-tip u eżamijiet relatati lil organizzazzjoni tat-taħriġ mhux tal-manutenzjoni biss meta tkun taħt il-kontroll tas-sistema tal-kwalità tal-organizzazzjoni tat-taħriġ tal-manutenzjoni.

2. Is-subkuntrattar tat-taħriġ teoretiku u eżami bażiku huwa limitat għall-Anness III (Parti-66), l-Appendiċi I, il-Moduli 1, 2, 3, 4, 5, 6, 8, 9 u 10

3. Is-subkuntrattar ta' taħriġ u eżami tat-tip huwa limitat għal sistemi powerplant u avjoniċi.

(e) Organizzazzjoni tista' ma tkunx approvata biex tagħmel l-eżaminjiet sakemm mhix approvata biex tagħmel it-taħriġ korrispondenti.

(f) B'deroga minn punt (e), organizzazzjoni approvata biex tipprovdi taħriġ ta' għarfien bażiku jew taħriġ tat-tip tista' wkoll tkun approvata biex tipprovdi eżamijiet tat-tip f'każi fejn taħriġ tat-tip mhuwiex meħtieġ.

147.A.150 **Tibdil fl-organizzazzjoni tat-taħriġ tal-manutenzjoni**

(a) L-organizzazzjoni tat-taħriġ tal-manutenzjoni għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti bi kwalunkwe bidliet proposti fl-organizzazzjoni li jaffettwaw l-approvazzjoni qabel ma tali bidliet iseħħu, sabiex tippermetti lill-awtorità kompetenti tiddetermina l-konformità kontinwata ma' din il-Parti u jekk meħtieġ temenda ċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tal-organizzazzjoni tat-taħriġ tal-manutenzjoni.

(b) L-awtorità kompetenti tista' tippreskrivi l-kundizzjonijiet skont liema l-organizzazzjoni tat-taħriġ tal-manutenzjoni tista' topera matul tali bidliet sakemm l-awtorità kompetenti ma tiddeterminax li l-approvazzjoni tal-organizzazzjoni tat-taħriġ tal-manutenzjoni jrid jiġi sospiż.

▼B

(c) Jekk l-awtorità kompetenti ma tiġix infurmata b'tali bidliet, dan jista' jwassal għas-sospensjoni jew ir-revoka taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tal-organizzazzjoni tat-taħriġ tal-manutenzjoni datat b'lura għad-data proprja tal-bidliet.

147.A.155 **Validità kontinwata**

(a) Approvazzjoni tat-tip għandha tinħareġ għal perjodu ta' żmien mhux limitat. Din għandha tibqa' valida bil-kundizzjoni li:

1. l-organizzazzjoni tibqa' konformi ma' din il-Parti, skont id-dispożizzjonijiet marbuta mat-trattament tas-sejbiet kif speċifikat fil-punt 147.B.130; u

2. l-awtorità kompetenti li tingħata l-aċċess għall-organizzazzjoni biex tiddetermina l-konformità kontinwata ma' dan l-Anness (Part-147); u

3. ċ-ċertifikat ma jiġix irtirat jew irrevokat.

(b) Meta jiġi ċedut jew revokat, iċ-ċertifikat għandu jintbagħat lura lill-awtorità kompetenti.

147.A.160 **Sejbiet**

(a) Sejba ta' livell 1 hija waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:

1. kull nuqqas ta' konformità sinifikanti mal-proċess ta' eżami li jinvalida l-eżami/jiet,

2. l-awtorità kompetenti ma tingħatax aċċess għall-faċilitajiet tal-organizzazzjoni matul il-ħinijet normali tax-xogħol wara żewġ talbiet bil-miktub,

3. in-nuqqas ta' maniġer responsabbli,

4. nuqqas ta' konformità sinifikanti mal-proċess tat-taħriġ.

(b) Sejba ta' livell 2 hija kull nuqqas ta' konformità mal-proċess tat-taħriġ minbarra s-sejbiet ta' livell 1.

(c) Wara li jkun irċieva n-notifika tas-sejbiet skont il-punt 147.B.130, id-detentur tal-approvazzjoni tal-organizzazzjoni tat-taħrġ tal-manutenzjoni għandu jiddefinixxi pjan ta' azzjoni korrettiv u juri azzjoni korrettiva għas-sodisfazzjoni tal-awtorità kompetenti fi żmien perjodu maqbul ma' din l-awtorità.

IS-SOTTOPARTI C

*KORS TA' TAĦRIĠ BAŻIKU APPROVAT*

147.A.200 **Il-kors ta' taħriġ bażiku approvat**

(a) Il-kors ta' taħriġ bażiku approvat għandu jkun magħmul minn taħriġ tal-għarfien, eżami tal-għarfien, taħriġ prattiku u valutazzjoni prattika.

(b) L-element ta' taħriġ tal-għarfien għandu jkopri s-suġġett ta' liċenzja ta' manutenzjoni ta' inġenju tal-ajru ta' kategorija jew subkategorija kif speċifikat fl-Anness III (Parti-66).

(c) L-element tal-eżami tal-għarfien għandu jkopri firxa rappreżentattiva tas-suġġett mill-element tat-taħriġ tal- punt (b).

▼B

(d) L-element tat-taħriġ prattiku għandu jkopri l-użu prattiku tal-għodda/it-tagħmir, iż-żarmar/it-tagħqid ta' għażla rappreżentattiva ta' partijiet ta' inġenji tal-ajru u l-parteċipazzjoni f'attivitajiet tal-manutenzjoni rappreżentattiva li jitwettqu skont il-modulu komplet partikolari tal-Parti-66.

(e) L-element tal-valutazzjoni prattika għandu jkopri t-taħriġ prattiku u jiddetermina jekk student huwiex kompetenti biex juża l-għodda u t-tagħmir u li jaħdem f'konformità mal-manwali ta' manutenzjoni.

(f) Id-durata tal-korsijiet tat-taħriġ bażiku għandha tkun konformi mal-Appendiċi I.

(g) Id-durata tal-korsijiet ta' konverżjoni bejn is-(sub)kategoriji għandha tiġi ddeterminata permezz ta' valutazzjoni tas-sillabu ta' taħriġ bażiku u l-ħtiġijiet ta' taħriġ prattiku relatati.

147.A.205 **Eżamijiet tal-għarfien bażiku**

L-eżamijiet tal-għarfien bażiku għandhom:

(a) jkunu skont l-istandard definit fl-Anness III (Parti-66).

(b) jitwettqu mingħajr in-noti tat-taħriġ.

(c) ikopru firxa ta' suġġetti mill-modulu partikolari tat-taħriġ komplet skont l-Anness III (Parti-66).

147.A.210 **Valutazzjoni ta' prattika bażika**

(a) Il-valutazzjonijiet tat-taħriġ bażiku għandhom jitwettqu matul il-kors tat-taħriġ tal-manutenzjoni bażiku mill-assessuri prattiċi nnominati mat-tlestija ta' kull perjodu ta' żjara fil-workshops prattiċi/il-faċilitajiet tal-manutenzjoni.

(b) L-istudent għandu jġib pass assessjat f'konformità mal-punt 147.A.200(e).

IS-SOTTOPARTI D

*TIP TA' INĠENJU TAL-AJRU/TAĦRIĠ TAL-KOMPITU*

147.A.300 **Tip ta' inġenju tal-ajru/taħriġ tal-kompitu**

Organizzazzjoni tat-taħriġ tal-manutenzjoni għandha tingħata l-approvazzjoni biex twettaq it-taħriġ tat-tip ta' inġenju tal-ajru u/jew taħriġ tal-kompitu soġġett għall-konformità mal-istandard speċifikat fil-punt 66.A.45.

147.A.305 **Eżamijiet tat-tip tal-inġenju tal-ajru u valutazzjonijiet tal-kompiti**

Organizzazzjoni tat-taħriġ tal-manutenzjoni approvata f'konformità mal-punt 147.A.300 biex twettaq taħriġ tat-tip ta' inġenju tal-ajru għandha twettaq l-eżamijiet tat-tip ta' inġenju tal-ajru jew il-valutazzjonijiet tal-inkarigi tal-inġenji tal-ajru speċifikati fl-Anness III (Parti-66) soġġetti għall-konformità mat-tip ta' inġenju tal-ajru u/jew standard tal-kompitu speċifikat fil-punt 66.A.45 tal-Anness III (Parti-66).

▼B

*TAQSIMA B*

**PROĊEDURI GĦALL-AWTORITAJIET KOMPETENTI**

IS-SOTTOPARTI A

*ĠENERALI*

147.B.05 **Ambitu**

Din it-taqsima tistabbilixxi r-rekwiżiti amministrattivi li jridu jiġu segwiti mill-awtoritajiet kompetenti inkarigati mill-applikazzjoni u l-infurzar tat-Taqsima A ta' din il-Parti.

147.B.10 **L-awtorità kompetenti**

(a) Ġenerali

L-Istat Membru għandu jaħtar lil awtorità kompetenti b'responsabbilta-jiet allokati għall-ħruġ, kontinwazzjoni, il-bidla, is-sospensjoni jew ir-revoka ta' ċertifikati tal- skont dan l-Anness (Parti-147). L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi l-proċeduri ddokumentati u struttura organizzattiva.

(b) Riżorsi

L-awtorità kompetenti għandha jkollha biżżejjed persunal biex twettaq ir-rekwiżiti ta' din il-Parti.

(c) Proċeduri

L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi proċeduri li jiddeskrivu fid-dettall kif tintlaħaq il-konformità ma' dan l-Anness (Parti-147).

Il-proċeduri għandhom jiġu riveduti u emendati biex tiġi żgurata l-konformità kontinwata.

(d) Kwalifika u taħriġ

Il-persunal kollu involut fl-approvazzjonijet f'dan l-Anness għandu:

1. Ikun kwalifikat kif suppost u jkollu l-għarfien, l-esperjenza u t-taħriġ neċessarji biex iwettaq il-kompiti allokati lilu.

2. Ikun irċieva taħriġ u taħriġ ta' segwitu dwar l-Anness III (Parti-66) u l-Anness IV (parti-147) fejn rilevanti, inklużi t-tifsira u l-istandard maħsub tagħhom.

147.B.20 **Żamma ta' rekords**

(a) L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi sistema għaż-żamma ta' rekords li tippermetti traċċabbiltà adegwata tal-proċess biex toħroġ, iġġedded, tkompli, tvarja, tissospendi jew tirrevoka kull liċenzja ta' manutenzjoni ta' inġenju tal-ajru.

(b) Ir-rekords għas-sorveljanza tal-organizzazzjonijiet tat-taħriġ tal-manutenzjoni għandhom jinkludu bħala minimu:

1. l-applikazzjoni għal approvazzjoni ta' organizzazzjoni.

2. iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni ta' organizzazzjoni inklużi xi tibdiliet.

3. kopja tal-programm ta' verifika li jelenka d-dati meta l-verifiki huma dovuti u meta l-verifiki twettqu.

4. rekords ta' sorveljanza kontinwata inkluż ir-rekords ta' verifika kollha.

▼B

5. kopji tal-korrespondenza rilevanti kollha.

6. dettalji ta' kwalunkwe azzjoni ta' eżenzjoni u infurzar.

7. kwalunkwe rapport minn awtoritajiet kompetenti oħra relatat mas-sorveljanza tal-organizzazzjoni.

8. espożizzjoni u emendi tal-organizzazzjoni.

(c) Il-perjodu minimu taż-żamma għar-rekords tal- punt (b) għandu jkun ta' erba' snin.

147.B.25 **Eżenzjonijiet**

(a) L-awtorità kompetenti tista' teżenta skola tad-dipartiment tal-edukazzjoni tal-Istat milli:

1. tkun organizzazzjoni kif speċifikat fil-punt 147.A.10.

2. ikollha maniġer responsabbli, soġġett għal-limitazzjoni li d-dipartiment jaħtar persuna superjuri biex tmexxi l-organizzazzjoni tat-taħriġ u tali persuna jkolli baġit biżżejjed biex topera l-organizzazzjoni skont l-istandard ta' dan l-Anness (Parti-147).

3. tirrikorri għall-parti tal-verifika indipendenti ta' sistema tal-kwalità soġġetta għad-dipartiment li jopera spettorat tal-iskejjel indipendenti biex jivverfika l-organizzazzjoni tat-taħriġ tal-manutenzjoni bil-frekwenza meħtieġa minn din il-Parti.

▼M6
▼C2

(b) L-eżenzjonijiet kollha mogħtija skont l-Artikolu 71(1) tar-Regolament (UE) 2018/1139 għandhom jiġu rreġistrati u miżmuma mill-awtorità kompetenti.

▼B

IS-SOTTOPARTI B

*ĦRUĠ TA' APPROVAZZJONI*

Din is-Sottoparti tipprovdi r-rekwiżiti għall-ħruġ jew il-vajrazzjoni ta' approvazzjoni ta' organizzazzjoni tat-taħtriġ fil-manutenzjoni.

147.B.110 **Proċeduri ta' approvazzjoni u bidliet fl-approvazzjoni**

(a) Malli tirċievi applikazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha:

1. teżamina l-preżentazzjoni tal-organizzazzjoni tat-taħriġ fil-manutenzjoni, u u

2. tivverifika l-konformità tal-organizzazzjoni mar-rekwiżit tal-Anness IV (Parti-147).

(b) Is-sejbiet kollha identifikati għandhom ikunu rreġistrati u kkonfermati bil-miktub lill-applikant.

(c) Is-sejbiet kollha għandhom jingħalqu skont il-punt 147.B.130 qabel ma tinħareġ l-approvazzjoni.

(d) In-numru tar-referenza għandu jkun inkluż fuq iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni b'mod speċifikat mill-Aġenzija.

147.B.120 **Proċedura ta' validità kontinwata**

(a) Kull organizzazzjoni għandha tkun kompletament awditjata għall-konformità ma' dan l-Anness (Parti-147) f'perjodi li ma jaqbżux l-24 xahar. Dan għandu jinkludi l-monitoraġġ ta' tal-inqas kors wieħed ta' taħriġ u eżami wieħed li jsir mill-organizzazzjoni ta' taħriġ fil-manutenzjoni.

▼B

(b) Is-sejbiet għandhom ikunu pproċessati skont il-punt 147.B.130.

147.B.125 **Ċertifikat ta' approvazzjoni tal-organizzazzjoni tat-taħriġ tal-manutenzjoni**

Id-dettalji tal-format taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tal-organizzazzjoni tat-taħriġ tal-manutenzjoni għandhom jingħataw fl-Appendiċi II.

147.B.130 **Sejbiet**

(a) Jekk ir-rettifika ta' kwalunkwe sejba ta' livel 1 ma titlestiex fi żmien tlitt ijiem min-notifika bil-miktub, dan għandu jwassal għal revoka, sospensjoni jew limitazzjoni tal-approvazzjoni tal-organizzazzjoni tat-taħriġ tal-manutenzjoni kollha jew parti minnha, mill-awtorità kompetenti.

(b) L-awtorità kompetenti għandha tieħu azzjoni biex tirrevoka, tillimita jew tissospendi l-approvazzjoni kollha, jew parti minnha, f'każ li ma tiġix rispettata l-iskeda mogħtija mill-awtorità kompetenti f'każ ta' sejba ta' livell 2.

IS-SOTTOPARTI C

*SOTTOPARTI C REVOKA, SOSPENSJONI U LIMITAZZJONI TAL-APPROVAZZJONI TAL-ORGANIZZAZZJONI TAT-TAĦRIĠ TAL-MANUTENZJONI*

147.B.200 **Revoka, sospensjoni u limitazzjoni tal-approvazzjoni tal-organizzazzjoni tat-taħriġ tal-manutenzjoni**

L-awtorità kompetenti għandha:

(a) tissospendi approvazzjoni għal raġunijiet validi fil-każ ta' theddida potenzjali lis-sikurezza; jew

(b) tissospendi, tirrevoka jew tillimita skont il-punt 147.B.130.

▼M5

*Appendiċi I*

**Durata tal-kors ta' taħriġ bażiku**

Id-durata minima ta' kors sħiħ ta' taħriġ bażiku għandha tkun kif ġej:

| Kors Bażiku | Durata (sigħat) | Proporzjon ta' Taħriġ Teoretiku (f'%) |
|---|---|---|
| A1 | 800 | 30–35 |
| A2 | 650 | 30–35 |
| A3 | 800 | 30–35 |
| A4 | 800 | 30–35 |
| B1.1 | 2 400 | 50-60 |
| B1.2 | 2 000 | 50-60 |
| B1.3 | 2 400 | 50-60 |
| B1.4 | 2 400 | 50-60 |
| B2 | 2 400 | 50-60 |
| B2L | 1 500 (*) | 50-60 |
| B3 | 1 000 | 50-60 |

(*) Dan in-numru ta' sigħat għandu jiġi miżjud kif ġej, skont il-klassifikazzjonijiet ta' sistemi addizzjonali magħżula:

| Klassifikazzjoni ta' Sistemi | Durata (sigħat) | Proporzjon ta' Taħriġ Teoretiku (f'%) |
|---|---|---|
| COM/NAV | 90 | 50-60 |
| STRUMENTI | 55 | |
| AWTOTITJIR | 80 | |
| SORVELJANZA | 40 | |
| SISTEMI TA' QAFAS TAL-INĠENJU TAL-AJRU | 100 | |

▼M6

▼C2

*Appendiċi II*

**Approvazzjoni tal-Organizzazzjoni ta' Taħriġ fil-Manutenzjoni — Formola 11 tal-EASA**

Paġna 1 minn 2

[STAT MEMBRU (*)]

Membru tal-Unjoni Ewropea (**)

**ĊERTIFIKAT TA' APPROVAZZJONI TAL-ORGANIZZAZZJONI TAL-EŻAMIJIET U T-TAĦRIĠ FIL-MANUTENZJONI**

Referenza: [IL-KODIĊI TAL-ISTAT MEMBRU (*)].147.[XXXX]

Skont ir-Regolament (UE) Nru 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014, attwalment fis-seħħ u soġġett għall-kundizzjonijiet speċifikati hawn taħt, il-[L-AWTORITÀ KOMPETENTI TAL-ISTAT MEMBRU (*)] b'dan tiċċertifika:

[L-ISEM U L-INDIRIZZ TAL-KUMPANIJA]

bħala organizzazzjoni tat-taħriġ fil-manutenzjoni f'konformità mat-Taqsima A tal-Anness IV (Parti-147) tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014, approvata biex tipprovdi taħriġ u twettaq l-eżamijiet elenkati fl-iskeda tal-approvazzjoni mehmuża u biex toħroġ ċertifikati ta' rikonoxximent relatati lil studenti li jużaw ir-referenzi msemmija hawn fuq.

KUNDIZZJONIJIET:

1. Din l-approvazzjoni hija limitata għal dak li hemm speċifikat fit-taqsima tal-ambitu tax-xogħol tal-espożizzjoni tal-organizzazzjoni ta' taħriġ fil-manutenzjoni approvata kif imsemmi fit-Taqsima A tal-Anness IV (Parti-147); u
2. din l-approvazzjoni teħtieġ konformità mal-proċeduri speċifikati fl-espożizzjoni tal-organizzazzjoni ta' taħriġ fil-manutenzjoni; u
3. din l-approvazzjoni hi valida sakemm l-organizzazzjoni ta' taħriġ fil-manutenzjoni approvata tibqa' f'konformità mal-Anness IV (Parti-147) tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014; u
4. din l-approvazzjoni, li hi soġġetta għal konformità mal-kundizzjonijiet imsemmija qabel, għandha tibqa' valida għal żmien bla limitu sakemm l-approvazzjoni ma tkunx preċedentement ġiet ċeduta, sostitwita, sospiża jew irrevokata.

Id-data tal-ħruġ oriġinali: ..........

Id-data ta' din ir-reviżjoni: ..........

In-Numru tar-Reviżjoni: ..........

Iffirmata: ..........

Għall-awtorità kompetenti: [AWTORITÀ KOMPETENTI TAL-ISTAT MEMBRU (*)]

Formola 11 tal-EASA Ħarġa 6

(*) Jew l-EASA, jekk l-EASA hija l-awtorità kompetenti

(**) Ħassar meta l-Istat ma jkunx Stat Membru tal-UE jew l-EASA.

►(1) M8

▼C2

Paġna 2 minn 2

**SKEDA TA' APPROVAZZJONI TAL-ORGANIZZAZZJONI TAL-EŻAMIJIET U T-TAĦRIĠ FIL-MANUTENZJONI**

Referenza: [KODIĊI TAL-ISTAT MEMBRU (*)].147.[XXXX]

Organizzazzjoni: [L-ISEM U L-INDIRIZZ TAL-KUMPANIJA]

| KLASSI | KATEGORIJA TAL-LIĊENZJA | LIMITAZZJONI | |
|---|---|---|---|
| **BAŻIKA** (**) | B1 (**) | TB1.1 (**) | AJRUPLANI BIT-TURBINI (**) |
| | | TB1.2 (**) | AJRUPLANI BIL-PISTUNI (**) |
| | | TB1.3 (**) | ĦELIKOPTERS BIT-TURBINI (**) |
| | | TB1.4 (**) | ĦELIKOPTERS BIL-PISTUNI (**) |
| | B2 (**)/(****) | TB2 (**) | AVJONIKA (**) |
| | B2L (**) | TB2L (**) | AVJONIKA (indika l-klassifikazzjonijiet ta' sistemi) (**) |
| | B3 (**) | TB3 (**) | AJRUPLANI MHUX PRESSURIZZATI B'MAGNI BIL-PISTUNI B'MTOM TA' 2 000 KG U INQAS (**) |
| | A (**) | TA.1 (**) | AJRUPLANI BIT-TURBINI (**) |
| | | TA.2 (**) | AJRUPLANI BIL-PISTUNI (**) |
| | | TA.3 (**) | ĦELIKOPTERS BIT-TURBINI (**) |
| | | TA.4 (**) | ĦELIKOPTERS BIL-PISTUNI (**) |
| | L (**) (Eżami biss) | TL (**) | IKKWOTA S-SUBKATEGORIJA TAL-LIĊENZJA SPEĊIFIKA (**) |
| **TIP/KOMPITU** (**) | C (**) | T4 (**) | [IKKWOTA T-TIP TA' INĠENJU TAL-AJRU] (***) |
| | B1 (**) | T1 (**) | [IKKWOTA T-TIP TA' INĠENJU TAL-AJRU] (***) |
| | B2 (**) | T2 (**) | [IKKWOTA T-TIP TA' INĠENJU TAL-AJRU] (***) |
| | A (**) | T3 (**) | [IKKWOTA T-TIP TA' INĠENJU TAL-AJRU] (***) |

Din l-approvazzjoni hija limitata għal dak it-taħriġ u dawk l-eżamijiet speċifikati fit-taqsima tal-ambitu tax-xogħol tal-manwal tal-organizzazzjoni ta' taħriġ fil-manutenzjoni approvata.

Referenza tal-espożizzjoni tal-organizzazzjoni ta' taħriġ fil-manutenzjoni: ..........................................................................

Id-data tal-ħruġ oriġinali: ..........................................................................................................................................

Id-data tal-aħħar reviżjoni approvata: .................................. In-Numru tar-Reviżjoni: .....................................................

Iffirmata: ....................................................................................................................................................................

Għall-awtorità kompetenti: [L-AWTORITÀ KOMPETENTI TAL-ISTAT MEMBRU (*)]

Formola 11 tal-EASA ►(1) Verżjoni 6 ◄

(*) jew l-EASA, jekk l-EASA hija l-awtorità kompetenti.
(**) Ħassar kif ikun xieraq jekk l-organizzazzjoni mhijiex approvata.
(***) Imla bil-kategorija u l-limitazzjoni xierqa.
(****) L-approvazzjoni għall-kors/eżami Bażiku B2 tinkludi l-approvazzjoni għal kors/eżami B2L għall-klassifikazzjonijiet tas-sistemi kollha.

►(1) M8

▼M1

*Appendiċi III*

▼M6
▼C2

1. **Taħriġ u Eżami Bażiku**

Il-mudell taċ-ċertifikat tat-taħriġ bażiku għandu jintuża għar-rikonoxximent tat-tlestija jew tat-taħriġ bażiku, tal-eżami bażiku jew kemm tat-taħriġ bażiku kif ukoll tal-eżamijiet tat-taħriġ bażiku.

Iċ-ċertifikat tat-taħriġ għandu jidentifika b'mod ċar kull eżami ta' modulu individwali bid-data ta' meta tlesta b'suċċess, flimkien mal-verżjoni korrispondenti tal-Appendiċi I tal-Anness III (Parti-66).

Paġna 1 minn 1

**ĊERTIFIKAT TA' RIKONOXXIMENT**

Referenza: [IL-KODIĊI TAL-ISTAT MEMBRU (*)].147.[XXXX].[YYYYY]

Iċ-ċertifikat ta' rikonoxximent huwa maħruġ lil:

[ISEM]

[ID-DATA u L-POST TAT-TWELID]

Minn:

[L-ISEM U L-INDIRIZZ TAL-KUMPANIJA]

Referenza: [KODIĊI TAL-ISTAT MEMBRU (*)].147.[XXXX]

organizzazzjoni ta' taħriġ fil-manutenzjoni approvata biex tipprovdi taħriġ u twettaq eżamijiet fi ħdan l-iskeda ta' approvazzjoni tagħha u skont l-Anness IV (Parti-147) tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014.

Dan iċ-ċertifikat jikkonferma li l-persuna msemmija hawn fuq għaddiet b'suċċess mill-kors ta' taħriġ bażiku approvat (**) jew mill-eżami bażiku (**) imsemmi hawn taħt f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014 li attwalment jinsabu fis-seħħ.

[KORS TA' TAĦRIĠ BAŻIKU (**)] jew/u [EŻAMI BAŻIKU (**)]

[LISTA TA' MODULI TAL-PARTI-66/DATA TAL-EŻAMI LI SAR B'SUĊĊESS]

Data: ...............................................................................................................................................

Iffirmata: ..........................................................................................................................................

Għal: [ISEM IL-KUMPANIJA]

Formola 148 tal-EASA Ħarġa 3
(*) Jew l-EASA, jekk l-EASA hija l-awtorità kompetenti
(**) Ħassar kif xieraq

▼C2

2. **Taħriġ u Eżami tat-Tip**

Il-mudell taċ-ċertifikat tat-taħriġ tat-tip għandu jintuża jew għar-rikonoxximent tat-tlestija tal-elementi teoretiċi, tal-elementi prattiċi jew kemm tal-elementi teoretiċi kif ukoll tal-elementi prattiċi tal-kors ta' taħriġ tal-klassifikazzjoni tat-tip.

Iċ-ċertifikat għandu jindika f'liema kombinazzjoni tal-qafas/magna tal-inġenji tal-ajru kien ingħata t-taħriġ.

Ir-referenzi xierqa għandhom jitħassru kif ikun applikabbli u l-kaxxa tat-tip tal-kors għandha tispjega jekk kinux koperti l-elementi teoretiċi biss jew l-elementi prattiċi biss jew jekk kinux koperti kemm l-elementi teoretiċi kif ukoll dawk prattiċi.

Iċ-ċertifikat tat-taħriġ irid jidentifika b'mod ċar jekk il-kors huwiex kors sħiħ jew huwiex kors parzjali (bħalma huwa kors dwar il-qafas jew l-impjant tal-enerġija (powerplant) jew kors dwar l-avjonika/elettriku ta' inġenju tal-ajru) jew kors tad-differenzi bbażat fuq l-esperjenza preċedenti tal-applikant, pereżempju kors A340 (CFM) għat-tekniċi A320. Jekk il-kors ma jkunx wieħed sħiħ, iċ-ċertifikat għandu jidentifika jekk iż-żoni tal-interfaċċa kinux koperti jew le.

Paġna 1 minn 1

**ĊERTIFIKAT TA' RIKONOXXIMENT**

Referenza: [IL-KODIĊI TAL-ISTAT MEMBRU (*)].147.[XXXX].[YYYYY]

Iċ-ċertifikat ta' rikonoxximent huwa maħruġ lil:

[ISEM]

[ID-DATA u L-POST TAT-TWELID]

Minn:

[L-ISEM U L-INDIRIZZ TAL-KUMPANIJA]

Referenza: [KODIĊI TAL-ISTAT MEMBRU (*)].147.[XXXX]

organizzazzjoni ta' taħriġ fil-manutenzjoni approvata biex tipprovdi taħriġ u twettaq eżamijiet fi ħdan l-iskeda ta' approvazzjoni tagħha u skont l-Anness IV (Parti-147) tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014.

Dan iċ-ċertifikat jikkonferma li l-persuna msemmija hawn fuq għaddiet b'suċċess mill-elementi teoretiċi (**) u/jew mill-elementi prattiċi (**) tal-kors ta' taħriġ tat-tip approvat imsemmi hawn taħt u mill-eżamijiet relatati f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014 li attwalment jinsabu fis-seħħ.

[KORS TA' TAĦRIĠ TAT-TIP TAL-INĠENJU TAL-AJRU (**)]

[DATI TAL-BIDU u TAT-TMIEM]

[SPEĊIFIKA L-ELEMENTI TEORETIĊI U/JEW L-ELEMENTI PRATTIĊI]

jew

[L-EŻAMI TAT-TIP TAL-INĠENJU TAL-AJRU (**)]

[DATA TAT-TMIEM]

Data: ..........................................................................................

Iffirmata: ..........................................................................................

Għal: [ISEM IL-KUMPANIJA]

Formola 149 tal-EASA Ħarġa 4

(*) Jew l-EASA, jekk l-EASA hija l-awtorità kompetenti

(**) Ħassar kif xieraq

▼B

*ANNESS V*

**Regolament imħassar flimkien ma' lista tal-emendi suċċessivi tiegħu**

| | |
|---|---|
| Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 | (ĠU L 315, 28.11.2003, p. 1) |
| Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 707/2006 | (ĠU L 122, 9.5.2006, p. 17) |
| Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 376/2007 | (ĠU L 94, 4.4.2007, p. 18) |
| Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1056/2008 | (ĠU L 283, 28.10.2008, p. 5) |
| Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 127/2010 | (ĠU L 40, 13.2.2010, p. 4) |
| Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 962/2010 | (ĠU L 281, 27.10.2010, p. 78) |
| Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1149/2011 | (ĠU L 298, 16.11.2011, p. 1) |
| Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 593/2012 | (ĠU L 176, 6.7.2012, p. 38) |

▼M2

*ANNESS Va*

**PARTI-T**

▼M6
▼C2

WERREJ

**T.1 Awtorità kompetenti**

Taqsima A — Rekwiżiti tekniċi

Subparti A — ĠENERALI

T.A.101 Ambitu

Subparti B — REKWIŻITI

T.A.201 Responsabbiltajiet

Subparti E — ORGANIZZAZZJONI TAL-MANUTENZJONI

T.A.501 Organizzazzjoni tal-Manutenzjoni

Subparti G — REKWIŻITI ADDIZZJONALI GĦALL-ORGANIZZAZZJONIJIET TA' ĠESTJONI TAL-KONTINWITÀ TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ APPROVATI SKONT L-ANNESS Vc (Parti-CAMO)

T.A.701 Ambitu

T.A.704 Espożizzjoni tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà

T.A.706 Rekwiżiti tal-persunal

T.A.708 Ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà

T.A.709 Dokumentazzjoni

T.A.711 Privileġġi

T.A.712 Sistema ta' ġestjoni

T.A.714 Żamma tar-rekords

T.A.715 Validità kontinwata

T.A.716 Sejbiet

Taqsima B — Proċedura addizzjonali għall-awtoritajiet kompetenti

▼M8

Sottoparti A — Ġenerali

T.B.101 Ambitu

T.B.102 Awtorità kompetenti

T.B.104 Żamma tar-rekords

T.B.105 Skambju reċiproku ta' informazzjoni

▼M6
▼C2

Subparti B — Kontabbiltà

T.B.201 Responsabbiltajiet

T.B.202 Sejbiet

Subparti G — REKWIŻITI ADDIZZJONALI GĦALL-ORGANIZZAZZJONIJIET TA' ĠESTJONI TAL-KONTINWITÀ TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ APPROVATI SKONT L-ANNESS Vc (Parti-CAMO)

T.B.702 Proċedura ta' ċertifikazzjoni inizjali

T.B.704 Sorveljanza kontinwa

T.B.705 Sejbiet u azzjonijiet korrettivi

▼M2

T.1 **Awtorità kompetenti**

Għall-finijiet ta' din il-Parti, l-awtorità kompetenti għas-sorveljanza tal-inġenji tal-ajru u l-organizzazzjonijiet għandha tkun l-awtorità maħtura mill-Istat Membru li jkun ħareġ iċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru lill-operatur.

*TAQSIMA A*

**REKWIŻITI TEKNIĊI**

IS-SUBPARTI A

***ĠENERALI***

▼M6
▼C2

T.A.101 **Ambitu**

Din it-taqsima tistabbilixxi rekwiżiti biex jiġi żgurat li tinżamm il-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenji tal-ajru msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 1 f'konformità mar-rekwiżiti essenzjali tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Tispeċifika wkoll il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati mill-persuni u l-organizzazzjonijiet responsabbli mill-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà u l-manutenzjoni ta' tali inġenji tal-ajru.

▼M2

IS-SUBPARTI B

***IL-KONTINWITÀ TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ***

T.A.201 **Responsabbiltajiet**

1. L-operatur hu responsabbli għall-ajrunavigabbiltà tal-inġenji tal-ajru u għandu jiżgura li dan ma jitħaddimx sakemm:

   (a) l-inġenju tal-ajru ma jkollux ċertifikat tat-tip maħruġ jew ivvalidat mill-Aġenzija;

   (b) l-inġenju tal-ajru jkun f'kundizzjoni tajba għat-titjir;

   (c) l-inġenju tal-ajru jkollu ċertifikat ta' ajrunavigabbiltà validu maħruġ skont l-Anness 8 tal-ICAO;

   (d) il-manutenzjoni tal-inġenju tal-ajru titwettaq skont programm ta' manutenzjoni li għandu jikkonforma mar-rekwiżiti tal-Istat tar-Reġistrazzjoni u r-rekwiżiti applikabbli tal-Anness 6 tal-ICAO.

   (e) kwalunkwe difett jew ħsara li taffettwa t-tħaddim sikur tal-inġenju tal-ajru jiġu rranġati skont standard aċċettabbli mill-Istat tar-Reġistrazzjoni;

   (f) l-inġenju tal-ajru jikkonforma ma' kwalunkwe:

      (i) direttiva dwar l-ajrunavigabbiltà jew rekwiżit tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà applikabbli maħruġa jew adottata mill-Istat tar-Reġistrazzjoni;

      (ii) informazzjoni dwar is-sikurezza obbligatorja applikabbli li tkun maħruġa mill-Aġenzija, inkluż direttivi dwar l-ajrunavigabbiltà;

   (g) jinħareġ rilaxx għas-servizz lill-inġenju tal-ajru wara manutenzjoni minn organizzazzjonijiet ikkwalifikati f'konformità mar-rekwiżiti tal-Istat tar-Reġistrazzjoni. Ir-rilaxx għas-servizz iffirmat għandu jkun fih, b'mod partikolari, id-dettalji bażiċi tal-manutenzjoni mwettqa.

   (h) l-inġenju tal-ajru jiġi spezzjonat, permezz ta' spezzjoni ta' qabel it-titjira, qabel kull titjira

▼M2

(i) il-modifiki u t-tiswijiet kollha jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-ajrunavigabbiltà stabbiliti mill-Istat ta' Reġistrazzjoni

(j) ir-rekords dwar l-inġenji tal-ajru li ġejjin huma disponibbli sakemm l-informazzjoni inkluża tkun ġiet issostitwita minn informazzjoni ġdida ekwivalenti fil-kamp ta' applikazzjoni u fid-dettall iżda mhux anqas minn 24 xahar:

(1) il-ħin totali f'servizz (sigħat, ċikli, u żmien kalendarju, kif ikun xieraq) tal-inġenju tal-ajru u l-komponenti b'ħajja limitata kollha;

(2) l-istatus attwali tal-konformità mar-rekwiżiti ta' T.A.201 (1)(f);

(3) l-istatus attwali tal-konformità mal-progamm ta' manutenzjoni;

(4) l-istatus attwali tal-modifiki u t-tiswijiet flimkien mad-dettalji xierqa u d-dejta ta' appoġġ li turi li huma konformi mar-rekwiżiti stabbiliti mill-Istat tar-Reġistrazzjoni.

2. Il-kompiti speċifikati fit-T.A.201 (1) għandhom jiġu kkontrollati mill-organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-operatur. Għal dan il-għan l-organizzazzjoni għandha tikkonforma mar-rekwiżiti addizzjonali tat-T.A. Is-Subparti G

▼M5

3. L-organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa msemmija fil-punt (2) għandha tiżgura li l-manutenzjoni u r-rilaxx tal-inġenju tal-ajru jiġu mwettqa minn organizzazzjoni tal-manutenzjoni li tissodisfa r-rekwiżiti tas-Subparti E ta' dan l-Anness (Parti-T). Għal din il-fini, meta l-organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa ma tissodisfax dawk ir-rekwiżiti hija stess, din għandha tistabbilixxi kuntratt ma' organizzazzjoni tal-manutenzjoni li tissodisfa dawk ir-rekwiżiti.

▼M2

## IS-SUBPARTI E

## *ORGANIZZAZZJONI TAL-MANUTENZJONI*

▼M5

T.A. 501 **Organizzazzjoni tal-Manutenzjoni**

▼M2

L-organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà għandha tiżgura li l-inġenju tal-ajru u l-komponeneti tiegħu jinżammu mill-organizzazzjonijiet ta' manutenzjoni li jikkonformaw mar-rekwiżiti li ġejjin:

(1) L-organizzazzjoni jkollha approvazzjoni għal organizzazzjoni ta' manutenzjoni maħruġa jew aċċettabbli mill-Istat tar-Reġistrazzjoni.

(2) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-organizzazzjoni jinkludi l-kapaċità tal-inġenji tal-ajru u/jew il-komponenti xierqa.

(3) L-organizzazzjoni tkun stabbilixxiet sistema ta' rappurtar tal-okkorrenzi li tiżgura li kwalunkwe kundizzjoni identifikata ta' inġenju tal-ajru jew komponent li tpoġġi f'riskju s-sikurezza tat-titjira tiġi rrappurtata lill-operatur, l-awtorità kompetenti tal-operatur, l-organizzazzjoni responsabbli għad-disinn tat-tip jew id-disinn tat-tip supplimentali u l-organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà.

(4) L-organizzazzjoni tkun stabbilixxiet manwal tal-organizzazzjoni li jagħti deskrizzjoni tal-proċeduri tal-organizzazzjoni.

▼M2

SUPARTI G

▼M6
▼C2

***REKWIŻITI ADDIZZJONALI GĦALL-ORGANIZZAZZJONIJIET TA' ĠESTJONI TAL-KONTINWITÀ TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ APPROVATI SKONT L-ANNESS Vc (Parti-CAMO)***

T.A.701 **Ambitu**

Din is-Subparti tistabbilixxi r-rekwiżiti li għandhom jiġu ssodisfati flimkien mar-rekwiżiti tal-Anness Vc (Parti CAMO), minn organizzazzjoni approvata skont dak l-Anness, biex din tkun intitolata tikkontrolla t-twettiq tal-kompiti speċifikati fil-punt T.A.201.

T.A.704 **Espożizzjoni tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà**

Minbarra r-rekwiżiti previsti fil-punt CAMO.A.300, l-espożizzjoni għandha tinkludi proċeduri li jispeċifikaw kif l-organizzazzjoni tiżgura l-konformità ma' dan l-Anness.

T.A.706 **Rekwiżiti tal-persunal**

Minbarra r-rekwiżiti previsti fil-punt CAMO.A.305, il-membri tal-persunal imsemmi fil-punti (a)(3) sa (a)(5) u (b)(2) tal-punt CAMO.A.305 għandu jkollhom għarfien xieraq tal-liġijiet applikabbli tal-pajjiżi terzi fejn huwa rreġistrat l-inġenju tal-ajru.

▼M2

T.A.708 **Ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà**

▼M6
▼C2

Minkejja l-punt CAMO.A.315, għall-inġenji tal-ajru li għalihom il-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà hija ġestita f'konformità mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness, l-organizzazzjoni għandha:

▼M2

(a) tiżgura li l-inġenju tal-ajru jittieħed f'organizzazzjoni ta' manutenzjoni kull meta jkun meħtieġ;

(b) tiżgura li l-manutenzjoni titwettaq skont il-programm ta' manutenzjoni;

(c) tiżgura l-applikazzjoni tal-informazzjoni obbligatorja ta' T.A.201 (1)(f);

(d) tiżgura li kull difett skopert matul il-manutenzjoni skedata jew irrappurtat korrett mill-organizzazzjoni ta' manutenzjoni skont id-dejta dwar il-manutenzjoni aċċettabbli mill-Istat tar-Reġistrazzjoni;

(e) tikkoordina l-manutenzjoni skedata, l-applikazzjoni tal-informazzjoni obbligatorja ta' T.A.201 (1)(f), is-sostituzzjoni tal-parts b'ħajja limitata, u l-ispezzjoni tal-komponenti biex jiġi żgurat li x-xogħol jitwettaq kif suppost;

(f) timmaniġġja u tarkivja r-rekords tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà meħtieġa minn T.A.201 (1)(j);

(g) tiżgura li l-modifiki u t-tiswijiet jiġu approvati skont ir-rekwiżiti tal-Istat tar-Reġistrazzjoni.

▼M6
▼C2

T.A.709 **Dokumentazzjoni**

Minkejja l-punt CAMO.A.325, għal kull inġenju tal-ajru li għalih il-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà hija ġestita f'konformità mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness, l-organizzazzjoni għandu jkollha u għandha tuża *data* ta' manutenzjoni applikabbli li tkun aċċettabbli għall-Istat tar-reġistrazzjoni tal-inġenju tal-ajru.

▼C2

T.A.711 **Privileġġi**

Organizzazzjoni approvata skont l-Anness Vc (Parti-CAMO) tista' twettaq il-kompiti speċifikati fil-punt T.A.708 għall-inġenju tal-ajru inkluż fiċ-ċertifikat tal-operatur tal-ajru tagħha, sakemm dik l-organizzazzjoni tkun stabbilixxiet proċeduri, approvati mill-awtorità kompetenti, biex tiżgura konformità mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness.

T.A.712 **Sistema ta' ġestjoni**

Minbarra r-rekwiżiti tal-punt CAMO.A.200, l-organizzazzjoni għandha tiżgura l-konformità tagħha mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness.

T.A.714 **Żamma tar-rekords**

Minbarra r-rekwiżiti tal-punt (a) tal-punt CAMO.A.220, l-organizzazzjoni għandha żżomm ir-rekords imsemmija fil-punt (1)(j) tal-punt T.A.201.

T.A.715 **Validità kontinwata**

Biex l-approvazzjoni ta' organizzazzjoni li tiġġestixxi l-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tibqa' valida, flimkien mar-rekwiżiti tal-punt CAMO.A.135 għandhom jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) l-organizzazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli ta' dan l-Anness; u

(b) l-organizzazzjoni tiżgura li kwalunkwe persuna awtorizzata mill-awtorità kompetenti tingħata aċċess għal kwalunkwe waħda mill-faċilitajiet, inġenji tal-ajru jew dokumenti tagħha li huma relatati mal-attivitajiet tagħha, inkluż kull attività sottokuntrattata, biex tiġi stabbilita l-konformità ma' dan l-Anness.

T.A.716 **Sejbiet**

(a) Wara li tkun irċeviet notifika tas-sejbiet skont il-punt T.B.705, l-organizzazzjoni għandha tagħmel dan li ġej:

(1) tidentifika l-kawża ewlenija jew il-kawżi ewlenin tas-sejba ta' nuqqas ta' konformità, u l-fatturi li jikkontribwixxu għaliha;

(2) tħejji, tadotta u timplimenta pjan ta' azzjoni korrettiva;

(3) turi, għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti, li ttieħdet l-azzjoni korrettiva meħtieġa biex tiġi indirizzata s-sejba.

(b) L-azzjonijiet imsemmija fil-punti (1) sa (3) tal-paragrafu (a) għandhom jitwettqu fil-perjodu ta' żmien stabbilit mill-awtorità kompetenti skont il-punt T.B.705.

▼M2

*IT-TAQSIMA B*

▼M6
▼C2

***PROĊEDURA ADDIZZJONALI GĦALL-AWTORITÀ KOMPETENTI***

▼M2

IS-SUBPARTI A

***ĠENERALI***

T.B.101 **Kamp ta' applikazzjoni**

Din it-Taqsima tistabbilixxi r-rekwiżiti amministrattivi li għandhom jiġu segwiti mill-awtoritajiet kompetenti li jieħdu ħsieb l-applikazzjoni u l-infurzar tat-Taqsima A ta' din il-Parti-T.

▼M2

T.B.102 **Awtorità kompetenti**

1. Ġenerali

Stat Membru għandu jagħżel awtorità kompetenti b'responsabbiltajiet allokati kif imsemmi f'T.1. Din l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi proċeduri dokumentati u struttura organizzattiva.

2. Riżorsi

In-numru ta' staff għandu jkun xieraq biex iwettaq ir-rekwiżiti kif spjegat f'din it-Taqsima

3. Kwalifiki u taħriġ

L-istaff kollu involut fl-attivitajiet tal-Parti-M għandu jkun kwalifikat kif xieraq u jkollu għarfien, esperjenza, taħriġ inizjali u taħriġ ta' kontinwazzjoni xierqa sabiex iwettaq il-kompiti allokati lilu.

4. Proċeduri

L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi proċedura li tispjega kif tintlaħaq konformità ma' din il-Parti.

T.B.104 **Żamma tar-rekords**

1. Ir-rekwiżiti tal-M.B.104 (a), (b) u (c) tal-Anness I għandhom japplikaw.

2. Ir-rekords minimi għas-sorveljanza ta' kull inġenju tal-ajru għandhom jinkludu, tal-anqas, kopja ta':

   (a) iċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru,

   (b) kull korrispondenza rilevanti relatata mal-inġenju tal-ajru,

   (c) rapporti minn kwalunkwe spezzjoni u stħarriġ imwettaq fuq l-inġenju tal-ajru,

   (d) dettalji dwar kull eżenzjoni u azzjoni(jiet) ta' infurzar.

3. Kull rekord speċifikat f'T.B.104 għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni, fuq talba, lil Stat Membru ieħor, lill-Aġenzija jew lill-Istat tar-Reġistrazzjoni.

4. Ir-rekords speċifikati f'(2) għandhom jinżammu sa erba' (4) snin wara t-tmiem ta' tal-perjodu tal-ftehim ta' kiri mingħajr ekwipaġġ.

T.B.105 **Skambju reċiproku ta' informazzjoni**

Ir-rekwiżiti tal-M.B.105 tal-Anness I għandhom japplikaw.

IS-SUBPARTI B

***RESPONSABBILTÀ***

T.B.201 **Responsabbiltajiet**

1. L-awtoritajiet kompetenti kif speċifikat fit-T.1 huma responsabbli għat-twettiq ta' spezzjonijiet u investigazzjonijiet, inkluż stħarriġ fuq l-inġenji tal-ajru, sabiex jiġi vverifikat li hemm konformità mar-rekwiżiti ta' din il-Parti.

2. L-awtorità kompetenti għandha twettaq spezzjonijiet u investigazzjonijiet qabel l-approvazzjoni tal-ftehim ta' kiri mingħajr ekwipaġġ skont l-ARO.OPS.110 (a)(1), biex jiġi vverifikat li wara jkun hemm konformità mar-rekwiżiti tal-A.T. 201.

3. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura l-koordinazzjoni mal-Istat tar-Reġistrazzjoni kif meħtieġ biex teżerċita r-responsabbiltajiet ta' sorveljanza tal-inġenji tal-ajru li jinsabu f'dan l-Anness Va (il-Parti-T).

▼M2

T.B.202 **Sejbiet**

1. Sejba tal-livell 1 hi kwalunkwe nuqqas ta' konformità sinifikanti mar-rekwiżiti tal-Parti-T li jnaqqas l-istandard ta' sikurezza u jpoġġi f'riskju serju s-sikurezza tat-titjira.

2. Sejba tal-livell 2 hi kwalunkwe nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tal-Parti-T li jista' jnaqqas l-istandard ta' sikurezza u jpoġġi f'riskju serju s-sikurezza tat-titjira.

3. Meta tiġi skoperta sejba matul l-ispezzjonijiet, l-investigazzjonijiet, l-istħarriġ fuq l-inġenju tal-ajru jew b'mezzi oħra, l-awtorità kompetenti għandha:

   (a) tieħu miżuri kif ikun meħtieġ, biex l-inġenju tal-ajru ma jitħalliex itir, biex tiġi evitata l-kontinwazzjoni tan-nuqqas ta' konformità,

   (b) titlob azzjonijiet korrettivi xierqa għan-natura tas-sejba li għandha tittieħed.

4. Għal sejbiet tal-livell 1, l-awtorità kompetenti għandha titlob li tittieħed azzjoni korrettiva xierqa qabel titjir ieħor u tinnotifika lis-Stat tar-Reġistrazzjoni.

IS-SUPARTI G

▼M6
▼C2

***REKWIŻITI ADDIZZJONALI GĦALL-ORGANIZZAZZJONIJIET TA' ĠESTJONI TAL-KONTINWITÀ TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ APPROVATI SKONT L-ANNESS Vc (Parti-CAMO)***

T.B.702 **Proċedura ta' ċertifikazzjoni inizjali**

Minbarra r-rekwiżiti tal-punt CAMO.B.310, l-awtorità kompetenti għandha tivverifika u tistabbilixxi li dawk il-proċeduri huma konformi mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness u għandha tivverifika li l-organizzazzjoni hija konformi mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness.

T.B.704 **Sorveljanza kontinwa**

Minbarra r-rekwiżiti tal-punt CAMO.B.305, matul kull ċiklu ta' ppjanar tas-sorveljanza, l-awtorità kompetenti għandha twettaq spezzjoni ta' kampjun rilevanti tal-inġenji tal-ajru msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 1 ġestiti mill-organizzazzjoni.

T.B.705 **Sejbiet u azzjonijiet korrettivi**

Għal organizzazzjonijiet li jiġġestixxu l-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenji tal-ajru msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 1, l-awtorità kompetenti għandha tapplika r-rekwiżiti inklużi fil-punt CAMO.B.350 meta tivverifika jekk l-organizzazzjoni hijiex konformi mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness.

▼C2

*ANNESS Vb*

**(Parti-ML)**

WERREJ

**ML.1**

TAQSIMA A — REKWIŻITI TEKNIĊI

SOTTOPARTI A — ĠENERALI

ML.A.101 Kamp ta' applikazzjoni

SOTTOPARTI B — RESPONSABBILTÀ

ML.A.201 Responsabbiltajiet

ML.A.202 Rapportar ta' okkorrenza

SOTTOPARTI C — IL-KONTINWITÀ TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ

ML.A.301 Kompiti tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà

ML.A.302 Programm ta' manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru

ML.A.303 Direttivi dwar l-ajrunavigabbiltà

ML.A.304 *Data* għal modifiki u tiswijiet

ML.A.305 Sistema ta' reġistrazzjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru

ML.A.307 Trasferiment ta' rekords tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru

SOTTOPARTI D — STANDARDS TA' MANUTENZJONI

ML.A.401 *Data* tal-manutenzjoni

ML.A.402 Twettiq ta' manutenzjoni

ML.A.403 Difetti tal-inġenju tal-ajru

SOTTOPARTI E — KOMPONENTI

ML.A.501 Klassifikazzjoni u installazzjoni

ML.A.502 Manutenzjoni tal-komponenti

ML.A.503 Komponenti li jistgħu jintużaw għal żmien limitat

ML.A.504 Kontroll ta' komponenti li ma jistax isir servizz fuqhom

SOTTOPARTI H — ĊERTIFIKAT GĦAR-RILAXX GĦAS-SERVIZZ (CRS)

ML.A.801 Ċertifikat tar-rilaxx għas-servizz għall-inġenji tal-ajru

ML.A.802 Ċertifikat għall-komponenti għar-rilaxx għas-servizz

ML.A.803 Awtorizzazzjoni għall-pilota-sid

SOTTOPARTI I — ĊERTIFIKAT TAR-REVIŻJONI TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ (ARC)

ML.A.901 Reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru

ML.A.902 Validità taċ-ċertifikat tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà

ML.A.903 Proċess ta' reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà

ML.A.904 Kwalifika tal-persunal għar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà

ML.A.905 Trasferiment tar-reġistrazzjoni tal-inġenju tal-ajru fi ħdan l-Unjoni

ML.A.906 Reviżjoni tan-navigabbiltà tal-inġenju tal-ajru importat fl-Unjoni

ML.A.907 Sejbiet

▼C2

TAQSIMA B — PROĊEDURA GĦALL-AWTORITAJIET KOMPETENTI

SOTTOPARTI A — ĠENERALI

ML.B.101 Kamp ta' applikazzjoni

ML.B.102 Awtorità kompetenti

ML.B.104 Żamma tar-rekords

ML.B.105 Skambju reċiproku ta' informazzjoni

SOTTOPARTI B — RESPONSABBILTÀ

ML.B.201 Responsabbiltajiet

SOTTOPARTI C — IL-KONTINWITÀ TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ

ML.B.302 Eżenzjonijiet

ML.B.303 Monitoraġġ tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenji tal-ajru

ML.B.304 Ir-revoka, is-sospensjoni u l-limitazzjoni

SOTTOPARTI I — ĊERTIFIKAT TAR-REVIŻJONI TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ (ARC)

ML.B.902 Reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà mill-awtorità kompetenti

ML.B.903 Sejbiet

Appendiċi I — Kuntratt ta' ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà

Appendiċi II — Manutenzjoni limitata tal-Pilota-Sid

Appendiċi III — Kompiti ta' manutenzjoni kumplessi li m'għandhomx jitwettqu mill-Pilota-Sid

Appendiċi IV — Ċertifikat tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà (Formola 15c tal-EASA)

**ML.1**

(a) Skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 3, dan l-Anness (Parti-ML) japplika għall-inġenji tal-ajru li ġejjin għajr dawk motorizzati u kumplessi mhux elenkati fiċ-ċertifikat tal-operatur tal-ajru ta' operatur tal-ajru li ngħata l-liċenzja skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008:

(1) ajruplani b'massa massima waqt it-tlugħ (MTOM) ta' 2 730 kg jew anqas;

(2) inġenji tal-ajru kbar li jaħdmu bir-rotors b'MTOM ta' 1 200 kg jew anqas, iċċertifikati għal sa massimu ta' 4 okkupanti;

(3) inġenji tal-ajru oħra ELA2.

(b) Għall-finijiet ta' dan l-Anness, l-awtorità kompetenti għandha tkun l-awtorità maħtura mill-Istat Membru tar-reġistru tal-inġenji tal-ajru.

(c) Għall-finijiet ta' dan l-Anness, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) “persunal indipendenti taċ-ċertifikazzjoni” tfisser persunal taċ-ċertifikazzjoni li ma jaħdimx f'isem organizzazzjoni ta' manutenzjoni approvata u li, b'mod alternattiv, jikkonforma:

(i) mar-rekwiżiti tal-Anness III (Parti-66);

(ii) għal inġenji tal-ajru li għalihom ma japplikax l-Anness III (Parti-66), mar-rekwiżiti dwar il-persunal ta' ċertifikazzjoni fis-seħħ fl-Istat Membru tar-reġistru tal-inġenji tal-ajru;

▼C2

(2) “organizzazzjoni ta' manutenzjoni” tfisser organizzazzjoni li jkollha approvazzjoni maħruġa skont, b'mod alternattiv:

(i) is-Sottoparti F tal-Anness I (Parti-M);

(ii) it-Taqsima A tal-Anness II (Parti-145);

(iii) it-Taqsima A tal-Anness Vd (Parti-CAO).

(3) “sid” tfisser il-persuna responsabbli għall-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru, inklużi, b'mod alternattiv:

(i) is-sid reġistrat tal-inġenju tal-ajru;

(ii) il-lokatarju fil-każ ta' kuntratt ta' lokazzjoni;

(iii) l-operatur.

*TAQSIMA A*

**REKWIŻITI TEKNIĊI**

SOTTOPARTI A

*ĠENERALI*

ML.A.101 **Kamp ta' applikazzjoni**

Din it-Taqsima tistabbilixxi l-miżuri li għandhom jittieħdu biex jiġi żgurat li l-inġenju tal-ajru jkun ajrunavigabbli. Tispeċifika wkoll l-kondizzjonijiet li jridu jkunu ssodisfati mill-persuni jew l-organizzazzjonijiet involuti fl-attivitajiet relatati mal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru.

SOTTOPARTI B

*RESPONSABBILTÀ*

ML.A.201 **Responsabbiltajiet**

(a) Is-sid tal-inġenju tal-ajru għandu jkun responsabbli għall-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru u għandu jiżgura li ma sseħħ ebda titjira sakemm ma jiġux issodisfati r-rekwiżiti li ġejjin:

(1) l-inġenju tal-ajru jinżamm f'kundizzjoni tajba għat-titjir;

(2) kwalunkwe tagħmir operattiv u ta' emerġenza mwaħħal, ġie installat b'mod korrett u jista' jsir servizz fuqu jew inkella hu identifikat b'mod ċar li ma jistax isir servizz fuqu;

(3) iċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà hu validu;

(4) il-manutenzjoni tal-inġenju tal-ajru titwettaq f'konformità mal-Programm ta' Manutenzjoni tal-Inġenju tal-Ajru (“AMP”) kif speċifikat fil-punt ML.A.302.

(b) Permezz ta' deroga mill-punt (a), meta l-inġenju tal-ajru jkun mogħti b'lokazzjoni, ir-responsabbiltajiet stabbiliti fil-punt (a) għandhom japplikaw għal-lokatarju, jekk il-lokatarju jkun identifikat fid-dokument ta' reġistrazzjoni tal-inġenju tal-ajru jew fil-kuntratt ta' lokazzjoni.

(c) Kwalunkwe persuna jew organizzazzjoni li twettaq il-manutenzjoni tal-inġenju tal-ajru u tal-komponenti għandha tkun responsabbli għall-kompiti ta' manutenzjoni li jkunu qed jitwettqu.

▼C2

(d) Il-bdot fil-kmand tal-inġenju tal-ajru għandu jkun responsabbli għat-twettiq sodisfaċenti tal-ispezzjoni ta' qabel it-titjira. Dik l-ispezzjoni għandha titwettaq mill-bdot jew minn persuna oħra kwalifikata iżda ma hemmx bżonn li titwettaq minn organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata jew mill-persunal li jiċċertifika.

(e) Għal inġenji tal-ajru operati minn Organizzazzjonijiet kummerċjali Approvati tat-Taħriġ ("ATO") u minn Organizzazzjonijiet kummerċjali Ddikjarati tat-Taħriġ ("DTO") imsemmija fl-Artikolu 10a tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011 jew mhux operati skont l-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 965/2012 (Parti-NCO) jew operat skont is-Sottoparti-ADD tal-Anness II (Parti-BOP) tar-Regolament (UE) 2018/395 jew is-Sottoparti-DEC tal-Anness II (Parti-SAO) tar-Regolament (UE) 2018/1976 ([1]), l-operatur għandu:

▼M8

(1) ikun approvat bħala CAMO jew bħala CAO għall-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenji tal-ajru tiegħu skont l-Anness Vc (Parti-CAMO), is-Sottoparti G tal-Anness I (Parti-M) jew l-Anness Vd (Parti-CAO), jew jikkuntratta tali organizzazzjoni billi juża l-kuntratt stipulat fl-Appendiċi I ta' dan l-Anness;

▼C2

(2) jiżgura li l-manutenzjoni kollha titwettaq minn organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni approvati skont il-punt (c)(2) tal-punt ML.1.;

(3) jiżgura li jkunu ssodisfati r-rekwiżiti tal-punt (a).

(f) ►M8 Għall-inġenji tal-ajru mhux inklużi fil-punt (e), biex jissodisfa r-rekwiżiti tal-punt (a), is-sid tal-inġenju tal-ajru jista' jikkuntratta l-kompiti assoċjati mal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà lil organizzazzjoni approvata bħala CAMO jew CAO skont l-Anness Vc (Parti-CAMO), is-Sottoparti G tal-Anness I (Parti-M) jew l-Anness Vd (Parti-CAO). ◄ F'dak il-każ, l-organizzazzjoni mogħtija l-kuntratt għandha tassumi r-responsabbiltà għall-eżekuzzjoni kif xieraq ta' dawk il-kompiti u għandu jiġi konkluż kuntratt bil-miktub skont l-Appendiċi I għal dan l-Anness. Jekk is-sid ma jagħtix kuntratt lil organizzazzjoni bħal din, is-sid ikun responsabbli għall-eżekuzzjoni kif xieraq tal-kompiti assoċjati mal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà.

(g) Is-sid għandu jagħti lill-awtorità kompetenti aċċess għall-inġenju tal-ajru u għar-rekords tal-inġenji tal-ajru, biex l-awtorità kompetenti tkun tista' tiddetermina jekk l-inġenju tal-ajru jikkonformax mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness.

▼M8

(h) Fil-każ li inġenju tal-ajru inkluż f'ċertifikat tal-operatur tal-ajru jintuża għal operazzjonijiet mhux kummerċjali jew għal operazzjonijiet speċjalizzati skont il-punt ORO.GEN.310 tal-Anness III jew il-punt NCO.GEN.104 tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 965/2012 ([2]), l-operatur għandu jiżgura li l-kompiti assoċjati mal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà jitwettqu mis-CAMO approvata skont l-Anness Vc (Parti-CAMO) jew skont is-Sottoparti G tal-Anness I (Parti-M), jew mill-organizzazzjoni tal-ajrunavigabbiltà kombinata (CAO) approvata skont l-Anness Vd (Parti-CAO) tad-detentur taċ-ċertifikat tal-operatur tal-ajru, skont liema minn dawn ikun applikabbli.

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1976 tal-14 ta' Diċembru 2018 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-operat ta' gliders skont ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 326, 20.12.2018, p. 64)

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 296, 25.10.2012, p. 1).

▼C2

ML.A.202 **Rapportar ta' okkorrenza**

(a) Mingħajr ħsara għall-obbligi ta' rapportar stabbiliti fl-Anness II (Parti-145) u fl-Anness Vc (Parti-CAMO), kwalunkwe persuna jew organizzazzjoni responsabbli skont il-punt ML.A.201 għandha tirrapporta kwalunkwe kundizzjoni identifikata ta' inġenju tal-ajru jew komponent li tipperikola s-sikurezza tat-titjira:

(1) lill-awtorità kompetenti maħtura mill-Istat Membru tar-reġistru tal-inġenju tal-ajru, u, meta dan ikun differenti mill-Istat Membru tar-reġistru, lill-awtorità kompetenti maħtura mill-Istat Membru tal-operatur;

(2) lill-organizzazzjoni responsabbli għad-disinn tat-tip jew għad-disinn tat-tip supplimentari.

(b) Ir-rapporti msemmija fil-punt (a) għandhom isiru b'mod iddeterminat mill-awtorità kompetenti msemmija fil-punt (a) u għandu jkun fihom l-informazzjoni pertinenti kollha dwar il-kundizzjoni magħrufa mill-persuna jew mill-organizzazzjoni li tagħmel ir-rapport.

(c) Meta l-manutenzjoni jew ir-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru titwettaq fuq il-bażi ta' kuntratt bil-miktub, il-persuna jew l-organizzazzjoni responsabbli għal dawk l-attivitajiet għandha tirrapporta wkoll kwalunkwe kundizzjoni msemmija fil-punt (a) lis-sid tal-inġenju tal-ajru u, meta din tkun differenti, lis-CAMO jew lis-CAO ikkonċernata.

(d) Il-persuna jew l-organizzazzjoni għandha tissottometti r-rapporti msemmija fil-punti (a) u (c) mill-aktar fis possibbli, iżda mhux aktar tard minn 72 siegħa mill-mument li fih il-persuna jew l-organizzazzjoni tidentifika l-kundizzjoni li dwarha jsir ir-rapport, sakemm ċirkustanzi eċċezzjonali ma jipprevjenux li dan isir.

SOTTOPARTI C

*IL-KONTINWITÀ TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ*

ML.A.301 **Kompiti tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà**

Il-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru u li t-tagħmir operattiv u ta' emerġenza jista' jsir servizz fuqu għandhom ikunu żgurati:

(a) bit-twettiq tal-ispezzjonijiet ta' qabel it-titjira;

(b) bir-rettifika ta' kwalunkwe difett u ħsara li jaffettwaw l-operar sikur skont id-*data* speċifikata fil-punti ML.A.304 u ML.A.401, skont kif applikabbli, filwaqt li jitqiesu l-lista tat-tagħmir minimu (“MEL”) u l-lista ta' devjazzjoni tal-konfigurazzjoni, meta jkunu jeżistu;

(c) bit-tlestija tal-manutenzjoni kollha skont l-AMP imsemmi fil-punt ML.A.302;

(d) bit-twettiq ta' kwalunkwe minn dawn applikabbli:

(1) id-direttiva dwar l-ajrunavigabbiltà (“AD”);

(2) id-direttiva operattiva b'impatt fuq il-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà;

(3) ir-rekwiżiti tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà stabbiliti mill-Aġenzija;

(4) il-miżura meħtieġa mill-awtorità kompetenti bħala reazzjoni immedjata għal problema ta' sikurezza;

▼C2

(e) it-twettiq tal-modifiki u t-tiswijiet skont l-ML.A.304;

(f) titjiriet ta' kontroll tal-manutenzjoni, meta jkunu meħtieġa.

ML.A.302 **Programm ta' manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru**

(a) Il-manutenzjoni ta' kull inġenju tal-ajru għandha tkun organizzata skont AMP.

(b) L-AMP u kwalunkwe emenda sussegwenti għalih għandhom ikunu, b'mod alternattiv:

(1) iddikjarati mis-sid skont il-punt (c)(7) tal-punt ML.A.302, fejn il-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru ma tkunx ġestita minn CAMO jew CAO;

(2) approvati mis-CAMO jew is-CAO responsabbli għall-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru.

Is-sid li jiddikjara l-AMP skont il-punt (b)(1) jew l-organizzazzjoni li tapprova l-AMP skont il-punt (b)(2) għandhom iżommu l-AMP aġġornat.

(c) L-AMP:

(1) għandu jidentifika b'mod ċar lil sid l-inġenju tal-ajru u lill-inġenju tal-ajru li hu relatat miegħu, inklużi kwalunkwe magna u skrun installati, skont kif applikabbli;

(2) għandu jinkludi, b'mod alternattiv:

(a) il-kompiti jew l-ispezzjonijiet li jinsabu fil-programm tal-ispezzjoni minima applikabbli ("MIP") imsemmi fil-punt (d);

(b) l-istruzzjonijiet għall-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà ("ICA") maħruġa mid-detentur tal-approvazzjoni tad-disinn ("DAH");

(3) jista' jinkludi azzjonijiet addizzjonali ta' manutenzjoni minbarra dawk imsemmija fil-punt (c)(2) jew azzjonijiet ta' manutenzjoni alternattivi għal dawk imsemmija fil-punt (c)(2)(b) fuq il-proposta tas-sid, is-CAMO jew is-CAO, ladarba jiġu approvati jew iddikjarati skont il-punt (b). Azzjonijiet ta' manutenzjoni alternattivi għal dawk imsemmija fil-punt (c)(2)(b) m'għandhomx ikunu anqas restrittivi minn dawk stabbiliti fl-MIP applikabbli;

(4) għandu jinkludi l-informazzjoni obbligatorja kollha dwar il-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà, bħal ADs ripetittivi, it-taqsima dwar il-limitazzjoni tal-ajrunavigabbiltà ("ALS") tal-ICAs, u r-rekwiżiti speċifiċi dwar il-manutenzjoni li jinsabu fl-iskeda tad-*data* taċ-ċertifikat tat-tip ("TCDS");

(5) għandu jidentifika kwalunkwe kompitu addizzjonali ta' manutenzjoni li għandu jitwettaq minħabba t-tip speċifiku ta' inġenju tal-ajru, il-konfigurazzjoni tal-inġenju tal-ajru u t-tip u l-ispeċifiċità tal-operazzjoni, filwaqt li l-elementi li ġejjin għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni bħala minimu:

(a) tagħmir speċifiku installat u modifiki tal-inġenju tal-ajru;

▼C2

(b) tiswijiet imwettqa fl-inġenju tal-ajru;

(c) komponenti li jistgħu jintużaw għal żmien limitat u komponenti kritiċi għas-sikurezza tat-titjira;

(d) rakkomandazzjonijiet ta' manutenzjoni, bħalma huma l-intervalli taż-żmien bejn kull tiġdid maġġuri ("TBO"), maħruġa permezz ta' bullettini dwar is-servizz, ittri dwar is-servizz, u informazzjoni oħra mhux obbligatorja dwar is-servizz;

(e) direttivi jew rekwiżiti operazzjonali applikabbli relatati mal-ispezzjoni perjodika ta' ċertu tagħmir;

(f) approvazzjonijiet operazzjonali speċjali;

(g) l-użu tal-inġenju tal-ajru u l-ambjent operazzjonali;

(6) għandu jidentifika jekk il-Piloti-Sidien humiex awtorizzati jwettqu manutenzjoni;

(7) meta ddikjarat mis-sid, għandu jkun fih dikjarazzjoni ffirmata li fiha s-sid jiddikjara li dan hu l-AMP għar-reġistrazzjoni tal-inġenju tal-ajru partikolari u li hu responsabbli bis-sħiħ għall-kontenut tagħha u, b'mod partikolari għal kwalunkwe devjazzjoni mir-rakkomandazzjonijiet tad-DAH;

(8) meta approvat mis-CAMO jew is-CAO, għandu jkun iffirmat minn din l-organizzazzjoni, li għandha żżomm rekords bil-ġustifikazzjoni għal kwalunkwe devjazzjoni introdotta fir-rakkomandazzjonijiet tad-DAH;

(9) għandu jiġi rivedut tal-anqas kull sena biex tiġi vvalutata l-effikaċja tiegħu, u din ir-reviżjoni għandha ssir, b'mod alternattiv:

(a) flimkien mar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru mill-persuna li twettaq tali reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà;

(b) mis-CAMO jew is-CAO li timmaniġġja l-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru f'dawk il-każijiet li fihom ir-reviżjoni tal-AMP ma titwettaqx flimkien ma' reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà.

Jekk ir-reviżjoni turi nuqqasijiet fl-inġenju tal-ajru marbutin ma' nuqqasijiet fil-kontenut tal-AMP, l-AMP għandu jiġi emendat kif xieraq. F'dan il-każ, il-persuna li twettaq ir-reviżjoni għandha tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistru jekk hi ma taqbilx mal-miżuri li jemendaw l-AMP meħuda mis-sid, mis-CAMO jew mis-CAO. L-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi liema emendi għall-AMP huma neċessarji, filwaqt li ssemmi s-sejbiet korrispondenti u, jekk ikun hemm bżonn, tirreaġixxi skont il-punt ML.B.304.

(d) MIP:

(1) għandu jkun fih l-intervalli ta' spezzjoni li ġejjin:

(a) għal ajruplani, gliders motorizzati tat-touring ("TMGs") u blalen tal-arja, kull intervall annwali jew ta' kull 100 siegħa, skont liema jaħbat l-ewwel, li għalih tista' tiġi applikata tolleranza ta' xahar jew ta' 10 sigħat. L-intervall li jmiss għandu jiġi kkalkolat mill-ħin li fih isseħħ l-ispezzjoni;

▼C2

(b) għal gliders u gliders motorizzati għajr TMGs, kull intervall annwali li għalih tista' tiġi applikata tolleranza ta' xahar (1). L-intervall li jmiss għandu jiġi kkalkolat mill-ħin li fih isseħħ l-ispezzjoni;

(2) għandu jkun fih dan li ġej, skont kif applikabbli għat-tip ta' inġenju tal-ajru:

(a) kompiti ta' servizzjar kif meħtieġa mir-rekwiżiti tad-DAH;

(b) spezzjoni tal-marki;

(c) reviżjoni tar-rekords dwar l-użin u l-użin skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012, ir-Regolament (UE) 2018/395 u r-Regolament (UE) 2018/1976;

(d) test operazzjonali tat-transponder (jekk installat);

(e) test funzjoni tas-sistema statika Pitot;

(f) fil-każ tal-ajruplani:

(i) testijiet operazzjonali għall-potenza u għar-revoluzzjonijiet fil-minuta (rpm), manjeti, pressjoni tal-fjuwil u taż-żejt, temperaturi tal-magna;

(ii) għal magni mgħammra b'kontroll awtomatiku tal-magna, il-proċedura ppubblikata għall-kontrolli tal-aħħar;

(iii) għall-magni dry-sump, il-magni bit-turbokompressur u l-magni mkessħa bil-likwidu, test operazzjonali għal sinjali ta' ċirkolazzjoni mfixkla tal-fluwidi;

(g) spezzjoni tal-kondizzjoni u t-twaħħil tal-oġġetti strutturali, tas-sistemi u l-komponenti li jikkorrispondu għall-oqsma li ġejjin:

(i) għall-ajruplani:

qafas tal-inġenju tal-ajru, kabina u kokpit, attrezzatura għall-inżul, taqsima tal-ġwienaħ u taċ-ċentru, kontrolli tat-titjir, empennage, l-elementi avjoniċi u elettriċi, l-impjant tal-enerġija, il-klaċċijiet u l-gerboksis, is-sistemi tal-iskrejjen u mixxellanji, bħas-sistema ta' salvataġġ ballistika;

(ii) għal gliders u gliders bil-magna:

qafas tal-inġenju tal-ajru, kabina u kokpit, attrezzatura għall-inżul, taqsima tal-ġwienaħ u taċ-ċentru, empennage, l-elementi avjoniċi u elettriċi, l-impjant tal-enerġija (għal gliders bil-magna) u sistemi mixxellanji, bħas-saborra li titneħħa u/jew id-drag chute u l-kontrolli, kif ukoll is-sistema tas-saborra tal-ilma;

(iii) għal blalen tal-arja sħuna:

envelopp, berner, basket, kontenituri tal-fjuwil, tagħmir u strumenti;

(iv) għal blalen tal-gass:

envelopp, basket, tagħmir u strumenti.

▼C2

Dment li dan l-Anness ma jispeċifikax MIP għal iġfna tal-ajru u għal inġenji tal-ajru kbar li jaħdmu bir-rotors, l-AMP tagħhom għandu jkun ibbażat fuq l-ICA maħruġa mid-DAH, kif imsemmi fil-punt (c)(2)(b).

(e) B'deroga mill-punti (b) u (c), dikjarazzjoni mis-sid jew approvazzjoni minn CAMO jew minn CAO mhix meħtieġa, u m'hemmx bżonn li jiġi prodott dokument tal-AMP meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(1) l-ICA kollha maħruġa mid-DAH ikunu qed jiġu segwiti mingħajr ebda devjazzjoni;

(2) ir-rakkomandazzjonijiet kollha dwar il-manutenzjoni, bħall-intervalli tat-TBO, maħruġa permezz tal-bullettini tas-servizz, ittri tas-servizz, u informazzjoni tas-servizz oħra mhux obbligatorja, ikunu qed jiġu segwiti mingħajr ebda devjazzjoni;

(3) ma hemm ebda kompitu addizzjonali ta' manutenzjoni li għandu jitwettaq li jirriżulta minn kwalunkwe wieħed jew waħda minn fost dawn li ġejjin:

(a) tagħmir speċifiku installat u modifiki tal-inġenju tal-ajru;

(b) tiswijiet imwettqa fl-inġenju tal-ajru;

(c) komponenti li jistgħu jintużaw għal żmien limitat u komponenti kritiċi għas-sikurezza tat-titjira;

(d) approvazzjonijiet operazzjonali speċjali;

(e) l-użu tal-inġenju tal-ajru u l-ambjent operazzjonali.

(4) Il-Piloti-Sidien huma awtorizzati jwettqu manutenzjoni tal-Pilota-Sid.

Din id-deroga mhix applikabbli jekk il-pilota-sid jew, f'każ ta' inġenju tal-ajru bi sjieda konġunta, kwalunkwe wieħed mill-piloti-sidien, ma jkunx awtorizzat iwettaq manutenzjoni tal-Pilota-Sid għaliex dan irid ikun speċifikat fl-AMP iddikjarat jew approvat.

(f) Jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha previsti fil-punti (e)(1) sa (e)(4), l-AMP applikabbli għall-inġenju tal-ajru għandu jkun jikkonsisti f'dawn li ġejjin:

(1) l-ICA maħruġa mid-DAH;

(2) ir-rakkomandazzjonijiet ta' manutenzjoni, bħalma huma l-intervalli tat-TBO, maħruġa permezz ta' bulettini dwar is-servizz, ittri dwar is-servizz, u informazzjoni oħra mhux obbligatorja dwar is-servizz;

(3) l-informazzjoni obbligatorja dwar il-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà, bħal ADs ripetittivi, l-ALS tal-ICA u r-rekwiżiti speċifiċi dwar il-manutenzjoni li jinsabu fit-TCDS;

▼C2

(4) il-kompiti dovuti għal direttivi jew rekwiżiti operazzjonali jew dwar l-ispazju tal-ajru b'rabta ma' strumenti u tagħmir partikolari.

ML.A.303 **Direttivi dwar l-ajrunavigabbiltà**

Kull AD applikabbli trid titwettaq fi ħdan ir-rekwiżiti ta' dik l-AD sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor mill-Aġenzija.

ML.A.304 ***Data* għal modifiki u tiswijiet**

Persuna jew organizzazzjoni li ssewwi inġenju tal-ajru jew komponent għandha tivvaluta kwalunkwe ħsara. Il-modifiki u t-tiswijiet għandhom jitwettqu billi tintuża, kif xieraq, id-*data* li ġejja:

(a) approvata mill-Aġenzija;

(b) approvata minn organizzazzjoni tad-disinn li tikkonforma mal-Anness I (Parti-21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012;

(c) li tinsab fir-rekwiżiti msemmija fil-punt 21.A.90B jew fil-punt 21A.431B tal-Anness I (Parti-21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012.

ML.A.305 **Sistema ta' reġistrazzjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru**

(a) Mat-tlestija ta' kwalunkwe manutenzjoni, iċ-ċertifikat tar-rilaxx għas-servizz (CRS) meħtieġ mill-punt M.A.801 għandu jiddaħħal fis-sistema tar-rekords tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru. Kull entrata għandha ssir mill-aktar fis possibbli iżda mhux aktar tard minn 30 jum mid-data tat-tlestija tal-kompitu ta' manutenzjoni.

(b) Ir-rekords tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru għandu jkun fihom ġurnal ta' abbord l-inġenju tal-ajru, il-ġurnal(i) tal-magni jew il-kards tal-ġurnal tal-modulu tal-magna, il-ġurnal(i) tal-iskrun u kards tal-ġurnal għal kull komponent li jista' jintuża għal żmien limitat, kif xieraq.

(c) It-tip tal-inġenju tal-ajru u l-marka tar-reġistrazzjoni, flimkien mal-ħin totali ta' titjiriet u ċikli ta' titjiriet u nżul, għandhom jiddaħħlu fil-ġurnali tal-inġenju tal-ajru.

(d) Ir-rekords dwar il-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà għandhom jikkonsistu:

(1) fl-istatus kurrenti tal-ADs u l-miżuri mandati mill-awtorità kompetenti f'reazzjoni immedjata għal problema ta' sikurezza;

(2) fl-istatus kurrenti tal-modifiki, it-tiswijiet u rakkomandazzjonijiet oħra tad-DAH dwar il-manutenzjoni;

(3) fl-istatus kurrenti tal-konformità mal-AMP;

(4) fl-istatus kurrenti ta' komponenti bi żmien limitat tal-użu;

(5) fir-rapport kurrenti dwar il-massa u l-bilanċ;

(6) fil-lista kurrenti ta' manutenzjoni differita.

▼C2

(e) Minbarra d-dokument tar-rilaxx awtorizzat, il-Formola 1 tal-EASA, kif stipulat fl-Appendiċi II tal-Anness I (Parti-M), jew ekwivalenti, għandha tiddaħħal fil-ġurnal ta' abbord tal-magna jew tal-iskrejjen u fl-iskedi tal-moduli tal-magni jew karti tar-reġistrazzjoni tal-komponenti bi żmien limitat tal-użu l-informazzjoni rilevanti li ġejja għal kwalunkwe komponent installat, bħal magna, skrejjen, modulu ta' magna jew karti tar-reġistrazzjoni tal-komponent bi żmien limitat tal-użu:

(1) l-identifikazzjoni tal-komponent;

(2) it-tip, in-numru tas-serje u r-reġistrazzjoni, kif xieraq, tal-inġenju tal-ajru, il-magna, l-iskrejjen, modulu ta' magna jew komponent bi żmien limitat tal-użu li ġie mmuntat fuqu l-komponent partikolari, flimkien mar-referenza għall-installazzjoni u t-tneħħija tal-komponent;

(3) id-data flimkien mal-ħin tat-titjir totali akkumulat, iċ-ċikli ta' titjir, l-inżul u ż-żmien tal-kalendarju, kif rilevanti għall-komponent partikolari;

(4) l-informazzjoni kurrenti msemmija fil-punt (d), applikabbli għall-komponent.

(f) Il-persuna jew l-organizzazzjoni responsabbli mill-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà u l-kompiti skont il-punt ML.A.201, għandha tikkontrolla r-rekords kif dettaljat fil-punt ML.A.305 u tippreżenta r-rekords lill-awtorità kompetenti meta mitluba.

(g) L-entrati kollha li jiddaħħlu fir-rekords tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà għandhom ikunu ċari u preċiżi. Meta jinqala' l-bżonn li tiġi kkoreġuta entrata, il-korrezzjoni għandha ssir b'tali mod li turi l-entrata oriġinali.

(h) Sid għandu jiżgura li tkun ġiet stabbilita sistema li żżomm ir-rekords li ġejjin għall-perjodi speċifikati:

(1) ir-rekords dettaljati kollha tal-manutenzjoni fir-rigward tal-inġenju tal-ajru u kwalunkwe komponent bi żmien limitat tal-użu mmuntat fuqu, sa dak iż-żmien fejn l-informazzjoni fihom tiġi mħassra u sostitwita minn informazzjoni ġdida ekwivalenti fl-ambitu u fid-dettall, iżda mhux anqas minn 36 xahar wara li l-inġenju tal-ajru jew il-komponent ikun ġie rrilaxxat għas-servizz;

(2) il-ħin totali tas-servizz, jiġifieri sigħat, żmien kalendarju, ċikli u nżul, tal-inġenju tal-ajru u l-komponenti kollha bi żmien limitat tal-użu, għal mill-inqas 12-il xahar wara li l-inġenju tal-ajru jew il-komponent ikun ġie irtirat għal kollox mis-servizz;

(3) il-ħin totali tas-servizz, jiġifieri sigħat, żmien kalendarju, ċikli u nżul, kif xieraq, mill-aħħar manutenzjoni skedata tal-komponent soġġett għal limitu ta' żmien tal-użu, għal-linqas sakemm il-manutenzjoni skedata tal-komponent tkun ġiet imħassra u sostitwita minn manutenzjoni skedata oħra ta' ambitu u dettall tax-xogħol ekwivalenti;

(4) l-istatus kurrenti tal-konformità mal-AMP tal-anqas sakemm il-manutenzjoni skedata tal-inġenju tal-ajru jew il-komponent tkun ġiet imħassra u sostitwita minn manutenzjoni skedata oħra ta' ambitu u dettall tax-xogħol ekwivalenti;

▼C2

(5) l-istatus kurrenti tal-ADs applikabbli għall-inġenju tal-ajru u l-komponenti tiegħu, mill-inqas 12-il xahar wara li l-inġenju tal-ajru jew il-komponent ikun ġie rtirat għal kollox mis-servizz;

(6) dettalji tal-modifiki u t-tiswijiet kurrenti lill-inġenju tal-ajru, il-magna/i, l-iskrun/skrejjen u kull komponent ieħor vitali għas-sikurezza tat-titjira, mill-inqas 12-il xahar wara li l-inġenju tal-ajru jew il-komponent ikun ġie rtirat għal kollox mis-servizz.

ML.A.307 **Trasferiment ta' rekords tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru**

(a) Meta inġenju tal-ajru jiġi ttrasferit b'mod permanenti minn sid għal ieħor, is-sid li jittrasferixxi għandu jiżgura li r-rekords tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà msemmija fil-punt ML.A.305 jiġu ttrasferiti wkoll.

(b) Meta s-sid jagħti b'kuntratt il-kompiti ta' ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà lil CAMO jew CAO, is-sid għandu jiżgura li r-rekords tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà msemmija fil-punt ML.A.305 jiġu ttrasferiti lill-organizzazzjoni li ngħatat il-kuntratt.

(c) Il-perjodi ta' żmien għaż-żamma tar-rekords stabbiliti fil-punt (h) tal-punt ML.A.305 għandhom jibqgħu japplikaw għas-sid il-ġdid, is-CAMO jew is-CAO.

SOTTOPARTI D

*STANDARDS TA' MANUTENZJONI*

ML.A.401 ***Data* tal-manutenzjoni**

(a) Il-persuna jew l-organizzazzjoni li tmantni inġenju tal-ajru għandha tuża *data* applikabbli dwar il-manutenzjoni biss waqt li tkun qed twettaq il-manutenzjoni.

▼M11

(b) Għall-finijiet ta' dan l-Anness, "*data* tal-manutenzjoni applikabbli" tfisser kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

1. kwalunkwe rekwiżit, proċedura, standard jew informazzjoni applikabbli maħruġa mill-awtorità kompetenti jew mill-Aġenzija;

2. kwalunkwe AD applikabbli;

3. l-ICA applikabbli u struzzjonijiet oħra tal-manutenzjoni, maħruġa mid-detentur taċ-ċertifikat tat-tip, mid-detenturi taċ-ċertifikat tat-tip supplimentari u minn kwalunkwe organizzazzjoni oħra li tippubblika tali *data* f'konformità mal-Anness I (Parti 21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012;

4. għall-komponenti approvati għall-installazzjoni mid-detentur tal-approvazzjoni tad-disinn, l-istruzzjonijiet tal-manutenzjoni applikabbli ppubblikati mill-manifatturi tal-komponenti u aċċettabbli għad-detentur tal-approvazzjoni tad-disinn;

5. kwalunkwe *data* applikabbli maħruġa f'konformità mal-punt 145.A.45(d).

▼C2

ML.A.402 **Twettiq ta' manutenzjoni**

(a) Il-manutenzjoni mwettqa minn organizzazzjonijiet approvati tal-manutenzjoni għandha tkun konformi mas-Sottoparti F tal-Anness I (Parti-M), l-Anness II (Parti-145) jew l-Anness Vd (Parti-CAO), skont kif applikabbli.

(b) Għall-manutenzjoni mhux imwettqa skont il-punt (a), il-persuna li twettaq il-manutenzjoni għandha:

(1) tkun kwalifikata għall-kompiti mwettqa, kif mitlub minn dan l-Anness;

▼C2

(2) tiżgura li l-erja li fiha titwettaq il-manutenzjoni tkun organizzata sewwa u nadifa b'ebda ħmieġ jew kontaminazzjoni;

(3) tuża l-metodi, it-tekniki, l-istandards u l-istruzzjonijiet speċifikati fid-*data* dwar il-manutenzjoni msemmija fil-punt ML.A.401;

(4) tuża l-għodod, it-tagħmir u l-materjal speċifikati fid-*data* dwar il-manutenzjoni msemmija fil-punt ML.A.401. Fejn hemm bżonn, l-għodod u t-tagħmir għandhom jiġu kkontrollati u kkalibrati skont standard rikonoxxut uffiċjalment;

(5) tiżgura li l-manutenzjoni titwettaq fi ħdan kwalunkwe limitazzjoni ambjentali speċifikata fid-*data* dwar il-manutenzjoni msemmija fil-punt ML.A.401;

(6) tiżgura li l-faċilitajiet xierqa jintużaw f'każ ta' temp ħażin u jew manutenzjoni twila;

(7) tiżgura li jiġu minimizzati r-riskju ta' żbalji multipli matul il-manutenzjoni u r-riskju li l-iżbalji jiġu ripetuti f'kompiti ta' manutenzjoni identiċi;

(8) tiżgura li jiġi implimentat metodu li jaqbad l-iżbalji wara t-twettiq ta' kwalunkwe kompitu kritiku ta' manutenzjoni;

(9) twettaq verifika ġenerali, wara li titlesta l-manutenzjoni, biex jiġi żgurat li l-inġenju tal-ajru jew il-komponent, ma għandu l-ebda għodod, tagħmir u kwalunkwe part u materjal estranju, u li l-pannelli kollha ta' aċċess maqlugħin, ikunu twaħħlu mill-ġdid;

(10) tiżgura li l-manutenzjoni mwettqa kollha tkun reġistrata u dokumentata kif xieraq.

ML.A.403 **Difetti tal-inġenju tal-ajru**

(a) Għandu jitranġa xi difett tal-inġenju tal-ajru li jipperikola b'mod serju is-sikurezza tat-titjira qabel xi titjira oħra.

(b) Il-persuni li ġejjin jistgħu jiddeċiedu li difett ma jipperikolax b'mod serju s-sikurezza tat-titjir, u tista' tiddiferih kif xieraq:

(1) il-pilota fir-rigward ta' difetti li jaffettwaw tagħmir tal-inġenju tal-ajru mhux meħtieġ;

(2) il-pilota, meta juża l-lista tat-tagħmir minimu, fir-rigward ta' difetti li jaffettwaw it-tagħmir tal-inġenju tal-ajru meħtieġ — inkella, dawn id-difetti jistgħu jiġu differiti biss minn persunal taċ-ċertifikazzjoni awtorizzat;

(3) il-pilota, fir-rigward ta' difetti għajr dawk imsemmija fil-punti (b)(1) u (b)(2) jekk ikunu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) l-inġenju tal-ajru hu operat skont l-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 965/2012 (Parti-NCO) jew, fil-każ ta' blalen tal-arja jew ta' gliders, mhux operat skont is-Sottoparti-ADD tal-Anness II (Parti-BOP) tar-Regolament (UE) 2018/395 jew li ma jsegwix is-Sottoparti DEC tal-Anness II (Parti-SAO) tar-Regolament (UE) 2018/1976;

▼C2

(ii) il-pilota jiddiferixxi d-difett bil-qbil tas-sid tal-inġenju tal-ajru jew, jekk applikabbli, tas-CAMO jew tas-CAO mogħtija l-kuntratt;

(4) il-persunal taċ-ċertifikazzjoni kkwalifikat kif xieraq fir-rigward ta' difetti oħra għajr dawk imsemmija fil-punti (b)(1) u (b)(2), meta ma jkunux issodisfati l-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt 3(i) u (ii).

(c) Kull difett tal-inġenju tal-ajru li ma jkunx se jipperikola b'mod serju s-sikurezza tat-titjira għandu jiġi rettifikat malli jkun prattikabbli, mid-data li fiha d-difett kien identifikat l-ewwel darba u fi ħdan il-limiti speċifikati fid-*data* dwar il-manutenzjoni.

(d) Kwalunkwe difett mhux rettifikat qabel it-titjira għandu jiġi rreġistrat fis-sistema tar-rekords tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenji tal-ajru msemmija fil-punt ML.A.305 u għandu jkun hemm rekord disponibbli għall-pilota.

SOTTOPARTI E

*KOMPONENTI*

ML.A.501 **Klassifikazzjoni u installazzjoni**

▼M11

(a) Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fis-Sottoparti F tal-Anness I (Parti-M), fl-Anness II (Parti-145), fl-Anness Vd (Parti-CAO) ta’ dan ir-Regolament jew fil-punt 21.A.307 tal-Anness I (Parti 21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012, komponent jista’ jitqabbad biss jekk ikunu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) ikun f’kundizzjoni sodisfaċenti;

(ii) ikun ġie rilaxxat kif xieraq għas-servizz bl-użu ta’ Formola 1 tal-EASA kif stabbilit fl-Appendiċi II tal-Anness I (Parti-M), jew ekwivalenti tagħha;

(iii) ikun ġie mmarkat f’konformità mas-Sottoparti Q tal-Anness I (Parti 21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012.

▼C2

(b) Qabel l-istallazzjoni ta' komponent fuq inġenju tal-ajru, il-persuna jew l-organizzazzjoni approvata tal-manutenzjoni għandha tiżgura li l-komponent partikolari hu eliġibbli biex jitwaħħal jekk ikunu applikabbli modifiki jew konfigurazzjonijiet tal-AD differenti.

(c) Partijiet standard għandhom jitwaħħlu biss fuq inġenju tal-ajru jew komponent meta d-*data* dwar il-manutenzjoni tispeċifika dawk il-partijiet standard partikolari. Il-partijiet standard għandhom jitwaħħlu biss meta jkun akkumpanjati minn evidenza ta' konformità għall-istandard applikabbli u jkollhom traċċabbiltà xierqa.

(d) Materja prima jew konsumabbli għandha tintuża biss fuq inġenju tal-ajru jew komponent dment li:

(i) il-manifattur tal-inġenju tal-ajru jew tal-komponent jippermetti l-użu ta' materja prima jew konsumabbli fid-*data* rilevanti dwar il-manutenzjoni jew kif speċifikat fis-Sottoparti F tal-Anness I (Parti-M), fl-Anness II (Parti-145) jew fl-Anness Vd (Parti-CAO).

(ii) tali materja tkun tissodisfa l-ispeċifikazzjoni meħtieġa tal-materja u jkollha traċċabbiltà xierqa.

(iii) tali materja tkun akkumpanjata minn dokumenti relatati b'mod ċar mal-materja partikolari u li jinkludu dikjarazzjoni ta' konformità mal-ispeċifikazzjonijiet kif ukoll is-sors tal-manifattur u tal-fornitur.

▼C2

(e) Fil-każ ta' blalen tal-arja, fejn ikunu possibbli taħlitiet differenti ta' basktijiet, ta' berners u ta' ċilindri tal-fjuwil għal envelopp partikolari, il-persuna li tinstallahom għandha tiżgura li:

(1) il-basket, il-berner u/jew iċ-ċilindri tal-fjuwil ikunu eliġibbli għall-installazzjoni skont it-TCDS jew dokumenti oħra msemmija fit-TCDS;

(2) il-basket, il-berner u/jew iċ-ċilindri tal-fjuwil ikunu f'kundizzjoni li jista' jsir servizz fuqhom u jkollhom ir-rekords ta' manutenzjoni xierqa.

ML.A.502 **Manutenzjoni tal-komponenti**

▼M11

(a) Il-komponenti li huma aċċettati mis-sid f'konformità mal-punt (b)(2) tal-punt 21.A.307 tal-Anness I (Parti 21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012 għandha ssirilhom manutenzjoni minn kwalunkwe persuna jew organizzazzjoni, soġġett għall-aċċettazzjoni mill-ġdid mis-sid skont il-kundizzjonijiet tal-punt (b)(2) tal-punt 21.A.307 ta' dak l-Anness. Din il-manutenzjoni mhijiex eliġibbli għall-ħruġ ta' Formola 1 tal-EASA, kif stabbilit fl-Appendiċi II tal-Anness I (Parti-M), u għandha tkun soġġetta għar-rekwiżiti tar-rilaxx tal-inġenji tal-ajru.

▼C2

(b) Il-komponenti għandhom jiġu rilaxxati skont it-tabella li ġejja:

| | **Rilaxxati bl-użu ta' Formola 1 tal-EASA** (kif stipulat fl-Appendiċi II tal-Anness I (Parti-M)) | **Rilaxxati fil-livell tal-inġenju tal-ajru skont il-punt ML.A.801 (mhux possibbli li tinħareġ Formola 1 tal-EASA)** |
|---|---|---|
| **Komponenti miżmuma skont id-*data* dwar il-manutenzjoni tal-komponent (*data* maħruġa mill-manifattur tal-komponent)** | | |
| **Manutenzjoni minflok tiġdid maġġuri** | Organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni kklassifikati għall-magna (għall-magna) jew ikklassifikati għall-komponenti (għal komponenti oħra) | (i) Organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni kklassifikati għall-inġenju tal-ajru; u/jew<br>(ii) persunal indipendenti taċ-ċertifikazzjoni |
| **Tiġdid maġġuri tal-komponenti għajr il-magni u l-iskrejjen** | Organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni kklassifikati għall-komponenti | Mhuwiex possibbli |
| **Tiġdid maġġuri tal-magni u l-iskrejjen għal inġenji tal-ajru CS-VLA, CS-22 u LSA** | Organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni kklassifikati għall-magna (għall-magna) jew ikklassifikati għall-komponenti (għall-iskrejjen) | (iii) Organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni kklassifikati għall-inġenju tal-ajru; u/jew<br>(iv) persunal indipendenti taċ-ċertifikazzjoni |
| **Tiġdid maġġuri tal-magni u l-iskrejjen għajr għal inġenji tal-ajru CS-VLA, CS-22 u LSA** | Organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni kklassifikati għall-magna (għall-magna) jew ikklassifikati għall-komponenti (għall-iskrejjen) | Mhuwiex possibbli |
| **Komponenti miżmuma skont id-*data* dwar il-manutenzjoni tal-inġenju tal-ajru (*data* maħruġa mill-manifattur tal-inġenju tal-ajru)** | | |
| **Il-komponenti kollha u t-tipi kollha ta' manutenzjoni** | Organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni kklassifikati għall-magna (għall-magna) jew ikklassifikati għall-komponenti (għal komponenti oħra) | — Organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni kklassifikati għall-inġenju tal-ajru; u/jew<br>— persunal indipendenti taċ-ċertifikazzjoni |

▼M11

(c) Il-komponenti msemmija fil-punti (b)(3) sa (b)(6) tal-punt 21.A.307 tal-Anness I (Parti 21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012 tista' ssirilhom manutenzjoni minn kwalunkwe persuna jew organizzazzjoni. F'tali każ, b'deroga mill-punt (b), il-manutenzjoni ta' dawk il-komponenti għandha tiġi rrilaxxata b'"dikjarazzjoni li l-manutenzjoni twettqet" maħruġa mill-persuna jew mill-organizzazzjoni li tkun wettqet il-manutenzjoni. Id-"dikjarazzjoni li l-manutenzjoni twettqet" għandu jkun fiha minn tal-inqas id-dettalji bażiċi tal-manutenzjoni li tkun twettqet, id-data meta l-manutenzjoni tlestiet, u l-identifikazzjoni tal-organizzazzjoni jew tal-persuna li toħroġha. Din għandha titqies bħala rekord tal-manutenzjoni u ekwivalenti għal Formola 1 tal-EASA fir-rigward tal-komponent li tkun saritlu l-manutenzjoni.

▼C2

ML.A.503 **Komponenti li jistgħu jintużaw għal żmien limitat**

(a) It-terminu "komponenti bi żmien limitat tal-użu" fih il-komponenti li ġejjin:

(1) komponenti soġġetti għal żmien limitat iċċertifikat li warajh il-komponenti għandhom jiġu rtirati, u;

(2) komponenti soġġetti għal żmien limitat tal-użu li warajh il-komponenti għandha ssirilhom manutenzjoni biex jiġu restawrati għal kundizzjoni li jista' jsir servizz fuqhom.

(b) Komponenti mwaħħla li jistgħu jintużaw għal żmien limitat ma għandhomx jaqbżu ż-żmien limitat tal-użu approvat kif speċifikat fl-AMP u l-ADs, ħlief kif previst mill-punt ML.A.504(c).

(c) It-tul ta' żmien tal-użu approvat espress fi żmien kalendarju, sigħat tat-titjir, inżul jew ċikli, kif xieraq.

(d) Fi tmien il-limitu taż-żmien approvat tal-użu, il-komponent għandu jitneħħa mill-inġenju tal-ajru għall-manutenzjoni, jew għar-rimi fil-każ ta' komponenti b'limitu tal-użu ċċertifikat.

ML.A.504 **Kontroll ta' komponenti li ma jistax isir servizz fuqhom**

(a) Komponent għandu jitqies li ma jistax isir servizz fuqu f'xi waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(1) skadenza tal-limitu tal-ħajja tas-servizz tal-komponent kif definit fl-AMP;

(2) in-nonkonformità mal-ADs applikabbli u rekwiżit ieħor dwar l-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà ordnata mill-Aġenzija;

(3) l-assenza ta' informazzjoni meħtieġa biex ikun determinat l-istatus tal-ajrunavigabbiltà tal-komponent jew l-eliġibilità tiegħu għall-istallazzjoni;

(4) evidenza tad-difetti jew il-ħsarat fil-komponent;

(5) l-involviment tal-komponent f'inċident jew aċċident li probabbli se jaffettwa l-kontinwità tal-użu tiegħu.

(b) Komponenti li ma jistax isir servizz fuqhom għandhom ikunu identifikati bħala wieħed minn fost dawn li ġejjin:

(1) li ma jistax isir servizz fuqhom u maħżuna f'post sigur taħt il-kontroll ta' organizzazzjoni approvata tal-manutenzjoni jew persunal indipendenti taċ-ċertifikazzjoni sakemm tittieħed deċiżjoni dwar l-istatus futur ta' dawn il-komponenti;

▼C2

(2) li ma jistax isir servizz fuqhom mill-persuna jew l-organizzazzjoni li ddikjarat li l-komponent ma jistax isir servizz fuqu, u l-kustodja tiegħu għandha tiġi ttrasferita lis-sid tal-inġenji tal-ajru wara d-dokumentazzjoni tat-tali trasferiment f'sistema ta' rekords tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru msemmija fil-punt ML.A.305.

(c) Komponenti li laħqu l-limitu ċertifikat tal-ħajja tagħhom jew difett jew ħsara li ma jissewwewx għandhom jiġu kklassifikati bħala mhux salvabbli u ma għandhomx jitħallew jidħlu mill-ġdid fis-sistema tal-forniment tal-komponenti, sakemm il-limiti ċertifikati tal-ħajja ma kinux estiżi jew soluzzjoni ta' tiswija ġiet approvata skont il-punt ML.A.304.

(d) Kif previst fil-punt (c), fil-każ ta' komponent mhux salvabbli, kwalunkwe persuna jew organizzazzjoni responsabbli skont il-punt ML.A.201 għandha tieħu waħda mill-azzjonijiet li ġejjin:

(1) iżżomm it-tali komponent f'post imsemmi fil-punt (b)(1);

(2) tirranġa li dan il-komponent jitkisser b'tali mod li jiġi żgurat li ma jkunx ekonomikament salvabbli jew riparabbli qabel ma ċċedi r-responsabbiltà għal tali komponent.

(e) Minkejja l-punt (d), persuna jew organizzazzjoni responsabbli skont il-punt ML.A.201 tista' tittrasferixxi r-responsabbiltà tal-komponenti klassifikati bħala mhux salvabbli, mingħajr ma jitkissru, lil organizzazzjoni għat-taħriġ jew ir-riċerka.

SOTTOPARTI H

*ĊERTIFIKAT TAR-RILAXX GĦAS-SERVIZZ (CRS)*

ML.A.801 **Ċertifikat tar-rilaxx għas-servizz għall-inġenji tal-ajru**

(a) CRS għandu jinħareġ wara li titwettaq il-manutenzjoni meħtieġa kif xieraq fuq inġenju tal-ajru.

(b) Is-CRS għandu jinħareġ, b'mod alternattiv:

(1) mill-persunal xieraq taċ-ċertifikazzjoni f'isem l-organizzazzjoni approvata tal-manutenzjoni;

(2) mill-persunal indipendenti taċ-ċertifikazzjoni;

(3) mill-pilota-sid f'konformità mal-punt ML.A.803.

(c) Permezz ta' deroga mill-punt (b), f'każ ta' ċirkustanzi mhux previsti, fejn inġenju tal-ajru ma jkunx jista' jtir minn post fejn ma jkunx hemm organizzazzjoni approvata tal-manutenzjoni u ma jkun disponibbli l-ebda persunal adegwat taċ-ċertifikazzjoni, is-sid jista' jawtorizza lil kwalunkwe persuna, b'mhux anqas minn tliet snin ta' esperjenza xierqa fil-manutenzjoni u li jkollha l-kwalifiki xierqa, biex iżżomm l-inġenju tal-ajru skont l-istandards stipulati fis-Sottoparti D ta' dan l-Anness u tirrilaxxa l-inġenji tal-ajru. F'dak il-każ is-sid għandu:

(1) jikseb u jżomm fl-inġenju tal-ajru, id-dettalji tar-reġistri tar-rekords tax-xogħol kollu mwettaq u tal-kwalifiki tal-persuna li ħarġet iċ-ċertifikazzjoni;

▼C2

(2) jiżgura li kwalunkwe manutenzjoni bħal din tiġi kkontrollata mill-ġdid u rilaxxata skont il-punt (b) tal-punt ML.A.801 mill-aktar fis possibbli u fi ħdan perjodu li ma jaqbiżx is-7 ijiem jew, fil-każ ta' inġenji tal-ajru operati skont l-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 965/2012 (Parti-NCO) jew, fil-każ ta' blalen tal-arja, mhux operati skont is-Sottoparti-ADD tal-Anness II (Parti-BOP) tar-Regolament (UE) 2018/395 jew, fil-każ ta' gliders li ma jsegwux is-Sottoparti DEC tal-Anness II (Parti-SAO) tar-Regolament (UE) 2018/1976, fi ħdan perjodu li ma jaqbiżx it-30 jum;

(3) jinnotifika lis-CAMO jew lis-CAO mogħtija l-kuntratt, jew lill-awtorità kompetenti fin-nuqqas ta' kuntratt, fi żmien 7 ijiem mill-ħruġ tat-tali awtorizzazzjoni.

(d) Fil-każ ta' ħruġ għall-użu skont il-punti (b)(1) jew (b)(2), il-persunal taċ-ċertifikazzjoni jista' jkun megħjun fit-twettiq tal-kompiti ta' manutenzjoni minn persuna jew persuni taħt il-kontroll dirett u kontinwu tal-persunal taċ-ċertifikazzjoni;

(e) CRS għandu jinkludi minn tal-anqas:

(1) id-dettalji bażiċi tal-manutenzjoni mwettqa;

(2) id-data li fiha tkun tlestiet il-manutenzjoni;

(3) l-identità tal-organizzazzjoni jew il-persuna li toħroġ dan ir-rilaxx għall-użu, inklużi, b'mod alternattiv:

(i) ir-referenza tal-approvazzjoni tal-organizzazzjoni tal-manutenzjoni u l-persunal taċ-ċertifikazzjoni li joħroġ is-CRS;

(ii) fil-każ tal-punt (b)(2), l-identità u, jekk applikabbli, in-numru tal-liċenzja tal-persunal indipendenti taċ-ċertifikazzjoni li joħroġ is-CRS;

(4) il-limitazzjonijiet għall-ajrunavigabbiltà jew l-operazzjonijiet, jekk hemm.

(f) B'deroga mill-punt (a) u minkejja l-punt (g), meta l-manutenzjoni meħtieġa ma tkunx tista' titlesta, CRS jista' jinħareġ fi ħdan il-limitazzjonijiet approvati tal-inġenju tal-ajru. F'dak il-każ, is-CRS għandu jindika li l-manutenzjoni ma setgħetx titlesta, kif ukoll jindika kwalunkwe limitazzjoni applikabbli fl-ajrunavigabbiltà jew fl-operazzjonijiet, bħala parti mill-informazzjoni meħtieġa fil-punt (e)(4).

(g) CRS m'għandux jinħareġ fil-każ ta' kwalunkwe nuqqas ta' konformità magħruf mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness li jipperikola s-sikurezza tat-titjira.

▼C2

ML.A.802 **Ċertifikat għall-komponenti għar-rilaxx għas-servizz**

▼M11

(a) Għajr għall-każijiet koperti mill-punt (c) tal-punt ML.A.502, CRS tal-komponent għandu jinħareġ wara li x-xogħol tal-manutenzjoni meħtieġ ikun twettaq b'mod xieraq fuq komponent tal-inġenji tal-ajru f'konformità mal-punt ML.A.502.

▼C2

(b) Iċ-ċertifikat tar-rilaxx awtorizzat identifikat bħala l-Formola 1 tal-EASA, kif stipulata fl-Appendiċi II tal-Anness I (Parti-M), jikkostitwixxi s-CRS ta' komponent, ħlief meta t-tali manutenzjoni tiġi rilaxxata fil-livell tal-inġenji tal-ajru, kif indikat fil-punt ML.A.502(b).

ML.A.803 **Awtorizzazzjoni għall-pilota-sid**

(a) Biex tikkwalifika bħala pilota-sid, il-persuna:

(1) irid ikollha liċenzja ta' pilota valida jew liċenzja ekwivalenti maħruġa jew ivvalidata minn Stat Membru għat-tip jew rata tal-klassi tal-inġenju tal-ajru;

(2) trid tkun proprjetarja tal-inġenju tal-ajru, waħedha jew ma' ħaddieħor; dak is-sid irid ikun, b'mod alternattiv:

(i) waħda mill-persuni fiżiċi fil-formola tar-reġistrazzjoni;

(ii) membru ta' entità ġuridika rikreazzjonali mingħajr skop ta' profitt, fejn l-entità ġuridika tkun speċifikata fuq id-dokument ta' reġistrazzjoni bħala sid jew operatur; il-membru jrid ikun involut b'mod dirett fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-entità ġuridika u ddeżinjat minn dik l-entità ġuridika biex iwettaq il-manutenzjoni tal-Pilota-Sid.

(b) Għal inġenji tal-ajru operati skont l-Anness VII (Parti-NCO) tar-Regolament (UE) Nru 965/2012 jew, fil-każ ta' blalen tal-arja, mhux operati skont is-Sottoparti-ADD tal-Anness II (Parti-BOP) tar-Regolament (UE) 2018/395 jew, fil-każ ta' gliders, li ma jsegwux is-Sottoparti DEC tal-Anness II (Parti-SAO) tar-Regolament (UE) 2018/1976, il-pilota-sid jista' joħroġ CRS wara l-manutenzjoni limitata tal-Pilota-Sid kif previst fl-Appendiċi II għal dan l-Anness.

(c) Is-CRS irid jiddaħħal fil-ġurnali u jkun fih id-dettalji bażiċi dwar il-manutenzjoni mwettqa, id-*data* użata fil-manutenzjoni, id-data meta tlestiet din il-manutenzjoni, kif ukoll l-identità, il-firma u n-numru tal-liċenzja tal-pilota (jew ekwivalenti), tal-pilota-sid li ħareġ tali ċertifikat.

▼C2

SOTTOPARTI I

*ĊERTIFIKAT TAR-REVIŻJONI TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ ("ARC")*

ML.A.901 **Reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru**

▼M11

Sabiex tkun żgurata l-validità taċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru, minn żmien għall-ieħor għandha titwettaq reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru u tar-rekords tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tiegħu.

▼C2

(a) ARC jinħareġ skont l-Appendiċi IV (Formola 15c tal-EASA) għal dan l-Anness meta titlesta reviżjoni sodisfaċenti tal-ajrunavigabbiltà. L-ARC għandu jkun validu għal sena (1);

(b) Ir-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà u l-ħruġ tal-ARC għandhom jitwettqu skont il-punt ML.A.903, b'mod alternattiv:

(1) mill-awtorità kompetenti;

(2) minn CAMO jew CAO approvata kif xieraq;

▼M8

(3) l-organizzazzjoni approvata tal-manutenzjoni filwaqt li twettaq l-ispezzjoni annwali/wara kull 100 siegħa li tinsab fl-AMP;

(4) għall-inġenji tal-ajru mħaddma skont l-Anness VII (Parti-NCO) tar-Regolament (UE) Nru 965/2012 jew, fil-każ tal-blalen tal-arja mhux imħaddma skont is-Sottoparti-ADD tal-Anness II (Parti-BOP) tar-Regolament (UE) 2018/395 [1] jew, fil-każ tal-gliders li ma jsegwux is-Sottoparti DEC tal-Anness II (Parti-SAO) tar-Regolament (UE) 2018/1976 [2], il-persunal indipendenti taċ-ċertifikazzjoni waqt it-twettiq tal-ispezzjoni annwali/wara kull 100 siegħa li tinsab fl-AMP, meta jkollu:

▼C2

(i) liċenzja maħruġa skont l-Anness III (Parti-66) ikklassifikata għall-inġenju tal-ajru korrispondenti jew, jekk l-Anness III

[1] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/395 tat-13 ta' Marzu 2018 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-operat tal-blalen tal-arja skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 71, 14.3.2018, p. 10).

[2] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1976 tal-14 ta' Diċembru 2018 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-operat tal-gliders skont ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 326, 20.12.2018, p. 64).

▼C2

(Parti-66) ma jkunx applikabbli għall-inġenju tal-ajru partikolari, kwalifika nazzjonali tal-persunal taċ-ċertifikazzjoni għal dak l-inġenju tal-ajru;

(ii) awtorizzazzjoni maħruġa, b'mod alternattiv:

(A) mill-awtorità kompetenti li ħarġet il-liċenzja maħruġa skont l-Anness III (Parti-66),

(B) jekk l-Anness III (Parti-66) ma jkunx applikabbli, mill-awtorità kompetenti responsabbli għall-kwalifika nazzjonali tal-persunal taċ-ċertifikazzjoni.

Persunal indipendenti taċ-ċertifikazzjoni li jkollu liċenzja maħruġa skont l-Anness III (Parti-66), jista' jwettaq reviżjonijiet tal-ajrunavigabbiltà u joħroġ l-ARC għal inġenji tal-ajru rreġistrati fi kwalunkwe Stat Membru. Madankollu, il-persunal indipendenti taċ-ċertifikazzjoni li jkollu kwalifika nazzjonali għandu jwettaq reviżjonijiet tal-ajrunavigabbiltà u joħroġ l-ARC biss għal inġenji tal-ajru rreġistrati fl-Istat Membru responsabbli għall-kwalifika nazzjonali.

ARCs maħruġa minn persunal indipendenti taċ-ċertifikazzjoni li jkollu kwalifika nazzjonali m'għandhomx jibbenefikaw minn rikonoxximent reċiproku meta l-inġenju tal-ajru jiġi ttrasferit lil Stat Membru ieħor.

Kull fejn iċ-ċirkustanzi juru l-eżistenza ta' theddida potenzjali għas-sikurezza, l-awtorità kompetenti għandha twettaq reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà u toħroġ l-ARC hi stess.

(c) Il-validità ta' ARC tista' tiġi estiża b'massimu ta' darbtejn wara xulxin, għal perjodu ta' sena kull darba, permezz ta' CAMO jew CAO approvata kif xieraq, soġġetta għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(1) l-inġenju tal-ajru jkun ġie ġestiti kontinwament għat-12-il xahar ta' qabel minn din is-CAMO jew is-CAO;

(2) l-inġenju tal-ajru jkun ġie mantnut għat-12-il xahar ta' qabel minn organizzazzjonijiet approvati tal-manutenzjoni; dan jinkludi kompiti ta' manutenzjoni tal-pilota-sid imwettqa u rilaxxati għas-servizz mill-pilota-sid jew minn persunal indipendenti taċ-ċertifikazzjoni;

(3) is-CAMO jew is-CAO ma jkollha ebda evidenza jew raġuni għaliex temmen li l-inġenju tal-ajru mhuwiex ajrunavigabbli.

Din l-estensjoni mis-CAO jew is-CAO tkun possibbli indipendentement minn liema persunal jew organizzazzjoni, kif previst fil-punt (b), inizjalment ikunu ħarġu l-ARC.

(d) B'deroga mill-punt (c), l-estensjoni tal-ARC tista' tiġi antiċipata għal perjodu massimu ta' 30 jum, mingħajr telf ta' kontinwità tal-mudell tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà, biex tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-inġenji tal-ajru biex l-ARC oriġinali jitqiegħed abbord.

(e) Meta l-awtorità kompetenti twettaq reviżjoni tal-adegwatezza għall-avjazzjoni tal-ajrunavigabbiltà u hi stess toħroġ l-ARC, is-sid għandu jipprovdi dawn lill-awtorità kompetenti:

(1) id-dokumentazzjoni meħtieġa mill-awtorità kompetenti;

▼C2

(2) akkomodazzjoni xierqa għall-persunal tagħha fil-post xieraq;

(3) meta jkun hemm bżonn, l-appoġġ tal-persunal indipendenti taċ-ċertifikazzjoni.

ML.A.902 **Validità taċ-ċertifikat tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà**

(a) ARC isir invalidu jekk, b'mod alternattiv:

(1) jiġi sospiż jew revokat;

(2) iċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà jiġi sospiż jew revokat;

(3) l-inġenju tal-ajru ma jkunx fir-reġistru tal-inġenji tal-ajru ta' Stat Membru;

(4) iċ-ċertifikat tat-tip li skontu jinħareġ iċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà jiġi sospiż jew revokat.

(b) Inġenju tal-ajru m'għandux itir biss jekk l-ARC ikun invalidu jew jekk tkun preżenti xi waħda miċ-ċirkustanzi li ġejjin:

(1) il-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru jew kwalunkwe komponent tal-inġenju tal-ajru ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' dan l-Anness;

(2) l-inġenju tal-ajru ma jibqax jikkonforma mad-disinn tat-tip approvat mill-Aġenzija;

(3) l-inġenju tal-ajru jkun ġie operat iżjed mil-limiti tal-manwal tat-titjiriet approvati jew iċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà, mingħajr ma tittieħed azzjoni xierqa;

(4) l-inġenju tal-ajru jkun involut f'aċċident jew inċident li jaffettwa l-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru, mingħajr ma tittieħed azzjoni sussegwenti xierqa biex jerġa' jsir ajrunavigabbli;

(5) modifika jew tiswija fl-inġenju tal-ajru jew fi kwalunkwe komponent imqabbad mal-inġenju tal-ajru ma jkunx konformi mal-Anness I (Parti-21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012.

(c) Meta jiġi ċedut jew revokat, l-ARC għandu jintbagħat lura lill-awtorità kompetenti.

ML.A.903 **Proċess ta' reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà**

(a) Biex jissodisfa r-rekwiżit għar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà ta' inġenju tal-ajru msemmi fil-punt ML.A.901, il-persunal tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà għandu jagħmel reviżjoni ddokumentata tar-rekords tal-inġenju tal-ajru biex jivverifika li:

(1) is-sigħat tat-titjir u ċ-ċikli tat-titjir assoċjati tal-qafas, il-magna u l-iskrejjen ikunu ġew irreġistrati kif suppost;

(2) il-manwal tat-titjir ikun applikabbli għall-konfigurazzjoni tal-inġenju tal-ajru u jirrifletti l-aħħar status tar-reviżjoni;

(3) il-manutenzjoni kollha li għandha ssir lill-inġenju tal-ajru skont l-AMP tkun saret;

(4) kull difett magħruf ikun issewwa jew ġie differit b'mod ikkontrollat;

▼C2

(5) l-ADs applikabbli kollha jkunu ġew applikati u rreġistrati kif suppost;

(6) il-modifiki u t-tiswijiet kollha applikati għall-inġenju tal-ajru jkunu ġew irreġistrati u huma konformi mal-Anness I (Parti-21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012;

(7) il-komponenti kollha bi żmien limitat tal-użu installati fuq l-inġenju tal-ajru jkunu identifikati u rreġistrati kif suppost u ma jkunux qabżu l-limitu approvat taż-żmien tal-użu tagħhom;

(8) il-manutenzjoni kollha tkun ġiet iċċertifikata skont dan l-Anness;

(9) jekk meħtieġa, id-dikjarazzjoni attwali dwar il-massa u l-bilanċ tirrifletti l-konfigurazzjoni tal-inġenju tal-ajru u hi valida;

(10) l-inġenju tal-ajru jikkonforma mal-aħħar reviżjoni tad-disinn tat-tip tiegħu approvat mill-Aġenzija;

(11) jekk meħtieġ, l-inġenju tal-ajru jkollu ċertifikat akustiku li jikkorrispondi għall-konfigurazzjoni attwali tal-inġenju tal-ajru f'konformità mas-Sottoparti I tal-Anness (Parti-21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012.

(b) Il-persunal tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà msemmi fil-punt (a) għandu jwettaq stħarriġ fiżiku tal-inġenju tal-ajru. Għal dan l-istħarriġ, il-persunal tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà li mhuwiex ikkwalifikat kif xieraq skont l-Anness III (Parti-66) għandu jkun assistit minn dan il-persunal kwalifikat.

(c) Permezz tal-istħarriġ fiżiku tal-inġenju tal-ajru, il-persunal tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà għandu jiżgura li:

(1) il-marki u l-pjanċi kollha meħtieġa jkunu installati b'mod korrett;

(2) l-inġenju tal-ajru jikkonforma mal-manwal approvat tat-titjir tiegħu;

(3) il-konfigurazzjoni tal-inġenju tal-ajru tikkonforma mad-dokumentazzjoni approvata, u

(4) l-ebda difett evidenti ma jinstab li ma jkunx ġie indirizzat skont il-punt ML.A.403;

(5) ma tkun tista' tinstab ebda inkonsistenza bejn l-inġenju tal-ajru u r-reviżjoni ddokumentata tar-rekords kif imsemmi fil-punt (a).

(d) B'deroga mill-punt ML.A.901(a), ir-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà tista' tiġi antiċipata b'perjodu massimu ta' 90 jum mingħajr telf ta' kontinwità tax-xejra tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà, sabiex tkun tista' ssir ir-reviżjoni fiżika waqt verifika ta' manutenzjoni.

(e) L-ARC (Formola 15c tal-EASA) stabbilit fl-Appendiċi IV għandu jinħareġ biss:

(1) minn persunal tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà awtorizzat kif xieraq;

(2) meta r-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà tkun twettqet bis-sħiħ, bis-sejbiet kollha li jkunu ngħalqu;

▼C2

(3) meta kwalunkwe diskrepanza individwata fl-AMP skont il-punt (h) tkun ġiet indirizzata b'mod sodisfaċenti.

(f) Kopja ta' kwalunkwe ARC maħruġ jew estiż għal inġenju tal-ajru għandu jintbagħat lill-Istat Membru tar-reġistru ta' dak l-inġenju tal-ajru fi żmien 10 ijiem.

(g) Il-kompiti tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà m'għandhomx jingħataw b'sottokuntratt.

(h) L-effikaċja tal-AMP tista' tiġi riveduta flimkien mar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà skont il-punt (c)(9) tal-punt ML.A.302. Din ir-reviżjoni għandha ssir mill-persuna li tkun wettqet ir-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà. Jekk ir-reviżjoni turi nuqqasijiet fl-inġenju tal-ajru marbutin ma' nuqqasijiet fil-kontenut tal-AMP, l-AMP għandu jiġi emendat kif xieraq. Il-persuna li twettaq ir-reviżjoni għandha tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistru jekk hi ma taqbilx mal-miżuri li jemendaw l-AMP meħuda mis-sid, mis-CAMO jew mis-CAO. F'dan il-każ, l-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi liema emendi għall-AMP huma neċessarji, filwaqt li ssemmi s-sejbiet korrispondenti definiti fil-punt ML.B.903 u, jekk ikun hemm bżonn, tirreaġixxi skont il-punt ML.B.304.

ML.A.904 **Kwalifika tal-persunal għar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà**

(a) Il-persunal tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà li jaġixxi f'isem l-awtorità kompetenti għandu jkun kwalifikat skont il-punt ML.B.902.

▼M8

(b) Il-persunal tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà li jaġixxi f'isem organizzazzjoni msemmija fis-Sottoparti F jew fis-Sottoparti G tal-Anness I (Parti-M), fl-Anness II (Parti-145), fl-Anness Vc (Parti-CAMO) jew fl-Anness Vd (Parti-CAO) għandu jkun kwalifikat skont is-Sottoparti F jew is-Sottoparti G tal-Anness I (Parti-M), l-Anness II (Parti-145), l-Anness Vc (Parti-CAMO) jew l-Anness Vd (Parti-CAO), rispettivament.

▼C2

(c) Il-persunal tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà li jaġixxi f'ismu stess, kif permess skont il-punt ML.A.901(b)(4), għandu:

(1) ikollu liċenzja maħruġa skont l-Anness III (Parti-66) ikklassifikata għall-inġenju tal-ajru korrispondenti jew, jekk l-Anness III (Parti-66) ma jkunx applikabbli għall-inġenju tal-ajru partikolari, ikollu kwalifika nazzjonali tal-persunal taċ-ċertifikazzjoni għal dak l-inġenju tal-ajru; u

(2) ikollu awtorizzazzjoni maħruġa, b'mod alternattiv:

(i) mill-awtorità kompetenti li ħarġet il-liċenzja skont l-Anness III (Parti-66);

(ii) jekk l-Anness III (Parti-66) ma jkunx applikabbli, mill-awtorità kompetenti responsabbli għall-kwalifika nazzjonali tal-persunal taċ-ċertifikazzjoni.

(d) L-awtorizzazzjoni meħtieġa skont il-punt (c)(2) għandha tinħareġ mill-awtorità kompetenti meta:

▼C2

(1) l-awtorità kompetenti vvalutat li l-persuna għandha l-għarfien dwar il-partijiet ta' dan l-Anness rilevanti għall-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà, it-twettiq tar-reviżjonijiet tal-ajrunavigabbiltà u l-ħruġ tal-ARCs;

(2) il-persuna tkun wettqet b'mod sodisfaċenti reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà taħt is-superviżjoni tal-awtorità kompetenti.

Din l-awtorizzazzjoni għandha tibqa' valida għal durata ta' 5 snin dment li d-detentur ikun wettaq tal-anqas reviżjoni 1 tal-ajrunavigabbiltà kull 12-il xahar. Jekk dan ma jkunx il-każ, għandha ssir b'mod sodisfaċenti reviżjoni ġdida tal-ajrunavigabbiltà taħt is-superviżjoni tal-awtorità kompetenti.

Malli tiskadi l-validità tagħha, l-awtorizzazzjoni għandha tiġi mġedda għal 5 snin oħra soġġetta għal konformità ġdida mal-punti (d)(1) u (d)(2). Ma hemm ebda limitu fuq in-numru ta' tiġdid.

Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għandu jżomm rekords tar-reviżjonijiet tal-ajrunavigabbiltà kollha mwettqa u għandu jqegħedhom għad-dispożizzjoni, fuq talba, ta' kwalunkwe awtorità kompetenti u ta' kwalunkwe sid tal-inġenju tal-ajru li għalihom ikun qed iwettaq reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà.

Din l-awtorizzazzjoni tista' tiġi rrevokata mill-awtorità kompetenti fi kwalunkwe waqt jekk din ma tkunx sodisfatta bil-kompetenza tad-detentur jew bl-użu tat-tali awtorizzazzjoni.

ML.A.905 **Trasferiment tar-reġistrazzjoni tal-inġenju tal-ajru fi ħdan l-Unjoni**

(a) Meta reġistrazzjoni tal-inġenju tal-ajru tiġi trasferita fi ħdan l-Unjoni, l-applikant għandu:

(1) l-ewwel, jipprovdi lill-eks Stat Membru bl-isem tal-Istat Membru li fih ser ikun irreġistrat l-inġenju tal-ajru;

(2) u mbagħad japplika għall-ħruġ ta' ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà ġdid f'konformità mal-Anness I (Parti-21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012 mill-Istat Membru l-ġdid.

(b) Minkejja l-punt (a)(3) tal-punt ML.A.902, l-ARC preċedenti għandu jibqa' validu sad-data ta' skadenza tiegħu, ħlief meta l-ARC ikun inħareġ mill-persunal indipendenti taċ-ċertifikazzjoni li jkollu kwalifika nazzjonali tal-persunal taċ-ċertifikazzjoni skont il-punt (b)(4) tal-punt ML.A.901, f'liema każ għandu jkun japplika l-punt ML.A.906.

(c) Minkejja l-punti (a) u (b), f'dawk il-każijiet li fihom l-inġenju tal-ajru kien f'kundizzjoni mhux ajrunavigabbli fl-eks Stat Membru jew fejn l-istatus tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru ma jistax jiġi ddeterminat bl-użu tar-rekords eżistenti, għandu jkun japplika l-punt ML.A.906.

ML.A.906 **Reviżjoni tan-navigabbiltà tal-inġenju tal-ajru importat fl-Unjoni**

(a) ►M12 Meta ssir l-importazzjoni ta’ inġenju tal-ajru f’reġistru ta’ Stat Membru minn pajjiż terz jew minn sistema regolatorja fejn ir-Regolament (UE) 2018/1139 ma jkunx japplika, l-applikant għandu: ◄

(1) jitlob lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni għall-ħruġ ta' ċertifikat tal-kapaċità li l-inġenju tal-ajru jintuża fl-ajru ġdid skont l-Anness I (Parti-21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012;

▼C2

(2) għall-inġenji tal-ajru li mhumiex ġodda, għandha ssir reviżjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà skont il-punt ML.A.901;

(3) titwettaq il-manutenzjoni kollha biex ikun konformi mal-AMP approvat jew iddikjarat.

(b) Jekk l-inġenju tal-ajru jikkonforma mar-rekwiżiti rilevanti, l-awtorità kompetenti, is-CAMO jew is-CAO, l-organizzazzjoni tal-manutenzjoni jew il-persunal indipendenti taċ-ċertifikazzjoni li jwettqu r-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà, kif previst fil-punt (b) tal-punt ML.A.901, għandhom joħorġu ARC u għandhom jissottomettu kopja lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistru.

(c) Is-sid għandu jkollu aċċess għall-inġenju tal-ajru għall-ispezzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni.

(d) Ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà ġdid għandu jinħareġ mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistru jekk l-inġenju tal-ajru jikkonforma mal-Anness I (Parti-21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012.

ML.A.907 **Sejbiet**

(a) Is-sejbiet huma mqassma f'kategoriji kif ġej:

(1) Sejba tal-Livell 1 hi kull sejba ta' nuqqas ta' konformità sinifikanti mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness li tbaxxi l-istandard tas-sikurezza u tipperikola serjament is-sikurezza tat-titjira.

(2) Sejba tal-Livell 2 hi kull sejba ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness li tista' tbaxxi l-istandard tas-sikurezza u tista' tipperikola s-sikurezza tat-titjira.

(b) Wara li tkun waslet in-notifika tas-sejbiet skont il-punt ML.B.903, il-persuna jew l-organizzazzjoni, li jkollha responsabbiltajiet skont il-punt ML.A.201, għandha tiddefinixxi u turi lill-awtorità kompetenti fi żmien perjodu maqbul ma' din l-awtorità pjan ta' azzjoni korrettiva, li jkollu l-għan li jipprevjeni l-okkorrenza mill-ġdid tas-sejba u l-għeruq ta' dak li jikkawżaha.

*TAQSIMA B*

**PROĊEDURI GĦALL-AWTORITAJIET KOMPETENTI**

SOTTOPARTI A

*ĠENERALI*

ML.B.101 **Kamp ta' applikazzjoni**

Din it-Taqsima tistabbilixxi r-rekwiżiti amministrattivi li għandhom jiġu segwiti mill-awtoritajiet kompetenti li jieħdu ħsieb l-implimentazzjoni u l-infurzar tat-Taqsima A ta' dan l-Anness.

ML.B.102 **Awtorità kompetenti**

(a) Ġenerali

Stat Membru għandu jaħtar lil awtorità kompetenti b'responsabbiltajiet allokati għall-ħruġ, il-kontinwazzjoni, il-bidla, is-sospensjoni jew ir-revoka ta' ċertifikati u għas-sorveljanza tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà. Din l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi proċeduri dokumentati u struttura organizzazzjonali.

▼C2

(b) Riżorsi

In-numru tal-persunal għandu jkun xieraq biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti kif spjegati f'din it-Taqsima.

(c) Kwalifika u taħriġ

Il-persunal kollu involut fl-attivitajiet koperti minn dan l-Anness għandu jkun kwalifikat kif xieraq u jkollu għarfien, esperjenza, taħriġ inizjali u taħriġ ta' kontinwazzjoni xierqa biex iwettaq il-kompiti allokati lilu.

(d) Proċeduri

L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi proċedura li tispjega kif tintlaħaq konformità ma' dan l-Anness.

Il-proċeduri għandhom jiġu riveduti u emendati biex tiġi żgurata l-konformità kontinwata.

ML.B.104 **Żamma tar-rekords**

(a) L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi sistema ta' żamma ta' rekords li tippermetti traċċabbiltà adegwata tal-proċess biex toħroġ, tissokta, tibdel, tissospendi jew tirrevoka kull ċertifikat u awtorizzazzjoni.

(b) Ir-rekords għas-sorveljanza ta' kull inġenju tal-ajru għandhom jinkludu, tal-anqas, kopja ta':

(1) iċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru;

(2) ARCs;

(3) rapporti mir-reviżjonijiet tal-ajrunavigabbiltà mwettqa direttament mill-Istat Membru;

(4) kull korrispondenza rilevanti relatata mal-inġenju tal-ajru;

(5) dettalji dwar kull eżenzjoni u azzjoni(jiet) ta' infurzar;

(6) kull dokument approvat mill-awtorità kompetenti skont dan l-Anness jew skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

(c) Ir-rekords speċifikati fil-punt (b) għandhom jinżammu sa sentejn (2) wara li l-inġenju tal-ajru jiġi rtirat b'mod permanenti mis-servizz.

(d) Ir-rekords kollha speċifikati fil-punt ML.B.104 għandhom isiru disponibbli għal kwalunkwe Stat Membru ieħor jew għall-Aġenzija fuq talba tagħhom.

ML.B.105 **Skambju reċiproku ta' informazzjoni**

(a) Biex jikkontribwixxu għat-titjib fis-sikurezza tal-avjazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jipparteċipaw fi skambju reċiproku ta' kull informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 72 tar-Regolament (KE) 2018/1139.

(b) Bla ħsara għall-kompetenzi tal-Istati Membri, fil-każ ta' theddida potenzjali għas-sikurezza li tinvolvi lil bosta Stati Membri, l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati għandhom jgħinu lil xulxin fit-twettiq tal-azzjoni ta' sorveljanza meħtieġa.

▼C2

SOTTOPARTI B

*RESPONSABBILTÀ*

ML.B.201 **Responsabbiltajiet**

L-awtorità kompetenti msemmija fil-punt (b) tal-punt ML.1 għandhom ikunu responsabbli li jwettqu spezzjonijiet u investigazzjonijiet biex jivverifikaw li hemm konformità mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness.

SOTTOPARTI C

*IL-KONTINWITÀ TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ*

ML.B.302 **Eżenzjonijiet**

L-eżenzjonijiet mogħtija skont l-Artikolu 71 tar-Regolament (KE) 2018/1139 għandhom jiġu reġistrati u miżmuma mill-awtorità kompetenti.

ML.B.303 **Monitoraġġ tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenji tal-ajru**

(a) L-awtorità kompetenti għandha tiżviluppa programm ta' stħarriġ li jsegwi approċċ ibbażat fuq ir-riskji biex tissorvelja l-istatus tal-ajrunavigabbiltà tal-flotta tal-inġenji tal-ajru fir-reġistru tagħha.

(b) Programm ta' stħarriġ għandu jinkludi kampjuni ta' stħarriġ fuq il-prodotti tal-inġenji tal-ajru u għandu jkopri l-aspetti kollha tal-elementi tar-riskji ewlenin tal-ajrunavigabbiltà.

(c) Stħarriġ fuq il-prodotti għandu jieħu kampjuni tal-istandards tal-ajrunavigabbiltà miksubin, fuq il-bażi tar-rekwiżiti applikabbli, u għandu jidentifika kwalunkwe sejba.

(d) Kwalunkwe sejba identifikata għandha tiġi kategorizzata skont il-punt ML.B.903 u kkonfermata bil-miktub lill-persuna jew lill-organizzazzjoni responsabbli skont il-punt ML.A.201. L-awtorità kompetenti għandu jkollha proċedura fis-seħħ biex tanalizza s-sejbiet għall-importanza tagħhom għas-sikurezza.

(e) L-awtorità kompetenti għandha tirreġistra s-sejbiet u l-azzjonijiet ta' għeluq kollha.

(f) Jekk matul il-monitoraġġ tal-inġenju tal-ajru, tinstab evidenza li turi nuqqas ta' konformità ma' dan l-Anness jew ma' oħrajn, is-sejba għandha tiġi indirizzata kif previst fl-Anness rilevanti.

(g) Jekk tkun meħtieġa tiżgura azzjoni xierqa ta' infurzar, l-awtorità kompetenti għandha tiskambja informazzjoni dwar nuqqasijiet ta' konformità identifikati skont il-punt (f) ma' awtoritajiet kompetenti oħrajn.

ML.B.304 **Ir-revoka, is-sospensjoni u l-limitazzjoni**

L-awtorità kompetenti għandha:

(a) tissospendi ARC għal raġunijiet validi fil-każ ta' theddida potenzjali għas-sikurezza; jew

(b) tissospendi jew tirrevoka ARC skont il-punt (a) tal-punt ML.B.903.

L-awtorità kompetenti li ħarġet l-awtorizzazzjoni tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà skont il-punt (c) tal-punt ML.A.904 għall-persunal indipendenti taċ-ċertifikazzjoni għandha tirrevoka t-tali awtorizzazzjoni jekk id-detentur juri prestazzjoni batuta fir-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà jew juża t-tali awtorizzazzjoni b'mod mhux xieraq.

▼C2

SOTTOPARTI I

*ĊERTIFIKAT TAR-REVIŻJONI TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ (“ARC”)*

ML.B.902 **Reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà mill-awtorità kompetenti**

(a) Meta awtorità kompetenti twettaq ir-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà u toħroġ l-ARC stipulat fl-Appendiċi IV għal dan l-Anness (Formola 15c tal-EASA), l-awtorità kompetenti għandha twettaq reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà f'konformità mal-punt ML.A.903.

(b) L-awtorità kompetenti għandu jkollha persunal adegwat għar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà biex iwettaq ir-reviżjonijiet tal-ajrunavigabbiltà. Dan il-persunal għandu jkollu dawn kollha li ġejjin:

(1) tal-anqas 3 snin esperjenza fil-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà;

(2) liċenzja xierqa f'konformità mal-Anness III (Parti 66) jew kwalifika tal-persunal ta' manutenzjoni rikonoxxuta f'livell nazzjonali xierqa għall-kategorija tal-inġenju tal-ajru (fejn l-Artikolu 5(6) tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014 jirreferi għar-regoli nazzjonali) jew lawrja ajrunawtika jew ekwivalenti;

(3) taħriġ xieraq fil-manutenzjoni ajrunawtika;

(4) kariga li tawtorizza lil dik il-persuna tiffirma f'isem l-awtorità kompetenti.

Minkejja l-punti (1) sa (4) hawn fuq, ir-rekwiżit tal-punt ML.B.902(b)(2) jista' jinbidel ma' erba' snin esperjenza fil-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà, b'żieda ma' dawk diġà meħtieġa mill-punt ML.B.902(b)(1).

(c) L-awtorità kompetenti għandha żżomm rekord tal-persunal kollu tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà, li għandu jinkludi d-dettalji ta' kwalunkwe kwalifika adegwata li jkollu l-persunal flimkien ma' sommarju tal-esperjenza u t-taħriġ rilevanti fil-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà.

▼M8

(d) Matul it-twettiq tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà, l-awtorità kompetenti għandu jkollha aċċess għad-*data* applikabbli kif speċifikat fil-punti ML.A.305 u ML.A.401.

▼C2

(e) Il-persunal li jwettaq ir-reviżjoni tal-adegwatezza għall-avjazzjoni tal-ajrunavigabbiltà għandu joħroġ ċertifikat tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà (Formola 15c tal-EASA), kif stipulat fl-Appendiċi IV, wara t-tlestija sodisfaċenti tar-reviżjoni tal-avjazzjoni.

(f) Kull fejn iċ-ċirkustanzi juru l-eżistenza ta' theddida potenzjali għas-sikurezza, l-awtorità kompetenti għandha twettaq reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà u toħroġ l-ARC hi stess.

ML.B.903 **Sejbiet**

Jekk waqt l-istħarriġ tal-inġenju tal-ajru jew permezz ta' mezzi oħra tinstab evidenza li hemm nuqqas ta' konformità mar-rekwiżit ta' dan l-Anness, l-awtorità kompetenti għandha:

(a) għal sejbiet tal-Livell 1, teħtieġ it-teħid ta' azzjoni korrettiva xierqa qabel titjira ulterjuri, u minnufih tirrevoka jew tissospendi l-ARC; u

(b) għal sejbiet tal-Livell 2, timponi l-azzjoni korrettiva xierqa għan-natura tas-sejba.

▼**C2**

*Appendiċi I*

**Kuntratt ta' ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà**

(a) Meta sid jagħti kuntratt skont il-punt ML.A.201 lil CAMO jew lil CAO biex twettaq kompiti tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà, fuq talba tal-awtorità kompetenti, kopja tal-kuntratt iffirmat miż-żewġ partijiet għandha tintbagħat mis-sid lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistru.

(b) Il-kuntratt għandu jiġi żviluppat filwaqt li jqis ir-rekwiżiti ta' dan l-Anness u għandu jiddefinixxi l-obbligi tal-firmatarji fir-rigward tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru.

(c) Għandu jkollu tal-anqas l-informazzjoni li ġejja:

(1) ir-reġistrazzjoni, it-tip u n-numru tas-serje tal-inġenju tal-ajru;

(2) l-isem tas-sid jew tal-kerrej irreġistrat tal-inġenju tal-ajru jew id-dettalji tal-kumpanija, inkluż l-indirizz;

(3) dettalji tas-CAMO jew is-CAO mogħtija l-kuntratt, inkluż l-indirizz;

(4) it-tip ta' operazzjoni.

(d) Għandu jiddikjara dan li ġej:

"Is-sid jinkariga lis-CAMO jew lis-CAO bil-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru, l-iżvilupp u l-approvazzjoni ta' programm ta' manutenzjoni, u l-organizzazzjoni tal-manutenzjoni tal-inġenju tal-ajru skont it-tali programm ta' manutenzjoni.

Skont dan il-kuntratt, iż-żewġ firmatarji jintrabtu li jsegwu l-obbligi rispettivi ta' dan il-kuntratt.

Is-sid jiddikjara, skont l-aħjar għarfien tiegħu li l-informazzjoni kollha mogħtija lis-CAMO jew is-CAO dwar il-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru hi u se tkun preċiża u li l-inġenju tal-ajru mhux se jitbiddel mingħajr l-approvazzjoni minn qabel tas-CAMO jew is-CAO.

F'każ ta' kwalunkwe nuqqas ta' konformità ma' dan il-kuntratt, minn xi wieħed mill-firmatarji, il-kuntratt isir null. F'tali każ, is-sid jibqa' responsabbli għal kull kompitu marbut mal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru, u fi żmien ġimagħtejn (2) jinforma lill-awtorità(jiet) kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistru dwar it-terminazzjoni tal-kuntratt."

(e) Meta sid jagħti kuntratt lil CAMO jew CAO skont il-punt ML.A.201, l-obbligi ta' kull parti għandhom jiġu assenjati kif ġej:

(1) **Obbligi tas-CAMO jew is-CAO:**

(i) ikollha t-tip ta' inġenju tal-ajru inkluż fit-termini tal-approvazzjoni tagħha;

(ii) tirrispetta l-kundizzjonijiet kollha elenkati hawn taħt fir-rigward tal-manutenzjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru:

(A) tiżviluppa u tapprova l-AMP għall-inġenju tal-ajru;

(B) ladarba dan jiġi approvat, tipprovdi lis-sid b'kopja tal-AMP, kif ukoll kopja tal-ġustifikazzjonijiet għal kwalunkwe devjazzjoni mir-rakkomandazzjonijiet tad-DAH;

▼**C2**

(Ċ) torganizza spezzjoni li timla l-vojt billi tuża l-AMP preċedenti tal-inġenju tal-ajru;

(D) torganizza b'mod li l-manutenzjoni kollha titwettaq minn organizzazzjoni approvata tal-manutenzjoni jew, jekk ikun permess, minn persunal indipendenti taċ-ċertifikazzjoni;

(E) torganizza b'mod li jiġu applikati l-ADs applikabbli kollha;

(F) torganizza b'mod li d-difetti kollha li jkunu nkixfu matul il-manutenzjoni, reviżjonijiet tal-ajrunavigabbiltà jew li jiġu rrapportati mis-sid jiġu kkoreġuti minn organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata jew, jekk ikun permess, minn persunal indipendenti taċ-ċertifikazzjoni;

(G) tikkoordina l-manutenzjoni skedata, l-applikazzjoni tal-ADs, il-bdil ta' partijiet li jistgħu jintużaw għal żmien limitat, u r-rekwiżiti ta' spezzjoni tal-komponenti;

(H) tinforma lis-sid kull meta l-inġenju tal-ajru jkollu jinġieb għand organizzazzjoni ta' manutenzjoni approvata jew, jekk ikun permess, għand persunal indipendenti taċ-ċertifikazzjoni;

(I) timmaniġġja u tarkivja r-rekords tekniċi kollha;

(iii) torganizza l-approvazzjoni ta' kwalunkwe modifika fl-inġenju tal-ajru skont l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 748/2012 (Parti-21) qabel ma tiġi inkorporata din il-modifika;

(iv) torganizza l-approvazzjoni ta' kwalunkwe tiswija fl-inġenju tal-ajru skont l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 748/2012 (Parti-21) qabel ma titwettaq din it-tiswija;

(v) tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni kull meta l-inġenju tal-ajru mis-sid għall-manutenzjoni kif mitlub mis-CAMO jew is-CAO mogħtija l-kuntratt;

(vi) tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni kull meta dan il-kuntratt ma jkunx ġie rrispettat;

(vii) tiżgura li ssir ir-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru, meta tkun neċessarja, u tiżgura li jinħareġ l-ARC;

(viii) tibgħat fi żmien 10 ijiem kopja ta' kull ARC maħruġ jew estiż lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistru;

(ix) twettaq ir-rapportar ta' kull okkorrenza b'mandat mir-regolamenti applikabbli;

(x) tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni kull meta dan il-kuntratt jiġi denunzjat minn kwalunkwe parti.

(2) **L-obbligi tas-sid:**

(i) ikollu fehim ġenerali dwar l-AMP;

(ii) ikollu fehim ġenerali dwar dan l-Anness;

(iii) jippreżenta l-inġenju tal-ajru għall-manutenzjoni kif ordnat mis-CAMO jew is-CAO mogħtija l-kuntratt;

▼**C2**

(iv) ma jagħmilx tibdiliet fl-inġenju tal-ajru mingħajr ma jikkonsulta minn qabel mas-CAMO jew is-CAO mogħtija l-kuntratt;

(v) jinforma lis-CAMO jew is-CAO mogħtija l-kuntratt dwar il-manutenzjoni kollha mwettqa bħala eċċezzjoni mingħajr l-għarfien u l-kontroll tas-CAMO jew is-CAO mogħtija l-kuntratt;

(vi) jirrapporta lis-CAMO jew is-CAO mogħtija kuntratt permezz tal-ġurnal ta' abbord id-difetti kollha misjuba matul l-operazzjonijiet;

(vii) għandu jinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni kull meta dan il-kuntratt jiġi denunzjat minn kwalunkwe parti;

(viii) jinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistru u s-CAMO jew is-CAO mogħtija l-kuntratt kull meta jinbiegħ l-inġenju tal-ajru;

(ix) iwettaq ir-rapportar ta' kull okkorrenza b'mandat mir-regolamenti applikabbli;

(x) jinforma fuq bażi regolari lis-CAMO jew is-CAO mogħtija l-kuntratt dwar is-sigħat tat-titjir tal-inġenju tal-ajru u kwalunkwe *data* oħra dwar l-utilizzazzjoni, kif miftiehem mas-CAMO jew is-CAO mogħtija l-kuntratt;

(xi) idaħħal is-CRS fil-ġurnali ta' abbord, kif imsemmi fil-punt ML.A.803(c), meta jwettaq manutenzjoni tal-pilota-sid;

(xii) jinforma lis-CAMO jew is-CAO mogħtija l-kuntratt mhux aktar tard minn 30 jum wara t-tlestija ta' kwalunkwe kompitu ta' manutenzjoni tal-Pilota-Sid.

▼C2

*Appendiċi II*

**Manutenzjoni limitata tal-pilota-sid**

Minbarra r-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Anness, il-pilota-sid għandu jikkonforma mal-prinċipji bażiċi li ġejjin qabel ma jwettaq kwalunkwe kompitu ta' manutenzjoni:

(a) **Kompetenza u responsabbiltà**

(1) Il-pilota-sid dejjem għandu jkun responsabbli għal kull manutenzjoni li jwettaq.

(2) Il-pilota-sid għandu jkollu livell sodisfaċenti ta' kompetenza biex iwettaq il-kompitu. Hi r-responsabbiltà ta' pilota-sid li jiffamiljarizza ruħu mal-prattiki standard ta' manutenzjoni għall-inġenju tal-ajru tiegħu u mal-AMP.

(b) **Kompiti**

Il-Pilota-Sid jista' jwettaq spezzjonijiet viżwali jew operazzjonijiet sempliċi biex jikkontrolla l-qafas tal-inġenju tal-ajru, il-magni, is-sistemi u l-komponenti għall-kundizzjoni ġenerali, ħsara evidenti u operazzjoni normali.

Kompitu ta' manutenzjoni m'għandux jitwettaq mill-pilota-sid jekk isseħħ xi waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(1) hu kompitu ta' manutenzjoni kritika;

(2) jeħtieġ it-tneħħija ta' komponenti ewlenin jew armar ta' komponenti ewlenin;

(3) jitwettaq f'konformità ma' AD jew oġġett ta' limitazzjoni tal-ajrunavigabbiltà (ALI) ħlief meta permess b'mod speċifiku fl-AD jew l-ALI;

(4) jeħtieġ l-użu ta' għodod speċjali jew għodod kkalibrati (minbarra torque wrench u crimping tool);

(5) jeħtieġ l-użu ta' tagħmir għat-testijiet jew testijiet speċjali (pereżempju ttestjar mhux qerriedi (NDT), testijiet tas-sistema jew testijiet operattivi ta' tagħmir avjoniku);

(6) ikun kompost minn xi spezzjonijiet speċjali mhux skedati (pereżempju test ta' nżul f'daqqa);

(7) jaffettwa sistemi essenzjali għall-operazzjonijiet skont ir-regoli tat-titjir bl-istrumenti (IFR);

(8) hu kompitu kumpless ta' manutenzjoni skont l-Appendiċi III, jew hu kompitu ta' manutenzjoni ta' komponenti skont il-punt (a) jew (b) tal-punt ML.A.502;

(9) hu parti minn kontroll kull 100 siegħa/annwali (għal dawk il-każijiet li fihom il-kompitu ta' manutenzjoni jkun kombinat mar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà mwettqa mill-organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni jew mill-persunal indipendenti taċ-ċertifikazzjoni).

Il-kriterji msemmija fil-punti (1) sa (9) ma jistgħux jingħelbu minn struzzjonijiet anqas restrittivi maħruġa skont l-AMP imsemmi fil-punt ML.A.302.

▼C2

Kwalunkwe kompitu deskritt fil-manwal tat-titjir tal-inġenju tal-ajru (jew manwali operazzjonali oħra), pereżempju t-tħejjija tal-inġenju tal-ajru għat-titjir (assemblaġġ tal-ġwienaħ tal-gliders, jew it-twettiq ta' spezzjoni ta' qabel it-titjira, l-assemblaġġ ta' kombinazzjoni ta' basket, berner, ċilindri tal-fjuwil u envelopp għal ballun tal-arja, eċċ.), ma jitqiesx bħala kompitu ta' manutenzjoni u, għalhekk, ma jeħtieġx CRS. Minkejja dan, il-persuna li tagħmel l-assemblaġġ ta dawk il-partijiet hi responsabbli biex tiżgura li dawk il-partijiet ikunu eliġibbli għall-installazzjoni u f'kundizzjoni tajba għall-użu.

(c) **It-twettiq u r-rekords tal-kompiti ta' manutenzjoni tal-pilota-sid**

Id-*data* tal-manutenzjoni kif speċifikata fil-punt ML.A.401 dejjem trid tkun disponibbli matul it-twettiq tal-manutenzjoni tal-pilota-sid u trid tkun sodisfatta. Id-dettalji tad-*data* msemmija fit-twettiq ta' manutenzjoni ta' pilota-sid iridu jkunu inklużi fis-CRS skont il-punt (d) tal-punt ML.A.803.

Il-pilota-sid irid jinforma lis-CAMO jew is-CAO mogħtija l-kuntratt (jekk jeżisti t-tali kuntratt) dwar it-tlestija tal-kompiti ta' manutenzjoni tal-pilota-sid mhux aktar tard minn 30 jum wara li jitlestew dawn il-kompiti skont il-punt (a) tal-punt ML.A.305.

▼C2

*Appendiċi III*

**Kompiti ta' manutenzjoni kumplessi li m'għandhomx jitwettqu mill-pilota-sid**

▼M8

Dawn kollha li ġejjin jikkostitwixxu l-kompiti ta’ manutenzjoni kumplessi li, skont l-Appendiċi II, ma għandhomx jitwettqu mis-sid li jkun bdot. Dawk il-kompiti għandhom jitwettqu minn organizzazzjoni approvata tal-manutenzjoni jew minn persunal indipendenti taċ-ċertifikazzjoni:

▼C2

(a) il-modifika, it-tiswija jew il-bdil permezz ta' rbattir, twaħħil, laminar, jew iwweldjar ta' kwalunkwe mill-partijiet tal-qafas tal-inġenju tal-ajru li ġejjin:

(1) travu kwadru;

(2) virga tal-ġewnaħ jew element tal-membratura;

(3) spar;

(4) flanġ tal-ispar;

(5) element ta' travu kompost;

(6) l-ispalla ta' travu;

(7) element tal-propella jew tas-sinsla (chine) ta' buq ta' żgiċċ jew flowt;

(8) element ta' kompressjoni ta' folja mmewġa;

(9) kustilja prinċipali tal-ġewnaħ;

(10) puntal tal-wiċċ tal-ġewnaħ jew tad-denb;

(11) muntatura tal-magna;

(12) longeron jew qafas ta' żaqq l-ajruplan;

(13) element ta' puntal tal-ġenb, puntal orizzontali jew paratija;

(14) brace jew brakit li tirfed is-siġġu;

(15) sostituzzjoni tal-binarji tas-siġġijiet;

(16) attrezzatura għall-inżul b'tirant jew puntal;

(17) fus;

(18) rota; u

(19) ski jew pedestall ski, minbarra s-sostituzzjoni ta' kisja ta' frizzjoni baxxa;

(b) il-modifika jew it-tiswija ta' kwalunkwe mill-partijiet li ġejjin:

(1) kisja tal-inġenju tal-ajru, jew kisja tal-flowt tal-ajruplan, jekk ix-xogħol jeħtieġ l-użu ta' rfid, ġig jew attrezzatura;

(2) kisja tal-inġenju tal-ajru li hi soġġetta għal tagħbijiet ta' pressurizzazzjoni jekk il-ħsara lill-kisja tkun akbar minn 15-il cm (sitt pulzieri) fi kwalunkwe direzzjoni;

▼C2

(3) parti soġġetta għat-tagħbija f'sistema ta' kontroll, inkluż kolonna ta' kontroll, pedala, xaft, kwadrant, krank qanpiena, tubu tat-torque, ħorn tal-kontroll u brakit fonduta, iżda esklużi:

(i) it-tgħawwiġ ta' ċombar ta' tiswija jew iffittjar ta' kejbil; u

(ii) is-sostituzzjoni tal-agganċ terminali ta' tubu push-pull li jitwaħħal bl-irbattir;

(4) kull struttura oħra, li mhix elenkata fil-punt (a), li manifattur identifika bħala struttura primarja fil-manwal ta' manutenzjoni tiegħu, il-manwal ta' tiswija strutturali jew l-istruzzjonijiet għall-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà;

(c) it-twettiq tal-manutenzjoni kollha li ġejja fuq magna bil-pistuni:

(1) iż-żarmar u l-armar mill-ġdid sussegwenti ta' magna bil-pistuni għajr:

(i) biex jinkiseb aċċess għall-assemblaġġi tal-pistuni/ċilindri; jew

(ii) biex jitneħħa l-għatu tal-aċċessorji ta' wara għal spezzjoni u/jew il-bdil tal-immontaturi tal-pompa taż-żejt, fejn xogħol bħal dan ma jinvolvix it-tneħħija u t-twaħħil mill-ġdid ta' gerijiet interni;

(2) żarmar u armar mill-ġdid sussegwenti ta' gerijiet ta' tnaqqis;

(3) iwweldjar u bbrejżjar ta' ġonot, barra minn tiswijiet minuri bil-welding f'unitajiet tal-egżost imwettqa minn welder approvat jew awtorizzat kif jixraq imma mhux it-tibdil ta' komponenti;

(4) it-taħwid ta' partijiet individwali ta' unitajiet li huma fornuti bħala unitajiet ittestjati fuq il-bank tax-xogħol, minbarra t-tibdil jew l-aġġustament ta' oġġetti li normalment jinbidlu jew ikunu aġġustati waqt l-użu;

(d) l-ibbilanċjar tal-iskrun, ħlief:

(1) għaċ-ċertifikazzjoni ta' bbilanċjar statiku fejn meħtieġ mill-manwal tal-manutenzjoni; u

(2) ibbilanċjar dinamiku fuq skrejjen imwaħħla bl-użu ta' tagħmir għall-ibbilanċjar elettroniku fejn ikun permess mill-manwal tal-manutenzjoni jew *data* oħra tal-adegwatezza għall-avjazzjoni tal-ajrunavigabbiltà approvata;

(e) kwalunkwe xogħol kompitu addizzjonali li jeħtieġ:

(1) għodda, tagħmir jew faċilitajiet speċjalizzati; jew

(2) proċeduri ta' koordinament sinifikanti minħabba ż-żmien imtawwal tax-xogħlijiet tal-kompiti u l-involviment ta' diversi persuni.

▼C2

*Appendiċi IV*

▼M11

**Iċ-Ċertifikat tar-Reviżjoni tal-Ajrunavigabbiltà – il-Formola 15c tal-EASA**

*NOTA*: *il-persuni u l-organizzazzjonijiet li jwettqu r-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà flimkien mal-ispezzjoni annwali/wara 100 siegħa jistgħu jużaw in-naħa ta' wara ta' din il-formola sabiex joħorġu s-CRS imsemmi fil-punt ML.A.801 li jikkorrispondi għall-ispezzjoni annwali/wara 100 siegħa.*

**ĊERTIFIKAT TAR-REVIŻJONI TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ (ARC) (għall-inġenji tal-ajru li jikkonformaw mal-Parti-ML)**

Referenza tal-ARC: …

Skont ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill:

[ISEM L-AWTORITÀ KOMPETENTI] (**)

b'dan tiċċertifika li:

□......... wettqet reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1321/2014 fuq l-inġenji tal-ajru li ġejjin:

[jew]

□......... l-inġenji tal-ajru ġodda li ġejjin:

Manifattur tal-inġenju tal-ajru: ............................................ Deżinjazzjoni tal-manifattur: ............................................

Reġistrazzjoni tal-inġenju tal-ajru: .................................. Numru tas-serje tal-inġenju tal-ajru: ..................................

(u) tqies li għandu ajrunavigabbiltà tajba meta saritlu r-reviżjoni.

Data tal-ħruġ: .................................................................. Data tal-iskadenza: ..................................................................

Sigħat tat-titjir(FH) tal-inġenju tal-ajru fid-data tar-reviżjoni (*): ...................................................................................

Iffirmat: .................................................. Nru tal-awtorizzazzjoni (jekk applikabbli): ..................................................

[JEW]

[L-ISEM TAL-ORGANIZZAZZJONI APPROVATA, L-INDIRIZZ u R-REFERENZA TAL-APPROVAZZJONI] (**)

[jew]

[L-ISEM SĦIĦ TAL-PERSUNAL TAĊ-ĊERTIFIKAZZJONI U N-NUMRU TAL-LIĊENZJA TAL-PARTI-66 (JEW EKWIVALENTI NAZZJONALI)] (**)

b'dan tiċċertifika li wettqet reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1321/2014 fuq l-inġenji tal-ajru li ġejjin:

Manifattur tal-inġenju tal-ajru: ............................................ Deżinjazzjoni tal-manifattur: ............................................

Reġistrazzjoni tal-inġenju tal-ajru: .................................. Numru tas-serje tal-inġenju tal-ajru: ..................................

(u) tqies li għandu ajrunavigabbiltà tajba meta saritlu r-reviżjoni.

Data tal-ħruġ: .................................................................. Data tal-iskadenza: ..................................................................

Sigħat tat-titjir(FH) tal-inġenju tal-ajru fid-data tar-reviżjoni (*): ...................................................................................

Iffirmat: .................................................. Nru tal-awtorizzazzjoni (jekk applikabbli): ..................................................

============================================== ========================================-======

L-ewwel estensjoni: L-inġenju tal-ajru jikkonforma mal-kundizzjonijiet tal-punt ML.A.901(c) tal-Anness Vb (Parti-ML)

Data tal-ħruġ: .................................................................. Data tal-iskadenza: ..................................................................

▼M11

Sigħat tat-titjir(FH) tal-inġenju tal-ajru fid-data tal-ħruġ (*): ..........................................................................................

Iffirmat: .................................................................. Nru tal-awtorizzazzjoni: ...................................................................

Isem il-kumpanija: ..................................................... Referenza tal-approvazzjoni: .....................................................

==========================================================================================-
======

It-tieni estensjoni: L-inġenju tal-ajru jikkonforma mal-kundizzjonijiet tal-punt ML.A.901(c) tal-Anness Vb (Parti-ML)

Data tal-ħruġ: .................................................................. Data tal-iskadenza: ..................................................................

Sigħat tat-titjir(FH) tal-inġenju tal-ajru fid-data tal-ħruġ (*): ..........................................................................................

Iffirmat: .................................................................. Nru tal-awtorizzazzjoni: ...................................................................

Isem il-kumpanija: ..................................................... Referenza tal-approvazzjoni: .....................................................

(*) Għajr il-blalen tal-arja jew l-iġfna tal-ajru

(**) Min joħroġ il-Formola jista' jadattaha skont il-ħtiġijiet tiegħu billi jħassar l-isem, id-dikjarazzjoni taċ-ċertifikazzjoni, ir-referenza għall-inġenji tal-ajru inkwistjoni u d-dettalji tal-ħruġ li ma kinux rilevanti għall-użu tiegħu.

Ħarġa 4 tal-Formola 15c tal-EASA

▼C2

*ANNESS Vc*

**(Parti-CAMO)**

WERREJ

TAQSIMA A — REKWIŻITI TAL-ORGANIZZAZZJONI

| | |
|---|---|
| CAMO.A.005 | Kamp ta' applikazzjoni |
| CAMO.A.105 | Awtorità kompetenti |
| CAMO.A.115 | Applikazzjoni għal ċertifikat ta' organizzazzjoni |
| CAMO.A.120 | Mezzi ta' konformità |
| CAMO.A.125 | ►M8 Termini tal-approvazzjoni u privileġġi tal-organizzazzjoni ◄ |
| CAMO.A.130 | Tibdiliet fl-organizzazzjoni |
| CAMO.A.135 | Validità kontinwa |
| CAMO.A.140 | Aċċess |
| CAMO.A.150 | Sejbiet |
| CAMO.A.155 | Reazzjoni immedjata għal problema ta' sikurezza |
| CAMO.A.160 | Rapportar ta' okkorrenza |
| CAMO.A.200 | Is-sistema ta' ġestjoni |
| CAMO.A.202 | Skema ta' rapportar tas-sikurezza interna |
| CAMO.A.205 | Kuntrattar u sottokuntrattar |
| CAMO.A.215 | Faċilitajiet |
| CAMO.A.220 | Żamma tar-rekords |
| CAMO.A.300 | ►M8 Espożizzjoni tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà (CAME) ◄ |
| CAMO.A.305 | Rekwiżiti tal-persunal |
| CAMO.A.310 | Kwalifiki tal-persunal tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà |
| CAMO.A.315 | Ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà |
| CAMO.A.320 | Reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà |
| CAMO.A.325 | *Data* ta' ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà |

TAQSIMA B — REKWIŻITI TAL-AWTORITÀ

| | |
|---|---|
| CAMO.B.005 | Kamp ta' applikazzjoni |
| CAMO.B.115 | Dokumentazzjoni tas-superviżjoni |
| CAMO.B.120 | Mezzi ta' konformità |
| CAMO.B.125 | Informazzjoni lill-Aġenzija |
| CAMO.B.135 | Reazzjoni immedjata għal problema ta' sikurezza |
| CAMO.B.200 | Is-sistema ta' ġestjoni |
| CAMO.B.205 | Allokazzjoni tal-kompiti lil entitajiet ikkwalifikati |
| CAMO.B.210 | Bidliet fis-sistema ta' ġestjoni |
| CAMO.B.220 | Żamma tar-rekords |
| CAMO.B.300 | Prinċipji ta' superviżjoni |
| CAMO.B.305 | Programm ta' superviżjoni |
| CAMO.B.310 | Proċedura ta' ċertifikazzjoni inizjali |
| CAMO.B.330 | Tibdiliet |
| CAMO.B.350 | Sejbiet u azzjonijiet korrettivi |
| CAMO.B.355 | Sospensjoni, limitazzjoni u revoka |

▼M8

| | |
|---|---|
| Appendiċi I — | Ċertifikat tal-Organizzazzjoni ta’ Ġestjoni tal-Kontinwità tal-Ajrunavigabbiltà – Formola 14 tal-EASA |

▼C2

*TAQSIMA A*

**REKWIŻITI TAL-ORGANIZZAZZJONI**

CAMO.A.005 **Kamp ta' applikazzjoni**

Din it-Taqsima tistabbilixxi r-rekwiżiti li għandhom jiġu ssodisfati minn organizzazzjoni biex tikkwalifika għall-ħruġ jew għall-kontinwazzjoni ta' ċertifikat għall-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà ta' inġenju tal-ajru u tal-komponenti għall-installazzjoni.

▼M13

CAMO.A.105 **Awtorità kompetenti**

Għall-fini ta' dan l-Anness, l-awtorità kompetenti għandha tkun:

(a) għal organizzazzjonijiet li għandhom il-post prinċipali tan-negozju tagħhom f'territorju li għalih Stat Membru huwa responsabbli skont il-Konvenzjoni ta' Chicago, waħda minn dawn li ġejjin;

(i) l-awtorità maħtura minn dak l-Istat Membru fejn hu lokalizzat l-post prinċipali tan-negozju tal-organizzazzjoni, jekk l-approvazzjoni mhix inkluża fiċ-ċertifikat tal-operatur tal-ajru jew jekk is-CAMO tkun ikkuntrattata b'mod konformi ma' M.A.201(ea);

(ii) l-awtorità maħtura mill-Istat Membru tal-operatur jekk l-approvazzjoni hi inkluża f'ċertifikat tal-operatur tal-ajru;

(iii) l-awtorità maħtura minn Stat Membru minbarra (i) jew (ii), jekk ir-responsabbiltà tkun ġiet riallokata lil dak l-Istat Membru f'konformità mal-Artikolu 64 tar-Regolament (UE) 2018/1139;

(iv) l-Aġenzija jekk ir-responsabbiltà tkun ġiet riallokata lill-Aġenzija f'konformità mal-Artikoli 64 jew 65 tar-Regolament (UE) 2018/1139;

(b) l-Aġenzija jekk il-post prinċipali tan-negozju tal-organizzazzjoni jkun jinsab barra minn territorju li għalih ikun responsabbli Stat Membru skont il-Konvenzjoni ta' Chicago.

▼C2

CAMO.A.115 **Applikazzjoni għal ċertifikat ta' organizzazzjoni**

(a) L-applikazzjoni għal ċertifikat jew emenda għal ċertifikat eżistenti skont dan l-Anness għandha ssir b'forma u b'mod stabbiliti mill-awtorità kompetenti, billi jiġu kkunsidrati r-rekwiżiti applikabbli tal-Anness I (Parti-M), l-Anness Vb (Parti-ML) u dan l-Anness.

(b) L-applikanti għal ċertifikat inizjali skont dan l-Anness għandhom jipprovdu lill-awtorità kompetenti:

(1) ir-riżultati ta' preawditu mwettaq mill-organizzazzjoni abbażi tar-rekwiżiti applikabbli previsti fl-Anness I (Parti-M), l-Anness Vb (Parti-ML) u dan l-Anness;

(2) dokumentazzjoni li turi kif se jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Tali dokumentazzjoni għandha tinkludi, kif previst fil-punt CAMO.A.130, proċedura li tiddeskrivi kif il-bidliet li ma jkunux jeħtieġu approvazzjoni minn qabel sejrin jiġu ġestiti u nnotifikati lill-awtorità kompetenti.

▼C2

CAMO.A.120 **Mezzi ta' konformità**

(a) Mezzi ta' konformità alternattivi għall-AMC adottati mill-Aġenzija jistgħu jintużaw minn organizzazzjoni biex tistabbilixxi l-konformità mar-Regolament (UE) 2018/1139 u l-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu.

(b) Fejn organizzazzjoni tkun tixtieq tuża mezz alternattiv ta' konformità, qabel ma tużah, għandha tipprovdi lill-awtorità kompetenti b'deskrizzjoni sħiħa tal-mezz alternattiv ta' konformità. Id-deskrizzjoni għandha tinkludi kwalunkwe reviżjoni fil-manwali jew fil-proċeduri li jistgħu jkunu rilevanti, kif ukoll valutazzjoni li turi konformità mar-Regolament (UE) 2018/1139 u l-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu.

L-organizzazzjoni tista' tuża dawn il-mezzi alternattivi ta' konformità soġġett għall-approvazzjoni minn qabel mill-awtorità kompetenti, u meta din tirċievi n-notifika kif previst fil-punt CAMO.B.120.

CAMO.A.125 **Termini tal-approvazzjoni u privileġġi tal-organizzazzjoni**

(a) L-approvazzjoni hi indikata fuq iċ-ċertifikat, li hu inkluż fl-Appendiċi I, u tinħareġ mill-awtorità kompetenti.

▼M13

(b) Minkejja l-punt (a), għat-trasportaturi tal-ajru liċenzjati f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1008/2008, l-approvazzjoni għandha tkun parti miċ-ċertifikat tal-operatur tal-ajru maħruġ mill-awtorità kompetenti għall-inġenju tal-ajru operat ħlief meta, f'konformità mal-punt M.A.201(ea) tal-Anness I (Parti-M), is-CAMO tkun ikkuntrattata minn operaturi li jiffurmaw parti minn raggruppament ta' negozju ta' trasportatur tal-ajru wieħed.

▼C2

(c) L-ambitu tax-xogħol għandu jkun speċifikat fl-espożizzjoni ta' ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà (CAME) skont il-punt CAMO.A.300.

(d) Organizzazzjoni approvata skont dan l-Anness tista':

(1) tiġġestixxi l-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenji tal-ajru, ħlief għal dawk użati minn trasportaturi tal-ajru li ngħataw il-liċenzja skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008, kif imniżżel fiċ-ċertifikat;

▼M13

(2) tiġġestixxi l-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenji tal-ajru użati minn trasportaturi tal-ajru li ngħataw il-liċenzja f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1008/2008, meta dan ikun imniżżel kemm fiċ-ċertifikat tagħha kif ukoll fiċ-ċertifikat tal-operatur tal-ajru jew meta japplika M.A.201(ea);

▼C2

(3) tirranġa biex twettaq kompiti tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà limitati ma' kwalunkwe organizzazzjoni mogħtija sottokuntratt, li tkun qiegħda taħdem skont is-sistema ta' ġestjoni tagħha, kif elenkat fiċ-ċertifikat;

▼M8

(4) testendi ċertifikat tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà skont il-kundizzjonijiet tal-punt M.A.901(f) tal-Anness I (Parti-M) jew tal-punt ML.A.901(c) tal-Anness Vb (Parti-ML), skont kif applikabbli;

▼M8

(5) tapprova l-AMP, skont il-punt (b)(2) tal-punt ML.A.302, għall-inġenji tal-ajru ġestiti skont l-Anness Vb (Parti-ML).

▼C2

(e) Organizzazzjoni approvata skont dan l-Anness u li jkollha s-sede prinċipali tagħha f'wieħed mill-Istati Membri tista' tkun approvata wkoll biex tagħmel reviżjonijiet tal-ajrunavigabbiltà skont il-punt M.A.901 tal-Anness I (Parti-M) jew il-punt ML.A.903 tal-Anness Vb (Parti-ML) kif applikabbli, u:

▼M8

(1) toħroġ iċ-ċertifikat relatat tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà u testendih fi żmien xieraq skont il-kundizzjonijiet tal-punt M.A.901(c)(2) u tal-punt M.A.901(e)(2) tal-Anness I (Parti-M) jew tal-punt ML.A.901(c) tal-Anness Vb (Parti-ML), skont kif applikabbli;

▼C2

(2) toħroġ rakkomandazzjoni għar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistru, skont il-kundizzjonijiet tal-punt (d) tal-punt M.A.901 jew il-punt (b) tal-punt M.A.904 tal-Anness I (Parti-M).

(f) Organizzazzjoni li tkun id-detentur tal-privileġġi msemmija fil-punt (e) tista' tiġi approvata wkoll biex toħroġ permess għat-titjir skont il-punt (d) tal-punt 21.A.711 tal-Anness I (Parti-21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012 għall-inġenju tal-ajru partikolari li għalih l-organizzazzjoni tkun approvata toħroġ iċ-ċertifikat tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà, meta l-organizzazzjoni tkun qed tattesta l-konformità mal-kundizzjonijiet approvati tat-titjir, soġġett għal proċedura adegwata fis-CAME imsemmija fil-punt CAMO.A.300.

CAMO.A.130 **Tibdiliet fl-organizzazzjoni**

(a) It-tibdiliet li ġejjin fl-organizzazzjoni għandhom ikunu jeħtieġu approvazzjoni minn qabel:

(1) tibdiliet li jaffettwaw l-ambitu taċ-ċertifikat jew it-termini tal-approvazzjoni tal-organizzazzjoni;

(2) tibdiliet fil-persunal nominat skont il-punti (a)(3) sa (a)(5) u (b)(2) tal-punt CAMO.A.305;

(3) tibdiliet fil-linji ta' rapportar bejn il-persunal nominat skont il-punti (a)(3) sa (a)(5) u (b)(2) tal-punt CAMO.A.305, u l-maniġer responsabbli;

(4) il-proċedura rigward it-tibdiliet li ma jeħtiġux approvazzjoni minn qabel imsemmija fil-punt (c).

(b) Għal kwalunkwe bidla li teħtieġ l-approvazzjoni minn qabel skont ir-Regolament (UE) 2018/1139 u l-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu, l-organizzazzjoni għandha tapplika għal approvazzjoni maħruġa mill-awtorità kompetenti, u tiksibha. L-applikazzjoni għandha titressaq qabel ma ssir il-bidla, biex l-awtorità kompetenti tkun tista' tiddetermina t-tkomplija tal-konformità mar-Regolament (UE) 2018/1139 u l-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu, u biex temenda, jekk ikun meħtieġ, iċ-ċertifikat tal-organizzazzjoni u t-termini tal-approvazzjoni relatati mehmuża miegħu.

▼C2

L-organizzazzjoni għandha tipprovdi lill-awtorità kompetenti bi kwalunkwe dokumentazzjoni rilevanti.

Il-bidla għandha tkun implimentata biss mal-wasla tal-approvazzjoni formali mill-awtorità kompetenti skont il-punt CAMO.B.330.

L-organizzazzjoni għandha topera skont il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-awtorità kompetenti matul it-tibdiliet, skont kif applikabbli.

(c) It-tibdiliet kollha li ma jeħtiġux approvazzjoni minn qabel għandhom jiġu ġestiti u notifikati lill-awtorità kompetenti kif definit fil-proċedura msemmija fil-punt (b) tal-punt CAMO.A.115 u approvata mill-awtorità kompetenti skont il-punt (h) tal-punt CAMO.B.310.

CAMO.A.135 **Validità kontinwa**

(a) Iċ-ċertifikat tal-organizzazzjoni għandu jibqa' validu soġġett għall-konformità mal-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(1) l-organizzazzjoni tibqa' konformi mar-Regolament (UE) 2018/1139 u l-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet relatati għat-trattament ta' sejbiet kif speċifikat taħt il-punt CAMO.B.350;

(2) l-awtorità kompetenti tingħata aċċess għall-organizzazzjoni kif speċifikat fil-punt CAMO.A.140;

(3) iċ-ċertifikat ma jiġix ċedut jew irrevokat.

(b) Għall-operaturi tal-ajru li ngħataw liċenzja skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008, it-terminazzjoni, is-sospensjoni jew ir-revoka taċ-ċertifikat tal-operatur tal-ajru awtomatikament tinvalida ċ-ċertifikat tal-organizzazzjoni b'rabta mar-reġistrazzjonijiet tal-inġenji tal-ajru speċifikati fiċ-ċertifikat tal-operatur tal-ajru, sakemm ma jkunx stipulat espliċitament mod ieħor mill-awtorità kompetenti.

▼M13

(c) Minkejja l-punt (b), meta s-CAMO tiġi kkuntrattata minn operaturi li jiffurmaw parti minn raggruppament ta’ negozju ta’ trasportatur tal-ajru wieħed f’konformità mal-punt M.A.201(ea) tal-Anness I (Parti-M), it-terminazzjoni, is-sospensjoni jew ir-revoka taċ-ċertifikat tal-operatur tal-ajru ma jinvalidax awtomatikament iċ-ċertifikat tas-CAMO. F’dan il-każ, il-kuntratt f’konformità mal-Appendiċi I tal-Anness I (Parti-M) ta’ dan ir-Regolament isir null.

(d) Meta jingħata lura jew jiġi revokat, iċ-ċertifikat għandu jintbagħat lura lill-awtorità kompetenti mingħajr dewmien.

▼C2

CAMO.A.140 **Aċċess**

Biex tiġi stabbilita l-konformità mar-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (UE) 2018/1139 u l-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu, l-organizzazzjoni għandha tagħti aċċess, fi kwalunkwe ħin, għal kwalunkwe faċilità, inġenju tal-ajru, dokument, rekord, *data*, proċedura jew kwalunkwe materjal ieħor li hu rilevanti għall-attività tiegħu li hi soġġetta għaċ-ċertifikazzjoni, kemm jekk din hi mogħtija b'kuntratt/sottokuntratt kif ukoll jekk le, lil kwalunkwe persuna awtorizzata minn waħda mill-awtoritajiet li ġejjin:

(a) l-awtorità kompetenti ddefinita fil-punt CAMO.A.105;

(b) l-awtorità li taġixxi skont id-dispożizzjonijiet tal-punt (d) tal-punt CAMO.B.300 jew il-punt (e) tal-punt CAMO.B.300.

CAMO.A.150 **Sejbiet**

(a) Wara li tkun irċeviet notifika ta' sejbiet skont il-punt CAMO.B.350, l-organizzazzjoni għandha:

(1) tidentifika l-kawża jew il-kawżi li jwasslu u l-fatturi li jikkontribwixxu għan-nuqqas ta' konformità;

(2) tfassal pjan ta' azzjoni korrettiva;

(3) turi li implimentat l-azzjoni korrettiva b'mod li jissodisfa lill-awtorità kompetenti.

(b) L-azzjonijiet imsemmija fil-punti (a)(1), (a)(2) u (a)(3) għandhom jitwettqu fi ħdan il-perjodu miftiehem ma' dik l-awtorità kompetenti kif definit fil-punt CAMO.B.350.

CAMO.A.155 **Reazzjoni immedjata għal problema ta' sikurezza**

L-organizzazzjoni għandha timplimenta:

(a) kwalunkwe miżuri ta' sikurezza li l-awtorità kompetenti awtorizzat skont il-punt CAMO.B.135;

(b) kwalunkwe informazzjoni ta' sikurezza obbligatorja maħruġa mill-Aġenzija.

CAMO.A.160 **Rapportar ta' okkorrenza**

(a) Bħala parti mis-sistema ta' ġestjoni tagħha, l-organizzazzjoni għandha timplimenta sistema ta' rapportar tal-okkorrenzi li tissodisfa r-rekwiżiti definiti fir-Regolament (UE) Nru 376/2014 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1018 ([1]).

(b) Mingħajr ħsara għall-punt (a), l-organizzazzjoni għandha tiżgura li kwalunkwe inċident, ħsara teknika, difett tekniku, qbiż tal-limiti tekniċi, jew okkorrenza li jistgħu jitfgħu dawl fuq informazzjoni skorretta, mhux kompleta jew ambigwa inkluża fid-*data* stabbiliti skont l-Anness I (Parti-21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012, jew ċirkostanza irregolari oħra li tkun jew setgħet ipperikolat l-operat sikur tal-inġenju tal-ajru, u li ma tkunx irriżultat f'aċċident jew inċident serju, jiġu rrapportati lill-awtorità kompetenti u lill-organizzazzjoni responsabbli għad-disinn tal-inġenju tal-ajru.

([1]) Ir-Regolament (UE) 2015/1018 tad-29 ta' Ġunju 2015 li jistabbilixxi lista ta' klassifikazzjoni tal-okkorrenzi fl-avjazzjoni ċivili li għandhom jiġu rapportati b'mod mandatorju skont ir-Regolament (UE) Nru 376/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 163, 30.6.2015, p. 1).

▼C2

(c) Mingħajr ħsara għar-Regolament (UE) Nru 376/2014, u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1018, ir-rapporti msemmija fil-punti (a) u (b) għandhom isiru f'forma u f'mod stabbiliti mill-awtorità kompetenti, u għandhom jinkludu l-informazzjoni kollha pertinenti dwar il-kundizzjoni magħrufa mill-organizzazzjoni.

(d) Ir-rapporti għandhom isiru kemm jista' jkun malajr, iżda dejjem fi żmien 72 siegħa minn meta l-organizzazzjoni tkun identifikat il-kundizzjoni li dwarha jkun ir-rapport, sakemm dan ma jiġix ipprevjenut minn ċirkostanzi ta' eċċezzjoni.

(e) Fejn rilevanti, l-organizzazzjoni għandha tipproduċi rapport ta' segwitu biex tipprovdi d-dettalji tal-azzjonijiet li tkun beħsiebha tieħu biex tipprevjeni okkorrenzi simili fil-ġejjieni, hekk kif dawn l-azzjonijiet ikunu ġew identifikati. Dan ir-rapport għandu jsir fil-forma u fil-mod stabbiliti mill-awtorità kompetenti.

CAMO.A.200 **Is-sistema ta' ġestjoni**

(a) L-organizzazzjoni għandha tistabbilixxi, timplimenta u żżomm sistema ta' ġestjoni li tinkludi:

(1) linji ta' responsabbiltà u obbligu ta' rendikont fl-organizzazzjoni definiti b'mod ċar, inkluż ir-rendikont dirett fir-rigward tas-sikurezza, min-naħa tal-maniġer responsabbli;

(2) deskrizzjoni tal-filosofiji u l-prinċipji ġenerali tal-organizzazzjoni fir-rigward tas-sikurezza, magħrufa bħala l-politika ta' sikurezza;

(3) l-identifikazzjoni ta' perikli għas-sikurezza tal-avjazzjoni li jistgħu jiġu kkawżati mill-attivitajiet tal-organizzazzjoni, il-valutazzjoni tagħhom u l-ġestjoni tar-riskji assoċjati, inkluż it-teħid ta' azzjonijiet biex jittaffew ir-riskji u biex tiġi vverifikata l-effiċjenza tagħhom;

(4) iż-żamma ta' persunal imħarreġ u kompetenti biex jaqdi l-kompiti tiegħu;

(5) id-dokumenti tal-proċessi ewlenin kollha tas-sistema ta' ġestjoni, inkluż proċess biex il-membri tal-persunal ikunu jafu r-responsabbiltajiet tagħhom, u l-proċedura għall-emendar ta' dawn id-dokumenti;

(6) funzjoni biex tkun sorveljata l-konformità tal-organizzazzjoni mar-rekwiżiti rilevanti. Il-monitoraġġ tal-konformità għandu jinkludi sistema ta' rispons għas-sejbiet lill-maniġer responsabbli biex tkun żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-azzjonijiet korrettivi hekk kif ikun meħtieġ;

(7) kwalunkwe rekwiżit addizzjonali li hu stabbilit f'dan ir-Regolament.

(b) Is-sistema ta' ġestjoni għandha tikkorrispondi għad-daqs tal-organizzazzjoni u n-natura u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħha, b'kunsiderazzjoni għall-perikli u r-riskji assoċjati inerenti f'dawn l-attivitajiet.

(c) Meta l-organizzazzjoni jkollha ċertifikat tal-organizzazzjoni addizzjonali wieħed jew aktar fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/1139 u l-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu, is-sistema ta' ġestjoni tista' tiġi integrata ma' dik meħtieġa skont iċ-ċertifikat(i) addizzjonali miżmum(a).

▼C2

(d) Minkejja l-punt (c), għal operaturi tal-ajru li ngħataw liċenzja skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008, is-sistema ta' ġestjoni prevista f'dan l-Anness għandha tkun parti integrata mis-sistema ta' ġestjoni tal-operatur.

▼M13

(e) Meta, f'konformità mal-punt M.A.201(ea) tal-Anness I (Parti-M), jiġi konkluż kuntratt bejn CAMO u operaturi li jiffurmaw parti minn raggruppament ta' negozju ta' trasportatur tal-ajru wieħed, is-CAMO għandha tiżgura li s-sistema ta' ġestjoni tagħha tkun armonizzata mas-sistemi ta' ġestjoni tal-operaturi li jiffurmaw parti minn dak ir-raggruppament ta' negozju.

▼C2

CAMO.A.202 **Skema ta' rapportar tas-sikurezza interna**

(a) Bħala parti mis-sistema ta' ġestjoni tagħha, l-organizzazzjoni għandha tistabbilixxi skema ta' rapportar tas-sikurezza interna biex ikunu jistgħu jinġabru u jiġu evalwati t-tali okkorrenzi li għandhom jiġu rapportati skont il-punt CAMO.A.160.

(b) L-iskema għandha tippermetti wkoll il-ġbir u l-evalwazzjoni ta' dawk l-iżbalji, il-kważi aċċidenti, u l-perikli rapportati internament li ma jaqgħux taħt il-punt (a).

(c) Permezz ta' din l-iskema, l-organizzazzjoni għandha:

(1) tidentifika l-kawżi ta' u l-fatturi li jikkontribwixxu għal kwalunkwe żball, kważi aċċident u periklu rrapportat u tindirizzahom bħala parti mill-ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza skont il-punt (a)(3) tal-punt CAMO.A.200;

(2) tiżgura l-evalwazzjoni tal-informazzjoni rilevanti u magħrufa kollha relatata mal-iżbalji, man-nuqqas ta' ħila biex jiġu segwiti l-proċeduri, mal-kważi aċċidenti, u mal-perikli, u metodu biex l-informazzjoni tiġi ċċirkolata kif ikun hemm bżonn.

(d) L-organizzazzjoni għandha tipprovdi aċċess għall-iskema ta' rapportar tas-sikurezza interna tagħha lil kwalunkwe organizzazzjoni mogħtija sottokuntratt.

(e) L-organizzazzjoni għandha tikkoopera fl-investigazzjonijiet tas-sikurezza ma' kwalunkwe organizzazzjoni oħra li tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għas-sikurezza tal-attivitajiet ta' ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tagħha stess.

CAMO.A.205 **Kuntrattar u sottokuntrattar**

(a) L-organizzazzjoni għandha tiżgura li meta tagħti b'kuntratt kompiti ta' manutenzjoni jew meta tagħti b'sottokuntratt kwalunkwe parti mill-attivitajiet ta' ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tagħha:

▼C2

(1) dawn l-attivitajiet ikunu jikkonformaw mar-rekwiżiti applikabbli; u

(2) kwalunkwe periklu relatat mas-sikurezza tal-avjazzjoni assoċjat mat-tali kuntrattar jew sottokuntrattar jitqies bħala parti mis-sistema ta' ġestjoni tal-organizzazzjoni.

(b) Meta l-organizzazzjoni tagħti b'sottokuntratt kwalunkwe parti mill-attivitajiet ta' ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tagħha lil organizzazzjoni oħra, l-organizzazzjoni mogħtija sottokuntratt għandha taħdem soġġett għall-approvazzjoni tal-organizzazzjoni. L-organizzazzjoni għandha tiżgura li l-awtorità kompetenti tingħata aċċess għall-organizzazzjoni li tkun ingħatat is-sottokuntratt, biex tistabbilixxi l-konformità kontinwa mar-rekwiżiti applikabbli.

CAMO.A.215 **Faċilitajiet**

L-organizzazzjoni għandha tipprovdi akkomodazzjoni tal-uffiċċju xierqa f'postijiet xierqa għall-persunal speċifikat fil-punt CAMO.A.305.

CAMO.A.220 **Żamma tar-rekords**

(a) Rekords tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà

(1) L-organizzazzjoni għandha tiżgura li jinżammu r-rekords meħtieġa mill-punti M.A.305, ML.A.305 u, jekk applikabbli, mill-punt M.A.306.

(2) L-organizzazzjoni għandha tirreġistra d-dettalji kollha tal-ħidma mwettqa.

(3) Jekk l-organizzazzjoni jkollha l-privileġġ imsemmi fil-punt (e) tal-punt CAMO.A.125, hi għandha żżomm kopja ta' kull ċertifikat u rakkomandazzjoni ta' reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà maħruġ jew, skont kif applikabbli, estiż, flimkien mad-dokumenti ta' sostenn kollha. Barra minn hekk, l-organizzazzjoni għandha żżomm kopja ta' kull ċertifikat tal-ġestjoni tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà li tkun estendiet bil-privileġġ imsemmi fil-punt (d)(4) tal-punt CAMO.A.125.

(4) Biex l-organizzazzjoni jkollha l-privileġġ imsemmi fil-punt (f) tal-punt CAMO.A.125, għandha żżomm kopja ta' kull permess għat-titjir maħruġ skont id-dispożizzjonijiet tal-punt 21.A.729 tal-Anness I (Parti-21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012.

(5) L-organizzazzjoni għandha żżomm kopja tar-rekords kollha msemmija fil-punti (a)(2) sa (a)(4) sa 3 snin wara li r-responsabbiltà għall-inġenju tal-ajru skont il-punti M.A.201 jew ML.A.201 tkun ġiet trasferita b'mod permanenti lil persuna jew organizzazzjoni oħra.

(6) Meta l-organizzazzjoni ttemm l-operazzjoni tagħha, ir-rekords miżmuma kollha għandhom jiġu ttrasferiti lis-sid tal-inġenju tal-ajru.

(b) Is-sistema ta' ġestjoni, ir-rekords tal-kuntrattar u tas-sottokuntrattar

(1) L-organizzazzjoni għandha tiżgura li jinżammu r-rekords li ġejjin:

(i) ir-rekords tal-proċessi ewlenin tas-sistema ta' ġestjoni kif definiti fil-punt CAMO.A.200;

(ii) il-kuntratti, kemm għall-kuntrattar kif ukoll għas-sottokuntrattar, kif definiti fil-punt CAMO.A.205;

▼C2

(2) Ir-rekords tas-sistema ta' ġestjoni, kif ukoll kwalunkwe kuntratt skont il-punt CAMO.A.205, għandhom jinżammu għal perjodu minimu ta' 5 snin.

(c) Rekords tal-persunal

(1) L-organizzazzjoni għandha tiżgura li jinżammu r-rekords li ġejjin:

(i) rekords tal-kwalifika u l-esperjenza tal-persunal involut fil-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà, il-monitoraġġ tal-konformità u l-ġestjoni tas-sikurezza;

(ii) rekords tal-kwalifiki u l-esperjenza tal-persunal kollu tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà, kif ukoll tal-persunal li joħroġ rakkomandazzjonijiet u permessi għat-titjir.

(2) Ir-rekords tal-persunal kollu tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà, tal-persunal li joħroġ rakkomandazzjonijiet u tal-persunal li joħroġ permessi għat-titjir għandhom jinkludu dettalji ta' kwalunkwe kwalifika xierqa miżmuma flimkien ma' sommarju tal-esperjenza u t-taħriġ rilevanti fil-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà u kopja tal-awtorizzazzjoni.

(3) Ir-rekords tal-persunal għandhom jinżammu sakemm il-persuna tibqa' taħdem mal-organizzazzjoni, u għandhom jinżammu sa 3 snin wara li l-persuna titlaq mill-organizzazzjoni.

(d) L-organizzazzjoni għandha tistabbilixxi sistema ta' żamma tar-rekords li tippermetti ħażna xierqa u traċċabbiltà affidabbli tal-attivitajiet żviluppati kollha.

(e) Il-format tar-rekords għandu jkun speċifikat fil-proċeduri tal-organizzazzjoni.

(f) Ir-rekords għandhom jinħażnu b'mod li jiżgura l-protezzjoni mill-ħsara, mill-modifiki u mis-serq.

CAMO.A.300 **Espożizzjoni ta' ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà (CAME)**

(a) L-organizzazzjoni għandha tipprovdi lill-awtorità kompetenti b'CAME u, fejn applikabbli, bi kwalunkwe manwal u proċedura assoċjati referenzjati, li jkun fihom l-informazzjoni kollha li ġejja:

(1) dikjarazzjoni ffirmata mill-maniġer responsabbli li tikkonferma li l-organizzazzjoni f'kull ħin se taħdem skont dan l-Anness, l-Anness I (Parti-M) u l-Anness Vb (Parti-ML), kif applikabbli, u skont is-CAME approvata. Meta maniġer responsabbli ma jkunx l-uffiċjal kap eżekuttiv tal-organizzazzjoni, tali uffiċjal kap eżekuttiv għandu jikkontrofirma d-dikjarazzjoni;

(2) il-politika tas-sikurezza tal-organizzazzjoni kif definita fil-punt (a)(2) tal-punt CAMO.A.200;

(3) l-ambitu tax-xogħol tal-organizzazzjoni rilevanti għat-termini tal-approvazzjoni;

(4) deskrizzjoni ġenerali tar-riżorsi tal-forza tax-xogħol u tas-sistema fis-seħħ biex tiġi ppjanata d-disponibbiltà tal-persunal kif meħtieġ mill-punt (d) tal-punt CAMO.A.305;

▼C2

(5) il-kariga/i u l-isem/ismijiet tal-persuna/i responsabbli msemmija fil-punti (a)(3) sa (a)(5), (b)(2) u (f) tal-punt CAMO.A.305;

(6) id-dmirijiet, l-obbligi ta' rendikont, ir-responsabbiltajiet u l-awtoritajiet tal-persuni nominati skont il-punti (a)(3) sa (a)(5), (b)(2), (e) u (f) tal-punt CAMO.A.305;

(7) organigramma li turi l-ktajjen assoċjati tal-obbligu ta' rendikont u tar-responsabbiltà bejn il-persuna/i kollha msemmija fil-punti (a)(3) sa (a)(5), (b)(2), (e) u (f) tal-punt CAMO.A.305, u relatati mal-punt (a)(1) tal-punt CAMO.A.200;

(8) lista tal-persunal awtorizzat biex joħroġ ċertifikati jew rakkomandazzjonijiet tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà msemmija fil-punt (e) tal-punt CAMO.A.305, li jispeċifikaw, fejn applikabbli, il-persunal awtorizzat biex joħroġ permessi għat-titjir skont il-punt (c) tal-punt CAMO.A.125;

(9) deskrizzjoni ġenerali tal-faċilitajiet u l-post fejn jinsabu;

(10) id-deskrizzjoni tal-iskema ta' rapportar tas-sikurezza interna kif meħtieġa mill-punt CAMO.A.202;

(11) il-proċeduri li jispeċifikaw kif l-organizzazzjoni tiżgura l-konformità ma' dan l-Anness, l-Anness I (Parti-M) u l-Anness Vb (Parti-ML), kif applikabbli, inklużi b'mod partikolari:

(i) id-dokumentazzjoni tal-proċessi ewlenin tas-sistema ta' ġestjoni kif meħtieġ mill-punt CAMO.A.200;

(ii) il-proċeduri li jiddefinixxu kif l-organizzazzjoni tikkontrolla kwalunkwe attività mogħtija b'kuntratt u b'sottokuntratt kif meħtieġ mill-punt CAMO.A.205 u l-punt (c) tal-punt CAMO.A.315);

(iii) il-proċeduri tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà, ir-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà u l-permess għat-titjir, kif applikabbli;

(iv) il-proċedura li tiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tat-tibdiliet li ma jeħtiġux approvazzjoni minn qabel u li jiddeskrivu kif it-tali tibdil se jiġi ġestiti u notifikat, kif meħtieġ mill-punt (b) tal-punt CAMO.A.115 u l-punt (c) tal-punt CAMO.A.130;

(v) il-proċeduri ta' emendar tas-CAME.

(12) il-lista ta' programmi approvati ta' manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru għal dawk l-inġenji tal-ajru li għalihom jeżisti kuntratt għall-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà skont il-punt M.A.201 jew ML.A.201;

(13) il-lista ta' kuntratti ta' manutenzjoni skont il-punt (c) tal-punt CAMO.A.315;

(14) il-lista ta' mezzi alternattivi ta' konformità approvati bħalissa.

▼C2

(b) Il-ħarġa inizjali tas-CAME għandha tkun approvata mill-awtorità kompetenti. Għandha tiġi emendata kif ikun hemm bżonn biex tibqa' deskrizzjoni aġġornata tal-organizzazzjoni.

▼M8

(c) L-emendi għas-CAME għandhom jiġu ġestiti kif definit fil-proċeduri msemmija fil-punti (a)(11)(iv) u (a)(11)(v). L-emendi mhux inklużi fl-ambitu tal-proċedura msemmija fil-punt (a)(11)(iv), kif ukoll l-emendi relatati mat-tibdiliet elenkati fil-punt CAMO.A.130(a), għandhom ikunu approvati mill-awtorità kompetenti.

▼C2

CAMO.A.305 **Rekwiżiti tal-persunal**

(a) L-organizzazzjoni għandha taħtar maniġer responsabbli, li jkollu awtorità korporattiva biex jiżgura li l-attivitajiet kollha ta' ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà jkunu jistgħu jiġu ffinanzjati u mwettqa skont ir-Regolament (UE) 2018/1139 u l-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati fuq il-bażi tiegħu. Il-maniġer responsabbli għandu:

(1) jiżgura li r-riżorsi neċessarji kollha jkunu disponibbli għall-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà skont dan l-Anness, l-Anness I (Parti-M) u l-Anness Vb (Parti-ML), kif applikabbli, bħala sostenn għaċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tal-organizzazzjoni;

(2) jistabbilixxi u jippromwovi l-politika dwar is-sikurezza speċifikata fil-punt CAMO.A.200;

(3) jinnomina persuna jew grupp ta' persuni bir-responsabbiltà li jiżguraw li l-organizzazzjoni dejjem tkun konformi mar-rekwiżiti applikabbli tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà, ir-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà u l-permess għat-titjir ta' dan l-Anness, l-Anness I (Parti-M) u l-Anness Vb (Parti-ML);

(4) jinnomina persuna jew grupp ta' persuni bir-responsabbiltà li jimmaniġġjaw il-funzjoni ta' monitoraġġ tal-konformità bħala parti mis-sistema ta' ġestjoni;

(5) jinnomina persuna jew grupp ta' persuni bir-responsabbiltà li jimmaniġġjaw l-iżvilupp, l-amministrazzjoni u ż-żamma ta' proċessi effettivi ta' ġestjoni tas-sikurezza bħala parti mis-sistema ta' ġestjoni;

(6) jiżgura li l-persuna jew il-grupp ta' persuni nominati skont il-punti (a)(3) sa (a)(5) u (b)(2) tal-punt CAMO.A.305 ikollhom aċċess dirett biex iżommuh informat kif xieraq dwar il-kwistjonijiet relatati mal-konformità u mas-sikurezza;

(7) juri għarfien ġenerali ta' dan ir-Regolament.

(b) Għall-organizzazzjonijiet approvati wkoll bħala operaturi tal-ajru li ngħataw liċenzja skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008, il-maniġer responsabbli barra minn hekk għandu:

(1) ikun il-persuna maħtura bħala maniġer responsabbli għall-operatur tal-ajru kif meħtieġ mill-punt (a) tal-punt ORO.GEN.210 tal-Anness III (Parti-ORO) tar-Regolament (UE) Nru 965/2012;

▼C2

(2) jinnomina persuna responsabbli għall-ġestjoni u għas-superviżjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà, li m'għandhiex tkun impjegata minn organizzazzjoni approvata skont l-Anness II (Parti-145) taħt kuntratt mal-operatur, sakemm dan ma jkunx maqbul b'mod speċifiku mill-awtorità kompetenti.

▼M13

(ba) Jekk tkun involuta f'attivitajiet ta' ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà relatati ma' kuntratt stabbilit f'konformità mal-punt M.A.201(ea), il-persuna jew il-persuni nominata/i f'konformità mal-punt (a)(3) tal-punt CAMO.A.305 ma għandhomx jiġu impjegati minn organizzazzjoni approvata f'konformità mal-Anness II (Parti-145) b'kuntratt mas-CAMO, sakemm ma jkunx hemm qbil speċifiku mill-awtorità kompetenti.

▼C2

(c) Il-persuna jew il-persuni nominati skont il-punti (a)(3) sa (a)(5) u (b)(2) tal-punt CAMO.A.305 għandhom ikunu kapaċi juru għarfien, sfond u esperjenza sodisfaċenti rilevanti b'rabta mal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenji tal-ajru u juru għarfien operazzjonali ta' dan ir-Regolament. Finalment, tali persuna/i għandha/għandhom taqa'/jaqgħu taħt l-awtorità tal-maniġer responsabbli.

(d) L-organizzazzjoni għandu jkollha fis-seħħ sistema biex tippjana d-disponibbiltà tal-persunal bl-għan li tiżgura li l-organizzazzjoni jkollha biżżejjed persunal kwalifikat kif xieraq biex jippjana, iwettaq, jissorvelja, jispezzjona u jwettaq il-monitoraġġ tal-attivitajiet tal-organizzazzjoni skont it-termini tal-approvazzjoni.

(e) Biex tkun approvata sabiex twettaq ir-reviżjonijiet tal-ajrunavigabbiltà jew ir-rakkomandazzjonijiet skont il-punt (e) tal-punt CAMO.A.125 u, jekk applikabbli, toħroġ permessi għat-titjir skont il-punt (f) tal-punt CAMO.A.125, l-organizzazzjoni għandu jkollha persunal tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà kwalifikat u awtorizzat skont il-punt CAMO.A.310.

(f) Għall-organizzazzjonijiet li jestendu ċ-ċertifikati tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà skont il-punt (d)(4) tal-punt CAMO.A.125, l-organizzazzjoni għandha tinnomina l-persuni awtorizzati biex jagħmlu dan.

(g) L-organizzazzjoni għandha tistabbilixxi u tikkontrolla l-kompetenza tal-persunal involut fil-monitoraġġ tal-konformità, il-ġestjoni tas-sikurezza, il-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà, ir-reviżjonijiet jew ir-rakkomandazzjonijiet tal-ajrunavigabbiltà, u, jekk applikabbli, il-ħruġ tal-permessi għat-titjir, skont proċedura u standard miftiehma mill-awtorità kompetenti. Barra mill-ispeċjalizzazzjoni meħtieġa marbuta mal-funzjoni tal-impjieg, il-kompetenza trid tinkludi għarfien dwar il-ġestjoni tas-sikurezza u l-prinċipji tal-fatturi umani xierqa għall-funzjoni u r-responsabbiltajiet ta' dik il-persuna fl-organizzazzjoni.

▼C2

CAMO.A.310 **Kwalifiki tal-persunal tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà**

(a) Il-persunal tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà li joħroġ iċ-ċertifikati tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà jew ir-rakkomandazzjonijiet skont il-punt (e) tal-punt CAMO.A.125 u, jekk applikabbli, li joħroġ permessi għat-titjir skont il-punt (f) tal-punt CAMO.A.125 għandu:

(1) ikollu tal-inqas ħames snin esperjenza fil-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà;

(2) ikun kiseb liċenzja xierqa konformi mal-Anness (III) Parti-66 jew grad ajrunawtiku jew ekwivalenti;

(3) ikun irċieva taħriġ formali fil-manutenzjoni ajrunawtika;

(4) ikun okkupa kariga fl-organizzazzjoni approvata b'responsabbiltajiet xierqa.

(b) Minkejja l-punti (a)(1), (a)(3) u (a)(4), ir-rekwiżit stabbilit fil-punt (a)(2) jista' jinbidel ma' ħames snin esperjenza fil-manutenzjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà b'żieda ma' dawk diġà meħtieġa mill-punt (a)(1).

(c) Il-persunal tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà nominat mill-organizzazzjoni tista' tinħariġlu biss awtorizzazzjoni minn dik l-organizzazzjoni meta tiġi aċċettata formalment mill-awtorità kompetenti wara t-tlestija sodisfaċenti ta' reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà taħt is-superviżjoni tal-awtorità kompetenti, jew taħt is-superviżjoni tal-persunal tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà awtorizzat tal-organizzazzjoni, skont proċedura approvata mill-awtorità kompetenti bħala parti mis-CAME.

(d) L-organizzazzjoni għandha tiżgura li l-persunal għar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru jista' juri esperjenza ta' ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà riċenti xierqa.

CAMO.A.315 **Ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà**

(a) L-organizzazzjoni għandha tiżgura li l-ġestjoni kollha tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà titwettaq skont it-Taqsima A, Sottoparti C tal-Anness I (Parti-M), jew it-Taqsima A Sottoparti C tal-Anness Vb (Parti-ML), skont kif applikabbli.

(b) Għal kull inġenju tal-ajru ġestit, l-organizzazzjoni għandha b'mod partikolari:

(1) tiżgura li jiġi żviluppat u kkontrollat programm ta' manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru li jinkludi kwalunkwe programm tal-affidabbiltà applikabbli, kif meħtieġ mill-punt M.A.302 jew ML.A.302 kif applikabbli;

▼C2

(2) għal inġenju tal-ajru li ma jintużax minn operaturi tal-ajru li ngħataw il-liċenzja skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008, tipprovdi kopja tal-programm ta' manutenzjoni tal-inġenju tal-ajru lis-sid jew lill-operatur responsabbli skont il-punt M.A.201 jew ML.A.201, kif applikabbli;

(3) tiżgura li d-*data* użata għal kwalunkwe modifika u tiswija tikkonforma mal-punti M.A.304 jew ML.A.304 kif applikabbli;

(4) għal kull inġenju tal-ajru motorizzat kumpless jew inġenju tal-ajru użat minn operaturi tal-ajru li ngħataw liċenzja skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008, tistabbilixxi proċedura għall-valutazzjoni ta' modifiki u/jew spezzjonijiet mhux obbligatorji u tiddeċiedi dwar l-applikazzjoni tagħhom, filwaqt li tuża l-proċess ta' ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza tal-organizzazzjoni kif meħtieġ mill-punt (a)(3) tal-punt CAMO.A.200;

(5) tiżgura li l-inġenju tal-ajru, il-magna/i, l-iskrun/skrejjen u l-komponenti tagħhom jittieħdu għand organizzazzjoni ta' manutenzjoni approvata kif xieraq imsemmija fis-Sottoparti F tal-Anness I (Parti-M), l-Anness II (Parti-145) jew l-Anness Vd (Parti-CAO), kull meta dan ikun neċessarju;

(6) tordna manutenzjoni, tissorvelja attivitajiet, u tikkoordina deċiżjonijiet relatati biex tiżgura li kwalunkwe manutenzjoni titwettaq kif xieraq u tiġi rilaxxata kif xieraq għad-determinazzjoni tal-ajrunavigabbiltà ta' inġenju tal-ajru.

(c) Meta l-organizzazzjoni ma tkunx approvata kif xieraq skont is-Sottoparti F tal-Anness I (Parti-M), l-Anness II (Parti-145) jew l-Anness Vd (Parti-CAO), din, f'konsultazzjoni mal-operatur, għandha tiġġestixxi l-kuntratti ta' manutenzjoni bil-miktub meħtieġa mill-punti (e)(3), (f)(3), (g)(3) u (h)(3) ta' M.A.201 jew il-punt ML.A.201 biex tiżgura li:

(1) il-manutenzjoni kollha finalment titwettaq minn organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata kif xieraq;

▼M8

(2) il-funzjonijiet meħtieġa skont il-punti (b), (c), (f) u (g) tal-punt M.A.301 tal-Anness I (Parti-M) jew il-punt MLA.301 tal-Anness Vb (Parti-ML), skont kif ikun applikabbli, huma speċifikati b’mod ċar.

▼C2

(d) Minkejja l-punt (c), il-kuntratt jista' jkun fil-forma ta' ordnijiet tax-xogħol individwali indirizzati lill-organizzazzjoni tal-manutenzjoni fil-każ ta':

(1) inġenju tal-ajru li jeħtieġ manutenzjoni bil-linja mhux skedata;

(2) manutenzjoni ta' komponent, li tinkludi manutenzjoni tal-magna u tal-iskrun, kif applikabbli.

(e) L-organizzazzjoni għandha tiżgura li l-fatturi umani u l-limitazzjonijiet tal-prestazzjoni umana jitqiesu matul il-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà, inklużi l-attivitajiet kollha mogħtija b'kuntratt jew b'sottokuntratt.

CAMO.A.320 **Reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà**

Meta l-organizzazzjoni approvata skont il-punt (e) tal-punt CAMO.A.125 twettaq reviżjonijiet tal-ajrunavigabbiltà, dawn għandhom jitwettqu skont il-punt M.A.901 tal-Anness I (Parti-M) jew il-punt ML.A.903 tal-Anness Vb (Parti-ML), kif applikabbli.

▼M8

CAMO.A.325 ***Data* dwar il-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà**

L-organizzazzjoni għandha żżomm u tuża d-*data* kurrenti applikabbli tal-manutenzjoni skont il-punt M.A.401 tal-Anness I (Parti-M) jew il-punt ML.A.401 tal-Anness Vb (Parti-ML), skont kif ikun applikabbli, għat-twettiq tal-kompiti tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà msemmija fil-punt CAMO.A.315 ta' dan l-Anness (Parti-CAMO). Dik id-*data* għandha tkun ipprovduta mis-sid jew mill-operatur, soġġett li jiġi stabbilit kuntratt xieraq mas-sid jew mal-operatur. F'każ bħal dan, l-organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà għandha żżomm din id-*data* għat-tul tal-kuntratt biss, minbarra meta meħtieġ mod ieħor mill-punt CAMO.A.220(a).

▼C2

*TAQSIMA B*

**REKWIŻITI TAL-AWTORITÀ**

CAMO.B.005 **Kamp ta' applikazzjoni**

Din it-Taqsima tistabbilixxi r-rekwiżiti tas-sistemi amministrattivi u ta' ġestjoni li għandhom jiġu segwiti mill-awtorità kompetenti responsabbli mill-implimentazzjoni u l-infurzar tat-Taqsima A ta' dan l-Anness.

CAMO.B.115 **Dokumentazzjoni tas-superviżjoni**

L-awtorità kompetenti għandha tipprovdi l-atti leġiżlattivi, l-istandards, ir-regoli, il-pubblikazzjonijiet tekniċi u d-dokumenti relatati kollha lill-persunal rilevanti sabiex dawn ikunu jistgħu jaqdu l-kompiti tagħhom u jwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom.

CAMO.B.120 **Mezzi ta' konformità**

(a) L-Aġenzija għandha tiżviluppa Mezzi Aċċettabbli ta' Konformità (AMC) li jistgħu jintużaw biex tiġi stabbilita l-konformità mar-Regolament (UE) 2018/1139 u mal-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu.

▼C2

(b) Mezzi alternattivi ta' konformità jistgħu jintużaw biex tiġi stabbilita l-konformità mar-Regolament (UE) 2018/1139 u mal-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu

(c) L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi sistema biex tevalwa b'mod konsistenti li l-mezzi alternattivi kollha ta' konformità użati minnha jew minn organizzazzjonijiet li jaqgħu taħt is-sorveljanza tagħha jippermettu li tiġi stabbilita l-konformità mar-Regolament (UE) 2018/1139 u mal-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu.

(d) L-awtorità kompetenti għandha tevalwa l-mezzi alternattivi ta' konformità kollha proposti minn organizzazzjoni skont il-punt CAMO.A.120, billi tanalizza d-dokumentazzjoni pprovduta u, jekk ikun meqjus neċessarju, billi tagħmel spezzjoni tal-organizzazzjoni.

Meta l-awtorità kompetenti ssib li l-mezzi alternattivi ta' konformità huma skont ir-Regolament (UE) 2018/1139 u l-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu, din għandha, mingħajr dewmien żejjed:

(1) tinnotifika lill-applikant li l-mezzi alternattivi ta' konformità jistgħu jiġu implimentati u, jekk ikun applikabbli, temenda l-approvazzjoni jew iċ-ċertifikat tal-applikant kif meħtieġ;

(2) tinnotifika lill-Aġenzija bil-kontenut tagħhom, u tinkludi kopji tad-dokumentazzjoni rilevanti kollha.

(e) Meta l-awtorità kompetenti stess tuża mezzi alternattivi ta' konformità biex tikseb konformità mar-Regolament (UE) 2018/1139 u mal-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu, din għandha:

(1) tagħmilhom disponibbli għall-organizzazzjonijiet u l-persuni kollha li jkunu taħt is-superviżjoni tagħha;

(2) tavża lill-Aġenzija b'dan mingħajr dewmien żejjed.

L-awtorità kompetenti għandha tipprovdi lill-Aġenzija b'deskrizzjoni sħiħa tal-mezzi alternattivi ta' konformità, inkluż bi kwalunkwe reviżjoni għall-proċeduri li jistgħu jkunu rilevanti, kif ukoll b'valutazzjoni li turi li dawn jikkonformaw mar-Regolament (UE) 2018/1139 u mal-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu.

CAMO.B.125 **Informazzjoni lill-Aġenzija**

(a) L-awtorità kompetenti għandha tavża lill-Aġenzija, mingħajr dewmien żejjed, f'każ ta' xi problema sinifikanti bl-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/1139 u tal-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu.

(b) L-awtorità kompetenti għandha tipprovdi lill-Aġenzija bl-informazzjoni sinifikanti għas-sikurezza li toħroġ mir-rapporti ta' okkorrenza li tkun irċeviet skont il-punt CAMO.A.160.

CAMO.B.135 **Reazzjoni immedjata għal problema ta' sikurezza**

(a) Mingħajr ħsara għar-Regolament (UE) Nru 376/2014 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1018 [1], l-awtorità kompetenti għandha timplimenta sistema biex tiġbor, tanalizza u xxerred informazzjoni ta' sikurezza b'mod xieraq.

[1] Ir-Regolament (UE) 2015/1018 tad-29 ta' Ġunju 2015 li jistabbilixxi lista ta' klassifikazzjoni tal-okkorrenzi fl-avjazzjoni ċivili li għandhom jiġu rapportati b'mod mandatorju skont ir-Regolament (UE) Nru 376/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 163, 30.6.2015, p. 1).

▼C2

(b) L-Aġenzija għandha timplimenta sistema biex tanalizza b'mod xieraq kwalunkwe informazzjoni rilevanti marbuta mas-sikurezza li din tkun irċeviet u biex tipprovdi lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, mingħajr dewmien żejjed, bi kwalunkwe informazzjoni, inklużi rakkomandazzjonijiet jew azzjonijiet korrettivi li jridu jittieħdu, li huma jkunu jeħtieġu biex jirreaġixxu fil-ħin għal problema tas-sikurezza li tkun tinvolvi prodotti, partijiet, apparat, persuni jew organizzazzjonijiet li huma soġġetti għar-Regolament (UE) 2018/1139 u għall-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu.

(c) Hekk kif tirċievi l-informazzjoni msemmija fil-punti (a) u (b), l-awtorità kompetenti għandha tieħu miżuri adegwati biex tindirizza l-problema tas-sikurezza.

(d) Il-miżuri meħuda skont il-punt (c) għandhom jiġu nnotifikati minnufih lill-persuni jew lill-organizzazzjonijiet kollha li jeħtieġ li jkunu konformi magħhom skont ir-Regolament (UE) Nru 2018/1139 u l-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu. L-awtorità kompetenti għandha tinnotifika wkoll dawk il-miżuri lill-Aġenzija u, meta tkun meħtieġa azzjoni kkombinata, lill-Istati Membri l-oħra kkonċernati.

CAMO.B.200 **Is-sistema ta' ġestjoni**

(a) L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi u tmantni sistema ta' ġestjoni, li tkun tinkludi mill-anqas:

(1) politiki u proċeduri ddokumentati biex jiddeskrivu l-organizzazzjoni tagħha, il-mezzi u l-metodi biex ikun hemm konformità mar-Regolament (UE) 2018/1139 u mal-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu. Il-proċeduri għandhom jinżammu aġġornati u għandhom iservu bħala d-dokumenti bażiċi ta' ħidma f'dik l-awtorità kompetenti għall-kompiti relatati kollha;

(2) numru suffiċjenti ta' persunal biex jaqdu l-kompiti tagħha u jwettqu r-responsabbiltajiet tagħha. Għandu jkun hemm sistema fis-seħħ biex tkun tista' tiġi ppjanata d-disponibbiltà tal-persunal, biex ikun żgurat it-twettiq xieraq tal-kompiti kollha;

(3) persunal kwalifikat biex iwettaq il-kompiti allokati lilu u jkollu l-għarfien u l-esperjenza meħtieġa, kif ukoll it-taħriġ inizjali u rikorrenti meħtieġ biex jiżgura kompetenza kontinwa;

(4) faċilitajiet u akkomodazzjoni tal-uffiċċju adegwati għat-twettiq tal-kompiti allokati;

(5) funzjoni għas-sorveljanza tal-konformità tas-sistema ta' ġestjoni mar-rekwiżiti rilevanti u l-adegwatezza tal-proċeduri, inkluż it-tfassil ta' proċess tal-awditjar intern u proċess ta' ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza. Il-monitoraġġ tal-konformità għandu jinkludi sistema ta' feedback tas-sejbiet tal-awditjar lill-maniġment superjuri tal-awtorità kompetenti biex jiżgura l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet korrettivi kif ikun il-bżonn;

(6) persuna jew grupp ta' persuni li jkunu responsabbli għall-funzjoni ta' monitoraġġ tal-konformità u li fl-aħħar mill-aħħar iwieġbu biss lill-maniġment superjuri tal-awtorità kompetenti b'rabta ma' dan.

(b) L-awtorità kompetenti għandha, għal kull qasam ta' attività, inkluża s-sistema ta' ġestjoni, taħtar persuna waħda jew iktar li tkun/ikunu responsabbli b'mod ġenerali għall-ġestjoni tal-kompitu(i) rilevanti.

▼C2

(c) L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi proċeduri għall-parteċipazzjoni fi skambju reċiproku tal-informazzjoni u l-għajnuna kollha meħtieġa ma' awtoritajiet kompetenti oħra kkonċernati, inkluż skambju dwar is-sejbiet kollha identifikati u l-azzjonijiet kollha ta' segwitu mwettqa bħala riżultat tas-sorveljanza ta' persuni u organizzazzjonijiet li jwettqu attivitajiet fit-territorju ta' Stat Membru, iżda li jkunu ċċertifikati mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor jew mill-Aġenzija.

(d) Kopja tal-proċeduri marbutin mas-sistema ta' ġestjoni u tal-emendi tagħhom għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Aġenzija għall-għanijiet tal-istandardizzazzjoni u tal-organizzazzjonijiet soġġetti għal dan ir-Regolament, jekk jintalab hekk.

CAMO.B.205 **Allokazzjoni tal-kompiti lil entitajiet ikkwalifikati**

(a) Il-kompiti marbutin maċ-ċertifikazzjoni inizjali jew mas-sorveljanza kontinwa tal-persuni jew tal-organizzazzjonijiet soġġetti għar-Regolament (UE) 2018/1139 u għall-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu jistgħu jiġu allokati mill-Istati Membri biss lil entitajiet ikkwalifikati. Meta talloka l-kompiti, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura:

(1) li tkun daħħlet fis-seħħ sistema biex tivverifika, fil-bidu u b'mod kontinwu, li l-entità kkwalifikata hi konformi mal-Anness VI “Rekwiżiti essenzjali għall-entitajiet ikkwalifikati” tar-Regolament (UE) 2018/1139. Din is-sistema u r-riżultati tal-valutazzjonijiet għandhom jiġu ddokumentati;

(2) li hi tkun stabbiliet ftehim iddokumentat mal-entità kkwalifikata, li jkun approvat miż-żewġ partijiet fil-livell maniġerjali xieraq, li jiddefinixxi b'mod ċar:

(i) il-kompiti li għandhom jitwettqu;

(ii) id-dikjarazzjonijiet, ir-rapporti u r-rekords li għandhom jiġu pprovduti;

(iii) il-kundizzjonijiet tekniċi li jridu jiġu ssodisfati fit-twettiq ta' dawn il-kompiti;

(iv) il-kopertura tar-responsabbiltà relatata;

(v) il-protezzjoni mogħtija lill-informazzjoni miksuba huma u jitwettqu t-tali kompiti.

(b) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-proċess ta' verifika interna u l-proċess ta' ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza, li huma meħtieġa mill-punt (a)(5) tal-punt CAMO.B.200 ikopru l-kompiti kollha ta' ċertifikazzjoni jew ta' sorveljanza kontinwa li jitwettqu f'isimha.

CAMO.B.210 **Bidliet fis-sistema ta' ġestjoni**

(a) L-awtorità kompetenti għandu jkollha sistema fis-seħħ sabiex tidentifika l-bidliet li jaffettwaw il-kapaċità tagħha li twettaq il-kompiti u r-responsabbiltajiet tagħha kif iddefinit fir-Regolament (UE) 2018/1139 u l-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu. Din is-sistema għandha tippermettilha tieħu azzjoni xierqa biex tiżgura li s-sistema ta' ġestjoni tagħha tibqa' adegwata u effettiva.

(b) L-awtorità kompetenti għandha taġġorna s-sistema ta' ġestjoni tagħha biex tirrifletti kwalunkwe bidla fir-Regolament (UE) 2018/1139 u fl-atti ta' implimentazzjoni tiegħu fil-ħin, biex tiżgura implimentazzjoni effettiva tagħhom.

▼C2

(c) L-awtorità kompetenti għandha tgħarraf lill-Aġenzija bi kwalunkwe tibdil li jaffettwa l-kapaċità tagħha li twettaq il-kompiti u r-responsabbiltajiet tagħha kif iddefinit fir-Regolament (UE) 2018/1139 u fl-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu.

CAMO.B.220 **Żamma tar-rekords**

(a) L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi sistema ta' żamma tar-rekords li tippermetti l-ħażna adegwata, l-aċċessibbiltà u t-traċċabbiltà affidabbli:

(1) tal-politiki u l-proċeduri ddokumentati tas-sistema ta' mmaniġġjar;

(2) tat-taħriġ, il-kwalifiki u l-awtorizzazzjoni tal-persunal tagħha;

(3) tal-allokazzjoni tal-kompiti, li tkopri l-elementi meħtieġa skont il-punt CAMO.B.205, kif ukoll id-dettalji tal-kompiti allokati;

(4) tal-proċessi ta' ċertifikazzjoni u tas-sorveljanza kontinwa tal-organizzazzjonijiet iċċertifikati, inklużi:

(i) l-applikazzjoni għal ċertifikat ta' organizzazzjoni;

(ii) il-programm ta' sorveljanza kontinwa tal-awtorità kompetenti, inklużi r-rekords kollha tal-valutazzjonijiet, tal-awditjar u tal-ispezzjonijiet;

(iii) iċ-ċertifikat ta' organizzazzjoni inkluż kwalunkwe tibdil li jsirlu;

(iv) kopja tal-programm ta' sorveljanza li jelenka d-dati meta jmisshom isiru l-verifiki u meta twettqu l-verifiki;

(v) kopji tal-korrispondenza formali kollha;

(vi) dettalji tas-sejbiet, tal-azzjonijiet korrettivi, tad-data tal-għeluq tal-azzjoni, ta' kwalunkwe azzjoni ta' eżenzjoni u ta' infurzar;

(vii) kwalunkwe rapport ta' valutazzjoni, tal-awditjar u ta' spezzjoni maħruġ minn awtorità kompetenti oħra skont il-punt (d) tal-punt CAMO.B.300;

(viii) kopji tas-CAMEs jew tal-manwali kollha tal-organizzazzjoni u tal-emendi għal dawn;

(ix) kopji ta' kull dokument ieħor approvat mill-awtorità kompetenti;

(5) l-evalwazzjoni u n-notifika lill-Aġenzija ta' mezzi alternattivi ta' konformità proposti minn organizzazzjonijiet u l-valutazzjoni tal-mezzi alternattivi ta' konformità użati mill-awtorità kompetenti nfisha;

(6) informazzjoni dwar is-sikurezza u miżuri ta' segwitu skont il-punt CAMO.B.125;

(7) l-użu tad-dispożizzjonijiet dwar il-flessibbiltà skont ir-Regolament (UE) 2018/1139 u l-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu.

▼C2

(b) L-awtorità kompetenti għandha żżomm lista taċ-ċertifikati kollha tal-organizzazzjonijiet li tkun ħarġet.

(c) Ir-rekords kollha msemmija fil-punti (a) u (b) għandhom jinżammu għal perjodu minimu ta' 5 snin soġġett għal-liġi nazzjonali applikabbli dwar il-protezzjoni tad-*data*.

(d) Ir-rekords kollha msemmija fil-punti (a) u (b) għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni fuq talba lil awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor jew lill-Aġenzija.

CAMO.B.300 **Prinċipji ta' superviżjoni**

(a) L-awtorità kompetenti għandha tivverifika:

(1) il-konformità tal-organizzazzjonijiet mar-rekwiżiti applikabbli għalihom qabel ma toħroġ ċertifikat tal-organizzazzjoni, skont kif applikabbli;

(2) il-konformità kontinwa tal-organizzazzjonijiet li tkun iċċertifikat mar-rekwiżiti applikabbli għalihom;

(3) l-implimentazzjoni tal-miżuri tas-sikurezza xierqa awtorizzati mill-awtorità kompetenti kif iddefinit fil-punti (c) u (d) tal-punt CAMO.B.135.

(b) Din il-verifika għandha:

(1) tkun appoġġata minn dokumentazzjoni li tkun maħsuba speċifikament biex tipprovdi lill-persunal responsabbli għas-sorveljanza tas-sikurezza bi gwida dwar kif għandu jwettaq il-funzjonijiet tiegħu;

(2) tipprovdi lill-organizzazzjonijiet ikkonċernati bir-riżultati tal-attività tas-sorveljanza tas-sikurezza;

(3) tkun ibbażata fuq valutazzjonijiet, awditi u spezzjonijiet, inklużi spezzjonijiet mhux imħabbra;

(4) tipprovdi lill-awtorità kompetenti bl-evidenza meħtieġa f'każ li tkun meħtieġa aktar azzjoni, inklużi l-miżuri previsti fil-punt CAMO.B.350 "Sejbiet u azzjonijiet korrettivi".

(c) Il-kamp ta' applikazzjoni tas-sorveljanza ddefinita fil-punti (a) u (b) għandu jqis ir-riżultati tal-attivitajiet tas-sorveljanza tal-imgħoddi, kif ukoll il-prijoritajiet tas-sikurezza.

(d) Meta l-faċilitajiet tal-organizzazzjoni jkunu jinsabu f'aktar minn Stat wieħed, l-awtorità kompetenti kif definita fil-punt CAMO.A.105 tista' taqbel li l-kompiti ta' sorveljanza jitwettqu mill-awtorità(jiet) kompetenti tal-Istat(i) Membru fejn jinsabu l-faċilitajiet, jew mill-Aġenzija għall-faċilitajiet li jinsabu f'pajjiż terz. Kwalunkwe organizzazzjoni li tkun ikkonċernata minn ftehim bħal dan għandha tiġi infurmata dwar l-eżistenza u l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu.

(e) Għas-sorveljanza mwettqa f'faċilitajiet li jinsabu fi Stat ieħor, l-awtorità kompetenti kif definita fil-punt CAMO.A.105 għandha tinforma lill-awtorità kompetenti dwar it-tali Stat, jew l-Aġenzija għall-faċilitajiet tal-organizzazzjonijiet li jkollhom is-sede prinċipali f'pajjiż terz, qabel ma jitwettqu awditu jew spezzjoni fuq il-post tat-tali faċilitajiet.

(f) L-awtorità kompetenti għandha tiġbor u tipproċessa kwalunkwe informazzjoni meqjusa bħala utli għas-sorveljanza, inkluża dik għall-ispezzjonijiet mhux imħabbra.

▼M13

(g) Meta jiġi konkluż kuntratt f'konformità mal-punt M.A.201(ea) tal-Anness I (Parti-M), l-awtorità kompetenti responsabbli għas-sorveljanza tas-CAMO u l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-sorveljanza tal-operaturi kkonċernati għandhom jikkooperaw biex jiżguraw l-iskambju ta' informazzjoni li tkun rilevanti għat-twettiq tal-kompiti tagħhom. Din il-kooperazzjoni għandha tinkludi l-iskambju ta' informazzjoni dwar ir-riżultati tal-attivitajiet ta' sorveljanza mwettqa minn dawk l-awtoritajiet kompetenti u tista' tinkludi t-twettiq ta' kompiti ta' sorveljanza fuq is-CAMO mill-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-operaturi.

▼C2

CAMO.B.305 **Programm ta' superviżjoni**

(a) L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi u żżomm programm ta' superviżjoni li jkopri l-attivitajiet ta' superviżjoni meħtieġa skont il-punt CAMO.B.300.

(b) Il-programm ta' superviżjoni għandu jiġi żviluppat billi jitqiesu n-natura speċifika tal-organizzazzjoni, il-kumplessità tal-attivitajiet tagħha u r-riżultati ta' attivitajiet ta' ċertifikazzjoni u/jew superviżjoni fil-passat, u għandu jissejjes fuq il-valutazzjoni tar-riskji assoċjati. F'kull ċiklu ta' ppjanar tas-sorveljanza, dan għandu jinkludi:

(1) valutazzjonijiet, awditi u spezzjonijiet, inklużi spezzjonijiet mhux imħabbra u, kif applikabbli:

(i) valutazzjonijiet tas-sistemi ta' ġestjoni u awditi tal-proċessi;

(ii) awditi tal-prodotti ta' kampjun rilevanti ta' inġenji tal-ajru ġestiti mill-organizzazzjoni;

(iii) kampjunar tar-reviżjonijiet tal-ajrunavigabbiltà mwettqa;

(iv) kampjunar tal-permessi għat-titjir maħruġa;

(2) laqgħat bejn il-maniġer responsabbli u l-awtorità kompetenti biex ikun żgurat li t-tnejn li huma jibqgħu jkunu infurmati dwar kwistjonijiet sinifikanti.

(c) Għall-organizzazzjonijiet iċċertifikati mill-awtorità kompetenti, għandu jiġi applikat ċiklu ta' ppjanar tas-sorveljanza li ma jaqbiżx l-24 xahar.

(d) Minkejja l-punt (c), iċ-ċiklu ta' ppjanar tas-sorveljanza jista' jiġi estiż sa 36 xahar, jekk l-awtorità kompetenti tkun stabbiliet li matul l-24 xahar ta' qabel:

(1) l-organizzazzjoni tkun uriet identifikazzjoni effettiva tal-perikli tas-sikurezza tal-avjazzjoni u ġestjoni tar-riskji assoċjati;

(2) l-organizzazzjoni tkun uriet, b'mod kontinwu, skont il-punt CAMO.A.130, li hija għandha kontroll sħiħ fuq il-bidliet kollha;

(3) ma tkun inħarġet ebda sejba tal-livell 1;

(4) l-azzjonijiet korrettivi kollha ġew implimentati fi ħdan il-perjodu ta' żmien aċċettat jew estiż mill-awtorità kompetenti kif definit fil-punt CAMO.B.350.

Minkejja l-punt (c), iċ-ċiklu ta' ppjanar għas-superviżjoni jista' jerġa' jiġi estiż sa massimu ta' 48 xahar jekk, flimkien mal-kundizzjonijiet previsti fil-punti (1) sa (4) tal-ewwel subparagrafu, l-organizzazzjoni tkun stabbiliet, u l-awtorità kompetenti tkun approvat, sistema effettiva ta' rapportar kontinwu lill-awtorità kompetenti dwar il-prestazzjoni tas-sikurezza u l-konformità regolatorja tal-organizzazzjoni nfisha.

(e) Iċ-ċiklu ta' ppjanar tas-sorveljanza jista' jitqassar jekk ikun hemm evidenza li l-prestazzjoni tas-sikurezza tal-organizzazzjoni tkun naqset.

▼C2

(f) Il-programm ta' sorveljanza għandu jinkludi rekords tad-dati meta jmisshom isiru l-awditi, l-ispezzjonijiet u l-laqgħat u tad-dati meta jkunu saru t-tali verifiki, spezzjonijiet u laqgħat.

(g) Malli jitlesta kull ċiklu ta' ppjanar ta' sorveljanza, l-awtorità kompetenti għandha toħroġ rapport ta' rakkomandazzjoni dwar it-tkomplija tal-approvazzjoni li jirrifletti r-riżultati tas-sorveljanza.

CAMO.B.310 **Proċedura ta' ċertifikazzjoni inizjali**

(a) Meta tirċievi applikazzjoni għall-ħruġ inizjali ta' ċertifikat għal organizzazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tivverifika l-konformità tal-organizzazzjoni mar-rekwiżiti applikabbli.

(b) Laqgħa mal-maniġer responsabbli tal-organizzazzjoni għandha ssir tal-anqas darba matul l-investigazzjoni għaċ-ċertifikazzjoni inizjali biex jiġi żgurat li dan jifhem bis-sħiħ is-sinifikat tal-proċess ta' ċertifikazzjoni u r-raġuni għall-iffirmar tad-dikjarazzjoni tal-organizzazzjoni biex tinżamm konformità mal-proċeduri speċifikati fis-CAME.

(c) L-awtorità kompetenti għandha tirreġistra s-sejbiet, l-azzjonijiet ta' għeluq (azzjonijiet meħtieġa biex tingħalaq sejba) u r-rakkomandazzjonijiet kollha.

(d) L-awtorità kompetenti għandha tikkonferma bil-miktub is-sejbiet kollha mqajma matul il-verifika mal-organizzazzjoni. Għaċ-ċertifikazzjoni inizjali, is-sejbiet kollha jridu jkunu ġew ikkoreġuti b'mod li jissodisfa lill-awtorità kompetenti qabel ma jkun jista' jinħareġ iċ-ċertifikat.

(e) Meta tkun sodisfatta li l-organizzazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli, l-awtorità kompetenti għandha:

   (1) toħroġ iċ-ċertifikat kif stabbilit fl-Appendiċi I “Formola 14 tal-EASA” għal dan l-Anness;

   (2) tapprova s-CAME b'mod formali.

(f) In-numru ta' referenza taċ-ċertifikat għandu jiġi inkluż fiċ-ċertifikat tal-Formola 14 tal-EASA bil-mod speċifikat mill-Aġenzija.

(g) Iċ-ċertifikat għandu jinħareġ għal perjodu mhux limitat. Il-privileġġi, l-ambitu tal-attivitajiet li l-organizzazzjoni tkun approvata twettaq, inkluża kwalunkwe limitazzjonijiet skont kif applikabbli, għandhom jiġu speċifikati fit-termini tal-approvazzjoni mehmużin maċ-ċertifikat.

(h) Biex l-organizzazzjoni tkun tista' timplimenta bidliet mingħajr approvazzjoni minn qabel tal-awtorità kompetenti skont il-punt (c) tal-punt CAMO.A.130, l-awtorità kompetenti għandha tapprova l-proċedura rilevanti tas-CAME li tiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tat-tali bidliet u tiddeskrivi kif dawn se jiġu ġestiti u nnotifikati.

CAMO.B.330 **Tibdiliet**

(a) Meta tirċievi applikazzjoni għal bidla li tkun teħtieġ approvazzjoni minn qabel, l-awtorità kompetenti għandha tivverifika l-konformità tal-organizzazzjoni mar-rekwiżiti applikabbli qabel ma toħroġ l-approvazzjoni.

▼C2

(b) L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li bihom l-organizzazzjoni tista' tiffunzjona matul it-tibdil, sakemm ma tistabbilixxix li ċ-ċertifikat tal-organizzazzjoni jeħtieġ li jiġi sospiż.

(c) Meta tkun issodisfata li l-organizzazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli, l-awtorità kompetenti għandha tapprova t-tibdil.

(d) Mingħajr ħsara għal kwalunkwe miżura oħra ta' infurzar, meta l-organizzazzjoni timplimenta tibdiliet li jeħtieġu approvazzjoni minn qabel mingħajr ma tkun irċeviet l-approvazzjoni tal-awtorità kompetenti skont il-punt (c), l-awtorità kompetenti għandha tissospendi, tillimita jew tirrevoka ċ-ċertifikat tal-organizzazzjoni.

(e) Għal tibdiliet li ma jkunux jeħtieġu approvazzjoni minn qabel, l-awtorità kompetenti għandha tivvaluta l-informazzjoni pprovduta fin-notifika mibgħuta mill-organizzazzjoni skont il-punt (c) tal-punt CAMO.A.130 biex tivverifika l-konformità mar-rekwiżiti applikabbli. F'każ li jkun hemm xi nuqqas ta' konformità, l-awtorità kompetenti għandha:

(1) tinnotifika lill-organizzazzjoni dwar in-nuqqas ta' konformità u titlob li jsiru aktar tibdiliet;

(2) fil-każ ta' sejbiet tal-livell 1 jew 2, taġixxi skont il-punt CAMO.B.350.

CAMO.B.350 **Sejbiet u azzjonijiet korrettivi**

(a) L-awtorità kompetenti għandu jkollha sistema biex tanalizza s-sejbiet fir-rigward tas-sinifikat tas-sikurezza tagħhom.

(b) L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi sejba tal-livell 1 meta jiġi identifikat kwalunkwe nuqqas sinifikanti ta' konformità mar-rekwiżiti applikabbli tar-Regolament (UE) 2018/1139 u mal-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu, mal-proċeduri u l-manwali tal-organizzazzjoni jew mat-termini tal-approvazzjoni jew taċ-ċertifikat li jbaxxu l-livell ta' sikurezza jew li jipperikolaw b'mod serju s-sikurezza tat-titjira.

Is-sejbiet tal-livell 1 għandhom jinkludu:

(1) in-nuqqas ta' għoti ta' aċċess lill-awtorità kompetenti għall-faċilitajiet tal-organizzazzjoni kif iddefinit fil-punt CAMO.A.140 matul il-ħinijiet normali tax-xogħol u wara żewġ talbiet bil-miktub;

(2) il-kisba jew iż-żamma tal-validità taċ-ċertifikat tal-organizzazzjoni permezz tal-falsifikazzjoni tal-evidenza dokumentata ppreżentata;

(3) evidenza ta' prattika ħażina jew ta' użu qarrieqi taċ-ċertifikat tal-organizzazzjoni;

(4) in-nuqqas ta' maniġer responsabbli.

(c) L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi sejba tal-livell 2 meta jiġi identifikat kwalunkwe nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti applikabbli tar-Regolament (UE) 2018/1139 u mar-Regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu, mal-proċeduri u l-manwali tal-organizzazzjoni jew mat-termini tal-approvazzjoni jew taċ-ċertifikat li jistgħu jbaxxu l-livell ta' sikurezza jew jipperikolaw is-sikurezza tat-titjira.

▼C2

(d) Meta tiġi stabbilita sejba waqt is-sorveljanza jew permezz ta' mezzi oħrajn, l-awtorità kompetenti għandha, mingħajr ħsara għal kwalunkwe azzjoni oħra meħtieġa skont ir-Regolament (UE) 2018/1139 u l-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu, tikkomunika s-sejba lill-organizzazzjoni bil-miktub u titlob għal azzjoni korrettiva biex jiġi/jiġu indirizzat(i) in-nuqqas(ijiet) ta' konformità identifikat(i). Meta sejba tkun direttament relatata ma' inġenju tal-ajru, l-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-Istat li fih ikun reġistrat l-inġenju tal-ajru.

(1) Fil-każ ta' sejbiet tal-livell 1, l-awtorità kompetenti għandha tieħu azzjoni immedjata u xierqa biex twaqqaf jew tillimita l-attivitajiet u, jekk ikun xieraq, għandha tieħu azzjoni biex tirrevoka ċ-ċertifikat jew biex tillimitahom jew tissospendihom kompletament jew parzjalment, skont l-estent tas-sejba tal-livell 1, sa ma l-organizzazzjoni tieħu azzjoni korrettiva b'suċċess.

(2) Fil-każ ta' sejbiet tal-livell 2, l-awtorità kompetenti għandha:

(i) tagħti lill-organizzazzjoni perjodu ta' implimentazzjoni għal azzjoni korrettiva li jkun xieraq għan-natura tas-sejba li, fi kwalunkwe każ, fil-bidu m'għandux ikun iżjed minn 3 xhur. Dan għandu jibda mid-data tal-komunikazzjoni bil-miktub tas-sejba lill-organizzazzjoni, li titlob azzjoni korrettiva għall-indirizzar tan-nuqqas ta' konformità identifikat. Fi tmiem dak il-perjodu, u skont in-natura tas-sejba u l-prestazzjoni tas-sikurezza tal-organizzazzjoni fil-passat, l-awtorità kompetenti tista' testendi l-perjodu ta' 3 xhur soġġett għal pjan ta' azzjoni korrettiva sodisfaċenti miftiehem mal-awtorità kompetenti;

(ii) tivvaluta l-azzjoni korrettiva u l-pjan ta' implimentazzjoni proposti mill-organizzazzjoni u, jekk il-valutazzjoni tikkonkludi li dawn ikunu biżżejjed biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' konformità, din għandha taċċettahom.

(3) Meta organizzazzjoni tonqos milli tissottometti pjan aċċettabbli ta' azzjoni korrettiva, jew milli twettaq l-azzjoni korrettiva fil-perjodu taż-żmien aċċettat jew estiż mill-awtorità kompetenti, is-sejba għandha tittella' għal waħda tal-livell 1 u għandha tittieħed azzjoni skont kif stabbilit fil-punt (d)(1).

(4) L-awtorità kompetenti għandha tirreġistra s-sejbiet kollha li tkun stabbiliet jew li jkunu ġew ikkomunikati lilha skont il-punt (e) u, fejn ikun japplika, il-miżuri ta' infurzar li tkun applikat, kif ukoll l-azzjonijiet korrettivi kollha u d-data tal-għeluq tal-azzjoni għas-sejbiet.

(e) Mingħajr ħsara għal kwalunkwe miżura ta' infurzar oħra, meta l-awtorità ta' Stat Membru li tkun qed taġixxi skont id-dispożizzjonijiet tal-punt (d) tal-punt CAMO.B.300 tidentifika kwalunkwe nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti applikabbli tar-Regolament (UE) 2018/1139 u mal-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu min-naħa ta' organizzazzjoni ċċertifikata mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor jew mill-Aġenzija, din għandha tinforma lil dik l-awtorità kompetenti u tagħtiha indikazzjoni dwar il-livell tas-sejba.

CAMO.B.355 **Sospensjoni, limitazzjoni u revoka**

L-awtorità kompetenti għandha:

(a) tissospendi ċertifikat għal raġunijiet validi fil-każ ta' theddida potenzjali għas-sikurezza;

▼**C2**

(b) tissospendi, tirrevoka jew tillimita ċertifikat skont il-punt CAMO.B.350;

(c) tissospendi ċertifikat f'każ li l-ispetturi tal-awtorità kompetenti ma jkunux jistgħu jirrilaxxaw, tul perjodu ta' 24 xahar, ir-responsabbiltajiet ta' sorveljanza tagħhom permezz tal-awditu/i fuq il-post minħabba s-sitwazzjoni tas-sigurtà fl-Istat fejn jinsabu l-faċilitajiet.

▼M13

*Appendiċi I*

**Ċertifikat tal-Organizzazzjoni ta' Ġestjoni tal-Kontinwità tal-Ajrunavigabbiltà — Formola 14 tal-EASA**

[STAT MEMBRU (*)]

Stat Membru tal-Unjoni Ewropea (**)

ORGANIZZAZZJONI TAL-ĠESTJONI TAL-KONTINWITÀ TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ

Referenza: [IL-KODIĊI TAL-ISTAT MEMBRU *].CAMO.XXXX

(Referenza/i: inkludi hawnhekk l-approvazzjoni(jiet) tal-AOC AOC XX.XXXX)

Skont ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014 u soġġetta għall-kundizzjonijiet speċifikati hawn taħt, l-[AWTORITÀ KOMPETENTI TAL-ISTAT MEMBRU (*)] b'dan tiċċertifika:

[L-ISEM U L-INDIRIZZ TAL-KUMPANIJA]

bħala organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà f'konformità mat-Taqsima A tal-Anness Vc (Parti-CAMO) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014.

KUNDIZZJONIJIET:

1. Dan iċ-ċertifikat hu limitat għal dak l-ambitu speċifikat fit-taqsima tal-ambitu tax-xogħol tal-espożizzjoni ta' ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà (CAME) approvata kif imsemmi fit-Taqsima A tal-Anness Vc (Parti-CAMO) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014.
2. Dan iċ-ċertifikat jeħtieġ konformità mal-proċeduri speċifikati fis-CAME approvata f'konformità mal-Anness Vc (Parti-CAMO) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014.
3. Dan iċ-ċertifikat ikun validu filwaqt li l-organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà approvata tibqa' konformi mal-Anness I (Parti-M), mal-Anness Vb (Parti-ML) u mal-Anness Vc (Parti-CAMO) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014.
4. Fejn l-organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà approvata tagħti b'sottokuntratt skont is-sistema ta' ġestjoni tagħha s-servizz ta' (diversi) organizzazzjoni(jiet), dan iċ-ċertifikat jibqa' validu bil-kundizzjoni li din/dawn l-organizzazzjoni(jiet) tissodisfa/jissodisfaw l-obbligi kuntrattwali applikabbli.
5. Soġġett għall-konformità mal-kundizzjonijiet 1 sa 4 ta' hawn fuq, dan iċ-ċertifikat għandu jibqa' validu għal perjodu mingħajr limitu sakemm iċ-ċertifikat ma jkunx preċedentement ġie ngħata lura, issostitwit, sospiż jew irrevokat.

Jekk din il-formola tintuża wkoll għad-detenturi ta' ċertifikat tal-operatur tal-ajru (AOC) (operaturi tal-ajru li ngħataw liċenzja f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1008/2008), in-numru AOC, jew b'mod konformi mal-punt M.A.201(ea) tal-Anness I (il-Parti-M) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014, in-numri AOC, għandhom jiżdiedu mar-referenza, b'mod supplimentari għan-numru standard, u l-kundizzjoni 5 għandha tiġi ssostitwita bil-kundizzjonijiet addizzjonali li ġejjin:

6. Dan iċ-ċertifikat ma jikkostitwixxix awtorizzazzjoni għat-tħaddim tat-tipi ta' inġenji tal-ajru msemmija fil-kundizzjoni 1. L-awtorizzazzjoni biex jitħaddmu l-inġenji tal-ajru hija l-AOC.
7. It-terminazzjoni, is-sospensjoni jew ir-revoka tal-AOC ta' trasportatur tal-ajru liċenzjat f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 awtomatikament jinvalida ċ-ċertifikat preżenti fir-rigward tar-reġistrazzjonijiet tal-inġenji tal-ajru speċifikati fl-AOC ħlief meta s-CAMO tkun ikkuntrattata f'konformità mal-punt M.A.201(ea) tal-Anness I (Parti-M) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014, sakemm ma jkunx iddikjarat espliċitament mod ieħor mill-awtorità kompetenti.
8. Soġġett għall-konformità mal-kundizzjonijiet preċedenti, dan iċ-ċertifikat għandu jibqa' validu għal żmien mhux limitat sakemm iċ-ċertifikat ma jkunx preċedentement ngħata lura, sostitwit, sospiż jew revokat.

Data tal-ħruġ oriġinali: ...........................................................

Iffirmat: ...........................................................

Data ta' din ir-reviżjoni: .............................................. Nru tar-reviżjoni: ..............................................

Għall-awtorità kompetenti: [AWTORITÀ KOMPETENTI TAL-ISTAT MEMBRU (*)]

Paġna ............................................ minn ............................................

▼M13

Paġna 2 minn 2

**TERMINI TAL-APPROVAZZJONI**

**TAL-ORGANIZZAZZJONIJIET TAL-ĠESTJONI TAL-KONTINWITÀ TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ**

Referenza: [IL-KODIĊI TAL-ISTAT MEMBRU *].CAMO.XXXX

(Referenza/i tal-AOC XX.XXXX)

Organizzazzjoni: [L-ISEM U L-INDIRIZZ TAL-KUMPANIJA]

| Tip/serje/grupp tal-inġenju tal-ajru | Rieżami tal-ajrunavigabbiltà awtorizzata | Permessi awtorizzati għat-titjir | Organizzazzjonijiet mogħtija sottokuntratt |
|---|---|---|---|
| | [IVA/LE]<br>*** | [IVA/LE]<br>*** | |
| | [IVA/LE]<br>*** | [IVA/LE]<br>*** | |
| | [IVA/LE]<br>*** | [IVA/LE]<br>*** | |
| | [IVA/LE]<br>*** | [IVA/LE]<br>*** | |

It-termini tal-approvazzjoni huma limitati għall-ambitu tax-xogħol li jinsab fit-taqsima tas-CAME approvata.............

Referenza tas-CAME: ..........

Data tal-ħruġ oriġinali: ..........

Iffirmat: ..........

Data ta' din ir-reviżjoni: .......... Nru tar-reviżjoni: ..........

Għall-Awtorità Kompetenti: [AWTORITÀ KOMPETENTI TAL-ISTAT MEMBRU (*)]

**Formola 14 tal-EASA Ħarġa 6**

(*) jew l-EASA, jekk l-EASA hi l-awtorità kompetenti

(**) ħassar għal Stat Membru mhux tal-UE jew għall-EASA.

(***) ħassar kif jixraq jekk l-organizzazzjoni mhijiex approvata.

▼C2

*ANNESS Vd*

**(Parti-CAO)**

WERREJ

CAO.1 Ġenerali

TAQSIMA A — REKWIŻITI TAL-ORGANIZZAZZJONI

CAO.A.010 Kamp ta' applikazzjoni

CAO.A.015 Applikazzjoni

CAO.A.017 Mezzi ta' konformità

CAO.A.020 Termini tal-approvazzjoni

CAO.A.025 Espożizzjoni tal-ajrunavigabbiltà kombinata

CAO.A.030 Faċilitajiet

CAO.A.035 Rekwiżiti tal-persunal

CAO.A.040 Persunal taċ-ċertifikazzjoni

CAO.A.045 Persunal tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà

CAO.A.050 Komponenti, tagħmir u għodod

CAO.A.055 *Data* tal-manutenzjoni u ordnijiet ta' xogħol

CAO.A.060 Standards tal-manutenzjoni

CAO.A.065 Ċertifikat tar-rilaxx għas-servizz għall-inġenji tal-ajru

CAO.A.070 Ċertifikat tar-rilaxx għas-servizz għall-komponenti

CAO.A.075 Ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà

CAO.A.080 *Data* dwar il-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà

CAO.A.085 Reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà

CAO.A.090 Żamma tar-rekords

CAO.A.095 Privileġġi tal-organizzazzjoni

CAO.A.100 Reviżjoni tas-sistema tal-kwalità u organizzazzjonali

CAO.A.105 Tibdiliet fl-organizzazzjoni

CAO.A.110 Validità kontinwa

CAO.A.115 Sejbiet

TAQSIMA B — REKWIŻITI TAL-AWTORITÀ

CAO.B.010 Kamp ta' applikazzjoni

▼M8

__________

▼C2

CAO.B.017 Mezzi ta' konformità

CAO.B.020 Żamma tar-rekords

CAO.B.025 Skambju reċiproku ta' informazzjoni

CAO.B.030 Responsabbiltajiet

CAO.B.035 Eżenzjonijiet

CAO.B.040 Applikazzjoni

CAO.B.045 ►M8 Proċedura taċ-ċertifikazzjoni inizjali ◄

CAO.B.050 ►M8 Ħruġ taċ-ċertifikat inizjali ◄

CAO.B.055 Superviżjoni kontinwa

CAO.B.060 Sejbiet

CAO.B.065 Tibdiliet

CAO.B.070 Sospensjoni, limitazzjoni u revoka

Appendiċi I — ►M8 Ċertifikat tal-organizzazzjoni tal-ajrunavigabbiltà kombinata (CAO) – Formola 3-CAO tal-EASO ◄

▼C2

CAO.1 **Ġenerali**

Għall-finijiet ta' dan l-Anness (Parti-CAO):

(1) l-awtorità kompetenti għandha tkun:

(a) għal organizzazzjonijiet li s-sede prinċipali tagħhom tinsab fi Stat Membru, l-awtorità maħtura mill-istess Stat Membru;

(b) għal organizzazzjonijiet li s-sede prinċipali tagħhom tinsab f'pajjiż terz, l-Aġenzija.

(2) "sid" tfisser il-persuna responsabbli għall-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru, li tinkludi l-persuni li ġejjin:

(i) is-sid reġistrat tal-inġenju tal-ajru;

(ii) il-lokatarju fil-każ ta' kuntratt ta' lokazzjoni;

(iii) l-operatur.

*TAQSIMA A*

**REKWIŻITI TAL-ORGANIZZAZZJONI**

CAO.A.010 **Kamp ta' applikazzjoni**

Dan l-Anness jistabbilixxi r-rekwiżiti li għandhom jiġu ssodisfati minn organizzazzjoni tal-ajrunavigabbiltà kombinata (CAO) biex tinħareġ, wara applikazzjoni, approvazzjoni għall-manutenzjoni u għall-kontinwità tal-ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà ta' inġenji tal-ajru u ta' komponenti għall-installazzjoni fuqhom, u biex ikomplu jitwettqu dawk l-attivitajiet, fejn it-tali inġenji tal-ajru ma jkunux klassifikati bħala inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-magni u ma jkunux elenkati fiċ-ċertifikat ta' operatur tal-ajru ta' operatur tal-ajru li ngħata l-liċenzja skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008.

CAO.A.015 **Applikazzjoni**

Is-CAOs għandhom japplikaw għall-ħruġ ta' approvazzjoni tas-CAO, jew għat-tibdil ta' din, mal-awtorità kompetenti f'forma u b'mod stabbiliti minn dik l-awtorità.

CAO.A.017 **Mezzi ta' konformità**

▼M8

(a) Mezzi ta' konformità alternattivi għall-mezzi aċċettabbli ta' konformità adottati mill-Aġenzija jistgħu jintużaw minn organizzazzjoni biex turi l-konformità mar-Regolament (UE) 2018/1139 u mal-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu.

▼C2

(b) Fejn organizzazzjoni tkun tixtieq tuża mezzi alternattivi ta' konformità, qabel ma tużahom, għandha tipprovdi lill-awtorità kompetenti b'deskrizzjoni sħiħa ta' dawk il-mezzi alternattivi ta' konformità. Dik id-deskrizzjoni għandha tinkludi valutazzjoni li turi l-konformità tal-mezzi alternattivi ta' konformità mar-Regolament (UE) 2018/1139 u mal-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu.

L-organizzazzjoni tista' tuża dawk il-mezzi alternattivi ta' konformità soġġett għall-approvazzjoni minn qabel mill-awtorità kompetenti, u meta din tirċievi n-notifika kif previst fil-punt CAO.B.017.

CAO.A.020 **Termini tal-approvazzjoni**

(a) Is-CAO għandha tispeċifika l-ambitu tal-ħidma approvat fl-espożizzjoni tal-ajrunavigabbiltà kombinata (CAE) tagħha, kif previst fil-punt CAO.A.025.

▼**C2**

(1) Għal ajruplani b'massa massima waqt it-tlugħ (MTOM) ta' 2 730 kg u għal ħelikopters b'MTOM ta' aktar minn 1 200 kg jew iċċertifikati għal aktar minn 4 okkupanti, l-ambitu tax-xogħol għandu jindika t-tipi ta' inġenji tal-ajru partikolari. Tibdiliet f'dan l-ambitu tax-xogħol għandhom jiġu approvati mill-awtorità kompetenti skont il-punt (a) tal-punt CAO.A.105 u l-punt (a) tal-punt CAO.B.065.

(2) Għal magni bit-turbini kompluti, l-ambitu tax-xogħol għandu jindika l-manifattur jew il-grupp jew is-sensiela jew it-tip tal-magna jew il-kompitu/i ta' manutenzjoni. Tibdiliet f'dan l-ambitu tax-xogħol għandhom jiġu approvati mill-awtorità kompetenti skont il-punt (a) tal-punt CAO.A.105 u l-punt (a) tal-punt CAO.B.065.

(3) CAO li tħaddem biss persuna waħda kemm għall-ippjanar kif ukoll għat-twettiq tal-kompiti ta' manutenzjoni kollha ma jistax ikollha privileġġi għall-manutenzjoni ta':

a) ajruplani mgħammra b'magna bit-turbini (fil-każ ta' organizzazzjonijiet klassifikati għall-inġenji tal-ajru);

b) ħelikopters mgħammra b'magna bit-turbini jew b'aktar minn magna bil-pistuni waħda (fil-każ ta' organizzazzjonijiet klassifikati għall-inġenji tal-ajru);

c) magni kompluti bil-pistuni ta' 450 HP u aktar (fil-każ ta' organizzazzjonijiet klassifikati għall-magni); u

d) magni bit-turbini kompluti (fil-każ ta' organizzazzjonijiet klassifikati għall-magni).

(4) Għal inġenji tal-ajru li mhumiex dawk imsemmija fil-punt (1), għal komponenti differenti minn magni bit-turbini kompluti u għal servizzi speċjalizzati b'test mhux distruttiv (NDT), l-ambitu tax-xogħol għandu jkun ikkontrollat mis-CAO skont il-proċedura stabbilita fil-punt (a)(11) tal-punt CAO.A.025. Għall-manutenzjoni ta' komponenti differenti minn magni kompluti, l-ambitu tax-xogħol għandu jiġi kklassifikat skont il-klassifikazzjonijiet li ġejjin tas-sistemi:

(i) C1: kundizzjonament u pressurizzazzjoni tal-arja;

(ii) C2: pilota awtomatiku;

(iii) C3: komunikazzjonijiet u navigazzjoni;

(iv) C4: bibien u sportelli;

(v) C5: enerġija elettrika u dwal;

(vi) C6: tagħmir;

(vii) C7: magna;

(viii) C8: kontrolli tat-titjira;

(ix) C9: fjuwil;

(x) C10: ħelikopter u rotors;

(xi) C11: trażmissjoni tal-ħelikopter;

(xii) C12: enerġija idrawlika;

(xiii) C13: sistema ta' indikazzjoni u ta' reġistrazzjoni;

(xiv) C14: attrezzatura għall-inżul;

▼C2

(xv) C15: ossiġenu;

(xvi) C16: skrejjen;

(xvii) C17: sistemi pnewmatiċi u tal-vakwu;

(xviii) C18: protezzjoni kontra silġ/xita/nirien;

(xix) C19: twieqi;

(xx) C20: strutturali;

(xxi) C21: saborra tal-ilma; u

(xxii) C22: żieda fil-propulsjoni.

Organizzazzjonijiet li jiksbu approvazzjoni skont dan l-Anness fuq il-bażi ta' approvazzjoni ta' organizzazzjoni eżistenti maħruġa skont is-Sottoparti G jew is-Sottoparti F tal-Anness I (Parti-M) jew l-Anness II (Parti-145) skont il-paragrafu 4 tal-Artikolu 4, għandhom jinkludu fl-ambitu tax-xogħol id-dettalji neċessarji kollha biex jiżguraw li l-privileġġi jkunu l-istess bħal dawk inklużi fl-approvazzjoni eżistenti.

(b) L-approvazzjoni tas-CAO għandha tinħareġ fuq il-bażi tal-mudell stabbilit fl-Appendiċi I għal dan l-Anness.

(c) CAO tista' tiffabbrika, f'konformità mad-*data* tal-manutenzjoni, firxa ristretta ta' partijiet għall-użu matul it-twettiq tal-ħidma fi ħdan il-faċilitajiet tagħha stess, kif indikat fis-CAE tagħha.

CAO.A.025 **Espożizzjoni tal-ajrunavigabbiltà kombinata**

(a) Is-CAO għandha tipprovdi manwal li jkun fih tal-anqas l-informazzjoni li ġejja:

(1) dikjarazzjoni ffirmata mill-maniġer responsabbli li tikkonferma li l-organizzazzjoni f'kull ħin se taħdem skont ir-rekwiżiti ta' dan l-Anness u s-CAE;

(2) l-ambitu tax-xogħol tas-CAE;

(3) il-kariga/i u l-isem/ismijiet tal-persuna/i responsabbli msemmija fil-punti (a) u (b) tal-punt CAO.A.035;

(4) organigramma li turi l-ktajjen ta' responsabbiltà bejn il-persuna/i msemmija fil-punti (a) u (b) ta' CAO.A.035;

(5) lista tal-persunal taċ-ċertifikazzjoni bl-ambitu tal-approvazzjoni tiegħu, jekk jeżisti t-tali persunal;

(6) lista tal-persunal responsabbli għall-iżvilupp u l-approvazzjoni tal-programmi ta' manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru (AMPs) bl-ambitu tal-approvazzjoni tiegħu, jekk jeżisti t-tali persunal;

(7) lista tal-persunal tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà bl-ambitu tal-approvazzjoni tiegħu, jekk jeżisti t-tali persunal;

(8) lista tal-persunal responsabbli għall-ħruġ tal-permessi għat-titjir, jekk jeżisti t-tali persunal;

▼C2

(9) deskrizzjoni ġenerali tal-faċilitajiet u l-post fejn jinsabu;

(10) proċeduri li jispeċifikaw kif is-CAO għandha tiżgura konformità mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness;

(11) il-proċedura ta' emendar tas-CAE, kif previst fil-punt (b) tal-punt CAO.A.105.

(b) Is-CAE inizjali għandha tkun approvata mill-awtorità kompetenti.

(c) L-emendi għas-CAE għandhom jiġu mmaniġġjati skont il-punt CAO.A.105.

CAO.A.030 **Faċilitajiet**

Is-CAO għandha tiżgura li l-faċilitajiet neċessarji kollha, li jinkludu akkomodazzjoni adegwata tal-uffiċċju, ikunu pprovduti biex hi tkun tista' twettaq il-ħidma ppjanata kollha.

Barra minn hekk, fejn l-ambitu tal-approvazzjoni tal-organizzazzjoni jkun jinkludi attivitajiet ta' manutenzjoni, is-CAO għandha tiżgura li:

(a) workshops, ħangars u bays speċjalizzati jipprovdu protezzjoni adegwata kontra kontaminazzjoni u l-ambjent;

(b) huma pprovduti faċilitajiet ta' ħżin siguri għal komponenti, tagħmir, għodod u materjali, f'kundizzjonijiet li jiżguraw li komponenti u materjali li ma jistgħux jintużaw jiġu ssegregati mill-komponenti, il-materjali, it-tagħmir u l-għodod l-oħra kollha, li l-istruzzjonijiet tal-manifattur għall-ħżin jiġu rrispettati u li l-aċċess għall-faċilitajiet ta' ħżin ikun ristrett għal persunal awtorizzat.

CAO.A.035 **Rekwiżiti tal-persunal**

(a) Is-CAO għandha taħtar maniġer responsabbli, li għandu jkollu awtorità li jiżgura li l-attivitajiet kollha tal-organizzazzjoni jkunu jistgħu jiġu ffinanzjati b'tali mod li dawk l-attivitajiet jitwettqu skont ir-rekwiżiti ta' dan l-Anness.

(b) Il-maniġer responsabbli għandu jinnomina persuna jew grupp ta' persuni li għandhom ikunu responsabbli għall-iżgurar li s-CAO dejjem tkun konformi mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness. Dik/dawk il-persuna/i għandha/għandhom fl-aħħar mill-aħħar taqa'/jaqgħu taħt l-awtorità tal-maniġer responsabbli.

(c) Il-persuni kollha msemmija fil-punt (b) għandu jkollhom l-għarfien, l-isfond u l-esperjenza rilevanti relatati mal-kontinwità tal-ġestjoni jew tal-manutenzjoni tal-ajrunavigabbiltà, kif ikun xieraq għall-funzjonijiet tagħhom.

(d) Is-CAO għandu jkollha biżżejjed persunal kwalifikat kif xieraq biex tkun tista' twettaq il-ħidma ppjanata. Is-CAO għandha tkun intitolata tuża persunal sottokuntrattat b'mod temporanju.

(e) Is-CAO għandha tivvaluta u tirreġistra l-kwalifiki tal-persunal kollu.

(f) Il-persunal li jwettaq kompiti speċjalizzati bħalma hu l-iwweldjar jew spezzjoni b'test mhux distruttiv ("NDT") ħlief għall-ispezzjonijiet tal-kuntrast tal-kuluri għandu jkun kwalifikat f'konformità mal-istandard uffiċjalment rikonoxxut

▼C2

CAO.A.040 **Persunal taċ-ċertifikazzjoni**

(a) Il-persunal taċ-ċertifikazzjoni għandu jikkonforma mar-rekwiżiti tal-Artikolu 5. Dan għandu jeżerċita l-privileġġi tiegħu ta' rilaxx tal-manutenzjoni biss jekk is-CAO tkun żgurat:

(1) li dan il-persunal taċ-ċertifikazzjoni jissodisfa r-rekwiżiti tal-punt (b) tal-punt 66.A.20 tal-Anness III (Parti-66) ħlief meta l-paragrafu 6 tal-Artikolu 5 jirreferi għal regolament nazzjonali ta' Stat Membru, f'liema każ dan għandu jkun jissodisfa r-rekwiżiti tat-tali regolament;

(2) li dan il-persunal taċ-ċertifikazzjoni jkollu għarfien adegwat dwar l-inġenju tal-ajru jew il-komponent(i) tal-inġenju tal-ajru rilevanti li jkunu se jiġu mantnuti, jew dwar it-tnejn, kif ukoll dwar il-proċeduri ta' organizzazzjoni meħtieġa biex issir it-tali manutenzjoni.

(b) B'deroga mill-punt (a), f'ċirkustanzi mhux previsti li fihom inġenju tal-ajru jinżamm milli jtir f'post differenti mill-bażi prinċipali fejn ma jkun hemm ebda persunal taċ-ċertifikazzjoni xieraq disponibbli, is-CAO mogħtija l-kuntratt biex tipprovdi appoġġ għall-manutenzjoni tista' toħroġ awtorizzazzjoni ta' ċertifikazzjoni ta' darba, b'mod alternattiv:

(1) lil wieħed mill-impjegati tagħha li jkollu l-kwalifiki tat-tip għal inġenju tal-ajru b'teknoloġija, kostruzzjoni u sistemi simili;

(2) lil kwalunkwe persuna b'mhux anqas minn 3 snin esperjenza fil-manutenzjoni u li jkollha liċenzja valida tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru tal-ICAO ikklassifikata għat-tip ta' inġenju tal-ajru li jeħtieġ iċ-ċertifikazzjoni, dment li ma jkun hemm ebda organizzazzjoni approvata skont dan l-Anness f'dak il-post u s-CAO mogħtija l-kuntratt tikseb u jkollha evidenza fil-fajl tal-esperjenza u l-liċenzja ta' dik il-persuna.

Il-ħruġ ta' awtorizzazzjoni ta' ċertifikazzjoni ta' darba għandu jiġi rrapportat mis-CAO lill-awtorità kompetenti fi żmien 7 ijiem mill-ħruġ. Is-CAO li toħroġ l-awtorizzazzjoni ta' ċertifikazzjoni ta' darba għandha tiżgura li kwalunkwe manutenzjoni ta' dan it-tip li tista' taffettwa s-sigurtà tat-titjira terġa' tiġi verifikata.

(c) Permezz ta' deroga mill-punt (a), is-CAO tista' tuża persunal taċ-ċertifikazzjoni kkwalifikat skont ir-rekwiżiti li ġejjin meta tipprovdi appoġġ ta' manutenzjoni lil operaturi involuti f'operazzjonijiet kummerċjali, soġġett għal proċeduri xierqa li għandhom jiġu approvati bħala parti mis-CAE:

(1) għal direttiva dwar l-ajrunavigabbiltà (AD) ta' qabel it-titjira ripetittiva li tiddikjara b'mod speċifiku li l-ekwipaġġ tat-titjira jista' jwettaq AD bħal din, is-CAO tista' toħroġ awtorizzazzjoni limitata ta' persunal taċ-ċertifikazzjoni lill-bdot fil-kmand fuq il-bażi tal-liċenzja tal-ekwipaġġ tat-titjira miżmuma, dment li s-CAO tiżgura li jkun ġie riċevut taħriġ prattiku suffiċjenti mill-bdot fil-kmand biex hu jkun jista' jwettaq l-AD sal-istandard meħtieġ;

(2) fil-każ ta' inġenju tal-ajru li jopera lil hinn minn post appoġġjat, is-CAO tista' toħroġ awtorizzazzjoni limitata ta' persunal taċ-ċertifikazzjoni lill-bdot fil-kmand, fuq il-bażi tal-liċenzja tal-ekwipaġġ tat-titjira miżmuma, dment li l-organizzazzjoni tiżgura li jkun ingħata biżżejjed taħriġ prattiku biex it-tali kmandant ikun jista' jwettaq il-kompitu skont l-istandard meħtieġ.

▼C2

(d) Is-CAO għandha tirreġistra d-dettalji li jikkonċernaw il-persunal taċ-ċertifikazzjoni u żżomm lista aġġornata tal-persunal taċ-ċertifikazzjoni kollu, flimkien mad-dettalji dwar l-ambitu tal-approvazzjoni tiegħu, bħala parti mill-espożizzjoni tal-organizzazzjoni.

CAO.A.045 **Persunal tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà**

(a) Biex tkun approvata twettaq reviżjonijiet tal-ajrunavigabbiltà u, jekk applikabbli, toħroġ permessi għat-titjir, CAO għandu jkollha persunal xieraq tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà li għandu jikkonforma mar-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(1) ikun kiseb tal-anqas sena (1) esperjenza fil-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà għal gliders u blalen tal-arja u tal-anqas 3 snin esperjenza għal kull inġenju tal-ajru ieħor;

▼M11

(2) ikollhom liċenzja xierqa maħruġa f'konformità mal-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament jew lawrja ajrunawtika jew l-ekwivalenti, jew kisbu l-esperjenza addizzjonali fil-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà lil hinn minn dik imsemmija fil-punt (1), jiġifieri minn tal-inqas sentejn esperjenza għal gliders u blalen tal-arja u minn tal-inqas erba' snin esperjenza għal kull inġenju tal-ajru ieħor;

▼C2

(3) ikun kiseb taħriġ xieraq fil-manutenzjoni ajrunawtika.

(b) Qabel ma s-CAO toħroġ awtorizzazzjoni lil persunal tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà, is-CAO għandha tinnomina lill-persuna li tkun se twettaq reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà ta' inġenju tal-ajru taħt is-superviżjoni tal-awtorità kompetenti jew taħt is-superviżjoni ta' persuna diġà awtorizzata bħala persunal tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà tas-CAO. Jekk din is-superviżjoni tkun sodisfaċenti, l-awtorità kompetenti għandha taċċetta formalment lill-persunal bħala persunal tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà.

(c) Is-CAO għandha tiżgura li l-persunal tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà tagħha jista' juri esperjenza riċenti xierqa fil-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà.

(d) Kull membru tal-persunal tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà għandu jkun identifikat fis-CAE f'lista li jkun fiha l-awtorizzazzjoni tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà msemmija fil-punt (b).

(e) Is-CAO għandha żżomm rekord tal-persunal tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà kollu tagħha, li għandu jinkludi dettalji ta' kwalunkwe kwalifika xierqa u sommarju tal-esperjenza u t-taħriġ rilevanti fil-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-persuna kkonċernata, kif ukoll kopja tal-awtorizzazzjoni tagħha. Għandha żżomm dak ir-rekord għal perjodu minimu ta' sentejn (2) wara d-data li fiha l-persuna kkonċernata ma tibqax taħdem għas-CAO.

CAO.A.050 **Komponenti, tagħmir u għodod**

(a) Is-CAO:

(1) għandha żżomm it-tagħmir u l-għodod speċifikati fid-*data* tal-manutenzjoni pprovduta fil-punt CAO.A.055, jew l-ekwivalenti vverifikati kif elenkati fis-CAE, kif ikun meħtieġ għall-manutenzjoni ta' kuljum fl-ambitu tal-approvazzjoni tal-organizzazzjoni;

(2) għandu jkollha proċedura biex tiżgura li jkollha aċċess għal kull tagħmir u għodda oħrajn neċessarji biex twettaq ħidmietha, użati biss fuq bażi okkażjonali, fejn ikun hemm bżonn.

▼C2

(b) Is-CAO għandha tiżgura li l-għodod u t-tagħmir li tuża jkunu kkontrollati u kkalibrati skont standard rikonoxxut b'mod uffiċjali. Għandha żżomm rekords tat-tali kalibrar u l-istandards użati u tikkonforma mal-punt CAO.A.090.

(c) Is-CAO għandha tispezzjona, tikklassifika u tissegrega kif xieraq kull komponent li jidħol skont il-punti M.A.501 u M.A.504 tal-Anness I (Parti-M) jew il-punti ML.A.501 u ML.A.504 tal-Anness Vb (Parti-ML), kif applikabbli.

CAO.A.055 ***Data* tal-manutenzjoni u ordnijiet ta' xogħol**

(a) Is-CAO għandha żżomm u tuża *data* kurrenti applikabbli tal-manutenzjoni speċifikata fil-punt M.A.401 tal-Anness I (Parti-M) jew fil-punt ML.A.401 tal-Anness Vb (Parti-ML), kif ikun applikabbli, fit-twettiq tal-manutenzjoni, inklużi l-modifiki u t-tiswijiet. Madankollu, fil-każ ta' *data* tal-manutenzjoni pprovduta mill-klijenti, din għandha tkun meħtieġa żżomm it-tali *data* biss waqt li tkun għaddejja l-ħidma.

(b) Qabel tibda l-manutenzjoni, għandha tkun miftehma ordni ta' xogħol bil-miktub bejn is-CAO u l-persuna jew l-organizzazzjoni li titlob il-manutenzjoni, b'mod li tkun stabbilita b'mod ċar il-manutenzjoni li għandha ssir.

CAO.A.060 **Standards tal-manutenzjoni**

Meta tagħmel il-manutenzjoni, is-CAO għandha tikkonforma mar-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) tiżgura li kwalunkwe persuna li twettaq il-manutenzjoni tkun kwalifikata skont ir-rekwiżiti ta' dan l-Anness;

(b) tiżgura li l-erja li fiha titwettaq il-manutenzjoni tkun organizzata sewwa u nadifa (b'ebda ħmieġ jew kontaminazzjoni);

(c) tuża l-metodi, it-tekniki, l-istandards u l-istruzzjonijiet speċifikati fid-*data* tal-manutenzjoni u l-ordnijiet ta' xogħol msemmija fil-punt CAO.A.055;

(d) tuża l-għodod, it-tagħmir u l-materjal speċifikati fil-punt CAO.A.050;

(e) tiżgura li l-manutenzjoni titwettaq skont kwalunkwe limitazzjoni ambjentali speċifikata fid-*data* dwar il-manutenzjoni msemmija fil-punt CAO.A.055;

(f) tiżgura li l-faċilitajiet xierqa jintużaw f'każ ta' temp ħażin u jew manutenzjoni twila;

(g) tiżgura li jiġu minimizzati r-riskju ta' żbalji multipli matul il-manutenzjoni u r-riskju li l-iżbalji jiġu ripetuti f'kompiti ta' manutenzjoni identiċi;

(h) tiżgura li jiġi implimentat metodu li jaqbad l-iżbalji wara t-twettiq ta' kwalunkwe kompitu kritiku ta' manutenzjoni;

(i) twettaq verifika ġenerali, wara li titlesta l-manutenzjoni, biex tiżgura li l-inġenju tal-ajru jew il-komponent ma għandu l-ebda għodda, tagħmir u kwalunkwe part u materjal estranju u li l-pannelli kollha ta' aċċess maqlugħin ikunu twaħħlu mill-ġdid;

▼C2

(j) tiżgura li l-manutenzjoni mwettqa kollha tkun reġistrata u dokumentata kif xieraq.

CAO.A.065 **Ċertifikat tar-rilaxx għas-servizz għall-inġenji tal-ajru**

Meta titlesta kwalunkwe manutenzjoni ta' inġenju tal-ajru mwettqa skont dan l-Anness, għandu jinħareġ CRS ta' inġenju tal-ajru skont il-punt M.A.801 tal-Anness I (Parti-M) jew il-punt ML.A.801 tal-Anness Vb (Parti-ML), kif ikun applikabbli.

CAO.A.070 **Ċertifikat tar-rilaxx għas-servizz għall-komponenti**

(a) Meta titlesta l-manutenzjoni tal-komponenti kollha skont dan l-Anness, għandu jinħareġ CRS ta' inġenju tal-ajru skont il-punt M.A.802 tal-Anness I (Parti-M) jew il-punt ML.A.802 tal-Anness Vb (Parti-ML), kif ikun applikabbli. Għandha tinħareġ Formola 1 tal-EASA skont l-Appendiċi II għall-Anness I (Parti-M), ħlief kif previst fil-punti (b) jew (d) tal-punt M.A.502 jew M.A.502 tal-Anness I (Parti-M) u l-punt ML.A.502 tal-Anness Vb (Parti-ML) u għall-komponenti ffabrikati skont il-punt (c) tal-punt CAO.A.020.

(b) Il-Formola 1 tal-EASA msemmija fil-punt (a) tista' tiġi ġġenerata minn bażi ta' *data* kompjuterizzata.

CAO.A.075 **Ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà**

(a) Il-ġestjoni kollha tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà għandha titwettaq skont ir-rekwiżiti tas-Sottoparti Ċ tal-Anness I (Parti-M) jew is-Sottoparti Ċ tal-Anness Vb (Parti-ML), kif ikun applikabbli.

(b) Għal kull inġenju tal-ajru ġestit, is-CAO għandha:

(1) tiżviluppa u tikkontrolla l-AMP għall-inġenju tal-ajru ġestit u:

(i) fil-każ ta' inġenju tal-ajru li jikkonforma mal-Anness Vb (Parti-ML), tapprova l-AMP u l-emendi tiegħu, jew

(ii) fil-każ ta' inġenju tal-ajru li jikkonforma mal-Anness I (Parti-M), tippreżenta l-AMP u l-emendi tiegħu lill-awtorità kompetenti għall-approvazzjoni, sakemm l-approvazzjoni ma tkunx koperta minn proċedura ta' approvazzjoni indiretta skont il-punt (c) tal-punt M.A.302 tal-Anness I (Parti-M);

(2) tipprovdi kopja tal-AMP lis-sid;

(3) tiżgura li d-*data* użata għal kwalunkwe modifika u tiswija tikkonforma mal-punti M.A.304 jew ML.A.304, kif ikun applikabbli;

(4) tiżgura li l-manutenzjoni kollha titwettaq skont l-AMP u tiġi rilaxxata skont it-Taqsima A, Sottoparti H tal-Anness I (Parti-M), it-Taqsima A tal-Anness II (Part-145) jew it-Taqsima A, Sottoparti H tal-Anness Vb (Parti-ML), kif ikun applikabbli;

(5) tiżgura li jiġu implimentati l-ADs applikabbli kollha u d-direttivi operazzjonali kollha b'impatt fuq il-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà;

▼C2

(6) tiżgura li d-difetti kollha li jkunu nkixfu matul manutenzjoni jew irrapportati jiġu kkoreġuti minn organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata kif xieraq jew minn persunal indipendenti taċ-ċertifikazzjoni;

(7) tiżgura li l-inġenju tal-ajru jinġieb għall-manutenzjoni għand organizzazzjoni approvata kif xieraq jew għand persunal indipendenti taċ-ċertifikazzjoni, kull meta jkun hemm bżonn;

(8) tikkoordina l-manutenzjoni skedata, l-applikazzjoni tal-ADs, il-bdil ta' partijiet li jistgħu jintużaw għal żmien limitat u l-ispezzjoni tal-komponenti biex tiżgura li l-ħidma ssir kif xieraq;

(9) timmaniġġja u tarkivja kull rekord dwar il-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà u, jekk applikabbli, ir-reġistrazzjoni teknika tal-inġenju tal-ajru;

(10) tiżgura li d-dikjarazzjoni dwar il-massa u l-bilanċ tirrifletti l-istat attwali tal-inġenju tal-ajru.

▼M8

CAO.A.080 ***Data* dwar il-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà**

Is-CAO għandha żżomm u tuża d-*data* kurrenti applikabbli tal-manutenzjoni speċifikata fil-punt M.A.401 tal-Anness I (Parti-M) jew fil-punt ML.A.401 tal-Anness Vb (Parti-ML), skont kif ikun applikabbli, għat-twettiq tal-kompiti tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà msemmija fil-punt CAO.A.075 ta’ dan l-Anness (Parti-CAO). Dik id-*data* tista’ tiġi pprovduta mis-sid, soġġett għal kuntratt kif imsemmi fil-punti M.A.201(h)(2) jew M.A.201(i)(1) jew M.A.201(i)(3) tal-Anness I (Parti-M), jew fil-punti ML.A.201(e)(1) jew ML.A.201(f) tal-Anness Vb (Parti-ML), f’liema każ is-CAO jkollha bżonn iżżomm it-tali *data* għat-tul tal-kuntratt biss, ħlief fejn ikollha bżonn iżżomm id-*data* skont il-punt CAO.A.090(b) ta’ dan l-Anness (Parti-CAO).

CAO.A.085 **Reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà**

Is-CAO għandha twettaq kwalunkwe reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà skont il-punt M.A.901 tal-Anness I (Parti-M) jew il-punt ML.A.903 tal-Anness Vb (Parti-ML), kif ikun applikabbli.

▼C2

CAO.A.090 **Żamma tar-rekords**

(a) Is-CAO għandha żżomm ir-rekords li ġejjin:

(1) ir-rekords tal-manutenzjoni neċessarji biex jintwera li r-rekwiżiti kollha ta' dan l-Anness ġew issodisfati għall-ħruġ tas-CRS, inklużi d-dokumenti tar-rilaxx tas-sottokuntrattur; is-CAO għandha tipprovdi kopja ta' kull CRS lis-sid tal-inġenju tal-ajru, flimkien ma' kopja ta' kwalunkwe *data* speċifika tat-tiswija jew tal-modifika użata għat-tiswijiet jew għall-modifiki mwettqa;

(2) ir-rekords dwar il-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà meħtieġa minn kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:

(i) il-punt M.A.305 u, jekk applikabbli, il-punt M.A.306 tal-Anness I (Parti-M);

(ii) il-punt ML.A.305 tal-Anness Vb (Parti-ML);

(3) meta s-CAO jkollha l-privileġġ imsemmi fil-punt (c) tal-punt CAO.A.095, hi għandha żżomm kopja ta' kull ċertifikat ta' reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà (ARC) maħruġ skont il-punt (a) tal-punt ML.A.901 tal-Anness Vb (Parti-ML) u rakkomandazzjoni maħruġa jew, jekk ikun applikabbli, estiża, flimkien mad-dokumenti ta' sostenn kollha;

▼C2

(4) meta s-CAO jkollha l-privileġġ imsemmi fil-punt (d) tal-punt CAO.A.095, għandha żżomm kopja ta' kull permess għat-titjir maħruġ skont il-punt 21.A.729 tal-Anness I (Parti-21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012.

(b) Is-CAO għandha żżomm kopja tar-rekords deskritti fil-punt (a)(1), u kwalunkwe *data* tal-manutenzjoni assoċjata, għal perjodu ta' 3 snin mid-data li fiha din tkun irrilaxxat għas-servizz l-inġenju tal-ajru jew il-komponent tal-inġenju tal-ajru li miegħu tkun relatata l-ħidma.

(c) Is-CAO għandha żżomm kopja tar-rekords imsemmija fil-punti (a)(2) sa (a)(4) għal perjodu ta' sentejn (2) mid-data li fiha l-inġenju tal-ajru jkun ġie rtirat b'mod permanenti mis-servizz.

(d) Ir-rekords kollha għandhom jinħażnu b'tali mod li jiżgura li jitħarsu mill-ħsara, it-tibdil jew is-serq.

(e) Kull ħardwer tal-kompjuter użat għal kopja ta' riżerva tar-rekords tal-manutenzjoni għandu jinħażen f'post differenti minn dak li fih dik id-*data* u f'ambjent li jiżgura li jibqa' f'kundizzjoni tajba.

(f) Meta l-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà ta' inġenju tal-ajru tiġi ttrasferita lil organizzazzjoni jew persuna oħra, ir-rekords kollha miżmuma skont il-punti (a)(2) sa (a)(4) għandhom jiġu ttrasferiti lil dik l-organizzazzjoni jew il-persuna. Mill-mument tat-trasferiment, il-punti (b) u (c) għandhom japplikaw għal dik l-organizzazzjoni jew il-persuna.

(g) Meta s-CAO ttemm l-operazzjoni tagħha, ir-rekords miżmuma kollha għandhom jiġu ttrasferiti kif ġej:

(1) ir-rekords imsemmija fil-punt (a)(1) għandhom jiġu ttrasferiti lill-aħħar sid jew klijent tal-inġenju tal-ajru jew tal-komponent rispettiv jew għandhom jinħażnu kif speċifikat mill-awtorità kompetenti;

(2) ir-rekords imsemmija fil-punt (a)(2) sa (a)(4) għandhom jiġu ttrasferiti lil sid l-inġenju tal-ajru.

CAO.A.095 **Privileġġi tal-organizzazzjoni**

Is-CAO għandu jkollha l-privileġġi li ġejjin:

(a) Manutenzjoni

(1) Tmantni kwalunkwe inġenju tal-ajru jew komponent li għalih tkun approvata fil-postijiet speċifikati fiċ-ċertifikat tal-approvazzjoni u s-CAE.

(2) Torganizza t-twettiq ta' servizzi speċjalizzati f'organizzazzjoni oħra kwalifikata kif xieraq taħt il-kontroll tas-CAO, skont il-proċeduri xierqa stabbiliti fis-CAE u approvati mill-awtorità kompetenti.

(3) Tmantni kwalunkwe inġenju tal-ajru jew komponent li għalih tkun approvata fi kwalunkwe post, fejn il-ħtieġa għal din il-manutenzjoni tirriżulta jew minn qagħda fejn l-inġenju tal-ajru ma jkunx jista' jissewwa jew mill-ħtieġa ta' sostenn għal manutenzjoni okkażjonali, skont il-kundizzjonijiet speċifikati fis-CAE.

(4) Toħroġ ċertifikati ta' ħruġ għall-użu mat-tlestija tal-manutenzjoni, skont il-punt CAO.A.065 jew CAO.A.070.

▼C2

(b) Ġestjoni tal-kontinwità tan-navigabbiltà

(1) Timmaniġġja l-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà ta' kwalunkwe inġenju tal-ajru li tkun approvata għalih.

(2) Tapprova l-AMP, skont il-punt (b)(2) tal-punt ML.A.302, għal inġenji tal-ajru ġestiti skont l-Anness Vb (Parti-ML).

(3) Twettaq kompiti limitati tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà ma' kwalunkwe organizzazzjoni mogħtija l-kuntratt li tkun qiegħda taħdem taħt is-sistema tal-kwalità tagħha, kif elenkat fiċ-ċertifikat tal-approvazzjoni.

▼M8

(4) Testendi, skont il-punt M.A.901(f) tal-Anness I (Parti-M) jew il-punt ML.A.901(c) tal-Anness Vb (Parti-ML), ARC li jkun inħareġ mill-awtorità kompetenti, minn organizzazzjoni jew minn persuna oħra, skont kif applikabbli.

▼C2

(c) Reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà:

(1) CAO bis-sede prinċipali tagħha f'wieħed mill-Istati Membri, li l-approvazzjoni tagħha tkun tinkludi l-privileġġi msemmija fil-punt (b), tista' tkun approvata biex twettaq reviżjonijiet tal-ajrunavigabbiltà skont il-punt M.A.901 tal-Anness I (Parti-M) jew il-punt ML.A.903 tal-Anness Vb (Parti-ML), skont kif applikabbli, u:

(i) toħroġ l-ARC relatat jew ir-rakkomandazzjoni għall-ħruġ tal-ARC;

(ii) testendi l-validità ta' ARC eżistenti.

(2) CAO bis-sede prinċipali tagħha f'wieħed mill-Istati Membri, li l-approvazzjoni tagħha tkun tinkludi l-privileġġi msemmija fil-punt (a), tista' tkun approvata biex twettaq reviżjonijiet tal-ajrunavigabbiltà skont il-punt ML.A.903 tal-Anness Vb (Parti-ML) u toħroġ l-ARC relatat.

(d) Permess għat-titjir

CAO bis-sede prinċipali tagħha f'wieħed mill-Istati Membri, li l-approvazzjoni tagħha tinkludi l-privileġġi msemmija fil-punt (c), tista' tkun approvata toħroġ permess għat-titjir skont il-punt (d) tal-punt 21.A.711 tal-Anness I (Parti-21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012 għal dawk l-inġenji tal-ajru li għalihom hi tista' toħroġ l-ARC meta tattesta l-konformità mal-kundizzjonijiet tat-titjira approvati, skont proċedura adegwata prevista fis-CAE.

(e) CAO tista' tkun approvata għal privileġġ wieħed jew aktar.

CAO.A.100 **Reviżjoni tas-sistema tal-kwalità u organizzazzjonali**

(a) Biex tiżgura li s-CAO tkompli tissodisfa r-rekwiżiti ta' dan l-Anness, l-organizzazzjoni għandha tistabbilixxi sistema tal-kwalità u tqabbad maniġer tal-kwalità.

(b) Is-sistema tal-kwalità għandha tissorvelja t-twettiq tal-attivitajiet tal-organizzazzjoni koperti minn dan l-Anness. B'mod partikolari, din għandha tissorvelja:

(1) li dawk l-attivitajiet kollha jitwettqu skont il-proċeduri approvati;

▼C2

(2) li l-kompiti ta' manutenzjoni kollha mogħtija b'kuntratt jitwettqu skont il-kuntratt;

(3) li l-organizzazzjoni tkompli tikkonforma mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness.

(c) Għandhom jinżammu rekords ta' dak il-monitoraġġ tal-anqas għas-sentejn (2) preċedenti.

(d) Meta l-organizzazzjoni li jkollha approvazzjoni tas-CAO tiġi approvata wkoll skont Anness li ma jkunx dan l-Anness, is-sistema tal-kwalità tista' tiġi kombinata ma' dik meħtieġa mill-Anness l-ieħor.

(e) CAO tista' titqies CAO żgħira meta tkun issodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(1) L-ambitu tas-CAO ma jkunx fiha biss inġenji tal-ajru koperti mill-Parti-ML.

(2) Is-CAO ma taqbiżx l-10 membri tal-persunal ekwivalenti għal full-time involuti fil-manutenzjoni.

(3) Is-CAO ma taqbiżx il-5 membri tal-persunal ekwivalenti għal full-time involuti fil-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà.

(f) Fil-każ ta' CAO żgħira, is-sistema tal-kwalità tista' tiġi ssostitwita minn reviżjonijiet organizzazzjonali regolari, soġġetti għall-approvazzjoni tal-awtorità kompetenti. F'dak il-każ, is-CAO m'għandhiex tagħti b'kuntratt kompiti tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà lil partijiet oħra.

CAO.A.105 **Tibdiliet fl-organizzazzjoni**

▼M11

(a) Sabiex l-awtorità kompetenti tkun tista’ tiddetermina l-konformità kontinwa ma’ dan l-Anness, is-CAO għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti bi kwalunkwe proposta biex titwettaq xi waħda mill-bidliet li ġejjin, qabel tali bidliet isiru:

▼C2

(1) tibdiliet li jaffettwaw l-informazzjoni li tinsab fiċ-ċertifikat tal-approvazzjoni stabbilit fl-Appendiċi I u t-termini tal-approvazzjoni ta' dan l-Anness;

(2) tibdiliet fil-persuni msemmija fil-punti CAO.A.035 (a) u (b);

(3) tibdiliet fit-tipi ta' inġenji tal-ajru koperti mill-ambitu tax-xogħol imsemmi fil-punt (a)(1) tal-punt CAO.A.020 fil-każ ta' ajruplani b'massa massima waqt it-tlugħ (MTOM) ta' aktar minn 2 730 kg u fil-każ ta' ħelikopters b'MTOM ta' aktar minn 1 200 kg jew iċċertifikati għal aktar minn 4 okkupanti;

(4) tibdiliet fl-ambitu tax-xogħol imsemmija fil-punt (a)(2) ta' CAO.A.020 fil-każ ta' magni bit-turbini kompluti;

(5) tibdiliet fil-proċedura ta' kontroll stabbilita fil-punt (b) tal-punt CAO.A.105.

(b) Kwalunkwe tibdil ieħor fil-postijiet, il-faċilitajiet, it-tagħmir, l-għodod, il-materjal, il-proċeduri, l-ambitu tax-xogħol u l-persunal għandu jkun ikkontrollat mis-CAO permezz ta' proċedura ta' kontroll prevista fis-CAE. Is-CAO għandha tissottometti deskrizzjoni ta' dawk it-tibdiliet u l-emendi korrispondenti tas-CAE lill-awtorità kompetenti fi żmien 15-il jum mill-jum li fih iseħħ it-tibdil.

▼C2

CAO.A.110 **Validità kontinwa**

(a) Approvazzjoni għandha tinħareġ għal durata illimitata u għandha tibqa' valida soġġetta għal dawn il-kundizzjonijiet:

(1) l-organizzazzjoni tibqa' konformi mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness, b'mod partikolari kif inhuma mmaniġġjati s-sejbiet skont il-punt CAO.A.115;

(2) l-awtorità kompetenti tingħata aċċess għall-organizzazzjoni biex tiddetermina l-kontinwità tal-konformità mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness;

(3) l-awtorità kompetenti ma tkunx ċediet jew irrevokat l-approvazzjoni.

(b) Malli ċċedi jew tirrevoka l-approvazzjoni, l-organizzazzjoni għandha tirritorna ċ-ċertifikat tal-approvazzjoni lill-awtorità kompetenti.

CAO.A.115 **Sejbiet**

(a) Sejba ta' Livell 1 hi kull nuqqas ta' konformità sinifikanti mar-rekwiżiti tal-Parti-CAO li jbaxxi l-istandard tas-sikurezza u jipperikola s-sigurtà tat-titjira serjament.

(b) Sejba tal-Livell 2 hi kwalunkwe nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tal-Parti-CAO li jista' jnaqqas l-istandard ta' sikurezza u possibilment jipperikola s-sigurtà tat-titjira.

(c) Wara li tirċievi notifika ta' sejba skont il-punt CAO.B.060, is-CAO għandha tadotta pjan ta' azzjoni korrettiva u turi għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li hi tkun ħadet l-azzjoni korrettiva neċessarja biex tindirizza s-sejba fi ħdan il-perjodu ta' żmien stabbilit minn dik l-awtorità.

*TAQSIMA B*

**REKWIŻITI TAL-AWTORITÀ**

CAO.B.010 **Kamp ta' applikazzjoni**

Din it-Taqsima tistabbilixxi r-rekwiżiti amministrattivi li għandhom jiġu ssodisfati mill-awtoritajiet kompetenti b'rabta mar-rekwiżiti għall-organizzazzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima A.

CAO.B.017 **Mezzi ta' konformità**

(a) L-Aġenzija għandha tiżviluppa Mezzi Aċċettabbli ta' Konformità (AMC) li jistgħu jintużaw biex tintwera l-konformità mar-Regolament (UE) 2018/1139 u mal-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu.

(b) Mezzi alternattivi ta' konformità jistgħu jintużaw biex tintwera l-konformità mar-Regolament (UE) 2018/1139 u mal-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu

(c) L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi sistema biex tevalwa b'mod konsistenti li l-mezzi alternattivi kollha ta' konformità użati minn organizzazzjonijiet li jaqgħu taħt is-sorveljanza tagħha jippermettu li tiġi stabbilita l-konformità mar-Regolament (UE) Nru 2018/1139 u mal-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu.

(d) L-awtorità kompetenti għandha tevalwa l-mezzi alternattivi ta' konformità kollha proposti minn organizzazzjoni skont il-punt CAO.A.017, billi tanalizza d-dokumentazzjoni pprovduta u, jekk ikun meqjus neċessarju, billi tagħmel spezzjoni tal-organizzazzjoni.

▼C2

Meta l-awtorità kompetenti ssib li l-mezzi alternattivi ta' konformità huma skont ir-Regolament (UE) 2018/1139 u l-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu, din għandha, mingħajr dewmien żejjed:

(1) tgħarraf lill-applikant li l-mezzi alternattivi ta' konformità jistgħu jintużaw u, jekk ikun applikabbli, temenda l-approvazzjoni jew iċ-ċertifikat tal-applikant kif meħtieġ;

(2) tinnotifika lill-Aġenzija bil-kontenut tagħhom, inklużi kopji tad-dokumentazzjoni rilevanti kollha.

CAO.B.020 **Żamma tar-rekords**

(a) L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi sistema ta' żamma ta' rekords li tippermetti traċċabbiltà adegwata tal-proċess ta' żamma tar-rekords biex toħroġ, tissokta, tibdel, tissospendi jew tirrevoka kull ċertifikat maħruġ.

(b) Ir-rekords tal-awtorità kompetenti għas-sorveljanza tal-organizzazzjonijiet approvati skont dan l-Anness għandhom jinkludu, bħala minimu:

(1) l-applikazzjoni għal approvazzjoni ta' organizzazzjoni;

(2) iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni ta' organizzazzjoni, inkluż kwalunkwe tibdil fih;

(3) kopja tal-programm tal-awditjar tal-organizzazzjoni, li telenka d-dati li fihom twettqu l-awditi u meta ser isiru;

(4) ir-rekords tal-kontinwità tas-sorveljanza, inklużi r-rekords tal-awditjar kollha, kif previst fil-punt CAO.B.055;

(5) is-sejbiet kollha, l-azzjonijiet meħtieġa biex jingħalqu s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet;

(6) kopji tal-korrispondenza rilevanti kollha mal-organizzazzjoni;

(7) dettalji ta' kwalunkwe eżenzjoni skont il-punt CAO.B.035 u l-azzjonijiet ta' infurzar;

(8) kwalunkwe rapport minn awtoritajiet kompetenti oħra relatat mas-sorveljanza tal-organizzazzjoni;

(9) is-CAE u l-emendi għalih;

(10) kopji ta' kull dokument ieħor approvat mill-awtorità kompetenti.

(c) Il-perjodu ta' żamma għar-rekords elenkati taħt il-punt (b) għandu jkun tal-anqas ta' 5 snin.

(d) Ir-rekords kollha għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni lill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor jew lill-Aġenzija fuq talba.

CAO.B.025 **Skambju reċiproku ta' informazzjoni**

(a) Fejn ikun hemm għat-twettiq tal-kompiti tagħhom skont dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiskambjaw informazzjoni.

(b) Fil-każ ta' theddida potenzjali għas-sikurezza li tinvolvi lil bosta Stati Membri, l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati għandhom jgħinu lil xulxin fit-twettiq tal-azzjoni ta' sorveljanza meħtieġa.

▼C2

CAO.B.030 **Responsabbiltajiet**

L-awtorità kompetenti għandha twettaq l-ispezzjonijiet u l-investigazzjonijiet neċessarji biex tivverifika u tiżgura li l-organizzazzjonijiet li għalihom hi responsabbli skont il-punt CAO.1 jissodisfaw ir-rekwiżiti tat-Taqsima A ta' dan l-Anness.

CAO.B.035 **Eżenzjonijiet**

Meta Stat Membru jagħti eżenzjoni mir-rekwiżiti ta' dan l-Anness skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 71 tar-Regolament (UE) Nru 2018/1139, l-awtorità kompetenti għandha żżomm rekord tal-eżenzjoni. Għandha tikseb dawk ir-rekords kif previst fil-punt (b)(6) tal-punt CAO.B.020.

CAO.B.040 **Applikazzjoni**

Meta faċilitajiet tas-CAO jkunu jinsabu f'aktar minn Stat Membru wieħed, il-proċedura ta' ċertifikazzjoni inizjali u s-sorveljanza kontinwata tal-approvazzjoni għandhom jitwettqu f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti maħtura mill-Istati Membri li fit-territorju tagħhom jinsabu l-faċilitajiet l-oħra. M.B.

CAO.B.045 **Proċedura ta' ċertifikazzjoni inizjali**

(a) Meta jkun ġie stabbilit li l-organizzazzjoni tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-punti (a) u (b) ta' CAO.A.035, l-awtorità kompetenti għandha tinnotifika b'mod formali lill-applikant dwar l-aċċettazzjoni tal-persunal.

(b) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-proċeduri speċifikati fis-CAE jikkonformaw mat-Taqsima A, u li l-maniġer responsabbli ffirma d-dikjarazzjoni ta' impenn imsemmija fil-punt (a)(1) ta' CAO.A.025.

(c) L-awtorità kompetenti għandha tivverifika li l-organizzazzjoni tikkonforma mat-Taqsima A.

(d) L-awtorità kompetenti għandha torganizza laqgħa mal-maniġer responsabbli tal-anqas darba matul l-investigazzjoni għall-approvazzjoni biex tiżgura li hu jkun jifhem bis-sħiħ is-sinifikat tal-approvazzjoni u d-dikjarazzjoni msemmija fil-punt (a)(1) ta' CAO.A.025

(e) Is-sejbiet kollha skont il-punt CAO.B.060 għandhom jiġu kkonfermati bil-miktub lill-organizzazzjoni applikanti.

(g) Qabel ma toħroġ l-approvazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tagħlaq is-sejbiet kollha wara li l-organizzazzjoni tkun ikkoreġiethom.

▼M8

__________

▼C2

CAO.B.050 **Ħruġ taċ-ċertifikat inizjali**

▼M8

(a) Meta l-awtorità kompetenti tkun stabbilixxiet li l-applikant jikkonforma mal-punt CAO.B.045, din għandha toħroġ iċ-ċertifikat, billi tuża l-mudell tal-Formola 3-CAO tal-EASA stabbilit fl-Appendiċi I u tispeċifika t-termini tal-approvazzjoni.

▼C2

(b) L-awtorità kompetenti għandha tinkludi n-numru ta' referenza tas-CAO kif speċifikat fil-mudell tal-Formola 3-CAO tal-EASA stabbilit fl-Appendiċi I.

CAO.B.055 **Superviżjoni kontinwa**

(a) L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi u żżomm aġġornat programm ta' sorveljanza li jispeċifika s-CAOs kollha li għalihom hi tkun ħarġet ċertifikat u d-dati li fihom hi tkun awditjat u hi skedata li tawditja dawk is-CAOs.

(b) L-awtorità kompetenti għandha tawditja, f'perjodi li ma jaqbżux l-24 xahar, lil kull CAO li għaliha tkun ħarġet approvazzjoni. Dawk l-awditi għandhom jikkonċentraw, b'mod partikolari, fuq it-tibdiliet fl-organizzazzjoni nnotifikati lilha skont il-proċedura speċifikata fil-punt (b) tal-punt CAO.A.105.

(c) Kampjun rilevanti tal-inġenju tal-ajru ġestit mis-CAO, jekk l-organizzazzjoni tkun approvata tagħmel dan, għandu jkun mistħarreġ f'kull perjodu ta' 24 xahar. Id-daqs tal-kampjun għandu jiġi deċiż mill-awtorità kompetenti fuq il-bażi tar-riżultat tal-awditi preċedenti u l-istħarriġiet dwar il-prodotti li twettqu qabel.

(d) L-awtorità kompetenti għandha tikkonferma bil-miktub kwalunkwe sejba matul dawk l-awditi lis-CAO.

(e) L-awtorità kompetenti għandha tirreġistra kwalunkwe sejba matul dawk l-awditi, kwalunkwe azzjoni meħtieġa biex jingħalqu s-sejbiet u kwalunkwe rakkomandazzjoni maħruġa.

(f) L-awtorità kompetenti għandha torganizza laqgħa mal-maniġer responsabbli tas-CAO tal-anqas kull 24 xahar.

CAO.B.060 **Sejbiet**

(a) Meta waqt l-awditi jew b'xi mezz ieħor, tinstab evidenza li turi nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tal-Parti-CAO, l-awtorità kompetenti għandha tieħu l-azzjonijiet li ġejjin:

(1) għal sejbiet ta' Livell 1, l-awtorità kompetenti għandha tieħu azzjoni immedjata biex tirrevoka, tillimita jew tissospendi kompletament jew parzjalment, skont il-firxa tas-sejba ta' Livell 1, l-approvazzjoni tas-CAO, sakemm l-organizzazzjoni jirnexxilha tieħu azzjoni korrettiva; u

(2) għal sejbiet ta' Livell 2, l-awtorità kompetenti għandha tagħti perjodu ta' azzjoni korrettiva ta' mhux aktar minn 3 xhur, adattat skont in-natura tas-sejba — f'ċerti ċirkustanzi, fi tmiem dan l-ewwel perjodu u soġġetta għan-natura tas-sejba, l-awtorità kompetenti tista' testendi dan il-perjodu ta' 3 xhur soġġetta għal pjan ta' azzjoni korrettiva sodisfaċenti.

(b) L-awtorità kompetenti għandha tieħu azzjoni biex tissospendi l-approvazzjoni kollha, jew parti minnha, f'każ li ma tiġix rispettata l-iskeda ta' żmien stabbilita mill-awtorità kompetenti.

CAO.B.065 **Tibdiliet**

(a) Meta tirċievi applikazzjoni għal tibdil skont il-punt (a) tal-punt CAO.A.105, l-awtorità kompetenti għandha tivverifika l-konformità tal-organizzazzjoni mar-rekwiżiti applikabbli qabel ma toħroġ l-approvazzjoni tat-tibdil.

▼**C2**

(b) L-awtorità kompetenti tista' tindika l-kundizzjonijiet li bihom is-CAO għandha topera matul it-tibdil, sakemm l-awtorità kompetenti ma tiddeterminax li ċ-ċertifikat tal-organizzazzjoni għandu jiġi sospiż minħabba n-natura jew il-firxa tat-tibdiliet.

(c) Għal tibdiliet li ma jeħtiġux approvazzjoni minn qabel, l-awtorità kompetenti għandha tivvaluta matul l-attivitajiet ta' sorveljanza li s-CAO tikkonforma mal-proċedura ta' kontroll approvata prevista fil-punt (b) tal-punt CAO.A.105 u tikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli.

CAO.B.070 **Sospensjoni, limitazzjoni u revoka**

L-awtorità kompetenti għandha:

(a) tissospendi approvazzjoni għal raġunijiet validi fil-każ ta' theddida potenzjali għas-sikurezza; jew

(b) tissospendi, tirrevoka jew tillimita approvazzjoni skont il-punt CAO.B.060.

▼C2

*Appendiċi I*

**Ċertifikat tal-organizzazzjoni tal-ajrunavigabbiltà kombinata (CAO) – Formola 3-CAO tal-EASO**

(a) Fi ħdan il-klassi(jiet) ta' approvazzjoni u l-klassifikazzjoni(jiet) stabbiliti mill-awtorità kompetenti, l-ambitu tax-xogħol speċifikat fis-CAE jiddefinixxi l-limiti eżatti tal-approvazzjoni. Huwa għalhekk essenzjali li l-klassi(jiet) u l-valutazzjoni(jiet) tal-approvazzjoni u l-ambitu tax-xogħol tal-organizzazzjonijiet ikunu jaqblu.

(b) **Klassifikazzjoni għal inġenju tal-ajru,** b'rabta mal-privileġġi ta' manutenzjoni, tfisser li s-CAO tista' twettaq manutenzjoni fuq inġenji tal-ajru u kwalunkwe komponent (inklużi magni) skont id-*data* tal-manutenzjoni tal-inġenju tal-ajru jew, bi qbil mal-awtorità kompetenti, skont id-*data* tal-manutenzjoni tal-komponenti, biss sakemm dawn il-komponenti jkunu mmuntati fuq l-inġenju tal-ajru. Madanakollu, it-tali CAOs **ikklassifikati skont l-inġenju tal-ajru** jistgħu jneħħu temporanjament komponent għall-manutenzjoni biex itejbu l-aċċess għal dak il-komponent ħlief għal meta din it-tneħħija toħloq il-ħtieġa ta' manutenzjoni addizzjonali li ma tkunx eliġibbli għar-rekwiżiti tal-punt (b). Dan ikun soġġett għal proċedura ta' kontroll fis-CAE li għandha tiġi approvata mill-awtorità kompetenti.

(c) **Klassifikazzjoni għal magna (magna bit-turbini, b'pistuni jew elettrika)** tfisser li s-CAO tista' twettaq manutenzjoni fuq il-magna mhux installata u fuq il-komponenti tal-magna mhux installati, skont id-*data* tal-manutenzjoni tal-magna jew, bi qbil mal-awtorità kompetenti, skont id-*data* tal-manutenzjoni tal-komponenti, biss sakemm dawn il-komponenti jkunu mmuntati fuq il-magna. Madanakollu, it-tali CAOs **ikklassifikati skont il-magna** jistgħu jneħħu temporanjament komponent għall-manutenzjoni biex itejbu l-aċċess għal dak il-komponent ħlief għal meta din it-tneħħija toħloq il-ħtieġa ta' manutenzjoni addizzjonali li ma tkunx eliġibbli għar-rekwiżiti tal-punt (c). CAO **ikklassifikata skont il-magna** tista' twettaq ukoll manutenzjoni fuq magna installata matul il-manutenzjoni bażi u tal-linja soġġetta għal proċedura ta' kontroll fis-CAE li għandha tiġi approvata mill-awtorità kompetenti.

(d) **Klassifikazzjoni għal komponenti (għajr magni kompluti)** tfisser li s-CAO tista' twettaq manutenzjoni fuq komponenti mhux installati (esklużi magni kompluti) maħsuba għat-twaħħil fuq l-inġenji tal-ajru jew il-magna. Din is-CAO tista' twettaq ukoll manutenzjoni fuq komponent installat (għajr magni kompluti) matul il-manutenzjoni bażi u tal-linja jew f'faċilità ta' manutenzjoni tal-magni soġġett għal proċedura ta' kontroll fis-CAE li għandha tiġi approvata mill-awtorità kompetenti.

(e) **Klassifikazzjoni għal test mhux distruttiv (NDT)** hi klassifikazzjoni awtonoma li mhux bilfors tkun relatata ma' inġenju tal-ajru, magna jew komponent ieħor speċifiċi. Il-klassifikazzjoni għal NDT hi neċessarja biss għal CAO li twettaq NDT bħala kompitu partikolari għal organizzazzjoni oħra. CAO approvata bi klassifikazzjoni għal inġenju tal-ajru, magna jew komponent tista' twettaq NDT fuq prodotti li tkun qed tmantni soġġetta għas-CAE li jkun fih il-proċeduri tal-NDT, mingħajr il-bżonn ta' klassifikazzjoni għal NDT.

▼C2

Paġna 1 minn 2

[STAT MEMBRU (*)]

Stat Membru tal-Unjoni Ewropea (**)

**ĊERTIFIKAT TA' ORGANIZZAZZJONI TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ KOMBINATA**

Referenza: [KODIĊI TAL-ISTAT MEMBRU (*)].CAO.[XXXX]

Skont ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea u r-Regolament (UE) Nru 1321/2014 u soġġetta għall-kundizzjonijiet speċifikati hawn taħt, l-[AWTORITÀ KOMPETENTI TAL-ISTAT MEMBRU (*)] b'dan tiċċertifika:

[L-ISEM U L-INDIRIZZ TAL-KUMPANIJA]

bħala organizzazzjoni tal-ajrunavigabbiltà kombinata f'konformità mat-Taqsima A tal-Anness Vd (Parti-CAO) tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014.

KUNDIZZJONIJIET:

(a) din l-approvazzjoni hi limitata għal dik speċifikata fit-termini tal-approvazzjoni mehmuża, u fit-Taqsima "Ambitu tax-xogħol" tal-espożizzjoni tal-ajrunavigabbiltà kombinata approvata, kif imsemmi fit-Taqsima A tal-Anness Vd (il-Parti-CAO) tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014; u

(b) din l-approvazzjoni teħtieġ konformità mal-proċeduri speċifikati fl-espożizzjoni tal-ajrunavigabbiltà kombinata approvata; u

(c) din l-approvazzjoni hi valida sakemm l-organizzazzjoni tal-ajrunavigabbiltà kombinata approvata tibqa' konformi mal-Anness Vd (Parti-CAO) tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014; u

(d) fejn l-organizzazzjoni tal-ajrunavigabbiltà kombinata approvata tagħti b'kuntratt, skont is-sistema tal-kwalità tagħha, is-servizz ta' organizzazzjoni waħda jew diversi, din l-approvazzjoni tibqa' valida bil-kundizzjoni li t-tali organizzazzjoni(jiet) tissodisfa/jissodisfaw l-obbligi kuntrattwali applikabbli; u

(e) din l-approvazzjoni, li hi soġġetta għal konformità mal-kundizzjonijiet imsemmija qabel, għandha tibqa' valida għal żmien bla limitu sakemm l-approvazzjoni ma tkunx preċedentement ġiet ċeduta, sostitwita, sospiża jew irrevokata.

Data tal-ħruġ oriġinali taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni: ..........

Data ta' din ir-reviżjoni taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni: ..........

Nru tar-Reviżjoni: ..........

Iffirmata: ..........

Għall-awtorità kompetenti: [AWTORITÀ KOMPETENTI TAL-ISTAT MEMBRU (*)]

(*) jew l-EASA, jekk l-EASA hi l-awtorità kompetenti
(**) ħassar meta l-Istat ma jkunx Stat Membru tal-UE jew l-EASA

Il-Formola 3-CAO tal-EASA, Ħarġa 1

▼C2

Paġna 2 minn 2

**TERMINI TAL-APPROVAZZJONI TAL-ORGANIZZAZZJONI TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ KOMBINATA**

Referenza: [IL-KODIĊI TAL-ISTAT MEMBRU (*)].CAO.XXXX

Organizzazzjoni: [L-ISEM U L-INDIRIZZ TAL-KUMPANIJA]

| **KLASSI** | **KLASSIFIKAZZJONI** | **PRIVILEĠĠI** (***) |
|---|---|---|
| **INĠENJI TAL-AJRU** (**) | Ajruplani — għajr inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-magni (**) | ☐ Manutenzjoni<br>☐ Ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà<br>☐ Reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà<br>☐ Permess għat-titjir |
| | Ajruplani b'massa massima waqt it-tlugħ (MTOM) sa 2 730 kg (**) | ☐ Manutenzjoni<br>☐ Ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà<br>☐ Reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà<br>☐ Permess għat-titjir |
| | Ħelikopters — għajr inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-magni (**) | ☐ Manutenzjoni<br>☐ Ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà<br>☐ Reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà<br>☐ Permess għat-titjir |
| | Ħelikopters b'MTOM sa 1 200 kg, iċċertifikati għal massimu ta' 4 okkupanti (**) | ☐ Manutenzjoni<br>☐ Ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà<br>☐ Reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà<br>☐ Permess għat-titjir |
| | Iġfna tal-ajru (**) | ☐ Manutenzjoni<br>☐ Ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà<br>☐ Reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà<br>☐ Permess għat-titjir |
| | Blalen tal-arja (**) | ☐ Manutenzjoni<br>☐ Ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà<br>☐ Reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà<br>☐ Permess għat-titjir |
| | Gliders (**) | ☐ Manutenzjoni<br>☐ Ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà<br>☐ Reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà<br>☐ Permess għat-titjir |
| **KOMPONENTI** (**) | Magni bit-turbini kompluti (**) | ☐ Manutenzjoni |
| | Magni kompluti bil-pistuni (**) | |
| | Magni elettriċi (**) | |
| | Komponenti għajr magni kompluti(**) | |
| **SERVIZZI SPEĊJALIZZATI** (**) | Test mhux distruttiv (NDT) (**) | ►(1) ☐ NDT ◄ |

►(1) M8

▼C2

**LIMITAZZJONIJIET**

**(għandhom jiġu inklużi biss għal organizzazzjonijiet ikklassifikati għal ajruplani, ħelikopters jew magni kompluti, jew jekk ikollhom persuna waħda biss li tippjana u twettaq il-kompiti ta' manutenzjoni kollha)**

Il-manutenzjoni li ġejja hi eskluża mill-ambitu tax-xogħol (***):

— manutenzjoni fuq ajruplani mgħammra b'magna bit-turbini;

— manutenzjoni fuq ħelikopters mgħammra b'magna bit-turbini jew b'aktar minn magna waħda bil-pistuni; u

— manutenzjoni fuq magni kompluti bil-pistuni ta' 450 HP u aktar, u fuq magni bit-turbini kompluti.

| **Lista ta' organizzazzjoni(jiet) li jaħdmu taħt sistema tal-kwalità** (***) |
|---|
| |
| |

Dawn it-termini tal-approvazzjoni huma limitati għall-prodotti, il-partijiet u l-apparati, u għall-attivitajiet speċifikati fit-Taqsima "Ambitu tax-xogħol" tal-espożizzjoni tal-ajrunavigabbiltà kombinata approvata,

Referenza tal-espożizzjoni tal-ajrunavigabbiltà kombinata:..................................................................................................

Data tal-ħruġ inizjali tal-espożizzjoni: ......................................................................................................................

Id-data tal-aħħar reviżjoni approvata: ................................... Nru tar-Reviżjoni:..................................................................

Iffirmata: .................................................................................................................................................................

Għall-awtorità kompetenti: [L-AWTORITÀ KOMPETENTI TAL-ISTAT MEMBRU (*)]

(*) jew l-EASA, jekk l-EASA hi l-awtorità kompetenti

(**) ħassar kif ikun xieraq jekk l-organizzazzjoni mhijiex approvata

(***) Imla kif inhu xieraq

Il-Formola 3-CAO tal-EASA, Ħarġa 1

▼B

*ANNESS VI*

**Tabella ta' Korrelazzjoni**

| Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| L-Artikolu 1 | L-Artikolu 1 |
| L-Artikolu 2 | L-Artikolu 2 |
| L-Artikolu 3(1), (2) u (3) | L-Artikolu 3(1), (2) u (3) |
| L-Artikolu 3(4) | — |
| L-Artikolu 4 | L-Artikolu 4 |
| L-Artikolu 5 | L-Artikolu 5 |
| L-Artikolu 6 | L-Artikolu 6 |
| — | L-Artikolu 7 |
| L-L-Artikolu 7(1) | L-L-Artikolu 8(1) |
| L-Artikolu 7(2) | — |
| L-Artikolu 7(3), il-kliem introduttiv | L-Artikolu 8(2), il-kliem introduttiv |
| L-Artikolu 7(3)(a) sa (g) | — |
| L-Artikolu 7(3)(h) | L-Artikolu 8(2)(a) |
| L-Artikolu 7(3)(i) | L-Artikolu 8(2)(b) |
| L-Artikolu 7(4) | — |
| L-Artikolu 7(5) | L-Artikolu 8(3) |
| L-Artikolu 7(6) | — |
| L-Artikolu 7(7) | — |
| L-Artikolu 7(8) | L-Artikolu 8(4) |
| L-Artikolu 7(9) | L-Artikolu 8(5) |
| L-Artikolu 8 | L-Artikolu 9 |
| L-Anness I | L-Anness I |
| L-Anness II | L-Anness II |
| L-Anness III | L-Anness III |
| L-Anness IV | L-Anness IV |
| — | L-Anness V |
| — | L-Anness VI |